IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA
TAL-UNJONI EWROPEA

# RAPPORT ANNWALI 2019
## L-ATTIVITÀ ĠUDIZZJARJA



curia.europa.eu

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA
TAL-UNJONI EWROPEA

# RAPPORT ANNWALI 2019
# L-ATTIVITÀ ĠUDIZZJARJA

Ħarsa lejn l-attività ġudizzjarja tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea

Il-Lussemburgu, 2020

curia.europa.eu

Il-Qorti tal-Ġustizzja
2925 Lussemburgu
Il-Lussemburgu
Tel: +352 4303-1

Il-Qorti Ġenerali
2925 Lussemburgu
Il-Lussemburgu
Tel: +352 4303-1

Il-Qorti tal-Ġustizzja fuq l-internet: curia.europa.eu

*Printed by Court of Justice of the European Union in Luxembourg*

Test miktub fi Frar 2020

La l-istituzzjoni u lanqas kull persuna li taġixxi f´isem l-istituzzjoni ma hija responsabbli għall-użu li jista´ jsir mill-informazzjoni mogħtija hawn isfel.

Il-Lussemburgu: Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea / Direzzjoni tal-Komunikazzjoni –
Diviżjoni tal-Pubblikazzjonijiet u tal-Mezzi Elettroniċi

© Unjoni Ewropea, 2020

Photos © Unjoni Ewropea, 2019-2020

Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata bil-kundizzjoni li jiġi indikat is-sors

Kull użu jew riproduzzjoni ta´ ritratti jew ta´ dokumenti oħra li tagħhom l-Unjoni Ewropea ma hijiex

il-proprjetarja tad-drittijiet tal-awtur huwa pprojbit mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-proprjetarji tad-drittijiet tal-awtur.

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| Print | QD-AP-20-001-MT-C | ISBN 978-92-829-3355-8 | ISSN 2467-1002 | DOI 10.2862/672423 |
| PDF | QD-AP-20-001-MT-N | ISBN 978-92-829-3348-0 | ISSN 2467-1231 | DOI 10.2862/324994 |

# Werrej

*Daħla minn K. Lenaerts, President tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea* 10

## Kapitolu I | Il-Qorti tal-Ġustizzja

**A| Evoluzzjoni u attività tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-2019** **13**

**B| Ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-2019** **16**

**I.** Drittijiet fundamentali **16**

**1.** Dritt ta' aċċess għal qorti imparzjali u għal smigħ xieraq **16**

**2.** Prinċipju ta' *ne bis in idem* **21**

**3.** Libertà tar-reliġjon **22**

**II.** Ċittadinanza tal-Unjoni **22**

**1.** Diskriminazzjoni minħabba n-nazzjonalità **23**

**2.** Telf taċ-ċittadinanza Ewropea minħabba t-telf tan-nazzjonalità ta' Stat Membru **24**

**3.** Dritt ta' residenza dderivat ta' ċittadini ta' pajjiż terz li huma membri tal-familja ta' ċittadin tal-Unjoni **25**

**III.** Dispożizzjonijiet istituzzjonali **28**

**1.** Immunitajiet tal-Membri tal-Parlament Ewropew **28**

**2.** Inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej **29**

**IV.** Dritt tal-Unjoni u dritt nazzjonali **31**

**V.** Kawżi tal-Unjoni **33**

**1.** Kawżi ġenerali **33**

**1.1.** Rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu **33**

**1.2.** Rikors għad-danni mhux kuntrattwali tal-Unjoni **36**

**2.** Kawżi fil-qasam ekonomiku, monetarju u bankarju **37**

**VI.** Agrikoltura u sajd **42**

**VII.** Liberta ta’ moviment 46

**1.** Moviment liberu tal-merkanzija 46

**2.** Moviment liberu tal-ħaddiema 48

**3.** Libertà ta’ stabbiliment 51

**4.** Libertà li jiġu pprovduti servizzi 54

**5.** Moviment liberu tal-kapital 56

**VIII.** Kontrolli mal-fruntieri, ażil u immigrazzjoni 60

**1.** 1.Politika tal-ażil 60

**1.1.** Status ta’ refuġjat 60

**1.2.** Ipproċessar tal-applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali 64

**1.3.** Deċiżjonijiet ta’ ritorn 72

**2.** Politika ta’ immigrazzjoni 73

**IX.** Kooperazzjoni ġudizzjarja f’materji kriminali: mandat ta’ arrest Ewropew 75

**X.** Trasport 82

**XI.** Kompetizzjoni 85

**1.** Artikolu 101 TFUE 85

**2.** Artikolu 102 TFUE 87

**3.** Għajnuna mill-Istat 89

**XII.** Dispożizzjonijiet fiskali 93

**XIII.** Approssimazzjoni tal-leġiżlazzjonijiet 95

**1.** Drittijiet tal-awtur 95

**2.** Proprjetà industrijali 101

**3.** Telekomunikazzjonijiet 106

**4.** Kuntratti pubbliċi 107

**5.** Prodotti tal-ikel 109

**6.** Assigurazzjoni għall-vetturi bil-mutur 112

**7.** Kontroll tal-akkwist u tal-pussess tal-armi 114

**XIV.** Internet u kummerċ elettroniku 116

**1.** Protezzjoni tad-data personali 116

**2.** Kummerċ elettroniku 120

XV. Politika soċjali 122

1. Ugwaljanza fit-trattament fil-qasam tal-impjieg u tas-sigurtà soċjali 123

2. Organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol 127

3. Dritt għal leave annwali mħallas 129

4. Protezzjoni tal-ħaddiema fil-każ ta' insolvenza tal-persuna li timpjega 130

5. Kollokament ta' ħaddiema 131

XVI. Saħħa pubblika 132

XVII. Protezzjoni tal-konsumaturi 134

XVIII. Ambjent 138

1. Prinċipju ta' prekawzjoni 139

2. Protezzjoni tal-ilma kontra t-tniġġis ikkawżat min-nitrati 140

3. Direttiva dwar il-habitats 141

4. Evalwazzjoni tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent 142

5. Enerġija prodotta minn sorsi rinnovabbli 144

XIX. Enerġija 145

XX. Pajjiżi u territorji extra-Ewropej 146

XXI. Ftehimiet internazzjonali 148

XXII. Servizz pubbliku Ewropew 150

**C| Attività tar-reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-2019 156**

I. Il-kawżi mressqa 156

II. Il-kawżi magħluqa 158

III. Il-kawżi pendenti 159

**D| Statistika tal-attività ġudizzjarja tal-Qorti tal-Ġustizzja 160**

**E| Kompożizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja 190**

# Kapitolu II | Il-Qorti Ġenerali


A| **Attività tal-Qorti Ġenerali fl-2019** **197**

B| **Ġurisprudenza tal-Qorti Ġenerali fl-2019** **199**

**Tendenzi ġurisprudenzjali** **199**

I. Proċedura ġudizzjarja **201**

**1.** Kunċett ta' att li jista' jiġi kkontestat **201**

**2.** *Locus standi* **204**

**3.** Terminu għall-preżentata ta' rikors **207**

**4.** Għajnuna legali **209**

II. Dritt istituzzjonali **211**

III. Regoli tal-kompetizzjoni applikabbli għall-impriżi **213**

**1.** Kontribuzzjonijiet fil-qasam tal-Artikolu 101 TFUE **213**

**2.** Kontribuzzjonijiet fil-qasam tal-konċentrazzjonijiet **219**

IV. Għajnuna mill-Istat **220**

**1.** Ammissibbiltà **220**

**2.** Kunċett ta' għajnuna mill-Istat **221**

**a.** Eżistenza ta' vantaġġ ekonomiku **221**

**b.** Imputabbiltà – użu ta' riżorsi tal-Istat **222**

**3.** Miżuri fiskali nazzjonali **225**

**a.** Miżuri favur portijiet nazzjonali **225**

**b.** Tassazzjoni ta' kumpanniji integrati fi grupp multinazzjonali **228**

**4.** Sussidji għall-investiment favur impriżi tat-trasport pubbliku **232**

**5.** Applikabbiltà *ratione temporis* tad-dispożizzjonijiet fil-qasam tal-għajnuna mill-Istat **235**

V. Proprjetà intellettwali **236**

**1.** Trade mark tal-Unjoni Ewropea **236**

**a.** Motivi assoluti għal rifjut **236**

**b.** Motivi relattivi għal rifjut **239**

**c.** Kwistjonijiet proċedurali **242**

**2.** Disinni **243**

**3.** Varjetajiet tal-pjanti **243**

VI. Politika estera u ta' sigurtà komuni – Miżuri restrittivi 245
1. Ġlieda kontra t-terroriżmu 245
2. L-Ukraina 247

VII. Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali 248

VIII. Protezzjoni tas-saħħa 250

IX. Enerġija 251

X. Prodotti kimiċi (*REACH*) 252

XI. Dumping 255

XII. Aċċess għal dokumenti tal-istituzzjonijiet 259
1. Kunċett ta' informazzjoni relatata ma' emissjonijiet fl-ambjent 260
2. Eċċezzjoni relatata mal-protezzjoni tad-dokumenti intiżi għal użu intern 261
3. Portata tal-preżunzjoni ġenerali ta' kunfidenzjalità tad-dokumenti relatati mal-proċeduri għall-eżami tal-għajnuna mill-Istat 262

XIII. Servizz pubbliku 263
1. Xoljiment tal-kuntratt 263
2. Irtirar awtomatiku 264
3. Sigurtà soċjali 265
4. Informaturi 266
5. Sigurtà tal-persunal fis-servizz tal-Unjoni 267

XIV. Kawżi għad-danni 269

XV. Talbiet għal miżuri provviżorji 273

C| **Attività tar-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fl-2019** 277

I. Kontribuzzjoni għall-attività ġudizzjarja 278
a. Ġestjoni tal-proċessi tal-proċedura 278
b. Għajnuna għall-koerenza 280
c. Azzjonijiet preventivi marbuta mar-riskju ta' Brexit mingħajr ftehim 281

II. Azzjonijiet immexxija fil-kuntest tat-tielet fażi tar-riforma 282
a. Azzjonijiet marbuta mat-tluq u mad-dħul fil-kariga ta' numru mingħajr preċedent ta' Mħallfin 282
b. Miżuri ta' organizzazzjoni tal-qorti 283

III. Forom oħra ta’ għajnuna lill-qorti 284

IV. Xogħlijiet amministrattivi 285

**D| Statistika ġudizzjarja tal-Qorti Ġenerali 288**

**E| Kompożizzjoni tal-Qorti Ġenerali 314**





# Koen Lenaerts

President
tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea

Matul is-sena 2019 ġew imfakkra diversi anniversarji.

L-għaxar anniversarju tat-Trattat ta' Lisbona, li, fost l-oħrajn, bidel l-isem tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti Ġenerali kif ukoll il-proċess tal-ħatra tal-Membri tagħhom, introduċa sensiela ta' innovazzjonijiet fil-proċeduri ġudizzjarji u għolla l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea għal-livell tad-dritt primarju.

Il-ħmistax-il anniversarju mit-"tkabbir il-kbir" tal-Unjoni Ewropea, li min-naħa tiegħu kien ir-riżultat tat-tmiem tad-diviżjoni fil-kontinent Ewropew, kif issimbolizzat bil-waqgħa tal-ħajt ta' Berlin fid-9 ta' Novembru 1989.

U t-tletin anniversarju mit-twaqqif tal-Qorti Ġenerali, li ġie ċċelebrat f'Settembru 2019 b'kollokju li fl-okkażjoni tiegħu ngħatat ħarsa lura lejn il-kontribuzzjoni kbira ta' din il-qorti għall-iżvilupp tad-dritt tal-Unjoni filwaqt li saret riflessjoni dwar l-isfidi li għandha taffaċċja l-Qorti Ġenerali b'mod partikolari fid-dawl tal-implimentazzjoni tat-tielet u l-aħħar fażi tar-riforma tal-arkitettura ġudizzjarja tal-Unjoni.

Raġuni oħra għal ċelebrazzjoni: l-inawgurazzjoni tat-tielet torri, fid-19 ta' Settembru 2019, fil-preżenza tal-Altezza Tiegħu l-Gran Duka tal-Lussemburgu, tal-President tal-Kamra tad-Deputati u tal-Prim Ministru tal-Lussemburgu, kif ukoll ta' diversi personalitajiet. Din l-okkażjoni rrappreżentat il-konklużjoni tal-ħames estensjoni tal-Palazz u ppermettiet lil 750 kollega jiċċaqalqu lejn il-kumpless immobbli tal-Istituzzjoni. Ferm iktar minn sempliċi bini, dan it-torri jissimbolizza l-fatt li l-persunal kollu tal-Istituzzjoni issa jinsab taħt l-istess saqaf għall-ewwel darba għal iktar minn 20 sena, b'mod li jiffavorixxi l-effettività u l-konvivjalità fir-relazzjonijiet professjonali ta' kuljum.

Madankollu, is-sena 2019 kienet ukoll sena impenjattiva għall-Unjoni Ewropea. Brexit, l-emerġenza klimatika, il-kriżi migratorja, it-tħassib marbut mal-osservanza tal-valuri ta' libertà, ta' demokrazija u tal-Istat tad-dritt...: dawn huma kollha suġġetti li jeħtieġu soluzzjonijiet adegwati, inkonformità mal-għanijiet tal-proġett Ewropew, u li għandhom – jew li ser ikollhom – influwenza diretta fuq in-natura tal-kawżi mressqa quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u l-Qorti Ġenerali.

F'dan il-kuntest, huwa għalhekk importanti – iktar minn qatt qabel – li nagħmlu l-isforzi kollha meħtieġa għall-promozzjoni mingħajr waqfien ta' Unjoni tad-dritt u għat-tkabbir ta' kuxjenza fost kulħadd dwar l-importanza tal-proġett Ewropew kif ukoll dwar il-valuri fundamentali li fuqhom huwa bbażat dan il-proġett.

F’din il-perspettiva, jiena kuntent bis-suċċess dejjem jikber li jkollhom inizjattivi bħalma hija l-Ġurnata “Bibien Miftuħa” tal-Istituzzjoni, li matulha diversi membri tal-persunal jikkontribwixxu kull sena, u bħalma huwa wkoll il-proċess ta’ titjib fis-sit internet tal-Istituzzjoni, li issa jippermetti aċċess, fil-lingwi kollha disponibbli, għat-talbiet għal deċiżjoni preliminari kollha mressqa quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja mill-1 ta’ Lulju 2018.

Fuq livell istituzzjonali, is-sena 2019 kienet ikkaratterizzata mit-tluq ta’ ħames Membri tal-Qorti tal-Ġustizzja u mill-wasla ta’ erba’ Membri, kif ukoll mill-mewt, fid-9 ta’ Ġunju 2019, tal-Avukat Ġenerali Yves Bothuit, li ħallielna wirt intellettwali b’mod partikolari f’oqsma marbuta mad-dritt kriminali tal-Unjoni.

Fir-rigward tal-Qorti Ġenerali, tmienja mill-Membri tagħha telqu u waslu erbatax-il Membru ġdid b’konsegwenza tat-tibdil parzjali ta’ kull tliet snin tagħha flimkien mal-implimentazzjoni tat-tielet fażi tar-riforma tal-arkitettura ġudizzjarja, li żiedet in-numru ta’ Mħallfin fi ħdan il-Qorti Ġenerali għal żewġ Imħallfin għal kull Stat Membru. Nieħu din id-daħla bħala opportunità sabiex nirringrazzja minn qalbi lill-Imħallef Jaeger li, f’Settembru 2019, għadda r-responsabbiltà tal-presidenza tal-Qorti Ġenerali lill-Imħallef van der Woude, għad-dedikazzjoni infallibbli tiegħu fit-tmexxija ta’ din il-qorti matul tnax-il sena.

Fuq livell statistiku, is-sena 2019 kienet eċċezzjonali għal żewġ raġunijiet. Filwaqt li n-numru globali ta’ kawżi magħluqa miż-żewġ qrati fl-2019 huwa viċin il-livell storiku tas-sena preċedenti (1 739 kawża, imqabbla ma’ 1 769 fl-2018), il-Qorti tal-Ġustizzja, min-naħa tagħha, qatgħet numru rekord ta’ kawżi, jiġifieri 865 kawża (imqabbla ma’ 760 fl-2018). Min-naħa tiegħu, in-numru globali ta’ kawżi mressqa quddiem iż-żewġ qrati jinsab f’livell li qatt ma ntlaħaq qabel, jiġifieri 1 905 kawżi (imqabbla ma’ 1 683 fl-2018 u 1 656 fl-2017). L-evoluzzjoni hija ta’ natura partikolarment spettakolari għall-Qorti tal-Ġustizzja, li rreġistrat 966 kawża ġdida fl-2019 (imqabbla ma’ 849 fl-2018 u 730 fl-2017). Din l-evoluzzjoni hija r-riżultat ta’ żieda kbira ħafna fin-numru ta’ kawżi għal deċiżjoni preliminari (641 kawża, imqabbla ma’ 568 fl-2018), kif ukoll ta’ żieda sinjifikattiva fin-numru ta’ appelli mid-deċiżjonijiet tal-Qorti Ġenerali (266 appell, imqabbla ma’ 199 fl-2018), li hija parzjalment marbuta maż-żieda fil-produttività tal-Qorti Ġenerali matul is-sena 2018.

F’dan il-kuntest, nirreferi għad-dħul fis-seħħ, fl-1 ta’ Mejju 2019, tal-mekkaniżmu għall-ammissjoni preliminari tal-appelli, li għandu jippermetti xi ftit tnaqqis fil-volum tax-xogħol tal-Qorti tal-Ġustizzja f’ċerti oqsma sabiex hija tkun tista’ tikkonċentra saħansitra iktar fuq il-missjoni primarja tagħha li tagħti interpretazzjoni preliminari tad-dritt tal-Unjoni.

Dan ir-rapport jagħti lill-qarrej preżentazzjoni sħiħa tal-evoluzzjoni u tal-attività tal-Istituzzjoni matul is-sena 2019. Bħal fis-snin preċedenti, parti sostanzjali ta’ dan ir-rapport hija ddedikata għal preżentazzjoni qasira tal-iżviluppi prinċipali fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti Ġenerali. Din l-analiżi mbagħad hija kkompletata permezz ta’ data fil-forma ta’ statistika speċifika għal kull qorti, li hija ppreċeduta b’introduzzjoni qasira.

Nieħu din l-opportunità sabiex nirringrazzja minn qalbi lill-kollegi tiegħi kif ukoll lill-membri kollha tal-persunal tal-Istituzzjoni għax-xogħol notevoli mwettaq minnhom matul din is-sena.





# Kapitolu I
# Il-Qorti tal-Ġustizzja

# A | Evoluzzjoni u attività tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-2019

Mill-President **Koen Lenaerts**

Dan l-ewwel kapitolu jippreżenta b'mod qasir l-attivitajiet tal-Qorti tal-Ġustizzja matul is-sena 2019. Huwa jagħti, fl-ewwel parti (A), ħarsa ġenerali lejn l-evoluzzjoni tal-qorti matul is-sena li għaddiet u lejn l-attività ġudizzjarja tagħha. It-tieni parti (B) tippreżenta, bħal kull sena, l-iżviluppi prinċipali fil-ġurisprudenza, ikklassifikati skont is-suġġett. It-tielet u r-raba' parti jiddeskrivu l-attività tar-Reġistru matul il-perijodu ta' riferiment (C) kif ukoll l-istatistika dwar is-sena ġudizzjarja li għaddiet (D), filwaqt li l-ħames parti (E) tippreżenta l-kompożizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja matul din l-istess sena.

**1.1.** Is-sena 2019 kienet ikkaratterizzata mit-tluq ta' erba' Membri tal-Qorti tal-Ġustizzja: Maria Berger (Imħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja mill-2009 sal-2019), Egils Levits (Imħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja mill-2004 sal-2019) minħabba li ġie elett President tar-Repubblika tal-Latvja, Allan Rosas (Imħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja mill-2002 sal-2019, u President ta' awla b'ħames imħallfin mill-2004 sal-2009) u Carl-Gustav Fernlund (Imħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja mill-2011 sal-2019). Barra minn hekk, din is-sena konna mnikktin bil-mewt ta' Yves Bot (Avukat Ġenerali mill-2006 sal-2019).

Matul din l-istess sena, Nils Wahl (l-Isvezja, Avukat Ġenerali mill-2012 sal-2019), Andreas Kumin (l-Awstrija) u Niilo Jääskinen (il-Finlandja, Avukat Ġenerali mill-2009 sal-2015) daħlu fil-kariga bħala Mħallfin, filwaqt li Priit Pikamäe (l-Estonja) daħal fil-kariga bħala Avukat Ġenerali.

**1.2.** Fir-rigward tal-funzjonament istituzzjonali, matul is-sena 2019 ġiet implimentata b'mod kważi sħiħ it-tielet fażi tar-riforma tal-arkitettura ġudizzjarja tal-Unjoni li tirriżulta mir-Regolament (UE, Euratom) 2015/2422 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2015 li jemenda l-Protokoll Nru 3 dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (ĠU 2015, L 341, p. 14).

L-ewwel fażi ta' din ir-riforma, li daħlet fis-seħħ f'Diċembru 2015, kienet tipprevedi d-dħul fil-kariga ta' tnax-il Imħallef addizzjonali fil-Qorti Ġenerali. Din il-fażi prattikament lesta u fadal biss ħatra waħda sabiex tiġi kkompletata.

It-tieni fażi, li seħħet f'Settembru 2016, kienet tinvolvi x-xoljiment tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea u t-trasferiment tal-kompetenzi tiegħu lill-Qorti Ġenerali. Fl-istess ħin, din il-fażi kienet tipprevedi l-ħatra ta' seba' Mħallfin addizzjonali fil-Qorti Ġenerali, numru li jikkorrispondi għan-numru ta' Mħallfin li kienu jifformaw it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku. Din it-tieni fażi ilha konkluża kompletament minn Ottubru 2017.

It-tielet u l-aħħar fażi tar-riforma, li l-istanzi leġiżlattivi tal-Unjoni xtaqu li tikkoinċidi mat-tibdil parzjali tal-Qorti Ġenerali f'Settembru 2019, għandha twassal sabiex in-numru tal-Imħallfin ta' din il-qorti jiżdied b'tali mod li kull Stat Membru jkollu żewġ Imħallfin. Huwa f'dan il-kuntest li seba' Mħallfin ġodda daħlu fil-kariga matul udjenza solenni li nżammet fis-26 ta' Settembru 2019.

**1.3.** Ir-Regolament (UE, Euratom) 2019/629 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 (ĠU 2019, L 111, p. 1), introduċa, b'effett mill-1 ta' Mejju 2019, żewġ emendi importanti fl-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

L-ewwel emenda kienet motivata mid-diffikultajiet li tiltaqa' magħhom il-Qorti Ġenerali fil-kuntest tar-rikorsi għal annullament ippreżentati minn Stati Membri kontra l-atti tal-Kummissjoni li jikkonċernaw in-nuqqas ta' eżekuzzjoni ta' sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja fuq il-bażi tal-Artikolu 260(2) jew (3) TFUE, f'sitwazzjoni fejn il-fehmiet tal-Kummissjoni u tal-Istat Membru kkonċernat ma jaqblux dwar in-natura adegwata tal-miżuri

meħuda minn dan l-Istat Membru sabiex jikkonforma ruħu ma' sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja. Għal din ir-raġuni, il-kawżi dwar il-ħlas ta' somma b'rata fissa jew ta' multa impost fuq Stat Membru bis-saħħa ta' dawn id-dispożizzjonijiet tat-Trattat FUE issa huma rriżervati għall-Qorti tal-Ġustizzja biss.

It-tieni emenda, marbuta maż-żieda kunsiderevoli, dawn l-aħħar snin, fin-numru ta' appelli ppreżentati quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja mid-deċiżjonijiet tal-Qorti Ġenerali, kienet l-introduzzjoni ta' mekkaniżmu għall-ammissjoni preliminari tal-appelli fil-kawżi li jkunu diġà bbenefikaw minn eżami doppju, l-ewwel minn bord tal-appell indipendenti (korp jew organu tal-Unjoni bħalma huma l-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea, l-Uffiċċju Komunitarju tal-Varjetajiet tal-Pjanti, l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi jew l-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea), u mbagħad mill-Qorti Ġenerali. Permezz ta' dan il-mekkaniżmu, il-Qorti tal-Ġustizzja issa tista', f'tali kawżi, tippermetti l-appell, kompletament jew parzjalment, fil-każ biss li jqajjem kwistjoni sinjifikattiva għall-unità, għall-konsistenza jew għall-iżvilupp tad-dritt tal-Unjoni.

**1.4.** Bl-approvazzjoni tal-Kunsill, il-Qorti tal-Ġustizzja adottat sensiela ta' emendi tar-Regoli tal-Proċedura tagħha (ĠU 2019, L 316, p. 103). Parti minn dawn l-emendi hija intiża li tieħu inkunsiderazzjoni l-esperjenza miksuba sabiex tiġi ċċarata l-portata ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja jew, skont il-każ, sabiex jiġu kkompletati jew issemplifikati. Emendi oħra jieħdu inkunsiderazzjoni l-iżviluppi reċenti marbuta, b'mod partikolari, mal-mod ta' kif jiġi nnominat l-Avukat Ġenerali Ewlieni u mal-kuntest regolamentari ġdid applikabbli għall-protezzjoni tad-data personali fl-Unjoni Ewropea, li kien jeħtieġ l-introduzzjoni ta' bidliet fir-regoli normali dwar in-notifika u l-pubblikazzjoni tal-atti proċedurali.

F'Settembru 2019, il-Qorti tal-Ġustizzja adottat ukoll verżjoni ġdida tar-Rakkomandazzjonijiet lill-qrati nazzjonali, dwar l-introduzzjoni ta' talbiet għal deċiżjoni preliminari (ĠU 2019, C 380, p. 1). Dawn ir-rakkomandazzjonijiet ifakkru l-karatteristiċi essenzjali tal-proċedura għal deċiżjoni preliminari u l-elementi li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni mill-qrati nazzjonali qabel jagħmlu rinviju għal deċiżjoni preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja, filwaqt li jagħtu lill-qrati nazzjonali indikazzjonijiet prattiċi dwar il-forma u l-kontenut tat-talbiet għal deċiżjoni preliminari. Peress li fil-fatt dawn it-talbiet jiġu nnotifikati, wara traduzzjoni, lill-partijiet interessati kollha msemmija fl-Artikolu 23 tal-Protokoll dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u peress li d-deċiżjonijiet preliminari tal-Qorti tal-Ġustizzja jiġu, bħala prinċipju, ippubblikati fil-lingwi uffiċjali kollha tal-Unjoni Ewropea, l-imsemmija rakkomandazzjonijiet jagħtu attenzjoni partikolari għall-preżentazzjoni ta' dawn it-talbiet u, b'mod partikolari, għall-protezzjoni tad-data personali. Barra minn hekk, il-qrati tal-Istati Membri huma inkoraġġuti sabiex, fl-iskambji tagħhom mal-Qorti tal-Ġustizzja, jużaw il-possibbiltajiet kollha disponibbli fl-applikazzjoni e-Curia, li tippermetti l-preżentata u n-notifika ta' atti proċedurali b'mod immedjat u f'sigurtà.

Fl-aħħar nett, f'Diċembru 2019, il-Qorti tal-Ġustizzja approvat numru ta' emendi tal-Istruzzjonijiet prattiċi lill-partijiet, dwar il-kawżi mressqa quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja (ĠU 2020, L 42 II, p. 1). Dawn l-emendi jintroduċu numru ta' preċiżazzjonijiet dwar it-trattament tat-talbiet għal kunfidenzjalità fil-kuntest tal-appelli, dwar il-modalitajiet ta' trażmissjoni tal-atti proċedurali u dwar l-iżvolġiment tas-seduti għas-sottomissjonijiet orali. Huma jirriflettu wkoll żviluppi reċenti, bħad-dħul fis-seħħ, fl-1 ta' Mejju 2019, tal-mekkaniżmu msemmi iktar 'il fuq għall-ammissjoni preliminari ta' ċerti kategoriji ta' appelli jew l-attenzjoni msaħħa mogħtija mill-qorti lill-protezzjoni tad-data personali.

**2.** Fir-rigward tal-istatistika – u bla ħsara għall-kummentarji iktar iddettaljati li jinsabu fil-Parti C ta' dan il-kapitolu tar-Rapport Annwali –, mid-data fil-forma ta' statistika marbuta mas-sena li għaddiet jistgħu jiġu identifikati diversi xejriet ġenerali.

L-ewwel xejra ġenerali, li hija ferm evidenti, tikkonċerna n-numru ta' kawżi mressqa. B'966 kawża ġdida mressqa quddiemha fl-2019, il-Qorti tal-Ġustizzja fil-fatt irreġistrat l-ogħla numru ta' kawżi fl-istorja tagħha, numru dan li jirrifletti żieda ta' kważi 14 % meta mqabbel man-numru ta' kawżi mressqa fl-2018 (849), li kienet

diġà sena rekord minn dan l-aspett. Bħal fis-sentejn ta' qabel, huma essenzjalment it-talbiet għal deċiżjoni preliminari li wasslu għal din iż-żieda (b'641 kawża għal deċiżjoni preliminari ġdida, imqabbla ma' 568 fl-2018), iżda l-Qorti tal-Ġustizzja rreġistrat ukoll żieda sinjifikattiva fin-numru tal-appelli, tal-appelli fi proċeduri għal miżuri provviżorji u tal-appelli fuq intervent (266 kawża, imqabbla ma' 199 fl-2018), b'differenza mir-rikorsi diretti li n-numru tagħhom naqas fl-2019 (41 kawża).

It-tieni element li jikkaratterizza din l-istatistika jikkonċerna n-numru ta' kawżi magħluqa mill-Qorti tal-Ġustizzja li, min-naħa tiegħu wkoll, jirrifletti l-attività estremament intensa tal-qorti. B'hekk, fl-2019 il-Qorti tal-Ġustizzja qatgħet 865 kawża, imqabbla ma' 760 fl-2018. Dak li ser jiġbed fuq kollox l-attenzjoni tal-qarrej huwa u janalizza l-istatistika tas-sena li għaddiet huwa l-proporzjon, dejjem ikbar, tal-kawżi ttrattati mill-Awla Manja tal-Qorti tal-Ġustizzja (82 kawża magħluqa minn dan il-kulleġġ ġudikanti fl-2019), kif ukoll il-proporzjon ikbar tal-kawżi magħluqa mill-awli bi tliet imħallfin, li n-numru tagħhom, fl-2019, qabeż bi ftit in-numru ta' kawżi maqtugħa mill-awli b'ħames imħallfin (351 kawża, imqabbla ma' 343 kawża).

Fl-aħħar nett, wieħed josserva li, minkejja ż-żieda fin-numru ta' kawżi ġodda, it-tul medju tat-trattament tal-kawżi baqa', fl-2019, f'livell sodisfaċenti ħafna sa fejn kien, rispettivament, ta' 15.5 xhur għat-trattament tal-kawżi għal deċiżjoni preliminari u ta' 11.1 xhur għat-trattament tal-appelli. Dan ir-riżultat seta' jintlaħaq, b'mod partikolari, bis-saħħa tal-użu ikbar tad-digrieti bbażati fuq l-Artikoli 53, 99, 181 jew 182 tar-Regoli tal-Proċedura, iżda wkoll minħabba l-implimentazzjoni tal-mekkaniżmu l-ġdid għall-ammissjoni tal-appelli li jwassal għal deċiżjoni malajr ħafna dwar in-nuqqas ta' ammissjoni ta' appell meta l-appellant ma jistabbilixxix li dan tal-aħħar iqajjem kwistjoni sinjifikattiva għall-unità, għall-konsistenza jew għall-iżvilupp tad-dritt tal-Unjoni.

# B | Ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-2019

## I. Drittijiet fundamentali

Matul is-sena 2019, il-Qorti tal-Ġustizzja tat diversi deċiżjonijiet dwar id-drittijiet fundamentali fl-ordinament ġuridiku tal-Unjoni. Diversi deċiżjonijiet mogħtija dwar dan is-suġġett qed jiġu ppreżentati f'dan ir-rapport [1]. Id-deċiżjonijiet ippreżentati taħt din it-taqsima jipprovdu preċiżazzjonijiet importanti dwar il-portata ta' ċerti drittijiet u prinċipji stabbiliti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta"), bħad-dritt ta' aċċess għal qorti imparzjali u l-prinċipju ta' *ne bis in idem* [2].

### 1. Dritt ta' aċċess għal qorti imparzjali u għal smigħ xieraq

Il-Qorti tal-Ġustizzja kienet intalbet tagħti deċiżjoni, permezz ta' tliet sentenzi, fuq l-effetti tar-riformi ġudizzjarji fil-Polonja fir-rigward tad-dritt ta' aċċess għal qorti imparzjali, tad-dritt għal smigħ xieraq u tal-prinċipju ta' indipendenza tal-ġudikatura.

Fis-sentenza ***Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Indipendenza tal-Qorti Suprema)*** (C-619/18, EU:C:2019:531), mogħtija fl-24 ta' Ġunju 2019, il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, laqgħat ir-rikors

1| Is-sentenzi ppreżentati huma s-segwenti: is-sentenza tas-26 ta' Marzu 2019, ***SM (Minuri mqiegħed taħt is-sistema tal-kafala Alġerina)*** (C-129/18, EU:C:2019:248), ippreżentata fit-Taqsima II, "Ċittadinanza tal-Unjoni"; is-sentenza tad-19 ta' Diċembru 2019, ***Junqueras Vies*** (C-502/19, EU:C:2019:1115), ippreżentata fit-Taqsima III, "Dispożizzjonijiet istituzzjonali"; is-sentenza tal-5 ta' Novembru 2019, ***BĊE et vs Trasta Komercbanka et*** (C-663/17 P, C-665/17 P u C-669/17 P, EU:C:2019:923), ippreżentata fit-Taqsima V, "Kawżi tal-Unjoni"; is-sentenza tal-21 ta' Mejju 2019, ***Il-Kummissjoni vs L-Ungerija (Użufrutt fuq artijiet agrikoli)*** (C-235/17, EU:C:2019:432), ippreżentata fit-Taqsima VII, "Libertà ta' moviment"; is-sentenzi tad-19 ta' Marzu 2019, ***Ibrahim et*** (C-297/17, C-318/17, C-319/17 u C-438/17, EU:C:2019:219), tad-19 ta' Marzu 2019, ***Jawo*** (C-163/17, EU:C:2019:218), tat-2 ta' April 2019, ***H. u R.*** (C-582/17 u C-583/17, EU:C:2019:280), tal-14 ta' Mejju 2019, ***M. et (Revoka tal-istatus ta' refuġjat)*** (C-391/16, C-77/17 u C-78/17, EU:C:2019:403), tat-23 ta' Mejju 2019, ***Bilali*** (C-720/17, EU:C:2019:448), tad-29 ta' Lulju 2019, ***Torubarov*** (C-556/17, EU:C:2019:626), tat-12 ta' Novembru 2019, ***Haqbin*** (C-233/18, EU:C:2019:956), kif ukoll tat-12 ta' Diċembru 2019, ***Bevándorlási és Menekültügyi Hivatal (Riunifikazzjoni tal-familja – Oħt refuġjat)*** (C-519/18, EU:C:2019:1070), ippreżentati fit-Taqsima VIII, "Kontroll mal-fruntieri, ażil u immigrazzjoni"; is-sentenzi tas-27 ta' Mejju 2019, ***OG u PI (Uffiċċji tal-Prosekutur ta' Lübeck u ta' Zwickau)*** (C-508/18 u C-82/19 PPU, EU:C:2019:456), tas-27 ta' Mejju 2019, ***PF (Prosekutur Ġenerali tal-Litwanja)*** (C-509/18, EU:C:2019:457), kif ukoll tal-15 ta' Ottubru 2019, ***Dorobantu*** (C-128/18, EU:C:2019:857), ippreżentati fit-Taqsima IX, "Kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali: mandat ta' arrest Ewropew"; is-sentenza tad-29 ta' Lulju 2019, ***Bayerische Motoren Werke u Freistaat Sachsen vs Il-Kummissjoni*** (C-654/17 P, EU:C:2019:634), ippreżentata fit-Taqsima XI, "Kompetizzjoni"; is-sentenzi tad-29 ta' Lulju 2019, ***Funke Medien NRW*** (C-469/17, EU:C:2019:623), tad-29 ta' Lulju 2019, ***Pelham et*** (C-476/17, EU:C:2019:624), kif ukoll tad-29 ta' Lulju 2019, ***Spiegel Online*** (C-516/17, EU:C:2019:625), ippreżentati fit-Taqsima XIII, "Approssimazzjoni tal-leġiżlazzjonijiet"; is-sentenzi tal-24 ta' Settembru 2019, ***Google (Portata territorjali tat-tneħħija ta' referenza)*** (C-507/17, EU:C:2019:772), kif ukoll tal-24 ta' Settembru 2019, ***GC et (Tneħħija ta' referenza għal data sensittiva*** (C-136/17, EU:C:2019:773), ippreżentati fit-Taqsima XIV, "Internet u kummerċ elettroniku"; is-sentenzi tat-22 ta' Jannar 2019, ***Cresco Investigation (C-***193/17, EU:C:2019:43), tal-14 ta' Mejju 2019, ***CCOO*** (C-55/18, EU:C:2019:402), tad-19 ta' Novembru 2019, ***TSN u AKT*** (C-609/17 u C-610/17, EU:C:2019:981), kif ukoll tal-20 ta' Ġunju 2019, ***Hakelbracht et*** (C-404/18, EU:C:2019:523), ippreżentati fit-Taqsima XV, "Politika soċjali"'. L-Opinjoni 1/17 tat-30 ta' April 2019, ***Ftehim Ekonomiku u Kummerċjali Komprensiv bejn l-Unjoni u l-Kanada*** (EU:C:2019:341), ippreżentata fit-Taqsima XXI, "Ftehimiet Internazzjonali", hija wkoll ippreżentata.

2| Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja tat diversi deċiżjonijiet dwar il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni kif ippreċiżat fid-Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE tas-27 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 4, p. 79) u fid-Direttiva 2006/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' opportunitajiet indaqs u ta' trattament ugwali ta' l-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' impjiegi u xogħol (ĠU 2006, L 204, p. 23). Din il-ġurisprudenza hija ppreżentata fit-Taqsima XV.1, "Ugwaljanza fit-trattament fil-qasam tal-impjieg u tas-sigurtà soċjali".

għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu ppreżentat mill-Kummissjoni kontra r-Repubblika tal-Polonja u intiż sabiex *jiġi kkonstatat li, minn naħa, billi jipprevedi l-applikazzjoni tal-miżura li tnaqqas l-età tal-irtirar tal-imħallfin tal-Qorti Suprema għall-imħallfin fil-kariga li kienu nħatru f'din il-qorti qabel it-3 ta' April 2018 u, min-naħa l-oħra, billi jagħti lill-President tar-Repubblika s-setgħa diskrezzjonali li jestendi l-funzjoni ġudizzjarja attiva tal-imħallfin tal-imsemmija qorti lil hinn mill-età tal-irtirar kif reċentement stabbilita, dan l-Istat Membru kien naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE.*

Il-Kummissjoni kkritikat lir-Repubblika tal-Polonja bi ksur, minħabba dawn il-miżuri, tal-prinċipju ta' indipendenza tal-ġudikatura u, b'mod partikolari, tal-prinċipju ta' irremovabbiltà tagħhom, u l-ksur, minħabba f'hekk, tal-obbligi li jirriżultaw, għall-Istati Membri, mid-dispożizzjoni ċċitata iktar 'il fuq.

Fis-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja, fl-ewwel lok, ħadet pożizzjoni dwar l-applikabbiltà u l-portata tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE. F'dan ir-rigward, hija fakkret li din id-dispożizzjoni tobbliga lill-Istati Membri kollha jistabbilixxu r-rimedji ġudizzjarji neċessarji sabiex jiżguraw protezzjoni ġudizzjarja effettiva, fis-sens b'mod partikolari tal-Artikolu 47 tal-Karta, fl-oqsma koperti mid-dritt tal-Unjoni. B'mod iktar partikolari, kull Stat Membru għandu jiżgura, skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE, li l-istanzi li, bħala "qorti" fis-sens kif iddefinit mid-dritt tal-Unjoni, jagħmlu parti mis-sistema ta' rimedji ġudizzjarji tiegħu fl-oqsma koperti mid-dritt tal-Unjoni u li, għaldaqstant, jistgħu jkunu meħtieġa jaqtgħu kwistjonijiet relatati mal-applikazzjoni jew mal-interpretazzjoni ta' dan id-dritt, għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva, punt li f'dan il-każ japplika għall-Qorti Suprema Pollakka. Sabiex jiġi ggarantit li din il-qorti tkun tista' toffri tali protezzjoni, il-ħarsien tal-indipendenza tagħha huwa ta' importanza primordjali, kif jikkonferma t-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta. Ir-rekwiżit ta' indipendenza tal-qrati, li huwa inerenti għall-kompitu li tingħata deċiżjoni, jagħmel parti mill-kontenut essenzjali tad-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva u tad-dritt fundamentali għal smigħ xieraq, li għandu importanza kardinali sa fejn jiggarantixxi l-protezzjoni tad-drittijiet kollha li l-individwi jgawdu taħt id-dritt tal-Unjoni u l-ħarsien tal-valuri komuni għall-Istati Membri stabbiliti fl-Artikolu 2 TUE, b'mod partikolari tal-valur tal-Istat tad-dritt.

Fit-tieni lok, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat il-portata ta' dan ir-rekwiżit. F'dan ir-rigward, hija stabbilixxiet li l-garanziji ta' indipendenza u ta' imparzjalità jirrikjedu l-eżistenza ta' regoli, b'mod partikolari fir-rigward tal-kompożizzjoni tal-istanzi kkonċernati, tal-ħatra, tat-tul tal-kariga kif ukoll tal-kawżi ta' astensjoni, ta' rikuża u ta' tkeċċija tal-membri tagħhom, li jippermettu li jiġi eskluż kull dubju leġittimu, f'moħħ l-individwi, dwar l-impermeabbiltà tal-imsemmija istanzi fil-konfront ta' elementi esterni u dwar in-newtralità tagħhom fil-konfront tal-interessi inkwistjoni. B'mod partikolari, din il-libertà indispensabbli tal-imħallfin fil-konfront ta' kwalunkwe interferenza jew pressjoni esterna tirrikjedi ċerti garanziji ta' natura li jipproteġu lill-persuna ta' dawk li għandhom il-kompitu li jiddeċiedu, fosthom l-irremovabbiltà. Dan il-prinċipju ta' irremovabbiltà jirrikjedi, b'mod partikolari, li l-imħallfin ikunu jistgħu jibqgħu fil-kariga sakemm jilħqu l-età obbligatorja tal-irtirar jew sa tmiem il-mandat tagħhom meta dan tal-aħħar ikun għal perijodu determinat. Mingħajr ma għandu natura totalment assoluta, dan il-prinċipju jista' jiġi suġġett għal eċċezzjonijiet biss jekk ikun hemm raġunijiet leġittimi u imperattivi li jiġġustifika dan, b'osservanza tal-prinċipju ta' proporzjonalità.

F'dan il-każ, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li r-riforma kkontestata kellha bħala konsegwenza t-tmiem antiċipat tal-eżerċizzju tal-funzjonijiet ġudizzjarji tal-imħallfin diġà fil-kariga fi ħdan il-Qorti Suprema u li għalhekk setgħet tiġi aċċettata biss kieku kienet iġġustifikata minn għan leġittimu u kieku kienet proporzjonata fid-dawl ta' dan il-għan u sakemm ma kinitx tagħti lok, f'moħħ l-individwi, għal dubji leġittimi bħal dawk imsemmija iktar 'il fuq. Issa, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li l-applikazzjoni tal-miżura ta' tnaqqis tal-età tal-irtirar tal-imħallfin tal-Qorti Suprema fir-rigward tal-imħallfin fil-kariga fi ħdan din il-qorti ma kinitx tissodisfa dawn il-kundizzjonijiet minħabba, b'mod partikolari, li ma kinitx iġġustifikata minn għan leġittimu. Għaldaqstant, hija ddeċidiet li l-imsemmija applikazzjoni kienet qed tikser il-prinċipju ta' irremovabbiltà tal-imħallfin, li huwa inerenti għall-indipendenza tagħhom.

Fit-tielet u l-aħħar lok, il-Qorti tal-Ġustizzja tat deċiżjoni dwar is-setgħa diskrezzjonali, mogħtija permezz tal-Liġi l-ġdida dwar il-Qorti Suprema lill-President tar-Repubblika, li biha ġiet estiża l-funzjoni ġudizzjarja attiva tal-imħallfin ta' din il-qorti lil hinn mill-età tal-irtirar il-ġdida stabbilita minn din il-liġi. Hija qieset li, filwaqt li huwa l-kompitu esklużiv tal-Istati Membri li jiddeċiedu jekk jippermettux jew le tali estensjoni, xorta jibqa' l-fatt li, meta jagħżlu tali mekkaniżmu, huma obbligati jiżguraw li l-kundizzjonijiet u l-modalitajiet li għalihom hija suġġetta tali estensjoni ma jkunux tali li jiksru l-prinċipju ta' indipendenza tal-imħallfin. F'dan ir-rigward, huwa minnu li l-fatt li korp bħall-President tar-Repubblika għandu s-setgħa li jiddeċiedi jekk jagħtix jew le tali estensjoni eventwali ma kienx biżżejjed, waħdu, sabiex jiġi konkluż li kien hemm ksur tal-imsemmi prinċipju. Madankollu, għandu jiġi żgurat li l-kundizzjonijiet sostantivi u l-modalitajiet proċedurali li jirregolaw l-adozzjoni ta' tali deċiżjonijiet ikunu tali li ma jkunux jistgħu jagħtu lok għal dubji leġittimi, f'moħħ l-individwi, dwar l-indipendenza tal-imħallfin ikkonċernati. Għal dan il-għan, huwa meħtieġ, b'mod partikolari, li l-imsemmija kundizzjonijiet u modalitajiet jitfasslu b'tali mod li dawn l-imħallfin ikunu ħielsa minn kull tentazzjoni eventwali li jċedu għal interventi jew għal pressjonijiet esterni li jistgħu jipperikolaw l-indipendenza tagħhom. Għalhekk, tali modalitajiet għandhom, b'mod partikolari, jippermettu l-esklużjoni mhux biss ta' kwalunkwe influwenza diretta, fil-forma ta' istruzzjonijiet, iżda wkoll ta' forom iktar indiretti ta' influwenza li jistgħu jiggwidaw id-deċiżjonijiet tal-imħallfin ikkonċernati.

Issa, fir-rigward tal-Liġi l-ġdida dwar il-Qorti Suprema, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li din il-liġi kienet tipprevedi li l-estensjoni tal-funzjoni ġudizzjarja attiva tal-imħallfin ta' din il-qorti issa kienet suġġetta għal deċiżjoni ta' natura diskrezzjonali mill-President tar-Repubblika , li ma kellhiex għalfejn tiġi motivata u li ma kinitx tista' tkun is-suġġett ta' rimedju ġudizzjarju. Fir-rigward tal-intervent, previst minn din il-liġi, tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ġudikatura qabel it-teħid tad-deċiżjoni tal-President tar-Repubblika, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li huwa minnu li l-intervent ta' tali istanza, fil-kuntest ta' proċess ta' estensjoni tal-eżerċizzju tal-funzjonijiet ta' mħallef lil hinn mill-età normali tal-irtirar tiegħu, jista', bħala prinċipju, ikun ta' natura li jikkontribwixxi sabiex dan il-proċess ikun oġġettiv. Madankollu, dan ikun il-każ biss jekk jiġu ssodisfatti ċerti kundizzjonijiet u, b'mod partikolari, jekk din l-istanza tkun hija stess indipendenti mill-poter leġiżlattiv u mill-poter eżekuttiv u mill-awtorità li lilha hija meħtieġa tagħti opinjoni, u jekk tali opinjoni tingħata fuq il-bażi ta' kriterji oġġettivi u rilevanti u tkun debitament motivata, b'tali mod li tkun kapaċi tagħti informazzjoni oġġettiva lil din l-awtorità fit-teħid tad-deċiżjoni tagħha. F'dan il-każ, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li huwa biżżejjed li jiġi kkonstatat li, fid-dawl b'mod partikolari tal-assenza ta' motivazzjoni tagħhom, l-opinjonijiet mogħtija mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ġudikatura ma kinux tali li jistgħu jikkontribwixxu sabiex tingħata informazzjoni oġġettiva fir-rigward tal-eżerċizzju tas-setgħa mogħtija lill-President tar-Repubblika permezz tal-Liġi l-ġdida dwar il-Qorti Suprema, b'tali mod li din is-setgħa kienet ta' natura li tagħti lok għal dubji leġittimi, b'mod partikolari f'moħħ l-individwi, dwar l-impermeabbiltà tal-imħallfin ikkonċernati fil-konfront ta' fatturi esterni u dwar in-newtralità tagħhom fil-konfront tal-interessi li jistgħu jkunu inkwistjoni quddiemhom.

Fis-sentenza ***Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Indipendenza tal-qrati ordinarji)*** (C-192/18, EU:C:2019:924), mogħtija fil-5 ta' Novembru 2019, il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, laqgħet ir-rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu ppreżentat mill-Kummissjoni kontra r-Repubblika tal-Polonja u *kkonstatat li dan l-Istat Membru naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt id-dritt tal-Unjoni, minn naħa, billi introduċa età tal-irtirar differenti għan-nisa u għall-irġiel membri tal-ġudikatura Pollakka u, min-naħa l-oħra, billi naqqas l-età tal-irtirar tal-imħallfin tal-qrati ordinarji, filwaqt li ta lill-Ministru għall-Ġustizzja s-setgħa li jestendi l-perijodu ta' attività ta' dawn l-imħallfin.*

Liġi Pollakka tat-12 ta' Lulju 2017 naqqset l-età tal-irtirar tal-imħallfin tal-qrati ordinarji u tal-avukati tal-Istat kif ukoll l-età tal-irtirar kmieni tal-imħallfin tas-Sąd Najwyższy (il-Qorti Suprema) għal 60 sena għan-nisa u għal 65 sena għall-irġiel, meta dawn l-etajiet qabel kienu stabbiliti bħala 67 sena għaż-żewġ sessi. Barra minn hekk, din il-liġi tat lill-Ministru għall-Ġustizzja s-setgħa li jestendi l-perijodu ta' attività tal-imħallfin tal-qrati

ordinarji lil hinn mill-etajiet il-ġodda tal-irtirar kif stabbiliti, jiġifieri b'distinzjoni skont is-sess. Peress li qieset li dawn ir-regoli jmorru kontra d-dritt tal-Unjoni [3], il-Kummissjoni ppreżentat rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

Fir-rigward, fl-ewwel lok, tad-differenzi hekk stabbiliti minn din il-liġi, skont is-sess, f'dak li jirrigwarda l-età tal-irtirar tal-imħallfin Pollakki, il-Qorti tal-Ġustizzja l-ewwel nett osservat li l-pensjonijiet tal-irtirar li minnhom jibbenefikaw l-imsemmija membri tal-ġudikatura jaqgħu taħt l-Artikolu 157 TFUE, li jipprovdi li kull Stat Membru għandu jiżgura l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' ugwaljanza tar-remunerazzjonijiet bejn ħaddiema rġiel u ħaddiema nisa għall-istess xogħol. L-iskemi tal-pensjoni inkwistjoni jaqgħu wkoll fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2006/54 [4] (iktar 'il quddiem id-"Direttiva dwar l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa") iddedikati għall-ugwaljanza fit-trattament fl-iskemi professjonali ta' sigurtà soċjali. It-tieni nett, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li din l-istess liġi introduċiet kundizzjonijiet direttament diskriminatorji bbażati fuq is-sess, b'mod partikolari fir-rigward tal-mument li fih il-persuni kkonċernati jkunu jistgħu jibbenefikaw minn aċċess effettiv għall-vantaġġi previsti mill-iskemi tal-pensjoni kkonċernati. Fl-aħħar nett, hija ċaħdet l-argument tar-Repubblika tal-Polonja li d-differenzi hekk previsti bejn membri tal-ġudikatura nisa u membri tal-ġudikatura rġiel fir-rigward tal-età ta' aċċess għal pensjoni tal-irtirar kienu jikkostitwixxu miżura ta' diskriminazzjoni pożittiva. Fil-fatt, dawn id-differenzi ma humiex ta' natura li jikkumpensaw għall-iżvantaġġi li għalihom huma esposti l-karrieri tal-uffiċjali nisa billi jgħinu lil dawn in-nisa fil-ħajja professjonali tagħhom u billi jirrimedjaw għall-problemi li jistgħu jiltaqgħu magħhom matul il-karriera tagħhom. Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li l-leġiżlazzjoni inkwistjoni kienet qed tikser l-Artikolu 157 TFUE, kif ukoll id-Direttiva dwar l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa.

Fit-tieni lok, il-Qorti tal-Ġustizzja eżaminat il-miżura li tikkonsisti fl-għoti lill-Ministru għall-Ġustizzja tas-setgħa li jiddeċiedi jekk jawtorizzax jew le t-tkomplija tal-eżerċizzju tal-funzjonijiet tal-imħallfin tal-qrati ordinarji lil hinn mill-età l-ġdida tal-irtirar kif imnaqqsa. Filwaqt li bbażat ruħha, b'mod partikolari, fuq il-prinċipji stabbiliti fis-sentenza tal-24 ta' Ġunju 2019, ***Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Indipendenza tal-Qorti Suprema)*** [5], hija ddeċidiet, l-ewwel nett, li t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE huwa applikabbli minħabba li l-qrati ordinarji Pollakki jistgħu jkunu meħtieġa jagħtu deċiżjoni dwar kwistjonijiet marbuta mad-dritt tal-Unjoni. Dawn il-qrati għandhom għalhekk jissodisfaw ir-rekwiżiti inerenti għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva. Issa, sabiex jiġi żgurat li dawn ikunu f'pożizzjoni li joffru din il-protezzjoni, il-ħarsien tal-indipendenza tagħhom huwa ta' importanza primordjali.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li huwa minnu li l-fatt li korp bħall-Ministru għall-Ġustizzja jkollu s-setgħa jiddeċiedi jagħtix jew le estensjoni tal-eżerċizzju tal-funzjonijiet ġudizzjarji lil hinn mill-età normali tal-irtirar ma huwiex biżżejjed, waħdu, sabiex jiġi konkluż li hemm ksur tal-prinċipju ta' indipendenza. Madankollu, hija kkonstatat li l-kundizzjonijiet sostantivi u l-modalitajiet proċedurali marbuta ma' din is-setgħa ta' deċiżjoni huma, f'dan il-każ, ta' natura li joħolqu dubji leġittimi dwar l-impermeabbiltà tal-imħallfin ikkonċernati fil-konfront ta' fatturi esterni u dwar in-newtralità tagħhom. Fil-fatt, minn naħa, il-kriterji li abbażi tagħhom il-Ministru kien ser ikun meħtieġ jieħu d-deċiżjoni tiegħu kienu vagi wisq u ma kinux jistgħu

3| Artikolu 157 TFUE, Artikolu 5(a) u Artikolu 9(1)(f) tad-Direttiva 2006/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' opportunitajiet indaqs u ta' trattament ugwali ta' l-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' impjiegi u xogħol (ĠU 2006, L 204, p. 23), kif ukoll it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE, moqri fid-dawl tal-Artikolu 47 tal-Karta.

4| Direttiva 2006/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' opportunitajiet indaqs u ta' trattament ugwali ta' l-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' impjiegi u xogħol (ĠU 2006, L 204, p. 23).

5| Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-24 ta' Ġunju 2019, ***Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Indipendenza tal-Qorti Suprema)*** (C-619/18, EU:C:2019:531).

jiġu vverifikati, u l-imsemmija deċiżjoni ma għandhiex bżonn tkun motivata u ma setgħux ikunu s-suġġett ta' rimedju ġudizzjarju. Min-naħa l-oħra, it-tul tal-perijodu li matulu l-imħallfin kienu jistgħu jibqgħu jistennew id-deċiżjoni tal-Ministru kien suġġett għad-diskrezzjoni ta' dan tal-aħħar.

Il-Qorti tal-Ġustizzja osservat ukoll li l-kombinazzjoni tal-miżura ta' tnaqqis tal-età normali tal-irtirar tal-imħallfin tal-qrati ordinarji u tal-miżura li tagħti lill-Ministru għall-Ġustizzja s-setgħa diskrezzjonali li jiddeċiedi jekk jawtorizzax it-tkomplija tal-eżerċizzju tal-funzjonijiet ta' dawn l-imħallfin lil hinn mill-età l-ġdida tal-irtirar kif stabbilita, għal għaxar snin għall-imħallfin nisa u għal ħames snin għall-imħallfin irġiel, kienet tmur kontra l-prinċipju ta' irremovabbiltà tal-imħallfin. Fil-fatt, din il-kombinazzjoni ta' miżuri kienet ta' natura li toħloq, f'moħħ l-individwi, dubji leġittimi dwar il-fatt li s-sistema l-ġdida setgħet fir-realtà tkun intiża li tippermetti lill-Ministru jeskludi, ladarba jilħqu l-età normali tal-irtirar kif stabbilita reċentement, ċerti gruppi ta' mħallfin filwaqt li jżomm fil-kariga parti oħra minnhom. Barra minn hekk, peress li d-deċiżjoni tal-Ministru ma kienet suġġetta għal ebda terminu u peress li l-imħallef ikkonċernat kellu jibqa' fil-kariga sakemm tingħata tali deċiżjoni, id-deċiżjoni negattiva eventwali tal-Ministru setgħet tittieħed wara li l-persuna kkonċernata tkun inżammet fil-kariga lil hinn mill-età l-ġdida tal-irtirar.

Fis-sentenza ***A. K. et (Indipendenza tal-awla dixxiplinari tal-Qorti Suprema)*** (C-585/18, C-624/18 u C-625/18, EU:C:2019:982), mogħtija fid-19 ta' Novembru 2019 fil-kuntest ta' proċedura mħaffa, il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, iddeċidiet li *d-dritt għal rimedju effettiv, iggarantit mill-Artikolu 47 tal-Karta u kkonfermat, fil-qasam tal-ġlieda kontra d-diskriminazzjonijiet, mid-Direttiva 2000/78* [6] *(iktar 'il quddiem id-"Direttiva li tipprojbixxi d-diskriminazzoni") jipprekludi li tilwim dwar l-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jkun jista' jaqa' fil-kompetenza esklużiva ta' istanza li ma tikkostitwixxix qorti indipendenti u imparzjali.*

Fil-kawżi pendenti quddiem il-qorti tar-rinviju, tliet imħallfin Pollakki (tal-Qorti Amministrattiva Suprema u tal-Qorti Suprema) kienu qegħdin jinvokaw, fost oħrajn, ksur tal-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni bbażata fuq l-età fil-qasam tal-impjieg minħabba l-irtirar obbligatorju antiċipat tagħhom, konformement mal-Liġi l-ġdida tat-8 ta' Diċembru 2017 dwar il-Qorti Suprema. Minkejja li, wara emenda reċenti, din il-liġi ma kinitx għadha tikkonċerna lill-imħallfin li, bħar-rikorrenti fil-kawżi prinċipali, kienu diġà jeżerċitaw il-funzjoni tagħhom fi ħdan il-Qorti Suprema meta daħlet fis-seħħ u minkejja li, għalhekk, l-imsemmija rikorrenti kienu nżammu jew ġew integrati mill-ġdid fil-funzjonijiet tagħhom, il-qorti tar-rinviju xorta waħda qieset li kien għad hemm problema ta' natura proċedurali quddiemha. Fil-fatt, filwaqt li t-tip ta' tilwim inkwistjoni kien normalment jaqa' fil-kompetenza tal-awla dixxiplinari, imwaqqfa reċentement fi ħdan il-Qorti Suprema, il-qorti tar-rinviju kellha dubju dwar jekk, minħabba dubji dwar l-indipendenza ta' din l-istanza, hija kellhiex twarrab ir-regoli nazzjonali dwar it-tqassim tal-kompetenzi ġudizzjarji u, jekk ikun il-każ, tieħu konjizzjoni hija stess tal-mertu ta' dan it-tilwim.

Wara li ddeċidiet li kienu applikabbli, f'dan il-każ, kemm l-Artikolu 47 tal-Karta kif ukoll it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE, il-Qorti tal-Ġustizzja, filwaqt li bbażat ruħha mill-ġdid fuq il-prinċipji stabbiliti fis-sentenza tal-24 ta' Ġunju 2019, ***Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Indipendenza tal-Qorti Suprema)*** [7], enfasizzat l-elementi speċifiċi li kellhom jiġu eżaminati mill-qorti tar-rinviju sabiex tkun tista' tevalwa jekk l-awla dixxiplinari tal-Qorti Suprema kinitx toffri jew le garanziji suffiċjenti ta' indipendenza.

F'dan id-dawl, il-Qorti tal-Ġustizzja indikat, fl-ewwel lok, li s-sempliċi fatt li l-imħallfin tal-awla dixxiplinari kienu jinħatru mill-President tar-Repubblika ma kienx ta' natura li joħloq dipendenza fil-konfront tal-poter politiku, u lanqas ma kien ta' natura li joħloq dubji dwar l-imparzjalità tagħhom jekk, ladarba maħtura, dawn

6| Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE tas-27 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 4, p. 79).

7| Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-24 ta' Ġunju 2019, ***Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Indipendenza tal-Qorti Suprema)*** (C-619/18, EU:C:2019:531).

l-imħallfin ma jkunu suġġetti għal ebda pressjoni u ma jirċevux istruzzjonijiet fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħhom. Barra minn hekk, l-intervent, fi stadju preċedenti, tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ġudikatura, li kellu l-kompitu li jipproponi l-imħallfin sabiex jinħatru, jista' jiddefinixxi oġġettivament il-limiti tal-marġni ta' manuvra tal-President tar-Repubblika, bil-kundizzjoni, iżda, li dan il-korp ikun huwa nnifsu suffiċjentement indipendenti mill-poter leġiżlattiv u mill-poter eżekuttiv kif ukoll mill-President tar-Repubblika. Dwar dan il-punt, il-Qorti tal-Ġustizzja speċifikat li kellhom jittieħdu inkunsiderazzjoni elementi kemm fattwali u kemm legali marbuta kemm mal-kundizzjonijiet li fihom kienu nħatru l-membri tal-Kunsill tal-Ġudikatura Pollakk il-ġdid u kemm mal-mod kif dan effettivament kien jaqdi r-rwol tiegħu bħala l-gwardjan tal-indipendenza tal-qrati u tal-imħallfin. Il-Qorti tal-Ġustizzja indikat ukoll li kellha tiġi vverifikata l-portata tal-istħarriġ ġudizzjarju tal-proposti tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ġudikatura sa fejn id-deċiżjonijiet ta' ħatra tal-President tar-Repubblika ma kinux jistgħu, min-naħa tagħhom, ikunu s-suġġett ta' tali stħarriġ.

Fit-tieni lok, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat elementi oħra li jikkaratterizzaw b'mod iktar dirett l-awla dixxiplinari. Pereżempju, hija indikat li, fil-kuntest partikolari li ħareġ mill-adozzjoni, li kienet is-suġġett ta' protesti qawwija, tad-dispożizzjonijiet tal-Liġi l-ġdida dwar il-Qorti Suprema li hija kienet iddikjarat li jmorru kontra d-dritt tal-Unjoni fis-sentenza tagħha tal-24 ta' Ġunju 2019, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Indipendenza tal-Qorti Suprema) (C-619/18, EU:C:2019:531), il-fatt li l-awla dixxiplinari ngħatat kompetenza esklużiva sabiex tieħu konjizzjoni ta' tilwim dwar l-irtirar obbligatorju tal-imħallfin tal-Qorti Suprema li kien jirriżulta minn din il-liġi, il-fatt li kellha tiġi fformata biss minn imħallfin maħtura ġodda u l-fatt li kienet tidher li kellha livell ta' awtonomija partikolarment kbir fi ħdan il-Qorti Suprema kienu jikkostitwixxu elementi rilevanti ta' evalwazzjoni.

Il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li, għalkemm kull wieħed mill-elementi eżaminati, meħud waħdu, ma kienx neċessarjament ta' natura li jqiegħed f'dubju l-indipendenza ta' din l-istanza, is-sitwazzjoni setgħet, għall-kuntrarju, tkun differenti jekk kellhom jitqiesu flimkien. Hija enfasizzat li kienet il-qorti tar-rinviju li kellha tiddetermina, billi tieħu inkunsiderazzjoni l-elementi rilevanti kollha li kellha għad-dispożizzjoni tagħha, jekk dawn tal-aħħar setgħux iwasslu għal assenza ta' apparenza ta' indipendenza jew ta' imparzjalità tal-awla dixxiplinari l-ġdida tal-Qorti Suprema, li kienet tista' tippreġudika l-fiduċja li l-ġustizzja għandha tispira lill-imsemmija individwi f'soċjetà demokratika.

Jekk dan kien ser ikun il-każ, il-prinċipju ta' supremazija tad-dritt tal-Unjoni kien qed jobbliga lill-qorti tar-rinviju tħalli mhux applikata d-dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali li tirriżerva l-kompetenza esklużiva sabiex tittieħed konjizzjoni tat-tilwim dwar l-irtirar obbligatorju tal-imħallfin tal-Qorti Suprema lil din l-awla dixxiplinari, b'tali mod li dan it-tilwim ikun jista' jiġi eżaminat minn qorti li tissodisfa r-rekwiżiti ta' indipendenza u ta' imparzjalità u li kienet tkun kompetenti fil-qasam ikkonċernat li kieku l-imsemmija dispożizzjoni ma kinitx tostakola dan.

## 2. Prinċipju ta' *ne bis in idem*

Fis-sentenza ***Powszechny Zakład Ubezpieczeń na Życie*** (C-617/17, EU:C:2019:283), mogħtija fit-3 ta' April 2019, il-Qorti tal-Ġustizzja tat deċiżjoni, essenzjalment, dwar l-interpretazzjoni tal-prinċipju ta' *ne bis in idem* stabbilit fl-Artikolu 50 tal-Karta. Din is-sentenza ngħatat fil-kuntest ta' tilwima bejn Powszechny Zakład Ubezpieczeń na Życie S.A., kumpannija tal-assigurazzjoni, u l-awtorità Pollakka tal-kompetizzjoni, dwar id-deċiżjoni ta' din tal-aħħar li timponi fuqha, minħabba abbuż minn pożizzjoni dominanti, multa fuq il-bażi ta' ksur tad-dritt nazzjonali tal-kompetizzjoni u multa fuq il-bażi ta' ksur tad-dritt tal-Unjoni tal-kompetizzjoni.

F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-prinċipju ta' *ne bis in idem* ma jipprekludix li awtorità nazzjonali tal-kompetizzjoni timponi fuq impriża, fil-kuntest tal-istess deċiżjoni, multa għal ksur tad-dritt

nazzjonali tal-kompetizzjoni u multa għal ksur tal-Artikolu 82 KE (li sar l-Artikolu 102 TFUE). F'sitwazzjoni bħal din, l-awtorità nazzjonali tal-kompetizzjoni għandha madankollu tiżgura ruħha li l-multi meqjusa flimkien ikunu proporzjonati fid-dawl tan-natura tal-ksur.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li mill-ġurisprudenza tagħha jirriżulta li l-imsemmi prinċipju huwa intiż li jipprekludi li impriża tiġi kkundannata mill-ġdid jew terġa' tiġi suġġetta għal prosekuzzjoni, u dan jippreżumi li din l-impriża tkun ġiet ikkundannata jew iddikjarata mhux responsabbli b'deċiżjoni preċedenti li ma tkunx għadha tista' tkun is-suġġett ta' rikors.

Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li l-prinċipju ta' *ne bis in idem* ma huwiex intiż li japplika f'sitwazzjoni fejn l-awtorità nazzjonali tal-kompetizzjoni tapplika b'mod parallel, skont l-Artikolu 3(1) tar-Regolament Nru 1/2003 [8], id-dritt nazzjonali tal-kompetizzjoni u r-regoli tal-Unjoni dwar il-kompetizzjoni u tissanzjona, skont l-Artikolu 5 ta' dan ir-regolament, impriża billi timponi fuqha, fil-kuntest tal-istess deċiżjoni, multa għall-ksur ta' dan id-dritt u multa għall-ksur ta' dawn ir-regoli.

### 3. Libertà tar-reliġjon

Fir-rigward tal-libertà tar-reliġjon, għandha tissemma s-sentenza tat-22 ta' Jannar 2019, ***Cresco Investigation*** (C-193/17, EU:C:2019:43), mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, dwar il-kompatibbiltà mal-Artikolu 21 tal-Karta kif ukoll mad-Direttiva li tipprojbixxi d-diskriminazzjoni, ta' leġiżlazzjoni li tagħti btala pubblika mħallsa, il-Ġimgħa l-Kbira, kif ukoll, fil-każ ta' xogħol dakinhar, "kumpens għal btala pubblika" biss lill-ħaddiema li jappartjenu għal ċerti knejjes Kristjani [9].

Barra minn hekk, fis-sentenza ***Œuvre d'assistance aux bêtes d'abattoirs*** (C-497/17, EU:C:2019:137), mogħtija fis-26 ta' Frar 2019, l-Awla Manja tal-Qorti tal-Ġustizzja eżaminat jekk logo ta' produzzjoni organika tal-Unjoni Ewropea jistax jitwaħħal fuq prodotti li joriġinaw minn annimali li kienu s-suġġett, skont dispożizzjoni derogatorja tar-Regolament Nru 1099/2009 [10] intiża li tiżgura l-osservanza tal-libertà tar-reliġjon, ta' qatla b'forma ritwali mingħajr sturdament minn qabel [11].

## II. Ċittadinanza tal-Unjoni

Il-Qorti tal-Ġustizzja tat diversi sentenzi fil-qasam taċ-ċittadinanza tal-Unjoni, fosthom sentenza li tikkonċerna d-diskriminazzjoni minħabba n-nazzjonalità [12], sentenza dwar it-telf taċ-ċittadinanza Ewropea minħabba

8| Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 tas-16 ta' Diċembru 2002 fuq l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 2, p. 205).

9| Din is-sentenza hija ppreżentata fit-Taqsima XV.1, "Ugwaljanza fit-trattament fil-qasam tal-impjieg u tas-sigurtà soċjali".

10| Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1099/2009 tal-24 ta' Settembru 2009 dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt il-qatla (ĠU 2009, L 303, p. 1).

11| Din is-sentenza hija ppreżentata fit-Taqsima VI, "Agrikoltura u sajd".

12| Għandha tissemma wkoll f'dan ir-rigward is-sentenza ***L-Awstrija vs Il-Ġermanja*** (C-591/17, EU:C:2019:504), mogħtija fit-18 ta' Ġunju 2019, li fiha l-Qorti tal-Ġustizzja kienet meħtieġa tagħti deċiżjoni dwar tariffa għall-użu tal-infrastruttura għall-vetturi bil-mutur privati u eżenzjoni għall-proprjetarji ta' vetturi rreġistrati fil-Ġermanja. Peress li, *de facto*, il-piż ekonomiku ta' din it-tariffa kien jaqa' esklużivament fuq il-proprjetarji u s-sewwieqa ta' vetturi rreġistrati fi Stat Membru ieħor għajr il-Ġermanja, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li din kienet toħloq differenza fit-trattament minħabba n-nazzjonalità. Din is-sentenza hija ppreżentata fit-Taqsima VII.1, "Moviment liberu tal-merkanzija".

t-telf tan-nazzjonalità ta' Stat Membru u żewġ sentenzi li jikkonċernaw id-dritt ta' residenza dderivat taċ-ċittadini ta' pajjiż terz li jkunu membri tal-familja ta' ċittadin tal-Unjoni.

## 1. Diskriminazzjoni minħabba n-nazzjonalità

Fis-sentenza ***TopFit u Biffi*** (C-22/18, EU:C:2019:497), mogħtija fit-13 ta' Ġunju 2019, il-Qorti tal-Ġustizzja interpretat l-Artikoli 18, 21 u 165 TFUE fil-kuntest ta' tilwima bejn atleta dilettant ta' nazzjonalità Taljana u l-assoċjazzjoni nazzjonali tal-atletika Ġermaniża dwar il-*kundizzjonijiet ta' parteċipazzjoni ta' ċittadini ta' Stati Membri oħra fil-kampjonati Ġermaniżi ta' sport bħala dilettanti fil-kategorija senior.*

Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, dawn id-dispożizzjonijiet jipprekludu regoli ta' assoċjazzjoni sportiva nazzjonali li abbażi tagħhom ċittadin tal-Unjoni, li jkollu n-nazzjonalità ta' Stat Membru ieħor, li jkun ilu jirrisjedi għal diversi snin fit-territorju tal-Istat Membru fejn tkun stabbilita l-assoċjazzjoni fejn huwa jipprattika l-ġiri bħala dilettant fil-kategorija senior, ma jkunx jista' jipparteċipa fil-kampjonati nazzjonali f'dawn id-dixxiplini bl-istess mod bħaċ-ċittadini nazzjonali jew ikun jista' jipparteċipa f'dawn il-kampjonati biss "barra mill-klassifikazzjoni" jew "mingħajr klassifikazzjoni", mingħajr ma jkollu aċċess għall-finali u mingħajr ma jkun jista' jikseb it-titolu ta' rebbieħ nazzjonali, sakemm dawn ir-regoli ma jkunux iġġustifikati minn kunsiderazzjonijiet oġġettivi u proporzjonati għall-għan leġittimament imfittex, punt dan li kellu jiġi vverifikat mill-qorti tar-rinviju.

Fil-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja l-ewwel nett ikkonstatat li ċittadin tal-Unjoni, bħall-atleta dilettant inkwistjoni, li uża l-libertà ta' moviment tiegħu, jista' leġittimament jinvoka l-Artikoli 18 u 21 TFUE fil-kuntest tal-eżerċizzju tiegħu ta' sport bħala dilettant f'kompetizzjoni fis-soċjetà tal-Istat Membru ospitanti. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja invokat b'mod partikolari r-rwol tal-isport bħala fattur ta' integrazzjoni fis-soċjetà tal-Istat Membru ospitanti, rifless fl-Artikolu 165 TFUE.

It-tieni nett, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li r-regoli ta' assoċjazzjoni sportiva nazzjonali li jirregolaw l-aċċess taċ-ċittadini tal-Unjoni għall-kompetizzjonijiet sportivi huma suġġetti għar-regoli tat-Trattat, u b'mod partikolari għall-Artikoli 18 u 21 TFUE. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li l-osservanza tal-libertajiet fundamentali u l-projbizzjoni tad-diskriminazzjoni abbażi tan-nazzjonalità previsti fit-Trattat japplikaw ukoll għar-regoli ta' natura mhux pubblika li jkunu intiżi li jirregolaw b'mod kollettiv l-impjieg u l-provvista ta' servizzi. Dan il-prinċipju japplika wkoll meta grupp jew organizzazzjoni jeżerċitaw ċertu poter fuq l-individwi u jkunu f'pożizzjoni li jimponu fuqhom kundizzjonijiet li jippreġudikaw l-eżerċizzju tal-libertajiet fundamentali ggarantiti mit-Trattat.

Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li kien hemm differenza fit-trattament f'din il-kawża, li setgħet toħloq restrizzjoni għal-libertà ta' moviment tal-atleta dilettant inkwistjoni fis-sens tal-Artikolu 21 TFUE, sa fejn huwa, minkejja li kien jissodisfa l-kundizzjonijiet relatati mar-rendiment sportiv meħtieġa u minkejja li kellu dritt ta' parteċipazzjoni f'kompetizzjonijiet sportivi bħala membru ta' klabb affiljat mal-assoċjazzjoni ta' atletika nazzjonali għal iktar minn sena, seta', minħabba n-nazzjonalità tiegħu, jiġi rrifjutat il-parteċipazzjoni f'kampjonat nazzjonali tad-dilettanti tal-ġiri fuq distanzi qosra fil-kategorija senior jew seta' jitħalla jipparteċipa biss b'mod parzjali. Il-Qorti tal-Ġustizzja żiedet li regoli ta' assoċjazzjoni sportiva jistgħu jwasslu wkoll sabiex l-atleti ċittadini ta' Stat Membru differenti mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja jingħataw inqas appoġġ mill-klabbs sportivi li jkunu marbuta magħhom meta mqabbla mal-atleti nazzjonali, għaliex dawn il-klabbs ikollhom inqas interess li jinvestu f'atleta li ma jkunx jista' jipparteċipa fil-kampjonati nazzjonali u għalhekk l-atleti ċittadini ta' Stati Membri oħra jistgħu ma jintegrawx daqstant tajjeb fil-klabb sportiv li jkunu marbutin miegħu u, għaldaqstant, fis-soċjetà tal-Istat Membru ta' residenza tagħhom.

Issa, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, restrizzjoni għal-libertà ta' moviment taċ-ċittadini tal-Unjoni tista' tiġi ġġustifikata biss jekk tkun ibbażata fuq kunsiderazzjonijiet oġġettivi u jekk tkun proporzjonata mal-għan leġittimament imfittex mir-regoli inkwistjoni, punt dan li għandu jiġi vverifikat mill-qorti nazzjonali. Huwa minnu li jidher li huwa leġittimu li l-għoti tat-titolu ta' rebbieħ nazzjonali f'dixxiplina sportiva partikolari jiġi rriżervat għal ċittadin nazzjonali, peress li dan l-element nazzjonali jista' jitqies li huwa karatteristika stess tat-titolu ta' rebbieħ nazzjonali. Madankollu, huwa meħtieġ li r-restrizzjonijiet li jirriżultaw mit-tfittxija tal-imsemmi għan ikunu konformi mal-prinċipju ta' proporzjonalità, sa fejn l-imsemmi għan ma jiġġustifikax kwalunkwe restrizzjoni għall-parteċipazzjoni ta' persuni mhux ċittadini nazzjonali fil-kampjonati nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha teżamina l-eżistenza ta' eventwali ġustifikazzjonijiet billi tieħu inkunsiderazzjoni l-għan, li jirriżulta minn qari flimkien tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 21(1) TFUE u tal-Artikolu 165 TFUE, li jinfetħu iżjed il-kompetizzjonijiet u li jiġu integrati r-residenti, b'mod speċjali dawk li jkunu ilhom fl-Istat Membru ospitanti. Fi kwalunkwe każ, in-nuqqas ta' ammissjoni totali ta' atleta li ma jkunx ċittadin nazzjonali għall-kampjonati nazzjonali minħabba n-nazzjonalità tiegħu jidher li huwa sproporzjonat meta jeżisti mekkaniżmu relatat mal-parteċipazzjoni ta' tali atleta f'tali kampjonat, tal-inqas fl-istadji tal-kwalifiki u/jew mingħajr klassifikazzjoni.

## 2. Telf taċ-ċittadinanza Ewropea minħabba t-telf tan-nazzjonalità ta' Stat Membru

Fit-12 ta' Marzu 2019, fis-sentenza ***Tjebbes et*** (C-221/17, EU:C:2019:189), il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, eżaminat il-kwistjoni ta' jekk it-telf ipso iure tan-nazzjonalità ta' Stat Membru, li jwassal għat-telf taċ-ċittadinanza tal-Unjoni Ewropea, huwiex kompatibbli mal-Artikolu 20 TFUE, moqri fid-dawl tal-Artikoli 7 u 24 tal-Karta. Fil-kawża prinċipali, il-Ministru għall-Affarijiet Barranin Olandiż kien irrifjuta li jeżamina l-applikazzjonijiet għal passaport ta' ċittadini Olandiżi li kellhom nazzjonalità oħra ta' Stat terz, minħabba li dawn il-persuni, fosthom persuna minuri, kienu tilfu ipso jure n-nazzjonalità Olandiża tagħhom. Ir-rifjut tal-Ministru Olandiż kien ibbażat fuq il-leġiżlazzjoni dwar in-nazzjonalità Olandiża, li tipprovdi li maġġorenni jitlef din in-nazzjonalità jekk huwa jkollu wkoll in-nazzjonalità ta' Stat ieħor u jekk kellu r-residenza prinċipali tiegħu għal perijodu mhux interrott ta' għaxar snin barra mill-Unjoni. Barra minn hekk, skont din l-istess leġiżlazzjoni, minuri jitlef, bħala prinċipju, in-nazzjonalità Olandiża tiegħu jekk missieru jew ommu jitilfu din in-nazzjonalità minħabba l-assenza ta' residenza tagħhom fi ħdan l-Unjoni.

Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li d-dritt tal-Unjoni ma jipprekludix, bħala prinċipju, li Stat Membru jipprevedi, għal raġunijiet ta' interess ġenerali, it-telf tan-nazzjonalità tiegħu, anki jekk dan it-telf iwassal għat-telf tal-istatus ta' ċittadin tal-Unjoni. Fil-fatt, huwa leġittimu għal Stat Membru li jqis li n-nazzjonalità tirrifletti l-manifestazzjoni ta' rabta effettiva bejnu u ċ-ċittadini tiegħu, u li għalhekk jorbot it-telf tan-nazzjonalità tiegħu mal-assenza jew mal-waqfien ta' tali rabta effettiva. Bl-istess mod huwa leġittimu li Stat Membru jkun irid jipproteġi l-unità ta' nazzjonalità fi ħdan l-istess familja billi jipprovdi li minuri jitlef in-nazzjonalità tiegħu meta wieħed mill-ġenituri tiegħu jitlef in-nazzjonalità tiegħu.

Madankollu, sabiex leġiżlazzjoni bħal-leġiżlazzjoni Olandiża inkwistjoni tkun kompatibbli mal-Artikolu 20 TFUE, moqri fid-dawl tal-Artikoli 7 u 24 tal-Karta, hija għandha tippermetti lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, inkluż, jekk ikun il-każ, lill-qrati nazzjonali, jeżaminaw, b'mod inċidentali, il-konsegwenzi tat-telf ipso jure tan-nazzjonalità tal-Istat Membru kkonċernat u, eventwalment, jirkupraw ex tunc in-nazzjonalità tal-persuni kkonċernati, fl-okkażjoni ta' applikazzjoni, min-naħa ta' dawn tal-aħħar, għal dokument tal-ivvjaġġar jew għal kull dokument ieħor li juri n-nazzjonalità tagħhom.

Fil-kuntest ta' dan l-eżami, l-awtoritajiet u l-qrati nazzjonali għandhom jivverifikaw jekk dan it-telf ta' nazzjonalità, li jwassal għat-telf tal-istatus ta' ċittadin tal-Unjoni, josservax il-prinċipju ta' proporzjonalità fir-rigward tal-konsegwenzi ta' dan it-telf fuq is-sitwazzjoni tal-persuna kkonċernata u, jekk ikun il-każ, tal-membri

tal-familja tagħha, fid-dawl tad-dritt tal-Unjoni. Tali eżami jeħtieġ evalwazzjoni tas-sitwazzjoni individwali tal-persuna kkonċernata kif ukoll tas-sitwazzjoni tal-familja tagħha sabiex jiġi ddeterminat jekk it-telf ta' nazzjonalità għandux konsegwenzi li jaffettwaw b'mod sproporzjonat, fir-rigward tal-għan imfittex mil-leġiżlatur nazzjonali, l-iżvilupp normali tal-ħajja tal-familja u professjonali tagħha, fid-dawl tad-dritt tal-Unjoni, u b'mod partikolari tad-dritt għar-rispett tal-ħajja tal-familja, kif stabbilit fl-Artikolu 7 tal-Karta.

Fir-rigward taċ-ċirkustanzi relatati mas-sitwazzjoni individwali tal-persuna kkonċernata, li jistgħu jkunu rilevanti għall-finijiet ta' tali evalwazzjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja semmiet, b'mod partikolari, il-fatt li, wara t-telf ipso jure tan-nazzjonalità tagħha u tal-istatus ta' ċittadin tal-Unjoni, il-persuna kkonċernata tkun esposta għal limitazzjonijiet fl-eżerċizzju tad-dritt tagħha li tiċċaqlaq u li tirrisjedi liberament fit-territorju ta' Stati Membri, inklużi, jekk ikun il-każ, diffikultajiet partikolari sabiex tkompli tmur fi Stat Membru jew ieħor bil-għan li hemmhekk iżżomm rabtiet effettivi u regolari ma' membri tal-familja tagħha, bil-għan li teżerċita l-attività professjonali tagħha hemmhekk jew bil-għan li tieħu l-passi meħtieġa sabiex teżerċita tali attività hemmhekk. Huma wkoll rilevanti, minn naħa, il-fatt li l-persuna kkonċernata ma kinitx tista' tirrinunzja għan-nazzjonalità ta' Stat terz u, min-naħa l-oħra, ir-riskju serju ta' deterjorament sostanzjali tas-sigurtà tagħha jew tal-libertà tagħha li tmur u tiġi li għalih tkun esposta l-persuna kkonċernata minħabba l-impossibbiltà li tibbenefika, fit-territorju tal-Istat terz li fih din il-persuna tirrisjedi, mill-protezzjoni konsolari taħt l-Artikolu 20(2)(c) TFUE.

Barra minn hekk, fir-rigward ta' persuni minuri, l-awtoritajiet kompetenti għandhom id-dmir li jieħdu inkunsiderazzjoni l-eżistenza eventwali ta' ċirkustanzi li minnhom jirriżulta li t-telf, mill-minuri kkonċernat, tan-nazzjonalità tal-Istat Membru kkonċernat ma jikkorrispondix, minħabba l-konsegwenzi ta' tali telf għal dan il-minuri fir-rigward tad-dritt tal-Unjoni, għall-aħjar interess tal-minuri, kif stabbilit fl-Artikolu 24 tal-Karta.

## 3. Dritt ta' residenza dderivat ta' ċittadini ta' pajjiż terz li huma membri tal-familja ta' ċittadin tal-Unjoni

Fis-sentenza ***SM (Minuri mqiegħed taħt is-sistema tal-kafala Alġerina)*** (C-129/18, EU:C:2019:248), mogħtija fis-26 ta' Marzu 2019, il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, tat deċiżjoni dwar il-kwistjoni ta' *jekk minuri li għalih tkun ittieħdet responsabbiltà minn ċittadini tal-Unjoni fil-kuntest tas-sistema tal-kafala Alġerina jaqax taħt il-kunċett ta' "dixxendent dirett" ta' ċittadin tal-Unjoni, fis-sens tal-punt 2(ċ) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2004/38* [13]. Żewġ konjuġi ta' nazzjonalità Franċiża residenti fir-Renju Unit kienu talbu lill-awtoritajiet Brittaniċi permess ta' dħul għal wild adottat, favur minuri Alġerina li t-tutela tagħha kienet ġiet fdata lilhom fl-Alġerija skont il-kafala. Din l-istituzzjoni rregolata mid-dritt tal-familja, komuni għal ċerti pajjiżi ta' tradizzjoni Iżlamika, tipprevedi t-teħid ta' responsabbiltà għall-manteniment, għall-edukazzjoni u għall-protezzjoni ta' minuri minn adult wieħed jew iktar u t-tqiegħed tiegħu taħt it-tutela legali permanenti tagħhom. L-awtoritajiet Brittaniċi rrifjutaw li jagħtu dan il-permess.

L-ewwel nett, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li, għalkemm il-kunċett ta' "dixxendent dirett" ta' ċittadin tal-Unjoni, fis-sens tal-punt 2(ċ) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2004/38, ikopri primarjament l-eżistenza ta' rabta ta' filjazzjoni bijoloġika, dan għandu jinftiehem ukoll, fid-dawl tar-rekwiżit ta' interpretazzjoni wiesgħa ta' dan il-kunċett li jirriżulta mill-għan tal-imsemmija direttiva, jiġifieri li tiġi ffaċilitata u msaħħa l-libertà ta' moviment u ta' residenza taċ-ċittadini tal-Unjoni, bħala li jkopri wkoll il-wild adottat ta' tali ċittadin, peress li huwa

13| Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar id-drittijiet taċ-ċittadini ta' l-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju ta' l-Istati Membri u li temenda r-Regolament (KEE) Nru 1612/68 u li tħassar id-Direttivi 64/221/KEE, 68/360/KEE, 72/194/KEE, 73/148/KEE, 75/34/KEE, 75/35/KEE, 90/364/KEE, 90/365/KEE u 93/96/KEE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 5, p. 46).

stabbilit li l-adozzjoni toħloq rabta ta' filjazzjoni legali bejn il-wild u ċ-ċittadin tal-Unjoni kkonċernati. Għall-kuntrarju, hija ddeċidiet li, peress li s-sistema tal-kafala Alġerina ma toħloqx rabta ta' filjazzjoni bejn il-wild u t-tutur tiegħu, minuri mqiegħed taħt it-tutela legali ta' ċittadin tal-Unjoni skont din is-sistema ma jistax jitqies li huwa "dixxendent dirett" ta' ċittadin tal-Unjoni, fis-sens tal-punt 2(ċ) tal-Artikolu 2 ta' din id-direttiva.

Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li tali minuri jaqa' taħt il-kunċett ta' "membru ieħor tal-familja", imsemmi fil-punt (a) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 3(2) tal-istess direttiva. Dan il-kunċett huwa, fil-fatt, ta' natura li jkopri s-sitwazzjoni ta' minuri li jkun tqiegħed, ma' ċittadini tal-Unjoni, taħt is-sistema ta' tutela legali bħall-kafala Alġerina, u li tiegħu dawn iċ-ċittadini jiżguraw il-manteniment, l-edukazzjoni u l-protezzjoni, skont impenn meħud fuq il-bażi tad-dritt tal-pajjiż ta' oriġini tal-minuri.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat, it-tieni nett, il-piż li jaqa' fuq l-awtoritajiet nazzjonali skont din id-dispożizzjoni. Hija b'hekk iddikjarat li, skont il-punt (a) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2004/38, moqri fid-dawl tal-Artikolu 7 u tal-Artikolu 24(2) tal-Karta, huma għandhom jiffaċilitaw id-dħul u r-residenza ta' tali minuri bħala membru ieħor tal-familja ta' ċittadin tal-Unjoni, billi jwettqu evalwazzjoni bbilanċjata u raġonevoli taċ-ċirkustanzi attwali u rilevanti kollha tal-każ ineżami, li tieħu inkunsiderazzjoni d-diversi interessi inkwistjoni u, b'mod partikolari, l-aħjar interessi tal-minuri kkonċernat. Fil-kuntest ta' din l-evalwazzjoni, kien hemm ukoll lok li jittieħdu inkunsiderazzjoni eventwali riskji konkreti u individwalizzati li l-minuri kkonċernat ikun vittma ta' abbuż, ta' sfruttament jew ta' traffikar, bil-kundizzjoni iżda li tali riskji ma jistgħux, madankollu, jiġu preżunti fid-dawl biss tal-fatt li l-proċedura ta' tqegħid taħt is-sistema tal-kafala Alġerina hija bbażata fuq evalwazzjoni tal-kapaċità tal-adult u tal-interessi tal-minuri li tkun inqas fil-fond mill-proċedura mwettqa, fl-Istat Membru ospitanti, għall-bżonnijiet ta' adozzjoni jew ta' tqegħid f'kustodja ta' minuri.

Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li, fil-każ li jiġi stabbilit, fi tmiem ta' tali evalwazzjoni, li l-minuri u t-tutur tiegħu, ċittadin tal-Unjoni, ikunu intiżi li jkollhom ħajja tal-familja effettiva u li dan il-minuri kien jiddependi mit-tutur tiegħu, ir-rekwiżiti marbuta mad-dritt fundamentali għar-rispett tal-ħajja tal-familja, flimkien mal-obbligu li jittieħdu inkunsiderazzjoni l-aħjar interessi tal-minuri, jeżiġu, bħala prinċipju, l-għoti, lil dan il-minuri, ta' dritt ta' dħul u ta' residenza sabiex ikun jista' jgħix mat-tutur tiegħu fl-Istat Membru ospitanti ta' dan tal-aħħar.

Fis-sentenza ***Chenchooliah*** (C-94/18, EU:C:2019:693), mogħtija fl-10 ta' Settembru 2019, il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, kienet meħtieġa tinterpreta *l-Artikolu 15 tad-Direttiva 2004/38, li jipprevedi b'mod partikolari li ċerti proċeduri previsti fil-Kapitolu VI tal-imsemmija direttiva, intitolat "Restrizzjonijiet fuq id-dritt ta' dħul u fuq id-dritt ta' residenza minħabba politika [ordni] pubblika, sigurtà pubblika jew saħħa pubblika"* [14], japplikaw b'analoġija għal kull deċiżjoni li tillimita l-moviment liberu ta' ċittadin tal-Unjoni Ewropea jew tal-membri tal-familja tiegħu meħuda għal raġunijiet li ma jkunux raġunijiet ta' ordni pubbliku, ta' sigurtà pubblika jew ta' saħħa pubblika. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li dan l-artikolu japplika għal deċiżjoni ta' tneħħija meħuda fir-rigward ta' ċittadin ta' Stat terz minħabba li ma jkunx għad għandu dritt ta' residenza skont din id-direttiva, f'sitwazzjoni fejn dan iċ-ċittadin ikun iżżewweġ lil ċittadin tal-Unjoni f'mument meta dan iċ-ċittadin kien qiegħed juża l-libertà ta' moviment tiegħu billi mar u rrisjeda mal-imsemmi ċittadin fl-Istat Membru ospitanti, u sussegwentement dan iċ-ċittadin ikun mar lura fl-Istat Membru li tiegħu jkollu n-nazzjonalità. Il-Qorti tal-Ġustizzja żiedet li dan jimplika li ċerti garanziji stabbiliti mid-Direttiva fil-kuntest ta' deċiżjonijiet li jillimitaw il-moviment liberu ta' ċittadin tal-Unjoni jew tal-membri tal-familja tiegħu adottati

14| Jiġifieri l-proċeduri previsti fl-Artikoli 30 u 31.

għal raġunijiet ta' ordni pubbliku, ta' sigurtà pubblika jew ta' saħħa pubblika [15] huma neċessarji matul l-adozzjoni ta' deċiżjoni ta' tneħħija, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, deċiżjoni li f'ebda każ ma jista' jkollha magħha projbizzjoni ta' dħul fit-territorju.

Din is-sentenza ngħatat fil-kuntest ta' tilwima bejn ċittadina Mawrizjana, residenti fl-Irlanda, u l-Minister for Justice and Equality (il-Ministru għall-Ġustizzja u għall-Ugwaljanza), dwar deċiżjoni ta' tkeċċija meħuda fir-rigward tagħha, bis-saħħa tal-Artikolu 3 tal-Liġi Irlandiża tal-1999 dwar l-Immigrazzjoni, wara r-ritorn tal-konjuġi tagħha, ċittadin tal-Unjoni, fl-Istat Membru li tiegħu għandu n-nazzjonalità, jiġifieri l-Portugall, fejn kien qiegħed jiskonta piena ta' priġunerija. Skont id-dritt nazzjonali, id-deċiżjoni ta' tkeċċija kellha magħha, *ex officio*, projbizzjoni ta' dħul fit-territorju għal żmien indeterminat.

Il-Qorti tal-Ġustizzja, l-ewwel nett, ikkonstatat li, f'sitwazzjoni fejn ċittadin tal-Unjoni jirritorna fl-Istat Membru li tiegħu huwa jkollu n-nazzjonalità u għalhekk ma jkunx għadu jeżerċita, fl-Istat Membru ospitanti, id-dritt tiegħu ta' moviment liberu taħt id-dritt tal-Unjoni, iċ-ċittadin ta' Stat terz li jkun il-konjuġi tal-imsemmi ċittadin tal-Unjoni ma jkollux iktar il-kwalità ta' "benefiċjarju", fis-sens ta' din id-direttiva [16], meta jibqa' fl-Istat Membru ospitanti u ma jkunx għadu jirrisjedi mal-konjuġi tiegħu.

It-tieni nett, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, anki jekk it-telf ta' din il-kwalità jkollu bħala konsegwenza li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz ikkonċernat ma jibqax jibbenefika mid-drittijiet ta' moviment u ta' residenza fit-territorju tal-Istat Membru ospitanti li kien igawdi minnhom għal ċertu żmien, peress li ma jkunx għadu jissodisfa l-kundizzjonijiet li għalihom dawn id-drittijiet huma suġġetti, dan it-telf madankollu ma jimplikax li d-Direttiva 2004/38 ma tibqax tapplika għat-teħid ta' deċiżjoni ta' tneħħija ta' dan iċ-ċittadin mill-Istat Membru ospitanti, għal tali raġuni. Fil-fatt, l-Artikolu 15 tad-Direttiva 2004/38 [17], li jinsab fil-Kapitolu III tagħha, intitolat "Dritt ta' residenza", jipprevedi s-sistema li hija applikabbli meta jintemm dritt ta' residenza temporanja skont din id-direttiva, b'mod partikolari meta ċittadin tal-Unjoni jew membru tal-familja tiegħu li, fil-passat, ikun ibbenefika minn dritt ta' residenza sa tliet xhur jew għal iktar minn tliet xhur ma jibqax jissodisfa l-kundizzjonijiet tad-dritt ta' residenza inkwistjoni u jkun jista' għalhekk, bħala prinċipju, jitneħħa mill-Istat Membru ospitanti.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li l-Artikolu 15 tad-Direttiva 2004/38 jirreferi biss għall-applikazzjoni b'analoġija ta' ċerti dispożizzjonijiet tal-Kapitolu VI tagħha, dwar b'mod partikolari n-notifika tad-deċiżjonijiet kif ukoll dwar l-aċċess għal rimedji ġudizzjarji [18]. Għall-kuntrarju, dispożizzjonijiet oħra tal-imsemmi Kapitolu VI ma humiex applikabbli fil-kuntest tal-adozzjoni ta' deċiżjoni taħt l-Artikolu 15 tal-imsemmija direttiva. Fil-fatt, dawn id-dispożizzjonijiet l-oħra japplikaw biss jekk il-persuna kkonċernata tkun attwalment qiegħda tgawdi, bis-saħħa ta' din id-direttiva, dritt ta' residenza fl-Istat Membru ospitanti li jkun temporanju jew permanenti.

Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja żiedet li, skont l-Artikolu 15(3) tad-Direttiva 2004/38, id-deċiżjoni ta' tneħħija li tista' tittieħed fil-kawża prinċipali f'ebda każ ma jista' jkollha magħha projbizzjoni ta' dħul fit-territorju [19].

15| Jiġifieri l-garanziji rilevanti meħtieġa mill-Artikoli 30 u 31.

16| Artikolu 3(1).

17| Artikolu 15.

18| Artikoli 30 u 31.

19| Artikolu 15(3)

# III. Dispożizzjonijiet istituzzjonali

F'din it-taqsima għandhom jiġu ppreżentati żewġ sentenzi [20], waħda dwar l-immunitajiet tal-Membri tal-Parlament Ewropew u l-oħra dwar inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej.

## 1. Immunitajiet tal-Membri tal-Parlament Ewropew

Fis-sentenza preliminari ***Junqueras Vies*** (C-502/19, EU:C:2019:1115), mogħtija fid-19 ta' Diċembru 2019, il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, ippreċiżat *il-portata ratione personae, ratione temporis u ratione materiae tal-immunitajiet mogħtija lill-Membri tal-Parlament Ewropew* [21].

F'din il-kawża, il-Qorti tal-Ġustizzja sarulha diversi domandi preliminari dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 9 tal-Protokoll mit-Tribunal Supremo (il-Qorti Suprema, Spanja). Dawn id-domandi saru fil-kuntest ta' rikors ippreżentat minn politiku elett fil-Parlament Ewropew fl-elezzjonijiet tas-26 ta' Mejju 2019, kontra digriet li rrifjuta li jagħtih awtorizzazzjoni straordinarja sabiex joħroġ mill-ħabs. L-individwu kkonċernat kien tqiegħed taħt detenzjoni provviżorja qabel dawn l-elezzjonijiet fil-kuntest ta' proċedura kriminali mibdija kontrih minħabba l-parteċipazzjoni tiegħu fl-organizzazzjoni tar-referendum ta' awtodeterminazzjoni li nżamm fl-1 ta' Ottubru 2017 fil-Komunità Awtonoma ta' Cataluña. Huwa talab l-awtorizzazzjoni msemmija iktar 'il fuq sabiex ikun jista' jissodisfa formalità meħtieġa mid-dritt Spanjol wara l-proklamazzjoni tar-riżultati, formalità li tikkonsisti fit-teħid ta' ġurament jew ta' impenn li tiġi osservata l-Kostituzzjoni Spanjola quddiem kummissjoni elettorali ċentrali, u sabiex sussegwentement ikun jista' jmur fil-Parlament Ewropew sabiex jieħu sehem fis-sessjoni kostituttiva tal-leġiżlatura l-ġdida. Wara li adixxiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, it-Tribunal Supremo, fl-14 ta' Ottubru 2019, ikkundannat lill-individwu kkonċernat għal piena ta' tlettax-il sena ħabs kif ukoll, għall-istess perijodu, għal piena ta' inkapaċità assoluta li jeżerċita karigi jew funzjonijiet pubbliċi.

Fl-ewwel lok, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li persuna li tiġi eletta fil-Parlament Ewropew tikseb il-kwalità ta' Membru tal-Parlament bis-saħħa u fil-mument tal-proklamazzjoni tar-riżultati elettorali, b'tali mod li hija tgawdi mill-immunitajiet iggarantiti mill-Artikolu 9 tal-Protokoll.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li, għalkemm il-proċedura elettorali u l-proklamazzjoni tar-riżultati huma bħala prinċipju rregolati mil-leġiżlazzjoni tal-Istati Membri, konformement mal-Artikoli 8 u 12

tal-Att Elettorali tal-1976 [22], l-elezzjoni tal-Membri tal-Parlament Ewropew b'vot dirett universali, liberu u sigriet [23] tikkostitwixxi l-espressjoni tal-prinċipju kostituzzjonali ta' demokrazija rappreżentattiva, li l-portata tiegħu hija ddefinita mid-dritt tal-Unjoni stess. Issa, mit-Trattati u mill-Att Elettorali tal-1976 jirriżulta li l-kwalità

20| Għandhom jissemmew ukoll żewġ sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja mogħtija fis-26 ta' Marzu 2019, is-sentenza ***Spanja vs Il-Parlament*** (C-377/16, EU:C:2019:249) u s-sentenza ***Il-Kummissjoni vs L-Italja*** (C-621/16 P, EU:C:2019:251), dwar is-sistema lingwistika tal-istituzzjonijiet. Dawn is-sentenzi huma ppreżentati fit-Taqsima XXII, "Servizz pubbliku Ewropew".

21| Immunitajiet previsti fl-Artikolu 343 TFUE u fl-Artikolu 9 tal-Prokoll (Nru 7) dwar il-privileġġi u l-immunitajiet ta' l-Unjoni Ewropea (ĠU 2012, C 326, p. 266) (iktar 'il quddiem il-"Protokoll").

22| Att dwar l-elezzjoni tal-Membri tal-Parlament Ewropew b'vot dirett universali, anness mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 76/787/KEFA, KEE, Euratom tal-20 ta' Settembru 1976 (ĠU 1976, L 278, p. 1), kif emendat l-aħħar bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/772/KE, Euratom tal-25 ta' Ġunju 2002 u tat-23 ta' Settembru 2002 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 4, p. 137).

23| Artikolu 14(3) TUE

ta' Membru tal-Parlament Ewropew tirriżulta mis-sempliċi elezzjoni tal-persuna kkonċernata u tinkiseb minnha bis-saħħa tal-proklamazzjoni uffiċjali tar-riżultati magħmula mill-Istati Membri. Barra minn hekk, mill-Artikolu 343 TFUE jirriżulta li l-Unjoni, u għalhekk l-istituzzjonijiet tagħha kif ukoll il-membri tagħhom, għandhom igawdu mill-immunitajiet neċessarji għall-missjonijiet tagħhom.

Fit-tieni lok, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-persuni li, bħal O. Junqueras Vies, jiġu eletti Membri tal-Parlament Ewropew igawdu, sa mill-proklamazzjoni tar-riżultati, mill-immunità fir-rigward tal-ivvjaġġar marbuta mal-kwalità tagħhom ta' Membru u prevista fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 9 tal-Protokoll. Issa, din l-immunità għandha l-għan li tippermettilhom, b'mod partikolari, imorru u jieħdu sehem fis-sessjoni kostituttiva tal-leġiżlatura l-ġdida tal-Parlament Ewropew. Fil-fatt, b'differenza mill-immunità waqt is-sessjonijiet prevista fl-ewwel paragrafu, li jgawdu minnha biss mill-ftuħ ta' din is-sessjoni kostituttiva u matul il-perijodu kollu tas-sessjonijiet tal-Parlament Ewropew, l-immunità fir-rigward tal-ivvjaġġar tkopri l-vjaġġ tal-Membri lejn il-post fejn jiltaqa' l-Parlament Ewropew, inkluża l-ewwel sessjoni tiegħu.

Il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret, f'dan ir-rigward, li l-għanijiet imfittxija mill-immunitajiet previsti fil-Protokoll huma li tiġi żgurata l-protezzjoni tal-funzjonament tajjeb u tal-indipendenza tal-istituzzjonijiet. F'dan il-kuntest, l-immunità fir-rigward tal-ivvjaġġar imsemmija fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 9 ta' dan il-protokoll tagħti effett lid-dritt ta' eliġibbiltà żgurat fl-Artikolu 39(2) tal-Karta billi tippermetti lil kull Membru, mill-mument li fih jiġi pproklamat elett u indipendentement mill-kwistjoni ta' jekk ikunx issodisfa jew le eventwali formalitajiet previsti mid-dritt intern, jipparteċipa fis-sessjoni kostituttiva tal-Parlament Ewropew mingħajr ma jkun jista' jiġi ostakolat fir-rigward tal-vjaġġ tiegħu.

Fit-tielet u l-aħħar lok, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-benefiċċju tal-immunità fir-rigward tal-ivvjaġġar iggarantit lil kull Membru tal-Parlament Ewropew jimplika t-tneħħija ta' kull miżura ta' tqegħid taħt detenzjoni provviżorja li tkun ġiet imposta qabel il-proklamazzjoni tal-elezzjoni tiegħu, sabiex ikun jista' jmur u jieħu sehem fis-sessjoni kostituttiva tal-Parlament Ewropew. Għaldaqstant, jekk il-qorti nazzjonali kompetenti tqis neċessarju li żżomm tali miżura, hija jkollha titlob malajr kemm jista' jkun lill-Parlament Ewropew sabiex ineħħi din l-immunità, abbażi tat-tielet paragrafu tal-Artikolu 9 tal-Protokoll.

## 2. Inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej

Fis-sentenza ***Puppinck et vs Il-Kummissjoni*** (C-418/18 P, EU:C:2019:1113), tad-19 ta' Diċembru 2019, il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, *ċaħdet l-appell ippreżentat mill-organizzaturi tal-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej (IĊE) imsejħa "Wieħed Minna" mis-sentenza tal-Qorti Ġenerali [24] li permezz tagħha din tal-aħħar kienet ċaħdet ir-rikors tagħhom intiż għall-annullament tal-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-28 ta' Mejju 2014 dwar din l-IĊE [25]*.

Skont it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea [26] u r-Regolament Nru 211/2011 [27], mill-inqas miljun ċittadin tal-Unjoni li jkunu ġejjin minn minimu ta' kwart tal-Istati Membri jistgħu jieħdu l-inizjattiva li jistiednu lill-Kummissjoni, fil-kuntest tal-kompetenzi tagħha, tipproponi lil-leġiżlatur tal-Unjoni jadotta att legali għall-finijiet

24| Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-23 ta' April 2018, ***One of Us et vs Il-Kummissjoni*** (T-561/14, EU:T:2018:210).

25| Komunikazzjoni tal-Kummissjoni COM(2014) 355 final tat-28 ta' Mejju 2004 dwar l-Inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej "Wieħed Minna".

26| Artikolu 11(4) TUE

27| Regolament (UE) Nru 211/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini (ĠU 2011, L 65, p. 1, rettifika fil-ĠU 2012, L 94, p. 49).

tal-applikazzjoni tat-Trattati. Qabel ma jkunu jistgħu jibdew jiġbru n-numru meħtieġ ta' firem, l-organizzaturi tal-IĊE għandhom jirreġistrawha mal-Kummissjoni, li teżamina, b'mod partikolari, l-iskop u l-għanijiet tagħha.

Patrick Grégor Puppinck u sitt persuni oħra jifformaw il-kumitat taċ-ċittadini tal-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej imsejħa "Wieħed Minna", irreġistrata mal-Kummissjoni fl-2012 [28]. L-għan ta' din l-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej huwa li tipprojbixxi u li ttemm il-finanzjament, mill-Unjoni, ta' attivitajiet li jinvolvu l-qerda ta' embrijuni umani (b'mod partikolari fl-oqsma tar-riċerka, tal-għajnuna għall-iżvilupp u tas-saħħa pubblika), inkluż il-finanzjament dirett jew indirett tal-abort. Wara r-reġistrazzjoni tagħha, l-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej "Wieħed Minna" ġabret il-miljun firma meħtieġa, qabel ma ġiet ippreżentata uffiċjalment lill-Kummissjoni fil-bidu tal-2014. Fit-28 ta' Mejju 2014, il-Kummissjoni indikat f'komunikazzjoni li ma kellha l-intenzjoni tieħu ebda azzjoni bħala reazzjoni għal din l-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej.

L-organizzaturi tal-IĊE għalhekk talbu l-annullament, quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea, tal-komunikazzjoni tal-Kummissjoni, billi sostnew, b'mod partikolari, li din l-istituzzjoni hija obbligata tippreżenta proposta ta' att legali tal-Unjoni bħala tweġiba għal IĊE rreġistrata. Il-Qorti Ġenerali kkonfermat id-deċiżjoni tal-Kummissjoni.

Fl-appell, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat, l-ewwel nett, li, skont l-Artikolu 11(4) TUE, l-IĊE hija intiża li "titlob" lill-Kummissjoni tissottometti proposta xierqa għall-finijiet tal-applikazzjoni tat-Trattati, u ma hijiex intiża li tobbliga lil din l-istituzzjoni tieħu l-azzjoni jew l-azzjonijiet previsti mill-IĊE. Hija żiedet li minn diversi dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 211/2011 jirriżulta li, meta tirċievi IĊE, il-Kummissjoni għandha tippreżenta l-azzjoni li, jekk ikun il-każ, hija tkun biħsiebha tieħu kif ukoll ir-raġunijiet għalfejn biħsiebha tieħu jew ma tiħux azzjoni, punt dan li jikkonferma li l-preżentazzjoni mill-Kummissjoni ta' proposta ta' att tal-Unjoni bħala reazzjoni għal IĊE hija ta' natura fakultattiva.

It-tieni nett, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li s-setgħa ta' inizjattiva leġiżlattiva mogħtija lill-Kummissjoni mit-Trattati timplika li hija din l-istituzzjoni li għandha tiddeċiedi li tippreżenta, jew le, proposta ta' att leġiżlattiv, ħlief fil-każ fejn hija tkun obbligata tagħmel dan skont id-dritt tal-Unjoni. Din is-setgħa ta' inizjattiva leġiżlattiva tal-Kummissjoni hija waħda mill-espressjonijiet tal-prinċipju ta' ekwilibriju istituzzjonali, li jikkaratterizza l-istruttura istituzzjonali tal-Unjoni. Dan il-prinċipju jimplika li kull waħda mill-istituzzjonijiet għandha teżerċita l-kompetenzi tagħha filwaqt li tosserva dawk tal-oħrajn. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li, skont ir-Regolament Nru 211/2011, l-IĊE hija intiża li tagħti liċ-ċittadini tal-Unjoni dritt paragunabbli għal dak li għandhom, skont l-Artikoli 225 u 241 TFUE, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill li jitolbu lill-Kummissjoni tissottometti kull proposta xierqa għall-finijiet tal-implimentazzjoni tat-Trattati. Issa, peress li d-dritt hekk irrikonoxxut lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill ma jippreġudikax is-setgħa ta' inizjattiva leġiżlattiva tal-Kummissjoni, l-istess għandu japplika għal IĊE.

Il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat ukoll li l-fatt li l-Kummissjoni ma hijiex obbligata tieħu azzjoni b'reazzjoni għal IĊE ma jfissirx, kuntrarjament għal dak li kienu qed isostnu l-appellanti, li tali inizjattiva tkun imċaħħda minn effett utli. Fil-fatt, minn naħa, il-mekkaniżmu tal-IĊE jikkostitwixxi wieħed mill-istrumenti ta' demokrazija parteċipattiva li kkompletaw, meta ġie adottat it-Trattat ta' Lisbona, is-sistema ta' demokrazija rappreżentattiva li fuqha huwa bbażat il-funzjonament tal-Unjoni, u li għandhom l-għan li jiffavorixxu l-parteċipazzjoni taċ-ċittadini fil-proċess demokratiku u li jippromwovu d-djalogu bejn iċ-ċittadini u l-istituzzjonijiet tal-Unjoni. Min-naħa l-oħra, IĊE li tkun ġiet irreġistrata konformement mar-Regolament Nru 211/2011 u li tosserva l-proċeduri u l-kundizzjonijiet kollha previsti minn dan tal-aħħar, tagħti bidu għal sensiela ta' obbligi speċifiċi għall-Kummissjoni, elenkati fl-Artikoli 10 u 11 ta' dan ir-regolament. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, il-valur miżjud

**28|** COM(2014) 355 finali.

partikolari tal-mekkaniżmu tal-IĊE ma jinsabx għalhekk fiċ-ċertezza tal-eżitu tiegħu, iżda fil-possibbiltajiet u fl-opportunitajiet li l-IĊE toħloq għaċ-ċittadini tal-Unjoni li jingħata bidu għal dibattitu politiku fi ħdan l-istituzzjonijiet tagħha mingħajr ma jkollhom jistennew li tinbeda proċedura leġiżlattiva.

Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat l-approċċ tal-Qorti Ġenerali fis-sens li komunikazzjoni dwar IĊE, bħall-komunikazzjoni kontenzjuża, taqa' taħt l-eżerċizzju ta' setgħa diskrezzjonali wiesgħa tal-Kummissjoni u għandha, għaldaqstant, tkun is-suġġett ta' stħarriġ ġudizzjarju ristrett, intiż li tiġi vverifikata, b'mod partikolari, in-natura suffiċjenti tal-motivazzjoni tagħha u l-assenza ta' żbalji manifesti ta' evalwazzjoni.

F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja, b'mod partikolari, ikkonfermat ir-raġunament segwit mill-Qorti Ġenerali, fis-sens li l-Kummissjoni, filwaqt li bbażat ruħha fuq pubblikazzjoni tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa, ma kienet wettqet ebda żball manifest ta' evalwazzjoni meta qieset li l-finanzjament mill-Unjoni ta' għadd ta' servizzi tas-saħħa siguri u effikaċi, b'mod partikolari fil-qasam tal-abort, kien jikkontribwixxi għat-tnaqqis fin-numru ta' aborti mhux siguri u, għaldaqstant, għat-tnaqqis tar-riskju ta' mewt u ta' mard għall-ommijiet.

# IV. Dritt tal-Unjoni u dritt nazzjonali

Fis-sentenza ***Deutsche Umwelthilfe*** (C-752/18, EU:C:2019:1114), mogħtija fid-19 ta' Diċembru 2019, il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, tat deċiżjoni, għall-ewwel darba, dwar il-kwistjoni ta' jekk *il-qrati nazzjonali humiex awtorizzati, jew saħansitra obbligati, jimponu d-detenzjoni kontra l-persuni responsabbli għall-awtoritajiet nazzjonali li jirrifjutaw b'mod persistenti li jikkonformaw ruħhom ma' deċiżjoni ġudizzjarja li tordnalhom jeżegwixxu l-obbligi tagħhom taħt id-dritt tal-Unjoni*.

Il-Qorti tal-Ġustizzja ġiet adita fil-kuntest ta' tilwima bejn Deutsche Umwelthilfe, organizzazzjoni Ġermaniża għall-protezzjoni tal-ambjent, u l-Land ta' Bayern dwar ir-rifjut persistenti ta' dan tal-aħħar li jadotta, b'eżekuzzjoni tad-Direttiva 2008/50 dwar il-kwalità tal-arja fl-ambjent [29], il-miżuri neċessarji għall-osservanza tal-valur limitu stabbilit għad-diossidu tan-nitroġenu karbonju fil-belt ta' München. Wara li ġie kkundannat l-ewwel darba fl-2012 sabiex jemenda l-pjan ta' azzjoni tiegħu għall-kwalità tal-arja applikabbli f'din il-belt, u mbagħad għat-tieni darba fl-2016, taħt piena ta' pagamenti ta' penalità, sabiex jikkonforma ruħu mal-obbligi tiegħu, inkluż bl-impożizzjoni ta' projbizzjonijiet ta' ċirkolazzjoni għal ċerti vetturi b'magna diesel f'diversi żoni urbani, il-Land ta' Bayern madankollu rrifjuta li jeżegwixxi dawn l-ordnijiet u, għaldaqstant, ġie kkundannat għat-tielet darba fl-2017 għall-ħlas ta' penalità ta' EUR 4 000, li huwa ħallas. Peress li l-Land ta' Bayern baqa' jirrifjuta li jikkonforma ruħu ma' dawn l-ordnijiet u ddikjara pubblikament li ma kienx ser josserva l-obbligi tiegħu, Deutsche Umwelthilfe ppreżentat rikors ġdid intiż, minn naħa, għal-likwidazzjoni ta' pagamenti ta' penalità ġodda ta' EUR 4 000, li ntlaqa' b'digriet tat-28 ta' Jannar 2018, u, min-naħa l-oħra, għal deċiżjoni li tordna d-detenzjoni tal-persuni responsabbli għal-Land ta' Bayern (jiġifieri l-Ministru għall-Ambjent u għall-Protezzjoni tal-Konsumatur ta' dan il-Land jew, fin-nuqqas ta' dan, il-Ministru-President tiegħu), li ġie miċħud b'digriet tal-istess jum. Adita mil-Land ta' Bayern, il-qorti tar-rinviju, il-Qorti Amministrattiva Superjuri tal-Land ta' Bayern, minn naħa, ikkonfermat il-likwidazzjoni tal-pagamenti ta' penalità u, min-naħa l-oħra, iddeċidiet li tressaq talba għal deċiżjoni preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-eventwali ordni ta' detenzjoni. Fil-fatt, filwaqt li kkonstatat li l-kundanna għall-ħlas ta' penalità ma kinitx ta' natura li twassal għal bidla fl-aġir tal-Land ta' Bayern, sa fejn, peress li kien ikkontabbilizzat bħala dħul tal-Land, dan il-ħlas ma jwassal għal ebda telf patrimonjali, u li l-applikazzjoni ta' miżura ta' detenzjoni kienet eskluża minħabba raġunijiet kostituzzjonali interni, l-imsemmija qorti għamlet lill-Qorti tal-Ġustizzja domanda preliminari intiża

29| Direttiva 2008/50/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2008 dwar il-kwalità ta' l-arja fl-ambjent u arja iktar nadifa għall-Ewropa (ĠU 2008, L 152, p. 1).

li jiġi ddeterminat, essenzjalment, jekk id-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari d-dritt għal rimedju effettiv iggarantit mill-Artikolu 47 tal-Karta, għandux jiġi interpretat bħala li jawtorizza, jew saħansitra jobbliga, lill-qrati nazzjonali jadottaw tali miżura.

Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, f'ċirkustanzi kkaratterizzati minn rifjut persistenti min-naħa ta' awtorità nazzjonali li tikkonforma ruħha ma' deċiżjoni ġudizzjarja li tobbligaha teżegwixxi obbligu ċar, preċiż u inkundizzjonat li jirriżulta mid-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari mid-Direttiva 2008/50, il-qorti nazzjonali kompetenti għandha tordna detenzjoni kontra l-persuni responsabbli għal-Land sakemm jiġu ssodisfatti żewġ kundizzjonijiet. Minn naħa, għandha teżisti, fid-dritt intern, bażi legali għall-adozzjoni ta' tali miżura li tkun suffiċjentement aċċessibbli, preċiża u prevedibbli fl-applikazzjoni tagħha. Min-naħa l-oħra, għandu jiġi osservat il-prinċipju ta' proporzjonalità.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja l-ewwel nett fakkret li huma l-Istati Membri li għandhom jiżguraw, meta jimplimentaw id-dritt tal-Unjoni, ir-rispett tad-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva, iggarantit kemm mill-Artikolu 47 tal-Karta kif ukoll, fil-qasam tal-ambjent, mill-Artikolu 9(4) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus [30]. L-imsemmi dritt huwa iktar u iktar importanti meta n-nuqqas ta' adozzjoni tal-miżuri rikjesti mid-Direttiva 2008/50 jipperikola s-saħħa tal-persuni. Issa, leġiżlazzjoni nazzjonali li twassal għal sitwazzjoni fejn is-sentenza ta' qorti tibqa' ineffettiva tmur kontra l-kontenut essenzjali ta' dan id-dritt u ċċaħħdu minn kull effett utli. F'sitwazzjoni bħal din, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li l-qorti nazzjonali għandha tagħti interpretazzjoni tad-dritt nazzjonali tagħha li, sa fejn ikun possibbli, tkun konformi mal-għanijiet imfittxija minn dawn id-dispożizzjonijiet jew, fin-nuqqas ta' dan, għandha tħalli mhux applikata kull dispożizzjoni nazzjonali li tmur kontra d-dritt tal-Unjoni li għandu effett dirett.

Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat ukoll li l-osservanza ta' dan l-aħħar obbligu ma tistax twassal għal ksur tad-dritt fundamentali l-ieħor li huwa d-dritt għal-libertà, iggarantit mill-Artikolu 6 tal-Karta u li tiegħu d-detenzjoni tikkostitwixxi limitazzjoni. Peress li d-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva ma huwiex assolut u jista' jinkludi restrizzjonijiet, konformement mal-Artikolu 52(1) tal-Karta, huwa meħtieġ li jiġu bbilanċjati d-drittijiet fundamentali inkwistjoni. Issa, sabiex tissodisfa r-rekwiżiti ta' din id-dispożizzjoni, liġi li tawtorizza lil qorti ċċaħħad lil persuna mil-libertà tagħha għandha qabel kollox tkun suffiċjentement aċċessibbli, preċiża u prevedibbli fl-applikazzjoni tagħha sabiex jiġi evitat kull perikolu ta' arbitrarjetà, punt dan li għandu jiġi ddeterminat mill-qorti tar-rinviju. Barra minn hekk, peress li l-ordni ta' detenzjoni twassal għal ċaħda tal-libertà, hija tista' tintuża biss, b'osservanza tar-rekwiżiti li jirriżultaw mill-prinċipju ta' proporzjonalità, meta ma tkun teżisti ebda miżura oħra inqas restrittiva (bħal, b'mod partikolari, pagamenti ta' penalità f'ammont għoli, repetuti bi skadenza qasira, u li l-ħlas tagħhom ma jkunx, fl-aħħar mill-aħħar, għall-benefiċċju tal-baġit minn fejn joriġinaw), punt dan li kellu jiġi eżaminat ukoll mill-qorti tar-rinviju. Huwa biss fil-każ li jiġi konkluż li l-limitazzjoni li tirriżulta għad-dritt għal-libertà minħabba l-ordni ta' detenzjoni tosserva dawn il-kundizzjonijiet li d-dritt tal-Unjoni mhux biss jawtorizza iżda jirrikjedi l-użu ta' tali miżura, filwaqt li madankollu ġie ppreċiżat li ksur tad-Direttiva 2008/50 jista', barra minn hekk, jiġi kkonstatat mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-kuntest ta' rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu jew jagħti lok għall-istabbiliment tar-responsabbiltà tal-Istat għad-danni li jirriżultaw minnu.

F'din it-taqsima għandha tissemma wkoll is-sentenza tat-3 ta' Ottubru 2019, ***Wasserleitungsverband Nördliches Burgenland et*** (C-197/18, EU:C:2019:824), dwar l-invokabbiltà, quddiem il-qrati nazzjonali, mill-persuni fiżiċi

30| Konvenzjoni dwar l-Aċċess għall-Informazzjoni, il-Parteċipazzjoni Pubblika fit-Teħid ta' Deċiżjonijiet u l-Aċċess għall-Ġustizzja fi Kwistjonijiet Ambjentali, iffirmata f'Aarhus fil-25 ta' Ġunju 1998 u approvata f'isem il-Komunità Ewropea permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/370/KE tas-17 ta' Frar 2005 (ĠU L 164M, 16.6.2006, p. 17).

u ġuridiċi direttament ikkonċernati mit-tniġġis tal-ilma ta' taħt l-art, ta' ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva 91/676 dwar il-protezzjoni tal-ilma kontra t-tniġġis ikkawżat min-nitrati minn sorsi agrikoli [31].

Fil-qasam tal-kompetizzjoni, fis-sentenza ***Cogeco Communications*** (C-637/17, EU:C:2019:263), dwar il-konformità mal-Artikolu 102 TFUE tar-regoli ta' preskrizzjoni fid-dritt Portugiż dwar ir-responsabbiltà mhux kuntrattwali fil-kuntest ta' azzjonijiet għad-danni għal ksur tad-dritt tal-kompetizzjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-imsemmi artikolu u l-prinċipju ta' effettività jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali f'sitwazzjoni fejn it-terminu ta' preskrizzjoni previst minnha seta' jirrendi prattikament impossibbli jew eċċessivament diffiċli l-eżerċizzju tad-dritt li jitressqu kawżi għad-danni bbażati fuq deċiżjoni definittiva li tikkonstata ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni tal-Unjoni [32]. Barra minn hekk, fis-sentenza ***Otis Gesellschaft et*** (C-435/18, EU:C:2019:1069), il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikolu 101(1) TFUE jipproduċi effetti diretti fir-relazzjonijiet bejn l-individwi u b'mod partikolari jagħti lil kull persuna li tkun ġarrbet dannu kkawżat minn kuntratt jew aġir li jista' joħloq restrizzjoni jew distorsjoni tal-kompetizzjoni d-dritt li titlob kumpens f'sitwazzjoni fejn tkun teżisti rabta kawżali bejn id-dannu u l-ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni [33].

# V. Kawżi tal-Unjoni

Żewġ sentenzi li jikkonstataw nuqqas ta' twettiq ta' obbligu fil-qasam tat-traspożizzjoni ta' direttiva għandhom jiġu indikati l-ewwel taħt din it-taqsima, kif ukoll sentenza mogħtija fuq appell fil-kuntest ta' rikors għal responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Unjoni. Ma' dawn għandhom jissemmew ukoll tliet sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja f'kawżi fil-qasam ekonomiku, monetarju u bankarju [34].

## 1. Kawżi ġenerali

### 1.1. Rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu

Fis-sentenza ***Il-Kummissjoni vs Il-Belġju (Artikolu 260(3) TFUE – Netwerks b'veloċità għolja)*** (C-543/17, EU:C:2019:573), mogħtija fit-8 ta' Lulju 2019, il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, interpretat u applikat, għall-ewwel darba, l-Artikolu 260(3) TFUE [35]. Fil-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja laqgħet ir-rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu ppreżentat mill-Kummissjoni kontra l-Belġju u kkundannat lil dan l-Istat Membru għall-ħlas ta' pagamenti ta' penalità ta' kuljum ta' EUR 5 000, pagabbli mill-għoti tas-sentenza,

31| Din is-sentena hija ppreżentata fit-Taqsima XVIII.2, "Protezzjoni tal-ilma kontra t-tniġġis ikkawżat min-nitrati".

32| Din is-sentenza hija ppreżentata fit-Taqsima XI.2, "Artikolu 102 TFUE".

33| Din is-sentenza hija ppreżentata fit-Taqsima XI.1, "Artikolu 101 TFUE".

34| Is-sentenza tad-29 ta' Lulju 2019, Bayerische ***Motoren Werke u Freistaat Sachsen vs Il-Kummissjoni*** (C-654/17 P, EU:C:2019:634), mogħtija fil-qasam tal-għajnuna mill-Istat, li fiha l-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat li digriet li permezz tiegħu l-Qorti Ġenerali tilqa' talba għal intervent la jista' jkun is-suġġett ta' appell prinċipali u lanqas ta' appell inċidentali, tista' tissemma wkoll f'din it-taqsima. Din is-sentenza hija ppreżentata fit-Taqsima XI.3, "Għajnuna mill-Istat".

35| L-Artikolu 260(3) TFUE jippermetti lill-Qorti tal-Ġustizzja timponi fuq l-Istat Membru kkonċernat sanzjoni finanzjarja (somma f'daqqa jew pagamenti ta' penalità ta' kuljum) fil-każ ta' nuqqas ta' osservanza tal-"obbligi tiegħu li jinnotifika miżuri li jittrasponu direttiva" tal-Unjoni lill-Kummissjoni.

*għan-nuqqas ta' traspożizzjoni parzjali tad-Direttiva 2014/61* [36] *dwar in-netwerks tal-komunikazzjoni elettroniċi b'veloċità għolja u, a fortiori, għan-nuqqas ta' komunikazzjoni lill-Kummissjoni tal-miżuri nazzjonali ta' traspożizzjoni korrispondenti*.

L-Istati Membri kellhom jittrasponu d-Direttiva 2014/61 fid-dritt nazzjonali tagħhom sa mhux iktar tard mill-1 ta' Jannar 2016 u kellhom jinformaw lill-Kummissjoni bil-miżuri adottati f'dan ir-rigward.

Fil-15 ta' Settembru 2017, il-Kummissjoni ppreżentat, quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu li fih sostniet li l-Belġju ma kienx ittraspona b'mod sħiħ id-direttiva u lanqas ma kien ikkomunika l-miżuri nazzjonali ta' traspożizzjoni korrispondenti fit-terminu li kien stabbilit għalih. Barra minn hekk, hija talbet il-kundanna tal-Belġju għall-ħlas ta' pagamenti ta' penalità ta' kuljum sa mill-għoti tas-sentenza għan-nuqqas ta' twettiq tal-obbligu ta' komunikazzjoni tal-miżuri ta' traspożizzjoni ta' din l-istess direttiva. L-ammont tal-pagamenti ta' penalità, inizjalment iffissat bħala EUR 54 639, tnaqqas għal EUR 6 071, fid-dawl tal-progress imwettaq mill-Belġju sa mill-preżentata tar-rikors fit-traspożizzjoni tad-Direttiva. Fil-fatt, il-Kummissjoni speċifikat li kien għad hemm lakuni biss fil-livell tar-reġjun ta' Bruxelles-Capitale.

Fl-ewwel lok, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li, fl-iskadenza tat-terminu li kien impost fuqu fl-opinjoni motivata, kif estiż mill-Kummissjoni fuq talba tal-Belġju, dan tal-aħħar la kien adotta l-miżuri nazzjonali ta' traspożizzjoni tad-Direttiva 2014/61 u lanqas ma kien ikkomunika tali miżuri lil din l-istituzzjoni u li, għaldaqstant, il-Belġju naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt din id-direttiva.

Meta eżaminat, fit-tieni lok, il-portata tal-Artikolu 260(3) TFUE, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret il-kliem u l-finalità ta' din id-dispożizzjoni, introdotta mit-Trattat ta' Lisbona mhux biss sabiex tħajjar b'mod iktar qawwi lill-Istati Membri jittrasponu d-direttivi fit-termini stabbiliti, iżda wkoll sabiex tiġi ffaċilitata u mħaffa l-proċedura għall-impożizzjoni ta' sanzjonijiet pekunjarji fuq l-Istati Membri li ma jwettqux l-obbligu tagħhom ta' komunikazzjoni tal-miżuri nazzjonali ta' traspożizzjoni ta' direttiva.

B'hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja adottat interpretazzjoni ta' din id-dispożizzjoni li għandha għan doppju. L-imsemmija dispożizzjoni hija intiża, minn naħa, li tiggarantixxi l-prerogattivi miżmuma mill-Kummissjoni bil-ħsieb li tiġi żgurata l-applikazzjoni effettiva tad-dritt tal-Unjoni u li tipproteġi d-drittijiet tad-difiża kif ukoll il-pożizzjoni proċedurali li jibbenefikaw minnha l-Istati Membri abbażi tal-applikazzjoni tal-Artikolu 258 TFUE [37] flimkien mal-Artikolu 260(2) TFUE [38]. Min-naħa l-oħra, l-Artikolu 260(3) TFUE huwa intiż li jqiegħed lill-Qorti tal-Ġustizzja f'pożizzjoni li tkun tista' teżerċita l-funzjoni ġudizzjarja tagħha li tikkonsisti fl-evalwazzjoni, fil-kuntest ta' proċedura waħda, ta' jekk l-Istat Membru kkonċernat ikunx issodisfa l-obbligi tiegħu fil-qasam tal-komunikazzjoni u, jekk ikun il-każ, fl-evalwazzjoni tal-gravità tan-nuqqas hekk ikkonstatat u fl-impożizzjoni tas-sanzjoni pekunjarja li jidhrilha li tkun l-iktar xierqa għaċ-ċirkustanzi tal-każ.

Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li l-espressjoni "obbligi tiegħu li jinnotifika miżuri li jittrasponu", li tinsab fl-Artikolu 260(3) TFUE, tirreferi għall-obbligu tal-Istati Membri li jittrażmettu informazzjoni suffiċjentement ċara u preċiża dwar il-miżuri ta' traspożizzjoni ta' direttiva. Sabiex jissodisfaw l-obbligu ta' ċertezza legali u sabiex jiżguraw it-traspożizzjoni tad-dispożizzjonijiet kollha ta' din id-direttiva fit-territorju kollu kkonċernat, l-Istati Membri huma obbligati jindikaw, għal kull dispożizzjoni tal-imsemmija direttiva, id-dispożizzjoni jew id-dispożizzjonijiet nazzjonali li jiżguraw it-traspożizzjoni tagħha. Ladarba ssir din

36| Direttiva 2014/61/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar miżuri biex tonqos l-ispiża għall-installazzjoni ta' netwerks tal-komunikazzjoni elettronika b'veloċità għolja (ĠU 2014, L 155, p. 1).

37| L-Artikolu 258 TFUE jipprevedi l-proċedura ta' rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu ppreżentat mill-Kummissjoni.

38| L-Artikolu 260(2) TFUE jipprevedi l-proċedura fil-każ ta' nuqqas ta' eżekuzzjoni, minn Stat Membru, ta' sentenza li tikkonstata nuqqas ta' twettiq ta' obbligu. Il-Qorti tal-Ġustizzja tista' timponi sanzjoni pekunjarja (somma f'daqqa jew pagamenti ta' penalità).

il-komunikazzjoni, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi, bil-għan li titlob l-impożizzjoni fuq l-Istat Membru kkonċernat ta' sanzjoni pekunjarja prevista f'din id-dispożizzjoni, li ċerti miżuri ta' traspożizzjoni jkunu manifestament assenti jew ma jkoprux it-territorju sħiħ tal-Istat Membru kkonċernat. Għall-kuntrarju, ma huwiex il-kompitu tal-Qorti tal-Ġustizzja, fil-kuntest tal-proċedura ġudizzjarja mibdija b'applikazzjoni tal-Artikolu 260(3) TFUE, li teżamina jekk il-miżuri nazzjonali kkomunikati lill-Kummissjoni jittrasponux b'mod korrett id-direttiva kkonċernata.

Il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li din id-dispożizzjoni kienet applikabbli għall-każ ineżami, peress li l-Belġju kien naqas parzjalment mill-obbligu tiegħu ta' komunikazzjoni. Fil-fatt, billi ma kienx għadu adotta, fil-mument tal-eżami tal-fatti mill-Qorti tal-Ġustizzja, il-miżuri neċessarji sabiex jittrasponi fid-dritt intern tiegħu, fir-rigward tar-reġjun ta' Bruxelles-Capitale, diversi dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2014/61 [39], u lanqas, *a fortiori*, ma kien ikkomunika lill-Kummissjoni tali miżuri ta' traspożizzjoni, il-Belġju ppersista parzjalment fin-nuqqas tiegħu.

Għaldaqstant, wara li kkonstatat li l-kundanna tal-Belġju għall-ħlas ta' pagamenti ta' penalità tikkostitwixxi mezz finanzjarju adegwat sabiex tiġi żgurata l-osservanza minn dan l-Istat Membru tal-obbligi tiegħu taħt id-Direttiva 2014/61 u t-Trattati, il-Qorti tal-Ġustizzja, fil-kuntest tas-setgħa diskrezzjonali tagħha, evalwat il-gravità u t-tul tal-ksur inkwistjoni, sabiex tiddetermina l-ammont tal-pagamenti ta' penalità. Fi tmiem din l-analiżi, il-Qorti tal-Ġustizzja kkundannat lill-Belġju jħallas lill-Kummissjoni, mid-data tal-għoti tas-sentenza sa meta dan l-Istat Membru jkun temm in-nuqqas ikkonstatat, pagamenti ta' penalità ta' kuljum ta' EUR 5 000.

Fis-sentenza ***Il-Kummissjoni Ewropea vs L-Irlanda (Impjant ta' mtieħen tar-riħ f'Derrybrien)*** (C-261/18, EU:C:2019:955), mogħtija fit-12 ta' Novembru 2019, il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, *ikkundannat lill-Irlanda għal sanzjonijiet pekunjarji, din id-darba taħt l-Artikolu 260(2) TFUE, minħabba li ma kinitx ħadet passi konkreti b'reazzjoni għas-sentenza tat-3 ta' Lulju 2008, Il-Kummissjoni vs L-Irlanda* [40]*, sa fejn f'din is-sentenza tal-aħħar il-Qorti tal-Ġustizzja kienet ikkonstatat ksur tad-Direttiva 85/337* [41] *mill-Irlanda li rriżulta mill-kostruzzjoni ta' impjant ta' mtieħen tar-riħ f'Derrybrien (l-Irlanda) mingħajr evalwazzjoni minn qabel tal-effetti tiegħu fuq l-ambjent*.

Wara l-għoti tas-sentenza tal-2008, l-Irlanda kienet stabbilixxiet proċedura ta' regolarizzazzjoni li permezz tagħha hija ppruvat tippermetti lill-operatur tal-impjant ta' mtieħen tar-riħ f'Derrybrien jikkonforma ruħu mar-rekwiżiti tad-Direttiva 85/337. Madankollu, peress li l-operatur tal-impjant ta' mtieħen tar-riħ ma kienx issottometta ruħu għal din il-proċedura u peress li din tal-aħħar lanqas ma kienet inbdiet mill-awtoritajiet Irlandiżi *ex officio*, il-Kummissjoni ppreżentat it-tieni rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

Il-Qorti tal-Ġustizzja, l-ewwel nett, eżaminat l-obbligi tal-Istati Membri meta proġett ikun ġie awtorizzat bi ksur tal-obbligu li titwettaq evalwazzjoni minn qabel tal-effetti tiegħu fuq l-ambjent, kif tipprevedi d-Direttiva 85/337. Il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li l-Istati Membri, skont il-prinċipju ta' kooperazzjoni leali, huma meħtieġa jieħdu l-miżuri kollha neċessarji sabiex jirrimedjaw l-ommissjoni ta' evalwazzjoni tal-effetti fuq l-ambjent. L-Istati Membri huma, b'mod partikolari, obbligati jwettqu evalwazzjoni bħala regolarizzazzjoni u dan anki wara d-dħul fis-servizz ta' installazzjoni. Tali evalwazzjoni għandha tieħu inkunsiderazzjoni mhux

39| Jiġifieri l-Artikolu 2(7) sa (9) u (11), l-Artikolu 4(5) kif ukoll l-Artikolu 8 tagħha.

40| Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-3 ta' Lulju 2008, ***Il-Kummissjoni vs L-Irlanda*** (C-215/06, EU:C:2008:830).

41| Direttiva tal-Kunsill 85/337/KEE tas-27 ta' Ġunju 1985 dwar l-istima ta' l-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 1, p. 248).

biss l-effetti futuri tal-installazzjoni inkwistjoni, iżda wkoll l-effetti ambjentali li seħħew sa mill-istabbiliment tagħha. Din l-evalwazzjoni tista' twassal għall-emenda jew għall-irtirar tal-awtorizzazzjonijiet mogħtija bi ksur tal-obbligu ta' evalwazzjoni minn qabel.

Issa, minkejja r-riforma leġiżlattiva li introduċiet proċedura ta' regolarizzazzjoni, l-Irlanda naqset milli twettaq evalwazzjoni ġdida tal-effetti tal-impjant ta' mtieħen tar-riħ fuq l-ambjent, u dan imur kontra l-awtorità marbuta mas-sentenza tal-2008.

It-tieni nett, il-Qorti tal-Ġustizzja ċaħdet id-diversi argumenti mressqa mill-Irlanda sabiex tiġġustifika ruħha. Minn naħa, l-Irlanda ma setgħetx tinvoka dispożizzjonijiet nazzjonali li kienu jillimitaw il-possibbiltajiet li tinfetaħ il-proċedura ta' regolarizzazzjoni introdotta bil-għan li tiġi żgurata l-eżekuzzjoni tas-sentenza tal-2008. F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li l-awtoritajiet nazzjonali kienu meħtieġa jirrimedjaw l-ommissjoni tal-evalwazzjoni tal-effetti u li l-obbligi li jirriżultaw mid-Direttiva 85/337 kienu imposti wkoll fuq l-operatur tal-impjant ta' mtieħen tar-riħ, sa fejn dan kien ikkontrollat mill-Irlanda. Min-naħa l-oħra, għalkemm l-awtorizzazzjonijiet għall-kostruzzjoni tal-impjant ta' mtieħen tar-riħ f'Derrybrien saru definittivi, iċ-ċertezza legali u l-aspettattivi leġittimi tal-operatur tal-impjant ta' mtieħen tar-riħ fi drittijiet kweżiti ma setgħux jiġu invokati mill-Irlanda sabiex tiġi eżentata mill-konsegwenzi li jirriżultaw mill-konstatazzjoni oġġettiva tan-nuqqas ta' osservanza tad-Direttiva 85/337. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li l-proġetti li l-awtorizzazzjoni tagħhom ma tkunx għadha esposta għal rikors kontenzjuż dirett ma jistgħux ikunu purament u sempliċement meqjusa li jkunu legalment awtorizzati fir-rigward tal-obbligu ta' evalwazzjoni tal-effetti fuq l-ambjent.

Fid-dawl tal-gravità u tat-tul tan-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu, fejn għaddew iktar minn ħdax-il sena mis-sentenza tal-2008 mingħajr ma ġew adottati l-miżuri neċessarji sabiex tikkonforma ruħha magħha, u fid-dawl tal-kapaċità ta' ħlas tal-Irlanda, il-Qorti tal-Ġustizzja kkundannat lil dan l-Istat Membru jħallas lill-Kummissjoni Ewropea somma f'daqqa ta' ammont ta' EUR 5 000 000 kif ukoll pagamenti ta' penalità ta' EUR 15 000 għal kull jum mill-għoti tas-sentenza sad-data tal-eżekuzzjoni tas-sentenza tal-2008.

### 1.2. Rikors għad-danni mhux kuntrattwali tal-Unjoni

Permezz tas-sentenza tagħha tal-10 ta' Settembru 2019, ***HTTS vs Il-Kunsill*** (C-123/18 P, EU:C:2019:694), il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, *laqgħet l-appell ippreżentat mill-kumpannija HTTS Hanseatic Trade Trust & Shipping GmbH (iktar 'il quddiem l-"appellanti") mis-sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-13 ta' Diċembru 2017,* ***HTTS vs Il-Kunsill*** *(T-692/15, EU:T:2017:890, iktar 'il quddiem is-"sentenza appellata"). Permezz tas-sentenza appellata, il-Qorti Ġenerali kienet ċaħdet it-talba għall-kumpens tad-dannu li l-appellanti qieset li ġarrbet minħabba l-inklużjoni tagħha, permezz ta' żewġ regolamenti tal-Kunsill* [42]*, fil-listi tal-persuni u tal-entitajiet affettwati mill-miżuri ta' ffriżar ta' fondi u ta' riżorsi ekonomiċi li jikkonċernaw l-Iran (iktar 'il quddiem il-"listi kontenjzużi").* B'differenza mill-Qorti Ġenerali, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Kunsill ma setax, sabiex juri li ma kienx wettaq ksur tad-dritt tal-Unjoni ta' natura li jistabbilixxi r-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Unjoni, jinvoka elementi li ma kinux ittieħdu inkunsiderazzjoni meta l-appellanti ġiet inkluża f'dawn il-listi.

L-appellanti hija kumpannija rregolata mid-dritt Ġermaniż li teżerċita attivitajiet ta' aġent marittimu u ta' amministratur tekniku ta' bastimenti. It-tilwima bejnha u l-Kunsill tagħmel parti minn sensiela ta' kawżi dwar miżuri restrittivi, adottati fil-kuntest tal-ġlieda kontra l-proliferazzjoni nukleari fl-Iran, meħuda kontra

42| Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 668/2010 tas-26 ta' Lulju 2010 li jimplimenta l-Artikolu 7(2) tar-Regolament (KE) Nru 423/2007 dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran (ĠU 2010, L 195, p. 25) u Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 961/2010 tal-25 ta' Ottubru 2010 dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 423/2007 (ĠU 2010, L 281, p. 1).

kumpannija marittima u ċerti persuni fiżiċi u ġuridiċi marbuta magħha, li jinkludu l-appellanti. L-inklużjoni inizjali ta' isem l-appellanti fil-listi kontenzjużi, li saret f'Lulju 2010, ma kinitx ġiet ikkontestata. Għall-kuntrarju, it-tieni inklużjoni tagħha, li saret f'Ottubru 2010, kienet ġiet annullata mill-Qorti Ġenerali (sentenza tas-7 ta' Diċembru 2011, ***HTTS vs Il-Kunsill***, T-562/10, EU:T:2011:716). Permezz tas-sentenza appellata, din tal-aħħar kienet madankollu ċaħdet it-talba tal-appellanti għall-kumpens tad-dannu kkawżat minn dawn l-inklużjonijiet.

F'dan il-każ, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li s-sentenza appellata hija vvizzjata b'diversi żbalji ta' liġi. Hija enfasizzat, b'mod partikolari, li l-kundizzjoni għall-istabbiliment tar-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Unjoni marbuta mal-eżistenza ta' ksur suffiċjentement serju ta' dispożizzjoni legali tal-Unjoni teħtieġ neċessarjament li jiġu bbilanċjati – punt dan li għandu importanza partikolari fil-qasam tal-miżuri restrittivi – il-protezzjoni tal-individwi kontra l-aġir illegali tal-istituzzjonijiet u l-marġni ta' manuvra li għandu jiġi rrikonoxxut lil dawn l-istituzzjonijiet sabiex ma tiġix ipparalizzata l-azzjoni tagħhom. Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li, fil-kuntest ta' azzjoni għad-danni, bħal fil-kuntest ta' rikorsi oħra, l-illegalità ta' att jew ta' aġir ta' natura li tistabbilixxi r-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Unjoni għandha tiġi evalwata fid-dawl tal-punti ta' liġi u ta' fatt eżistenti fil-mument tal-adozzjoni tal-imsemmi att jew aġir. Bl-istess mod, hija qieset li l-eżistenza ta' ksur suffiċjentement serju ta' dispożizzjoni legali tal-Unjoni għandha neċessarjament tiġi evalwata fid-dawl taċ-ċirkustanzi li fihom tkun aġixxiet l-istituzzjoni f'dik id-data preċiża. Minn dan il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li, sabiex tikkontesta l-eżistenza ta' tali ksur, l-istituzzjoni kkonċernata tista' tinvoka biss l-elementi li tkun ħadet inkunsiderazzjoni sabiex tadotta l-att ikkonċernat.

Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja annullat is-sentenza tal-Qorti Ġenerali u għaddiet lil din tal-aħħar ir-responsabbiltà li teżamina l-eventwali eżistenza ta' ksur suffiċjentement serju ta' dispożizzjoni legali tal-Unjoni, mingħajr ma tieħu inkunsiderazzjoni l-elementi li ma kinux ittieħdu inkunsiderazzjoni mill-Kunsill meta inkluda lill-appellanti fl-imsemmija listi iżda li huwa kien invoka fil-kuntest tar-rikors għad-danni.

## 2. Kawżi fil-qasam ekonomiku, monetarju u bankarju

Fis-sentenza ***Rimšēvičs u BĊE vs Il-Latvja*** (C-202/18 u C-238/18, EU:C:2019:139), mogħtija fis-26 ta' Frar 2019, l-Awla Manja tal-Qorti tal-Ġustizzja *laqgħet żewġ rikorsi taħt it-tieni paragrafu tal-Artikolu 14.2 tal-Protokoll dwar l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew* (iktar 'il quddiem l-"Istatut tas-SEBĊ u tal-BĊE"). Dawn ir-rikorsi, li kienu l-ewwel rikorsi li tressqu fuq din il-bażi, ġew ippreżentati mill-BĊE u minn I. Rimšēvičs kontra d-deċiżjoni li permezz tagħha dan tal-aħħar, issuspettat li talab u aċċetta tixħim fil-kwalità tiegħu ta' Gvernatur tal-Bank Ċentrali tal-Latvja, ġie sospiż mill-funzjonijiet tiegħu ta' Gvernatur tal-imsemmi bank mill-Korupcijas novēršanas un apkarošanas birojs (l-Uffiċċju għall-Prevenzjoni u għall-Ġlieda Kontra l-Korruzzjoni, il-Latvja).

L-ewwel nett, ir-Repubblika tal-Latvja qajmet eċċezzjoni dwar in-nuqqas ta' ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tieħu konjizzjoni tar-rikorsi billi sostniet li l-uniċi deċiżjonijiet li jistgħu jkunu s-suġġett ta' tali rikors kienu dawk li jtemmu b'mod definittiv ir-rabta ġuridika u istituzzjonali bejn il-gvernatur ta' bank ċentrali nazzjonali u l-imsemmi bank. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat l-għan ta' indipendenza tal-gvernaturi tal-banek ċentrali nazzjonali mfittex permezz tal-Artikolu 14.2 tal-Istatut tas-SEBĊ u tal-BĊE. Li kieku seta' jiġi deċiż, mingħajr ġustifikazzjoni, li l-gvernaturi tal-banek ċentrali nazzjonali jitneħħew mill-funzjonijiet tagħhom, l-indipendenza tagħhom tiġi serjament kompromessa u, bħala konsegwenza, dik tal-BĊE stess. Issa, il-projbizzjoni temporanja, imposta fuq gvernatur ta' bank ċentrali nazzjonali, milli jeżerċita l-funzjonijiet tiegħu tista' tikkostitwixxi mezz ta' pressjoni fuq dan tal-aħħar. Minn naħa, tali projbizzjoni tista' tkun partikolarment serja għall-gvernatur li hija tirreferi għalih meta ma tkunx akkumpanjata b'data ta' tmiem preċiża. Min-naħa l-oħra, hija tista', minħabba n-natura temporanja tagħha, toffri mezz ta' pressjoni ferm iktar effettiv meta tkun tista' tiġi rtirata fi kwalunkwe mument mhux biss skont l-iżvilupp tal-investigazzjoni,

iżda wkoll skont l-aġir tal-gvernatur ikkonċernat. Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat li hija għandha ġurisdizzjoni sabiex tieħu konjizzjoni ta' rikors ippreżentat kontra miżura bħalma hija l-projbizzjoni provviżorja mill-eżerċizzju tal-funzjonijiet ta' gvernatur ta' bank ċentrali nazzjonali.

It-tieni nett, fir-rigward tan-natura tar-rikors previst fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 14.2 tal-Istatut tas-SEBĊ u tal-BĊE, il-Qorti tal-Ġustizzja kklassifikatu bħala rikors għall-annullament tad-deċiżjoni tat-tneħħija ta' gvernatur ta' bank ċentrali nazzjonali mill-funzjonijiet tiegħu. Hija osservat, fost l-oħrajn, f'dan ir-rigward, li, bħar-rikors previst fl-Artikolu 263 TFUE, dak previst fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 14.2 tal-Istatut tas-SEBĊ u tal-BĊE jista' jiġi eżerċitat minn individwu, f'dan il-każ mill-gvernatur imneħħi mill-funzjonijiet tiegħu, kontra deċiżjoni li huwa d-destinatarju tagħha, u li kull wieħed minn dawn iż-żewġ rikorsi għandu jiġi ppreżentat fl-istess terminu ta' xahrejn.

Huwa minnu li t-tieni paragrafu tal-Artikolu 14.2 ta' dan l-istatut jidderoga mit-tqassim ġenerali tal-kompetenzi bejn il-qorti nazzjonali u l-qorti tal-Unjoni kif previst mit-Trattati u b'mod partikolari mill-Artikolu 263 TFUE, peress li rikors taħt dan l-artikolu jista' jirrigwarda biss atti tad-dritt tal-Unjoni. Madankollu, din id-deroga hija dovuta għall-kuntest istituzzjonali partikolari tas-SEBĊ li hija tagħmel parti minnu. Fil-fatt, is-SEBĊ tirrappreżenta, fid-dritt tal-Unjoni, kostruzzjoni ġuridika oriġinali li tassoċja u toħloq kooperazzjoni mill-qrib bejn l-istituzzjonijiet nazzjonali, jiġifieri l-banek ċentrali nazzjonali, u istituzzjoni tal-Unjoni, jiġifieri l-BĊE, u li fi ħdanha tipprevali relazzjoni differenti u distinzjoni inqas ċara bejn l-ordinament ġuridiku tal-Unjoni u l-ordinamenti ġuridiċi interni. Issa, l-Artikolu 14.2 tal-Istatut tas-SEBĊ u tal-BĊE jislet il-konsegwenzi ta' din is-sistema integrata ħafna mixtieqa mill-awturi tat-Trattati għas-SEBĊ u, b'mod partikolari, tar-rwol funzjonali doppju tal-gvernatur ta' bank ċentrali nazzjonali, li ċertament huwa awtorità nazzjonali iżda li jaġixxi fil-kuntest tas-SEBĊ u li jpoġġi, meta jkun gvernatur ta' bank ċentrali ta' Stat Membru li l-munita tiegħu tkun l-euro, fil-korp eżekuttiv prinċipali tal-BĊE. Huwa minħabba dan l-istatus ibridu u sabiex tiġi ggarantita l-indipendenza funzjonali tal-gvernaturi tal-banek ċentrali nazzjonali fi ħdan is-SEBĊ li, b'mod eċċezzjonali, deċiżjoni meħuda minn awtorità nazzjonali li tneħħi lil wieħed minnhom mill-funzjonijiet tiegħu tista' titressaq quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

Fir-rigward, fl-aħħar nett, tal-mertu tal-kawża, il-Qorti tal-Ġustizzja qabel kollox ippreċiżat li hija ma tistax tissostitwixxi l-qrati nazzjonali li għandhom ġurisdizzjoni sabiex jiddeċiedu fuq ir-responsabbiltà kriminali tal-gvernatur involut u lanqas ma tista' tindaħal fl-investigazzjoni kriminali preliminari mmexxija kontra dan tal-aħħar. Għall-kuntrarju, il-Qorti tal-Ġustizzja, fil-kuntest tal-kompetenzi li hija għandha taħt it-tieni paragrafu tal-Artikolu 14.2 tal-Istatut tas-SEBĊ u tal-BĊE, kellha tivverifika li projbizzjoni provviżorja, imposta fuq il-gvernatur ikkonċernat, milli jeżerċita l-funzjonijiet tiegħu tittieħed biss jekk ikunu jeżistu indizji suffiċjenti li huwa jkun wettaq nuqqas serju ta' natura li tiġġustifika tali miżura. F'dan il-każ, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li, fid-dawl tal-provi prodotti mir-Repubblika tal-Latvja, din tal-aħħar ma stabbilixxietx li t-tneħħija ta' I. Rimšēvičs mill-funzjonijiet tiegħu kienet ibbażata fuq tali indizji u, għaldaqstant, annullat id-deċiżjoni kontenzjuża.

Fis-sentenza ***BĊE et vs Trasta Komercbanka et*** (Kawżi magħquda C-663/17 P, C-665/17 P u C-669/17 P, EU:C:2019:923), tal-5 ta' Novembru 2019, il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, *annullat digriet tal-Qorti Ġenerali* [43] *li permezz tiegħu din tal-aħħar, minn naħa, iddeċidiet li, peress li l-kumpannija rikorrenti ma kinitx għadha rrappreżentata minn avukat li kellu mandat stabbilit b'mod regolari, fis-sens tar-Regoli tal-Proċedura* [44], *ma kienx hemm lok li tagħti deċiżjoni dwar ir-rikors tagħha intiż għall-annullament tad-deċiżjoni*

**43|** Digriet tat-12 ta' Settembru 2017, ***Fursin et vs BĊE*** (T-247/16, mhux ippubblikat, EU:T:2017:623).

**44|** L-Artikolu 51(3) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali jipprevedi li l-avukati huma meħtieġa, meta l-parti li jkunu qegħdin jirrappreżentaw tkun persuna ġuridika rregolata mid-dritt privat, jippreżentaw fir-Reġistru mandat maħruġ minn din tal-aħħar.

*tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) li tirtira l-approvazzjoni tagħha*[45] u, min-naħa l-oħra, ċaħdet parzjalment l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà mqajma mill-BĊE, sa fejn kienet tikkonċerna r-rikors ippreżentat mir-rikorrenti l-oħra, jiġifieri diversi azzjonisti ta' din il-kumpannija.

Il-kumpannija rikorrenti, Trasta Komercbanka, hija istituzzjoni ta' kreditu Latvjana li tipprovdi servizzi finanzjarji bis-saħħa ta' awtorizzazzjoni li ngħatatilha mill-Kummissjoni tas-Swieq Finanzjarji u Kapitali (il-Latvja) (iktar 'il quddiem il-"KSFK"). Wara li rċieva proposta mill-KSFK sabiex tiġi rtirata l-awtorizzazzjoni tal-kumpannija rikorrenti u wara li rċieva l-osservazzjonijiet ta' din tal-aħħar, il-BĊE adotta d-deċiżjoni kontenzjuża fit-3 ta' Marzu 2016[46]. Fl-14 ta' Marzu 2016, fuq talba tal-KSFK, il-qorti kompetenti Latvjana adottat deċiżjoni li tordna l-ftuħ ta' proċedura ta' stralċ fir-rigward tal-kumpannija rikorrenti u ħatret stralċjarju. Permezz ta' deċiżjoni li ma hijiex suġġetta għal appell, din il-qorti ċaħdet ukoll ir-rikors ta' din l-istituzzjoni ta' kreditu intiż għaż-żamma tas-setgħat ta' rappreżentanza tal-bord tad-diretturi tagħha fir-rigward tat-tressiq ta' talba għal eżami mill-ġdid quddiem il-Bord Amministrattiv ta' Rieżami tal-BĊE[47] u fir-rigward tal-preżentata ta' rikors kontra d-deċiżjoni kontenzjuża quddiem il-qorti tal-Unjoni. Fis-17 ta' Marzu 2016 ġie ppubblikat avviż fil-Ġurnal Uffiċjali tar-Repubblika tal-Latvja dwar il-ftuħ tal-proċedura ta' stralċ tal-kumpannija rikorrenti u dwar is-sostituzzjoni tal-bord tad-diretturi ta' din l-istituzzjoni ta' kreditu bl-istralċjarju. Fl-istess jum, dan l-istralċjarju adotta deċiżjoni li biha rrevoka l-mandati kollha li kienu ngħataw mill-kumpannija rikorrenti. Fil-21 ta' Marzu 2016, nutar ippubblika, fil-Ġurnal Uffiċjali, avviż dwar ir-revoka tal-mandati kollha adottati qabel is-17 ta' Marzu 2016. Wara li t-talba tagħha għal eżami mill-ġdid tad-deċiżjoni kontenzjuża ġiet miċħuda, il-kumpannija rikorrenti u diversi azzjonisti tagħha ppreżentaw, fit-13 ta' Mejju 2016, rikors quddiem il-Qorti Ġenerali intiż għall-annullament tad-deċiżjoni kontenzjuża. Il-BĊE qajjem eċċezzjoni ta' inammissibbiltà fil-konfront ta' dan ir-rikors.

Fir-rigward tal-appell fil-Kawża C-669/17 P, sa fejn ġie ppreżentat mill-kumpannija rikorrenti, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta qieset li l-applikazzjoni tad-dritt Latvjan ma kinitx twassal għal ksur tad-dritt ta' din il-kumpannija għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva u meta minn dan iddeduċiet li l-avukat li kien ippreżenta r-rikors quddiemha f'isem il-kumpannija rikorrenti ma kienx għad għandu mandat stabbilit b'mod regolari, f'isem din il-kumpannija, minn persuna awtorizzata tagħmel dan, u dan minħabba li l-mandat *ad litem* li kien ingħata kien ġie rrevokat mill-istralċjarju. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat ir-rabtiet li hemm bejn il-KFSK u l-istralċjarju, ikkaratterizzati minn relazzjoni ta' fiduċja, kif ukoll ir-rwol tal-KFSK fl-adozzjoni tad-deċiżjoni kontenzjuża. Dawn l-elementi, meqjusa flimkien mas-setgħa tal-KFSK li titlob it-tneħħija tal-istralċjarju jekk dan tal-aħħar jitlef il-fiduċja tagħha, iwasslu sabiex l-imsemmi stralċjarju jkun jinsab f'sitwazzjoni ta' kunflitt ta' interessi u sabiex ir-responsabbiltà għal eventwali revoka tal-mandat mogħti lill-avukat tal-kumpannija rikorrenti għall-finijiet tal-preżentata ta' rikors quddiem il-qorti tal-Unjoni kontra din id-deċiżjoni ma tkunx tista' tingħata lill-istralċjarju mingħajr ma jkun hemm ksur tad-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva tal-imsemmija kumpannija, fis-sens tal-Artikolu 47 tal-Karta. Peress li l-appell ippreżentat mill-kumpannija rikorrenti kien kemm ammissibbli u kemm fondat, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li tibgħat din kawża lura quddiem il-Qorti Ġenerali sabiex din tiddeċiedi fuq il-mertu r-rikors ippreżentat minn Trasta Komercbanka.

---

**45|** Deċiżjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) ECB/SSM/2016 – 529900WIP0INFDAWTJ81/1 WOANCA-2016-0005, tat-3 ta' Marzu 2016, li tirtira l-awtorizzazzjoni mogħtija lil Trasta Komercbank. Din l-awtorizzazzjoni tikkonsisti f'liċenza bankarja. Il-kelma "approvazzjoni" tintuża fir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013 tal-15 ta' Ottubru 2013 li jikkonferixxi kompiti speċifiċi lill-Bank Ċentrali Ewropew fir-rigward ta' politiki relatati mas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu (ĠU 2013, L 287, p. 63).

**46|** Id-deċiżjoni kontenzjuża kienet ġiet adottata fuq il-bażi tal-Artikolu 4(1)(a) u tal-Artikolu 14(5) tar-Regolament Nru 1024/2013.

**47|** Dan il-bord huwa previst fl-Artikolu 24 tar-Regolament Nru 1024/2013.

Fir-rigward tal-appelli fil-Kawżi C-663/17 P u C-665/17 P, ippreżentati rispettivament mill-BĊE u mill-Kummissjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta qieset li l-azzjonisti tal-kumpannija rikorrenti kienu kkonċernati direttament mid-deċiżjoni kontenzjuża. Fil-fatt, minn naħa, billi tat preferenza lil kriterju żbaljat, ibbażat fuq l-"intensità" tal-effetti tad-deċiżjoni kontenzjuża, il-Qorti Ġenerali ma ddeterminatx, kif kienet meħtieġa tagħmel, in-natura eventwalment diretta tal-effetti ta' din id-deċiżjoni fuq is-sitwazzjoni legali tal-azzjonisti tal-kumpannija rikorrenti. Min-naħa l-oħra, il-Qorti Ġenerali żbaljat meta ħadet inkunsiderazzjoni l-effetti mhux legali iżda ekonomiċi tad-deċiżjoni kontenzjuża fuq is-sitwazzjoni tal-azzjonisti tal-imsemmija kumpannija. Issa, id-dritt tal-azzjonisti li jirċievu dividendi u li jipparteċipaw fit-tmexxija tal-kumpannija rikorrenti, bħala kumpannija inkorporata konformement mad-dritt Latvjan, ma ġiex affettwat b'mod dirett mid-deċiżjoni kontenzjuża, sa fejn it-tqegħid ta' Trasta Komercbanka taħt proċedura ta' stralċ irriżulta minn deċiżjoni ġudizzjarja meħuda fuq il-bażi ta' dispożizzjoni tad-dritt Latvjan li ma hijiex prevista fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja għalhekk qieset li, peress li l-azzjonisti ta' din il-kumpannija ma kinux ikkonċernati direttament, fis-sens tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE, mid-deċiżjoni kontenzjuża, kien hemm lok li tintlaqa' l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà mressqa mill-BĊE sa fejn kienet tikkonċerna r-rikors ta' dawn l-azzjonisti u, għaldaqstant, li tiċħad dan ir-rikors bħala inammissibbli.

Fis-sentenza ***Iccrea Banca*** (C-414/18, EU:C:2019:1036), mogħtija fit-3 ta' Diċembru 2019, il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, enfasizzat *il-ġurisdizzjoni esklużiva tal-qrati tal-Unjoni sabiex tevalwa l-legalità tad-deċiżjonijiet tal-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni (BUR)* kif ukoll tal-atti adottati minn awtorità ta' riżoluzzjoni nazzjonali bi tħejjija għal tali deċiżjonijiet, li jirrigwardaw kontribuzzjonijiet dovuti minn bank li jinsab f'ras netwerk ta' istituzzjonijiet ta' kreditu lill-Fond Uniku ta' Riżoluzzjoni (FUR). Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li qorti nazzjonali ma setgħetx tannulla deċiżjoni nazzjonali li tinnotifika deċiżjoni tal-BUR billi tibbaża ruħha fuq żball imwettaq minnu. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li l-obbligi bejn entitajiet ta' grupp ta' banek ta' kreditu kooperattiv, bħal dak li Iccrea Banca tifforma ma' banek kooperattivi li lilhom tipprovdi diversi servizzi mingħajr ma tikkontrolla lil dawn tal-aħħar, ma humiex esklużi mill-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet favur il-fondi nazzjonali ta' riżoluzzjoni.

Iccrea Banca, bank li jinsab f'ras netwerk ta' istituzzjonijiet ta' kreditu, imsejjaħ "bank tat-tieni livell", tipprovdi diversi servizzi lil banek ta' kreditu kooperattiv fl-Italja u taqdi l-funzjoni ta' korp finanzjarju prinċipali tas-sistema ta' kreditu kooperattiv. F'din il-funzjoni tal-aħħar, hija b'mod partikolari toffri lill-imsemmija banek sensiela ta' servizzi ta' aċċess strutturat għal finanzjamenti disponibbli mill-Bank Ċentrali Ewropew u fis-suq. Permezz ta' diversi deċiżjonijiet suċċessivi, il-Bank tal-Italja talab lil Iccrea Banca tħallas kontribuzzjonijiet ordinarji, straordinarji u addizzjonali lill-Fond nazzjonali ta' riżoluzzjoni Taljan, għas-snin 2015 u 2016. Barra minn hekk, il-Bank tal-Italja talabha tħallas kontribuzzjoni ex ante lill-FUR għas-sena 2016. Din il-kontribuzzjoni kienet ġiet stabbilita permezz ta' deċiżjonijiet tal-BUR adottati abbażi ta' data kkomunikata lil dan tal-aħħar mill-Bank tal-Italja.

Iccrea Banca ppreżentat rikors kontra dawn id-deċiżjonijiet tal-Bank tal-Italja quddiem it-Tribunale amministrativo regionale per il Lazio (il-Qorti Amministrattiva Reġjonali ta' Lazio, l-Italja), li fih ikkontestat il-modalitajiet ta' kalkolu tal-kontribuzzjonijiet mitluba. Hija b'mod partikolari sostniet li l-Bank tal-Italja kien l-oriġini ta' żball fil-kalkolu mill-BUR tal-kontribuzzjoni ex ante lill-FUR billi ma kienx indika, fil-kuntest tal-komunikazzjoni tad-data tiegħu lill-BUR, in-natura partikolari tas-sistema integrata li fiha kienet topera Iccrea Banca. It-Tribunale amministrativo regionale per il Lazio talbet lill-Qorti tal-Ġustizzja tinterpreta l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni f'dan il-qasam.

F'dak li jirrigwarda, fl-ewwel lok, l-intervent tal-Bank tal-Italja fil-fażi tal-proċedura li tippreċedi l-adozzjoni tad-deċiżjonijiet tal-BUR dwar il-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet *ex ante* lill-FUR, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret, l-ewwel nett, li l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea għandha ġurisdizzjoni esklużiva sabiex tistħarreġ il-legalità tal-atti meħuda mill-korpi jew mill-organi tal-Unjoni, li minnhom jifforma parti l-BUR. Il-Qorti tal-Ġustizzja, it-tieni nett, speċifikat li, f'dak li jirrigwarda l-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet *ex ante* lill-FUR, il-BUR jeżerċita waħdu s-setgħa deċiżjonali finali u li l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni nazzjonali sempliċement jipprovdu

appoġġ operattiv lill-BUR. Għaldaqstant, il-qorti tal-Unjoni għandha ġurisdizzjoni esklużiva sabiex tevalwa, fil-kuntest tal-istħarriġ tal-legalità ta' deċiżjoni tal-BUR li tistabbilixxi l-ammont tal-kontribuzzjoni individwali *ex ante* lill-FUR ta' istituzzjoni, jekk att adottat minn awtorità ta' riżoluzzjoni nazzjonali bi preparazzjoni għal tali deċiżjoni jkunx ivvizzjat b'difetti li jistgħu jaffettwaw id-deċiżjoni tal-BUR, mingħajr ma qorti nazzjonali tkun tista' teżerċita stħarriġ fuq l-att nazzjonali. Din is-soluzzjoni ġiet ispirata mill-kunsiderazzjonijiet esposti fis-sentenza tad-19 ta' Diċembru 2018, ***Berlusconi u Fininvest*** (C-219/17, EU:C:2018:1023).

Id-dritt tal-Unjoni kien jipprekludi, għalhekk, lit-Tribunale amministrativo regionale per il Lazio milli tagħti deċiżjoni dwar il-legalità tal-intervent tal-Bank tal-Italja fil-fażi tal-proċedura li tippreċedi l-adozzjoni tad-deċiżjonijiet tal-BUR dwar il-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet *ex ante* lill-FUR għas-sena 2016.

Fit-tieni lok, fir-rigward tal-fażi ta' wara l-adozzjoni tad-deċiżjonijiet tal-BUR, innotifikati lil Iccrea Banca mill-Bank tal-Italja, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-awtoritajiet ta' riżoluzzjoni nazzjonali ma kinux awtorizzati jeżaminaw mill-ġdid il-kalkoli mwettqa mill-BUR sabiex ibiddlu l-ammont ta' dawn il-kontribuzzjonijiet u għalhekk dawn ma setgħux, wara l-adozzjoni ta' deċiżjoni tal-BUR, jerġgħu jieħdu inkunsiderazzjoni, għal dan il-għan, il-profil tar-riskju ta' istituzzjoni partikolari. Bl-istess mod, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, li kieku qorti nazzjonali setgħet tannulla n-notifika, minn awtorità ta' riżoluzzjoni nazzjonali, ta' deċiżjoni tal-BUR dwar il-kalkolu tal-kontribuzzjoni *ex ante* ta' istituzzjoni lill-FUR, billi tibbaża ruħha fuq in-natura żbaljata tal-evalwazzjoni tal-profil tar-riskju tal-istituzzjoni kkonċernata li fuqha jkun ibbażat dan il-kalkolu, hija tkun qiegħda ddaħħal inkwistjoni evalwazzjoni mwettqa mill-BUR u tkun qiegħda tostakola, fl-aħħar mill-aħħar, l-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni tal-BUR. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, peress li Iccrea Banca kienet direttament u individwalment ikkonċernata mid-deċiżjonijiet tal-BUR iżda, madankollu, ma kinitx ippreżentat rikors għal annullament kontra dawn id-deċiżjonijiet quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea, jew kienet ippreżentatu tardivament [48], hija ma setgħetx tinvoka inċidentalment, fil-kuntest ta' rikors kontra miżuri nazzjonali ppreżentat quddiem qorti nazzjonali, l-invalidità tal-imsemmija deċiżjonijiet.

Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet dwar il-ġurisdizzjoni tat-Tribunale amministrativo regionale per il Lazio, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li din tal-aħħar setgħet tagħmlilha domanda preliminari biss f'dak li jirrigwarda d-deċiżjonijiet tal-Bank tal-Italja li kienu qed jitolbu lil Iccrea Banca tħallas kontribuzzjonijiet lill-Fond nazzjonali ta' riżoluzzjoni Taljan.

Fir-rigward, fit-tielet lok, ta' dawn l-istess deċiżjonijiet, il-Qorti tal-Ġustizzja interpretat l-Artikolu 103(2) tad-Direttiva 2014/59 li tistabbilixxi qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investiment [49] kif ukoll l-Artikolu 5(1)(a) u (f) tar-Regolament ta' Delega 2015/63 fir-rigward tal-kontribuzzjonijiet *ex ante għall-arranġamenti ta' finanzjament għar-riżoluzzjoni* [50]. Hija ddeċidiet, f'dan ir-rigward, li l-obbligi li jirriżultaw minn tranżazzjonijiet bejn bank tat-tieni grad u l-membri ta' grupp li huwa jikkostitwixxi flimkien ma' banek kooperattivi li lilhom jipprovdi diversi servizzi mingħajr ma jikkontrolla lil dawn tal-aħħar, u li ma jkoprux self mogħti fuq bażi mhux kompetittiva u mingħajr skop ta' lukru, sabiex jiġu promossi l-għanijiet ta' politika pubblika ta' amministrazzjoni ċentrali jew reġjonali ta' Stat Membru, ma humiex esklużi mill-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet lil fond nazzjonali ta' riżoluzzjoni.

48| Ara d-digriet tal-Qorti Ġenerali tad-19 ta' Novembru 2018, ***Iccrea Banca vs Il-Kummissjoni u BUR*** (T-494/17, EU:T:2018:804).

49| Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li tistabbilixxi qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investiment u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 82/891/KE u d-Direttivi 2001/24/KE, 2002/47/KE, 2004/25/KE, 2005/56/KE, 2007/36/KE, 2011/35/KE, 2012/30/UE u 2013/36/UE, u r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010 u (UE) Nru 648/2012, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU 2014, L 173, p. 190).

50| Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/63 tal-21 ta' Ottubru 2014 li jissupplimenta d-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill fir-rigward tal-kontribuzzjonijiet *ex ante għall-arranġamenti ta' finanzjament ta' riżoluzzjoni (ĠU 2015, L 11, p. 44, rettifika fil-ĠU 2017, L 156, p. 38)*.

# VI. Agrikoltura u sajd

Tliet sentenzi jistħoqqilhom li jiġu indikati taħt din it-taqsima [51], waħda dwar il-modalitajiet ta' kummerċjalizzazzjoni tal-laħam taċ-ċanga, iċċertifikat "ħalal", li joriġina minn annimali li jinqatlu mingħajr sturdament, sentenza oħra dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq tal-prodotti agrikoli u t-tielet waħda dwar l-obbligi tal-Istati Membri fil-każ ta' applikazzjoni għal sussidju taħt il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (FEMS).

Fis-sentenza ***Œuvre d'assistance aux bêtes d'abattoirs*** (C-497/17, EU:C:2019:137), mogħtija fis-26 ta' Frar 2019, l-Awla Manja tal-Qorti tal-Ġustizzja *eżaminat jekk il-logo ta' produzzjoni organika tal-Unjoni Ewropea previst fir-Regolamenti Nru 834/2007* [52] *u Nru 889/2008* [53] *jistax jitqiegħed fuq prodotti li joriġinaw minn annimali li jkunu ġew suġġetti għal qatla ritwali mingħajr sturdament minn qabel*. Din il-kwistjoni tqajmet fil-kuntest taċ-ċaħda mill-awtoritajiet Franċiżi ta' talba tal-assoċjazzjoni Franċiża Œuvre d'assistance aux bêtes d'abattoirs intiża, b'mod partikolari, sabiex jiġi pprojbit ir-reklamar u l-kummerċjalizzazzjoni ta' ċerti prodotti li jiġu mil-laħam taċ-ċanga ċċertifikati "ħalal" u li jinkludu r-referenza "agrikoltura organika". L-assoċjazzjoni qieset li tali indikazzjoni ma tistax titqiegħed fuq il-laħam li jirriżulta minn annimali li jinqatlu mingħajr sturdament, peress li tali metodu ta' qatla ma jissodisfax ir-rekwiżit li jiġu osservati "standards għoljin dwar il-benesseri ta' l-annimali", stabbilit mir-Regolament Nru 834/2007.

F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li r-Regolament Nru 834/2007, b'mod partikolari l-Artikolu 3 u l-Artikolu 14(1)(b)(viii) tiegħu, moqri fid-dawl tal-Artikolu 13 TFUE, għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jawtorizzax it-tqegħid tal-logo ta' produzzjoni organika tal-Unjoni Ewropea fuq prodotti li joriġinaw minn annimali li jkunu suġġetti għal qatla ritwali mingħajr sturdament minn qabel, imwettqa fil-kundizzjonijiet stabbiliti mir-Regolament Nru 1099/2009 [54], b'mod partikolari l-Artikolu 4(4) tiegħu.

Fil-fatt, kif jirriżulta mill-premessi 1 u 10 kif ukoll mid-dispożizzjonijiet iċċitati iktar 'il fuq tar-Regolament Nru 834/2007, il-metodu ta' produzzjoni organika għandu jkun ikkaratterizzat mill-osservanza ta' standards imsaħħa fil-qasam tal-benesseri tal-annimali, inkluż matul il-qatla. Barra minn hekk, fid-dawl tal-għan tar-Regolament Nru 834/2007 li jħares u li jiġġustifika l-fiduċja tal-konsumaturi fil-prodotti ttikkettati bħala prodotti organiċi, huwa importanti li jiġi żgurat li l-konsumaturi jkollhom l-assigurazzjoni li l-prodotti li jkollhom il-logo ta' produzzjoni organika tal-Unjoni Ewropea jkunu effettivament inkisbu b'osservanza tal-ogħla standards, b'mod partikolari fil-qasam tal-benesseri tal-annimali.

Għalkemm ebda dispożizzjoni tar-Regolament Nru 834/2007 jew tar-Regolament Nru 889/2008 ma tiddefinixxi espressament il-metodu jew il-metodi ta' qatla tal-annimali adegwati sabiex inaqqsu kemm jista' jkun it-tbatija tal-annimali, ir-Regolament Nru 834/2007 ma jistax madankollu jinqara indipendentement mir-Regolament Nru 1099/2009, li jfittex, prinċipalment, l-għan ta' protezzjoni tal-benesseri tal-annimali waqt il-qatla tagħhom, skont l-Artikolu 13 TFUE.

51| Għandha tissemma sentenza oħra, mogħtija fl-1 ta' Ottubru 2019, ***Blaise et*** (C-616/17, EU:C:2019:800), li fiha l-Qorti tal-Ġustizzja tat deċiżjoni dwar id-dritt tal-Unjoni li jikkonċerna t-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti. Din is-sentenza hija ppreżentata fit-Taqsima XVIII.1, "Prinċipju ta' prekawzjoni".

52| Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 tat-28 ta' Ġunju 2007 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi u li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 2029/91 (ĠU 2007, L 189, p. 1, rettifika fil-ĠU 2013, L 68, p. 61).

53| Regolament tal-Kummissjoni (KE) NRU 889/2008 tal-5 ta' Settembru 2008 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi fir-rigward tal-produzzjoni, it-tikkettar u l-kontroll organiku (ĠU 2008, L 250, p. 1).

54| Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1099/2009 tal-24 ta' Settembru 2009 dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt il-qatla (ĠU 2009, L 303, p. 1).

F'dan ir-rigward, l-Artikolu 4(1) tar-Regolament Nru 1099/2009, moqri flimkien mal-premessa 20 tal-imsemmi regolament, jistabbilixxi l-prinċipju ta' sturdament tal-annimal qabel il-qatla tiegħu u saħansitra jelevah bħala obbligu. Għalkemm huwa minnu li l-Artikolu 4(4) tar-Regolament Nru 1099/2009, moqri fid-dawl tal-premessa 18 ta' dan ir-regolament, jirrikonoxxi l-prassi tal-qatla ritwali, li fil-kuntest tagħha l-annimal jista' jinqatel mingħajr ma jiġi stordut minn qabel, din il-forma ta' qatla, li hija awtorizzata biss bħala deroga fl-Unjoni u unikament sabiex ikun żgurat ir-rispett tal-libertà tar-reliġjon, ma hijiex ta' natura li tnaqqas kull uġigħ, stress jew tbatija tal-annimal b'mod effettiv daqs qatla ippreċeduta minn sturdament. Dawn il-metodi partikolari ta' qatla previsti minn riti reliġjużi ma humiex ekwivalenti, f'termini ta' garanzija ta' livell għoli ta' benesseri tal-annimal fil-mument tal-qatla tiegħu, għall-metodu ta' qatla impost bħala prinċipju mill-Artikolu 4(1) ta' dan l-aħħar regolament. Għaldaqstant, it-tqegħid tal-logo ta' produzzjoni organika tal-Unjoni Ewropea ma huwiex awtorizzat fuq il-prodotti li joriġinaw minn annimali li jkunu s-suġġett ta' qatla mingħajr sturdament minn qabel.

Permezz tas-sentenza tagħha tat-13 ta' Novembru 2019, ***Lietuvos Respublikos Seimo narių grupė*** (C-2/18, EU:C:2019:962), il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li *r-Regolament Nru 1308/2013, li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli* [55]*, ma jipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali li, bil-għan li jiġu miġġielda l-prattiki kummerċjali żleali, tipprojbixxi lix-xerrejja ta' ħalib mhux ipproċessat milli jħallsu prezz tax-xiri differenti lil produtturi li għandhom jitqiesu li jagħmlu parti mill-istess grupp fir-rigward tal-kwantità ta' ħalib mhux ipproċessat mibjugħ kuljum, li jkun ta' kompożizzjoni u ta' kwalità identika u li jiġi kkunsinnat skont l-istess metodi,* sa fejn l-imsemmija leġiżlazzjoni tkun xierqa sabiex tiggarantixxi li jintlaħaq l-għan imfittex u ma tmurx lil hinn minn dak li jkun meħtieġ sabiex jintlaħaq l-imsemmi għan. Għall-istess għan li jiġu miġġielda l-prattiki kummerċjali żleali, il-Qorti tal-Ġustizzja speċifikat ukoll li l-Istati Membri jistgħu jadottaw leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprojbixxi lix-xerrej ta' ħalib mhux ipproċessat milli jnaqqas, mingħajr ġustifikazzjoni, il-prezz miftiehem mal-produttur u li tissuġġetta kull tnaqqis fil-prezz b'iktar minn 3 % għal awtorizzazzjoni mill-awtorità nazzjonali kompetenti.

It-tilwima fil-kawża prinċipali taqa' fil-kuntest ta' proċedura ta' stħarriġ tal-kostituzzjonalità, mibdija minn grupp ta' Membri tal-Parlament Litwani, tal-Liġi li tipprojbixxi prattiki żleali min-naħa ta' operaturi Litwani meta jixtru u jbigħu ħalib mhux ipproċessat. Din il-liġi kienet tipprevedi, minbarra d-dispożizzjonijiet rigward iż-żewġ projbizzjonijiet iċċitati iktar 'il fuq, li l-bejjiegħa ta' ħalib mhux ipproċessati jitqassmu f'għaxar gruppi, ikkostitwiti skont il-kwantità ta' ħalib mhux ipproċessat mibjugħ kuljum. Il-Liġi kienet tobbliga wkoll lill-operaturi ekonomiċi kkonċernati jistabbilixxu kuntratt bil-miktub, kif jipprevedi l-Artikolu 148(1) tar-Regolament Nru 1308/2013, meta huma jixtru ħalib mhux ipproċessat. Dawn il-miżuri kollha kienu intiżi, prinċipalment, li jiġu miġġielda l-prattiki kummerċjali żleali tax-xerrejja tal-ħalib mhux ipproċessat fil-konfront tal-parti meqjusa bħala l-iktar dgħajfa, jiġifieri l-produtturi tal-ħalib, fid-dawl tal-karatteristiċi speċifiċi tas-settur. Il-qorti tar-rinviju staqsiet jekk iż-żewġ projbizzjonijiet iċċitati iktar 'il fuq kinux kompatibbli mal-prinċipju ta' negozjati liberi stabbilit fl-Artikolu 148(4) tar-Regolament Nru 1308/2013.

Il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret, l-ewwel nett, li l-politika agrikola komuni taqa', skont l-Artikolu 4(2)(d) TFUE, taħt kompetenza kondiviża bejn l-Unjoni u l-Istati Membri, u li dawn tal-aħħar għandhom għalhekk setgħa leġiżlattiva li tippermettilhom jeżerċitaw il-kompetenza tagħhom sa fejn l-Unjoni ma tkunx eżerċitat il-kompetenza tagħha. F'dan ir-rigward, hija sostniet li l-istabbiliment ta' organizzazzjoni komuni tas-swieq ma jipprekludix lill-Istati Membri milli japplikaw regoli nazzjonali li jsegwu għan ta' interess ġenerali differenti minn dawk koperti minn din l-organizzazzjoni, anki jekk dawn ir-regoli jista' jkollhom impatt fuq il-funzjonament tas-suq intern fis-settur ikkonċernat. Hija speċifikat, f'dan ir-rigward, li, bl-adozzjoni tar-Regolament Nru 1308/2013 u, b'mod partikolari, tal-Artikolu 148 ta' dan ir-regolament, l-Unjoni ma kinitx eżerċitat

55| Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 (ĠU 2013, L 347, p. 671, rettifiki fil-ĠU 2014, L 189, p. 261, fil-ĠU 2016, L 130, p. 8, u fil-ĠU 2020, L 1, p. 5), kif emendat bir-Regolament (UE) 2017/2393 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2017 (ĠU 2017, L 350, p. 15).

il-kompetenza tagħha b'mod eżawrjenti fil-qasam tar-relazzjonijiet kuntrattwali bejn il-partijiet f'kuntratt ta' kunsinna ta' ħalib mhux ipproċessat u li r-riferimenti għal ċerti prattiki kummerċjali żleali li jinsabu f'dan ir-regolament ma kinux jippermettu li jiġi stabbilit li l-għan li jiġu miġġielda l-prattiki żleali kien kopert mill-imsemmi regolament. Barra minn hekk, fil-fehma tal-Qorti tal-Ġustizzja, interpretazzjoni ta' dan l-artikolu fis-sens li jipprojbixxi lill-Istati Membri milli jadottaw kwalunkwe miżura intiża li jiġu miġġielda l-prattiki żleali fis-settur tal-ħalib kienet tmur kontra l-għan imfittex mir-Regolament Nru 1308/2013, jiġifieri li jiġi żgurat żvilupp vijabbli tal-produzzjoni u li jiġu ggarantiti b'dan il-mod kundizzjonijiet tal-għajxien ġusti għall-produtturi tal-ħalib, b'mod konformi mal-għanijiet tal-politika agrikola komuni, kif ukoll kontra l-għan li tiġi żgurata ż-żamma ta' kompetizzjoni effettiva fis-swieq tal-prodotti agrikoli. Il-Qorti tal-Ġustizzja b'hekk irrikonoxxiet il-kompetenza residwa tal-Istati Membri sabiex jadottaw miżuri, fil-qasam tal-ġlieda kontra l-prattiki kummerċjali żleali, li jkollhom bħala effett li jistabbilixxu limiti għall-proċess ta' negozjati liberi tal-prezzijiet, anki jekk dawn il-miżuri jkollhom effett fuq il-prinċipju ta' negozjati liberi tal-prezz li jkollu jitħallas għall-kunsinna ta' ħalib mhux ipproċessat previst fl-Artikolu 148 tar-Regolament Nru 1308/2013.

Madankollu, hija speċifikat li tali miżuri għandhom ikunu proporzjonati mal-għan imfittex minnhom. F'dan il-każ, hija ddeċidiet li l-leġiżlazzjoni Litwana inkwistjoni kienet tidher li kienet xierqa sabiex tipprevjeni r-riskju li l-parti kontraenti meqjusa bħala l-iktar dgħajfa – jiġifieri l-produtturi tal-ħalib – tiġi mġiegħla taċċetta tnaqqis fil-prezz mhux iġġustifikat u, għalhekk, sabiex jiġu miġġielda eventwali prattiki kummerċjali żleali, u li, fid-dawl tal-għanijiet tal-politika agrikola komuni kif ukoll tal-funzjonament tajjeb tal-organizzazzjoni komuni tas-suq ikkonċernat, din il-leġiżlazzjoni ma kinitx tmur lil hinn minn dak li kien meħtieġ sabiex jintlaħqu l-għanijiet imfittxa minnha, punt dan iżda li kellu jiġi vverifikat mill-qorti tar-rinviju.

Fis-sentenza ***Coöperatieve Producentenorganisatie en Beheersgroep Texel*** (C-386/18, EU:C:2019:1122), mogħtija fid-19 ta' Diċembru 2019, il-Qorti tal-Ġustizzja speċifikat *l-obbligi tal-Istat Membri fir-rigward ta' applikazzjoni għal sussidju taħt il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd (FEMS)* minn organizzazzjoni ta' produtturi ta' prodotti tas-sajd (iktar 'il quddiem l-"organizzazzjoni ta' produtturi") imressqa qabel ma l-Istat Membru kien ippreveda l-possibbiltà li tali applikazzjoni tiġi pproċessata u wara t-tħejjija u l-implimentazzjoni, minn din l-organizzazzjoni, tal-pjan tagħha ta' produzzjoni u ta' kummerċjalizzazzjoni.

F'dan il-każ, PO Texel, organizzazzjoni ta' produtturi, bagħtet, fid-19 ta' Mejju 2015, applikazzjoni għal sussidju lill-awtoritajiet tal-Pajjiżi l-Baxxi għall-finijiet tal-eliġibbiltà tagħha għall-appoġġ finanzjarju previst mill-FEMS għall-infiq sostnut għat-tħejjija u għall-implimentazzjoni tal-pjan ta' produzzjoni u ta' kummerċjalizzazzjoni tagħha għall-2014. Minkejja li l-Kummissjoni kienet approvat, fil-25 ta' Frar 2015, il-programm operattiv għall-perijodu bejn l-1 ta' Jannar 2014 u l-31 ta' Diċembru 2020 ippreżentat mir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi, kien biss fil-25 ta' Awwissu 2016 li dan tal-aħħar ippreveda l-possibbiltà li titressaq applikazzjoni għal sussidju. Għalhekk l-applikazzjoni ta' PO Texel ġiet miċħuda minħabba li, fid-data tat-tressiq tal-applikazzjoni għal sussidju, ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi ma kienx għadu ppreveda l-possibbiltà li titressaq tali applikazzjoni u minħabba li, barra minn hekk, kien biss wara li implimentat il-pjan tagħha li PO Texel ressqet l-imsemmija applikazzjoni. Adita bit-tilwima, il-Qorti ta' Appell għall-Kwistjonijiet Amministrattivi fil-Qasam Ekonomiku (il-Pajjiżi l-Baxxi) għamlet domandi lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-obbligi tal-Istati Membri fir-rigward ta' tali applikazzjoni għal sussidju.

L-ewwel nett, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat il-ħtieġa li l-organizzazzjonijiet ta' produtturi jingħataw l-appoġġ finanzjarju neċessarju sabiex ikunu jistgħu jaqdu rwol iktar importanti fit-twettiq tal-għanijiet imfittxija mill-aħħar riforma kurrenti fil-qasam tal-politika komuni tas-sajd, li saret effettiva fl-1 ta' Jannar 2014 [56]. Il-Qorti tal-Ġustizzja mbagħad iddeċidiet li, meta ddikjara, b'mod imperattiv, fl-Artikolu 66(1) tar-Regolament

56| Il-leġiżlatur tal-Unjoni enfasizza din il-ħtieġa fil-premessa 7 tar-Regolament (UE) Nru 1379/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fil-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1184/2006 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 104/2000 (ĠU 2013, L 354, p. 1).

Nru 508/2014 [57] (iktar 'il quddiem ir-"Regolament FEMS"), li l-FEMS "għandu jappoġġa" t-tħejjija u l-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' produzzjoni u ta' kummerċjalizzazzjoni, il-leġiżlatur tal-Unjoni kellu l-intenzjoni jobbliga lill-Istati Membri jadottaw il-miżuri neċessarji sabiex l-organizzazzjonijiet ta' produtturi jkunu jistgħu jibbenefikaw minn finanzjament taħt il-FEMS kemm għat-tħejjija kif ukoll għall-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' produzzjoni u ta' kummerċjalizzazzjoni. Sabiex jissodisfaw dan l-obbligu, l-Istati Membri għandhom jipprevedu fl-ordinament ġuridiku intern tagħhom il-possibbiltà li l-organizzazzjonijiet ta' produtturi jressqu l-applikazzjonijiet tagħhom għal sussidji taħt il-FEMS u għandhom jadottaw miżuri ta' applikazzjoni li jirrigwardaw l-eliġibbiltà tal-infiq u, b'mod partikolari, il-kriterji relatati mad-data tal-bidu tal-eliġibbiltà ta' dan l-infiq u mal-metodu tal-kalkolu tal-ammont li għandu jingħata lil kull waħda minn dawn l-organizzazzjonijiet.

F'dan ir-rigward, fid-dawl tal-fatt li kien biss fil-25 ta' Awwissu 2016 li r-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi ppreveda tali possibbiltà fl-ordinament ġuridiku intern tiegħu, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li l-assenza ta' azzjoni min-naħa tal-awtoritajiet tal-Pajjiżi l-Baxxi ma kinitx tista' tidħol fil-kuntest tal-marġni ta' diskrezzjoni rrikonoxxuta lill-Istati Membri fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-programmi operattivi rispettivi tagħhom. Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikolu 66(1) tar-Regolament FEMS għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi li Stat Membru jirrifjuta li jipproċessa applikazzjoni għal sussidju minn organizzazzjoni ta' produtturi relatata mal-infiq li tkun sostniet għat-tħejjija u għall-implimentazzjoni ta' pjan ta' produzzjoni u ta' kummerċjalizzazzjoni, minħabba li, fid-data tat-tressiq ta' din l-applikazzjoni, dan l-Istat ma jkunx għadu ppreveda, fl-ordinament ġuridiku intern tiegħu, il-possibbiltà li tali applikazzjoni tiġi pproċessata.

It-tieni nett, fir-rigward tal-kwistjoni dwar jekk l-Artikolu 66(1) tar-Regolament FEMS joħloqx direttament dritt għal appoġġ finanzjarju għall-organizzazzjonijiet ta' produtturi, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li dispożizzjoni ta' regolament tal-Unjoni tista' toħloq drittijiet favur individwi li dawn jistgħu jinvokaw quddiem il-qrati biss jekk din id-dispożizzjoni tkun ċara, preċiża u inkundizzjonata. Issa, fid-dawl tan-natura kundizzjonali tal-Artikolu 66 tar-Regolament FEMS, din id-dispożizzjoni għandha tiġi interpretata fis-sens li ma toħloqx direttament dritt għal appoġġ finanzjarju taħt il-FEMS.

It-tielet nett, fir-rigward tal-interpretazzjoni tal-Artikolu 65(6) tar-Regolament Nru 1303/2013 [58] (iktar 'il quddiem ir-"Regolament QSK"), li jipprevedi l-impossibbiltà li persuna tibbenefika minn appoġġ finanzjarju meta operazzjoni tkun ġiet implimentata kollha kemm hi qabel is-sottomissjoni tal-applikazzjoni għal finanzjament lill-awtorità ta' ġestjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li t-tħejjija u l-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' produzzjoni u ta' kummerċjalizzazzjoni ma għandhomx jitqiesu li huma sensiela ta' azzjonijiet iżolati implimentati b'mod separat iżda bħala azzjoni waħda kontinwa marbuta ma' nfiq operattiv kontinwu. Għalhekk, it-tħejjija u l-implimentazzjoni ta' tali pjan ma jistgħux jitqiesu li jkunu ġew "implimentati bis-sħiħ" qabel tmiem il-perijodu ta' programmazzjoni li jintemm fil-31 ta' Diċembru 2020. Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikolu 65(6) tar-Regolament QSK għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix l-għoti ta' sussidju taħt il-FEMS għat-tħejjija u l-implimentazzjoni ta' pjan ta' produzzjoni u ta' kummerċjalizzazzjoni fil-każ fejn l-applikazzjoni għal sussidju tkun tressqet wara t-tħejjija u l-implimentazzjoni ta' tali pjan.

57| Regolament (UE) Nru 508/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2328/2003, (KE) Nru 861/2006, (KE) Nru 1198/2006 u (KE) Nru 791/2007 (UE) u r-Regolament (UE) Nru 1255/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU 2014, L 149, p. 1, rettifika fil-ĠU 2017, L 88, p. 22).

58| Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 (ĠU 2013, L 347, p. 320, rettifiki fil-ĠU 2016, L 200, p. 140 u fil-ĠU 2019, L 66, p. 6)

# VII. Liberta ta' moviment

## 1. Moviment liberu tal-merkanzija

Fis-sentenza ***L-Awstrija vs Il-Ġermanja*** (C-591/17, EU:C:2019:504), mogħtija fit-18 ta' Ġunju 2019, l-Awla Manja tal-Qorti tal-Ġustizzja, adita b'rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu ppreżentat mir-Repubblika tal-Awstrija skont l-Artikolu 259 TFUE, ikkonstatat *ksur mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja tal-Artikoli 18, 34, 56 u 92 TFUE li jirriżulta mill-introduzzjoni ta' tariffa għall-użu tal-infrastrutturi għall-vetturi bil-mutur privati u mill-eżenzjoni, għal ammont tal-inqas ekwivalenti għal din it-tariffa, mit-taxxa fuq il-vetturi bil-mutur għall-proprjetarji ta' vetturi rreġistrati fil-Ġermanja*. Insostenn tar-rikors tagħha, ir-Repubblika tal-Awstrija kienet qajmet erba' lmenti. L-ewwel u t-tieni lment kienu bbażati fuq ksur tal-Artikolu 18 TFUE li jirriżulta, minn naħa, mill-effett ikkombinat tat-tariffa għall-użu tal-infrastrutturi u tal-eżenzjoni mit-taxxa fuq il-vetturi bil-mutur għall-vetturi rreġistrati fil-Ġermanja, kif ukoll, min-naħa l-oħra, mill-ippjanar u mill-applikazzjoni tat-tariffa għall-użu tal-infrastrutturi. It-tielet ilment kien ibbażat fuq ksur tal-Artikoli 34 u 56 TFUE minħabba l-miżuri kollha kkontestati fl-ewwel u fit-tieni lment. Ir-raba' lment kien ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 92 TFUE minħabba l-effett ikkombinat tat-tariffa għall-użu tal-infrastrutturi u tal-eżenzjoni mit-taxxa fuq il-vetturi bil-mutur għall-vetturi rreġistrati fil-Ġermanja.

Fuq l-ewwel ilment, ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 18 TFUE li jirriżulta mill-effett ikkombinat tal-miżuri nazzjonali kontenzjużi, il-Qorti tal-Ġustizzja, wara li kkonstatat l-eżistenza ta' rabta — mill-perspettiva kemm temporali kif ukoll materjali — bejn il-miżuri nazzjonali kontenzjużi, li kienet tiġġustifika li dawn jiġu evalwati flimkien fid-dawl tad-dritt tal-Unjoni, l-ewwel nett ikkonstatat l-eżistenza ta' differenza fit-trattament minħabba n-nazzjonalità. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat, fir-rigward tal-ġbir tat-tariffa inkwistjoni, li huwa minnu li l-utenti kollha tal-awtostradi Ġermaniżi. kienu suġġetti għat-tariffa għall-użu tal-infrastrutturi, indipendentement mill-post ta' reġistrazzjoni tal-vetturi tagħhom. Madankollu, il-proprjetarji tal-vetturi rreġistrati fil-Ġermanja kienu jibbenefikaw minn eżenzjoni mit-taxxa fuq il-vetturi bil-mutur ta' ammont li kien minn tal-inqas ekwivalenti għal dak tat-tariffa li kellhom iħallsu, b'tali mod li l-piż ekonomiku ta' din it-tariffa kien *de facto* sostnut biss minn proprjetarji u sewwieqa ta' vetturi rreġistrati fi Stat Membru ieħor għajr il-Ġermanja. Kien jidher għalhekk li, minħabba l-kombinazzjoni tal-miżuri nazzjonali kontenzjużi, il-proprjetarji u s-sewwieqa ta' vetturi rreġistrati fi Stat Membru ieħor għajr il-Ġermanja, li jużaw awtostradi Ġermaniżi, kienu qed jiġu ttrattati b'mod inqas favorevoli mill-proprjetarji ta' vetturi rreġistrati fil-Ġermanja, fir-rigward tal-użu ta' dawn l-awtostradi, u dan minkejja li kienu jinsabu f'sitwazzjonijiet komparabbli fir-rigward ta' dan l-użu. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, din id-differenza wasslet għall-istess riżultat bħal differenza fit-trattament ibbażata fuq in-nazzjonalità.

Issa, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li, meta jimponu taxxi fuq il-vetturi bil-mutur, l-Istati Membri għandhom josservaw, b'mod partikolari, il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament, b'tali mod li l-modalitajiet għall-applikazzjoni ta' dawn it-taxxi ma jikkostitwixxux mezz ta' diskriminazzjoni.

Huwa minnu li l-Istati Membri, bis-saħħa tal-għażla libera li għandhom sabiex jiddefinixxu l-modalitajiet ta' finanzjament tal-infrastrutturi pubbliċi tagħhom, jistgħu jemendaw is-sistema ta' finanzjament tal-infrastrutturi tat-toroq tagħhom sakemm din l-emenda tosserva d-dritt tal-Unjoni, inkluż il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni stabbilit fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 18 TFUE. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li l-mekkaniżmu ta' kumpens permezz tal-eżenzjoni inkwistjoni kien jiddiskrimina kontra l-proprjetarji u s-sewwieqa ta' vetturi rreġistrati fi Stati Membri oħra għajr il-Ġermanja peress li r-Repubblika Federali tal-Ġermanja ma rnexxiliex tistabbilixxi li l-imsemmi mekkaniżmu kien jissodisfa l-għan imħabbar minn dan l-Istat Membru li jibdel minn

sistema ta' finanzjament tal-infrastrutturi mit-taxxa għal sistema ta' finanzjament mill-utenti kollha, għaliex it-tnaqqis tat-taxxa fuq vetturi bil-mutur introdott minn dan l-Istat Membru fil-fatt kellu l-konsegwenza li fil-prattika eżenta lill-proprjetarji tal-vetturi rreġistrati fil-Ġermanja mit-tariffa għall-użu tal-infrastrutturi.

F'dak li jirrigwarda t-tieni lment, ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 18 TFUE li jirriżulta mill-ippjanar u mill-applikazzjoni tat-tariffa għall-użu tal-infrastrutturi, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li l-fatt li l-elementi li jikkostitwixxu ċertu ksur, bħall-ħlas inkomplet tat-tariffa jew il-provvista inkorretta ta' informazzjoni, setgħu jiġu kkonstatati biss fir-rigward tal-proprjetarji u tas-sewwieqa ta' vetturi rreġistrati fi Stati Membri oħra għajr il-Ġermanja, ma kienx jissostanzja d-dikjarazzjoni tar-Repubblika tal-Awstrija li dawn id-dispożizzjonijiet kienu fil-parti l-kbira tagħhom intiżi li japplikaw għal dawn tal-aħħar. Barra minn hekk, hija kkonstatat li l-għan li jiġi ggarantit il-ħlas tal-multi imposti fuq il-persuni li jwettqu ksur filwaqt li jkunu qegħdin jużaw vettura rreġistrata fi Stat Membru ieħor għajr il-Ġermanja, li kien l-għan imfittex mill-possibbiltà li dawn tal-aħħar ikunu meħtieġa jħallsu garanzija, kien jiġġustifika d-differenza fit-trattament li tirriżulta bejn dawn il-persuni li jwettqu ksur u dawk li jwettqu ksur li jużaw vettura rreġistrata fil-Ġermanja, u li din il-miżura kienet proporzjonata fir-rigward tal-imsemmi għan.

Fir-rigward tat-tielet ilment, ibbażat fuq ksur tal-Artikoli 34 u 56 TFUE, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-miżuri nazzjonali kontenzjużi setgħu jostakolaw l-aċċess għas-suq Ġermaniż tal-prodotti li joriġinaw minn Stati Membri oħra. Fil-fatt, it-tariffa għall-użu tal-infrastrutturi li *de facto* kienu suġġetti għaliha biss vetturi li jittrasportaw dawn il-prodotti, setgħet iżżid l-ispejjeż tat-trasport u, għaldaqstant, il-prezz tal-imsemmija prodotti, u b'hekk taffettwa l-kompetittività tagħhom.

Il-Qorti tal-Ġustizzja osservat ukoll li l-miżuri nazzjonali kontenzjużi setgħu jostakolaw l-aċċess għas-suq Ġermaniż tal-fornituri tas-servizzi u tad-destinatarji tas-servizzi li joriġinaw minn Stat Membru għajr il-Ġermanja. Fil-fatt, it-tariffa għall-użu tal-infrastrutturi setgħet, minħabba l-eżenzjoni mit-taxxa fuq il-vetturi bil-mutur li jagħmlu parti mill-miżuri nazzjonali kontenzjużi, iżżid l-ispiża tas-servizzi pprovduti fil-Ġermanja minn dawn il-fornituri, jew iżżid l-ispiża għal dawn id-destinatarji marbuta mal-fatt li jivvjaġġaw lejn dan l-Istat Membru sabiex jirċievu servizz hemmhekk.

Fl-aħħar nett, fir-rigward tar-raba' lment, ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 92 TFUE, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li, billi jikkumpensaw kompletament il-piż il-ġdid li jikkostitwixxi t-tariffa għall-użu tal-infrastrutturi, li kellha titħallas mit-trasportaturi kollha, permezz ta' eżenzjoni mit-taxxa fuq il-vetturi bil-mutur ta' mill-inqas ammont ekwivalenti għat-tariffa mħallsa, li minnha bbenefikaw it-trasportaturi Ġermaniżi u li minnha kienu esklużi t-trasportaturi barranin, il-miżuri nazzjonali kontenzjużi kellhom l-effett li jbiddlu, b'mod sfavorevoli għalihom, is-sitwazzjoni tat-trasportaturi barranin meta mqabbla ma' dik tat-trasportaturi Ġermaniżi. Għaldaqstant, il-miżuri nazzjonali kontenzjużi tqiesu li kienu jmorru kontra l-imsemmi Artikolu 92 TFUE.

F'din it-taqsima għandha tissemma wkoll is-sentenza tat-18 ta' Settembru 2019, ***VIPA*** (C-222/18, EU:C:2019:751), li fiha l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li Stat Membru jista' jipprojbixxi lil spiżerija milli tipprovdi prodotti mediċinali suġġetti għal preskrizzjoni medika fuq il-bażi ta' ordni maħruġa minn professjonist tas-saħħa awtorizzat sabiex jippreskrivi prodotti mediċinali li jeżerċita l-attività tiegħu fi Stat Membru ieħor, meta tali ordnijiet ma jinkludux l-isem tal-pazjent ikkonċernat [59].

59| Din is-sentenza hija ppreżentata fit-Taqsima XVI, "Saħħa pubblika".

## 2. Moviment liberu tal-ħaddiema

Fis-sentenza ***Tarola*** (C-483/17, EU:C:2019:309), mogħtija fil-11 ta' April 2019, il-Qorti tal-Ġustizzja, filwaqt li interpretat id-Direttiva 2004/38 dwar id-dritt taċ-ċittadini tal-Unjoni li jiċċaqalqu u jgħixu fit-territorju tal-Istati Membri [60], iddeċidiet li ċittadin ta' Stat Membru li eżerċita d-dritt tiegħu għall-moviment liberu, li kiseb fi Stat Membru ieħor il-kwalità ta' ħaddiem, minħabba l-attività li eżerċita hemmhekk matul perijodu ta' ġimagħtejn, b'mod differenti minn dak taħt kuntratt ta' xogħol għal żmien determinat, qabel ma sab ruħu involontarjament bla xogħol, iżomm l-istatus ta' ħaddiem għal perijodu addizzjonali ta' minn tal-inqas sitt xhur. Madankollu, huwa meħtieġ ukoll li dan iċ-ċittadin jirreġistra bħala persuna li qed tfittex xogħol mal-uffiċċju tal-impjieg kompetenti.

It-tilwima fil-kawża prinċipali kienet tikkonċerna ċittadin Rumen li kien ħadem, fl-Irlanda, diversi drabi matul perijodi qosra, u b'mod partikolari matul perijodu ta' ġimagħtejn f'Lulju 2014. Sussegwentement huwa ressaq, quddiem il-Ministru għall-Protezzjoni Soċjali, talba għall-għoti ta' allowance għal persuni li jkunu qed ifittxu xogħol (jobseeker's allowance). Il-Ministru kien ċaħad din it-talba, essenzjalment, minħabba li l-individwu kkonċernat ma setax juri li kellu r-residenza abitwali tiegħu fl-Irlanda, filwaqt li osserva li l-perijodu qasir ta' xogħol li huwa kien wettaq f'Lulju 2014 ma kienx ta' natura li jikkontesta din il-konstatazzjoni. Quddiem il-qrati Irlandiżi, l-individwu kkonċernat sostna li, skont id-Direttiva 2004/38, huwa kellu d-dritt jirrisjedi fl-Irlanda bħala ħaddiem matul il-perijodu ta' sitt xhur wara t-tmiem tal-attività professjonali tiegħu f'Lulju 2014.

Din id-direttiva tipprevedi [61] li kull ċittadin tal-Unjoni għandu d-dritt jirrisjedi fit-territorju ta' Stat Membru li ma jkunx dak li tiegħu jkollu n-nazzjonalità għal perijodu ta' iktar minn tliet xhur meta jkollu l-kwalità ta' ħaddiem fl-Istat Membru ospitanti. Barra minn hekk, hija tiggarantixxi lil kull ċittadin tal-Unjoni li jinsab f'sitwazzjoni ta' inattività temporanja ż-żamma tal-istatus tiegħu ta' ħaddiem u, għalhekk, tad-dritt ta' residenza tiegħu fl-Istat Membru ospitanti, f'ċerti ċirkustanzi, b'mod partikolari, meta jispiċċa involontarjament bla xogħol. Ir-rikorrent fil-kawża prinċipali invoka, b'mod iktar preċiż, id-dispożizzjoni tal-imsemmija direttiva li tipprevedi ż-żamma tal-istatus ta' ħaddiem "wara li spiċċa involontarjament bla xogħol matul l-ewwel tnax-il xahar" [62].

Il-Qorti tal-Ġustizzja għamlet nurmu ta' preċiżazzjonijiet dwar din id-dispożizzjoni, filwaqt li enfasizzat li hija tapplika meta ċittadin tal-Unjoni jispiċċa bla xogħol, għal raġunijiet indipendenti mill-volontà tiegħu, qabel ma jkun seta' jwettaq sena ta' attività. Dan ikun il-każ, b'mod partikolari, fis-sitwazzjonijiet kollha li fihom ħaddiem kien imġiegħel iwaqqaf l-attività tiegħu fl-Istat Membru ospitanti qabel l-iskadenza ta' sena, irrispettivament min-natura tal-attività eżerċitata u mit-tip ta' kuntratt ta' xogħol konkluż għal dan il-għan, jiġifieri jekk ikunx ikkonkluda kuntratt għal żmien determinat għal żmien itwal minn sena, kuntratt għal żmien indeterminat jew kull tip ieħor ta' kuntratt.

Barra minn hekk, iż-żamma tal-kwalità ta' ħaddiem skont l-imsemmija dispożizzjoni teħtieġ, minn naħa, li ċ-ċittadin ikkonċernat kellu, qabel il-perijodu ta' qgħad involontarju tiegħu, effettivament il-kwalità ta' ħaddiem u, min-naħa l-oħra, li jkun irreġistra ruħu bħala persuna li qed tfittex xogħol mal-uffiċċju tal-impjieg kompetenti.

---

**60|** Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar id-drittijiet taċ-ċittadini ta' l-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju ta' l-Istati Membri u li temenda r-Regolament (KEE) Nru 1612/68 u li tħassar id-Direttivi 64/221/KEE, 68/360/KEE, 72/194/KEE, 73/148/KEE, 75/34/KEE, 75/35/KEE, 90/364/KEE, 90/365/KEE u 93/96/KEE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 5, p. 46).

**61|** Artikolu 7(1)(e) tad-Direttiva 2004/38.

**62|** Artikolu 7(3)(ċ) tad-Direttiva 2004/38

Barra minn hekk, huwa jżomm din il-kwalità biss għal perijodu ta' żmien li l-Istat Membru ospitanti jista' jiffissa, sakemm dan ma jkunx inqas minn sitt xhur.

Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li, skont id-Direttiva 2004/38 [63], kull ċittadin tal-Unjoni li jirrisjedi fit-territorju tal-Istat Membru ospitanti għandu jibbenefika minn trattament ugwali bħaċ-ċittadini ta' dan l-Istat Membru fl-oqsma ta' applikazzjoni tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. Għalhekk, meta d-dritt nazzjonali jeskludi mill-benefiċċju tad-dritt għall-benefiċċji soċjali lill-persuni li eżerċitaw attività biss matul perijodu qasir, din l-esklużjoni tapplika bl-istess mod għall-ħaddiema ta' Stati Membri oħra. Fir-rigward tal-kawża prinċipali, il-Qorti tal-Ġustizzja ħalliet f'idejn il-qorti tar-rinviju l-kompitu li tiddetermina jekk, skont id-dritt nazzjonali u skont il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament, ir-rikorrent fil-kawża prinċipali kellux dritt għall-allowance għal persuni li jkunu qegħdin ifittxu xogħol li huwa kien qiegħed jitlob.

Fis-sentenza ***Krah*** (C-703/17, EU:C:2019:850), mogħtija fl-10 ta' Ottubru 2019, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li *r-regoli ta' università ta' Stat Membru li, għall-finijiet tal-istabbiliment tal-klassifikazzjoni salarjali tal-lecturers anzjani postdottorali tagħha, jillimitaw it-teħid inkunsiderazzjoni tal-perijodi preċedenti ta' attività ekwivalenti mwettqa minn dawn tal-aħħar fi Stat Membru ieħor, jikkostitwixxu ostakolu għall-moviment liberu tal-ħaddiema, kif iggarantit mill-Artikolu 45 TFUE*. Għall-kuntrarju, l-Artikolu 45 TFUE u l-Artikolu 7(1) tar-Regolament Nru 492/2011 dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema [64] ma jipprekludux tali regoli jekk l-attività mwettqa f'dan l-Istat Membru l-ieħor ma kinitx ekwivalenti, iżda tirriżulta sempliċement utli għall-eżerċizzju tal-funzjoni ta' lecturer anzjan postdottorali mal-università inkwistjoni.

Fil-kawża pendenti quddiem il-qorti tar-rinviju, ċittadina Ġermaniża, detentriċi ta' dottorat fl-istorja, ħadmet għal ħames snin bħala lecturer fl-Università ta' München. Minn tmiem is-sena 2000, hija ħadmet fl-Università ta' Vjenna, l-ewwel bħala lecturer, imbagħad bħala lecturer anzjan u, mill-1 ta' Ottubru 2010, bħala lecturer anzjan postdottorali. Permezz ta' deċiżjoni tat-8 ta' Novembru 2011, l-Università ta' Vjenna ddeċidiet, għall-finijiet tal-istabbiliment tal-klassifikazzjoni salarjali tal-lecturers anzjani postdottorali, li tieħu inkunsiderazzjoni l-perijodi preċedenti ta' attività rilevanti sa tul totali ta' mhux iktar minn erba' snin, mingħajr ma għamlet distinzjoni bejn il-perijodi mwettqa f'universitajiet oħra fl-Awstrija u dawk imwettqa barra mill-pajjiż. Għall-kuntrarju, dan il-limitu ta' erba' snin ma kienx japplika għall-esperjenza professjonali miksuba mal-Università ta' Vjenna bħala lecturer anzjan postdottorali. Skont din id-deċiżjoni, il-klassifikazzjoni salarjali tar-rikorrenti ġiet stabbilita fuq il-bażi ta' esperjenza professjonali preċedenti ta' erba' snin.

Mistoqsija dwar il-kompatibbiltà tad-deċiżjoni tat-8 ta' Novembru 2011 mal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni minħabba n-nazzjonalità, il-Qorti tal-Ġustizzja, l-ewwel nett, ikkonstatat li din id-deċiżjoni la kienet tikkostitwixxi diskriminazzjoni bbażata direttament fuq in-nazzjonalità u lanqas diskriminazzjoni indiretta fir-rigward tal-ħaddiema li jkunu ċittadini ta' Stati Membri oħra. Il-Qorti tal-Ġustizzja madankollu qieset li l-imsemmija deċiżjoni tikkostitwixxi ostakolu għall-moviment liberu tal-ħaddiema, iggarantit mill-Artikolu 45(1) TFUE, sa fejn tista' tagħmel l-eżerċizzju ta' din il-libertà inqas attraenti.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat, preliminarjament, li d-deċiżjoni tat-8 ta' Novembru 2011 tieħu inkunsiderazzjoni l-attività professjonali preċedenti rilevanti sa tul totali ta' mhux iktar minn erba' snin. Dan il-kunċett kien jinkludi mhux biss attività professjonali ekwivalenti, jew saħansitra identika, għall-funzjoni ta' lecturer anzjan postdottorali fl-Università ta' Vjenna, iżda wkoll kull tip ieħor ta' attività li tirriżulta li tkun sempliċement utli għall-eżerċizzju ta' din il-funzjoni.

63| Artikolu 24(1) tad-Direttiva 2004/38.

64| Regolament (UE) Nru 492/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2011 dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema fi ħdan l-Unjoni (ĠU 2011, L 141, p. 1). L-Artikolu 7(1) ta' dan ir-regolament jikkostitwixxi espressjoni partikolari tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni stabbilit fl-Artikolu 45(2) TFUE fil-qasam speċifiku tal-kundizzjonijiet tal-impjieg u tax-xogħol.

Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-limitazzjoni għal erba' snin tat-teħid inkunsiderazzjoni tal-attività professjonali preċedenti ekwivalenti tikkostitwixxi ostakolu għall-moviment liberu. Din il-limitazzjoni kienet fil-fatt ta' natura li tiskoraġġixxi lil lecturer anzjan postdottorali li jkun kiseb esperjenza professjonali ekwivalenti itwal minn dan il-perijodu milli jitlaq mill-Istat Membru ta' oriġini tiegħu u milli japplika għal impjieg mal-Università ta' Vjenna. Fil-fatt, tali lecturer anzjan ser ikun suġġett għal kundizzjonijiet salarjali inqas vantaġġużi minn dawk applikabbli għall-lecturer anzjani postdottorali li jkunu eżerċitaw l-istess funzjoni matul perijodi ta' attività tal-istess tul mal-Università ta' Vjenna.

Għall-kuntrarju, fir-rigward tan-nuqqas ta' teħid inkunsiderazzjoni totali tal-esperjenza sempliċement utli, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li ma kienx hemm ostakolu għall-moviment liberu tal-ħaddiema, peress li tali nuqqas ta' teħid inkunsiderazzjoni ma jistax jipproduċi effetti dissważivi għall-moviment liberu.

Fir-rigward, fl-aħħar nett, tal-ġustifikazzjoni tal-ostakolu għall-moviment liberu li jirriżulta mit-teħid inkunsiderazzjoni parzjali tal-esperjenza professjonali ekwivalenti, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li jikkostitwixxi għan leġittimu ta' politika salarjali l-fatt li tiġi kkumpensata l-esperjenza miksuba li tippermetti lill-ħaddiem jaqdi dmirijietu aħjar. Madankollu, fid-dawl taċ-ċirkustanzi konkreti tal-kawża prinċipali, id-deċiżjoni tat-8 ta' Novembru 2011 ma kinitx tidher li kienet adegwata sabiex tiggarantixxi t-twettiq ta' dan l-għan, b'tali mod li l-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li din id-deċiżjoni tmur kontra l-Artikolu 45 TFUE.

Fis-sentenza ***Generálny riaditeľ Sociálnej poisťovne Bratislava*** (C-447/18, EU:C:2019:1098), mogħtija fit-18 ta' Diċembru 2019, il-Qorti tal-Ġustizzja *ddeċidiet li l-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 492/2011 dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema, li jipprevedi li ħaddiem ċittadin ta' Stat Membru jibbenefika fit-territorju tal-Istati Membri l-oħra mill-istess vantaġġi soċjali bħall-ħaddiema nazzjonali*, jippreklud leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li tissuġġetta l-benefiċċju ta' allowance mħallsa lil ċerti sportivi ta' livell għoli li jkunu rrappreżentaw lil dan l-Istat Membru, jew lill-predeċessuri legali tiegħu, fil-kuntest ta' kompetizzjonijiet sportivi internazzjonali, għall-kundizzjoni li l-applikant ikollu n-nazzjonalità tal-imsemmi Stat Membru.

F'dan il-każ, ċittadin Ċek (li għażel din in-nazzjonalità max-xoljiment tar-Repubblika Federali Ċeka u Slovakka) li għandu r-residenza tiegħu fit-territorju ta' dik li llum hija s-Slovakkja u li kien kiseb midalji tad-deheb u tal-fidda f'kampjonati Ewropej u dinjiji tal-hockey tas-silġ, bħala membru tat-tim nazzjonali tar-Repubblika Soċjalista Ċekoslovakka, ġie rrifjutat il-benefiċċju ta' allowance stabbilita favur ċerti sportivi ta' livell għoli li kienu rrappreżentaw lis-Slovakkja, minħabba li ma kellux in-nazzjonalità Slovakka. Fiż-żmien tal-adeżjoni tar-Repubblika Slovakka u tar-Repubblika Ċeka mal-Unjoni Ewropea, l-individwu kkonċernat kien barra minn hekk impjegat fi skola primarja u kien kompla jeżerċita dan l-impjieg wara l-adeżjoni.

L-ewwel nett, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li l-allowance inkwistjoni hija eskluża mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 883/2004 dwar il-koordinazzjoni tas-sistemi ta' sigurtà soċjali [65]. Fil-fatt, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, l-allowance ma taqax taħt il-kunċett ta' "benefiċċju tax-xjuħija", fis-sens tal-Artikolu 3(1) ta' dan ir-regolament, li jistabbilixxi l-oqsma ta' sigurtà soċjali li għalihom japplika l-imsemmi regolament. Il-Qorti tal-Ġustizzja osservat, f'dan ir-rigward, li l-għan essenzjali tal-allowance huwa li l-benefiċjari tagħha jiġu kkumpensati għall-kisbiet tagħhom fil-qasam sportiv meta jkunu rrappreżentaw lill-pajjiż tagħhom, u dan jispjega, minn naħa, il-finanzjament dirett tagħha mill-Istat, separatament mis-sorsi ta' finanzjament tas-sistema nazzjonali ta' sigurtà soċjali u indipendentement mill-kontribuzzjonijiet imħallsa mill-benefiċjarji tagħha, u, min-naħa l-oħra, il-fatt li din l-allowance titħallas biss lil numru ristrett ħafna ta' atleti. Barra minn hekk, hija żiedet li l-ħlas tal-allowance ma huwiex suġġett għad-dritt tal-benefiċjarju li jirċievi pensjoni tal-irtirar iżda huwa suġġett biss għal talba f'dan is-sens imressqa min-naħa tiegħu.

65| Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 5, p. 72).

It-tieni nett, wara li speċifikat li l-ħaddiem ikkonċernat, filwaqt li ma ċaqlaqx il-post ta' residenza tiegħu, sab ruħu, minħabba l-adeżjoni mal-Unjoni tal-Istat li huwa ċittadin tiegħu u tal-Istat li fit-territorju tiegħu huwa stabbilixxa r-residenza tiegħu, fis-sitwazzjoni ta' ħaddiem migrant, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-allowance kkonċernata fil-kawża ineżami taqa' taħt il-kunċett ta' "vantaġġ soċjali", fis-sens tal-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 492/2011. F'dan il-kuntest, hija osservat li l-possibbiltà għal ħaddiem migrant li jiġi kkumpensat, bl-istess mod bħall-ħaddiema ċittadini tal-Istat Membru ospitanti, għar-riżultati sportivi eċċezzjonali li huwa kiseb bħala rappreżentant ta' dan l-Istat Membru, jew tal-predeċessuri legali tiegħu, tista' tikkontribwixxi għall-integrazzjoni ta' dan il-ħaddiem fl-imsemmi Stat Membru u, għalhekk, għat-twettiq tal-għan tal-moviment liberu tal-ħaddiema. Il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li l-allowance inkwistjoni fil-kawża prinċipali għandha bħala effett mhux biss li tagħti lill-benefiċjari tagħha sigurtà finanzjarja intiża, b'mod partikolari, li tagħmel tajjeb għall-assenza ta' integrazzjoni sħiħa fis-suq tax-xogħol matul is-snin iddedikati għall-prattika ta' sport fuq livell għoli, iżda wkoll u prinċipalment sabiex tagħtihom prestiġju soċjali partikolari minħabba r-riżultati sportivi li huma jkunu kisbu fil-kuntest ta' tali rappreżentanza.

Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li Stat Membru li jagħti tali allowance lill-ħaddiema nazzjonali tiegħu ma jistax jirrifjutaha lill-ħaddiema ċittadini tal-Istati Membri l-oħra mingħajr ma jwettaq diskriminazzjoni bbażata fuq in-nazzjonalità.

## 3. Libertà ta' stabbiliment

Fis-sentenzi tagħha ***Memira Holding*** (C-607/17, EU:C:2019:510) u ***Holmen*** (C-608/17, EU:C:2019:511) mogħtija fid-19 ta' Ġunju 2019, il-Qorti tal-Ġustizzja kienet meħtieġa tippreċiża l-ġurisprudenza li tirriżulta mis-sentenza tal-Awla Manja tat-13 ta' Diċembru 2005, ***Marks & Spencer*** (C-446/03, EU:C:2005:763). Hija ntalbet tinterpreta *l-Artikolu 49 TFUE, moqri flimkien mal-Artikolu 54 TFUE, fil-kuntest ta' żewġ kawżi dwar il-possibbiltà għal kumpannija omm stabbilita fi Stat Membru li tnaqqas, mit-taxxa fuq il-kumpanniji, it-telf imġarrab minn sussidjarji jew minn subsussidjarji stabbiliti fi Stati Membri oħra*.

Il-leġiżlazzjoni fiskali Svediża inkwistjoni kienet tipprevedi żewġ sistemi, waħda għall-amalgamazzjonijiet ta' impriżi msejħa "ikkwalifikati", u l-oħra għat-trasferimenti finanzjarji fi ħdan il-gruppi, li jippermettu lil kumpannija tieħu inkunsiderazzjoni t-telf imġarrab minn kumpanniji li ma jkunux din tal-aħħar. Fiż-żewġ kawżi, kumpanniji omm Svediżi kienu talbu deċiżjoni preliminari fiskali mingħand l-iSkatterättsnämnden (il-Kummissjoni tad-Dritt Fiskali, l-Isvezja) sabiex ikunu jafu l-konsegwenzi fiskali tal-waqfien tal-attività eżerċitata mis-sussidjarji mhux residenti tagħhom. Fil-kawża *Memira Holding*, kien hemm amalgamazzjoni li tinvovi x-xoljiment mingħajr stralċ ta' sussidjarja, filwaqt li, fil-kawża *Holmen*, kien hemm jew l-istralċ ta' sussidjarja, jew assorbiment invers tas-sussidjarja minn subsussidjarja, segwit minn stralċ tal-istruttura l-ġdida.

F'dan ir-rigward, is-sistema ta' amalgamazzjonijiet "ikkwalifikati" tikkundizzjona d-dritt għal tnaqqis tat-telf għall-issuġġettar għat-taxxa fl-Isvezja tas-sussidjarja li tkun ġarrbet it-telf inkwistjoni. Min-naħa tagħha, is-sistema ta' trasferimenti fi ħdan grupp tirrikjedi li s-sussidjarja li tiddikjara t-telf għandha tinżamm direttament mill-kumpannija omm. Peress li d-deċiżjonijiet preliminari fiskali kienu s-suġġett ta' appelli quddiem il-Högsta förvaltningsdomstolen (il-Qorti Amministrattiva Suprema, l-Isvezja), din il-qorti għamlet lill-Qorti tal-Ġustizzja domandi preliminari filwaqt li għamlet riferiment għas-sentenza *A*[66] u filwaqt li kkunsidrat li din ma tippreċiżax jekk id-dritt għal tnaqqis tat-"telf definittiv", fis-sens tal-ġurisprudenza li tirriżulta mis-sentenza

66| Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-21 ta' Frar 2013, ***A*** (C-123/11, EU:C:2013:84).

*Marks & Spencer* [67], jeħtieġx li s-sussidjarja tinżamm direttament mill-kumpannija omm, u jekk, sabiex tiġi evalwata n-natura definittiva tat-telf ta' sussidjarja, għandhomx jittieħdu inkunsiderazzjoni l-possibbiltajiet disponibbli taħt il-leġiżlazzjoni tal-Istat ta' residenza tas-sussidjarja lil entitajiet legali oħra li jieħdu inkunsiderazzjoni dan it-telf u, fl-affermattiv, kif għandha tittieħed inkunsiderazzjoni din il-leġiżlazzjoni.

Fil-kawża *Memira Holding*, il-kumpannija rikorrenti kellha sussidjarja b'defiċit fil-Ġermanja li, meta tterminat l-attività tagħha, fil-karti tal-bilanċ tagħha wriet biss djun u ċerti attivi likwidi. Din il-kumpannija kellha ħsieb tassorbi lill-imsemmija sussidjarja permezz ta' amalgamazzjoni transkonfinali, li kienet tinvolvi x-xoljiment mingħajr stralċ ta' din tal-aħħar u li kellha tittermina l-attività kollha tal-kumpannija rikorrenti fil-Ġermanja. Issa, id-dritt Ġermaniż jeskludi t-trasferiment ta' tali telf lil impriża suġġetta għat-taxxa fil-Ġermanja fil-każ ta' amalgamazzjoni.

Il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li, skont il-ġurisprudenza tagħha, huwa minnu li r-restrizzjoni inkwistjoni setgħet tkun iġġustifikata. Madankollu, din tkun sproporzjonata fil-każ li t-telf ikun definittiv u fil-każ li s-sussidjara mhux residenti tkun eżawrixxiet il-possibbiltajiet ta' teħid inkunsiderazzjoni fl-Istat ta' residenza tagħha. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja speċifikat li t-telf inkwistjoni ma jistax jiġi kklassifikat bħala "definittiv" jekk ikun għadu possibbli li jsir użu ekonomiku minnu billi jiġi ttrasferit lil terz. B'hekk, ma jistax jiġi eskluż li terz jieħu inkunsiderazzjoni fiskalment it-telf tas-sussidjarja fl-Istat ta' residenza ta' din tal-aħħar, billi fil-prezz tat-trasferiment tas-sussidjarja jiġi integrat il-valur tal-vantaġġ fiskali li tirrappreżenta l-possibbiltà tat-tnaqqis tat-telf fil-futur. Għaldaqstant, fin-nuqqas tal-kumpannija rikorrenti li turi li din il-possibbiltà tkun eskluża, is-sempliċi fatt li d-dritt tal-imsemmi Stat ma jippermettix it-trasferiment ta' telf fil-każ ta' amalgamazzjoni ma jkunx suffiċjenti, fih innifsu, sabiex it-telf tas-sussidjarja jitqies li jkun definittiv.

Fil-kawża *Holmen,* il-kumpannija rikorrenti kellha diversi subsussidjarji fi Spanja, li waħda minnhom kienet akkumulat telf kbir u kienet qiegħda tipprevedi t-terminazzjoni tal-attivitajiet Spanjoli tagħha. Dan it-telf la seta' jintnaqqas fi Spanja, minħabba l-impossibbiltà legali li telf ta' kumpannija stralċjata jiġi ttrasferit fis-sena tal-istralċ, u lanqas fl-Isvezja, minħabba l-kundizzjoni ta' żamma diretta tas-sussidjarja li ġġarrab telf definittiv.

Il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li kundizzjoni li twassal għall-esklużjoni ta' tnaqqis fiskali ta' grupp transkonfinali f'ċerti ipoteżijiet tista' tkun iġġustifikata minn raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali speċifikati fis-sentenza *Marks & Spencer*, iżda li din il-kundizzjoni għandha tkun xierqa sabiex tiżgura li jintlaħqu l-għanijiet imfittxija u ma għandhiex tmur lil hinn minn dak li jkun neċessarju sabiex dawn jintlaħqu. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja għamlet distinzjoni bejn żewġ każijiet.

L-ewwel każ jikkonċerna l-ipoteżi fejn is-sussidjarja jew is-sussidjarji interposti bejn il-kumpannija omm li titlob il-benefiċċju ta' tnaqqis fiskali ta' grupp u s-subsussidjarja li ġġarrab telf li jista' jitqies li jkun definittiv ma jkunux stabbiliti fl-istess Stat Membru. F'dan il-każ, ma jistax jiġi eskluż li grupp jista' jagħżel l-Istat Membru tal-użu tat-telf definittiv, billi jagħżel jew dak tal-kumpannija omm prinċipali, jew dak ta' kull sussidjarja potenzjalment interposta. Tali possibbiltà ta' għażla tkun ta' natura li tippermetti strateġiji li jottimizzaw ir-rati ta' tassazzjoni tal-grupp, li jistgħu jdaħħlu inkwistjoni t-tqassim ibbilanċjat tas-setgħa ta' tassazzjoni bejn l-Istati Membri u li jistgħu jesponuhom għal riskju ta' imputazzjoni multipla tat-telf.

It-tieni każ jikkonċerna l-ipoteżi fejn is-sussidjarja jew is-sussidjarji interposti bejn il-kumpannija omm li titlob il-benefiċċju ta' tnaqqis fiskali ta' grupp u s-subsussidjarja li ġġarrab telf li jista' jitqies li huwa definittiv ikunu stabbiliti fl-istess Stat Membru. F'tali ċirkustanzi, ir-riskji ta' ottimizzazzjoni tar-rata ta' tassazzjoni tal-grupp bl-għażla tal-Istat Membru ta' imputazzjoni tat-telf u tat-teħid inkusiderazzjoni multipla ta' dan tal-aħħar minn diversi Stati Membri huma tal-istess natura bħal dawk ikkonstatati mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza

67| Sentenza tat-13 ta' Diċembru 2005, ***Marks & Spencer*** (C-446/03, EU:C:2005:763).

Marks & Spencer. Għaldaqstant, ikun sproporzjonat li Stat Membru jimponi kundizzjoni ta' żamma diretta bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali meta jiġu ssodisfatti l-kundizzjonijiet stabbiliti fil-punt 55 ta' din is-sentenza [68].

Fis-sentenza ***Comune di Bernareggio*** (C-465/18, EU:C:2019:1125), mogħtija fid-19 ta' Diċembru 2019, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li *l-Artikolu 49 TFUE, li jiggarantixxi l-libertà ta' stabbiliment, jipprekludi miżura nazzjonali li tagħti dritt ta' prelazzjoni inkundizzjonat favur spiżjara impjegati ta' spiżerija muniċipali fil-każ ta' trasferiment ta' din tal-aħħar permezz ta' sejħa għal offerti*.

Fl-2014, il-komun Taljan ta' Bernareggio fetaħ proċedura ta' sejħa għal offerti għall-finijiet tal-bejgħ ta' spiżerija muniċipali. L-offerta magħmula minn żewġ offerenti rriżultat l-iktar vantaġġuża ekonomikament, b'tali mod li dawn ġew indikati bħala l-offerenti magħżula provviżorjament. Madankollu, is-sejħa ngħatat lil spiżjar impjegat tal-impriża muniċipali li tiġġestixxi l-ispiżeriji ta' Vimercate (l-Italja). Dan l-ispiżjar, minkejja li ma pparteċipax fis-sejħa għal offerti, fil-fatt ingħata prijorità bl-applikazzjoni ta' dispożizzjoni tad-dritt Taljan li tipprovdi li, fil-każ ta' trasferiment tal-proprjetà ta' spiżerija muniċipali, l-ispiżjara impjegati għandhom dritt ta' prelazzjoni. Iż-żewġ offerenti ċċitati iktar 'il fuq ippreżentaw rikors għall-annullament tad-deċiżjoni tal-għoti quddiem il-qrati Taljani.

Fl-ewwel lok, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li d-dritt ta' prelazzjoni inkundizzjonat mogħti lill-ispiżjara impjegati ta' spiżerija muniċipali fil-każ ta' trasferiment ta' din tal-aħħar permezz ta' sejħa għal offerti jagħti vantaġġ lil kull spiżjar impjegat ta' spiżerija muniċipali u għalhekk għandu t-tendenza li jiddisswadi, u saħansitra jipprekludi, lill-ispiżjara minn Stati Membri oħra milli jiksbu stabbiliment permanenti ddedikat għall-eżerċizzju tal-attività professjonali tagħhom fit-territorju Taljan. Hija għalhekk ikkonkludiet li tali dritt ta' prelazzjoni jikkostitwixxi restrizzjoni għal-libertà ta' stabbiliment iggarantita mill-Artikolu 49 TFUE.

Fit-tieni lok, il-Qorti tal-Ġustizzja eżaminat l-eventwali eżistenza ta' ġustifikazzjoni għal din ir-restrizzjoni. F'dak li jirrigwarda l-għan imfittex mid-dritt ta' prelazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li dan tal-aħħar huwa intiż li jiżgura ġestjoni aħjar tas-servizz farmaċewtiku, minn naħa, billi jiggarantixxi l-kontinwità tar-relazzjoni ta' xogħol tal-ispiżjara impjegati u, min-naħa l-oħra, billi jivvalorizza l-esperjenza ta' ġestjoni miksuba minn dawn tal-aħħar. Tali għan, sa fejn jingħaqad ma' dak tal-protezzjoni tas-saħħa pubblika, imsemmi espressament fl-Artikolu 52(1) TFUE, jista' jiġġustifika restrizzjoni għal-libertà ta' stabbiliment.

Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li tali dritt ta' prelazzjoni inkundizzjonat, jekk jitqies li jkollu effettivament għan relatat mal-protezzjoni tas-saħħa pubblika, ma huwiex adegwat sabiex jiggarantixxi t-twettiq ta' dan l-għan. L-ewwel nett, fir-rigward tal-għan tal-kontinwità tar-relazzjoni ta' xogħol tal-ispiżjara impjegati, il-Qorti tal-Ġustizzja nnotat li dan il-għan ma huwiex adegwat sabiex jiggarantixxi l-għan ta' saħħa pubblika. It-tieni nett, fir-rigward tal-valorizzazzjoni tal-esperjenza ta' ġestjoni miksuba mill-ispiżjara, hija osservat li d-dritt ta' prelazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma kien bbażat fuq ebda evalwazzjoni konkreta tal-esperjenza effettivament miksuba, tal-kwalità tas-servizz ipprovdut, u lanqas tal-funzjonijiet imwettqa konkretament fi ħdan l-ispiżerija muniċipali u għalhekk ma kienx adegwat sabiex jintlaħaq l-għan imfittex. Barra minn hekk, hija enfasizzat li, fi kwalunkwe każ, dan id-dritt ta' prelazzjoni kien jmur lil hinn minn dak

68| Il-punt 55 tas-sentenza ***Marks & Spencer*** huwa fformulat hekk: "F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja hija ta' l-opinjoni li l-miżura restrittiva in kwistjoni fil-kawża prinċipali tmur lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex tintlaħaq il-parti essenzjali ta' l-għanijiet li jridu jintlaħqu f'sitwazzjoni fejn: is-sussidjarja mhux residenti tkun eżawriet il-possibbiltajiet ta' teħid in kunsiderazzjoni tat-telf li jeżisti fl-Istat ta' residenza tagħha għall-perijodu ta' taxxa kkonċernat mit-talba għal esklużjoni kif ukoll għal perijodi ta' taxxa preċedenti, skond il-każ permezz ta' trasferiment ta' dan it-telf lil terz jew tat-tassazzjoni ta' l-imsemmija telf fuq il-profitti magħmula mis-sussidjarja matul il-perijodi preċedenti, u mhemmx possibbiltà li t-telf ta' sussidjarja barranija jiġi kkunsidrat fl-Istat ta' residenza tagħha għall-perijodi futuri jew mis-sussidjarja nnfisha, jew minn terz, b'mod partikolari f'każ ta' ċessjoni tas-sussidjarja lilu."

li kien neċessarju sabiex jintlaħaq l-għan ta' valorizzazzjoni tal-esperjenza professjonali. Fil-fatt, dan ikun jista' jintlaħaq permezz ta' miżuri inqas restrittivi, bħall-għoti ta' punti addizzjonali, fil-kuntest tal-proċedura ta' sejħa għal offerti, favur offerenti li jagħtu prova ta' esperjenza fil-ġestjoni ta' spiżerija.

## 4. Libertà li jiġu pprovduti servizzi

Fis-sentenza ***Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja*** (C-377/17, EU:C:2019:562), mogħtija fl-4 ta' Lulju 2019, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li *r-Repubblika Federali tal-Ġermanja naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt id-Direttiva 2006/123* [69] *billi żammet fis-seħħ tariffi obbligatorji għas-servizzi tal-ippjanar tal-periti u tal-inġiniera.*

Il-kawża kienet tikkonċerna leġiżlazzjoni Ġermaniża li tistabbilixxi sistema ta' tariffi minimi u massimi għas-servizzi tal-ippjanar tal-periti u tal-inġiniera. Skont ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, it-tariffi minimi kienu intiżi, b'mod partikolari, li jintlaħaq l-għan ta' kwalità ta' dawn is-servizzi u ta' protezzjoni tal-konsumaturi, filwaqt li t-tariffi massimi kienu intiżi li jiżguraw il-protezzjoni tal-konsumaturi billi jiggarantixxu trasparenza tal-onorarji u billi jipprekludu tariffi eċċessivi.

Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, it-tariffi inkwistjoni jaqgħu taħt id-dispożizzjoni tad-Direttiva 2006/123 li tobbliga lill-Istati Membri jeżaminaw jekk is-sistema legali tagħhom tipprevedix rekwiżiti li jissuġġettaw l-eżerċizzju ta' attività għall-osservanza mill-fornitur ta' tariffi obbligatorji minimi u/jew massimi [70]. Sabiex ikunu konformi mal-għanijiet ta' din id-direttiva, tali rekwiżiti għandhom ikunu mhux diskriminatorji, meħtieġa u proporzjonati sabiex tiġi implimentata raġuni imperattiva ta' interess ġenerali [71].

Peress li l-għanijiet invokati mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja huma rrikonoxxuti mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja bħala raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali, il-Qorti tal-Ġustizzja analizzat in-natura adegwata u l-proporzjonalità tas-sistema tariffarja Ġermaniża.

Fl-ewwel lok, fir-rigward tat-tariffi minimi, il-Qorti tal-Ġustizzja bdiet billi osservat, fid-dawl tas-sentenza tal-5 ta' Diċembru 2006, ***Cipolla et*** (C-94/04 u C-202/04), li l-eżistenza ta' tariffi minimi għas-servizzi tal-ippjanar kienet, bħala prinċipju, ta' natura, fid-dawl tal-karatteristiċi tas-suq Ġermaniż, li tikkontribwixxi sabiex jiġi ggarantit livell għoli ta' kwalità ta' dawn is-servizzi. Fil-fatt, fid-dawl, minn naħa, tan-numru kbir ħafna ta' operaturi li joperaw fis-suq tal-provvista ta' servizzi tal-ippjanar, u, min-naħa l-oħra, tal-asimetrija qawwija fl-informazzjoni bejn il-fornituri ta' servizzi tal-ippjanar u l-konsumaturi li tikkaratterizza dan is-suq, seta' kien hemm riskju li dawn il-fornituri jipparteċipaw f'kompetizzjoni li tista' timmanifesta ruħha fl-offerta ta' servizzi bi prezzijiet imraħħsa, jekk mhux ukoll fl-eliminazzjoni tal-operaturi li joffru servizzi ta' kwalità permezz ta' selezzjoni kuntrarja. F'tali kuntest, l-impożizzjoni ta' tariffi minimi setgħet tkun ta' natura li tikkontribwixxi sabiex jiġi llimitat dan ir-riskju, billi tipprekludi li jiġu offerti servizzi bi prezzijiet li ma jkunux suffiċjenti sabiex tiġi żgurata, fuq perijodu twil, il-kwalità ta' dawn is-servizzi.

Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja kompliet billi ddeċidiet li t-tariffi minimi ma kinux adegwati sabiex jiġi ggarantit li jintlaħqu l-għanijiet mixtieqa. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, il-fatt li s-servizzi tal-ippjanar ma kinux irriżervati għal ċerti professjonijiet li jkunu suġġetti għal sorveljanza obbligatorja bis-saħħa ta' regolamenti professjonali jew permezz tal-kmamar professjonali kien manifestazzjoni ta' inkoerenza fil-leġiżlazzjoni

69| Direttiva 2006/123/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar is-servizzi fis-suq intern (ĠU 2006, L 376, p. 36).

70| Artikolu 15(2)(g) tad-Direttiva 2006/123.

71| Artikolu 15(3) tad-Direttiva 2006/123.

Ġermaniża fir-rigward tal-għan li jinżamm livell għoli ta' kwalità. Fil-fatt, tariffi minimi ma jistgħux ikunu adegwati sabiex jintlaħaq tali għan jekk l-eżerċizzju tas-servizzi li jkun suġġett għal dawn it-tariffi ma jkunx marbut, min-naħa tiegħu, ma' garanziji minimi li jippermettu li tiġi żgurata l-kwalità tal-imsemmija servizzi.

Fit-tieni lok, fir-rigward tat-tariffi massimi, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li, għalkemm tali tariffi kienu ta' natura li jikkontribwixxu għall-protezzjoni tal-konsumaturi, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja ma kinitx stabbilxxiet ir-raġunijiet għaliex il-fatt li tingħata lill-klijenti gwida dwar il-prezzijiet għad-diversi kategoriji ta' servizzi bħala miżura inqas restrittiva ma kienx biżżejjed sabiex jintlaħaq l-imsemmi għan b'mod adegwat. Minn dan isegwi li r-rekwiżit li kien jikkonsisti fl-iffissar ta' tariffi massimi ma setax jitqies li kien proporzjonat ma' dan l-għan.

Fis-sentenza tagħha tal-4 ta' Lulju 2019, ***Baltic Media Alliance*** (C-622/17, EU:C:2019:566), il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet *li miżura li timponi, għal raġunijiet ta' ordni pubbliku, l-obbligu ta' xandir jew ta' trażmissjoni mill-ġdid b'mod temporanju ta' stazzjon tat-televiżjoni li ġej minn Stat Membru ieħor biss f'pakketti bi ħlas ma taqax taħt l-Artikolu 3 tad-Direttiva 2010/13* [72]. Din id-dispożizzjoni kienet tobbliga lill-Istati Membri jiżguraw il-libertà ta' riċezzjoni u ma jostakolawx it-trażmissjoni mill-ġdid fit-territorju tagħhom ta' xandiriet televiżivi ġejjin minn Stati Membri oħra għal raġunijiet li jaqgħu taħt l-oqsma kkoordinati mid-Direttiva, li fosthom hemm il-miżuri kontra l-inċitament għall-mibegħda.

NTV Mir Lithuania huwa stazzjon intiż għall-pubbliku Litwan li l-parti l-kbira tal-programmi tiegħu huma bir-Russu. Il-Kummissjoni Litwana tar-Radju u tat-Televiżjoni kienet adottat deċiżjoni li tobbliga lil fornituri ta' servizzi tal-media jxandru jew jittrażmettu mill-ġdid dan l-istazzjon fit-territorju Litwan, matul perijodu ta' tnax-il xahar, f'pakketti bi ħlas biss. Din id-deċiżjoni kienet ittieħdet minħabba li wieħed mill-programmi tal-imsemmi stazzjon kien fih informazzjoni falza li kienet tinċita l-ostilità u l-mibegħda bbażata fuq in-nazzjonalità lejn il-pajjiżi Baltiċi. Baltic Media Alliance, kumpannija rreġistrata fir-Renju Unit u detentriċi ta' liċenzja Brittanika għax-xandir ta' NTV Mir Lithuania, qieset li din id-deċiżjoni kienet ġiet adottata bi ksur tad-Direttiva 2010/13, għaliex kienet tostakola t-trażmissjoni mill-ġdid ta' stazzjon tat-televiżjoni li ġej minn Stat Membru ieħor.

Fir-rigward tal-projbizzjoni ta' restrizzjonijiet għat-trażmissjoni mill-ġdid prevista fl-Artikolu 3 tad-Direttiva 2010/13, il-Qorti tal-Ġustizzja l-ewwel nett osservat, hija u tibbaża ruħha fuq il-kuntest, fuq l-għanijiet u fuq l-oriġini tagħha, li l-kelma "ostakolu" għandha, fil-kuntest ta' din id-direttiva, tifsira speċifika, iktar ristretta mill-kunċett ta' restrizzjoni li jinsab fl-Artikolu 56 TFUE. Din il-kelma ma tkoprix kull restrizzjoni, mill-Istat Membru ta' riċezzjoni, għal-libertà ta' riċezzjoni u ta' trażmissjoni mill-ġdid. Għaldaqstant, id-Direttiva 2010/13 ma tipprekludix, bħala prinċipju, l-applikazzjoni ta' leġiżlazzjoni nazzjonali li, b'mod ġenerali, issegwi għan ta' interess ġenerali, bil-kundizzjoni iżda li ma tistabbilixxix kontroll ieħor tax-xandiriet li jiżdied ma' dak li l-Istat Membru ta' xandir huwa obbligat iwettaq.

Filwaqt li ppreċiżat il-ġurisprudenza preċedenti tagħha [73], il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, it-tieni nett, li miżura nazzjonali li, b'mod ġenerali, issegwi għan ta' ordni pubbliku u li tirregola l-modalitajiet ta' distribuzzjoni ta' stazzjon tat-televiżjoni lill-konsumaturi tal-Istat Membru ta' riċezzjoni ma tikkostitwixxix ostakolu fis-sens tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2010/13, meta tali modalitajiet ma jimpedixxux it-trażmissjoni mill-ġdid fil-veru sens tal-kelma ta' dan l-istazzjon. Fil-fatt, tali miżura ma tistabbilixxix kontroll ieħor tax-xandiriet.

---

**72|** Direttiva 2010/13/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2010 dwar il-koordinazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet stabbiliti bil-liġi, b'regolament jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri dwar il-forniment ta' servizzi tal-media awdjoviżiva (Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva) (ĠU 2010, L 95, p. 1, rettifika fil-ĠU 2010, L 263, p. 15).

**73|** Sentenza tat-22 ta' Settembru 2011, ***Mesopopotamia Broadcast u Roj TV*** (C-244/10 u C-245/10, EU:C:2011:607).

Fid-dawl ta' dawn il-konstatazzjonijiet, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li miżura bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma taqax taħt l-Artikolu 3 tad-Direttiva 2010/13. Fil-fatt, minn naħa, id-deċiżjoni inkwistjoni kienet issegwi għan ta' interess ġenerali, sa fejn kienet tagħmel parti mill-ġlieda kontra x-xandir ta' informazzjoni li tiskredita lill-Istat Litwan u kienet intiża li tipproteġi s-sigurtà tal-ispazju ta' informazzjoni Litwan kif ukoll li tiggarantixxi u li tħares l-interess tal-pubbliku li jingħata informazzjoni korretta. Min-naħa l-oħra, hija ma kinitx tipprekludi t-trażmissjoni mill-ġdid fil-veru sens tal-kelma fit-territorju Litwan ta' xandiriet televiżivi ġejjin minn Stat Membru ieħor, peress li l-istazzjon televiżiv inkwistjoni dejjem seta' jixxandar legalment f'dan it-territorju u l-konsumaturi Litwani dejjem jistgħu jarawh, bil-kundizzjoni li jissottoskrivu għal pakkett bi ħlas.

Għandha tiġi indikata wkoll, fil-qasam tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi, is-sentenza tad-19 ta' Diċembru 2019, ***Dobersberger*** (C-16/18, EU:C:2019:1110), li tirrigwarda impriża stabbilita fi Stat Membru li tipprovdi, f'diversi Stati Membri, servizzi abbord ferroviji internazzjonali [74].

## 5. Moviment liberu tal-kapital

Fis-sentenza ***X (Kumpanniji intermedjarji stabbiliti f'pajjiżi terzi)*** (C-135/17, EU:C:2019:136), mogħtija fis-26 ta' Frar 2019, l-Awla Manja tal-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li *l-Artikolu 63(1) TFUE dwar il-moviment liberu tal-kapital* ma jipprekludix leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li tipprovdi li d-dħul iġġenerat minn kumpannija stabbilita f'pajjiż terz u li ma joriġinax minn attività stess ta' din il-kumpannija, bħal "dħul intermedjarju li għandu n-natura ta' kapital investit", fis-sens ta' din il-leġiżlazzjoni, jiġi inkluż, *pro rata* mas-sehem miżmum, fil-bażi fiskali ta' persuna taxxabbli residenti f'dan l-Istat Membru, meta din il-persuna taxxabbli jkollha sehem ta' mill-inqas 1 % f'din il-kumpannija u meta dan id-dħul ikun suġġett, f'dan il-pajjiż terz, għal livell ta' tassazzjoni iktar baxx minn dak eżistenti fl-Istat Membru kkonċernat, sakemm ma jeżistix qafas legali li jipprevedi, b'mod partikolari, obbligi konvenzjonali ta' natura li jawtorizzaw lill-awtoritajiet fiskali tal-imsemmi Stat Membru jivverifikaw, jekk ikun il-każ, il-veradiċità tal-informazzjoni li tirrigwarda lil din l-istess kumpannija mogħtija sabiex jintwera li s-sehem tal-imsemmija persuna taxxabbli f'din tal-aħħar ma jkunx jirriżulta minn arranġament artifiċjali.

Filwaqt li osservat li l-imsemmija leġiżlazzjoni kienet intiża li tapplika biss f'sitwazzjonijiet transkonfinali, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset, l-ewwel nett, li din kienet ta' natura tali li tiddisswadi lill-investituri suġġetti b'mod sħiħ għat-taxxa fl-Istat Membru kkonċernat milli jinvestu f'kumpanniji stabbiliti f'ċerti pajjiżi terzi u li għalhekk kienet tikkostitwixxi restrizzjoni għall-moviment liberu tal-kapital, ipprojbita, bħala prinċipju, mill-Artikolu 63(1) TFUE.

It-tieni nett, il-Qorti tal-Ġustizzja għaddiet sabiex teżamina jekk din ir-restrizzjoni setgħetx tkun iġġustifikata fid-dawl tal-Artikolu 65 TFUE, li abbażi tiegħu differenza fit-trattament fiskali tista' titqies li tkun kompatibbli mal-moviment liberu tal-kapital meta tkun tirrigwarda sitwazzjonijiet li ma jkunux oġġettivament paragunabbli. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li l-leġiżlazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali kellha l-għan li kemm jista' jkun tqarrab is-sitwazzjoni tal-kumpanniji residenti li jkunu investew kapital f'kumpannija stabbilita f'pajjiż terz b'livell "baxx" ta' tassazzjoni lejn is-sitwazzjoni ta' kumpanniji residenti li jkunu investew kapital f'kumpannija oħra residenti fl-Istat Membru kkonċernat, bil-għan, b'mod partikolari, li tinnewtralizza l-eventwali vantaġġi fiskali li dawk tal-ewwel ikunu jistgħu jiksbu mill-investiment tal-kapital tagħhom f'pajjiż terz, raġuni għaliex id-differenza fit-trattament inkwistjoni ma tkunx iġġustifikata permezz ta' differenza fis-sitwazzjoni oġġettiva

74| Din is-sentenza hija ppreżentata fit-Taqsima XV.5, "Kollokament ta' ħaddiema".

F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti tal-Ġustizzja eżaminat jekk id-differenza fit-trattament fiskali tistax tkun iġġustifikata minn raġuni imperattiva ta' interess ġenerali. Filwaqt li osservat li l-imsemmija leġiżlazzjoni kienet intiża li tipprevjeni l-frodi u l-evażjoni fiskali, hija ddeċidiet li din il-leġiżlazzjoni kienet adegwata sabiex tiggarantixxi li jintlaħaq l-imsemmi għan. Fil-fatt, billi tipprevedi l-inklużjoni tad-dħul ta' kumpannija stabbilita f'pajjiż terz b'livell "baxx" ta' tassazzjoni fil-bażi fiskali ta' kumpannija suġġetta b'mod sħiħ għat-taxxa fl-Istat Membru, il-leġiżlazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali setgħet tinnewtralizza l-effetti ta' eventwali trasferiment artifiċjali ta' dħul lejn tali pajjiż terz.

Madankollu, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, din il-leġiżlazzjoni, sa fejn kienet tippreżumi l-eżistenza ta' aġir artifiċjali għas-sempliċi raġuni li jiġu ssodisfatti l-kundizzjonijiet stabbiliti minn din il-leġiżlazzjoni, filwaqt li ma kienet tagħti ebda possibbiltà lill-persuna taxxabbli kkonċernata sabiex tikkonfuta din il-preżunzjoni, kienet tmur lil hinn, bħala prinċipju, minn dak li kien neċessarju sabiex jintlaħaq l-għan tagħha.

Filwaqt li enfasizzat, madankollu, li l-leġiżlazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma kinitx diretta lejn l-Istati Membri, iżda lejn pajjiżi terzi, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li l-eżistenza tal-obbligu, għal Stat Membru, li jagħti lil persuna taxxabbli l-possibbiltà tipproduċi elementi li juru l-eventwali raġunijiet kummerċjali għas-sehem tagħha f'kumpannija stabbilita f'pajjiż terz għandha tiġi evalwata fid-dawl tad-disponibbiltà ta' miżuri amministrattivi u leġiżlattivi li jippermettu, jekk ikun il-każ, li tiġi vverifikata l-veradiċità ta' dawn l-elementi. Għaldaqstant, kienet il-qorti nazzjonali li kellha teżamina jekk kienx hemm, b'mod partikolari, obbligi konvenzjonali bejn l-Istat Membru u l-pajjiż terz inkwistjoni, li jistabbilixxu qafas legali ta' kooperazzjoni u mekkaniżmi ta' skambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet nazzjonali kkonċernati, li jkunu effettivament ta' natura li jagħtu s-setgħa lill-awtoritajiet fiskali tal-Istat Membru li jivverifikaw, jekk ikun il-każ, il-veradiċità tal-informazzjoni li tirrigwarda lill-kumpannija stabbilita fil-pajjiż terz mogħtija sabiex jintwera li s-sehem tal-imsemmija persuna taxxabbli f'din tal-aħħar ma jirriżultax minn arranġament artifiċjali.

Il-qorti tar-rinviju kienet għamlet ukoll domandi preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-kamp ta' applikazzjoni tal-klawżola ta' standstill prevista fl-Artikolu 64(1) TFUE, li abbażi tiegħu Stat Membru jista' japplika, fir-relazzjonijiet mal-pajjiżi terzi, restrizzjonijiet għall-moviment tal-kapital li jinvolvi, b'mod partikolari, investimenti diretti, anki jekk dawn ir-restrizzjonijiet imorru kontra l-prinċipju ta' moviment liberu tal-kapital stabbilit fl-Artikolu 63(1) TFUE, bil-kundizzjoni li l-imsemmija restrizzjonijiet kienu diġà jeżistu fil-31 ta' Diċembru 1993. Fil-kawża prinċipali, il-leġiżlazzjoni fiskali li minnha kienet tirriżulta r-restrizzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali kienet ġiet, wara l-31 ta' Diċembru 1993, emendata sostanzjalment minħabba l-adozzjoni ta' liġi li kienet daħlet fis-seħħ, iżda li kienet ġiet issostitwita, qabel ma kienet ġiet applikata fil-prattika, b'leġiżlazzjoni essenzjalment identika għal dik applikabbli fil-31 ta' Diċembru 1993. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, f'tali każ, il-projbizzjoni li tinsab fl-Artikolu 63(1) TFUE kellha tapplika, sakemm l-applikabbiltà tal-imsemmija emenda ma kinitx ġiet iddiferita skont il-liġi nazzjonali, b'tali mod li, minkejja d-dħul fis-seħħ tagħha, din l-emenda ma kinitx applikabbli għall-moviment tal-kapital transkonfinali msemmi fl-Artikolu 64(1) TFUE, punt dan li kellu jiġi vverifikat mill-qorti tar-rinviju.

Fis-sentenza ***Il-Kummissjoni vs L-Ungerija (Użufrutt fuq artijiet agrikoli)*** (C-235/17, EU:C:2019:432), mogħtija fil-21 ta' Mejju 2019, l-Awla Manja tal-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Ungerija *kienet naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt id-dispożizzjonijiet ikkunsidrati flimkien tal-Artikolu 63 TFUE u tal-Artikolu 17 tal-Karta billi neħħiet, ex lege, id-drittijiet ta' użufrutt fuq artijiet agrikoli u forestali li kienu jinsabu fl-Ungerija sa fejn dawn id-drittijiet kienu miżmuma direttament jew indirettament minn ċittadini ta' Stati Membri oħra*.

Fl-2013, l-Ungerija adottat liġi (iktar 'il quddiem il-"Liġi tal-2013") li permezz tagħha d-drittijiet ta' użufrutt fuq artijiet agrikoli u forestali preċedentement akkwistati minn persuni ġuridiċi jew minn persuni fiżiċi li ma kinux jistgħu jiġġustifikaw rabta parentali mill-qrib mal-proprjetarji ta' dawn l-artijiet kellhom jitneħħew ex lege, mingħajr ma kienu previsti skemi ta' kumpens għal dawn il-persuni. Insostenn ta' din il-liġi, l-Ungerija sostniet li l-kuntratti ta' użufrutt ikkonċernati kienu evadew il-projbizzjonijiet ta' akkwist tal-proprjetà ta' artijiet agrikoli fis-seħħ qabel l-adeżjoni tal-Ungerija mal-Unjoni u li huma kienu, barra minn hekk, kisru l-leġiżlazzjoni

nazzjonali fil-qasam tal-kontroll tal-kambju applikabbli f'dak iż-żmien, b'tali mod li kienu, minħabba f'hekk, nulli *ab initio* sa minn qabel din l-adeżjoni. Hija invokat ukoll diversi għanijiet ta' politika agrikola, jiġifieri li jiġi żgurat li l-artijiet agrikoli produttivi jkunu fil-pussess biss ta' persuni fiżiċi li jaħdmuhom u mhux għal finijiet spekulattivi, li tiġi evitata l-frammentazzjoni tal-artijiet u li tinżamm popolazzjoni rurali u agrikoltura sostenibbli, kif ukoll li jinħolqu rziezet ta' daqs vijabbli u kompetittivi.

Wara li qieset li ma kienx neċessarju li l-Liġi tal-2013 tiġi eżaminata fid-dawl tal-Artikolu 49 TFUE, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li, billi pprevediet l-estinzjoni *ex lege* tad-drittijiet ta' użufrutt miżmuma fuq artijiet agrikoli minn persuni li ma kinux jistgħu jiġġustifikaw rabta ta' parentela mill-qrib mal-proprjetarji ta' dawn l-artijiet, li fosthom kienu jinsabu diversi ċittadini ta' Stati Membri oħra għajr l-Ungerija, din il-liġi kienet tillimita, mill-għan tagħha stess u minħabba dan il-fatt biss, id-dritt tal-persuni kkonċernati għall-moviment liberu tal-kapital iggarantit mill-Artikolu 63 TFUE. Fil-fatt, din il-leġiżlazzjoni nazzjonali kienet iċċaħħad lil dawn tal-aħħar kemm mill-possibbiltà li jkomplu jgawdu mid-dritt ta' użufrutt tagħhom kif ukoll mill-eventwali possibbiltà li jittrasferixxu dan id-dritt. L-imsemmija leġiżlazzjoni kienet, barra minn hekk, ta' natura li tiskoraġġixxi lill-persuni mhux residenti milli jinvestu fl-Ungerija fil-futur.

F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li kellu jiġi eżaminat jekk l-imsemmija restrizzjoni setgħetx tiġi ġġustifikata permezz ta' raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali jew permezz tar-raġunijiet imsemmija fl-Artikolu 65 TFUE, u jekk hija kinitx konformi mal-prinċipju ta' proporzjonalità, b'mod partikolari billi ssegwi l-għanijiet invokati b'mod koerenti u sistematiku.

F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret ukoll li d-drittijiet fundamentali ggarantiti mill-Karta huma intiżi li jiġu applikati fis-sitwazzjonijiet kollha rregolati mid-dritt tal-Unjoni u li għalhekk għandhom jiġu rrispettati meta leġiżlazzjoni nazzjonali taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan id-dritt. Dan ikun b'mod partikolari l-każ meta leġiżlazzjoni nazzjonali tkun ta' natura li timpedixxi waħda jew iktar mil-libertajiet fundamentali ggarantiti mit-Trattat FUE u meta l-Istat Membru kkonċernat jinvoka r-raġunijiet imsemmija fl-Artikolu 65 TFUE jew raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali rrikonoxxuti mid-dritt tal-Unjoni sabiex jiġġustifika tali ostakolu. F'każ bħal dan, il-leġiżlazzjoni nazzjonali kkonċernata tkun tista' tibbenefika mill-eċċezzjonijiet hekk previsti fil-każ biss li tkun konformi mad-drittijiet fundamentali li l-Qorti tal-Ġustizzja tiżgura r-rispett tagħhom. F'dan ir-rigward, l-użu, minn Stat Membru, ta' eċċezzjonijiet previsti mid-dritt tal-Unjoni sabiex jiġġustifika ostakolu għal libertà fundamentali ggarantita mit-Trattat għandu jitqies li jkun qiegħed "jimplimenta l-liġi ta' l-Unjoni", fis-sens tal-Artikolu 51(1) tal-Karta.

Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja eżaminat il-kompatibbiltà tal-Liġi tal-2013 mad-dritt tal-Unjoni fir-rigward kemm tal-eċċezzjonijiet kif previsti fit-Trattati u fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja kif ukoll mad-drittijiet fundamentali ggarantiti mill-Karta, fosthom id-dritt għall-proprjetà stabbilit fl-Artikolu 17 ta' din tal-aħħar, li tiegħu l-Kummissjoni kienet qiegħda tallega ksur f'dan il-każ.

Fir-rigward tal-Artikolu 17 tal-Karta, il-Qorti tal-Ġustizzja, l-ewwel nett, ippreċiżat li l-protezzjoni mogħtija mill-paragrafu 1 ta' dan l-artikolu tirrigwarda drittijiet li għandhom valur patrimonjali li minnhom tirriżulta, fid-dawl tal-ordinament ġuridiku kkonċernat, pożizzjoni ġuridika kweżita li tippermetti eżerċizzju awtonomu ta' dawn id-drittijiet minn u favur il-proprjetarju tagħhom. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, huwa ċar li d-drittijiet ta' użufrutt inkwistjoni għandhom valur patrimonjali u jagħtu lid-detenturi pożizzjoni legali kweżita, u dan anki meta t-trażmissibbiltà ta' tali drittijiet tkun limitata jew eskluża bis-saħħa tad-dritt nazzjonali applikabbli. Fil-fatt, l-akkwist, permezz ta' kuntratt, ta' tali drittijiet ta' użufrutt fuq artijiet agrikoli jkun marbut, bħala prinċipju, mal-ħlas ta' prezz. Dawn id-drittijiet jippermettu lid-detenturi tagħhom igawdu minn tali artijiet, b'mod partikolari għal skopijiet ekonomiċi, jew, jekk ikun il-każ, jikruhom lil terzi, u b'hekk jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 17(1) tal-Karta.

It-tieni nett, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li d-drittijiet ta' użufrutt imneħħija mil-Liġi tal-2013 kellhom jitqiesu li ġew "akkwistati legalment" fis-sens ta' din id-dispożizzjoni tal-Karta. Fil-fatt, l-imsemmija drittijiet kienu ġew ikkostitwiti fi żmien meta l-kostituzzjoni ta' tali drittijiet ma kinitx ipprojbita mil-leġiżlazzjoni fis-seħħ, u ma ġiex stabbilit mill-Ungerija li dawn id-drittijiet kienu invalidi minħabba ksur tal-leġiżlazzjoni nazzjonali ta' dak iż-żmien fil-qasam tal-kontroll tal-kambju. Barra minn hekk, dawn l-istess drittijiet kienu s-suġġett ta' reġistrazzjonijiet sistematiċi fir-reġistri tal-artijiet mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u l-eżistenza tagħhom ġiet ikkonfermata b'liġi adottata fl-2012.

It-tielet nett, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Liġi tal-2013 ma kinitx timplika restrizzjonijiet fuq l-użu tal-beni, iżda ċaħda ta' proprjetà, fis-sens tal-Artikolu 17(1) tal-Karta, minkejja l-fatt li d-drittijiet ta' użufrutt ikkonċernati ma ġewx akkwistati mill-awtorità pubblika, iżda l-estinzjoni tagħhom kellha l-konsegwenza li tikkostitwixxi mill-ġdid il-proprjetà sħiħa tal-artijiet inkwistjoni favur il-proprjetarji.

Fi tmiem din l-analiżi, il-Qorti tal-Ġustizzja madankollu ppreċiżat li l-eżerċizzju tad-drittijiet iggarantiti mill-Karta jista' jiġi limitat bil-kundizzjoni li din il-limitazzjoni tkun prevista mil-liġi u tirrispetta l-kontenut essenzjali tal-imsemmija drittijiet u bil-kundizzjoni li, b'osservanza tal-prinċipju ta' proporzjonalità, tkun neċessarja u tissodisfa effettivament għanijiet ta' interess ġenerali rrikonoxxuti mill-Unjoni jew il-bżonn li jiġu protetti d-drittijiet u l-libertajiet ta' ħaddieħor. F'dan ir-rigward, qari flimkien tal-Artikolu 17(1) u tal-Artikolu 52(1) tal-Karta jwassal sabiex jitqies li, meta tiġi invokata raġuni ta' utilità pubblika sabiex tiġi ġġustifikata ċaħda ta' proprjetà, huwa fir-rigward ta' din il-raġuni u tal-għanijiet ta' interess ġenerali li tkopri din ir-raġuni li għandha tiġi żgurata l-osservanza tal-prinċipju ta' proporzjonalità previst fl-Artikolu 52(1) tal-Karta. Tali interpretazzjoni timplika barra minn hekk li, fin-nuqqas tal-eżistenza ta' tali raġuni ta' utilità pubblika li tiġġustifika ċaħda ta' proprjetà, jew, jekk wieħed jassumi li tali raġuni ta' utilità pubblika tkun stabbilita, fin-nuqqas li jiġu ssodisfatti l-kundizzjonijiet stabbiliti fit-tieni sentenza tal-Artikolu 17(1) tal-Karta, id-dritt għall-proprjetà ggarantit minn din id-dispożizzjoni jiġi ppreġudikat.

F'dan ir-rigward, għalkemm il-Qorti tal-Ġustizzja aċċettat li leġiżlazzjonijiet nazzjonali jistgħu jillimitaw il-moviment liberu tal-kapital, f'isem għanijiet bħal dawk invokati mill-Ungerija insostenn tal-Liġi tal-2013, hija madankollu ddeċidiet li l-imsemmija liġi ma setgħetx titqies, fin-nuqqas ta' provi, bħala li effettivament kienet qed tfittex tali għanijiet, u lanqas bħala li kienet xierqa sabiex tiggarantixxi t-twettiq tagħhom. Il-Qorti tal-Ġustizzja żiedet li din il-liġi, fi kwalunkwe każ, kienet tmur lil hinn minn dak li kien meħtieġ sabiex dawn jintlaħqu. Għal dawn l-istess raġunijiet, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li ma kienx hemm raġunijiet ta' utilità pubblika ta' natura li jiġġustifikaw iċ-ċaħda ta' proprjetà li kienet tirriżulta mit-tneħħija tad-drittijiet ta' użufrutt ikkonċernati.

Fir-rigward ta' din iċ-ċaħda ta' proprjetà, il-Qorti tal-Ġustizzja żiedet li, fi kwalunkwe każ, il-Liġi tal-2013 ma kinitx tissodisfa r-rekwiżit ta' ħlas ta' kumpens ġust fi żmien xieraq, previst fit-tieni sentenza tal-Artikolu 17(1) tal-Karta. Fil-fatt, din il-liġi ma tinkludi ebda dispożizzjoni li tipprevedi l-kumpens tad-detenturi tad-drittijiet ta' użufrutt li ma kinux għadhom fil-pussess u s-sempliċi riferiment, imressaq mill-Ungerija, għar-regoli ġenerali tad-dritt ċivili ma setax jissodisfa dan ir-rekwiżit. F'dan il-każ, tali riferiment iqiegħed fuq id-detenturi tad-drittijiet ta' użufrutt l-oneru li jfittxu l-irkupru, permezz ta' proċeduri li jistgħu jkunu twal u li jiswew ħafna flus, ta' eventwali kumpens li jista' jkun dovut lilhom mill-proprjetarju tal-fond. Tali regoli tad-dritt ċivili la kienu jippermettu li jiġi stabbilit b'mod faċli u preċiż jew prevedibbli biżżejjed jekk il-kumpens setax effettivament jinkiseb wara tali proċeduri, u lanqas ma kienu jippermettu li wieħed ikun jaf, jekk ikun il-każ, in-natura u l-portata tiegħu.

# VIII. Kontrolli mal-fruntieri, ażil u immigrazzjoni

## 1. 1.Politika tal-ażil

Fil-kuntest tal-kriżi migratorja li ilha għaddejja fl-Ewropa għal diversi snin, u tal-wasla korrispondenti ta' numru kbir ta' applikanti għal protezzjoni internazzjonali fi ħdan l-Unjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja kompliet tieħu konjizzjoni ta' diversi kawżi relatati mal-politika tal-ażil tal-Unjoni. F'dan ir-rigward, huma tmienja s-sentenzi li għandhom jissemmew: żewġ sentenzi dwar l-istatus ta' refuġjat, ħames sentenzi dwar l-ipproċessar tal-applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali u sentenza oħra dwar id-deċiżjonijiet ta' ritorn.

### 1.1. Status ta' refuġjat

Fis-sentenza ***M et (Revoka tal-istatus ta' refuġjat)*** (C-391/16, C-77/17 u C-78/17, EU:C:2019:403), mogħtija fl-14 ta' Mejju 2019, l-Awla Manja tal-Qorti tal-Ġustizzja tat deċiżjoni dwar *il-validità tal-Artikolu 14(4) sa (6) tad-Direttiva 2011/95* [75]*, li tippreċiża l-każijiet li fihom l-Istati Membri jistgħu jipproċedu għar-revoka jew għar-rifjut tal-għoti tal-istatus ta' refuġjat, fid-dawl tal-Artikolu 78(1) TFUE u tal-Artikolu 18 tal-Karta, li jirreferu għall-Konvenzjoni ta' Genève dwar l-Istatus tar-Refuġjati (iktar 'il quddiem il-"Konvenzjoni ta' Genève")* [76]. Din is-sentenza ngħatat fil-kuntest ta' tliet tilwimiet bejn ċittadini ta' pajjiżi terzi u l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti rispettivi, dwar ir-revoka tal-istatus tagħhom ta' refuġjat jew dwar ir-rifjut tal-għoti ta' dan l-istatus min-naħa ta' dawn l-awtoritajiet għar-raġuni li huma kienu ġew ikkundannati għal reati partikolarment serji u li kienu jirrappreżentaw perikolu għas-sigurtà jew għas-soċjetà tal-Istat Membru kkonċernat. B'mod iktar partikolari, il-Qorti tal-Ġustizzja tat deċiżjoni dwar il-kwistjoni ta' jekk l-Artikolu 14(4) sa (6) ta' din id-direttiva għandux l-effett li jċaħħad lil tali ċittadini ta' pajjiż terz, li jissodisfaw il-kundizzjonijiet materjali previsti fl-Artikolu 2(d) tal-imsemmija direttiva, mill-kwalità ta' "refuġjat" u jekk jiksirx, minħabba dan il-fatt, l-Artikolu 1 tal-Konvenzjoni ta' Genève.

L-ewwel nett, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li hija kellha ġurisdizzjoni sabiex tagħti deċiżjoni fuq it-tliet talbiet għal deċiżjoni preliminari. Hija osservat li, għalkemm l-Unjoni ma hijiex parti kontraenti għall-Konvenzjoni ta' Genève, l-Artikolu 78(1) TFUE u l-Artikolu 18 tal-Karta xorta waħda jobbligawha tosserva r-regoli ta' din il-konvenzjoni, b'tali mod li d-Direttiva 2011/95 għandha, bis-saħħa ta' dawn id-dispożizzjonijiet tad-dritt primarju, tosserva dawn ir-regoli u b'tali mod li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha ġurisdizzjoni sabiex teżamina l-validità tal-Artikolu 14(4) sa (6) ta' din id-direttiva fid-dawl ta' dawn id-dispożizzjonijiet.

It-tieni nett, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 14(4) sa (6) tal-imsemmija direttiva jippermettu interpretazzjoni li tiżgura l-osservanza tal-livell ta' protezzjoni minimu previst mill-Konvenzjoni ta' Genève, bħalma jeżiġu l-Artikolu 78(1) TFUE u l-Artikolu 18 tal-Karta, u għaldaqstant ikkonkludiet li dawn id-dispożizzjonijiet huma validi.

75| Direttiva 2011/95/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar standards għall-kwalifika ta' ċittadini nazzjonali ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali, għal stat uniformi għar-refuġjati jew għal persuni eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja, u għall-kontenut tal-protezzjoni mogħtija (ĠU 2011, L 337, p. 9).

76| Konvenzjoni dwar l-Istatus tar-Refuġjati, iffirmata f'Genève fit-28 ta' Lulju 1951 (Ġabra tat-Trattati tan-Nazzjonijiet Uniti, Vol. 189, p. 137, Nru 2545 (1954)), li daħlet fis-seħħ fit-22 ta' April 1954, ikkompletata u emendata bil-Protokoll dwar l-Istatus tar-Refuġjati, konkluż fi New York fil-31 ta' Jannar 1967, li min-naħa tiegħu daħal fis-seħħ fl-4 ta' Ottubru 1967.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat, fl-ewwel lok, li, għalkemm id-Direttiva 2011/95 tistabbilixxi sistema regolatorja li tinkludi kunċetti u kriterji komuni għall-Istati Membri u, għaldaqstant, speċifiċi għall-Unjoni, hija madankollu hija bbażata fuq il-Konvenzjoni ta' Genève u, b'mod partikolari, għandha l-għan li l-Artikolu 1 ta' din il-konvenzjoni jiġi osservat bis-sħiħ. B'hekk, id-definizzjoni ta' "refuġjat" inkluża fl-Artikolu 2(d) tad-Direttiva 2011/95 tirriproduċi, essenzjalment, dik li tinsab fl-Artikolu 1(A) tal-Konvenzjoni ta' Genève. L-"istatus ta' refuġjat", fis-sens tal-Artikolu 2(e) ta' din id-direttiva, jikkorrispondi, min-naħa tiegħu, għar-rikonoxximent formali tal-kwalità ta' "refuġjat", li għandu natura dikjaratorja u ma jikkostitwixxix din il-kwalità, punt dan li jfisser, skont l-Artikolu 13 tal-imsemmija direttiva, li ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat li jissodisfaw il-kundizzjonijiet materjali li jinsabu fil-Kapitolu III tal-istess direttiva għandhom, minħabba dan il-fatt biss, il-kwalità ta' refuġjat, fis-sens tal-Artikolu 2(d) tagħha u tal-Artikolu 1(A) tal-imsemmija konvenzjoni, mingħajr ma l-Istati Membri għandhom setgħa diskrezzjonali f'dan ir-rigward. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li l-għoti tal-istatus ta' refuġjat għandu bħala konsegwenza li r-refuġjat ikkonċernat ikun, bis-saħħa tal-Artikolu 2(b) tad-Direttiva 2011/95, benefiċjarju ta' protezzjoni internazzjonali, fis-sens ta' din id-direttiva, b'tali mod li jkollu d-drittijiet u l-vantaġġi kollha previsti mill-Kapitolu VII tal-imsemmija direttiva, li jinkludu kemm drittijiet ekwivalenti għal dawk li jinsabu fil-Konvenzjoni ta' Genève u kemm drittijiet li jipprovdu iktar protezzjoni li għalihom ma hemmx ekwivalenti f'din il-konvenzjoni. Fid-dawl ta' dawn id-diversi punti, hija qieset li l-kwalità ta' "refuġjat", fis-sens tal-Artikolu 2(d) tad-Direttiva 2011/95 u tal-Artikolu 1(A) tal-imsemmija konvenzjoni, ma tiddependix mir-rikonoxximent formali ta' din il-kwalità bl-għoti tal-"istatus ta' refuġjat", fis-sens tal-Artikolu 2(e) ta' din id-direttiva, moqri flimkien mal-Artikolu 13 ta' din tal-aħħar.

Fit-tieni lok, wara li kkonstatat li d-dritt tal-Unjoni jipprevedi, għar-refuġjati li jinsabu f'waħda mis-sitwazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 14(4) u (5) tad-Direttiva 2011/95, protezzjoni usa' minn dik żgurata mill-Konvenzjoni ta' Genève, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li dan l-Artikolu 14(4) u (5) ma jistax jiġi interpretat fis-sens li, fil-kuntest tas-sistema stabbilita minn din id-direttiva, ir-revoka tal-istatus ta' refuġjat jew ir-rifjut li jingħata dan l-istatus għandhom l-effett li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz jew il-persuna mingħajr Stat ikkonċernati, li jissodisfaw il-kundizzjonijiet li jinsabu fl-Artikolu 2(d) tal-imsemmija direttiva, moqri flimkien mad-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu III tagħha, jitilfu l-kwalità ta' refuġjat, fis-sens tal-imsemmi Artikolu 2(d) u tal-Artikolu 1(A) tal-Konvenzjoni ta' Genève. Fil-fatt, il-fatt li l-persuna kkonċernata taqa' taħt wieħed mill-każijiet imsemmija fl-Artikolu 14(4) u (5) tal-istess direttiva ma jfissirx madankollu li din ma tibqax tissodisfa l-kundizzjonijiet materjali li minnhom tiddependi l-kwalità ta' refuġjat, relatati mal-eżistenza ta' biża' fondata ta' persekuzzjoni fil-pajjiż ta' oriġini tagħha. F'dan il-każ, huwa minnu li din il-persuna tiġi mċaħħda mill-imsemmi status u għaldaqstant ma jkollhiex, jew ma jkollhiex iktar, id-drittijiet u l-vantaġġi kollha stipulati fil-Kapitolu VII tad-Direttiva 2011/95. Madankollu, bħalma jipprevedi espliċitament l-Artikolu 14(6) ta' din id-direttiva, din il-persuna tgawdi, jew tkompli tgawdi, minn ċertu numru ta' drittijiet previsti mill-Konvenzjoni ta' Genève, fatt dan li jikkonferma li hija għandha, jew ikompli jkollha, il-kwalità ta' refuġjat fis-sens, b'mod partikolari, tal-Artikolu 1(A) ta' din il-konvenzjoni, minkejja r-revoka jew ir-rifjut tal-istatus ta' refuġjat.

F'dak li jirrigwarda l-Artikolu 14(6), il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, fl-aħħar lok, li din id-dispożizzjoni tipprevedi l-obbligu għall-Istat Membru li jagħmel użu mill-possibbiltajiet previsti fl-Artikolu 14(4) u (5) tad-Direttiva 2011/95, li jagħti lir-refuġjat ikkonċernat, li jinsab fit-territorju tal-imsemmi Stat Membru, mill-inqas, il-benefiċċju tad-drittijiet stabbiliti mill-Konvenzjoni ta' Genève li għalihom dan l-Artikolu 14(6) jagħmel riferiment espliċitu kif ukoll drittijiet previsti minn din il-konvenzjoni li t-tgawdija tagħhom ma tirrikjedix residenza regolari. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li din id-dispożizzjoni tal-aħħar b'ebda mod ma tista' tiġi interpretata fis-sens li jkollha l-effett li tinkoraġġixxi lill-Istati Membri jevitaw l-obbligi internazzjonali tagħhom, kif jirriżultaw mill-imsemmija konvenzjoni, billi jillimitaw id-drittijiet li dawn il-persuni jisiltu minn din il-konvenzjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja żiedet li l-applikazzjoni tal-Artikolu 14(4) sa (6) ta' din id-direttiva hija bla ħsara għall-obbligu, għall-Istat Membru kkonċernat, li josserva d-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Karta.

Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet l-eżami tagħha billi enfasizzat li, filwaqt li, taħt il-Konvenzjoni ta' Genève, il-persuni li jaqgħu taħt wieħed mill-każijiet deskritti fl-Artikolu 14(4) u (5) tad-Direttiva 2011/95 huma suġġetti, bis-saħħa tal-Artikolu 33(2) ta' din il-konvenzjoni, għal miżura ta' refoulement jew ta' tkeċċija lejn il-pajjiż ta' oriġini tagħhom, u dan minkejja li ħajjithom jew il-libertà tagħhom ser tiġi mhedda hemmhekk, tali persuni ma jistgħux għall-kuntrarju, bis-saħħa ta' din id-direttiva, ikunu s-suġġett ta' refoulement jekk dan iġib ir-riskju li d-drittijiet fundamentali tagħhom stabbiliti fl-Artikolu 4 u fl-Artikolu 19(2) tal-Karta ser jiġu miksura. Huwa minnu li dawn il-persuni jistgħu jkunu suġġetti, fl-Istat Membru kkonċernat, għal deċiżjoni ta' revoka tal-istatus ta' refuġjat, fis-sens tal-Artikolu 2(e) tal-imsemmija direttiva, jew għal deċiżjoni ta' rifjut ta' għoti ta' dan l-istatus, iżda l-adozzjoni ta' tali deċiżjonijiet ma tistax taffettwa l-kwalità tagħhom ta' refuġjat meta huma jissodisfaw il-kundizzjonijiet materjali meħtieġa sabiex jitqiesu li huma refuġjati, fis-sens tal-Artikolu 2(d) tal-istess direttiva, moqri flimkien mad-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu III tagħha, u, għaldaqstant, tal-Artikolu 1(A) tal-Konvenzjoni ta' Genève.

Fis-sentenza ***Bilali*** (C-720/17, EU:C:2019:448), mogħtija fit-23 ta' Mejju 2019, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li *l-Artikolu 19(1) tad-Direttiva 2011/95, moqri flimkien mal-Artikolu 16 tagħha, għandu jiġi interpretat fis-sens li Stat Membru għandu jirrevoka l-istatus mogħti bil-protezzjoni sussidjarja meta jkun ta dan l-istatus mingħajr ma jkunu ġew issodisfatti l-kundizzjonijiet għal dan l-għoti, abbażi ta' fatti li sussegwentement jiġu rrivelati li jkunu żbaljati, u minkejja li l-individwu kkonċernat ma jkunx jista' jiġi kkritikat li qarraq b'dan l-Istat Membru f'dik l-okkażjoni.*

F'dan il-każ, l-istatus mogħti permezz tal-protezzjoni sussidjarja, kif ukoll il-permess ta' residenza għal żmien determinat, li ngħataw lill-individwu kkonċernat, kienu ġew sussegwentement irrevokati ex officio, sa fejn, minn naħa, kien sar żball fid-determinazzjoni tan-nazzjonalità preżunta ta' dan tal-aħħar u, min-naħa l-oħra, dan tal-aħħar qatt ma kien ġie espost, fil-każ li jintbagħat lura fil-pajjiż ta' oriġini tiegħu jew fil-pajjiż ta' residenza abitwali tiegħu, għal riskju reali li jsofri dannu gravi, fis-sens tal-Artikolu 15 tad-Direttiva 2011/95.

F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat l-ewwel nett li huwa minnu li l-Artikolu 19(3)(b) tad-Direttiva 2011/95 ma jipprevedix it-telf tal-istatus mogħti permezz tal-protezzjoni sussidjarja ħlief fil-każ li l-individwu kkonċernat ikun uża tibdil jew ommissjonijiet li jkollhom rwol determinanti fid-deċiżjoni li tagħti tali status. Barra minn hekk, ebda dispożizzjoni oħra ma tipprevedi espressament li l-imsemmi status għandu jew jista' jiġi rtirat meta d-deċiżjoni tal-għoti inkwistjoni tkun ittieħdet abbażi ta' elementi żbaljati, mingħajr tibdil jew ommissjonijiet min-naħa tal-individwu kkonċernat.

Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat ukoll li lanqas ma huwa eskluż b'mod espliċitu li dan l-istatus jista' jintilef meta l-Istat Membru ospitanti jinduna li huwa jkun ta dan l-istatus fuq il-bażi ta' informazzjoni żbaljata li ma tkunx imputabbli lill-individwu kkonċernat. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja indikat, minn naħa, li s-sitwazzjoni ta' individwu li jkun kiseb l-istatus mogħti mill-protezzjoni sussidjarja fuq il-bażi ta' informazzjoni żbaljata mingħajr ma qatt ikun issodisfa l-kundizzjonijiet għall-kisba ta' dan l-istatus ma għandha ebda rabta mal-loġika tal-protezzjoni internazzjonali. Għaldaqstant, it-telf tal-istatus mogħti permezz tal-protezzjoni sussidjarja f'tali ċirkustanzi huwa konformi mal-għan u mal-istruttura ġenerali tad-Direttiva 2011/95, u b'mod partikolari mal-Artikolu 18 tagħha, li jipprevedi l-għoti tal-istatus mogħti mill-protezzjoni sussidjarja biss lill-persuni li jissodisfaw l-imsemmija kundizzjonijiet. Fil-fatt, jekk l-Istat Membru kkonċernat ma setax jagħti legalment dan l-istatus, huwa għandu, a fortiori, ikun obbligat jirtirah meta dan l-iżball jiġi skopert.

Min-naħa l-oħra, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li l-Artikolu 19(1) tad-Direttiva 2011/95 jipprevedi li, f'dak li jirrigwarda l-applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali ppreżentati, bħal f'dan il-każ, wara d-dħul

fis-seħħ tad-Direttiva 2004/83 [77], l-Istati Membri għandhom jirrevokaw, itemmu jew jirrifjutaw li jġeddu l-istatus mogħti permezz tal-protezzjoni sussidjarja meta ċ-ċittadin ta' pajjiż terz jew il-persuna mingħajr Stat ma jibqgħux persuna li tista' tibbenefika mill-protezzjoni sussidjarja bis-saħħa tal-Artikolu 16 tad-Direttiva 2011/95, jiġifieri meta ċ-ċirkustanzi li jkunu ġġustifikaw l-għoti ta' din il-protezzjoni ma jibqgħux jeżistu jew ikunu żviluppaw b'tali mod li din il-protezzjoni ma tibqax neċessarja. F'dan ir-rigward, bidla fl-istat tal-konoxxenzi tal-Istat Membru ospitanti fir-rigward tas-sitwazzjoni personali tal-individwu kkonċernat, bl-istess mod bħal bidla fiċ-ċirkustanzi fattwali fil-pajjiż terz, jista' jkollha bħala konsegwenza li l-biża' oriġinali li dan tal-aħħar isofri dannu gravi ma tidhirx iktar fondata, bil-kundizzjoni li din il-bidla fl-istat tal-konoxxenzi tkun suffiċjentement sinjifikattiva u definittiva dwar il-kwistjoni ta' jekk l-individwu kkonċernat jissodisfax il-kundizzjonijiet għall-għoti tal-istatus mogħti mill-protezzjoni sussidjarja. Għaldaqstant, meta l-Istat Membru ospitanti jkollu informazzjoni ġdida li turi li, kuntrarjament għall-evalwazzjoni inizjali tiegħu tas-sitwazzjoni ta' ċittadin ta' pajjiż terz jew ta' persuna mingħajr Stat li lilhom ikun ta l-protezzjoni sussidjarja, ibbażata fuq elementi żbaljati, dawn tal-aħħar qatt ma kienu esposti għal riskju ta' dannu gravi, dan l-Istat Membru għandu jikkonkludi li ċ-ċirkustanzi li wasslu għall-għoti tal-istatus mogħti mill-protezzjoni sussidjarja jkunu evolvew b'tali mod li ż-żamma ta' dan l-istatus ma tibqax iġġustifikata. Barra minn hekk, il-fatt li l-iżball imwettaq mill-Istat Membru ospitanti ma jkunx imputabbli lill-individwu kkonċernat ma huwiex ta' natura li jibdel il-konstatazzjoni li dan tal-aħħar, fir-realtà, qatt ma ssodisfa l-kundizzjonijiet li jiġġustifikaw l-għoti tal-istatus mogħti mill-protezzjoni sussidjarja.

Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, din l-interpretazzjoni tad-Direttiva 2011/95 hija kkorroborata mill-Konvenzjoni ta' Genève, peress li r-rekwiżiti li jirriżultaw minn din il-konvenzjoni għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni għall-finijiet tal-interpretazzjoni tal-Artikolu 19 ta' din id-direttiva. F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li d-dokumenti maħruġa mill-Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Refuġjati (HCR) jibbenefikaw minn rilevanza partikolari fid-dawl tar-rwol mogħti lill-HCR mill-Konvenzjoni ta' Genève. Issa, għalkemm ebda dispożizzjoni tal-imsemmija konvenzjoni ma tipprevedi espressament it-telf tal-istatus ta' refuġjat meta jidher sussegwentement li dan l-istatus qatt ma kellu jingħata, il-HCR madankollu jikkunsidra, li, f'tali każ, id-deċiżjoni li tagħti l-istatus ta' refuġjat għandha, bħala prinċipju, tiġi annullata.

Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li t-telf tal-istatus mogħti permezz tal-protezzjoni sussidjarja, bis-saħħa tal-Artikolu 19(1) tad-Direttiva 2011/95, ma jimplikax teħid ta' pożizzjoni fir-rigward tal-kwistjoni separata dwar jekk l-individwu kkonċernat jitlifx kull dritt ta' residenza fl-Istat Membru kkonċernat u jkunx jista' jitkeċċa lejn il-pajjiż ta' oriġini tiegħu. Fil-fatt, minn naħa, kuntrarjament għat-telf tal-imsemmi status skont l-Artikolu 19(3)(b) tad-Direttiva 2011/95, it-telf tal-istess status, skont l-Artikolu 19(1) ta' din id-direttiva, la jaqa' taħt il-każijiet li fihom l-Istati Membri għandhom jirrifjutaw, skont l-Artikolu 4(1a) tad-Direttiva 2003/109 [78], li jagħtu l-istatus ta' resident għat-tul lill-benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali, u lanqas taħt il-każijiet li fihom, skont l-Artikolu 9(3a) ta' din id-direttiva tal-aħħar, l-Istati Membri jistgħu jirtiraw l-istatus ta' resident għat-tul lill-imsemmija benefiċjarji. Min-naħa l-oħra, id-Direttiva 2011/95 tammetti li l-Istati Membri ospitanti jistgħu jagħtu, skont id-dritt nazzjonali tagħhom, protezzjoni nazzjonali bi drittijiet li jippermettu lill-persuni li ma jibbenefikawx mill-istatus ta' benefiċjarju tal-protezzjoni sussidjarja jirrisjedu fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat.

77| Direttiva tal-Kunsill 2004/83/KE tad-29 ta' April 2004 dwar livelli stabbiliti minimi għall-kwalifika u l-istat ta' ċittadini nazzjonali ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala refuġjati jew bħala persuni li nkella jeħtieġu protezzjoni internazzjonali u l-kontenut tal-protezzjoni mogħtija (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 7, p. 96).

78| Direttiva 2003/109/KE tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2003 dwar l-istatus ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu residenti għat-tul (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 6, p. 272).

Il-Qorti tal-Ġustizzja żiedet ukoll li, f'dan il-kuntest, l-Istat Membru kkonċernat huwa obbligat jirrispetta, b'mod partikolari, id-dritt fundamentali għar-rispett tal-ħajja privata u tal-ħajja tal-familja tal-individwu kkonċernat, kif iggarantit mill-Artikolu 7 tal-Karta. Jikkostitwixxi ċirkustanza rilevanti f'dan ir-rigward il-fatt li, kuntrarjament għall-każ previst fl-Artikolu 19(3) tad-Direttiva 2011/95, l-individwu li l-istatus tiegħu bħala benefiċjarju ta' protezzjoni sussidjarja jkun tneħħa abbażi tal-Artikolu 19(1) tal-imsemmija direttiva, moqri flimkien mal-Artikolu 16 tagħha, ma jkunx tqarraq intenzjonalment bl-awtorità nazzjonali kompetenti meta jkun ingħata dan l-istatus.

### 1.2. Ipproċessar tal-applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali

Is-sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-ipproċessar tal-applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali, li huma elenkati f'dan ir-rapport, jirrigwardaw il-modalitajiet ta' eżami, ta' evalwazzjoni u ta' evalwazzjoni mill-ġdid ta' tali applikazzjonijiet, l-ammissibbiltà tagħhom, il-kundizzjonijiet għat-trasferiment tal-applikanti lejn l-Istat Membru responsabbli għall-imsemmi eżami u d-determinazzjoni tal-imsemmi Stat Membru, kif ukoll is-sanzjonijiet li jistgħu jittieħdu kontra applikant għal protezzjoni internazzjonali li jkun ħati ta' aġir vjolenti.

Fis-sentenza tagħha ***Jawo*** (C-163/17, EU:C:2019:218), mogħtija fid-19 ta' Marzu 2019, l-Awla Manja tal-Qorti tal-Ġustizzja tat deċiżjoni, fir-rigward tar-Regolament Nru 604/2013[79] (iktar 'il quddiem ir-"Regolament Dublin III") u tal-Karta, dwar il-kwistjoni ta' *f'liema kundizzjonijiet jista' jiġi kkonstatat li applikant għal protezzjoni internazzjonali jkun ħarab b'tali mod li t-terminu għat-trasferiment tiegħu lejn l-Istat Membru normalment responsabbli għall-eżami tal-applikazzjoni tiegħu jkun jista' jiġi estiż, kif ukoll dwar il-legalità ta' tali trasferiment meta jkun hemm riskju li l-individwu kkonċernat ikun suġġett għal trattament inuman jew degradanti fi tmiem il-proċedura ta' ażil minħabba l-kundizzjonijiet tal-għajxien tal-benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali fl-imsemmi Stat Membru*.

F'dan il-każ, ċittadin Gambjan kien daħal fl-Unjoni Ewropea mill-Italja u kien ippreżenta applikazzjoni għall-ażil hemmhekk qabel ma mar il-Ġermanja, fejn ippreżenta applikazzjoni ġdida. Wara li talbu lill-awtoritajiet Taljani jieħdu lura lill-individwu kkonċernat taħt ir-responsabbiltà tagħhom, l-awtoritajiet Ġermaniżi ċaħdu l-applikazzjoni għal ażil tiegħu u ordnaw it-tneħħija tiegħu lejn l-Italja. L-ewwel tentattiv ta' trasferiment ma rnexxiex minħabba li l-applikant ma kienx jinsab fl-istruttura ta' akkomodazzjoni allokata lilu. L-awtoritajiet Ġermaniżi, peress li għalhekk qiesu li huwa kien ħarab, informaw lill-awtoritajiet Taljani dwar l-impossibbiltà li jwettqu t-trasferiment u dwar l-estensjoni tat-terminu, konformement mal-Artikolu 29(2) tar-Regolament Dublin III. Dan l-artikolu jipprevedi li t-terminu sabiex isir it-trasferiment huwa ta' sitt xhur, iżda jista' jiġi estiż sa massimu ta' tmintax-il xahar meta l-applikant ikun ħarab. Sussegwentement, l-individwu kkonċernat indika li kien mar iżur lil ħabib tiegħu u li ma kienx jaf li kellu javża dwar l-assenzi tiegħu. Fl-istess ħin, huwa ppreżenta rikors kontra d-deċiżjoni ta' trasferiment u, wara ċ-ċaħda tiegħu, ippreżenta appell quddiem il-qorti tar-rinviju. Fil-kuntest ta' dan l-appell, huwa sostna li, peress li ma kienx ħarab, l-awtoritajiet Ġermaniżi ma kellhomx dritt jestendu t-terminu għat-trasferiment tiegħu lejn l-Italja. Huwa invoka wkoll l-eżistenza, fl-Italja, ta' nuqqasijiet sistemiċi fil-qasam tal-ażil, li jostakolaw it-trasferiment tiegħu lejn dan l-Istat.

Fl-ewwel lok, il-Qorti tal-Ġustizzja speċifikat li l-kunċett ta' "ħarba", fis-sens tal-Artikolu 29(2) tar-Regolament Dublin III, jimplika, b'mod partikolari, l-eżistenza ta' element intenzjonali, b'tali mod li din id-dispożizzjoni, bħala prinċipju, tapplika biss meta l-applikant ikun deliberatament evada lill-awtoritajiet nazzjonali, bil-għan

79| Regolament (UE) Nru 604/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat liema hu l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali iddepożitata għand wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida (ĠU 2013, L 180, p. 31, rettifika fil-ĠU 2017, L 49, p. 50).

li jipprevjeni t-trasferiment tiegħu. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja żiedet li, sabiex jiġi żgurat il-funzjonament effettiv tar-Regolament Dublin III u sabiex jittieħdu inkunsiderazzjoni d-diffikultajiet kunsiderevoli li jistgħu jiltaqgħu magħhom l-imsemmija awtoritajiet sabiex iressqu prova tal-intenzjonijiet tal-applikant, jista' jiġi preżunt li huwa jkun ħarab meta t-trasferiment ma jkunx jista' jitwettaq minħabba l-fatt li l-applikant ikun telaq mill-post ta' residenza li kien allokat lilu mingħajr ma jkun informa lill-awtoritajiet nazzjonali u mingħajr ma jkun talab, jekk ikun il-każ, awtorizzazzjoni minn qabel. Madankollu, din il-preżunzjoni tapplika biss jekk l-applikant ikun ġie debitament informat bl-obbligi tiegħu f'dan ir-rigward, konformement mal-Artikolu 5 tad-Direttiva 2013/33 [80]. Barra minn hekk, l-applikant għandu jżomm il-possibbiltà li juri li l-fatt li huwa ma jkunx informa lill-awtoritajiet kompetenti dwar l-assenza tiegħu jkun ġġustifikat minn raġunijiet validi u mhux mill-intenzjoni li jevadihom.

Fit-tieni lok, il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat li, konformement ma' dak li diġà kienet iddeċidiet fis-sentenza Shiri [81], l-applikant jista' jsostni, fil-kuntest ta' rikors kontra deċiżjoni ta' trasferiment, li, peress li huwa ma kienx ħarab, it-terminu ta' sitt xhur previst fl-Artikolu 29(1) u (2) tar-Regolament Dublin III kien skada.

Fit-tielet lok, fir-rigward tal-modalitajiet ta' estensjoni tat-terminu għat-trasferiment, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li ebda konsultazzjoni minn qabel ma kienet neċessarja bejn l-Istat Membru rikjedenti u l-Istat Membru responsabbli. B'hekk, sabiex dan it-terminu jiġi estiż sa massimu ta' tmintax-il xahar, ikun biżżejjed li l-ewwel Stat jindika lit-tieni Stat, qabel l-iskadenza tat-terminu ta' sitt xhur, li l-applikant ikun ħarab, filwaqt li jispeċifika t-terminu l-ġdid għat-trasferiment.

Fir-raba' u l-aħħar lok, il-Qorti tal-Ġustizzja eżaminat il-kwistjoni ta' jekk l-Artikolu 4 tal-Karta jipprekludix it-trasferiment ta' applikant għal protezzjoni internazzjonali meta l-kundizzjonijiet tal-għajxien tal-benefiċjarji ta' tali protezzjoni, fl-Istat Membru normalment responsabbli għall-eżami tal-applikazzjoni tiegħu, jistgħu jikkostitwixxu trattament inuman jew degradanti.

Il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat, l-ewwel nett, li din il-kwistjoni taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni. It-tieni nett, hija enfasizzat li, fil-kuntest tas-sistema Ewropea komuni ta' ażil, u b'mod partikolari tar-Regolament Dublin III, li huwa bbażat fuq il-prinċipju ta' fiduċja reċiproka, għandu jiġi preżunt li l-ipproċessar irriżervat għall-applikanti jirrispetta d-drittijiet fundamentali tagħhom. Madankollu, kif il-Qorti tal-Ġustizzja kienet diġà ddeċidiet fis-sentenza *N. S. et* [82] u kif ġie kkodifikat fl-Artikolu 3(2) tar-Regolament Dublin III, ma jistax jiġi eskluż li l-applikant ikun espost għar-riskju, minħabba, b'mod partikolari, nuqqasijiet sistemiċi, iġġeneralizzati jew li jolqtu ċerti gruppi ta' persuni fl-Istat Membru li lejh ikun previst it-trasferiment, ta' trattament inuman jew degradanti f'dan l-Istat Membru, u dan il-fatt għalhekk jostakola l-imsemmi trasferiment. F'dan ir-rigward, għalkemm l-Artikolu 3(2) tar-Regolament Dublin III jindirizza biss is-sitwazzjoni li tat lok għas-sentenza *N. S. et*, fejn dan ir-riskju kien jirriżulta minn nuqqasijiet sistemiċi matul il-proċedura ta' ażil, trasferiment jiġi xorta waħda eskluż meta jkun hemm raġunijiet serji u kkonfermati li jwasslu lil dak li jkun jemmen li l-applikant ser ikun affaċċjat b'tali riskju, kemm jekk dan ir-riskju jqum fil-mument stess tat-trasferiment, kemm jekk matul il-proċedura ta' ażil u kemm jekk fit-tmiem tagħha.

Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja indikat li r-realtà tal-allegati nuqqasijiet kellha tiġi evalwata, mill-qorti nazzjonali adita b'rikors kontra deċiżjoni ta' trasferiment, abbażi ta' elementi oġġettivi, affidabbli, preċiżi u debitament ivverifikati u fid-dawl tal-istandard ta' protezzjoni tad-drittijiet fundamentali ggarantit mid-dritt tal-Unjoni. Dawn in-nuqqasijiet kellhom jilħqu livell partikolarment għoli ta' gravità. Fir-rigward tal-kundizzjonijiet

80| Direttiva 2013/33/UE tal-Parlament u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 li tistabbilixxi l-istandards dwar l-akkoljenza ta' applikanti għall-protezzjoni internazzjonali (ĠU 2013, L 180, p. 96).

81| Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-25 ta' Ottubru 2017, ***Shiri*** (C-201/16, EU:C:2017:805).

82| Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-21 ta' Diċembru 2011, ***N. S. et*** (C-411/10 u C-493/10, EU:C:2011:865).

tal-għajxien tal-benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali, dan il-livell jintlaħaq meta l-indifferenza tal-awtoritajiet nazzjonali jkollha l-konsegwenza li persuna ssib ruħha, indipendentement mir-rieda tagħha u mill-għażliet personali tagħha, f'sitwazzjoni ta' deprivazzjoni materjali estrema, li ma tħallihiex tissodisfa l-ħtiġijiet l-iktar bażiċi tagħha u li ddgħajjef is-saħħa fiżika jew mentali tagħha jew id-dinjità umana tagħha. Għall-kuntrarju, il-fatt li l-forom ta' solidarjetà familjari, li jużaw iċ-ċittadini tal-Istat Membru kkonċernat sabiex jiġu indirizzati l-insuffiċjenzi tas-sistema soċjali, ikunu ġeneralment neqsin għall-benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali ma huwiex biżżejjed sabiex jiġi kkonstatat li l-applikant ikun ser jiġi kkonfrontat, fil-każ ta' trasferiment lejn dan l-Istat Membru, b'tali sitwazzjoni. Bl-istess mod, l-eżistenza ta' nuqqasijiet fl-implimentazzjoni ta' programmi ta' integrazzjoni ta' dawn il-benefiċjarji hija insuffiċjenti sabiex tiġi stabbilita tali konstatazzjoni. Fi kwalunkwe każ, is-sempliċi fatt li l-protezzjoni soċjali u/jew il-kundizzjonijiet tal-għajxien ikunu iktar favorevoli fl-Istat Membru rikjedenti milli fl-Istat Membru li jkun normalment responsabbli għall-eżami tal-applikazzjoni ma huwiex suffiċjenti sabiex jiġi konkluż li jkun jeżisti riskju ta' trattament inuman jew degradanti fit-tieni Stat Membru.

Fis-sentenza ***Ibrahim et*** (C-297/17, C-318/17, C-319/17 u C-438/17, EU:C:2019:219), mogħtija fid-19 ta' Marzu 2019, l-Awla Manja tal-Qorti tal-Ġustizzja għamlet *preċiżazzjonijiet dwar ir-raġuni addizzjonali ta' inammissibbiltà ta' applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali stabbilita fl-Artikolu 33(2)(a) tad-Direttiva 2013/32* [83]. Din id-dispożizzjoni testendi l-possibbiltà, preċedentement prevista fid-Direttiva 2005/85 [84], li applikazzjoni tiġi miċħuda bħala inammissibbli fil-każ ta' għoti preċedenti tal-istatus ta' refuġjat minn Stat Membru ieħor, billi tippermetti wkoll tali ċaħda fil-każ ta' għoti ta' protezzjoni sussidjarja. Fil-kawżi prinċipali, din il-protezzjoni kienet ingħatat lil diversi ċittadini ta' pajjiż terz, rispettivament fil-Polonja u fil-Bulgarija. Sussegwentement, dawn il-persuni kienu marru l-Ġermanja, fejn kienu ppreżentaw, bejn l-2012 u l-2013, applikazzjonijiet għal ażil. Wara li kienu talbu, mingħajr suċċess, lill-awtoritajiet Pollakki u lill-awtoritajiet Bulgari kompetenti t-teħid lura ta' dawn il-persuni taħt ir-responsabbiltà tagħhom, l-awtoritajiet Ġermaniżi ċaħdu l-applikazzjonijiet għall-ażil, mingħajr ma eżaminaw il-mertu tagħhom, ħaġa li l-persuni kkonċernati kkontestaw permezz ta' azzjoni ġudizzjarja.

F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja l-ewwel nett tat deċiżjoni dwar il-kamp ta' applikazzjoni ratione temporis tad-Direttiva 2013/32. F'dan ir-rigward, id-dispożizzjonijiet tranżitorji li jinsabu fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 52 tagħha jipprevedu, minn naħa, li d-dispożizzjonijiet nazzjonali li jittrasponu din id-direttiva japplikaw għall-applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali ppreżentati "wara l-20 ta' Lulju 2015 jew f'data aktar kmieni" u, min-naħa l-oħra, li l-applikazzjonijiet ippreżentati "qabel l-20 ta' Lulju 2015" għandhom ikunu rregolati mid-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont id-Direttiva 2005/85. Il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li, minkejja t-tensjoni eżistenti bejn dawn iż-żewġ regoli, Stat Membru jista' jipprevedi applikazzjoni immedjata tad-dispożizzjoni nazzjonali li tittrasponi r-raġuni addizzjonali ta' inammissibbiltà għal applikazzjonijiet għal ażil li jkun għadu ma tax deċiżjoni b'mod definittiv dwarhom u li kienu ġew ippreżentati qabel l-20 ta' Lulju 2015 u qabel id-dħul fis-seħħ ta' din id-dispożizzjoni nazzjonali. Minħabba raġunijiet ta' ċertezza legali u ta' ugwaljanza quddiem il-liġi, huwa madankollu meħtieġ li l-applikazzjonijiet ippreżentati matul l-istess perijodu f'dan l-Istat Membru jiġu eżaminati b'mod prevedibbli u uniformi. Għall-kuntrarju, il-Qorti tal-Ġustizzja indikat li tali applikazzjoni immedjata ma hijiex permessa meta kemm l-applikazzjoni għal ażil kif ukoll it-talba għall-finijiet ta' teħid lura jkunu ġew ippreżentati qabel id-dħul fis-seħħ tad-Direttiva 2013/32. Fil-fatt, f'tali sitwazzjoni, inkwistjoni f'waħda mill-kawżi prinċipali, din l-applikazzjoni u din it-talba għadhom jaqgħu b'mod

83| Direttiva 2013/32/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar proċeduri komuni għall-għoti u l-irtirar tal-protezzjoni internazzjonali (ĠU 2013, L 180, p. 60).

84| Direttiva tal-Kunsill 2005/85/KE tal-1 ta' Diċembru 2005 dwar standards minimi għal proċeduri fl-Istati Membri għall-għoti u l-irtirar ta' l-istatus ta' refuġjat (ĠU L 175M, 29.6.2006, p. 168).

sħiħ, konformement mal-Artikolu 49 tar-Regolament Dublin III, fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru343/2003 [85], filwaqt li l-Artikolu 33 tad-Direttiva 2013/32 jirreferi biss għas-sitwazzjonijiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Dublin III.

It-tieni nett, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, meta ċittadin ta' pajjiż terz ikun ingħata protezzjoni sussidjarja u jkun sussegwentement ippreżenta applikazzjoni għal ażil fi Stat Membru ieħor, dan jista' jiċħadha bħala inammissibbli, mingħajr ma jkollu jew mingħajr ma jkun jista' jirreferi bi prijorità għall-proċeduri ta' teħid ta' responsabbiltà jew ta' teħid lura previsti fir-Regolament Dublin III.

Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja eżaminat il-kundizzjonijiet li fihom Stat Membru jista' jiġi mċaħħad, skont il-Karta, mill-possibbiltà offruta mill-Artikolu 33(2)(a) tad-Direttiva 2013/32. F'dan ir-rigward, filwaqt li għamlet riferiment għas-sentenza tagħha *Jawo* [86] tal-istess jum, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li, meta applikant ikun fil-perikolu li jġarrab, fi Stat Membru, trattament inuman jew degradanti li jmur kontra l-Artikolu 4 tal-Karta, dan il-fatt jostakola t-trasferiment tiegħu lejh, kemm jekk dan ir-riskju jqum fil-mument stess tat-trasferiment, kemm jekk matul il-proċedura ta' ażil u kemm jekk fit-tmiem tagħha. B'analoġija, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li Stat Membru ma jistax jagħmel użu mir-raġuni addizzjonali ta' inammissibbiltà meta l-kundizzjonijiet ta' għajxien prevedibbli tal-applikant fl-Istat Membru li jkun tah protezzjoni sussidjarja ikunu ser jesponuh, bħala benefiċjarju ta' din il-protezzjoni, għal riskju serju ta' trattament inuman jew degradanti. In-nuqqasijiet inkwistjoni għandhom madankollu jilħqu livell partikolarment għoli ta' gravità, ikkaratterizzat mill-espożizzjoni tal-individwu kkonċernat għal sitwazzjoni ta' deprivazzjoni materjali estrema.

F'dan ir-rigward, ksur tad-Direttiva 2011/95 li ma jwassalx sal-punt li jikser l-Artikolu 4 tal-Karta huwa insuffiċjenti. Bl-istess mod, il-fatt li, fl-Istat Membru li jkun ta lill-individwu kkonċernat il-protezzjoni sussidjarja, il-benefiċjarji ta' tali protezzjoni ma jirċievu ebda benefiċċju ta' sussistenza jew ikunu destinatarji ta' tali benefiċċju b'mod nettament inqas milli fi Stati Membri oħra, mingħajr madankollu ma jiġu ttrattati b'mod differenti miċ-ċittadini tal-Istat Membru kkonċernat, ma jippermettix li jiġi kkonstatat ksur ta' dan l-Artikolu 4, sakemm l-applikant ma jkunx jinsab, minħabba l-vulnerabbiltà partikolari tiegħu u indipendentement mir-rieda u mill-għażliet personali tiegħu, f'sitwazzjoni ta' deprivazzjoni materjali estrema.

Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li, meta l-Istat Membru li jkun ta l-protezzjoni sussidjarja jirrifjuta sistematikament, mingħajr eżami reali, l-għoti tal-istatus ta' refuġjat lil applikanti li madankollu jissodisfaw il-kundizzjonijiet previsti mid-Direttiva 2011/95, it-trattament tal-applikanti ma jistax jitqies li jkun konformi mal-obbligi li jirriżultaw mill-Artikolu 18 tal-Karta, dwar id-dritt għall-ażil. Madankollu, huwa dan l-Istat Membru li għandu jkompli l-proċedura intiża sabiex jinkiseb l-istatus ta' refuġjat, filwaqt li l-Istat Membru fejn tkun ġiet ippreżentata applikazzjoni ġdida jista', min-naħa tiegħu, jiċħadha abbażi tal-Artikolu 33(2)(a) tad-Direttiva 2013/32, moqri fid-dawl tal-prinċipju ta' fiduċja reċiproka.

Fis-sentenza ***H. u R.*** (C-582/17 u C-583/17, EU:C:2019:280), mogħtija fit-2 ta' April 2019, l-Awla Manja tal-Qorti tal-Ġustizzja *eżaminat il-kwistjoni ta' jekk, qabel ma titressaq talba għall-finijiet tat-teħid lura ta' applikant għal protezzjoni internazzjonali, l-awtoritajiet kompetenti jkunux obbligati jiddeterminaw l-Istat Membru responsabbli għall-eżami tal-applikazzjoni tiegħu, b'mod partikolari abbażi tal-kriterju ta' responsabbiltà previst fl-Artikolu 9 tar-Regolament Dublin III.* Dan l-artikolu jispeċifika li, jekk membru tal-familja tal-applikant ikun tħalla jirrisjedi bħala benefiċjarju ta' protezzjoni internazzjonali fi Stat Membru, dan tal-aħħar ikun responsabbli għall-eżami tal-applikazzjoni. F'dan il-każ, l-awtoritajiet Olandiżi kienu talbu lill-awtoritajiet Ġermaniżi jieħdu lura żewġ ċittadini Sirjani li kienu ppreżentaw applikazzjoni inizjali għal protezzjoni internazzjonali fil-Ġermanja, qabel

85| Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 343/2003 tat-18 ta' Frar 2003 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat l-Stat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-ażil iddepożitata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 6, p. 109).

86| Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-19 ta' Marzu 2019, ***Jawo*** (C-163/17, EU:C:2019:218).

ma telqu minn dan l-Istat u ppreżentaw applikazzjoni ġdida fil-Pajjiżi l-Baxxi. Il-persuni kkonċernati kienu invokaw il-preżenza tal-konjuġi rispettivi tagħhom fil-Pajjiżi l-Baxxi, li kienu benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali, iżda l-awtoritajiet Olandiżi rrifjutaw li jieħdu dawn l-allegazzjonijiet inkunsiderazzjoni u, għaldaqstant, li jeżaminaw l-applikazzjoni tagħhom, għar-raġuni li, fil-kuntest ta' proċedura ta' teħid lura, applikant ma jistax jinvoka l-Artikolu 9 tar-Regolament Dublin III.

F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li l-proċedura ta' teħid lura tapplika għall-persuni msemmija fl-Artikolu 20(5) jew fl-Artikolu 18(1)(b) sa (d) tar-Regolament Dublin III, qabel ma affermat li s-sitwazzjoni li fiha ċittadin ta' pajjiż terz jippreżenta applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali fl-ewwel Stat Membru, li mbagħad jitlaq minn dan l-Istat Membru u jippreżenta applikazzjoni ġdida fi Stat Membru ieħor taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din il-proċedura, irrispettivament minn jekk l-applikazzjoni ppreżentata fl-ewwel Stat Membru tkunx ġiet irtirata jew jekk diġà jkunx inbeda l-eżami tagħha, konformement mad-Direttiva 2013/32, f'dan l-Istat Membru.

Il-Qorti tal-Ġustizzja kompliet billi enfasizzat li, għalkemm il-fatt li deċiżjoni ta' trasferiment tkun ġiet adottata fi tmiem proċedura ta' teħid ta' responsabbiltà jew ta' teħid lura ma huwiex ta' natura li jinfluwenza l-portata tad-dritt għal rimedju effettiv kontra tali deċiżjoni, iggarantit mill-Artikolu 27(1) tar-Regolament Dublin III, dawn iż-żewġ proċeduri huma madankollu suġġetti għal regoli differenti, differenza din li taffettwa d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-regolament li jistgħu jiġu invokati insostenn ta' tali rikors. Fil-fatt, fil-kuntest tal-proċedura ta' teħid ta' responsabbiltà, il-proċess ta' determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli għall-eżami tal-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali, abbażi tal-kriterji stabbiliti fil-Kapitolu III tar-Regolament Dublin III, għandu natura ċentrali u l-Istat Membru li fih tali applikazzjoni tkun ġiet ippreżentata ma jistax jibgħat talba għal teħid ta' responsabbiltà lil Stat Membru ieħor ħlief fil-każ li jqis li dan ikun responsabbli għall-eżami ta' din l-applikazzjoni. Għall-kuntrarju, fil-kuntest tal-proċedura ta' teħid lura, dawn il-kriterji ta' responsabbiltà ma humiex rilevanti, peress li huwa importanti biss li l-Istat Membru rikjest jissodisfa l-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 20(5) (jiġifieri li jkun l-Istat Membru li fih l-applikazzjoni tkun ġiet ippreżentata għall-ewwel darba u li fih il-proċess ta' determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli għall-eżami ta' din l-applikazzjoni jkun pendenti), jew fl-Artikolu 18(1)(b) sa (d) tar-Regolament Dublin III (jiġifieri li jkun l-Istat Membru li fih kienet ġiet ippreżentata l-ewwel applikazzjoni u li, fit-tmiem tal-proċess ta' determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli, ikun aċċetta r-responsabbiltà tiegħu sabiex jeżamina din l-applikazzjoni).

Il-Qorti tal-Ġustizzja żiedet li l-assenza ta' rilevanza, fil-kuntest ta' proċedura ta' teħid lura, tal-kriterji ta' responsabbiltà stabbiliti fil-Kapitolu III tar-Regolament Dublin III hija kkorroborata mill-fatt li, filwaqt li l-Artikolu 22 ta' dan ir-regolament jipprevedi b'mod iddettaljat kif dawn il-kriterji għandhom jiġu applikati fil-kuntest ta' proċedura ta' teħid ta' responsabbiltà, l-Artikolu 25 tal-imsemmi regolament, li jikkonċerna l-proċedura ta' teħid lura, ma jinkludi ebda dispożizzjoni simili u jobbliga biss lill-Istat Membru rikjest iwettaq il-verifiki neċessarji sabiex jagħti deċiżjoni dwar it-talba għal teħid lura.

Il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat ukoll li l-interpretazzjoni bil-kontra, jiġifieri li tali talba tista' ssir biss jekk l-Istat Membru rikjest jkun jista' jiġi identifikat bħala l-Istat Membru responsabbli skont il-kriterji ta' responsabbiltà stabbiliti fil-Kapitolu III tar-Regolament Dublin III, hija kkontradetta mill-istruttura ġenerali ta' dan ir-regolament, li kien intiż li jistabbilixxi żewġ proċeduri awtonomi (jiġifieri l-proċedura ta' teħid ta' responsabbiltà u l-proċedura ta' teħid lura), li japplikaw għal sitwazzjonijiet differenti u li huma suġġetti għal dispożizzjonijiet differenti. Barra minn hekk, din l-interpretazzjoni bil-kontra tista' tikkomprometti t-twettiq tal-għan tar-Regolament Dublin III, li jikkonsisti fil-prevenzjoni tal-movimenti sekondarji ta' applikanti għal protezzjoni internazzjonali, peress li tali interpretazzjoni tkun timplika li l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru li fih tkun ġiet ippreżentata t-tieni applikazzjoni jistgħu, fil-fatt, jeżaminaw mill-ġdid il-konklużjoni li jkunu waslu għaliha, wara l-proċess ta' determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli għall-eżami tal-applikazzjoni, l-awtoritajiet kompetenti tal-ewwel Stat Membru fir-rigward tar-responsabbiltà stess ta' dan tal-aħħar.

Barra minn hekk, hija tista' twassal sabiex jiġi ppreġudikat il-prinċipju essenzjali tar-Regolament Dublin III, stabbilit fl-Artikolu 3(1) tiegħu, fis-sens li applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali għandha tiġi eżaminata minn Stat Membru wieħed biss.

Bħala konklużjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li l-kriterji ta' responsabbiltà stabbiliti fil-Kapitolu III tar-Regolament Dublin III ma jistgħux jiġu invokati insostenn ta' rikors ippreżentat kontra deċiżjoni ta' trasferiment meħuda fil-kuntest ta' proċedura ta' teħid lura.

Madankollu, peress li l-kriterji ta' responsabbiltà stabbiliti fl-Artikoli 8 sa 10 tar-Regolament Dublin III għandhom l-għan li jikkontribwixxu għall-protezzjoni tal-aħjar interessi tat-tfal u tal-ħajja tal-familja tal-persuni kkonċernati, meta l-persuna kkonċernata tkun bagħtet lill-awtorità kompetenti tat-tieni Stat Membru elementi li jistabbilixxu b'mod ċar li dan għandu jitqies bħala l-Istat Membru responsabbli, bl-applikazzjoni tal-kriterju stabbilit fl-Artikolu 9 tar-Regolament Dublin III, dan l-Istat Membru għandu f'tali każ, konformement mal-prinċipju ta' kooperazzjoni leali, jaċċetta r-responsabbiltà tiegħu, f'sitwazzjoni koperta mill-Artikolu 20(5) tar-Regolament Dublin III (jiġifieri meta l-proċess ta' determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli jkun għadu ma tlestiex fl-ewwel Stat Membru). Għaldaqstant, f'tali sitwazzjoni, iċ-ċittadin ta' pajjiż terz jista', bħala eċċezzjoni, jinvoka dan il-kriterju fil-kuntest ta' rikors kontra d-deċiżjoni ta' trasferiment meħuda fir-rigward tiegħu.

Fis-sentenza ***Torubarov*** (C-556/17, EU:C:2019:626), tad-29 ta' Lulju 2019, il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, kienet meħtieġa tinterpreta *d-dispożizzjoni tad-Direttiva 2013/32 li tiddefinixxi l-portata tad-dritt għal rimedju effettiv li għandu jkollhom l-applikanti għal protezzjoni internazzjonali (status ta' refuġjat jew protezzjoni sussidjarja), b'mod partikolari kontra d-deċiżjonijiet li jiċħdu l-applikazzjonijiet tagħhom* [87]. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, f'sitwazzjoni fejn qorti tkun ikkonstatat, wara li tkun wettqet eżami sħiħ u *ex nunc* tal-punti kollha ta' fatt u ta' liġi rilevanti ppreżentati mill-applikant għal protezzjoni internazzjonali, li, b'applikazzjoni tal-kriterji previsti mid-Direttiva 2011/95, dan l-applikant għandu jingħata tali protezzjoni għar-raġuni li huwa jinvoka insostenn tal-applikazzjoni tiegħu, iżda korp amministrattiv jew kważi ġudizzjarju jadotta sussegwentement deċiżjoni fis-sens kuntrarju, mingħajr ma jistabbilixxi, għal dan il-għan, l-okkorrenza ta' elementi ġodda li jiġġustifikaw evalwazzjoni ġdida tal-bżonnijiet ta' protezzjoni internazzjonali tal-imsemmi applikant, l-imsemmija qorti għandha tirriforma din id-deċiżjoni mhux konformi mas-sentenza preċedenti tagħha u għandha tissostitwixxi tali deċiżjoni b'dik tagħha stess fir-rigward tal-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali, billi jekk ikun hemm bżonn ma tapplikax il-leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprekludiha milli tipproċedi f'dan is-sens.

F'dan il-każ, il-qorti tar-rinviju ġiet adita, għat-tielet darba fil-kuntest tal-istess kawża, minn ċittadin Russu, li kien is-suġġett ta' proċeduri kriminali fil-pajjiż ta' oriġini tiegħu, li ppreżenta applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali fl-Ungerija għar-raġuni li huwa kien qed jibża' li jiġi ppersegwitat fir-Russja minħabba l-opinjonijiet politiċi tiegħu, jew li jsofri danni gravi. Fil-fatt, l-awtorità Ungeriża responsabbli għall-eżami ta' din l-applikazzjoni ċaħditha għal tliet darbiet, minkejja l-fatt li, darbtejn, il-qorti tar-rinviju annullat id-deċiżjonijiet ta' ċaħda tagħha u minkejja l-fatt li, fil-kuntest tat-tieni rikors tal-individwu kkonċernat, din kienet ikkonkludiet, wara evalwazzjoni tal-elementi kollha tal-proċess, li l-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali tiegħu kienet fondata. F'dawn iċ-ċirkustanzi, fil-kuntest tat-tielet rikors tiegħu, l-individwu kkonċernat talab lill-qorti tar-rinviju tissostitwixxi d-deċiżjonijiet kontenzjużi bid-deċiżjoni tagħha stess fir-rigward tal-protezzjoni internazzjonali li kellu jibbenefika minnha. Madankollu, liġi tal-2015, intiża sabiex jiġi ġestit volum kbir ta' immigranti, neħħiet is-setgħa tal-qrati li jirriformaw id-deċiżjonijiet amministrattivi relatati mal-għoti ta' protezzjoni internazzjonali.

87| Artikolu 46(3).

Filwaqt li bbażat ruħha fuq is-sentenza *Alheto* [88], il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret, qabel kollox, li d-Direttiva 2013/32 ma għandhiex l-għan li tarmonizza r-regoli proċedurali li għandhom jiġu applikati fi ħdan l-Istati Membri fir-rigward ta' adozzjoni ta' deċiżjoni ġdida dwar applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali wara l-annullament tad-deċiżjoni amministrattiva inizjali li tiċħad tali applikazzjoni. Madankollu, mill-għan imfittex minn din id-direttiva, li huwa li jiġi żgurat trattament kemm jista' jkun mgħaġġel tal-applikazzjonijiet ta' dan it-tip, mill-obbligu li jiġi żgurat effett utli għad-dispożizzjoni inkwistjoni tal-imsemmija direttiva, kif ukoll min-neċessità, li tirriżulta mill-Artikolu 47 tal-Karta, li tiġi żgurata l-effettività tar-rimedju, jirriżulta li kull Stat Membru għandu jfassal id-dritt nazzjonali tiegħu b'mod li, wara annullament tad-deċiżjoni inizjali u fil-każ li l-fajl jintbagħat lura lill-organu kważi ġudizzjarju jew amministrattiv responsabbli għall-eżami tal-imsemmija applikazzjoni, għandha tiġi adottata deċiżjoni ġdida fi żmien qasir li tkun konformi mal-evalwazzjoni li tinsab fis-sentenza li tkun annullat id-deċiżjoni.

Il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat, b'mod partikolari, li, billi pprovda li l-qorti li jkollha ġurisdizzjoni sabiex tagħti deċiżjoni dwar rikors kontra deċiżjoni ta' ċaħda ta' applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali għandha teżamina, jekk ikun il-każ, il-"bżonnijiet ta' protezzjoni internazzjonali" tal-applikant, il-leġiżlatur tal-Unjoni kellu l-intenzjoni li jagħti lill-imsemmija qorti, meta din tqis li jkollha l-punti kollha ta' fatt u ta' liġi neċessarji f'dan ir-rigward, is-setgħa li tagħti deċiżjoni b'mod vinkolanti, wara eżami sħiħ u *ex nunc*, jiġifieri eżami eżawrjenti u aġġornat, ta' dawn l-elementi, dwar il-kwistjoni ta' jekk l-imsemmi applikant ikunx jissodisfa l-kundizzjonijiet previsti mid-Direttiva 2011/95 sabiex jingħata protezzjoni internazzjonali. F'tali ipoteżi, meta din il-qorti tikseb il-konvinzjoni li l-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali jkollha tintlaqa' u tannulla d-deċiżjoni ta' ċaħda ta' din l-applikazzjoni, meħuda mill-awtorità nazzjonali kompetenti, qabel tibgħat lura l-każ quddiem din tal-aħħar, l-imsemmija awtorità, bla ħsara għall-okkorrenza ta' punti ta' fatt jew ta' liġi li jkunu jeħtieġu oġġettivament evalwazzjoni aġġornata ġdida, ma jkollhiex iktar setgħa diskrezzjonali dwar id-deċiżjoni jekk tagħtix jew le l-protezzjoni mitluba fid-dawl tal-istess raġunijiet bħal dawk li jkunu ġew ippreżentati quddiem il-qorti kkonċernata.

Għaldaqstant, leġiżlazzjoni nazzjonali li twassal għal sitwazzjoni li fiha l-qorti nazzjonali ma jkollha ebda mezz li jippermettilha tinforza l-osservanza tas-sentenza tagħha tista' ċċaħħad, fil-fatt, lill-applikant għal protezzjoni internazzjonali minn rimedju effettiv, peress li deċiżjoni ġudizzjarja definittiva u obbligatorja li tikkonċernah tkun tista' tibqa' ineffettiva.

Fis-sentenza ***Haqbin*** (C-233/18, EU:C:2019:956), mogħtija fit-12 ta' Novembru 2019, l-Awla Manja tal-Qorti tal-Ġustizzja tat deċiżjoni, *għall-ewwel darba, dwar il-portata tad-dritt mogħti mill-Artikolu 20(4) tad-Direttiva 2013/33 lill-Istati Membri li jiddeterminaw is-sanzjonijiet applikabbli meta applikant għal protezzjoni internazzjonali jkun ħati ta' ksur gravi tar-regoli taċ-ċentru ta' akkomodazzjoni li fih jiġi ospitat, jew ta' aġir partikolarment vjolenti*. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li din id-dispożizzjoni, moqrija fid-dawl tal-Artikolu 1 tal-Karta, ma tippermettix lill-Istati Membri jimponu f'dawn il-każijiet sanzjoni li tikkonsisti fl-irtirar, anki b'mod temporanju, tal-benefiċċju tal-kundizzjonijiet materjali ta' akkoljenza tal-applikant fir-rigward tal-akkomodazzjoni, tal-ikel jew tal-ħwejjeġ.

Z. Haqbin huwa ċittadin Afgan li wasal fil-Belġju bħala minuri mhux akkumpanjat. Wara li ppreżenta applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali, huwa ntlaqa' f'ċentru ta' akkoljenza. F'dan iċ-ċentru huwa kien involut fi ġlieda bejn residenti ta' oriġini etniċi diversi. Wara dawn l-avvenimenti, id-direttur taċ-ċentru ta' akkoljenza ddeċieda li jeskludih, għal perijodu ta' ħmistax-il jum, mill-benefiċċju tal-għajnuna materjali fi struttura ta' akkoljenza. Matul dan il-perijodu ta' esklużjoni, Z. Haqbin, skont l-indikazzjonijiet tiegħu stess, għadda l-iljieli f'park fi Brussell u għand ħbieb.

88| Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-25 ta' Lulju 2018, ***Alheto*** (C-585/16, EU:C:2018:584).

F’dawn iċ-ċirkustanzi, il-qorti tar-rinviju, adita b’appell minn Z. Haqbin kontra s-sentenza tal-ewwel istanza li ċaħdet ir-rikors tiegħu kontra d-deċiżjoni ta’ esklużjoni, għamlet domanda lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-possibbiltà għall-awtoritajiet Belġjani li jirtiraw jew li jillimitaw il-benefiċċju tal-kundizzjonijiet materjali ta’ akkoljenza ta’ applikant għal protezzjoni internazzjonali fis-sitwazzjoni ta’ Z. Haqbin. Barra minn hekk, fid-dawl tas-sitwazzjoni partikolari ta’ dan tal-aħħar, qamet il-kwistjoni dwar taħt liema kundizzjonijiet tista’ tiġi imposta tali sanzjoni fuq minuri mhux akkumpanjat.

Il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat, qabel kollox, li s-sanzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 20(4) tad-Direttiva 2013/33 jistgħu, bħala prinċipju, jirrigwardaw il-kundizzjonijiet materjali ta’ akkoljenza. Madankollu, konformement mal-Artikolu 20(5) tal-istess direttiva, tali sanzjonijiet għandhom ikunu oġġettivi, imparzjali, motivati u proporzjonati għas-sitwazzjoni partikolari tal-applikant, u għandhom, f’kull ċirkustanza, jippreżervaw livell ta’ għajxien dinjituż.

Issa, l-irtirar, anki temporanju, tal-benefiċċju tal-kundizzjonijiet materjali ta’ akkoljenza kollha jew tal-kundizzjonijiet materjali ta’ akkoljenza relatati mal-akkomodazzjoni, mal-ikel jew mal-ħwejjeġ ma jistax jiġi rrikonċiljat mal-obbligu li jiġi żgurat livell ta’ għajxien dinjituż għall-applikant. Fil-fatt, tali sanzjoni ċċaħħdu mill-possibbiltà li jissodisfa l-iktar ħtiġijiet bażiċi tiegħu. Barra minn hekk hija ma tkunx qed tosserva r-rekwiżit ta’ proporzjonalità.

Il-Qorti tal-Ġustizzja żiedet li l-Istati Membri għandhom l-obbligu li jiżguraw livell ta’ għajxien dinjituż b’mod permanenti u mingħajr interruzzjoni u li l-awtoritajiet li huma responsabbli għall-akkoljenza tal-applikanti għal protezzjoni internazzjonali għandhom jiżguraw, b’mod sorveljat u taħt ir-responsabbiltà tagħhom stess, aċċess għal kundizzjonijiet ta’ akkoljenza li jiżguraw dan il-livell ta’ għajxien. Għaldaqstant, l-imsemmija awtoritajiet ma jistgħux sempliċement, kif għamlu l-awtoritajiet kompetenti Belġjani, jagħtu lill-applikant eskluż lista ta’ ċentri privati għall-persuni mingħajr saqaf fuq rashom li jistgħu jospitawh.

Fir-rigward ta’ sanzjoni li tikkonsisti fil-limitazzjoni tal-benefiċċju tal-kundizzjonijiet materjali ta’ akkoljenza, bħal irtirar jew limitazzjoni tal-allowance ta’ kuljum, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li huma l-awtoritajiet kompetenti li għandhom jiżguraw f’kull ċirkustanza li tali sanzjoni tkun, fid-dawl tas-sitwazzjoni partikolari tal-applikant kif ukoll taċ-ċirkustanzi kollha tal-każ, konformi mal-prinċipju ta’ proporzjonalità u ma tippreġudikax id-dinjità tal-applikant. F’dan ir-rigward, hija fakkret li l-Istati Membri jistgħu, fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 20(4) tad-Direttiva 2013/33, jipprevedu miżuri oħra minbarra dawk li jirrigwardaw il-kundizzjonijiet materjali ta’ akkoljenza, bħaż-żamma tal-applikant f’parti separata taċ-ċentru ta’ akkomodazzjoni jew it-trasferiment tiegħu lejn ċentru ta’ akkomodazzjoni ieħor. Barra minn hekk l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jiddeċiedu li jqiegħdu lill-applikant f’detenzjoni, b’osservanza tal-kundizzjonijiet stabbiliti minn din id-direttiva.

Meta l-applikant ikun minuri mhux akkumpanjat, u għalhekk ikun individwu vulnerabbli fis-sens tad-Direttiva 2013/33, l-awtoritajiet nazzjonali għandhom, meta jadottaw sanzjonijiet skont l-Artikolu 20(4) tagħha, jieħdu iktar inkunsiderazzjoni s-sitwazzjoni partikolari tal-minuri kif ukoll il-prinċipju ta’ proporzjonalità. Dawn is-sanzjonijiet għandhom, fid-dawl, b’mod partikolari, tal-Artikolu 24 tal-Karta, jiġu adottati billi jittieħed inkunsiderazzjoni b’mod partikolari l-aħjar interess tal-minuri. Barra minn hekk, id-Direttiva 2013/33 ma tipprekludix lil dawn l-awtoritajiet milli jiddeċiedu li jafdaw lill-minuri lis-servizzi jew lill-awtoritajiet ġudizzjarji responsabbli għall-protezzjoni taż-żgħażagħ.

### 1.3. Deċiżjonijiet ta' ritorn

Fis-sentenza ***Arib et*** (C-444/17, EU:C:2019:220), mogħtija fid-19 ta' Marzu 2019, l-Awla Manja tal-Qorti tal-Ġustizzja tat deċiżjoni dwar l-interpretazzjoni tal-*Artikolu 2(2)(a) tad-Direttiva 2008/115* [89], *li jippermetti lill-Istati Membri, fiż-żewġ sitwazzjonijiet indikati f'din id-dispożizzjoni, ikomplu japplikaw, għall-fruntieri esterni tagħhom, proċeduri ta' ritorn ssemplifikati, mingħajr ma jkollhom isegwu l-istadji proċedurali kollha previsti minn din id-direttiva, sabiex ikunu jistgħu jneħħu b'iktar ħeffa liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi maqbuda waqt il-qsim ta' tali fruntiera.* Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li din id-dispożizzjoni, moqrija flimkien mal-Artikolu 32 tar-Regolament 2016/399 [90], ma tapplikax għas-sitwazzjoni ta' ċittadin ta' pajjiż terz, arrestat fil-viċinanza immedjata ta' fruntiera interna u li jissoġġorna b'mod irregolari fit-territorju ta' Stat Membru, anki meta dan l-Istat Membru jkun introduċa mill-ġdid, abbażi tal-Artikolu 25 ta' dan ir-regolament, il-kontrolli f'din il-fruntiera, minħabba theddida serja għall-ordni pubbliku jew għas-sigurtà interna tal-imsemmi Stat Membru.

Wara li kkonstatat li l-Artikolu 2(2)(a) tad-Direttiva 2008/115 ma jippermettix lill-Istati Membri jeskludu liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jissoġġornaw b'mod irregolari mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva minħabba d-dħul irregolari tagħhom minn fruntiera interna, il-Qorti tal-Ġustizzja eżaminat jekk il-fatt li Stat Membru jkun reġa' daħħal kontrolli fil-fruntieri interni tiegħu, konformement mal-Artikolu 25 tar-Regolament 2016/399, jistax iwassal sabiex taqa' taħt l-Artikolu 2(2)(a) tad-Direttiva 2008/115 is-sitwazzjoni ta' ċittadin ta' pajjiż terz, li jkun qed jissoġġorna b'mod irregolari fit-territorju ta' dan l-Istat Membru u li jkun inqabad fil-viċinanza ta' tali fruntiera interna.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat, l-ewwel nett, li, bħala deroga mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2008/115, l-eċċezzjoni prevista fid-dispożizzjoni msemmija iktar 'il fuq ta' din id-direttiva għandha tiġi interpretata b'mod strett. Issa, skont il-formulazzjoni tagħha stess, li ma hijiex ambigwa f'dan ir-rigward, din id-dispożizzjoni tirrigwarda s-sitwazzjoni ta' ċittadin ta' pajjiż terz li jinsab fi "fruntiera esterna" ta' Stat Membru jew fil-viċinanza immedjata ta' tali fruntiera esterna. Għalhekk, imkien ma jissemma l-fatt li tista' tiġi assimilata ma' tali sitwazzjoni s-sitwazzjoni ta' ċittadin ta' pajjiż terz li jinsab fi fruntiera interna fejn ikunu reġgħu ġew introdotti kontrolli, abbażi tal-Artikolu 25 tar-Regolament 2016/399, jew fil-viċinanza immedjata ta' tali fruntiera interna, minkejja li, fid-data tal-adozzjoni ta' din id-direttiva, l-Artikoli 23 u 28 tar-Regolament Nru 562/2006 [91] kienu diġà jipprevedu, minn naħa, li l-Istati Membri setgħu jintroduċu mill-ġdid, b'mod eċċezzjonali, kontroll fil-fruntieri interni tagħhom fil-każ ta' theddida serja għall-ordni pubbliku jew għas-sigurtà interna tagħhom u, min-naħa l-oħra, li, fit-tali każ, id-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dan ir-regolament dwar il-fruntieri esterni japplikaw *mutatis mutandis*.

F'dak li jirrigwarda, it-tieni nett, l-għan imfittex mill-Artikolu 2(2)(a) tad-Direttiva 2008/115, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, fid-dawl tal-imsemmi għan, ma hemmx lok li s-sitwazzjoni ta' ċittadin ta' pajjiż terz li jkun qiegħed jissoġġorna b'mod irregolari u li jinqabad fil-viċinanza immedjata ta' fruntiera interna tiġi trattata b'mod differenti skont jekk ikunux reġgħu ġew introdotti jew le kontrolli fl-imsemmija fruntiera, sa fejn is-sempliċi introduzzjoni mill-ġdid ta' kontrolli fil-fruntieri interni ta' Stat Membru ma għandhiex bħala konsegwenza li ċittadin ta' pajjiż terz, li jkun qiegħed jissoġġorna b'mod irregolari u li jinqabad meta jaqsam din il-fruntiera jew fil-viċinanza immedjata tagħha, ikun jista' jitneħħa b'iktar ħeffa jew faċilment mit-territorju ta' Schengen,

89| Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment (ĠU 2008, L 348, p. 98).

90| Regolament (UE) 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar Kodiċi tal-Unjoni dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni min-naħa għall-oħra tal-fruntiera (Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen) (ĠU 2016, L 77, p. 1).

91| Regolament (KE) Nru 562/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni minn naħa għal oħra tal-fruntiera (Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen) (ĠU 2006, L 105, p. 1).

billi jittieħed immedjatament lejn fruntiera esterna, milli kieku jinqabad, waqt kontroll tal-pulizija, fis-sens tal-Artikolu 23(a) tar-Regolament 2016/399, fl-istess post, mingħajr ma kienu reġgħu ġew introdotti kontrolli fl-imsemmija fruntieri.

It-tielet nett, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li l-ħtieġa ta' interpretazzjoni restrittiva tal-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 2(2)(a) tad-Direttiva 2008/115 hija kkonfermata wkoll minn analiżi tal-kuntest li minnu tifforma parti din id-dispożizzjoni u, b'mod partikolari, minn qari sistematiku tar-Regolament 2016/399. Fil-fatt, skont l-Artikolu 2 ta' dan ir-regolament, il-kunċetti ta' "fruntieri interni" u ta' "fruntieri esterni" jeskludu lil xulxin u l-Artikolu 32 tal-imsemmi regolament jipprevedi biss li, meta Stat Membru jerġa' jintroduċi kontrolli fil-fruntieri interni, huma biss dawk id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-regolament li jirrigwardaw il-fruntieri esterni li huma rilevanti li għandhom japplikaw *mutatis mutandis*. Għall-kuntrarju, l-imsemmi Artikolu 32 ma jipprevedix li, fit-tali każ, għandu jiġi applikat l-Artikolu 2(2)(a) tad-Direttiva 2008/115.

## 2. Politika ta' immigrazzjoni

Fis-sentenza ***X (Residenti għal perijodu twil – Riżorsi stabbli, regolari u suffiċjenti)*** (C-302/18, EU:C:2019:830), mogħtija fit-3 ta' Ottubru 2019, il-Qorti tal-Ġustizzja interpretat id-Direttiva 2003/109 sa fejn tipprevedi li l-Istati Membri għandhom jeżiġu li ċ-ċittadin ta' pajjiż terz, sabiex jikseb l-istatus ta' resident għal perijodu twil, għandu jipprovdi l-prova li huwa jkollu, għalih u għall-membri tal-familja tiegħu li jkunu dipendenti fuqu, riżorsi stabbli, regolari u suffiċjenti sabiex imantni lilu nnifsu u lill-membri tal-familja tiegħu mingħajr rikors għas-sistema tal-assistenza soċjali tal-Istat Membru kkonċernat [92]. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li *l-kunċett ta' "riżorsi" ma jirrigwardax biss ir-riżorsi proprji tal-applikant għall-istatus ta' resident għal perijodu twil, iżda jista' jkopri wkoll ir-riżorsi li jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tiegħu minn terz, sakemm, fid-dawl tas-sitwazzjoni individwali tal-imsemmi applikant, dawn ir-riżorsi jkunu stabbli, regolari u suffiċjenti*.

Din is-sentenza ngħatat fil-kuntest ta' tilwima bejn X, ċittadin Kamerunjan, u l-Belgische Staat (l-Istat Belġjan), dwar iċ-ċaħda ta' applikazzjoni għal awtorizzazzjoni ta' stabbiliment u għall-kisba tal-istatus ta' resident għal perijodu twil. Fil-kuntest tal-applikazzjoni tiegħu, X kien semma riżorsi ta' ħuh u kien ippreżenta impenn bil-miktub iffirmat minn dan tal-aħħar li jindika li huwa kien ser jiżgura ruħu li X, kif ukoll il-membri tal-familja tiegħu dipendenti fuqu, ikollhom mezzi ta' għajxien stabbli, regolari u suffiċjenti. L-applikazzjoni ġiet miċħuda peress li X ma kellux riżorsi proprji u peress li s-sempliċi fatt li huwa jiġi mantnut minn ħuh ma kienx jimplika li huwa kellu dħul regolari u stabbli.

Il-Qorti tal-Ġustizzja, wara li kkonstatat li l-kunċett ta' "riżorsi", imsemmi fid-dispożizzjoni inkwistjoni, huwa kunċett awtonomu tad-dritt tal-Unjoni, osservat, l-ewwel nett, li l-formulazzjoni tal-imsemmija dispożizzjoni ma tippermettix, waħedha, li jiġu stabbiliti n-natura u l-oriġini tar-riżorsi inkwistjoni. Fil-fatt, ċerti verżjonijiet lingwistiċi tad-Direttiva 2003/109 jużaw kliem ekwivalenti għall-kelma "riżorsi" filwaqt li oħrajn jużaw kliem ekwivalenti għall-kunċett ta' "dħul". B'hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja wettqet interpretazzjoni bbażata kemm fuq l-għan ta' din id-direttiva kif ukoll fuq il-kuntest li tagħmel parti minnu d-dispożizzjoni inkwistjoni u kkonkludiet, b'mod partikolari, li l-imsemmija direttiva ma tippermettix, bħala prinċipju, li jiġu stabbiliti kundizzjonijiet supplimentari rigward l-oriġini tar-riżorsi msemmija f'din id-dispożizzjoni.

92| Artikolu 5(1)(a)

It-tieni nett, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li mill-eżami tal-formulazzjoni, tal-għan u tal-kuntest tal-imsemmija dispożizzjoni, kif ukoll mill-eżami tagħha fid-dawl tad-dispożizzjonijiet komparabbli tad-Direttivi 2004/38 [93] u 2003/86 [94], jirriżulta wkoll li l-oriġini tar-riżorsi msemmija f'din id-dispożizzjoni tal-ewwel ma huwiex kriterju determinanti għall-Istat Membru kkonċernat sabiex jiġi vverifikat jekk ikunux stabbli, regolari u suffiċjenti. Fil-fatt, anki jekk ikollhom portata differenti, il-kundizzjonijiet ta' "riżorsi" msemmija fid-Direttiva 2003/109 u fid-Direttiva 2004/38 jistgħu jiġu interpretati b'mod analogu, fis-sens li ma jeskludux li l-individwu kkonċernat ikun jista' jinvoka riżorsi ġejjin minn terz, membru tal-familja tiegħu. Barra minn hekk, mid-Direttiva 2003/86 jirriżulta li dak li huwa deċiżiv ma huwiex l-oriġini tar-riżorsi iżda n-natura stabbli u suffiċjenti tagħhom, fid-dawl tas-sitwazzjoni individwali tal-individwu kkonċernat.

Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja żiedet li hija l-awtorità kompetenti nazzjonali li għandha teżamina jekk ir-riżorsi ġejjin minn terz jew minn membru tal-familja tal-applikant għandhomx jitqiesu li jkunu stabbli, regolari u suffiċjenti. F'dan ir-rigward, jistgħu jittieħdu inkunsiderazzjoni n-natura legalment vinkolanti ta' impenn ta' manteniment minn terz jew membru tal-familija tal-applikant, ir-rabta tal-familja bejn l-applikant u l-membru jew il-membri tal-familja li jkunu lesti li jmantnuh, kif ukoll in-natura u l-permanenza tar-riżorsi ta' dawn tal-aħħar.

Fis-sentenza ***Bevándorlási és Menekültügyi Hivatal (Riunifikazzjoni tal-familja – Oħt refuġjat)*** (C-519/18, EU:C:2019:1070), mogħtija fit-12 ta' Diċembru 2019, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li Stat Membru jista' jeżiġi, *sabiex jawtorizza r-riunifikazzjoni tal-familja ta' oħt refuġjat, li hija tkun, minħabba l-istat ta' saħħitha, inkapaċi li tipprovdi għall-bżonnijiet tagħha.* Madankollu, din l-inkapaċità għandha tiġi evalwata billi tittieħed inkunsiderazzjoni s-sitwazzjoni partikolari li fiha jkunu jinsabu r-refuġjati u wara eżami individwali. Barra minn hekk, tali riunifikazzjoni tista' tiġi awtorizzata biss jekk jiġi stabbilit, bl-istess mod, li s-sostenn materjali tal-persuna kkonċernata jiġi effettivament żgurat mir-refuġjat, jew li r-refuġjat jidher li jkun l-iktar persuna kapaċi li tiżgurah.

Fil-kawża prinċipali, oħt ċittadin Iranjan li kiseb l-istatus ta' refuġjat fl-Ungerija kienet ippreżentat applikazzjoni għal permess ta' residenza, abbażi tar-riunifikazzjoni tal-familja. Minkejja li l-persuna kkonċernata kienet issofri minn depressjoni li teħtieġ attenzjoni medika regolari, l-applikazzjoni tagħha kienet ġiet miċħuda minħabba, b'mod partikolari, li hija ma kinitx uriet li, minħabba l-istat ta' saħħitha, hija ma setgħetx tipprovdi għall-bżonnijiet tagħha, kundizzjoni meħtieġa mil-leġiżlazzjoni Ungeriża.

Wara li saritilha domanda dwar il-kompatibbiltà ta' din il-leġiżlazzjoni mad-Direttiva 2003/86, il-Qorti tal-Ġustizzja l-ewwel nett osservat li, fir-rigward tar-refuġjati, huma previsti kundizzjonijiet iktar favorevoli għall-eżerċizzju tad-dritt għar-riunifikazzjoni tal-familja. B'mod partikolari, l-Istati Membri jistgħu jagħżlu li joffru l-benefiċċju ta' dan id-dritt lil membri tal-familja ta' refuġjat, bħalma huma l-aħwa, li ma humiex espliċitament elenkati fid-Direttiva 2003/86 bħala li għandhom jew li jistgħu jingħataw tali dritt għar-riunifikazzjoni tal-familja. Il-Qorti tal-Ġustizzja għalhekk enfasizzat il-marġni ta' diskrezzjoni sinjifikattiv li għandhom l-Istati Membri, kemm sabiex jiddeċiedu li jimplimentaw din l-estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni ratione personae ta' din d-direttiva kif ukoll sabiex jiddeterminaw liema jkunu l-membri tal-familja kkonċernati.

93| Direttiva 2004/38/KE tal-parlament ewropew u tal-kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar id-drittijiet taċ-ċittadini ta' l-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju ta' l-Istati Membri u li temenda r-Regolament (KEE) Nru 1612/68 u li tħassar id-Direttivi 64/221/KEE, 68/360/KEE, 72/194/KEE, 73/148/KEE, 75/34/KEE, 75/35/KEE, 90/364/KEE, 90/365/KEE u 93/96/KEE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 5, p. 46).

94| Direttiva tal-Kunsill Nru 2003/86/KE tat-22 ta' Settembru 2003 dwar id-dritt għal riunifikazzjoni tal-familja (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 6, p. 224).

Dan il-marġni ta' diskrezzjoni huwa madankollu llimitat mill-obbligu li jiġi żgurat li l-membru tal-familja kkonċernat ikun "dipendenti" fuq ir-refuġjat. Il-Qorti tal-Ġustizzja indikat li s-sens li għandu jingħata lil din il-kundizzjoni, prevista espliċitament fid-Direttiva 2003/86, għandu jkun suġġett għal interpretazzjoni awtonoma u uniformi fi ħdan l-Unjoni. F'dan ir-rigward, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni l-preċiżazzjonijiet diġà mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja fir-rigward ta' kundizzjoni komparabbli fil-kuntest tad-Direttiva 2004/38 , filwaqt li tittieħed inkunsiderazzjoni n-natura partikolari tas-sitwazzjoni tar-refuġjati. B'hekk, ma jistax jintalab sistematikament minn refuġjat li huwa jiżgura, fid-data tal-applikazzjoni għar-riunifikazzjoni, is-sostenn materjali tal-membru tal-familja tiegħu. Fil-fatt jista' jkun il-każ li għar-refuġjat ikun materjalment impossibbli li jipprovdi l-fondi neċessarji jew jista' jipperikola s-sigurtà tal-membri tal-familja tiegħu billi jikkuntattjahom. Barra minn hekk, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, sabiex membru tal-familja ta' refuġjat jitqies li jkun dipendenti fuqu, għandhom jiġu ssodisfatti żewġ elementi. Minn naħa, il-membru tal-familja ma għandux ikun f'pożizzjoni li jipprovdi għall-bżonnijiet essenzjali tiegħu, fid-dawl tal-kundizzjonijiet ekonomiċi u soċjali tiegħu, u dan fid-data li fiha jitlob li jingħaqad mar-refuġjat. Min-naħa l-oħra, għandu jiġi stabbilit li s-sostenn materjali tiegħu jiġi effettivament żgurat mir-refuġjat jew li, fid-dawl taċ-ċirkustanzi rilevanti kollha, bħall-grad ta' parentela tal-membru tal-familja mar-refuġjat, in-natura u s-solidità tar-rabtiet familjari l-oħra tiegħu, kif ukoll l-età u s-sitwazzjoni ekonomika tal-qraba l-oħra tiegħu, ir-refuġjat jidher li jkun l-iktar persuna kapaċi li tiżgura dan is-sostenn materjali.

Il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat, it-tieni nett, li, fid-dawl tal-marġni ta' diskrezzjoni tagħhom f'dan il-qasam, l-Istati Membri jistgħu jipprevedu rekwiżiti addizzjonali dwar in-natura tar-rabta ta' dipendenza li teżisti bejn ir-refuġjat u l-membri kkonċernati tal-familja tiegħu. Huma jistgħu b'mod partikolari jeżiġu li dawn tal-aħħar ikunu dipendenti fuq ir-refuġjat minħabba ċerti raġunijiet preċiżi, bħall-istat ta' saħħithom. Din il-possibbiltà hija madankollu limitata minn żewġ aspetti. Minn naħa, tali leġiżlazzjoni nazzjonali għandha tirrispetta kemm id-drittijiet fundamentali, iggarantiti mill-Karta, kif ukoll il-prinċipju ta' proporzjonalità. Min-naħa l-oħra, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti huma obbligati jwettqu eżami individwali tal-applikazzjoni għal riunifikazzjoni tal-familja u tal-kundizzjoni li l-membru tal-familja għandu jkun dipendenti fuq ir-refuġjat, filwaqt li jieħdu inkunsiderazzjoni l-elementi rilevanti kollha. Barra minn hekk, dawn l-awtoritajiet għandhom jieħdu inkunsiderazzjoni l-fatt li l-portata tal-bżonnijiet tista' tvarja ħafna skont l-individwi, kif ukoll is-sitwazzjoni partikolari tar-refuġjati, b'mod partikolari fir-rigward tad-diffikultà sabiex jiksbu provi fil-pajjiż ta' oriġini tagħhom.

# IX. Kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali: mandat ta' arrest Ewropew

Fir-rigward tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, għandhom jiġu indikati tmien sentenzi dwar il-mandat ta' arrest Ewropew, li erbgħa minnhom ġew adottati skont il-proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari. Ħames sentenzi jittrattaw, b'mod partikolari, il-kunċett ta' "awtorità ġudizzjarja emittenti", fis-sens tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584/ĠAI [95] dwar il-mandat ta' arrest Ewropew.

Fil-kawżi magħquda li taw lok għas-sentenza ***OG u PI (Uffiċċji tal-Prosekutur ta' Lübeck u ta' Zwickau)*** (C-508/18 u C-82/19 PPU, EU:C:2019:456), mogħtija fis-27 ta' Mejju 2019, il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, iddeċidiet *li l-kunċett ta' "awtorità ġudizzjarja emittenti" fis-sens tal-Artikolu 6(1)*

95| Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/584/ĠAI tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' konsenja bejn l-Istati Membri (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 6, p. 34, rettifika fil-ĠU 2009, L 17, p. 45).

*tad-Deċiżjoni Qafas dwar il-mandat ta' arrest Ewropew, jiġifieri l-awtorità li hija kompetenti sabiex toħroġ mandat ta' arrest Ewropew, ma jirreferix għall-uffiċċji tal-prosekutur ta' Stat Membru li jkunu esposti għar-riskju li jkunu suġġetti, direttament jew indirettament, għal ordnijiet jew għal istruzzjonijiet individwali min-naħa tal-poter eżekuttiv, bħal Ministru għall-Ġustizzja, fil-kuntest tal-adozzjoni ta' deċiżjoni dwar il-ħruġ ta' tali mandat ta' arrest.* Għall-kuntrarju, fis-sentenza ***PF (Prosekutur Ġenerali tal-Litwanja)*** (C-509/18, EU:C:2019:457), mogħtija wkoll mill-Awla Manja fl-istess jum, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li *dan l-istess kunċett ikopri l-prosekutur ġenerali ta' Stat Membru li, filwaqt li jkun strutturalment indipendenti mill-poter ġudizzjarju, ikun kompetenti sabiex jeżerċita l-proċeduri kriminali u li l-istatus tiegħu, f'dan l-Istat Membru, jagħtih garanzija ta' indipendenza fil-konfront tal-poter eżekuttiv fil-kuntest tal-ħruġ ta' mandat ta' arrest Ewropew.*

F'dawn il-kawżi differenti kienu involuti l-eżekuzzjoni, fl-Irlanda, ta' mandati ta' arrest Ewropej maħruġa minn Uffiċċji tal-Prosekutur Ġermaniżi għall-finijiet ta' proċeduri kriminali mibdija, rispettivament, kontra ċittadin Litwan (kawża *OG*) u kontra ċittadin Rumen (kawża *PI*), kif ukoll ta' mandat ta' arrest Ewropew maħruġ mill-Prosekutur Ġenerali tal-Litwanja għall-finijiet ta' proċeduri kriminali kontra ċittadin Litwan (kawża *PF*).

F'kull waħda minn dawn is-sentenzi, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret l-ewwel nett li l-kunċett ta' "awtorità ġudizzjarja" fis-sens tal-Artikolu 6(1) tad-Deċiżjoni Qafas dwar il-mandat ta' arrest Ewropew jeħtieġ interpretazzjoni awtonoma u li dan il-kunċett ma huwiex limitat biss għall-imħallfin jew għall-qrati ta' Stat Membru, iżda għandu jinftiehem bħala li jirreferi, b'mod iktar wiesa', għall-awtoritajiet li jipparteċipaw fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja kriminali ta' dan l-Istat Membru, bid-differenza, b'mod partikolari, tal-ministeri jew tas-servizzi tal-pulizija, li jaqgħu taħt il-poter eżekuttiv. Għalhekk, dan il-kunċett jista' jinkludi l-awtoritajiet ta' Stat Membru li, mingħajr ma jkunu neċessarjament imħallfin jew qrati, jipparteċipaw fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja kriminali ta' dan l-Istat Membru. Għaldaqstant, sa fejn il-mandat ta' arrest Ewropew jiffaċilita l-moviment liberu tad-deċiżjonijiet ġudizzjarji, qabel is-sentenza, dwar l-eżerċizzju ta' prosekuzzjoni kriminali, l-awtoritajiet li, bis-saħħa tad-dritt nazzjonali, huma kompetenti sabiex jadottaw tali deċiżjonijiet jistgħu jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Deċiżjoni Qafas dwar il-mandat ta' arrest Ewropew. Għaldaqstant, awtorità, bħal uffiċċju tal-prosekutur jew prosekutur, li jkollha l-kompetenza, fil-kuntest tal-proċedura kriminali, sabiex twettaq prosekuzzjoni fir-rigward ta' persuna ssuspettata li tkun wettqet reat kriminali, għall-finijiet li titressaq quddiem qorti, għandha titqies li tipparteċipa fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja tal-Istat Membru kkonċernat, kif huwa l-każ, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, rispettivament, għall-Uffiċċji tal-Prosekutur fil-Ġermanja (il-kawżi *OG* u *PI*) u għall-Prosekutur Ġenerali tal-Litwanja (il-kawża *PF*).

It-tieni nett, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li s-sistema tal-mandat ta' arrest Ewropew tinkludi protezzjoni fuq żewġ livelli tad-drittijiet proċedurali u tad-drittijiet fundamentali li għandha tibbenefika minnhom il-persuna rikjesta. Mal-protezzjoni ġudizzjarja prevista fl-ewwel livell, waqt l-adozzjoni ta' deċiżjoni nazzjonali, bħal mandat ta' arrest nazzjonali, tiżdied dik li għandha tiġi żgurata fit-tieni livell, meta jinħareġ il-mandat ta' arrest Ewropew. Fir-rigward ta' miżura li, bħall-ħruġ ta' mandat ta' arrest Ewropew, tkun tali li tippreġudika d-dritt għal-libertà tal-persuna kkonċernata, irrikonoxxut fl-Artikolu 6 tal-Karta, din il-protezzjoni timplika li deċiżjoni li tissodisfa r-rekwiżiti inerenti għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva għandha tiġi adottata, għall-inqas, f'wieħed miż-żewġ livelli tal-imsemmija protezzjoni.

Minn dan isegwi li meta d-dritt tal-Istat Membru emittenti jagħti s-setgħa li jinħareġ mandat ta' arrest Ewropew lil awtorità li, filwaqt li tipparteċipa fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja ta' dan l-Istat Membru, ma tkunx imħallef jew qorti, id-deċiżjoni ġudizzjarja nazzjonali, bħalma huwa mandat ta' arrest nazzjonali, li fuqha jissawwar il-mandat ta' arrest Ewropew, għandha, min-naħa tagħha, tissodisfa tali rekwiżiti. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, tali soluzzjoni tippermetti li jiġi ggarantit lill-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni li d-deċiżjoni li jinħareġ mandat ta' arrest Ewropew għall-finijiet ta' proċeduri kriminali tkun ibbażata fuq proċedura nazzjonali suġġetta għal stħarriġ ġudizzjarju u li l-persuna li kienet is-suġġett ta' dan il-mandat ta' arrest nazzjonali tkun ibbenefikat mill-garanziji kollha li huma speċifiċi għall-adozzjoni ta' dan it-tip ta' deċiżjonijiet.

It-tieni livell ta' protezzjoni jimplika, min-naħa tiegħu, li l-awtorità ġudizzjarja kompetenti, skont id-dritt nazzjonali, sabiex toħroġ mandat ta' arrest Ewropew tistħarreġ, b'mod partikolari, l-osservanza tal-kundizzjonijiet meħtieġa għal dan il-ħruġ u teżamina l-kwistjoni dwar jekk, fir-rigward tal-karatteristiċi speċifiċi ta' kull każ, l-imsemmi ħruġ ikunx ta' natura proporzjonata. Barra minn hekk, l-awtorità ġudizzjarja emittenti għandha tkun tista' tagħti lill-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni l-assigurazzjoni li, fid-dawl tal-garanziji mogħtija mill-ordinament ġuridiku tal-Istat Membru emittenti, hija tkun qed taġixxi b'mod indipendenti fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħha inerenti għall-ħruġ ta' mandat ta' arrest Ewropew. B'mod iktar partikolari, din l-indipendenza teħtieġ li jkun hemm regoli statutorji u organizzattivi li jiżguraw li l-awtorità ġudizzjarja emittenti ma tkunx esposta, fil-kuntest tal-adozzjoni ta' deċiżjoni li jinħareġ tali mandat ta' arrest, għal xi riskju li tkun suġġetta b'mod partikolari għal istruzzjonijiet individwali mill-poter eżekuttiv. Fl-aħħar nett, meta d-dritt tal-Istat Membru emittenti jagħti s-setgħa sabiex jinħareġ mandat ta' arrest Ewropew lil awtorità li, filwaqt li tipparteċipa fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja ta' dan l-Istat Membru, ma tkunx fiha nfisha qorti, id-deċiżjoni li jinħareġ tali mandat ta' arrest u, b'mod partikolari, in-natura proporzjonali ta' tali deċiżjoni għandhom ikunu suġġetti għal rimedju ġudizzjarju, f'dak l-Istat Membru, li jissodisfa bis-sħiħ ir-rekwiżiti inerenti għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva.

Fis-sentenzi ***Parquet général du Grand-Duché de Luxembourg (Prosekutur Ġenerali tal-Gran Dukat tal-Lussemburgu)*** u ***Openbaar Ministerie (Prosekuturi ta' Lyon u ta' Tours)*** (C-566/19 PPU u C-626/19 PPU, EU:C:2019:1077), ***Openbaar Ministerie (Uffiċċju tal-Prosekutur tal-Isvezja)*** (C-625/19 PPU, EU:C:2019:1078) u ***Openbaar Ministerie (Prosekutur tar-Re għal Brussell)*** (C-627/19 PPU, EU:C:2019:1079), mogħtija fit-12 ta' Diċembru 2019, fil-kuntest tal-proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari, il-Qorti tal-Ġustizzja *kkompletat il-ġurisprudenza reċenti tagħha* [96] *li tikkonċerna d-Deċiżjoni Qafas dwar il-mandat ta' arrest Ewropew, billi speċifikat ir-rekwiżit ta' indipendenza tal-"awtorità ġudizzjarja emittenti" ta' mandat ta' arrest Ewropew kif ukoll ir-rekwiżit ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva li għandha tiġi żgurata lill-persuni li jkunu s-suġġett ta' tali mandat ta' arrest.*

Fil-kawżi prinċipali, il-mandati ta' arrest Ewropew kienu nħarġu mill-Uffiċċju tal-Prosekutur Franċiż (Kawżi C-566/19 PPU u C-626/19 PPU), minn dak Svediż (Kawża C-625/19 PPU) u minn dak Belġjan (Kawża C-627/19 PPU), għall-finijiet, fl-ewwel tliet kawżi, ta' proċeduri kriminali u, fl-aħħar kawża, tal-eżekuzzjoni ta' piena. Qamet il-kwistjoni tal-eżekuzzjoni ta' dawn il-mandati ta' arrest Ewropew, li kienet tiddependi, b'mod partikolari, mill-kwalità ta' "awtorità ġudizzjarja emittenti" ta' dawn id-diversi uffiċċji tal-prosekutur.

L-ewwel nett, il-Qorti tal-Ġustizzja eżaminat jekk l-istatus tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Franċiż jagħtihx garanzija ta' indipendenza biżżejjed sabiex joħroġ mandati ta' arrest Ewropew u ddeċidiet li dan kien il-każ.

Fil-fatt, hija osservat li, skont l-elementi li ġew ippreżentati lilha, il-membri tal-ġudikatura tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Franċiż għandhom is-setgħa li jevalwaw b'mod indipendenti, b'mod partikolari fil-konfront tal-poter eżekuttiv, in-neċessità tal-ħruġ ta' mandat ta' arrest Ewropew u n-natura proporzjonata tiegħu u jeżerċitaw din is-setgħa oġġettivament, billi jieħdu inkunsiderazzjoni l-elementi kollha li jinkriminaw u li jiskaġunaw. L-indipendenza tagħhom la hija kkontestata mill-fatt li huma responsabbli għall-azzjoni pubblika, la mill-fatt li l-Ministru għall-Ġustizzja jista' jagħtihom istruzzjonijiet ġenerali ta' politika kriminali u lanqas mill-fatt li jinsabu taħt id-direzzjoni u l-kontroll tas-superjuri ġerarkiċi tagħhom, li huma stess huma membri tal-Uffiċċju tal-Prosekutur, u għalhekk obbligati li jikkonformaw ruħhom mal-istruzzjonijiet ta' dawn tal-aħħar.

96| Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-27 ta' Mejju 2019, ***OG u PI (Uffiċċji tal-Prosekutur ta' Lübeck u ta' Zwickau)*** (C-508/18 u C-81/19 PPU, EU:C:2019:456), tas-27 ta' Mejju 2019, ***PF (Prosekutur Ġenerali tal-Litwanja)*** (C-509/18, EU:C:2019:457), kif ukoll tad-9 ta' Ottubru 2019, ***NJ (Uffiċċju tal-Prosekutur ta' Vjenna)*** (C-489/19 PPU, EU:C:2019:849).

It-tieni nett, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat ir-rekwiżit stabbilit fil-ġurisprudenza reċenti tagħha, li jgħid li, meta tittieħed minn awtorità li tipparteċipa fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja mingħajr ma tkun qorti, id-deċiżjoni li jinħareġ mandat ta' arrest Ewropew għandha tkun tista' tiġi suġġetta, fl-Istat Membru emittenti, għal azzjoni ġudizzjarja li tosserva r-rekwiżiti ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva.

Fl-ewwel lok, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li l-eżistenza ta' tali azzjoni ġudizzjarja ma tikkostitwixxix kundizzjoni sabiex l-awtorità tiġi kklassifikata bħala "awtorità ġudizzjarja emittenti", fis-sens tad-Deċiżjoni Qafas dwar il-mandat ta' arrest Ewropew.

Fit-tieni lok, il-Qorti tal-Ġustizzja indikat li huma l-Istati Membri li għandhom jiżguraw li l-ordinamenti ġuridiċi tagħhom jiggarantixxu b'mod effettiv il-livell meħtieġ ta' protezzjoni ġudizzjarja permezz ta' regoli proċedurali li huma jimplimentaw u li jistgħu jvarjaw minn sistema għal oħra. F'dan ir-rigward, l-istabbiliment ta' dritt għal rimedju separat kontra d-deċiżjoni li jinħareġ mandat ta' arrest Ewropew jikkostitwixxi biss possibbiltà. B'hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li r-rekwiżiti inerenti għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva, li minnha għandha tibbenefika persuna li tkun is-suġġett ta' mandat ta' arrest Ewropew maħruġ minn awtorità li ma tkunx qorti għall-finijiet ta' proċeduri kriminali, ikunu ssodisfatti meta l-kundizzjonijiet għall-ħruġ ta' dan il-mandat, u b'mod partikolari n-natura proporzjonata tiegħu, ikunu suġġetti għal stħarriġ ġudizzjarju fl-Istat Membru emittenti.

F'dan il-każ, is-sistemi Franċiżi u Svediżi kienu jissodisfaw dawn ir-rekwiżiti, peress li, skont ir-regoli proċedurali nazzjonali, in-natura proporzjonata tad-deċiżjoni tal-uffiċċju tal-prosekutur li joħroġ mandat ta' arrest Ewropew setgħet tiġi suġġetta għal stħarriġ ġudizzjarju minn qabel, jew kważi fl-istess waqt mal-adozzjoni ta' din id-deċiżjoni, iżda wkoll għal stħarriġ ġudizzjarju ulterjuri. B'mod partikolari, l-evalwazzjoni ta' din in-natura proporzjonata titwettaq b'mod partikolari, minn qabel, mill-qorti li tadotta d-deċiżjoni nazzjonali li tista' sussegwentement isservi ta' bażi għall-mandat ta' arrest Ewropew.

Fil-każ fejn il-mandat ta' arrest Ewropew jinħareġ mill-uffiċċju tal-prosekutur, mhux għall-finijiet ta' proċeduri kriminali iżda għall-finijiet tal-eżekuzzjoni ta' piena ta' priġunerija imposta minn kundanna definittiva, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li r-rekwiżiti li jirriżultaw minn protezzjoni ġudizzjarja effettiva lanqas ma jimplikaw li għandu jkun previst rikors separat kontra d-deċiżjoni tal-uffiċċju tal-prosekutur. Il-fatt li s-sistema Belġjana ma tipprevedix tali rikors ma jfissirx għalhekk li hija ma tissodisfax dawn ir-rekwiżiti. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li, meta l-mandat ta' arrest Ewropew ikollu l-għan li tiġi eżegwita piena, l-istħarriġ ġudizzjarju jitwettaq permezz tas-sentenza definittiva li fuqha jkun ibbażat il-mandat ta' arrest. Fil-fatt, l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni tista' tippreżumi li d-deċiżjoni li jinħareġ tali mandat ta' arrest tkun ir-riżultat ta' proċedura ġudizzjarja li fiha l-persuna rikjesta tkun ibbenefikat minn garanziji fir-rigward tal-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali tagħha. Barra minn hekk, il-proporzjonalità tal-mandat ta' arrest tirriżulta wkoll mill-kundanna imposta, peress li d-Deċiżjoni Qafas dwar il-mandat ta' arrest Ewropew tipprevedi li din il-kundanna għandha tikkonsisti f'piena jew f'ordni ta' detenzjoni ta' mill-inqas erba' xhur.

Fl-24 ta' Ġunju 2019, fis-sentenza ***Popławski*** (C-573/17, EU:C:2019:530), il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, indirizzat il-kwistjoni ta' *jekk l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni ta' mandat ta' arrest Ewropew tkunx meħtieġa, bis-saħħa tal-prinċipju ta' supremazija tad-dritt tal-Unjoni, tħalli mhux applikati d-dispożizzjonijiet nazzjonali li jkunu inkompatibbli ma' deċiżjoni qafas*. Barra minn hekk, hija għamlet numru ta' preċiżazzjonijiet dwar *l-effetti legali ta' dikjarazzjoni magħmula minn Stat Membru, skont l-Artikolu 28(2) tad-Deċiżjoni Qafas 2008/909* [97], *wara d-data tal-adozzjoni tagħha*. Skont din id-dispożizzjoni, Stat Membru "jista', fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni Qafas, jagħmel dikjarazzjoni fejn jindika li, f'każijiet fejn is-sentenza

97| Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/909/ĠAI tas-27 ta' Novembru 2008 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku ta' sentenzi f'materji kriminali li jimponu pieni ta' kustodja jew miżuri li jinvolvu ċ-ċaħda tal-libertà bil-għan li jiġu infurzati fl-Unjoni Ewropea (ĠU 2008, L 327, p. 27).

finali [li għandha tiġi eżegwita] tkun ġiet mogħtija qabel id-data li tispeċifika, bħala Stat emittenti u ta' esekuzzjoni, hu jkompli japplika l-istrumenti legali eżistenti dwar it-trasferiment ta' persuni sentenzjati applikabbli qabel il-5 ta' Diċembru 2011 [...]".

It-tilwima fil-kawża prinċipali kienet tikkonċerna proċedura dwar l-eżekuzzjoni, fil-Pajjiżi l-Baxxi, ta' mandat ta' arrest Ewropew maħruġ, f'Ottubru 2013, minn qorti Pollakka fil-konfront ta' ċittadin Pollakk, residenti fil-Pajjiżi l-Baxxi, għall-finijiet tal-eżekuzzjoni fil-Polonja ta' piena li tinvolvi ċ-ċaħda tal-libertà. F'Ottubru 2015, fil-kuntest tal-eżekuzzjoni ta' dan il-mandat ta' arrest Ewropew, kienet saret talba għal deċiżjoni preliminari mill-qorti tar-rinviju, li għaliha l-Qorti tal-Ġustizzja kienet irrispondiet bis-sentenza tad-29 ta' Ġunju 2017, *Popławski* [98]. F'din is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet b'mod partikolari li l-punt 6 tal-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Qafas dwar il-mandat ta' arrest Ewropew, li jistabbilixxi raġuni fakultattiva għal nuqqas ta' eżekuzzjoni ta' mandat ta' arrest Ewropew, għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li timplimenta din id-dispożizzjoni u li, fil-każ li l-konsenja ta' ċittadin barrani li jkollu permess ta' residenza għal żmien indeterminat fit-territorju ta' dan l-Istat Membru tintalab minn Stat Membru ieħor għall-finijiet tal-eżekuzzjoni ta' piena li tinvolvi ċ-ċaħda tal-libertà imposta fuq dan iċ-ċittadin permezz ta' deċiżjoni ġudizzjarja li tkun saret *res judicata*, minn naħa, ma tawtorizzax tali konsenja u, min-naħa l-oħra, tipprevedi biss l-obbligu għall-awtoritajiet ġudizzjarji tal-ewwel Stat Membru li jinformaw lill-awtoritajiet ġudizzjarji tat-tieni Stat Membru li jkunu lesti jieħdu responsabbiltà għall-eżekuzzjoni ta' din is-sentenza mingħajr, fid-data tar-rifjut tal-konsenja, ma jkun ġie żgurat it-teħid effettiv ta' responsabbiltà għall-eżekuzzjoni u, barra minn hekk, mingħajr dan ir-rifjut ma jkun jista' jiġi kkontestat fil-każ li dan it-teħid ta' responsabbiltà sussegwentement jirriżulta li jkun impossibbli.

Fit-tieni sentenza *Popławski*, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, l-ewwel nett, hija u tirreferi b'mod partikolari għall-formulazzjoni tal-Artikolu 28(2) tad-Deċiżjoni Qafas 2008/909 u għall-istruttura ġenerali ta' din tal-aħħar, li dikjarazzjoni, magħmula minn Stat Membru taħt din id-dispożizzjoni wara d-data tal-adozzjoni ta' din id-deċiżjoni qafas, ma jistax ikollha effetti legali.

It-tieni nett, hija fakkret il-portata tal-obbligu li għandha qorti nazzjonali, bis-saħħa tal-prinċipju ta' supremazija tad-dritt tal-Unjoni, f'sitwazzjoni fejn dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali tagħha tkun qed tmur kontra d-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni li, bħad-Deċiżjoni Qafas dwar il-mandat ta' arrest Ewropew u bħad-Deċiżjoni Qafas 2008/909, ma jkollhomx effett dirett. F'tali sitwazzjoni, il-qorti nazzjonali ma hijiex meħtieġa, fuq il-bażi biss tad-dritt tal-Unjoni, ma tapplikax id-dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali tagħha li tmur kontra d-dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni kkonċernata.

Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret ukoll li, għalkemm id-deċiżjonijiet qafas ma jistgħux ikollhom effett dirett, in-natura vinkolanti tagħhom toħloq, għall-awtoritajiet nazzjonali, obbligu li jinterpretaw id-dritt intern tagħhom b'mod konformi b'effett mid-data tal-iskadenza tat-terminu għat-traspożizzjoni tagħhom, kemm-il darba din l-interpretazzjoni ma tkunx *contra legem* u tosserva l-prinċipji ġenerali tad-dritt, b'mod partikolari l-prinċipji ta' ċertezza legali u ta' nuqqas ta' retroattività. Fir-rigward tal-obbligu li d-dritt Olandiż jiġi interpretat b'mod konformi mad-Deċiżjoni Qafas dwar il-mandat ta' arrest Ewropew, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li, fis-sentenza preċedenti tagħha tad-29 ta' Ġunju 2017, *Popławski*, hija kienet ikkonstatat li l-obbligu għall-qorti nazzjonali li tiżgura l-effettività sħiħa ta' din id-deċiżjoni qafas kien jimplika, għar-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi, l-obbligu li jeżegwixxi l-mandat ta' arrest Ewropew inkwistjoni jew, fil-każ ta' rifjut, l-obbligu li jiggarantixxi l-eżekuzzjoni effettiva fil-Pajjiżi l-Baxxi tal-piena mogħtija fil-Polonja fil-konfront ta' D. A. Popławski.

98| Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-29 ta' Ġunju 2017, ***Popławski*** (C-579/15, EU:C:2017:503).

Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat l-interpretazzjoni li għandha tingħata lill-punt 6 tal-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Qafas dwar il-mandat ta' arrest Ewropew. F'dan ir-rigward, hija fakkret, fir-rigward, l-ewwel nett, tal-obbligu, impost minn din id-dispożizzjoni fuq l-Istat Membru ta' eżekuzzjoni, li jiġi żgurat, fil-każ ta' rifjut ta' eżekuzzjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew, it-teħid ta' responsabbiltà effettiva għall-piena li tinvolvi ċ-ċaħda tal-libertà kontra l-persuna rikjesta, li dan l-obbligu jippreżupponi impenn reali minn dan l-Istat Membru li jeżegwixxi din il-piena. B'hekk, is-sempliċi fatt li dan l-Istat jiddikjara li jkun "lest" jeżegwixxi din il-piena ma jistax jitqies li huwa ta' natura li jiġġustifika tali rifjut. Għaldaqstant, qabel kull rifjut li jiġi eżegwit mandat ta' arrest Ewropew għandha titwettaq verifika, mill-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni, tal-possibbiltà li l-piena tiġi eżegwita realment konformement mad-dritt intern tagħha. Kienet għalhekk esklużivament il-qorti tar-rinviju li kellha tevalwa, f'dan il-każ, jekk id-dritt Olandiż setax jiġi interpretat, mingħajr ma tingħata interpretazzjoni *contra legem*, fis-sens li d-Deċiżjoni Qafas dwar il-mandat ta' arrest Ewropew tista' tiġi assimilata ma' bażi legali konvenzjonali, għall-finijiet tal-applikazzjoni tad-dispożizzjoni nazzjonali inkwistjoni. Dwar dan il-punt, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li, fil-kawża prinċipali, il-qorti tar-rinviju ma setgħatx tqis b'mod validu li għaliha kien impossibbli li tinterpreta din id-dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali b'mod konformi mad-dritt tal-Unjoni minħabba s-sempliċi fatt li l-imsemmija dispożizzjoni nazzjonali kienet ġiet interpretata, minn Ministru li kien meħtieġ jintervjeni fil-każ ta' rifjut ta' konsenja, f'sens li ma kienx kompatibbli ma' dan id-dritt. Għaldaqstant, jekk kellha tasal għall-konklużjoni li d-Deċiżjoni Qafas dwar il-mandat ta' arrest Ewropew tista' tiġi assimilata, konformement mal-metodi ta' interpretazzjoni rrikonoxxuti fid-dritt Olandiż, ma' konvenzjoni, għall-finijiet tal-applikazzjoni tad-dispożizzjoni nazzjonali kkonċernata, il-qorti tar-rinviju kienet meħtieġa tapplika din id-dispożizzjoni, interpretata b'dan il-mod, għat-tilwima fil-kawża prinċipali, filwaqt li tinjora l-fatt li l-Ministru joġġezzjona għal tali interpretazzjoni.

It-tieni nett, fir-rigward tal-marġni ta' diskrezzjoni, previst fil-punt 6 tal-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Qafas dwar il-mandat ta' arrest Ewropew, li għandha l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni fl-implimentazzjoni tar-raġuni fakultattiva għal nuqqas ta' eżekuzzjoni ta' mandat ta' arrest Ewropew prevista f'din id-dispożizzjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li din l-awtorità għandha tkun tista' tieħu inkunsiderazzjoni l-għan imfittex minn din ir-raġuni fakultattiva għal nuqqas ta' eżekuzzjoni, li huwa dak li l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni tkun tista' tagħti importanza partikolari lill-possibbiltà li żżid l-opportunitajiet ta' integrazzjoni mill-ġdid fis-soċjetà tal-persuna rikjesta meta tintemm il-piena li għaliha din tal-aħħar tkun ġiet ikkundannata. B'hekk, il-possibbiltà mogħtija lill-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni li tirrifjuta, fuq il-bażi ta' din id-dispożizzjoni, il-konsenja tal-persuna rikjesta tista' tiġi implimentata biss jekk din l-awtorità, wara li tkun ivverifikat, minn naħa, li din il-persuna toqgħod fl-Istat Membru ta' eżekuzzjoni, hija ċittadina tiegħu jew tirrisjedi fih, u, min-naħa l-oħra, li l-piena li tinvolvi ċ-ċaħda tal-libertà mogħtija mill-Istat Membru emittenti kontra din il-persuna tista' tiġi effettivament eżegwita fl-Istat Membru ta' eżekuzzjoni, tqis li jeżisti interess leġittimu li jiġġustifika li l-piena imposta fl-Istat Membru emittenti tiġi eżegwita fit-territorju tal-Istat Membru ta' eżekuzzjoni. Għaldaqstant, b'mod prinċipali, il-qorti tar-rinviju kellha tinterpreta d-dritt nazzjonali tagħha, sa fejn kien possibbli, b'mod li jippermettilha tiżgura riżultat kompatibbli mal-għan imfittex mid-Deċiżjoni Qafas dwar il-mandat ta' arrest Ewropew. Jekk dan jirriżulta impossibbli, l-imsemmija qorti jkollha, minn tal-inqas, tagħti interpretazzjoni tad-dritt nazzjonali tagħha li tippermettilha tasal għal soluzzjoni li ma tmurx kontra l-għan imfittex minn din id-deċiżjoni qafas u li tippermetti, għalhekk, li tiġi evitata l-impunità ta' D. A. Poplawski. Dan ikun il-każ jekk il-qorti tar-rinviju tinterpreta l-imsemmi dritt fis-sens li r-rifjut li jiġi eżegwit il-mandat ta' arrest Ewropew maħruġ kontra D. A. Poplawski jkun suġġett għall-garanzija li l-piena li tinvolvi ċ-ċaħda tal-libertà li għaliha jkun ġie kkundannat fil-Polonja tkun ser tiġi effettivament eżegwita fil-Pajjiżi l-Baxxi, u dan anki jekk dan ir-rifjut jopera b'mod awtomatiku.

Fis-sentenza ***Dorobantu*** (C-128/18, EU:C:2019:857), mogħtija fil-15 ta' Ottubru 2019, il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, interpretat, fid-dawl tal-projbizzjoni tat-tortura u ta' pieni jew trattamenti inumani jew degradanti prevista fl-Artikolu 4 tal-Karta, *id-dispożizzjoni tad-Deċiżjoni Qafas dwar*

*il-mandat ta' arrest Ewropew* [99] *li tipprevedi li l-effett ta' dan l-att ma jistax ikun li jiġi mmodifikat l-obbligu tar-rispett tad-drittijiet fundamentali u tal-prinċipji legali fundamentali kif stabbiliti fl-Artikolu 6 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea*.

It-tilwima fil-kawża prinċipali kienet tikkonċerna l-eżekuzzjoni, fil-Ġermanja, ta' mandat ta' arrest Ewropew maħruġ minn qorti Rumena kontra ċittadin Rumen. Qorti Ġermaniża, bħala awtorità ta' eżekuzzjoni ta' dan il-mandat ta' arrest Ewropew, kellha dubji dwar il-kriterji li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni sabiex jiġi evalwat jekk il-kundizzjonijiet ta' detenzjoni li għalihom kien ser ikun suġġett dan iċ-ċittadin fil-każ li jiġi kkonsenjat lill-awtoritajiet Rumeni kinux josservaw ir-rekwiżiti li jirriżultaw mill-Artikolu 4 tal-Karta. Din il-kawża tat lill-Qorti tal-Ġustizzja l-opportunità li tippreċiża l-ġurisprudenza li rriżultat, b'mod partikolari, mis-sentenzi tagħha fil-kawżi *Aranyosi u Căldăraru* [100], u *Generalstaatsanwaltschaft (Kundizzjonijiet ta' detenzjoni fl-Ungerija)* [101].

Fl-ewwel lok, il-Qorti tal-Ġustizzja tat deċiżjoni dwar l-intensità u l-portata tal-istħarriġ li l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni għandha twettaq fir-rigward tal-kundizzjonijiet ta' detenzjoni fl-Istat Membru emittenti. F'dan ir-rigward, hija ddeċidiet li, meta din l-awtorità jkollha elementi oġġettivi, affidabbli, preċiżi u debitament ivverifikati li juru l-eżistenza ta' nuqqasijiet sistemiċi u ġġeneralizzati fil-kundizzjonijiet ta' detenzjoni fi ħdan il-faċilitajiet korrettivi tal-Istat Membru emittenti, hija għandha, sabiex tevalwa jekk jeżistux raġunijiet serji u kkonfermati li jġegħluha taħseb li hemm riskju reali li l-persuna li tkun is-suġġett tal-mandat ta' arrest Ewropew ser tkun, wara l-konsenja tagħha lill-imsemmi Stat Membru, suġġetta għal trattament inuman jew degradanti, tieħu inkunsiderazzjoni l-aspetti materjali rilevanti kollha tal-kundizzjonijiet ta' detenzjoni fil-faċilità korrettiva li fiha jkun konkretament previst li din il-persuna tinżamm. Fid-dawl tan-natura assoluta tal-projbizzjoni ta' trattamenti inumani jew degradanti, dan l-istħarriġ ma għandux ikun limitat għall-insuffiċjenzi manifesti.

Barra minn hekk, fid-dawl, minn naħa, tan-natura konkreta u preċiża ta' tali stħarriġ u, min-naħa l-oħra, tat-termini imposti fuqha mid-Deċiżjoni Qafas, l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni ma għandhiex twettaq eżami tal-kundizzjonijiet ta' detenzjoni li jeżistu fi ħdan il-faċilitajiet korrettivi kollha tal-Istat Membru emittenti li fihom il-persuna kkonċernata tista' tinżamm. Għall-finijiet tal-istħarriġ tal-kundizzjonijiet ta' detenzjoni li jeżistu fil-faċilità korrettiva li fiha jkun konkretament previst li din il-persuna ser tinżamm, hija għandha titlob mingħand l-awtorità ġudizzjarja emittenti l-informazzjoni li hija tqis neċessarja u għandha tafda, bħala prinċipju, fuq il-garanziji mogħtija minn din l-awtorità tal-aħħar, fl-assenza ta' elementi preċiżi li jippermettu li jitqies li l-kundizzjonijiet ta' detenzjoni jiksru l-Artikolu 4 tal-Karta.

Fost l-aspetti materjali li għandhom jiġu evalwati mill-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni hemm l-ispazju personali mqiegħed għad-dispożizzjoni ta' kull detenut f'ċella ta' din il-faċilità, il-kundizzjonijiet sanitarji kif ukoll il-portata tal-libertà ta' moviment li d-detenut ikollu fi ħdan l-imsemmija faċilità.

Fit-tieni lok, fir-rigward, b'mod partikolari, tal-ispazju personali mqiegħed għad-dispożizzjoni ta' kull detenut, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni għandha, fl-assenza, attwalment, ta' regoli minimi f'dan ir-rigward fid-dritt tal-Unjoni, tieħu inkunsiderazzjoni r-rekwiżiti minimi li jirriżultaw mill-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali

99| Artikolu 1(3) tad-Deċiżjoni Qafas dwar il-mandat ta' arrest Ewropew.

100| Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-5 ta' April 2016, ***Aranyosi u Căldăraru*** (C-404/15 u C-659/15 PPU, EU:C:2016:198).

101| Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-25 ta' Lulju 2018, ***Generalstaatsanwaltschaft (Kundizzjonijiet ta' detenzjoni fl-Ungerija)*** (C-220/18 PPU, EU:C:2018:589).

(KEDB) [102], sa fejn id-dritt previst f'din id-dispożizzjoni jikkorrispondi għad-dritt iggarantit bl-Artikolu 4 tal-Karta. Filwaqt li għamlet riferiment għall-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset, b'mod partikolari, li l-fatt li l-ispazju personali mqiegħed għad-dispożizzjoni ta' detenut ikun ta' inqas minn 3 m² f'ċella kollettiva jnissel preżunzjoni qawwija ta' ksur tal-Artikolu 3 tal-KEDB, preżunzjoni li normalment tista' tiġi kkonfutata biss jekk il-perijodi ta' spazju personali mnaqqas jkunu qosra, okkażjonali u minuri, jekk ikunu akkumpanjati minn libertà ta' moviment u minn attivitajiet barra miċ-ċella u jekk il-kundizzjonijiet ġenerali ta' detenzjoni fil-faċilità kkonċernata jkunu deċenti. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja speċifikat li l-kalkolu tal-ispazju mqiegħed għad-dispożizzjoni ma għandux jinkludi l-ispazju okkupat minn infrastrutturi sanitarji iżda għandu jinkludi l-ispazju okkupat mill-għamara, fejn madankollu d-detenuti għandhom iżommu l-possibbiltà li jiċċaqilqu normalment fiċ-ċella.

Fit-tielet lok, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-eżistenza ta' miżuri ta' stħarriġ, b'mod partikolari, ġudizzjarju mwettaq *a posteriori* tal-kundizzjonijiet ta' detenzjoni fl-Istat Membru emittenti tista' tittieħed inkunsiderazzjoni mill-awtoritajiet ġudizzjarji ta' eżekuzzjoni fl-evalwazzjoni globali tal-kundizzjonijiet li fihom ikun maħsub li ser tinżamm persuna li tkun is-suġġett ta' mandat ta' arrest Ewropew. Madankollu, din l-awtorità ma tistax teskludi l-eżistenza ta' riskju reali ta' trattament inuman jew degradanti għas-sempliċi raġuni li l-persuna kkonċernata jkollha għad-dispożizzjoni tagħha, f'dan l-Istat Membru, rimedju li jippermettilha tikkontesta l-kundizzjonijiet tad-detenzjoni tagħha jew li jeżistu miżuri leġiżlattivi jew strutturali, intiżi li jsaħħu l-istħarriġ tal-kundizzjonijiet ta' detenzjoni.

Fir-raba' u fl-aħħar lok, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-konstatazzjoni, mill-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni, tal-eżistenza ta' raġunijiet serji u kkonfermati li jġegħluha taħseb li l-persuna kkonċernata ser tkun, wara l-konsenja tagħha lill-Istat Membru emittenti, suġġetta għal tali riskju minħabba l-kundizzjonijiet ta' detenzjoni li jeżistu fil-faċilità korrettiva li fiha jkun konkretament previst li din il-persuna tkun ser tinżamm ma tistax tiġi bbilanċjata, għall-finijiet ta' deċiżjoni dwar l-imsemmija konsenja, ma' kunsiderazzjonijiet marbuta mal-effettività tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali kif ukoll mal-prinċipji ta' fiduċja u ta' rikonoxximent reċiproċi. Fil-fatt, in-natura assoluta tal-projbizzjoni ta' trattamenti inumani jew degradanti tipprekludi li d-dritt fundamentali li wieħed ma jkunx suġġett għal tali trattamenti jista' jkun b'xi mod limitat minn tali kunsiderazzjonijiet. Għalhekk, il-ħtieġa li jiġi ggarantit li l-persuna kkonċernata ma tiġix suġġetta għal xi trattament inuman jew degradanti tiġġustifika, eċċezzjonalment, limitazzjoni tal-prinċipji ta' fiduċja u ta' rikonoxximent reċiproċi.

# X. Trasport

Żewġ sentenzi jistħoqqilhom li jiġu indikati f'din it-taqsima. L-ewwel sentenza tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-kunċett ta' "ċirkustanza straordinarja" fis-sens tar-Regolament Nru 261/2004 fil-qasam tal-kumpens u tal-assistenza tal-passiġġieri fil-każ li ma jitħallewx jitilgħu u ta' kanċellazzjoni jew dewmien twil ta' titjiriet bl-ajru. It-tieni sentenza tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-kunċett ta' "kuntratt ta' trasport" fis-sens tar-Regolament Nru 1371/2007 dwar id-drittijiet u l-obbligi tal-passiġġieri ferrovjarji.

Fis-sentenza ***Germanwings*** (C-501/17, EU:C:2019:288), mogħtija fl-4 ta' April 2019, il-Qorti tal-Ġustizzja *interpretat il-kunċett ta' "ċirkustanza straordinarja" fis-sens tar-Regolament Nru 261/2004* [103] billi qieset li l-ħsara

102| Konvenzjoni ffirmata f'Ruma fl-4 ta' Novembru 1950.

103| Regolament (KE) Nru 261/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Frar 2004 li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kumpens u l-assistenza għal passiġġieri fil-każ li ma jitħallewx jitilgħu u ta' kanċellazzjoni jew dewmien twil ta' titjiriet, u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 295/91 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 8, p. 10).

f'tajer ta' ajruplan minħabba vit fuq il-mitjar tikkostitwixxi tali ċirkustanza. Fil-każ ta' titjira li tasal b'dewmien ta' tliet sigħat jew iktar minħabba din l-istess ċirkustanza, trasportatur tal-ajru huwa madankollu obbligat jikkumpensa lill-passiġġieri jekk ma jkunx implimenta l-mezzi kollha għad-dispożizzjoni tiegħu sabiex jillimita d-dewmien twil tal-imsemmija titjira.

It-tilwima fil-kawża prinċipali kienet bejn passiġġier u t-trasportatur tal-ajru Germanwings dwar ir-rifjut ta' dan tal-aħħar li jikkumpensa lill-passiġġier li t-titjira tiegħu kienet ġarrbet dewmien twil. It-trasportatur tal-ajru kien irrifjuta li jilqa' t-talba għal kumpens għar-raġuni li d-dewmien tat-titjira kkonċernata kien dovut għall-ħsara f'tajer ta' ajruplan minħabba vit fuq il-mitjar, liema ċirkustanza kellha tiġi kklassifikata bħala "straordinarja" [104] fis-sens tar-Regolament Nru 261/2004 u kienet teżentah mill-obbligu ta' kumpens tiegħu previst minn dan l-istess regolament [105].

Il-qorti reġjonali, adita bil-kawża, xtaqet tkun taf jekk il-ħsara inkwistjoni tikkostitwixxix "ċirkustanza straordinarja" fis-sens tar-Regolament Nru 261/2004.

Il-Qorti tal-Ġustizzja indikat, l-ewwel nett, li t-trasportatur tal-ajru ma huwiex obbligat jikkumpensa lill-passiġġieri jekk ikun jista' juri li l-kanċellazzjoni jew id-dewmien mal-wasla tat-titjira ta' tliet sigħat jew iktar ikun dovut għal "ċirkustanzi straordinarji" li ma setgħux jiġu evitati anki jekk il-miżuri raġonevoli kollha jkunu ttieħdu u, fil-każ li jseħħu tali ċirkustanzi, li huwa jkun adotta l-miżuri adegwati għas-sitwazzjoni billi jkun implimenta l-mezzi kollha f'termini ta' persunal jew ta' materjal u l-mezzi finanzjarji li huwa kellu sabiex jiġi evitat li din twassal għall-kanċellazzjoni jew għad-dewmien twil tat-titjira kkonċernata, mingħajr madanakollu ma jista' jkun meħtieġ jagħmel sagrifiċċji mhux tollerabbli fid-dawl tal-kapaċitajiet tal-impriża tiegħu fil-mument rilevanti.

Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li jistgħu jiġu kklassifikati bħala "ċirkustanzi straordinarji", fis-sens tar-Regolament Nru 261/2004, l-avvenimenti li, min-natura tagħhom jew mill-oriġini tagħhom, ma jkunux inerenti għall-eżerċizzju normali tal-attività tat-trasportatur tal-ajru kkonċernat u li jkunu lil hinn mill-kontroll effettiv ta' dan tal-aħħar.

Il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li, minkejja li t-trasportaturi tal-ajru jaffaċċjaw regolarment ħsara fit-tajers tal-ajruplani tagħhom, il-ħsara f'tajer li toriġina esklużivament mill-kolliżjoni ma' oġġett estern fuq il-mitjar tal-ajruport ma tistax titqies li hija inerenti, min-natura jew mill-oriġini tagħha, għall-eżerċizzju normali tal-attività tat-trasportatur tal-ajru kkonċernat. Barra minn hekk, din iċ-ċirkustanza hija lil hinn mill-kontroll effettiv tiegħu, u, għaldaqstant, għandha tiġi kklassifikata bħala "ċirkustanza straordinarja" fis-sens tar-Regolament Nru 261/2004.

Madankollu, sabiex jiġi eżentat mill-obbligu ta' kumpens tiegħu skont ir-Regolament Nru 261/2004, it-trasportatur tal-ajru għandu juri li jkun uża l-mezzi kollha għad-dispożizzjoni tiegħu sabiex jiġi evitat li s-sostituzzjoni tat-tajer bil-ħsara minħabba oġġett estern fuq il-mitjar ta' ajruport twassal għal dewmien twil tat-titjira kkonċernata, punt dan li kellu jiġi vverifikat mill-qorti tar-rinviju. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li, għal dak li jirrigwarda l-ħsara fit-tajers, it-trasportaturi tal-ajru jistgħu jkollhom għad-dispożizzjoni tagħhom fl-ajruporti li minnhom joperaw kuntratti ta' sostituzzjoni tat-tajers tagħhom u li jiżguraw fil-konfront tagħhom trattament prijoritarju.

**104|** Artikolu 5(3) tar-Regolament Nru 261/2004.

**105|** Artikolu 5(1) u Artikolu 7 tar-Regolament Nru 261/2004.

Fis-sentenza ***Kanyeba et*** (C-349/18 sa C-351/18, EU:C:2019:936), mogħtija fis-7 ta' Novembru 2019, il-Qorti tal-Ġustizzja indirizzat, minn naħa, *l-interpretazzjoni tal-kunċett ta' "kuntratt ta' trasport", fis-sens tal-punt 8 tal-Artikolu 3 tar-Regolament Nru 1371/2007 dwar id-drittijiet u l-obbligi tal-passiġġieri ferrovjarji* [106], *u, min-naħa l-oħra, is-setgħat tal-qorti nazzjonali meta tikkonstata n-natura inġusta ta' klawżola kuntrattwali, fis-sens tad-Direttiva 93/13 dwar il-klawżoli inġusti* [107].

Din is-sentenza ngħatat fil-kuntest ta' tliet kawżi bejn Société nationale des chemins de fer belge (SNCB) u tliet passiġġieri, dwar tariffi addizzjonali li dawn tal-aħħar intalbu jħallsu minħabba li kienu vvjaġġaw bil-ferrovija mingħajr biljett tat-trasport. Fil-fatt, wara r-rifjut tal-imsemmija vjaġġaturi li jirregolarizzaw is-sitwazzjoni tagħhom, billi jħallsu jew immedjatament il-prezz tal-vjaġġ miżjud b'supplimenti, jew sussegwentement ammont fiss, SNCB ressqithom quddiem qorti sabiex jiġu kkundannati jħallsuha s-somom dovuti minħabba l-imsemmi ksur tal-kundizzjonijiet tat-trasport tagħha. F'dan il-kuntest, SNCB allegat li r-relazzjoni bejnha u l-imsemmija passiġġieri ma kinitx ta' natura kuntrattwali, iżda ta' natura amministrattiva, peress li dawn tal-aħħar ma kinux xtraw biljett tat-trasport. Adita b'dawn il-kawżi, il-qorti tar-rinviju staqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, minn naħa, dwar in-natura tar-relazzjoni ġuridika eżistenti bejn kumpannija tat-trasport u vjaġġatur li juża s-servizzi ta' din il-kumpannija mingħajr biljett tat-trasport u, min-naħa l-oħra, dwar jekk it-tariffi addizzjonali mitluba minn SNCB setgħux eventwalment jiġu esklużi abbażi tal-protezzjoni mogħtija lil tali vjaġġatur mil-leġiżlazzjoni dwar il-klawżoli inġusti.

Fl-ewwel lok, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat il-kunċett ta' "kuntratt ta' trasport", fis-sens tal-punt 8 tal-Artikolu 3 tar-Regolament Nru 1371/2007. B'hekk, hija l-ewwel nett osservat, fid-dawl tal-formulazzjoni ta' din id-dispożizzjoni, li tali kuntratt jimplika essenzjalment l-obbligu għall-impriża ferrovjarja li tipprovdi lill-vjaġġatur servizz wieħed jew iktar ta' trasport u l-obbligu għall-vjaġġatur li jħallas il-prezz, sakemm is-servizz ta' trasport ma jiġix ipprovdut mingħajr ħlas. Minn dan jirriżulta li, minn naħa, billi tħalli l-aċċess liberu għall-ferrovija tagħha, u, min-naħa l-oħra, billi jitla' fuq din il-ferrovija sabiex iwettaq vjaġġ, kemm l-impriża ferrovjarja kif ukoll il-passiġġier juru r-rieda konkordanti tagħhom li jidħlu f'relazzjoni kuntrattwali, b'tali mod li l-kundizzjonijiet neċessarji sabiex tiġi stabbilita l-eżistenza ta' kuntratt ta' trasport huma, bħala prinċipju, issodisfatti. It-tieni nett, il-Qorti tal-Ġustizzja eżaminat il-kuntest li fih tidħol l-imsemmija dispożizzjoni u kkonstatat li, fid-dawl ta' din il-formulazzjoni u ta' dan il-kuntest, il-kunċett ta' "kuntratt ta' trasport" huwa indipendenti miż-żamma, mill-vjaġġatur, ta' biljett u li, għaldaqstant, jinkludi sitwazzjoni li fiha vjaġġatur jitla' fuq ferrovija aċċessibbli liberament sabiex iwettaq vjaġġ mingħajr ma jkun kiseb biljett. Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li jkun kuntrarju għall-għan ta' protezzjoni tal-passiġġieri ferrovjarji, imfittex mir-Regolament Nru 1371/2007, jekk jitqies li tali vjaġġatur jista', għas-sempliċi raġuni li ma jkollux biljett meta jitla' fuq il-ferrovija, jitqies li ma jkunx parti f'relazzjoni kuntrattwali mal-impriża ferrovjarja li tkun ħalliet il-ferroviji tagħha aċċessibbli liberament, peress li, f'tali kuntest, dan il-vjaġġatur ikun jista', għal ċirkustanzi li ma tkunx imputabbli lilu, jiġi mċaħħad mid-drittijiet li dan ir-regolament jorbot mal-konklużjoni ta' kuntratt ta' trasport. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja żiedet li, fl-assenza ta' dispożizzjonijiet f'dan ir-rigward fir-Regolament Nru 1371/2007, din l-interpretazzjoni tal-kunċett ta' "kuntratt ta' trasport", fis-sens tal-punt 8 tal-Artikolu 3 ta' dan ir-regolament, hija bla ħsara għall-validità ta' dan il-kuntratt jew tal-konsegwenzi li jistgħu jintrabtu man-nuqqas ta' eżekuzzjoni, minn waħda mill-partijiet, tal-obbligi kuntrattwali tagħha, li jibqgħu rregolati mid-dritt nazzjonali applikabbli.

106| Regolament (KE) Nru 1371/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2007 dwar id-Drittijiet u l-Obbligi tal-passiġġieri tal-ferroviji (ĠU 2007, L 315, p. 14).

107| Direttiva tal-Kunsill 93/13 KEE tal-5 ta' April 1993 dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 2, p. 288).

Fit-tieni lok, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret, preliminarjament, li, konformement mal-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 93/13, il-klawżoli kuntrattwali li jirriflettu, b'mod partikolari, dispożizzjonijiet mandatorji statutorji jew regolatorji ma humiex suġġetti għad-dispożizzjonijiet ta' din id-direttiva u li kienet il-qorti nazzjonali li kellha tivverifika jekk il-klawżola inkwistjoni kinitx taqa' taħt din l-esklużjoni mill-kamp ta' applikazzjoni tad-direttiva. Madankollu, filwaqt li bbażat ruħha fuq l-ipoteżi li din il-klawżola taqa' f'dan il-kamp ta' applikazzjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja indirizzat is-setgħat tal-qorti nazzjonali [108] f'sitwazzjoni fejn tikkonstata n-natura inġusta ta' klawżola kuntrattwali, fis-sens tad-Direttiva 93/13. B'hekk, fir-rigward ta' klawżola ta' penali prevista f'kuntratt konkluż bejn bejjiegħ jew fornitur u konsumatur, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, minn naħa, li l-Artikolu 6(1) ta' din id-direttiva jipprekludi li qorti nazzjonali li tikkonstata n-natura inġusta ta' tali klawżola ta' penali timmodera l-ammont tal-multa imposta permez ta' din il-klawżola fuq dan il-konsumatur. Min-naħa l-oħra, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li din id-dispożizzjoni tipprekludi wkoll li qorti nazzjonali tissostitwixxi tali klawżola, b'applikazzjoni tal-prinċipji tad-dritt tal-kuntratti tagħha, b'dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali intiża li tapplika f'assenza ta' klawżola speċifika, ħlief jekk il-kuntratt inkwistjoni ma jkunx jista' jibqa' jeżisti fil-każ tat-tneħħija tal-klawżola inġusta u jekk l-annullament tal-kuntratt kollu kemm hu jesponi lill-konsumatur għal konsegwenzi partikolarment dannużi.

Għandu jiġi nnotat ukoll, taħt din it-taqsima, li l-Qorti tal-Ġustizzja tat deċiżjoni, fis-sentenza ***L-Awstrija vs Il-Ġermanja*** (C-591/17), dwar l-introduzzjoni mill-Ġermanja ta' tariffa għall-użu tal-awtostradi u ta' eżenzjoni biss għall-vetturi rreġistrati fil-Ġermanja. Din is-sentenza ġiet ippreżentata iktar 'il fuq fit-Taqsima VII.1, "Moviment liberu tal-merkanzija".

# XI. Kompetizzjoni

## 1. Artikolu 101 TFUE

Fis-sentenza ***Skanska Industrial Solutions et*** (C-724/17, EU:C:2019:204), mogħtija fl-14 ta' Marzu 2019, il-Qorti tal-Ġustizzja tat deċiżjoni dwar talba għal deċiżjoni preliminari li tikkonċerna d-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar l-akkordji u ddeċidiet li, f'sitwazzjoni fejn l-azzjonijiet kollha tal-kumpanniji li jkunu pparteċipaw f'akkordju nxtraw minn kumpanniji oħra, li jkunu xoljew dawn l-ewwel kumpanniji u jkunu komplew l-attivitajiet kummerċjali tagħhom, il-kumpanniji xerrejja jistgħu jinżammu responsabbli għad-dannu kkawżat minn dan l-akkordju.

F'dan il-każ, kien ġie implimentat akkordju bejn l-1994 u l-2002 fil-Finlandja. Dan kien jirrigwarda t-tqassim tas-swieq, it-tariffi u l-preżentazzjoni ta' offerti għal kuntratti, kien ikopri t-totalità ta' dan l-Istat Membru u seta' jaffettwa wkoll il-kummerċ bejn l-Istati Membri. Bejn l-2000 u l-2003, il-kumpanniji konvenuti xtraw l-azzjonijiet kollha ta' diversi parteċipanti fl-akkordju, li huma sussegwentement xoljew wara proċeduri ta' stralċ volontarju. Permezz ta' sentenza tad-29 ta' Settembru 2009, il-Qorti Amministrattiva Suprema tal-Finlandja kkundannat lill-parteċipanti fl-akkordju għal ksur tal-liġi Finlandiża dwar ir-restrizzjonijiet tal-kompetizzjoni u tad-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar l-akkordji. Abbażi ta' din is-sentenza, il-belt Finlandiża ta' Vantaa kellha l-intenzjoni tikseb mingħand il-kumpanniji akkwirenti, bħala kumpens għad-dannu kkawżat

108| Li joħorġu mill-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 93/13.

mill-akkordju, ħlas ta' kumpens għad-danni. Madankollu, huma rrifjutaw li jħallsu dan il-kumpens minħabba li r-regoli dwar ir-responsabbiltà ċivili li jinsabu fid-dritt Finlandiż jipprovdu li hija biss l-entità ġuridika li kkawżat id-dannu li tkun responsabbli.

Permezz tal-ewwel u tat-tieni domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju essenzjalment staqsiet jekk id-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar l-akkordji għandhomx jiġu interpretati fis-sens li, f'sitwazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, il-kumpanniji xerrejja jkunux jistgħu jinżammu responsabbli għad-danni kkawżati minn dan l-akkordju.

Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-kwistjoni tad-determinazzjoni tal-entità li għandha tikkumpensa d-dannu kkawżat minn akkordju hija rregolata direttament mid-dritt tal-Unjoni. Peress li r-responsabbiltà għad-dannu li jirriżulta minn ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni tal-Unjoni hija ta' natura personali, hija l-impriża li tikser dawn ir-regoli li għandha tagħmel tajjeb għad-dannu kkawżat mill-ksur. L-entitajiet li għandhom jikkumpensaw id-dannu kkawżat minn akkordju jew minn prattika pprojbita mill-Artikolu 101 TFUE huma l-impriżi, fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, li jkunu pparteċipaw f'dan l-akkordju jew f'din il-prattika.

Issa, il-kunċett ta' "impriża", fis-sens tal-Artikolu 101 TFUE, jinkludi kull entità li teżerċita attività ekonomika, indipendentement mill-istatus ġuridiku ta' din l-entità u mill-mod ta' finanzjament tagħha u jkopri unità ekonomika anki jekk, mill-perspettiva ġuridika, din l-unità ekonomika tkun magħmula minn diversi persuni fiżiċi jew ġuridiċi.

Għalhekk, meta entità li tkun wettqet ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni tal-Unjoni tkun is-suġġett ta' tibdil legali jew organizzattiv, dan it-tibdil ma għandux neċessarjament bħala effett li joħloq impriża ġdida ħielsa mir-responsabbiltà tal-aġir li jmur kontra dawn ir-regoli tal-entità preċedenti jekk, mil-lat ekonomiku, din tal-aħħar u l-entità l-ġdida jkunu identiċi. Fil-fatt, jekk impriżi, responsabbli għad-dannu kkawżat minn tali ksur, ikunu jistgħu jaħarbu mir-responsabbiltà tagħhom permezz tas-sempliċi fatt li l-identità tagħhom tkun inbidlet wara ristrutturazzjonijiet, trasferimenti jew bidliet legali jew organizzattivi oħra, l-għan imfittex minn din is-sistema kif ukoll l-effett utli tal-imsemmija regoli jiġu kompromessi.

F'dan il-każ, kien jidher li kien hemm kontinwità ekonomika bejn il-kumpanniji xerrejja, minn naħa, u l-kumpanniji li pparteċipaw fl-akkordju inkwistjoni, min-naħa l-oħra. Għalhekk il-kumpanniji xerrejja ħadu r-responsabbiltà ta' dawn il-kumpanniji tal-aħħar għad-dannu kkawżat minn dan l-akkordju.

Fis-sentenza preliminari ***Otis Gesellschaft et*** (C-43518, EU:C:2019:1069), mogħtija fit-12 ta' Diċembru 2019, il-Qorti tal-Ġustizzja għamlet barra minn hekk *preċiżazzjonijiet importanti dwar ir-rabta bejn id-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni u dawk tad-dritt nazzjonali li jirregolaw il-kawżi għall-kumpens għad-danni kkawżati minn akkordju billi ddeċidiet li l-Artikolu 101 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li organu pubbliku, li jkun ta self bħala inċentiv lix-xerrejja ta' prodotti suġġetti għal kartell, jista' jitlob kumpens għad-dannu kkawżat mill-akkordju*.

Il-kawża pendenti quddiem l-Oberster Gerichtshof (il-Qorti Suprema, l-Awstrija) tnisslet minn azzjoni għad-danni mressqa b'mod partikolari mil-Land Oberösterreich (iktar 'il quddiem ir-"rikorrent") kontra ħames kumpanniji attivi fis-suq tal-installazzjoni u tal-manutenzjoni ta' liftijiet kif ukoll ta' skalaturi, li l-parteċipazzjoni tagħhom f'aġir antikompetittiv fil-kuntest ta' akkordju kienet ġiet stabbilita preċedentement. Ir-rikorrent ma ġarrabx dannu bħala xerrej tal-prodotti kkonċernati mill-akkordju. Għall-kuntrarju, iż-żieda fl-ispejjeż tal-kostruzzjoni kkawżati mill-akkordju kienet wasslitu jagħti sussidji, fil-forma ta' self bħala inċentiv intiż għall-finanzjament ta' proġetti ta' kostruzzjoni milquta mill-akkordju, ta' ammont ogħla milli kien ikun fl-assenza ta' dan l-akkordju, li b'hekk ċaħħad lir-rikorrent mill-possibbiltà li juża din id-differenza għal skopijiet oħra iktar profittabbli. Issa, skont l-Oberster Gerichtshof, il-prinċipji li jirregolaw, fid-dritt nazzjonali, il-kumpens għad-danni purament patrimonjali jillimitaw il-kumpens għal dawk id-danni biss li r-regola miksura kellha l-għan li twaqqaf milli jseħħu, li jista' jeskludi l-kumpens għad-danni mġarrba minn persuni li la joperaw bħala fornitur u lanqas bħala xerrej fis-suq ikkonċernat mill-akkordju.

Wara li saritilha domanda mill-Oberster Gerichtshof dwar il-kompatibbiltà ta' tali limitazzjoni mal-Artikolu 101 TFUE, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret, l-ewwel nett, li l-Artikolu 101(1) TFUE jipproduċi effetti diretti fir-relazzjonijiet bejn l-individwi u b'mod partikolari jagħti lil kull persuna li tkun ġarrbet dannu kkawżat minn kuntratt jew aġir li jista' joħloq restrizzjoni jew distorsjoni tal-kompetizzjoni d-dritt li titlob kumpens għal dan id-dannu, meta tkun teżisti rabta kawżali bejn id-dannu u l-ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja indikat ukoll li r-regoli nazzjonali li jirrigwardaw il-modalitajiet għall-eżerċizzju ta' dan id-dritt għal kumpens ma għandhomx jippreġudikaw l-applikazzjoni effettiva tal-Artikolu 101 TFUE.

Il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li l-protezzjoni effettiva kontra l-konsegwenzi dannużi ta' ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni tal-Unjoni tkun serjament kompromessa jekk id-dritt li jintalab kumpens għad-dannu kkawżat minn akkordju jkun mill-bidu nett limitat għall-fornituri u għax-xerrejja tas-suq ikkonċernat mill-akkordju. Issa, fil-kawża prinċipali, il-limitazzjoni prevista mid-dritt nazzjonali fir-rigward tad-dannu li għandu jiġi kkumpensat kellha preċiżament l-effett li teskludi l-kumpens għad-dannu allegat mir-rikorrent, minħabba li huwa ma kellux il-kwalità ta' fornitur jew ta' xerrej fis-suq ikkonċernat mill-akkordju. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li ma huwiex neċessarju li d-dannu mġarrab mill-persuna kkonċernata jkollu rabta speċifika mal-għan ta' protezzjoni mfittex mill-Artikolu 101 TFUE, għaliex inkella l-parteċipanti f'akkordju ma jkunux meħtieġa jikkumpensaw id-danni kollha li setgħu ġew ikkawżati minnhom.

Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, l-Artikolu 101 TFUE jimplika għalhekk li kull persuna li ma toperax bħala fornitur jew bħala xerrej fis-suq ikkonċernat minn akkordju, iżda li tkun tat sussidji, fil-forma ta' self bħala inċentiv, lil xerrejja ta' prodotti offruti f'dan is-suq, tista' titlob kumpens għad-dannu li hija tkun ġarrbet għar-raġuni li, peress li l-ammont ta' dawn is-sussidji kien ogħla milli kien ikun fl-assenza tal-imsemmi akkordju, hija ma setgħetx tuża din id-differenza għal skopijiet oħra iktar profittabbli. Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li hija l-qorti nazzjonali li kellha tiddetermina jekk ir-rikorrent kellux jew le l-possibbiltà li jagħmel investimenti li jkunu iktar profittabbli u jekk ir-rikorrent kienx stabbilixxa l-eżistenza ta' rabta kawżali bejn dan id-dannu u l-akkordju inkwistjoni.

## 2. Artikolu 102 TFUE

Fil-qasam ta' pożizzjoni dominanti, għandha tiġi indikata sentenza dwar ir-regoli li jirregolaw l-azzjonijiet għad-danni minħabba ksur tad-dritt tal-kompetizzjoni.

Fis-sentenza ***Cogeco Communications*** (C-637/17, EU:C:2019:263), mogħtija fit-28 ta' Marzu 2019, il-Qorti tal-Ġustizzja tat deċiżjoni dwar talba għal deċiżjoni preliminari marbuta mad-*Direttiva 2014/104* [109] *dwar ċerti regoli li jirregolaw l-azzjonijiet għad-danni fid-dritt nazzjonali għall-ksur tad-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-kompetizzjoni tal-Istati Membri u tal-Unjoni Ewropea, mal-Artikolu 102 TFUE, u mal-prinċipji ta' ekwivalenza u ta' effettività.*

It-tilwima fil-kawża prinċipali kienet tirrigwarda rikors intiż għall-kumpens tad-dannu li Cogeco Communications Inc. allegatament ġarrbet minħabba l-prattiki antikompetittivi tal-kumpannija Sport TV Portugal SA. Ir-rikors kien ġie ppreżentat fis-27 ta' Frar 2015, wara deċiżjoni tal-awtorità tal-kompetizzjoni li permezz tagħha Sport TV Portugal kienet ġiet ikkundannata għal multa minħabba li abbużat mill-pożizzjoni dominanti tagħha fis-suq tal-istazzjonijiet tat-televiżjoni sportivi premium bejn l-2006 u l-2011.

109| Direttiva 2014/104/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Novembru 2014 dwar ċerti regoli li jirregolaw l-azzjonijiet għad-danni skont il-liġi nazzjonali għall-ksur tad-dispożizzjonijiet tal-liġi tal-kompetizzjoni tal-Istati Membri u tal-Unjoni Ewropea (ĠU 2014, L 349, p.1).

Id-dritt Portugiż dwar ir-responsabbiltà mhux kuntrattwali, applikabbli għat-tilwima fil-kawża prinċipali, jipprevedi madankollu terminu ta' preskrizzjoni ta' tliet snin li, skont Sport TV Portugal, kien beda jiddekorri minn meta Cogeco Communications kellha l-informazzjoni kollha neċessarja sabiex tevalwa jekk hija kellhiex jew le dritt għal kumpens, f'liema każ ir-rikors f'dan il-każ kien preskritt. Issa, għalkemm id-Direttiva 2014/104 tinkludi b'mod partikolari dispożizzjonijiet dwar il-preskrizzjoni fil-kuntest ta' kawżi għad-danni għal ksur antikompetittiv, hija kienet għadha ma ġietx trasposta fl-ordinament ġuridiku Portugiż fid-data tal-preżentata tar-rikors. Peress li s-soluzzjoni tal-kawża kienet tiddependi għalhekk fuq l-applikabbiltà tad-Direttiva 2014/104, il-qorti tar-rinviju ressqet talba għal deċiżjoni preliminari dwar dan is-suġġett.

Fir-rigward tal-applikazzjoni *ratione temporis* tad-Direttiva 2014/104, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, fil-każ li l-Istati Membri jkunu ddeċidew li d-dispożizzjonijiet tal-ordinament ġuridiku intern tagħhom li jittrasponu d-dispożizzjonijiet proċedurali ta' din id-direttiva ma jkunux applikabbli għar-rikorsi għad-danni ppreżentati qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dawn id-dispożizzjonijiet nazzjonali, ir-rikorsi ppreżentati wara s-26 ta' Diċembru 2014, iżda qabel id-data tal-iskadenza tat-terminu għat-traspożizzjoni tal-imsemmija direttiva, jibqgħu rregolati biss mir-regoli proċedurali nazzjonali li kienu diġà fis-seħħ qabel it-traspożizzjoni tal-imsemmija direttiva. Dan japplika *a fortiori* għad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati mill-Istati Membri skont l-Artikolu 21 tad-Direttiva 2014/104 sabiex jikkonformaw ruħhom mad-dispożizzjonijiet sostantivi ta' din tal-aħħar, sa fejn, kif jirriżulta mill-formulazzjoni tal-Artikolu 22(1) ta' din id-direttiva, dawn id-dispożizzjonijiet nazzjonali ma jkunux għadhom japplikaw retroattivament. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li d-Direttiva 2014/104 kellha tiġi interpretata fis-sens li ma kinitx tapplika għat-tilwima fil-kawża prinċipali.

B'hekk, fl-assenza ta' leġiżlazzjoni tal-Unjoni fil-qasam ta' azzjonijiet għad-danni għal ksur antikompetittiv, huwa l-ordinament ġuridiku nazzjonali ta' kull Stat Membru li għandu jirregola l-modalitajiet għall-eżerċizzju tad-dritt li jintalab kumpens għad-dannu li jirriżulta minn abbuż minn pożizzjoni dominanti, inklużi dawk relatati mat-termini ta' preskrizzjoni, bil-kundizzjoni li jiġu osservati l-prinċipji ta' ekwivalenza u ta' effettività. Dawn ir-regoli ma għandhomx jippreġudikaw l-applikazzjoni effettiva tal-Artikolu 102 TFUE.

F'dan ir-rigward, kellhom jittieħdu inkunsiderazzjoni l-karatteristiċi speċifiċi tal-kawżi li jikkonċernaw id-dritt tal-kompetizzjoni u, b'mod iktar partikolari, il-fatt li l-azzjonijiet għad-danni mressqa minħabba ksur tad-dritt tal-kompetizzjoni tal-Unjoni kienu jeħtieġu, bħala prinċipju, analiżi fattwali u ekonomika kumplessa.

B'applikazzjoni tal-prinċipju ta' effettività, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li, jekk it-terminu ta' preskrizzjoni, li jibda jiddekorri qabel ma jitlestew il-proċeduri li fit-tmiem tagħhom tingħata deċiżjoni definittiva mill-awtorità nazzjonali tal-kompetizzjoni jew minn korp ta' appell, ikun qasir wisq meta mqabbel mat-tul ta' dawn il-proċeduri u la jista' jiġi sospiż u lanqas interrott matul tali proċeduri, ma huwiex eskluż li dan it-terminu ta' preskrizzjoni jiskadi anki qabel ma jitlestew l-imsemmija proċeduri. Għalhekk, tali terminu jista' jagħmel prattikament impossibbli jew eċċessivament diffiċli l-eżerċizzju tad-dritt li jitressqu azzjonijiet għad-danni bbażati fuq deċiżjoni definittiva li tikkonstata ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni tal-Unjoni. B'hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikolu 102 TFUE u l-prinċipju ta' effettività għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li, minn naħa, tipprevedi li t-terminu ta' preskrizzjoni għall-azzjonijiet għad-danni jkun ta' tliet snin u jibda jiddekorri mid-data li fiha l-persuna leża tkun saret taf bid-dritt għal kumpens tagħha, anki jekk il-persuna responsabbli għar-reat ma tkunx magħrufa u, min-naħa l-oħra, ma tipprevedi ebda possibbiltà ta' sospensjoni jew ta' interruzzjoni ta' dan it-terminu matul il-proċedimenti quddiem awtorità nazzjonali tal-kompetizzjoni.

Għandha tiġi indikata wkoll sentenza oħra, mogħtija fil-kawża ***Powszechny Zakład Ubezpieczeń na Życie*** (C-617/17), dwar l-interpretazzjoni tal-prinċipju ta' *ne bis in idem* fil-kuntest ta' proċeduri mibdija, kemm taħt id-dritt nazzjonali kif ukoll taħt id-dritt tal-Unjoni, għal ksur tad-dritt tal-kompetizzjoni. Din is-sentenza ġiet ippreżentata fit-Taqsima I.2, "Prinċipju ta' *ne bis in idem*".

## 3. Għajnuna mill-Istat

Tliet sentenzi jistħoqqilhom li jiġu indikati fil-qasam tal-għajnuna mill-Istat. L-ewwel waħda tikkonċerna miżuri li kienu ġew adottati mill-Ġermanja favur produtturi tal-elettriku ġġenerat minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli, it-tieni waħda tikkonċerna proġetti ta' għajnuna reġjonali għall-investiment favur proġetti kbar filwaqt li t-tielet waħda tirrigwarda miżuri tal-Istat li kienu ġew adottati bil-għan li jiġu indirizzati d-diffikultajiet finanzjarji li kellha impriża pubblika fis-settur ferrovjarju.

Fis-sentenza ***Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni*** (C-405/16 P, EU:C:2019:268), mogħtija fit-28 ta' Marzu 2019, il-Qorti tal-Ġustizzja, minn naħa, laqgħet l-appell ippreżentat mill-Ġermanja mis-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-10 ta' Mejju 2016, ***Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni*** (T-47/15, EU:T:2016:281), li permezz tagħha din tal-aħħar kienet ċaħdet bħala infondat ir-rikors tagħha għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1585 tal-25 ta' Novembru 2014 [110] u, min-naħa l-oħra, annullat id-deċiżjoni kontenzjuża. B'differenza mill-Kummissjoni u mill-Qorti Ġenerali, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li *l-miżuri adottati mill-Ġermanja favur il-produtturi tal-elettriku ġġenerat minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli u minn gass mill-minjieri (iktar 'il quddiem "l-elettriku EEG") [111] ma setgħux jiġu kklassifikati bħala għajnuna mill-Istat, fin-nuqqas ta' involviment ta' riżorsi tal-Istat.*

L-EEG tal-2012, li kellha bħala għan li tiggarantixxi lill-produtturi tal-elettriku EEG prezz ogħla mill-prezz tas-suq, kienet tinkludi b'mod partikolari obbligu għall-amministraturi kollha tan-netwerk li jixtru l-elettriku EEG skont tariffi stabbiliti mil-liġi u li jbigħuh fis-suq skont il-borża tal-elettriku. Jekk il-prezz miksub ma kienx jippermettilhom ikopru l-piż finanzjarju tax-xiri skont it-tariffi stabbiliti mil-liġi, mekkaniżmu msejjaħ "soprataxxa EEG" kien jippermettilhom jeżiġu li l-fornituri li jipprovdu servizz lill-klijenti finali jħallsuhom id-differenza, bi proporzjon mal-kwantitajiet mibjugħa. L-imsemmija fornituri, min-naħa tagħhom, kellhom il-possibbiltà, iżda mhux l-obbligu, li jgħaddu s-soprataxxa EEG fuq il-klijenti finali.

Fid-deċiżjoni kontenzjuża, il-Kummissjoni kienet b'mod partikolari qieset li l-miżuri adottati b'dan il-mod, li kienu illegali sa fejn dawn ma kinux ġew ikkomunikati lilha [112], kienu jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat, iżda li madankollu huma kienu kompatibbli mas-suq intern, suġġett għall-implimentazzjoni mill-Ġermanja ta' impenn. Fis-sentenza tagħha, il-Qorti Ġenerali b'mod partikolari ddeċidiet li l-Kummissjoni kienet ġustament qieset li l-EEG tal-2012 kienet tinvolvi riżorsi tal-Istat. Skont il-Qorti Ġenerali, fil-fatt, il-mekkaniżmi tal-EEG tal-2012 kienu jipproċedu, prinċipalment, bl-implimentazzjoni ta' politika pubblika ta' għajnuna lill-produtturi tal-elettriku EEG. Barra minn hekk, il-fondi ġġenerati mis-soprataxxa EEG, li kienu jibqgħu taħt l-influwenza dominanti tal-poteri pubbliċi u kienu simili għal taxxa, kienu jinvolvu riżors tal-Istat. Fl-aħħar nett, l-entitajiet inkarigati bl-amministrazzjoni tal-imsemmija mekkaniżmi ma kinux jaġixxu f'isimhom stess u liberament, iżda bħala amministraturi ta' għajnuna mogħtija permezz ta' fondi tal-Istat.

Il-Qorti tal-Ġustizzja qieset, f'dan il-każ, li kemm il-Qorti Ġenerali fis-sentenza kkontestata kif ukoll il-Kummissjoni fid-deċiżjoni kontenzjuża wettqu żball ta' liġi meta qiesu li l-miżuri inkwistjoni kienu jinvolvu riżorsi tal-Istat.

110| Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1585 tal-25 ta' Novembru 2014 dwar l-iskema ta' għajnuna SA.33995 (2013/C) (ex 2013/NN) (implimentata mill-Ġermanja għall-appoġġ tal-elettriku rinnovabbli u tal-utenti li jagħmlu użu intensiv mill-enerġija) (ĠU 2015, L 250, p. 122, iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kontenzjuża").

111| Gesetz zur Neuregelung des Rechtsrahmens für die Förderung der Stromerzeugung aus erneuerbaren Energien (il-Liġi li tintroduċi dispożizzjonijiet ġodda fil-kuntest legali tal-promozzjoni tal-elettriku prodott minn enerġiji rinnovabbli) (BGBl. 2011 I, p. 1634, iktar 'il quddiem l-"EEG tal-2012"). Din il-liġi kienet ġiet applikata biss bejn l-1 ta' Jannar 2012 u l-31 ta' Lulju 2014, qabel ma ġiet issostitwita bl-EEG tal-2014, approvata b'deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-27 ta' Lulju 2014.

112| Artikolu 108(3) TFUE.

F'dan ir-rigward, hija kkonstatat l-ewwel nett li, peress li l-Liġi EEG tal-2012 ma kinitx tinkludi obbligu li s-soprataxxa EEG tiġi mgħoddija fuq il-klijenti finali, il-Qorti Ġenerali ma setgħetx tqis li din kienet "[t]ixbah, mill-perspettiva tal-effetti [tagħha], lil taxxa fuq il-konsum". Hija ddeċidiet, it-tieni nett, li la kien ġie stabbilit li l-Istat kellu setgħa ta' dispożizzjoni fuq il-fondi ġġenerati mis-soprataxxa EEG u lanqas li huwa kien jeżerċita kontroll pubbliku fuq l-entitajiet inkarigati bl-amministrazzjoni ta' dawn il-fondi. Fil-fatt, minn naħa, il-Qorti Ġenerali sempliċement uriet li l-awtoritajiet pubbliċi kienu jeżerċitaw influwenza dominanti fuq il-fondi ġġenerati mis-soprataxxa, mingħajr ma setgħet tikkonkludi li l-Istat kien f'pożizzjoni li jiddisponi minn dawn il-fondi, jiġifieri li jiddeċiedi allokazzjoni differenti minn dik prevista mill-EEG tal-2012. Min-naħa l-oħra, għalkemm kien minnu li l-elementi kkonstatati mill-Qorti Ġenerali kienu jippermettu li jiġi konkluż li l-awtoritajiet pubbliċi kienu jeżerċitaw kontroll tal-eżekuzzjoni tajba tal-EEG tal-2012, huma ma setgħux, għall-kuntrarju, jippermettu li jiġi konkluż li kien hemm kontroll pubbliku fuq il-fondi ġġenerati mis-soprataxxa EEG stess.

Għall-istess raġunijiet, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Kummissjoni ma stabbilixxietx li l-vantaġġi previsti mill-EEG tal-2012 kienu jinvolvu riżorsi tal-Istat u kienu jikkostitwixxu, għaldaqstant, għajnuna mill-Istat, u għalhekk annullat id-deċiżjoni kontenzjuża.

Fis-sentenza tagħha tad-29 ta' Lulju 2019, ***Bayerische Motoren Werke u Freistaat Sachsen vs Il-Kummissjoni*** (C-654/17 P, EU:C:2019:634), il-Qorti tal-Ġustizzja, filwaqt li kkonfermat is-sentenza appellata [113], għamlet numru ta' preċiżazzjonijiet *dwar il-proċedura u l-kriterji għall-evalwazzjoni tal-kompatibbiltà mas-suq intern ta' proġetti ta' għajnuna reġjonali għall-investiment għal proġetti kbar*. Filwaqt li ċaħdet l-appell inċidentali ppreżentat mill-Kummissjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja, barra minn hekk, ikkonfermat li *digriet li permezz tiegħu l-Qorti Ġenerali tilqa' talba għal intervent la jista' jkun is-suġġett ta' appell ippreżentat b'mod prinċipali u lanqas ma jista' jkun is-suġġett ta' appell inċidentali*.

Fit-30 ta' Novembru 2010, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja kienet ikkomunikat, taħt l-Artikolu 6(2) tar-Regolament Nru 800/2008 [114], għajnuna f'ammont nominali ta' EUR 49 miljun li hija kellha l-intenzjoni li tagħti għall-kostruzzjoni f'Leipzig (il-Ġermanja) ta' sit ta' produzzjoni għall-manifattura ta' vetturi elettriċi minn Bayerische Motoren Werke AG (iktar 'il quddiem "BMW"). Wara proċedura ta' investigazzjoni formali miftuħa skont l-Artikolu 108(2) TFUE, il-Kummissjoni adottat deċiżjoni li ddikjarat li l-għajnuna kkomunikata kienet kompatibbli mas-suq intern biss jekk tkun limitata għas-somma ta' EUR 17-il miljun (fi prezzijiet tal-2009), u li l-ammont lil hinn minn dan kien inkompatibbli mas-suq intern. Ir-rikors għal annullament ippreżentat minn BMW kontra din id-deċiżjoni ġie miċħud permezz tas-sentenza li kienet is-suġġett tal-appell prinċipali.

L-appell prinċipali ppreżentat minn BMW ġie segwit b'appell inċidentali mill-Kummissjoni intiż għall-annullament tad-digriet tal-Qorti Ġenerali li aċċetta lill-Freistaat Sachsen bħala intervenjent insostenn tat-talbiet ta'

BMW [115]. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja ċaħdet dan l-appell inċidentali bħala inammissibbli, għar-raġuni li d-dritt tal-Unjoni ma jinkludi ebda bażi legali li tagħti lil parti d-dritt li tadixxi lill-Qorti tal-Ġustizzja b'appell minn deċiżjoni li permezz tagħha l-Qorti Ġenerali tkun laqgħet talba għal intervent. F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret ukoll li d-dritt tal-Unjoni, b'mod partikolari l-Artikolu 47 tal-Karta, moqri fid-dawl tal-garanziji li jinsabu fl-Artikolu 18 u fl-Artikolu 19(2) tagħha, ma jimponix l-eżistenza ta' żewġ livelli ta' ġurisdizzjoni. L-uniku rekwiżit, fil-fatt, huwa li jkun hemm rimedju quddiem istanza ġudizzjarja. Il-prinċipju

113| Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-12 ta' Settembru 2017, ***Bayerische Motoren Werke vs Il-Kummissjoni*** (T-671/14, EU:T:2017:599).

114| Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 800/2008 tas-6 ta' Awwissu 2008 li jiddikjara ċerti kategoriji ta' għajnuna bħala kompatibbli mas-suq komuni (Regolament għal Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa) skond l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat (ĠU 2008, L 214, p. 3).

115| Digriet tal-President tal-Ħames Awla tal-Qorti Ġenerali tal-11 ta' Mejju 2015, ***Bayerische Motoren Werke vs Il-Kummissjoni*** (T-671/14, mhux ippubblikat, EU:T:2015:322).

ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva jagħti għalhekk lill-individwu dritt ta' aċċess għal qorti u mhux għal diversi livelli ta' ġurisdizzjoni. Issa, f'dan il-każ, il-Kummissjoni kienet f'pożizzjoni li ssostni l-argumenti tagħha fuq l-ammissibbiltà tat-talba għal intervent fil-kuntest tal-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali.

Fir-rigward tal-mertu tal-kawża u, b'mod iktar partikolari, tal-evalwazzjoni tal-kompatibbiltà mas-suq intern tal-għajnuna kkomunikata mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, il-Qorti tal-Ġustizzja kompliet billi kkonstatat li din l-għajnuna kienet taqbeż il-limitu ta' komunikazzjoni individwali rilevanti previst fl-Artikolu 6(2) tar-Regolament Nru 800/2008, li kien ta' EUR 22.5 miljun, u li, għaldaqstant, diġà għal din ir-raġuni, tali għajnuna, peress li ma kinitx taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-regolament, kienet eskluża mill-eżenzjoni mill-obbligu ta' komunikazzjoni individwali prevista, b'mod partikolari, fl-Artikolu 3 u fl-Artikolu 13(1) tal-imsemmi regolament. F'dan ir-rigward, hija, barra minn hekk, speċifikat li għajnuna li taqbeż l-imsemmi limitu ta' komunikazzjoni individwali għandha tiġi evalwata għall-ammont kollu tagħha, inkluż għall-parti li ma taqbiżx dan il-limitu, bħala għajnuna ġdida fis-sens tal-Artikolu 1(ċ) tar-Regolament Nru 659/1999 [116], fil-kuntest ta' eżami individwali, skont l-Artikolu 107(3) TFUE. B'mod partikolari, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat f'dan ir-rigward li din il-parti tal-għajnuna ma setgħetx titqies li kienet awtorizzata mir-Regolament Nru 800/2008 inkwantu għajnuna kompatibbli mas-suq intern. Fil-fatt, minbarra l-fatt li dan ir-regolament ma kienx qed jagħmel evalwazzjoni konkreta tal-kompatibbiltà ta' għajnuna speċifika fid-dawl tal-kundizzjonijiet li huwa kien qed jistabbilixxi, il-limitu ta' komunikazzjoni individwali previst fl-Artikolu 6(2) tiegħu kien ta' natura purament proċedurali. L-evalwazzjoni mill-Kummissjoni tal-kompatibbiltà ta' għajnuna mas-suq intern fil-kuntest ta' eżami individwali ma setgħetx, barra minn hekk, tvarja skont jekk hija ssirx fid-dawl tal-kundizzjonijiet stabbiliti mir-Regolament Nru 800/2008 jew fid-dawl ta' dawk stabbiliti mill-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-2009 rigward il-kriterji għal valutazzjoni fil-fond tal-għajnuna reġjonali għal proġetti kbar ta' investiment [117], mingħajr ma tikser l-Artikolu 107(3) TFUE, li jikkostitwixxi l-bażi legali kemm tal-imsemmi regolament kif ukoll tal-imsemmija komunikazzjoni tal-2009.

Filwaqt li fakkret il-kompetenza esklużiva tal-Kummissjoni sabiex tevalwa, taħt l-Artikolu 107(3) TFUE, il-kompatibbiltà ta' miżuri ta' għajnuna mas-suq intern, il-Qorti tal-Ġustizzja, barra minn hekk, enfasizzat li din il-kompetenza esklużiva ma hijiex affettwata mir-Regolament Nru 800/2008. Il-Kummissjoni tibqa', b'dan il-mod, l-unika li tista' tiddikjara l-għajnuna mogħtija skont dan ir-regolament kompatibbli mas-suq intern taħt din id-dispożizzjoni, irrispettivament minn jekk l-ammont ta' din l-għajnuna jaqbiżx jew le l-limitu ta' komunikazzjoni individwali previst fl-Artikolu 6(2) tal-imsemmi regolament.

Fis-sentenza preliminari ***Arriva Italia et*** (C-385/18, EU:C:2019:1121), mogħtija fid-19 ta' Diċembru 2019, il-Qorti tal-Ġustizzja għamlet numru ta' preċiżazzjonijiet dwar *l-applikazzjoni tar-regoli tad-dritt tal-Unjoni dwar l-għajnuna mill-Istat għall-miżuri tal-Istat adottati u implimentati sabiex jiġu indirizzati d-diffikultajiet finanzjarji li kienet qiegħda taffaċċja impriża pubblika fis-settur ferrovjarju*.

Il-kawża pendenti quddiem il-Consiglio di Stato (il-Kunsill tal-Istat, l-Italja) kienet tirrigwarda żewġ miżuri adottati mill-Istat Taljan fl-2015/2016, b'risposta għad-diffikultajiet finanzjarji li kien qiegħed jaffaċċja amministratur pubbliku ta' infrastrutturi ferrovjarji lokali li kien jipprovdi wkoll servizzi ta' trasport ta' passiġġieri. Dawn il-miżuri kienu jikkonsistu, minn naħa, fl-awtorizzazzjoni ta' allokazzjoni tal-baġit ta' EUR 70 miljun intiża sabiex tkopri l-bżonnijiet finanzjarji ta' dan l-amministratur (iktar 'il quddiem il-"miżura finanzjarja") u, min-naħa l-oħra, fi trasferiment, lill-grupp pubbliku li jopera l-infrastruttura ferrovjarja nazzjonali u li jipprovdi servizzi ta' trasport ta' passiġġieri, tal-kapital tal-amministratur f'diffikultà preċedentement

116| Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999 tat-22 ta' Marzu 1999 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 93 tat-Trattat tal-KE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 1, p. 339).

117| ĠU 2009, C 223, p. 3.

miżmum esklużivament mill-Istat, mingħajr korrispettiv finanzjarju jew sejħa għal offerti, iżda bil-kundizzjoni li dan il-grupp pubbliku jieħu r-responsabbiltà li jirrimedja l-iżbilanċ finanzjarju tal-amministratur inkwistjoni (iktar 'il quddiem il-"miżura ta' trasferiment tal-kapital azzjonarju").

Il-Consiglio di Stato kien meħtieġ jagħti deċiżjoni dwar il-fondatezza ta' sentenza li tiċħad ir-rikors ippreżentat minn diversi operaturi ferrovjarji kontra d-digriet ministerjali li kien jipprevedi l-miżura ta' trasferiment tal-kapital azzjonarju. Ir-rikorrenti eċċepixxew l-illegalità tad-digriet, fin-nuqqas ta' komunikazzjoni minn qabel lill-Kummissjoni taż-żewġ miżuri bħala għajnuna mill-Istat.

Mistoqsija mill-Consiglio di Stato dwar l-applikazzjoni tal-kriterji ta' klassifikazzjoni ta' miżuri nazzjonali bħala għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret, f'dak li jikkonċerna l-miżura finanzjarja, li kellu jiġi kkonstatat użu ta' riżorsi tal-Istat peress li l-benefiċjarju tal-miżura kien ingħata dritt għall-benefiċċju tas-somma inkwistjoni, sa fejn f'dan ir-rigward ma kienx meħtieġ trasferiment effettiv tar-riżorsi inkwistjoni. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, kienet madankollu l-qorti tar-rinviju li kellha twettaq il-verifiki korrispondenti. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li s-selettività tal-vantaġġ mogħti b'dan il-mod setgħet tiġi esklużа biss permezz tal-prova li l-Istat Taljan kien aġixxa fil-kwalità tiegħu ta' azzjonist tal-operatur f'diffikultà, wara li jkun debitament evalwa l-profittabbiltà tal-miżura finanzjarja. Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li ż-żamma tal-kumpannija benefiċjarja, li saret possibbli bl-adozzjoni tal-miżura finanzjarja, kienet biżżejjed sabiex tikkaratterizza r-riskju ta' distorsjoni tal-kompetizzjoni, minkejja li l-attivitajiet eżerċitati mill-kumpannija benefiċjarja ma kinux is-suġġett fil-passat ta' sejħa għal offerti.

F'dak li jirrigwarda, it-tieni nett, il-klassifikazzjoni li għandha ssir fir-rigward tal-miżura ta' trasferiment tal-kapital azzjonarju, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li, fid-dawl tal-karatteristiċi preċiżi tagħha, ma setax jiġi eskluż li tali miżura tista' tibbenefika jew lill-kumpannija pubblika li tittrasferixxi s-sehem, jew lill-amministratur f'diffikultà, jew anki liż-żewġ kumpanniji. Il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li l-osservanza tas-sistemi ta' proprjetà meħtieġa mill-Artikolu 345 TFUE ma kinitx teżenta lis-sistemi ta' proprjetà pubblika, u, għaldaqstant, l-emendi bħal dawk li jirriżultaw mill-miżura inkwistjoni, mir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat. Fir-rigward tal-kwistjoni dwar jekk it-trasferiment tal-kapital azzjonarju kienx jikkostitwixxi vantaġġ selettiv, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li l-Istat Taljan ma kienx wettaq evalwazzjoni tal-profittabbiltà tiegħu qabel ma wettqu. B'hekk, mill-proċess ippreżentat quddiemha ma kienx jirriżulta li, skont il-kriterju tal-investitur privat, l-impriża pubblika benefiċjarja setgħet tikseb l-istess vantaġġ bħal dak imqiegħed għad-dispożizzjoni tagħha permezz ta' riżorsi tal-Istat f'ċirkustanzi li jikkorrispondu għall-kundizzjonijiet normali tas-suq. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja ħalliet f'idejn il-qorti tar-rinviju sabiex twettaq il-verifiki neċessarji.

Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja indirizzat il-konsegwenzi li għandhom jinsiltu mill-klassifikazzjoni bħala għajnuna mill-Istat, li kienu s-suġġett tat-tieni domanda tal-Consiglio di Stato. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li, fl-ipoteżi li l-miżuri inkwistjoni jiġu kklassifikati bħala għajnuna mill-Istat, hija l-qorti tar-rinviju li għandha tislet il-konsegwenzi kollha li jirriżultaw mill-assenza ta' komunikazzjoni minn qabel ta' dawn il-miżuri lill-Kummissjoni, bi ksur tal-Artikolu 108(3) TFUE, u, għaldaqstant, mill-illegalità tagħhom.

# XII. Dispożizzjonijiet fiskali

Fis-sentenzi ***N Luxembourg 1 et*** (Kawżi magħquda C-115/16, C-118/16, C-119/16 u C-299/16, EU:C:2019:134) u ***T Danmark u Y Denmark*** (C-116/16 u C-117/16, EU:C:2019:135), mogħtija fis-26 ta Frar 2019, il-Qorti tal-Ġustizzja ntalbet tagħti deċiżjoni, essenzjalment, dwar *l-interpretazzjoni tal-prinċipju ġenerali tad-dritt tal-Unjoni li jipprovdi li l-individwi ma jistgħux, b'mod frawdolenti jew abbużiv, jinvokaw normi tad-dritt tal-Unjoni*, u dwar il-kunċett ta' "benefiċjarju" ta' interessi jew ta' royalties, minn naħa, u ta' dividendi, min-naħa l-oħra, fis-sens, rispettivament, tad-Direttiva 2003/49 [118] u tad-Direttiva 90/435 [119], kif emendata bid-Direttiva 2003/123 [120].

F'dawn il-kawżi, il-Qorti tal-Ġustizzja ntalbet teżamina l-portata tal-projbizzjoni tal-abbuż ta' dritt fir-rigward ta' eżenzjoni fiskali prevista minn dawn iż-żewġ direttivi fil-qasam tat-taxxa f'ras il-għajn, fir-rigward ta' ħlasijiet transkonfinali ta' dividendi jew ta' interessi bejn kumpanniji relatati stabbiliti fi Stati Membri differenti. F'dan ir-rigward, għandu jiġi nnotat li, sabiex tibbenefika mill-iskema ta' eżenzjoni, l-entità li tirċievi d-dividendi jew l-interessi kellha tissodisfa ċerti kundizzjonijiet, fosthom il-kwalità ta' "benefiċjarja" tal-imsemmija ħlasijiet. Madankollu, it-tilwimiet fil-kawżi prinċipali qajmu l-kwistjoni ta' kif għandhom jiġu ttrattati l-ħlasijiet imwettqa fi ħdan gruppi ta' kumpanniji meta l-kumpannija distributriċi tħallas uħud mid-dividendi jew mill-interessi lil kumpannija waħda jew iktar li jissodisfaw formalment il-kundizzjonijiet imposti mid-direttivi rilevanti, iżda dawn tal-aħħar jittrasferixxu, min-naħa tagħhom, it-totalità jew il-kważi totalità tal-ammonti rċevuti lil sid benefiċjarju li, min-naħa tiegħu, ma jkunx kopert mill-iskema ta' eżenzjoni sa fejn ikun stabbilit barra mit-territorju tal-Unjoni.

Fiż-żmien meta seħħew il-fatti fil-kawżi prinċipali, id-Danimarka ma kinitx adottat dispożizzjonijiet speċifiċi ta' traspożizzjoni intiżi li jiġi miġġieled l-abbuż ta' dritt, iżda kienet adottat biss dispożizzjonijiet li jittrasponu r-regoli ta' eżenzjoni previsti fid-direttivi inkwistjoni. Dawn ir-regoli nazzjonali kienu għalhekk jipprevedu li ma kellhiex tiġi applikata taxxa f'ras il-għajn fil-każ ta' ħlasijiet transkonfinali bejn kumpanniji li jissodisfaw il-kundizzjonijiet previsti mill-imsemmija direttivi. Madankollu, fit-tilwimiet fil-kawżi prinċipali, l-amministrazzjoni fiskali Daniża kienet irrifjutat li tapplika din l-eżenzjoni mit-taxxa fuq id-dividendi jew l-interessi inkwistjoni. Hija sostniet li l-kumpanniji stabbiliti fi Stati Membri oħra għajr id-Danimarka li rċevew l-interessi jew id-dividendi mingħand kumpanniji Daniżi ma kinux fil-verità s-sidien benefiċjarji tal-imsemmija ħlasijiet fis-sens tad-Direttivi 2003/49 u 90/435. Fid-dawl ta' din il-konstatazzjoni, l-imsemmija awtorità fiskali obbligat lill-kumpanniji distributuri Daniżi jiġbru t-taxxa f'ras il-għajn. Il-kontestazzjonijiet ġudizzjarji li rriżultaw minn dan l-intaxxar qajmu diversi kwistjonijiet, li kienu jirrigwardaw il-kunċett ta' "sid benefiċjarju", in-neċessità ta' bażi legali fid-dritt nazzjonali sabiex il-benefiċċju tal-eżenzjoni jiġi rrifjutat abbażi ta' abbuż ta' dritt u, fil-każ li tali bażi legali teżisti, l-elementi li jikkostitwixxu eventwali abbuż ta' dritt kif ukoll il-modalitajiet ta' prova relatati miegħu.

Fir-rigward tal-kunċett ta' "benefiċjarju", użat b'mod partikolari fid-Direttiva 2003/49, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, filwaqt li għamlet riferiment mhux biss għall-għan ta' din id-direttiva iżda wkoll għall-kummentarji dwar il-mudell ta' Konvenzjoni tal-OECD sabiex tiġi evitata t-taxxa doppja fil-qasam tat-taxxi fuq id-dħul u fuq il-patrimonju, li dan il-kunċett ma kienx jikkonċerna benefiċjarju identifikat formalment, iżda l-entità li

118| Direttiva tal-Kunsill Nru 2003/49/KE tat-3 ta' Ġunju 2003 dwar sistema komuni ta' tassazzjoni applikabbli għall-pagamenti ta' imgħax u ta' royalties bejn kumpaniji assoċjati ta' Stati Membri differenti (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9, Vol. 1, p. 380).

119| Direttiva tal-Kunsill 90/435/KEE tat-23 ta' Lulju 1990 dwar is-sistema komuni tat-tassazzjoni li tapplika fil-każ tal-kumpanniji prinċipali u sussidjarji ta' Stati Membri differenti (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kaptiolu 9, Vol. 1, p. 147).

120| Direttiva tal-Kunsill 2003/123/KE tat-22 ta' Diċembru 2003 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 90/435/KE dwar is-sistema komuni tat-tassazzjoni li tapplika fil-każ ta' kumpanniji parent u s-sussidjarji tagħhom fi Stati Membri differenti (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9, Vol. 2, p. 3).

kienet tibbenefika ekonomikament mill-interessi miġbura u li kellha għalhekk is-setgħa li tiddeċiedi liberament dwar l-użu li jsir minnhom. Għalkemm id-Direttiva 90/435 ma tagħmilx riferiment formali għall-kunċett ta' "benefiċjarju", il-Qorti tal-Ġustizzja madankollu ddeċidiet li l-eżenzjoni mit-taxxa f'ras il-għajn prevista f'din id-direttiva hija rriżervata wkoll għas-sidien benefiċjarji ta' dividendi stabbiliti fi Stat Membru tal-Unjoni.

Fir-rigward, it-tieni nett, tal-kwistjoni dwar f'liema kundizzjonijiet il-benefiċċju tal-eżenzjonijiet inkwistjoni jista' jiġi rrifjutat abbażi tal-konstatazzjoni ta' abbuż ta' dritt, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li fid-dritt tal-Unjoni jeżisti prinċipju ġenerali ta' dritt li japplika għall-individwi u li jipprovdi li dawn ma jistgħux jinvokaw normi tad-dritt tal-Unjoni b'mod frawdolenti jew abbużiv. Għalhekk, Stat Membru għandu jirrifjuta l-benefiċċju ta' tali dispożizzjonijiet meta dawn ma jkunux invokati sabiex jintlaħqu l-għanijiet ta' dawn id-dispożizzjonijiet, iżda bil-għan li jinkiseb benefiċċju minn vantaġġ mogħti mid-dritt tal-Unjoni f'sitwazzjoni fejn il-kundizzjonijiet sabiex dan jinkiseb ikunu ssodisfatti biss formalment u meta l-applikazzjoni tal-imsemmija dispożizzjonijiet ma tkunx koerenti mal-għanijiet tagħhom.

Filwaqt li kkonstatat li t-tranżazzjonijiet inkwistjoni, li fir-rigward tagħhom l-amministrazzjoni fiskali Daniża sostniet li kienu jikkostitwixxu abbuż ta' dritt u, għalhekk, setgħu jkunu inkompatibbli mal-għan imfittex mid-direttivi inkwistjoni, kienu jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja speċifikat li l-awtorizzazzjoni ta' arranġamenti finanzjarji li l-uniku għan tagħhom, jew l-għan essenzjali tagħhom, ikun li jittieħed benefiċċju mill-vantaġġi fiskali li jirriżultaw mill-applikazzjoni tad-Direttiva 2003/49 jew tad-Direttiva 90/435 ma tkunx koerenti ma' tali għanijiet. Fil-konfront tal-applikazzjoni ta' dan il-prinċipju ġenerali ma jistax jiġi invokat id-dritt li jittieħed vantaġġ mill-kompetizzjoni li teżisti bejn l-Istati Membri minħabba n-nuqqas ta' armonizzazzjoni tat-taxxa fuq id-dħul. Huwa minnu li t-tfittxija tal-iktar sistema fiskali vantaġġuża ma tistax isservi, waħedha, bħala bażi għal preżunzjoni ġenerali ta' frodi jew ta' abbuż. Madankollu, dritt jew vantaġġ li jirriżulta mid-dritt tal-Unjoni ma għandux jingħata meta t-tranżazzjoni inkwistjoni tkun purament artifiċjali mill-perspettiva ekonomika u tkun intiża li tiġi evitata l-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru kkonċernat. F'dan ir-rigward, l-awtoritajiet u l-qrati nazzjonali għandhom jirrifjutaw il-benefiċċju ta' drittijiet previsti mid-direttivi kkonċernati, meta dawn jiġu invokati b'mod frawdolenti jew abbużiv, filwaqt li l-assenza, fid-dritt nazzjonali jew f'konvenzjoni, ta' dispożizzjonijiet kontra l-abbuż ma taffettwax dan l-obbligu ta' rifjut.

Minn dan il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li l-awtoritajiet u l-qrati nazzjonali għandhom, meta jkun hemm prattika frawdolenti jew abbużiva, jirrifjutaw lil persuna taxxabbli, b'mod konformi mal-prinċipju ġenerali li jipprojbixxi tali prattiċi, il-benefiċċju tal-eżenzjoni mit-taxxa f'ras il-għajn fuq l-interessi jew fuq id-dividendi ddistribwiti minn kumpannija sussidjarja lill-kumpannija omm tagħha, prevista fid-Direttivi 2003/49 u 90/435, u dan anki fl-assenza ta' dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali jew konvenzjonali li jipprevedu tali rifjut.

Il-Qorti tal-Ġustizzja eżaminat ukoll il-kwistjoni ta' liema huma l-elementi li jikkostitwixxu abbuż ta' dritt u ta' kif jistgħu jiġu stabbiliti dawn l-elementi. Filwaqt li għamlet riferiment għall-ġurisprudenza ferm stabbilita tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li l-prova ta' abbuż teħtieġ, minn naħa, numru ta' ċirkustanzi oġġettivi u, min-naħa l-oħra, element suġġettiv li jikkonsisti fir-rieda li jinkiseb vantaġġ li jirriżulta mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni billi jinħolqu artifiċjalment il-kundizzjonijiet meħtieġa għall-kisba tiegħu. Għalhekk, jista' jitqies bħala arranġament artifiċjali grupp ta' kumpanniji li ma jiġix stabbilit għal raġunijiet li jirriflettu r-realtà ekonomika, li jkollu struttura purament formali u li l-għan prinċipali jew wieħed mill-għanijiet prinċipali tiegħu jkun il-ksib ta' vantaġġ fiskali li jmur kontra l-għan jew l-iskop tad-dritt fiskali applikabbli. Dan ikun il-każ b'mod partikolari meta, permezz ta' entità konduċenti interposta fl-istruttura tal-grupp bejn il-kumpannija li tħallas l-interessi jew id-dividendi u l-kumpannija tal-grupp li tkin is-sid benefiċjarju tagħhom, jiġi evitat il-ħlas tat-taxxa fuq l-imsemmija interessi jew dividendi. F'dan is-sens, jikkostitwixxi indizju tal-eżistenza ta' arranġament intiż li jinkiseb benefiċċju indebitu mill-eżenzjoni prevista fl-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 2003/49 u fl-Artikolu 5 tad-Direttiva 90/435, il-fatt li l-imsemmija interessi jew dividendi jerġgħu jitħallsu, kollha jew kważi kollha u fi żmien qasir ħafna wara r-riċezzjoni tagħhom, mill-kumpannija li tirċevihom lil entitajiet li ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2003/49 jew tad-Direttiva 90/435.

Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja eżaminat ir-regoli dwar l-oneru tal-prova tal-eżistenza ta' abbuż ta' dritt. F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat, fis-sentenza tagħha dwar id-Direttiva 2003/49, li mill-imsemmija direttiva jirriżulta li l-Istat Membru ta' oriġini jista' jimponi fuq il-kumpannija li tirċievi interessi l-obbligu li tistabbilixxi li hija s-sid benefiċjarju. F'dan ir-rigward, ma hemm xejn li jipprekludi lill-awtoritajiet fiskali kkonċernati milli jitolbu mingħand il-persuna taxxabbli l-provi li huma jqisu meħtieġa sabiex l-imposti u t-taxxi kkonċernati jiġu ddeterminati b'mod korrett u, jekk ikun il-każ, milli jirrifjutaw l-eżenzjoni mitluba jekk dawn il-provi ma jiġux prodotti. Fis-sentenza tagħha dwar id-Direttiva 90/435, il-Qorti tal-Ġustizzja speċifikat li din id-direttiva ma tinkludix regoli dwar l-oneru tal-prova tal-eżistenza ta' abbuż ta' dritt. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li hija l-awtorità fiskali tal-Istat Membru ta' oriġini li, għal raġuni bbażata fuq l-eżistenza ta' prattika abbużiva, ikollha l-intenzjoni li tirrifjuta l-eżenzjoni prevista fid-Direttiva 90/435, li għandha tistabbilixxi l-eżistenza ta' elementi li jikkostitwixxu tali prattika. Għalkemm tali awtorità ma għandhiex madankollu tidentifika s-sidien benefiċjarji, hija għandha tistabbilixxi li l-allegat sid benefiċjarju jkun biss kumpannija konduċenti li permezz tagħha twettaq abbuż ta' dritt.

Taħt din it-taqsima għandha tiġi indikata wkoll is-sentenza tas-26 ta' Frar 2019, ***X (Kumpanniji intermedjarji stabbiliti f'pajjiżi terzi)*** (C-135/17, EU:C:2019:136), dwar il-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru dwar l-inklużjoni, taħt ċerti kundizzjonijiet, fil-bażi taxxabbli ta' persuna taxxabbli residenti f'dan l-Istat Membru, tad-dħul iġġenerat minn kumpannija stabbilita f'pajjiż terz u li ma joriġinax minn attività ta' din il-kumpannija stess [121], kif ukoll is-sentenzi tad-19 ta' Ġunju 2019, ***Memira Holding*** (C-607/17, EU:C:2019:510) u ***Holmen*** (C-608/17, EU:C:2019:511), dwar il-possibbiltajiet ta' tnaqqis, taħt it-taxxa fuq il-kumpanniji, minn kumpannija omm tat-telf imġarrab minn sussidjarji stabbiliti fi Stati Membri oħra [122].

# XIII. Approssimazzjoni tal-leġiżlazzjonijiet

## 1. Drittijiet tal-awtur

Fil-qasam tad-drittijiet tal-awtur, għandhom jiġu indikati tliet sentenzi mogħtija fl-istess jum mill-Awla Manja tal-Qorti tal-Ġustizzja. L-ewwel tnejn jirrigwardaw id-drittijiet esklużivi tal-awturi għar-riproduzzjoni u għall-komunikazzjoni lill-pubbliku tax-xogħlijiet tagħhom, b'mod partikolari fuq l-internet, kif ukoll l-eċċezzjonijiet u l-limitazzjonijiet għal dawn id-drittijiet. It-tielet sentenza tikkonċerna d-drittijiet esklużivi tal-produtturi ta' fonogrammi għar-riproduzzjoni u għad-distribuzzjoni tal-fonogrammi tagħhom kif ukoll l-eċċezzjonijiet u l-limitazzjonijiet għal dawn id-drittijiet. Sentenza oħra, ir-raba', tikkonċerna l-kwistjoni ta' jekk il-provvista lill-pubbliku permezz tat-tniżżil, għal użu permanenti, ta' ktieb elettroniku taqax taħt il-kunċett ta' "komunikazzjoni lill-pubbliku" fis-sens tad-Direttiva 2001/29 [123] (iktar 'il quddiem id-"Direttiva dwar id-drittijiet tal-awtur").

Permezz tas-sentenza tad-29 ta' Lulju 2019, ***Funke Medien NRW*** (C-469/17, EU:C:2019:623), il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, interpretat *id-drittijiet esklużivi tal-awturi għar-riproduzzjoni u għall-komunikazzjoni lill-pubbliku tax-xogħlijiet tagħhom kif ukoll l-eċċezzjonijiet u l-limitazzjonijiet għal dawn*

121| Din is-sentenza hija ppreżentata fit-Taqsima VII.5, "Moviment liberu tal-kapital".

122| Din is-sentenza hija ppreżentata fit-Taqsima VII.3, "Libertà ta' stabbiliment".

123| Direttiva 2001/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2001 dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerti aspetti ta' drittijiet ta' l-awtur u drittijiet relatati fis-soċjetà ta' l-informazzjoni (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 1, p. 230).

*id-drittijiet, kif previsti fid-Direttiva dwar id-drittijiet tal-awtur, fil-kuntest tal-pubblikazzjoni, fil-portal internet ta' ġurnal, ta' rapporti dwar is-sitwazzjoni militari kklassifikati redatti minn Stat Membru*.

It-tilwima fil-kawża prinċipali, bejn il-kumpannija Funke Medien, li topera l-portal internet tal-ġurnal Ġermaniż ta' kuljum *Westdeutsche Allgemeine Zeitung*, u r-Repubblika Federali tal-Ġermanja, kienet tikkonċerna l-pubblikazzjoni minn Funke Medien ta' ċerti rapporti dwar is-sitwazzjoni militari "ikklassifikati bħala suġġetti għal aċċess ristrett" redatti mill-Gvern Ġermaniż. Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, peress li qieset li b'hekk Funke Medien kienet kisret id-drittijiet tal-awtur tagħha fuq dawn ir-rapporti, kienet ippreżentat azzjoni għal inġunzjoni kontra din tal-aħħar, li ntlaqgħet minn qorti reġjonali b'deċiżjoni li ġiet ikkonfermata fl-appell minn qorti reġjonali superjuri. Permezz tal-appell għal reviżjoni tagħha, ippreżentat quddiem il-Bundesgerichtshof (il-Qorti Federali tal-Ġustizzja, il-Ġermanja), il-qorti tar-rinviju, Funke Medien sostniet it-talbiet tagħha għaċ-ċaħda tal-azzjoni għal inġunzjoni.

Preliminarjament, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li rapporti dwar is-sitwazzjoni militari jistgħu jiġu protetti mid-drittijiet tal-awtur biss bil-kundizzjoni li dawn ir-rapporti jikkostitwixxu ħolqien intellettwali tal-awtur tagħhom li jirrifletti l-personalità ta' dan tal-aħħar u li jintwera permezz tal-għażliet liberi u kreattivi tiegħu fit-tfassil tal-imsemmija rapporti. Hija l-qorti nazzjonali, f'kull każ partikolari, li għandha tivverifika jekk din il-kundizzjoni tkunx issodisfatta.

Adita, l-ewwel nett, bil-kwistjoni ta' jekk id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva dwar id-drittijiet tal-awtur iħallux lill-Istati Membri marġni ta' diskrezzjoni fir-rigward tat-traspożizzjoni tagħhom fid-dritt nazzjonali, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li d-dispożizzjonijiet li jipprevedu d-drittijiet esklużivi tal-awturi għar-riproduzzjoni [124] u għall-komunikazzjoni lill-pubbliku tax-xogħlijiet tagħhom [125] jikkostitwixxu miżuri ta' armonizzazzjoni sħiħa tal-kontenut materjali tad-drittijiet previsti fihom. Għall-kuntrarju, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva dwar id-drittijiet tal-awtur li jippermettu deroga mill-imsemmija drittijiet fir-rigward tar-rappurtaġġ ta' ġrajjiet kurrenti u l-kwotazzjonijiet [126] ma jikkostitwixxux miżuri ta' armonizzazzjoni sħiħa tal-portata tal-eċċezzjonijiet jew tal-limitazzjonijiet previsti minnhom. Madankollu, il-marġni ta' diskrezzjoni tal-Istati Membri fl-implimentazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet għandu jiġi eżerċitat fil-limiti imposti mid-dritt tal-Unjoni, u dan sabiex jinżamm bilanċ ġust bejn, minn naħa, l-interess tad-detenturi tad-drittijiet għall-protezzjoni tad-dritt tal-proprjetà intellettwali tagħhom [127], iggarantit mill-Karta, u, min-naħa l-oħra, id-drittijiet u l-interessi tal-utenti ta' xogħlijiet jew ta' oġġetti protetti, b'mod partikolari l-libertà ta' espressjoni u ta' informazzjoni tagħhom [128], li hija wkoll iggarantita mill-Karta, kif ukoll l-interess ġenerali.

It-tieni nett, fir-rigward tal-libertà ta' espressjoni u ta' informazzjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja speċifikat li din il-libertà ma tistax tiġġustifika, minbarra l-eċċezzjonijiet u l-limitazzjonijiet previsti fid-Direttiva dwar id-drittijiet tal-awtur [129], deroga mid-drittijiet esklużivi tal-awturi għar-riproduzzjoni u għall-komunikazzjoni lill-pubbliku tax-xogħlijiet tagħhom, għajr dik prevista fl-imsemmija direttiva. F'dan id-dawl, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li l-lista tal-eċċezzjonijiet u tal-limitazzjonijiet previsti fid-Direttiva dwar id-drittijiet tal-awtur hija ta' natura eżawrjenti.

**124|** Artikolu 2(a) tad-Direttiva dwar id-drittijiet tal-awtur.

**125|** Artikolu 3(1) tad-Direttiva dwar id-drittijiet tal-awtur.

**126|** It-tieni każ previst fl-Artikolu 5(3)(ċ) u l-Artikolu 5(3)(d) tad-Direttiva dwar id-drittijiet tal-awtur.

**127|** Artikolu 17(2) tal-Karta.

**128|** Artikolu 11 tal-Karta.

**129|** Artikolu 5(2) u (3) tad-Direttiva dwar id-drittijiet tal-awtur.

Fl-aħħar nett, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, fil-kuntest tal-ibbilanċjar li għandha twettaq il-qorti nazzjonali, fid-dawl taċ-ċirkustanzi kollha tal-każ ineżami, bejn, minn naħa, id-drittijiet esklużivi tal-awturi għar-riproduzzjoni u għall-komunikazzjoni lill-pubbliku tax-xogħlijiet tagħhom, u, min-naħa l-oħra, id-drittijiet tal-utenti ta' oġġetti protetti koperti mid-dispożizzjonijiet derogatorji tad-Direttiva dwar id-drittijiet tal-awtur li jikkonċernaw ir-rappurtaġġ ta' ġrajjiet kurrenti u l-kwotazzjonijiet, il-qorti nazzjonali għandha tibbaża ruħha fuq interpretazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet li, filwaqt li tosserva l-formulazzjoni tagħhom u filwaqt li tħares l-effett utli tagħhom, tkun kompletament konformi mad-drittijiet fundamentali ggarantiti mill-Karta.

Permezz tas-sentenza tad-29 ta' Lulju 2019, ***Spiegel Online*** (C-516/17, EU:C:2019:625), il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, interpretat ukoll *id-drittijiet esklużivi tal-awturi għar-riproduzzjoni u għall-komunikazzjoni lill-pubbliku tax-xogħlijiet tagħhom kif ukoll l-eċċezzjonijiet u l-limitazzjonijiet għal dawn id-drittijiet, kif previsti fid-Direttiva dwar id-drittijiet tal-awtur, iżda din id-darba fil-kuntest tal-pubblikazzjoni, f'sit ta' informazzjoni fuq l-internet, ta' manuskritt u ta' artiklu ppubblikat f'ġabra, disponibbli għat-tniżżil mill-pubbliku permezz ta' hyperlinks.*

It-tilwima fil-kawża prinċipali, bejn il-kumpannija Spiegel Online, li topera l-portal ta' informazzjoni fuq l-internet bl-istess isem, u Volker Beck, li kien membru tal-Bundestag (il-Parlament Federali, il-Ġermanja), kienet tikkonċerna l-pubblikazzjoni, minn Spiegel Online, fis-sit internet tagħha, ta' manuskritt ta' V. Beck u ta' artiklu ppubblikat minn dan tal-aħħar f'ġabra. V. Beck kien ikkontesta, quddiem qorti reġjonali, it-tqegħid għad-dispożizzjoni tat-testi sħaħ ta' dan il-manuskritt u ta' dan l-artiklu fis-sit internet ta' Spiegel Online, li fil-fehma tiegħu kien jikkostitwixxi ksur tad-drittijiet tal-awtur. L-imsemmija qorti laqgħet it-talbiet ta' V. Beck. Wara li tilfet fl-appell, Spiegel Online ppreżentat appell għal reviżjoni quddiem il-qorti tar-rinviju.

Adita bil-kwistjoni ta' jekk id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva dwar id-drittijiet tal-awtur li jippermettu deroga mid-drittijiet esklużivi tal-awtur fir-rigward tar-rappurtaġġ ta' ġrajjiet kurrenti [130] u tal-kwotazzjonijiet [131] iħallux lill-Istati Membri marġni ta' diskrezzjoni fir-rigward tat-traspożizzjoni tagħhom fid-dritt nazzjonali, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li dawn id-dispożizzjonijiet ma jikkostitwixxux miżuri ta' armonizzazzjoni sħiħa. Madankollu, il-marġni ta' diskrezzjoni tal-Istati Membri fl-implimentazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet għandu jiġi eżerċitat fil-limiti imposti mid-dritt tal-Unjoni, u dan sabiex jinżamm bilanċ ġust bejn, minn naħa, l-interess tad-detenturi tad-drittijiet għall-protezzjoni tad-dritt tal-proprjetà intellettwali tagħhom [132], iggarantit mill-Karta, u, min-naħa l-oħra, id-drittijiet u l-interessi tal-utenti ta' xogħlijiet jew ta' oġġetti protetti, b'mod partikolari l-libertà ta' espressjoni u ta' informazzjoni tagħhom [133], li hija wkoll iggarantita mill-Karta, kif ukoll l-interess ġenerali.

Fir-rigward tal-libertà ta' espressjoni u ta' informazzjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja speċifikat li din il-libertà ma tistax tiġġustifika, minbarra l-eċċezzjonijiet u l-limitazzjonijiet previsti fid-Direttiva dwar id-drittijiet tal-awtur [134], deroga mid-drittijiet esklużivi tal-awturi għar-riproduzzjoni u għall-komunikazzjoni lill-pubbliku tax-xogħlijiet tagħhom, għajr dik prevista fl-imsemmija direttiva. F'dan id-dawl, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li l-lista tal-eċċezzjonijiet u tal-limitazzjonijiet previsti f'din id-direttiva hija ta' natura eżawrjenti.

**130|** It-tieni każ previst fl-Artikolu 5(3)(ċ) tad-Direttiva dwar id-drittijiet tal-awtur.

**131|** Artikolu 5(3)(d) tad-Direttiva dwar id-drittijiet tal-awtur.

**132|** Artikolu 17(2) tal-Karta.

**133|** Artikolu 11 tal-Karta.

**134|** Artikolu 5(2) u (3) tad-Direttiva dwar id-drittijiet tal-awtur.

Barra minn hekk, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, fil-kuntest tal-ibbilanċjar li għandha twettaq il-qorti nazzjonali, fid-dawl taċ-ċirkustanzi kollha tal-każ ineżami, bejn, minn naħa, id-drittijiet esklużivi tal-awturi għar-riproduzzjoni [135] u għall-komunikazzjoni lill-pubbliku tax-xogħlijiet tagħhom [136], u, min-naħa l-oħra, id-drittijiet tal-utenti ta' oġġetti protetti koperti mid-dispożizzjonijiet derogatorji tad-Direttiva dwar id-drittijiet tal-awtur li jikkonċernaw ir-rappurtaġġ ta' ġrajjiet kurrenti u l-kwotazzjonijiet, il-qorti nazzjonali għandha tibbaża ruħha fuq interpretazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet li, filwaqt li tosserva l-formulazzjoni tagħhom u filwaqt li tħares l-effett utli tagħhom, tkun kompletament konformi mad-drittijiet fundamentali ggarantiti mill-Karta.

Meta indirizzat, fl-ewwel lok, id-dispożizzjoni derogatorja tad-Direttiva dwar id-drittijiet tal-awtur li jikkonċernaw ir-rappurtaġġ ta' ġrajjiet kurrenti, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li din id-dispożizzjoni tipprekludi regola nazzjonali li tillimita l-applikazzjoni tal-eċċezzjoni jew tal-limitazzjoni prevista fl-imsemmija dispożizzjoni għall-każijiet fejn ma jkunx raġonevolment possibbli li titressaq talba minn qabel sabiex jiġi awtorizzat l-użu ta' xogħol protett għall-finijiet ta' rappurtaġġ ta' ġrajjiet kurrenti. Fil-fatt, bħala regola ġenerali u b'mod partikolari fil-kuntest tas-soċjetà tal-informazzjoni, il-fatt li sseħħ ġrajja kurrenti jeħtieġ li l-informazzjoni dwar din il-ġrajja tkun tista' tiġi kkomunikata malajr, b'tali mod li jkun diffiċli li dan jiġi kkonċiljat ma' rekwiżit li jinkiseb minn qabel il-kunsens tal-awtur, li jista' jagħmel eċċessivament diffiċli, jekk mhux ukoll jippreklud, l-għoti lill-pubbliku ta' informazzjoni rilevanti fi żmien adegwat.

Meta eżaminat, fit-tieni lok, id-dispożizzjoni derogatorja tad-Direttiva dwar id-drittijiet tal-awtur li tikkonċerna l-kwotazzjonijiet, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, l-ewwel nett, li l-kunċett ta' "kwotazzjonijiet", previst f'din id-dispożizzjoni, ikopri r-riferiment, permezz ta' hyperlink, għal fajl li jkun jista' jiġi kkonsultat b'mod awtonomu. F'dan il-kuntest, hija fakkret il-ġurisprudenza tagħha li minnha joħroġ li l-hyperlinks jikkontribwixxu għall-funzjonament tajjeb tal-internet, li għandu importanza partikolari għal-libertà ta' espressjoni u ta' informazzjoni, iggarantita mill-Karta, kif ukoll għall-iskambju ta' opinjonijiet u ta' informazzjoni f'dan in-netwerk ikkaratterizzat mid-disponibbiltà ta' volum ta' informazzjoni li ma jistax jiġi kkwantifikat. It-tieni nett, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li xogħol ikun diġà tqiegħed legalment għad-dispożizzjoni tal-pubbliku meta dan ix-xogħol, fil-forma konkreta tiegħu, ikun magħmul aċċessibbli għall-pubbliku minn qabel bl-awtorizzazzjoni tad-detentur tad-drittijiet jew bis-saħħa ta' liċenzja mhux volontarja jew inkella bis-saħħa ta' awtorizzazzjoni legali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha tiddeċiedi jekk xogħol tqegħidx għad-dispożizzjoni tal-pubbliku b'mod legali, fid-dawl tal-każ konkret li jkollha quddiemha u filwaqt li tieħu inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi kollha tal-każ ineżami.

Permezz tas-sentenza tad-29 ta' Lulju 2019, ***Pelham et*** (C-476/17, EU:C:2019:624), il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, reġgħet interpretat *id-drittijiet esklużivi tal-produtturi ta' fonogrammi għar-riproduzzjoni u għad-distribuzzjoni tal-fonogrammi tagħhom kif ukoll l-eċċezzjonijiet u l-limitazzjonijiet għal dawn id-drittijiet, kif previsti fid-Direttiva dwar id-drittijiet tal-awtur u fid-Direttiva 2006/115* [137]*, din id-darba fil-kuntest tat-teħid ta' kampjun sonoru (sampling) minn xogħol mużikali għall-finijiet li jintuża sabiex jinħoloq xogħol mużikali ġdid*.

R. Hütter u F. Schneider-Esleben (iktar 'il quddiem "Hütter et") huma membri tal-grupp mużikali "Kraftwerk". Dan il-grupp kien ippubblika, fl-1977, fonogramma li fuqha kien jinsab ix-xogħol mużikali "Metall auf Metall". M. Pelham u M. Haas huma l-kompożituri tax-xogħol mużikali "Nur mir", li kien jinsab fuq fonogrammi prodotti mill-kumpannija Pelham fl-1997. Hütter *et* sostnew li Pelham kienet ikkupjat, f'forma elettronika, kampjun

135| Artikolu 2(a) tad-Direttiva dwar id-drittijiet tal-awtur.

136| Artikolu 3(1) tad-Direttiva dwar id-drittijiet tal-awtur.

137| Direttiva 2006/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar dritt ta' kiri u dritt ta' self u dwar ċerti drittijiet relatati mad-drittijiet ta' l-awtur fil-qasam tal-proprjetà intellettwali (ĠU 2006, L 376, p. 28).

(sample) ta' madwar żewġ sekondi ta' sekwenza ritmika mix-xogħol mużikali "Metall auf Metall" u integrat dan il-kampjun, permezz ta' repetizzjonijiet suċċessivi, fix-xogħol mużikali "Nur mir". Hütter *et* qiesu li Pelham kienet b'hekk kisret id-dritt relatat mad-drittijiet tal-awtur li huma detenturi tiegħu bħala produttur ta' fonogrammi.

F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja l-ewwel nett osservat li r-riproduzzjoni minn utent ta' kampjun sonoru, anki jekk qasir ħafna, ta' fonogramma għandha, bħala prinċipju, titqies li hija riproduzzjoni "ta' parti" ta' din il-fonogramma, li taqa' taħt id-dritt esklużiv tal-produttur ta' tali fonogramma previst fid-Direttiva dwar id-drittijiet tal-awtur.

Il-Qorti tal-Ġustizzja madankollu fakkret li d-dritt tal-proprjetà intellettwali [138], irrikonoxxut mill-Karta, għandu jiġi bbilanċjat mad-drittijiet fundamentali l-oħra ggarantiti mill-Karta, fosthom il-libertà tal-arti [139], li, sa fejn taqa' taħt il-libertà tal-espressjoni [140], tippermetti l-parteċipazzjoni fl-iskambju pubbliku ta' informazzjoni u ta' ideat kulturali, politiċi u soċjali ta' kwalunkwe tip. B'hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, fid-dawl tal-Karta, id-dritt esklużiv mogħti lill-produttur ta' fonogrammi li jawtorizza jew li jipprojbixxi r-riproduzzjoni tal-fonogramma tiegħu [141] jippermettilu joġġezzjona għall-użu minn terz ta' kampjun sonoru, anki jekk qasir ħafna, mill-fonogramma tiegħu għall-finijiet tal-inklużjoni ta' dan il-kampjun f'fonogramma oħra, *sakemm* dan il-kampjun ma jiġix inkluż fix-xogħol il-ġdid *f'forma mibdula u li ma tingħarafx* meta tinstema'.

It-tieni nett, fir-rigward ta' dan id-dritt esklużiv, il-Qorti tal-Ġustizzja speċifikat ukoll li l-Artikolu 2(ċ) tad-Direttiva dwar id-drittijiet tal-awtur jikkostitwixxi miżura ta' armonizzazzjoni sħiħa tal-kontenut materjali tad-dritt previst f'din id-dispożizzjoni. Fil-fatt, id-dritt esklużiv ta' riproduzzjoni li jgawdu l-produtturi ta' fonogrammi fl-Unjoni huwa ddefinit fl-imsemmija direttiva b'mod inekwivoku, mingħajr ma huwa suġġett, barra minn hekk, għal xi kundizzjoni u mingħajr ma huwa suġġett, fir-rigward tal-eżekuzzjoni tiegħu jew tal-effetti tiegħu, għall-intervent ta' xi tip ta' att, ikun liema jkun.

Barra minn hekk, fir-rigward tad-dritt esklużiv mogħti lill-produttur ta' fonogrammi li jqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pubbliku l-fonogrammi tiegħu, inklużi "kopji" tagħhom [142], il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-kunċett ta' "kopja", użat ukoll fil-Konvenzjoni ta' Genève [143], u li miegħu għandha tkun koerenti l-interpretazzjoni, għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jkoprix fonogramma li, filwaqt li tinkludi kampjuni mużikali ttrasferiti minn fonogramma oħra, ma tirriproduċix it-totalità jew parti sostanzjali ta' din l-istess fonogramma.

Barra minn hekk, filwaqt li indirizzat il-possibbiltà ta' deroga mid-dritt esklużiv tal-produtturi ta' fonogrammi għar-riproduzzjoni tal-fonogrammi tagħhom, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li Stat Membru ma jistax jipprevedi, fid-dritt nazzjonali tiegħu, eċċezzjoni jew limitazzjoni għall-imsemmi dritt, għajr dawk previsti fid-Direttiva dwar id-drittijiet tal-awtur [144]. F'dan id-dawl, hija fakkret li l-lista ta' eċċezzjonijiet u ta' limitazzjonijiet previsti minn din id-direttiva hija ta' natura eżawrjenti.

**138|** Artikolu 17(2) tal-Karta.

**139|** Artikolu 13 tal-Karta.

**140|** Artikolu 11 tal-Karta.

**141|** Artikolu 2(ċ) tad-Direttiva dwar id-drittijiet tal-awtur.

**142|** Artikolu 9(1)(b) tad-Direttiva 2006/115.

**143|** Konvenzjoni għall-Protezzjoni tal-Produtturi ta' Fonogrammi Kontra r-Riproduzzjoni Mhux Awtorizzata tal-Fonogrammi Tagħhom, iffirmata f'Genève fid-29 ta' Ottubru 1971, Artikolu 1(c) u Artikolu 2.

**144|** Artikolu 5 tad-Direttiva dwar id-drittijiet tal-awtur.

Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-kunċett ta' "kwotazzjonijiet" li jinsab fid-Direttiva dwar id-drittijiet tal-awtur [145], il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li dan il-kunċett ma jkoprix sitwazzjoni fejn ma jkunx possibbli li jiġi identifikat ix-xogħol ikkonċernat mill-kwotazzjoni inkwistjoni. Madankollu, meta l-persuna li toħloq xogħol mużikali ġdid tuża kampjun sonoru (sample) meħud minn fonogramma li jippermetti lil persuna medja tidentifika x-xogħol li minnu jkun ittieħed dan il-kampjun, l-użu ta' dan il-kampjun sonoru jista', fid-dawl taċ-ċirkustanzi tal-każ, jikkostitwixxi "kwotazzjoni", fis-sens tad-Direttiva dwar id-drittijiet tal-awtur, moqrija fid-dawl tal-Artikolu 13 tal-Karta, kemm-il darba l-imsemmi użu jkollu l-għan li jinteraġixxi max-xogħol li minnu jkun ittieħed il-kampjun u kemm-il darba jkunu ssodisfatti l-kundizzjonijiet previsti fid-Direttiva dwar id-drittijiet tal-awtur.

Fis-sentenza ***Nederlands Uitgeversverbond u Groep Algemene Uitgevers*** (C-263/18, EU:C:2019:1111), mogħtija fid-19 ta' Diċembru 2019, l-Awla Manja tal-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li *l-provvista lill-pubbliku permezz tat-tniżżil, għal użu permanenti, ta' ktieb elettroniku taqa' taħt il-kunċett ta' "komunikazzjoni lill-pubbliku" fis-sens tad-Direttiva dwar id-drittijiet tal-awtur.*

Nederlands Uitgeversverbond (iktar 'il quddiem "NUV") u Groep Algemene Uitgevers (iktar 'il quddiem "GAU"), żewġ assoċjazzjonijiet li għandhom bħala għan il-protezzjoni tal-interessi tal-edituri Olandiżi, ippreżentaw rikors quddiem ir-rechtbank Den Haag (il-Qorti Distrettwali ta' Den Haag, il-Pajjiżi l-Baxxi) intiż, fost oħrajn, sabiex il-kumpannija Tom Kabinet tiġi pprojbita milli tqiegħed kotba elettroniċi għad-dispożizzjoni tal-membri tal-"klabb tal-qari" maħluq minn din tal-aħħar fis-sit internet tagħha jew milli tirriproduċi dawn il-kotba. NUV u GAU sostnew li dawn l-attivitajiet kienu qed jippreġudikaw id-drittijiet tal-awtur tal-membri tagħhom fuq dawn il-kotba elettroniċi. Billi kienet tipproponi kotba elettroniċi "użati" għall-bejgħ fil-kuntest ta' dan il-klabb tal-qari, Tom Kabinet kienet twettaq komunikazzjoni lill-pubbliku mhux awtorizzata ta' dawn il-kotba. Tom Kabinet sostniet, għall-kuntrarju, li tali attivitajiet kienu jaqgħu taħt id-dritt ta' distribuzzjoni, suġġett mid-direttiva msemmija iktar 'il fuq għal regola ta' eżawriment meta l-oġġett ikkonċernat — f'dan il-każ il-kotba elettroniċi — ikun inbiegħ fl-Unjoni mid-detentur tad-dritt jew bil-kunsens tiegħu. Din ir-regola timplika li NUV u GAU, wara l-bejgħ tal-kotba elettroniċi inkwistjoni, ma jibqgħux jibbenefikaw mid-dritt esklużiv li jawtorizzaw jew li jipprojbixxu d-distribuzzjoni tagħhom lill-pubbliku.

Il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li l-provvista permezz ta' tniżżil, għal użu permanenti, ta' ktieb elettroniku ma taqax taħt id-dritt ta' "distribuzzjoni lill-pubbliku", previst fl-Artikolu 4(1) tad-Direttiva dwar id-drittijiet tal-awtur, iżda taħt id-dritt ta' "komunikazzjoni lill-pubbliku", previst fl-Artikolu 3(1) tal-imsemmija direttiva, li fir-rigward tiegħu l-eżawriment jiġi eskluż skont il-paragrafu 3 ta' dan l-artikolu.

Insostenn ta' din il-konstatazzjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeduċiet b'mod partikolari mit-Trattat tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Proprjetà Intellettwali (WIPO) dwar id-drittijiet tal-awtur, li kien sors għal din id-direttiva, kif ukoll mix-xogħol preparatorju ta' din tal-aħħar, li l-intenzjoni tal-leġiżlatur tal-Unjoni kienet li jirriżerva din ir-regola ta' eżawriment għad-distribuzzjoni ta' oġġetti tanġibbli, bħal kotba fuq mezz materjali. Għall-kuntrarju, l-applikazzjoni ta' din ir-regola ta' eżawriment għal kotba elettroniċi kienet tirriskja li taffettwa l-interess tad-detenturi li jiksbu remunerazzjoni xierqa b'mod ħafna iktar sinjifikattiv milli fil-każ ta' kotba fuq mezz materjali, peress li kopji diġitali mhux immaterjalizzati ta' kotba elettroniċi ma jiddeterjorawx bl-użu u b'hekk jikkostitwixxu, f'eventwali suq ta' kotba użati, sostituti perfetti ta' kopji ġodda.

Fir-rigward b'mod iktar preċiż tal-kunċett ta' "komunikazzjoni lill-pubbliku", il-Qorti tal-Ġustizzja indikat li dan għandu jinftiehem fis-sens wiesa', bħala li jkopri kull komunikazzjoni lill-pubbliku mhux preżenti fil-post tal-oriġini tal-komunikazzjoni u, għalhekk, kull trażmissjoni jew trażmissjoni mill-ġdid, ta' din in-natura, ta' xogħol lill-pubbliku, bil-fili jew mingħajr fili. Dan il-kunċett jassoċja żewġ elementi kumulattivi, jiġifieri att ta' komunikazzjoni ta' xogħol u l-komunikazzjoni ta' dan tal-aħħar lil pubbliku.

145| Artikolu 5(3)(d) tad-Direttiva dwar id-drittijiet tal-awtur.

Fir-rigward tal-ewwel element, mill-espożizzjoni tal-motivi tal-proposta għal direttiva dwar id-drittijiet tal-awtur jirriżulta li "l-att determinanti huwa dak li jikkonsisti fit-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-pubbliku, u għalhekk fl-offerta tiegħu fuq sit aċċessibbli għall-pubbliku, att li jippreċedi l-istadju tat-trażmissjoni reali fuq talba" u li "[h]uwa irrilevanti jekk persuna effettivament użatx dan ix-xogħol jew le". B'hekk, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, il-fatt li x-xogħlijiet ikkonċernati jitqiegħdu għad-dispożizzjoni ta' kull persuna li tirreġistra ruħha fis-sit internet tal-klabb tal-qari għandu jitqies li huwa "komunikazzjoni" ta' xogħol, mingħajr ma jkun neċessarju li l-persuna kkonċernata tuża din il-possibbiltà billi tislet effettivament il-ktieb elettroniku minn dan is-sit internet.

Fir-rigward tat-tieni element, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni mhux biss in-numru ta' persuni li jistgħu jkollhom aċċess għall-istess xogħol b'mod parallel, iżda wkoll in-numru tagħhom li jista' jkollu aċċess għalih b'mod suċċessiv. F'dan il-każ, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, in-numru ta' persuni li jista' jkollu aċċess, b'mod parallel jew suċċessiv, għall-istess xogħol permezz tal-pjattaforma tal-klabb tal-qari huwa sostanzjali. Għaldaqstant, bla ħsara għal verifika mill-qorti tar-rinviju li tieħu inkunsiderazzjoni l-elementi rilevanti kollha, ix-xogħol inkwistjoni għandu jitqies li ġie kkomunikat lil pubbliku.

Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, sabiex jiġi kkwalifikat bħala "komunikazzjoni lill-pubbliku", xogħol protett għandu jiġi kkomunikat skont mod tekniku speċifiku, differenti minn dawk użati sa dak il-mument jew, fin-nuqqas ta' dan, għandu jiġi kkomunikat lil pubbliku ġdid, jiġifieri pubbliku li ma jkunx diġà ttieħed inkunsiderazzjoni mid-detenturi tad-drittijiet tal-awtur meta jkunu awtorizzaw il-komunikazzjoni inizjali tax-xogħol tagħhom lill-pubbliku. Fil-każ ineżami, peress li t-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' ktieb elettroniku ġeneralment ikollu miegħu liċenzja ta' użu li tawtorizza biss lill-utent li jkun niżżel il-ktieb elettroniku kkonċernat li jaqra tali ktieb minn fuq it-tagħmir tiegħu stess, għandu jitqies li komunikazzjoni bħal dik imwettqa mill-kumpannija Tom Kabinet issir lil pubbliku li ma jkunx ittieħed diġà inkunsiderazzjoni mid-detenturi tad-drittijiet tal-awtur u, għaldaqstant, lil pubbliku ġdid.

## 2. Proprjetà industrijali

Fil-qasam tad-dritt tat-trade marks tal-Unjoni, għandhom jiġu indikati erba' sentenzi. L-ewwel sentenza tirrigwarda l-ġurisdizzjoni territorjali tal-qrati tal-Istati Membri fil-qasam tal-kontrafazzjoni u tal-validità. It-tieni sentenza wasslet lill-Qorti tal-Ġustizzja tippreċiża l-kunċett ta' "*mala fide*" waqt il-preżentata ta' trade mark tal-Unjoni. It-tielet sentenza għamlet preċiżazzjonijiet dwar is-setgħa tal-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) li jirrevoka d-deċiżjonijiet tiegħu vvizzjati bi żball proċedurali manifest li jkun imputabbli lilu stess. Fl-aħħar nett, ir-raba' u l-aħħar sentenza tikkonċerna l-użu ġenwin ta' trade mark kollettiva tal-Unjoni Ewropea.

Fis-sentenza ***AMS Neve et*** (C-172/18, EU:C:2019:674), mogħtija fil-5 ta' Settembru 2019, il-Qorti tal-Ġustizzja għamlet, fil-kuntest ta' talba għal deċiżjoni preliminari, numru ta' *preċiżazzjonijiet dwar il-portata tal-kliem "[territorju] tal-Istat Membru fejn l-att ta' vjolazzjoni ikun twettaq" previst fl-Artikolu 97(5) tar-Regolament Nru 207/2009* [146] *dwar it-trade mark tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem ir-"Regolament dwar it-trade marks"), għal dak li jirrigwarda l-portata tal-ġurisdizzjoni territorjali tal-qrati tal-Istati Membri fil-qasam tal-kontrafazzjoni u tal-validità*. It-tilwima fil-kawża prinċipali kienet tikkonċerna azzjoni għal kontrafazzjoni ta' trade mark tal-Unjoni Ewropea, indirizzata kontra terz li kien għamel użu minn sinjali identiċi jew simili għal din it-trade mark f'reklami u f'offerti għal bejgħ fuq sit internet jew fuq pjattaformi tal-media soċjali. L-azzjoni kienet tressqet quddiem qorti tar-Renju Unit, li qieset li ma kellhiex ġurisdizzjoni sabiex tieħu konjizzjoni ta' din

146| Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009 tas-26 ta' Frar 2009 dwar it-trademark tal-Unjoni Ewropea (ĠU 2009, L 78, p. 1).

l-azzjoni, billi qieset li l-qorti li territorjalment kellha ġurisdizzjoni kienet dik tal-post fejn it-terz kien ħa d-deċiżjoni li jirriklama jew li joffri għall-bejgħ dawn il-prodotti fuq dan is-sit jew dawn il-pjattaformi u stabbilixxa l-modalitajiet għall-implimentazzjoni ta' din id-deċiżjoni.

Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat, l-ewwel nett, li l-possibbiltà mogħtija lir-rikorrent li jagħżel il-qorti kompetenti abbażi jew tal-Artikolu 97(1) tar-Regolament dwar it-trade marks, skont id-domiċilju tal-konvenut, jew abbażi tal-paragrafu 5 ta' dan l-artikolu, skont il-post fejn twettaq l-att ta' kontrafazzjoni, ma tistax tinftiehem fis-sens li r-rikorrent jista', fir-rigward tal-istess atti ta' kontrafazzjoni, jakkumula l-azzjonijiet ibbażati fuq il-paragrafi 1 u 5 tal-imsemmi artikolu, iżda tesprimi sempliċement in-natura alternattiva tal-forum indikat fil-paragrafu 5, meta mqabbla mal-fora indikati fil-paragrafi l-oħra tal-imsemmi artikolu. Billi jipprevedi tali forum alternattiv, il-leġiżlatur jippermetti lill-proprjetarju ta' trade mark tal-Unjoni Ewropea jibda azzjonijiet speċifiċi li kull waħda minnhom tirrigwarda l-atti ta' kontrafazzjoni mwettqa fit-territorju ta' Stat Membru wieħed. Meta diversi azzjonijiet għal kontrafazzjoni bejn l-istess partijiet ikunu marbuta mal-użu tal-istess sinjal iżda ma jirrigwardawx l-istess territorju, huma ma jkollhomx l-istess suġġett u għaldaqstant ma jaqgħux taħt ir-regoli ta' *lis alibi pendens*. Għaldaqstant, il-qrati ta' diversi Stati Membri aditi fl-istess ċirkustanzi ma jistgħux jagħtu "deċiżjonijiet kontradittorji" fis-sens tal-premessa 17 tar-Regolament dwar it-trade marks, peress li l-azzjonijiet mibdija mir-rikorrent jirrigwardaw territorji distinti.

It-tieni nett, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li qorti tat-trade marks fl-Unjoni, adita b'azzjoni għal kontrafazzjoni abbażi tal-Artikolu 97(5) tar-Regolament dwar it-trade marks, għandha, meta tkun meħtieġa tistħarreġ il-ġurisdizzjoni tagħha sabiex tagħti deċiżjoni dwar l-eżistenza ta' kontrafazzjoni fit-territorju tal-Istat Membru li fih tinsab, għandha tiżgura ruħha li l-atti li bihom ikun akkużat il-konvenut ikunu twettqu hemmhekk. Meta dawn l-atti jikkonsistu f'reklamar u f'offerti għal bejgħ ippubblikati b'mezz elettroniku għal prodotti b'sinjal identiku jew simili għal trade mark tal-Unjoni Ewropea mingħajr il-kunsens tal-proprjetarju ta' din it-trade mark, għandu jitqies li l-imsemmija atti jkunu twettqu fit-territorju fejn jinsabu l-konsumaturi jew il-kummerċjanti li għalihom ikun intiż dan ir-reklamar u dawn l-offerti għal bejgħ, minkejja l-fatt li l-konvenut ikun stabbilit f'territorju ieħor, li s-server tan-netwerk elettroniku li huwa juża jkun jinsab f'territorju ieħor, jew li l-prodotti li kienu rreklamati jew offerti għal bejgħ ikunu jinsabu f'territorju ieħor. B'hekk, għandu jiġi evitat li awtur ta' kontrafazzjoni ta' trade mark tal-Unjoni jkun jista' jikkontesta l-applikazzjoni tal-imsemmi artikolu u għaldaqstant jippreġudika l-effett utli tiegħu billi jinvoka l-post fejn tqiegħdu fuq l-internet ir-reklamar u l-offerti tiegħu sabiex tiġi eskluża l-ġurisdizzjoni ta' kwalunkwe qorti li ma tkunx dik ta' dan il-post jew tal-post fejn huwa jkun stabbilit. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, jekk il-kliem "[territorju] tal-Istat Membru fejn l-att ta' vjolazzjoni ikun twettaq" kellhom jiġu interpretati fis-sens li jirrigwardaw l-Istat Membru fejn l-awtur tal-imsemmija atti kummerċjali jorganizza s-sit internet tiegħu u jattiva l-pubblikazzjoni tar-reklami u tal-offerti għal bejgħ tiegħu, ikun biżżejjed għall-awturi tal-kontrafazzjoni stabbiliti fl-Unjoni, li joperaw b'mezzi elettroniċi u li jixtiequ jipprekludu lill-proprjetarji ta' trade marks tal-Unjoni kontrafatti milli jkollhom forum alternattiv, li jaraw li t-territorju tat-tqegħid fuq l-internet ikun l-istess fejn huma jkunu stabbiliti. Barra minn hekk, jista' jkun eċċessivament diffiċli, saħansitra impossibbli, li r-rikorrent ikun jaf il-post fejn il-konvenut ikun ħa d-deċiżjonijiet u l-miżuri tekniċi sabiex jattiva l-pubblikazzjonijiet fuq l-internet.

Għaldaqstant, l-atti kummerċjali, bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, għandhom jitqiesu li jkunu "[twettqu]" fit-territorju fejn ikunu kisbu n-natura ta' reklamar u ta' offerta għall-bejgħ, jiġifieri dak fejn il-kontenut kummerċjali jkun sar effettivament aċċessibbli għall-konsumaturi u għall-kummerċjanti li għalihom kien intiż. Għall-kuntrarju, il-kwistjoni ta' jekk dan ir-reklamar u dawn l-offerti jirriżultawx fix-xiri tal-prodotti tal-konvenut hija irrilevanti.

Fis-sentenza ***Koton Mağazacilik Tekstil Sanayi ve Ticaret vs EUIPO*** (C-104/18 P, EU:C:2019:724), mogħtija fit-12 ta' Settembru 2019, il-Qorti tal-Ġustizzja annullat is-sentenza appellata tal-Qorti Ġenerali [147] u *ppreċiżat il-kunċett ta' "mala fide" waqt il-preżentata ta' trade mark tal-Unjoni Ewropea.*

Nadal Esteban u Koton Mağazacilik Tekstil Sanayi ve Ticaret, impriża proprjetarja tat-trade marks figurattivi KOTON, kellhom relazzjonijiet kummerċjali sas-sena 2004. Fil-25 ta' April 2011, N. Esteban ippreżenta applikazzjoni għar-reġistrazzjoni bħala trade mark tal-Unjoni Ewropea tas-sinjal figurattiv STYLO & KOTON għal prodotti u għal servizzi fil-klassijiet 25, 35 u 39, fis-sens tal-Ftehim ta' Nice [148]. Wara li l-oppożizzjoni ppreżentata minn Koton Mağazacilik Tekstil Sanayi ve Ticaret, ibbażata fuq it-trade marks tagħha KOTON irreġistrati għal prodotti u għal servizzi fil-klassijiet 18, 25 u 35 intlaqgħet parzjalment, it-trade mark STYLO & KOTON ġiet irreġistrata għas-servizzi fil-klassi 39. Għalhekk Koton Mağazacilik Tekstil Sanayi ve Ticaret ippreżentat talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità abbażi tal-Artikolu 52(1)(b) tar-Regolament dwar it-trade marks, li jipprovdi li l-mala fide tal-applikant meta jkun ippreżenta l-applikazzjoni għal trade mark hija raġuni assoluta ta' invalidità.

Il-Qorti Ġenerali, filwaqt li kkonfermat id-deċiżjoni ta' ċaħda tat-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità adottata mill-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO), qieset li ma setax kien hemm mala fide peress li la kien hemm identiċità u lanqas xebh li jwasslu għal konfużjoni bejn il-prodotti jew servizzi li għalihom it-trade marks kienu ġew irreġistrati. Adita b'appell, il-Qorti tal-Ġustizzja kienet meħtieġa tikkjarifika l-kunċett ta' "*mala fide*".

L-ewwel nett, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li, għalkemm, konformement mas-sens abitwali tiegħu fil-lingwaġġ ta' kuljum, il-kunċett ta' "*mala fide*" jippreżupponi l-preżenza ta' stat tal-moħħ jew ta' intenzjoni diżonesta, dan il-kunċett għandu barra minn hekk jinftiehem, fil-kuntest tad-dritt tat-trade marks, li huwa dak tan-negozju. Issa, ir-regoli dwar it-trade mark tal-Unjoni Ewropea huma intiżi, b'mod partikolari, li jikkontribwixxu għas-sistema ta' kompetizzjoni mhux distorta fl-Unjoni, li fiha kull impriża jkollha, sabiex tintrabat mal-klijentela permezz tal-kwalità tal-prodotti jew tas-servizzi tagħha, tkun f'pożizzjoni li tirreġistra bħala trade marks sinjali li jippermettu lill-konsumatur jagħmel distinzjoni mingħajr konfużjoni possibbli bejn dawn il-prodotti jew dawn is-servizzi u dawk li jkollhom provenjenza oħra. Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li jkun hemm lok li trade mark tiġi invalidata minħabba *mala fide* meta minn indizji rilevanti u konkordanti jirriżulta li l-proprjetarju tal-imsemmija trade mark ikun ippreżenta l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' trade mark mhux bil-għan li jipparteċipa b'mod leali f'kompetizzjoni, iżda bl-intenzjoni li jippreġudika, b'mod mhux konformi mal-użanzi onesti, l-interessi ta' terz, jew bl-intenzjoni li jikseb, mingħajr ma jkollu fil-mira tiegħu terz partikolari, dritt esklużiv għal skopijiet differenti minn dawk li jaqgħu taħt il-funzjonijiet ta' trade mark, b'mod partikolari l-funzjoni essenzjali ta' indikazzjoni ta' oriġini.

It-tieni nett, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li mis-sentenza tal-11 ta' Ġunju 2009, ***Chocoladefabriken Lindt & Sprüngli*** (C-529/07, EU:C:2009:361), ma kienx jirriżulta li l-eżistenza tal-*mala fide* setgħet tiġi kkonstatata biss fl-ipoteżi fejn ikun hemm użu fis-suq intern ta' sinjal identiku jew li jixxiebah għal prodotti identiċi jew li jixxiebhu li kapaċi jwassal għal konfużjoni mas-sinjal li għalih tkun saret applikazzjoni għal reġistrazzjoni. Fil-fatt, jistgħu jeżistu każijiet fejn l-applikazzjoni għal reġistrazzjoni ta' trade mark tista' titqies li tkun ġiet ippreżentata b'*mala fide* minkejja l-assenza, fil-mument tal-applikazzjoni, tal-użu minn terzi, fis-suq intern, ta' sinjal identiku jew li jixxiebah għal prodotti identiċi jew li jixxiebhu. Fil-każ ta' talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità bbażata fuq l-Artikolu 52(1)(b) tar-Regolament dwar it-trade marks, b'ebda mod ma huwa meħtieġ

147| Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-30 ta' Novembru 2017, ***Koton Mağazacilik Tekstil Sanayi ve Ticaret/EUIPO – Nadal Esteban (STYLO & KOTON)*** (T-687/16, mhux ippubblikata, EU:T:2017:853).

148| Ftehim ta' Nice dwar il-klassifikazzjoni internazzjonali ta' prodotti u servizzi għall-finijiet tar-reġistrazzjoni ta' trade marks, tal-15 ta' Ġunju 1957, kif rivedut u emendat.

li l-applikant ikun proprjetarju ta' trade mark preċedenti għal prodotti jew għal servizzi identiċi jew li jixxiebhu. Barra minn hekk, fil-każijiet fejn jirriżulta li, fil-mument tal-applikazzjoni għat-trade mark ikkontestata, terz kien diġà juża, tal-inqas fi Stat Membru wieħed, sinjal identiku jew simili għat-trade mark ikkontestata, l-eżistenza ta' probabbiltà ta' konfużjoni bejn dawn is-sinjali f'moħħ il-pubbliku ma għandhiex neċessarjament tiġi stabbilita. Fl-assenza ta' probabbiltà ta' konfużjoni bejn is-sinjal użat minn terz u t-trade mark ikkontestata, jew fil-każ ta' assenza ta' użu, minn terz, ta' sinjal identiku jew simili għat-trade mark ikkontestata, ċirkustanzi fattwali oħra jistgħu, jekk ikun il-każ, jikkostitwixxu indizji rilevanti u konkordanti li jistabbilixxu l-*mala fide* tal-applikant.

Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li l-Qorti Ġenerali kienet astjeniet milli tieħu inkunsiderazzjoni, fl-evalwazzjoni globali tagħha, iċ-ċirkustanzi fattwali rilevanti kollha kif kienu eżistenti *meta kienet ġiet ippreżentata l-applikazzjoni*, filwaqt li dan il-mument kien determinanti. Fil-fatt, billi l-invalidità tat-trade mark kienet intalbet fit-totalità tagħha, it-talba kellha għalhekk tiġi eżaminata billi tiġi evalwata l-intenzjoni ta' N. Esteban fil-mument meta huwa applika għar-reġistrazzjoni tal-imsemmija trade mark. Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja annullat is-sentenza appellata.

Fis-sentenza ***Repower vs EUIPO*** (C-281/18 P, EU:C:2019:916), mogħtija fil-31 ta' Ottubru 2019, il-Qorti tal-Ġustizzja ċaħdet l-appell mis-sentenza tal-Qorti Ġenerali [149] u għamlet numru ta' *preċiżazzjonijiet dwar is-setgħa tal-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) li jirrevoka d-deċiżjonijiet tiegħu vvizzjati minn żball proċedurali manifest li jkun attribwibbli lilu.*

Fil-każ ineżami, il-kumpannija rikorrenti, Repower, kienet irreġistrat it-trade mark verbali REPOWER quddiem l-EUIPO. Fuq talba tal-intervenjenti, repowermap.org, id-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni tal-EUIPO laqgħet parzjalment it-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità ta' din it-trade mark għal ċerti prodotti u servizzi. L-appell minn din id-deċiżjoni ġie miċħud mill-Bord tal-Appell tal-EUIPO. Wara li l-intervenjenti ppreżentat rikors għal annullament quddiem il-Qorti Ġenerali, il-Bord tal-Appell irrevoka, permezz ta' deċiżjoni ġdida, id-deċiżjoni tiegħu ta' ċaħda għar-raġuni li din kienet ivvizzjata b'motivazzjoni insuffiċjenti u, għaldaqstant, bi "żball proċedurali manifest" fis-sens tal-Artikolu 80(1) tar-Regolament dwar it-trade marks.

Fid-deċiżjoni dwar ir-rikors ta' Repower kontra din id-deċiżjoni ta' revoka, il-Qorti Ġenerali qieset li l-EUIPO ma setax jibbaża l-imsemmija deċiżjoni fuq l-Artikolu 80(1) tar-Regolament dwar it-trade marks, sa fejn nuqqas ta' motivazzjoni ma jikkostitwixxix "żball proċedurali manifest" fis-sens ta' din id-dispożizzjoni [150]. Il-Qorti Ġenerali qieset, madankollu, li d-deċiżjoni ta' revoka setgħet tkun ibbażata fuq il-prinċipju ġenerali tad-dritt li jawtorizza l-irtirar ta' atti amministrattivi illegali. Billi kkonstatat li dan l-iżball rigward l-għażla tal-bażi legali ma kienx jiġġustifika l-annullament tad-deċiżjoni ta' revoka, il-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors ta' Repower.

Sabiex jiġi interpretat il-kunċett ta' "żball proċedurali manifest" fis-sens tal-Artikolu 80(1) tar-Regolament dwar it-trade marks, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li hemm lok li ma jittiħidx inkunsiderazzjoni biss il-kliem ta' dan il-kunċett, iżda wkoll il-kuntest tiegħu u l-għanijiet imfittxija mil-leġiżlazzjoni li minnha jagħmel parti.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li mill-istruttura ġenerali tar-Regolament dwar it-trade marks jirriżulta li l-iżbalji proċedurali msemmija fl-Artikolu 80(1) ta' dan ir-regolament huma relatati b'mod partikolari mad-dispożizzjonijiet proċedurali previsti fl-imsemmi regolament, bħall-obbligu ta' motivazzjoni. Din l-interpretazzjoni hija kkorraborata mill-għan imfittex mill-Artikolu 80(1) ta' dan l-istess regolament, li huwa intiż li jimponi fuq l-EUIPO l-obbligu li jirrevoka d-deċiżjonijiet ivvizzjati bi żball proċedurali manifest bil-għan

149| Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-21 ta' Frar 2018, ***Repower vs EUIPO – repowermap.org (REPOWER)*** (T-727/16, EU:T:2018:88).

150| L-ewwel sentenza tal-Artikolu 80(1) tar-Regolament Nru 207/2009 tipprevedi li, meta l-EUIPO jwettaq reġistrazzjoni jew jieħu deċiżjoni li jkunu vvizzjati bi żball proċedurali manifest, li jkun imputabbli lilu stess, huwa għandu jħassar tali reġistrazzjoni jew jirrevoka din id-deċiżjoni.

li jiġu ggarantiti amministrazzjoni tajba kif ukoll ekonomija tal-ġudizzju. L-imsemmija interpretazzjoni tirrifletti wkoll il-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja li tipprovdi li l-obbligu ta' motivazzjoni jikkostitwixxi formalità essenzjali li għandha tiġi distinta mill-kwistjoni tal-fondatezza tal-motivazzjoni, li taqa' taħt il-legalità sostantiva tal-att ikkontestat.

Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, bil-kontra tal-Qorti Ġenerali, li kwalunkwe ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni, bħal nuqqas ta' motivazzjoni jew motivazzjoni insuffiċjenti, jikkostitwixxi żball proċedurali fis-sens tal-Artikolu 80(1) tar-Regolament dwar it-trade marks, li għandu jwassal għar-revoka mill-EUIPO tad-deċiżjoni vvizzjata bih meta dan l-iżball ikun ta' natura flagranti.

Minn dan isegwi li din id-dispożizzjoni kienet tapplika f'dan il-każ u li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li dan l-iżball ta' liġi ma kienx tali li jwassal għall-annullament tas-sentenza appellata sa fejn id-dispożittiv ta' din is-sentenza, li ċaħad ir-rikors ta' Repower kontra d-deċiżjoni ta' revoka, kien jidher fondat għal raġunijiet oħra.

Permezz tas-sentenza ***Der Grüne Punkt vs EUIPO*** (C-143/19 P, EU:C:2019:1076), mogħtija fit-12 ta' Diċembru 2019, il-Qorti tal-Ġustizzja *annullat is-sentenza tal-Qorti Ġenerali* [151] *minħabba li wettqet żball ta' liġi fl-applikazzjoni tal-kunċett ta' "użu ġenwin" għal trade mark kollettiva tal-Unjoni Ewropea*.

F'dan il-każ, l-appellanti, Der Grüne Punkt, kienet kisbet ir-reġistrazzjoni ta' trade mark figurattiva kollettiva li tirrappreżenta ċirku b'żewġ vleġeġ, relatata ma' sistema ta' ġbir u ta' rkupru ta' skart mill-imballaġġ. Wara talba għal revoka, l-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) kien laqa' parzjalment din it-talba, minħabba li ma kienx sar użu ġenwin tal-imsemmija trade mark għall-prodotti kollha li għalihom kienet ġiet irreġistrata, bl-eċċezzjoni tal-prodotti li jikkonsistu f'imballaġġi.

Ir-rikors għal annullament kontra d-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell tal-EUIPO, ippreżentat mill-appellanti, kien ġie miċħud mill-Qorti Ġenerali.

Insostenn tal-appell tagħha, l-appellanti sostniet li l-Qorti Ġenerali kienet interpretat ħażin il-kunċett ta' "użu ġenwin", fis-sens tal-Artikolu 15(1) tar-Regolament dwar it-trade marks u kienet naqset milli tieħu debitament inkunsiderazzjoni l-karatteristiċi tat-trade marks kollettivi, stabbiliti fl-Artikolu 66 ta' dan ir-regolament.

L-ewwel nett, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li l-funzjoni essenzjali ta' trade mark kollettiva hija li tiddistingwi l-prodotti jew is-servizzi tal-membri tal-assoċjazzjoni li tagħha tkun il-proprjetarja minn dawk ta' impriżi oħra. Għalhekk, bid-differenza ta' trade mark individwali, trade mark kollettiva ma għandhiex il-funzjoni li tindika lill-konsumatur liema hija "l-identità ta' oriġini" tal-prodotti jew tas-servizzi li għalihom tkun irreġistrata. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li l-Artikolu 66 tar-Regolament dwar it-trade marks b'ebda mod ma jeżiġi li l-manifatturi, il-produtturi, il-fornituri jew in-negozjanti li jaffiljaw ruħhom mal-assoċjazzjoni li tkun il-proprjetarja ta' trade mark kollettiva jkunu jagħmlu parti mill-istess grupp ta' kumpanniji li jimmanifattura jew li jipprovdi prodotti jew servizzi taħt kontroll uniku. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li t-trade marks kollettivi, bħat-trade marks individwali, huma parti mill-kummerċ. L-użu tagħhom għandu għalhekk, sabiex ikun jista' jiġi kklassifikat bħala "ġenwin", fis-sens tal-Artikolu 15(1) tar-Regolament dwar it-trade marks, jaqa' effettivament taħt l-għan tal-impriżi kkonċernati li joħolqu jew li jżommu suq għall-prodotti u għas-servizzi tagħhom.

It-tieni nett, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li jsir użu ta' trade mark kollettiva b'mod konformi mal-funzjoni essenzjali tagħha mill-mument li dan l-użu jippermetti lill-konsumatur jifhem li l-prodotti jew is-servizzi koperti ġejjin minn impriżi li jkunu affiljati mal-assoċjazzjoni, proprjetarja tat-trade mark, u jiddistingwi b'dan

151| Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-12 ta' Diċembru 2018, ***Der Grüne Punkt vs EUIPO – Halston Properties (Rappreżentazzjoni ta' ċirku b'żewġ vleġeġ)*** (T-253/17, EU:T:2018:909).

il-mod dawn il-prodotti jew servizzi minn dawk li jkunu ġejjin minn impriżi li ma jkunux affiljati magħha. F'dan il-każ, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li mill-konstatazzjonijiet magħmula mill-Qorti Ġenerali kien jirriżulta li t-trade mark kollettiva kienet tintuża b'mod konformi mal-funzjoni essenzjali tagħha, fid-dawl tal-fatt li l-produttur jew id-distributur tal-prodotti kontenzjużi kien jagħmel parti mis-sistema ta' ftehim ta' liċenzjar tal-appellanti.

Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li l-evalwazzjoni tan-natura ġenwina tal-użu tat-trade mark inkwistjoni kellha titwettaq billi jiġu evalwati, b'mod partikolari, l-użi kkunsidrati bħala ġġustifikati fis-settur ekonomiku kkonċernat sabiex jinżammu jew jinħolqu partijiet tas-suq favur prodotti jew servizzi protetti mit-trade mark, in-natura ta' dawn il-prodotti jew ta' dawn is-servizzi, il-karatteristiċi tas-suq, kif ukoll il-portata u l-frekwenza tal-użu tat-trade mark. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li l-Qorti Ġenerali kienet naqset milli tapplika l-imsemmija kriterji għall-każ inkwistjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja b'mod partikolari qieset li l-Qorti Ġenerali kellha teżamina jekk l-użu debitament ipprovat f'dan il-każ, jiġifieri t-twaħħil tat-trade mark inkwistjoni fuq l-ippakkjar tal-prodotti tal-impriżi affiljati mas-sistema ta' ġbir lokali u ta' trattament ekoloġiku tal-iskart mill-imballaġġ, kienx meqjus, fis-setturi ekonomiċi kkonċernati, bħala ġġustifikat sabiex jinżammu jew jinħolqu partijiet tas-suq favur prodotti. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, ma setax jiġi eskluż li l-indikazzjoni mill-manifattur jew mid-distributur, fuq l-imballaġġ tal-prodotti ta' konsum regolari, tal-affiljazzjoni ma' tali sistema ta' riċiklaġġ tista' tinfluwenza d-deċiżjonijiet ta' xiri tal-konsumaturi u, b'hekk, tikkontribwixxi għaż-żamma jew għall-ħolqien ta' partijiet tas-suq relatati ma' dawn il-prodotti.

Peress li qieset li l-Qorti Ġenerali kienet wettqet żball ta' liġi fl-applikazzjoni tal-kunċett ta' "użu ġenwin", il-Qorti tal-Ġustizzja annullat is-sentenza appellata kif ukoll id-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell tal-EUIPO.

## 3. Telekomunikazzjonijiet

F'dan il-qasam, għandhom jiġu indikati żewġ sentenzi b'mod partikolari. L-ewwel waħda hija s-sentenza tal-1 ta' Ottubru 2019, ***Planet49*** (C-673/17) dwar il-kunsens tal-utent ta' sit internet għall-ħażna ta' informazzjoni jew għall-aċċess għal informazzjoni permezz ta' cookies. Din is-sentenza hija ppreżentata fit-Taqsima XIV.1, "Protezzjoni tad-data personali".

It-tieni sentenza hija s-sentenza ***AW et (Telefonati lill-112)*** (C-417/18, EU:C:2019:671), mogħtija fil-5 ta' Settembru 2019, li fiha l-Qorti tal-Ġustizzja *ddeċidiet li l-Istati Membri għandhom l-obbligu jiżguraw li l-impriżi ta' telekomunikazzjonijiet iqiegħdu, bla ħlas, għad-dispożizzjoni tal-awtorità li tittratta s-sejħiet ta' emerġenza lill-112, l-informazzjoni dwar il-post fejn jinsab min iċempel, fil-limiti tal-possibbiltajiet tekniċi, anki jekk is-sejħa tkun saret minn telefon ċellulari li ma jkunx fih kard SIM*. Barra minn hekk, din l-informazzjoni għandha tkun affidabbli u preċiża biżżejjed sabiex tippermetti lis-servizzi ta' emerġenza jintervjenu. Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja speċifikat il-kundizzjonijiet li jippermettu l-istabbiliment tar-responsabbiltà tal-Istat fil-każ ta' ksur tad-dritt tal-Unjoni.

Żagħżugħa ta' 17-il sena kienet inħatfet f'subborg ta' Panevėžys (il-Litwanja), ġiet stuprata u nħarqet ħajja fil-kompartiment tal-bagalji ta' karozza. Meta kienet magħluqa ġewwa l-kompartiment tal-bagalji, hija kienet sejħet, bl-użu ta' telefon ċellulari, iċ-ċentru Litwan li jirċievi telefonati ta' emerġenza, bin-numru uniku Ewropew għal sejħa ta' emerġenza "112" madwar tnax-il darba, sabiex titlob l-għajnuna. Madankollu, l-apparat taċ-ċentru li jirċievi telefonati ta' emerġenza ma kienx juri n-numru tat-telefon ċellulari użat, li pprekluda lill-impjegati ta' dan iċ-ċentru milli jistabbilixxu l-pożizzjoni tagħha. Ma kienx possibbli li jiġi ddeterminat jekk it-telefon ċellulari użat mill-vittma kienx fih kard SIM u lanqas għalfejn in-numru tagħha ma kienx viżibbli fiċ-ċentru li jirċievi telefonati ta' emerġenza.

Il-qraba tal-vittma ppreżentaw rikors intiż għall-kundanna tal-Istat Litwan għall-kumpens għad-dannu morali mġarrab minnhom. Huma kkritikaw lir-Repubblika tal-Litwanja li ma żguratx b'mod korrett l-implimentazzjoni prattika tal-Artikolu 26(5) tad-Direttiva 2002/22 [152], li jobbliga lill-Istati Membri jiżguraw li l-impriżi kkonċernati jikkomunikaw bla ħlas lill-awtorità li tittratta s-sejħiet ta' emerġenza l-informazzjoni dwar il-post fejn jinsab min iċempel hekk kif is-sejħa tasal għand l-imsemmija awtorità.

Il-Qorti Amministrattiva ta' Vilnjus (il-Litwanja), li kienet adita bil-kawża, għamlet domandi preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-portata ta' dan l-obbligu ta' komunikazzjoni tal-informazzjoni dwar il-post fejn jinsab min iċempel il-112.

L-ewwel nett, il-Qorti tal-Ġustizzja speċifikat li l-obbligu previst fl-Artikolu 26(5) tad-Direttiva 2002/22 japplika għall-Istati Membri, fil-limiti tal-possibbiltajiet tekniċi, anki jekk is-sejħa tkun saret minn telefon ċellulari li ma jkunx fih kard SIM.

It-tieni nett, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li l-aħħar sentenza tal-Artikolu 26(5) tad-Direttiva 2002/22 tagħti lill-Istati Membri ċertu marġni ta' diskrezzjoni fid-definizzjoni tal-kriterji relatati mal-preċiżjoni u mal-affidabbiltà tal-informazzjoni dwar il-post fejn jinsab min iċempel il-112. Madankollu, il-kriterji li huma jiddefinixxu għandhom jiżguraw, fil-limiti tal-possibbiltajiet tekniċi, l-istabbiliment tal-pożizzjoni ta' min iċempel b'mod affidabbli u preċiż daqs kemm ikun neċessarju sabiex is-servizzi ta' emerġenza jkunu jistgħu jagħtuh l-għajnuna b'mod utli. Peress li hija ta' natura prinċipalment teknika u hija marbuta mill-qrib mal-karatteristiċi speċifiċi tan-netwerk ta' telekomunikazzjoni mobbli nazzjonali, tali evalwazzjoni għandha ssir mill-qorti nazzjonali.

Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-kundizzjonijiet li għandhom jiġu ssodisfatti għall-istabbiliment tar-responsabbiltà tal-Istat minħabba dannu kkawżat minn ksur tad-dritt tal-Unjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li huwa minnu li fost dawn il-kundizzjonijiet tinsab dik tal-eżistenza ta' rabta kawżali diretta bejn il-ksur ta' dan id-dritt u d-dannu mġarrab minn dawn l-individwi. Madankollu, huwa fil-kuntest tad-dritt nazzjonali dwar ir-responsabbiltà li l-Istat għandu jikkumpensa l-konsegwenzi tad-dannu kkawżat, bil-kundizzjoni iżda li l-kundizzjonijiet stabbiliti mil-leġiżlazzjonijiet nazzjonali fil-qasam tal-kumpens għad-danni ma jkunux inqas favorevoli minn dawk li jirrigwardaw talbiet simili ta' natura interna. Minn dan isegwi li, meta, konformement mad-dritt intern ta' Stat Membru, l-eżistenza ta' rabta kawżali indiretta bejn l-illegalità mwettqa mill-awtoritajiet nazzjonali u d-dannu mġarrab minn individwu titqies li tkun suffiċjenti għall-istabbiliment tar-responsabbiltà tal-Istat, tali rabta kawżali indiretta bejn ksur tad-dritt tal-Unjoni imputabbli lil dan l-Istat Membru u d-dannu mġarrab minn individwu għandha wkoll titqies li tkun suffiċjenti, bis-saħħa tal-prinċipju ta' ekwivalenza, għall-finijiet tal-istabbiliment tar-responsabbiltà tal-imsemmi Stat Membru għal dan il-ksur tad-dritt tal-Unjoni.

## 4. Kuntratti pubbliċi

Fis-sentenza ***Telecom Italia*** (C-697/17, EU:C:2019:599), mogħtija fil-11 ta' Lulju 2019, il-Qorti tal-Ġustizzja għamlet numru ta' preċiżazzjonijiet, *fil-kuntest ta' proċedura ristretta għall-għoti ta' kuntratt pubbliku għal provvisti u għal xogħlijiet, irregolata mid-Direttiva 2014/24* [153], *dwar il-kundizzjonijiet li fihom l-operaturi ekonomiċi jiġu ammessi sabiex jippreżentaw offerta*. F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li, fid-dawl tar-rekwiżit

152| Direttiva 2002/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar servizz universali u d-drittijiet ta' l-utenti li jirrelataw ma' networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi (Direttiva Servizz Universali) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 29, p. 367), kif emendata bid-Direttiva 2009/136/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 (ĠU 2009, L 337, p. 11, rettifika fil-ĠU 2013, L 241, p. 9).

153| Direttiva 2014/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE (ĠU 2014, L 94, p. 65, rettifika fil-ĠU 2015, L 275, p. 68).

previst minn din id-direttiva dwar l-identiċità legali u materjali bejn l-operaturi ekonomiċi magħżula minn qabel u dawk li jippreżentaw l-offerti, kandidat magħżul minn qabel li jintrabat li jassorbi kandidat magħżul minn qabel ieħor, skont ftehim ta' amalgamazzjoni konkluż bejn il-fażi tal-għażla minn qabel u dik tal-preżentazzjoni tal-offerti u eżegwit wara din il-fażi ta' preżentazzjoni, jista' jippreżenta offerta.

F'Mejju 2016, il-kumpannija Infratel nediet, f'isem il-Ministeru għall-Iżvilupp Ekonomiku Taljan, proċedura ristretta għall-għoti ta' kuntratti għall-finijiet tal-għoti ta' kuntratti pubbliċi għall-bini, għall-manutenzjoni u għall-ġestjoni ta' netwerk passiv pubbliku ta' broadband b'kapaċità wiesgħa ħafna f'diversi reġjuni tal-Italja. Fil-kuntest ta' din il-proċedura li tirrigwarda l-għoti ta' ħames lottijiet, ġew ippreżentati talbiet għal parteċipazzjoni mill-kumpannija Telecom Italia kif ukoll, b'mod partikolari, mill-kumpanniji Metroweb Sviluppo u OpEn Fiber. Minkejja li ġiet magħżula minn qabel, Metroweb Sviluppo, fl-aħħar nett, ma ppreżentatx offerta.

F'Jannar 2017, Infratel ippubblikat il-lista tal-offerenti aċċettati kif ukoll klassifikazzjoni provviżorja tal-offerenti magħżula. Skont din il-klassifikazzjoni, OpEn Fiber kienet tokkupa l-ewwel post għal kull wieħed mill-ħames lottijiet, filwaqt li l-kumpannija Telecom Italia kienet ikklassifikata fit-tieni post, ħlief għal-lott Nru 4, fejn kienet tokkupa t-tielet post. Peress li ma kinitx issodisfatta mill-eżitu tal-proċedura kkonċernata, Telecom Italia talbet, l-ewwel nett, aċċess għad-dokumenti relatati mal-imsemmija proċedura għall-għoti ta' kuntratt. Minn dawn id-dokumenti jirriżulta, essenzjalment, li, bejn il-fażi tal-għażla minn qabel u d-data finali għall-preżentazzjoni tal-offerti, Metroweb Sviluppo kienet ġiet assorbita minn OpEn Fiber, amalgamazzjoni li l-Kummissjoni Ewropea ma kinitx oġġezzjonat għaliha. It-tieni nett, Telecom Italia kkontestat quddiem il-qrati Taljani l-għoti tal-ħames lottijiet ikkonċernati.

Filwaqt li fakkret, qabel xejn, li, skont l-ewwel sentenza tal-Artikolu 28(2) tad-Direttiva 2014/24, huma biss l-operaturi ekonomiċi mistiedna li jagħmlu dan mill-awtorità kontraenti wara l-evalwazzjoni minnha tal-informazzjoni pprovduta li jistgħu jippreżentaw offerta, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li din id-dispożizzjoni tippreżupponi identiċità legali u materjali bejn l-operaturi ekonomiċi magħżula minn qabel u dawk li jippreżentaw l-offerti. Din ir-regola hija stabbilita għall-proċedura ristretta, li tiżvolġi f'diversi fażijiet, u b'mod partikolari għall-fażi tal-għażla minn qabel u dik tal-preżentazzjoni tal-offerti. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li din id-dispożizzjoni ma tipprevedix regoli dwar il-bidliet li jista' jkun hemm fl-istruttura jew fil-kapaċità ekonomika u teknika tal-kandidat magħżul minn qabel.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li, fil-kuntest analogu tad-Direttiva 2004/17 [154], hija kienet eżaminat il-kwistjoni tal-inċidenza ta' tali bidliet matul proċedura nnegozjata għall-għoti ta' kuntratt pubbliku fis-sentenza *MT Højgaard u Züblin* [155]. B'hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, fi proċedura nnegozjata, fil-każ ta' xoljiment ta' grupp magħżul minn qabel bħala tali, li minnu kienu jifformaw parti żewġ operaturi ekonomiċi, wieħed minnhom jista' jieħu post dan il-grupp u jkompli din il-proċedura, mingħajr ma jinkiser il-prinċipju ta' ugwaljanza. Madankollu, għandu jiġi stabbilit li dan l-operatur ekonomiku jissodisfa, waħdu, ir-rekwiżiti ddefiniti inizjalment mill-awtorità kontraenti (l-ewwel kriterju) u li l-kontinwazzjoni tal-parteċipazzjoni tiegħu fl-imsemmija proċedura ma twassalx għal deterjorament tas-sitwazzjoni kompetittiva tal-offerenti l-oħra (it-tieni kriterju).

Fir-rigward tal-osservanza, f'dan il-każ, tal-ewwel kriterju, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li l-kumpannija OpEn Fiber kienet tkompli tissodisfa r-rekwiżiti ddefiniti inizjalment mill-awtorità kontraenti sa fejn il-kapaċità materjali tagħha żdiedet minħabba l-assorbiment ta' Metroweb Sviluppo.

154| Direttiva 2004/17/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 li tikkoordina l-proċeduri ta' akkwisti ta' entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi ta' l-ilma, l-enerġija, t-trasport u postali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 7, p. 19).

155| Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-24 ta' Mejju 2016, ***MT Højgaard u Züblin*** (C-396/14, EU:C:2016:347).

Fir-rigward tat-tieni kriterju, assorbiment bħal dak ta' Metroweb Sviluppo kellu, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, jitwettaq b'osservanza tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, b'mod partikolari tar-Regolament Nru 139/2004 [156]. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li, fil-15 ta' Diċembru 2016, il-Kummissjoni kienet iddeċidiet, fuq il-bażi tal-imsemmi regolament, li ma kinitx qed toġġezzjona għall-amalgamazzjoni bejn OpEn Fiber u Metroweb Sviluppo. F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni distinti minn dawk li jirregolaw il-kuntratti pubbliċi huma intiżi speċifikament li jiżguraw li l-eżistenza ta' kompetizzjoni libera u mhux distorta fi ħdan is-suq intern ma tkunx mhedda minn operazzjonijiet ta' amalgamazzjoni bħal dik f'dan il-każ. Għalhekk, sakemm l-aġir ta' operatur ekonomiku josserva dawn ir-regoli speċifiċi, ma setax jitqies li l-parteċipazzjoni tiegħu f'operazzjoni bħal din setgħet, bħala tali, twassal għal deterjorament tas-sitwazzjoni kompetittiva tal-offerenti l-oħra minħabba s-sempliċi fatt li l-entità amalgamata kienet ser tibbenefika minn kapaċità ekonomika u teknika msaħħa.

## 5. Prodotti tal-ikel

Fis-sentenza ***Organisation juive européenne u Vignoble Psagot*** (C-363/18, EU:C:2019:954), mogħtija fit-12 ta' Novembru 2019, li tikkonċerna l-interpretazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1169/2011 [157], il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, iddeċidiet li *l-prodotti tal-ikel li joriġinaw minn territorji okkupati mill-Istat ta' Iżrael għandhom ikollhom l-indikazzjoni tat-territorju ta' oriġini tagħhom, flimkien, fil-każ li tali prodotti tal-ikel ikunu ġejjin minn lokalità jew minn grupp ta' lokalitajiet li jikkostitwixxu insedjament Iżraeljan fl-imsemmi territorju, mal-indikazzjoni ta' din il-provenjenza*.

It-tilwima fil-kawża prinċipali, bejn, minn naħa, l-Organisation juive européenne u Vignoble Psagot Ltd u, min-naħa l-oħra, il-Ministru għall-Ekonomija u għall-Finanzi Franċiż, kienet tikkonċerna l-legalità ta' avviż dwar l-indikazzjoni tal-oriġini ta' merkanzija li tkun ġejja mit-territorji li ilhom okkupati mill-Istat ta' Iżrael minn Ġunju 1967 li jeżiġi li dawn il-prodotti tal-ikel ikollhom l-indikazzjonijiet inkwistjoni. Dan l-avviż inħareġ b'reazzjoni għall-pubblikazzjoni, mill-Kummissjoni Ewropea, ta' Avviż interpretattiv dwar l-indikazzjoni tal-oriġini ta' merkanzija li tkun ġejja minn dawn it-territorji [158].

Fl-ewwel lok, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li, skont l-Artikoli 9 u 26 tar-Regolament Nru 1169/2011, il-pajjiż ta' oriġini jew il-post ta' provenjenza ta' prodott tal-ikel għandhom jiġu indikati meta l-ommissjoni ta' tali indikazzjoni tista' tqarraq bil-konsumaturi, billi tagħtihom x'jifhmu li dan il-prodott tal-ikel ikollu pajjiż ta' oriġini jew post ta' provenjenza differenti mill-pajjiż ta' oriġini jew mill-post ta' provenjenza reali tiegħu. Barra minn hekk, hija osservat li, meta l-indikazzjoni tal-oriġini jew tal-provenjenza tingħata fuq prodott tal-ikel, hija ma għandhiex tkun qarrieqa.

156| Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 tal-20 ta' Jannar 2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi (ir-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 3, p. 40).

157| Regolament (UE) Nru 1169/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar l-għoti ta' informazzjoni dwar l-ikel lill-konsumaturi, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1924/2006 u (KE) NrNru925/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttiva tal-Kummissjoni 87/250/KEE, id-Direttiva tal-Kunsill 90/496/KEE, id-Direttiva tal-Kummissjoni 1999/10/KE, id-Direttiva 2000/13/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kummissjoni 2002/67/KE u 2008/5/KE u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) NrNru08/2004 (ĠU 2011, L 304, p. 18, rettifiki fil-ĠU 2014, L 331, p. 40 u fil-ĠU 2016, L 266, p. 7).

158| Avviż Interpretattiv dwar l-indikazzjoni tal-oriġini tal-prodotti minn territorji okkupati mill-Iżrael minn Ġunju 1967 'l hawn (ĠU 2015, C 375, p. 4).

Fit-tieni lok, il-Qorti tal-Ġustizzja speċifikat kemm l-interpretazzjoni tal-kunċett ta' "pajjiż ta' oriġini" [159] u kemm l-interpretazzjoni tal-kliem "pajjiż" u "territorju" fis-sens tar-Regolament Nru 1169/2011. F'dan ir-rigward, hija osservat li dan il-kunċett huwa ddefinit fl-Artikolu 2(3) tal-imsemmi regolament, b'riferiment għall-Kodiċi Doganali tal-Unjoni [160], li jipprovdi li għandha titqies li toriġina minn "pajjiż" jew minn "territorju" partikolari l-merkanzija li tkun jew inkisbet kollha kemm hi f'dan il-pajjiż jew f'dan it-territorju, jew li tkun għaddiet mill-aħħar ipproċessar jew xogħol sostanzjali fl-imsemmi pajjiż jew fl-imsemmi territorju [161].

Fir-rigward tal-kelma "pajjiż", li tintuża diversi drabi fit-Trattati UE u FUE bħala sinonimu tal-kelma "Stat", il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li, sabiex tiġi żgurata interpretazzjoni konsistenti tad-dritt tal-Unjoni, għandha tingħata l-istess tifsira lil din il-kelma fil-Kodiċi Doganali tal-Unjoni u, għaldaqstant, fir-Regolament Nru 1169/2011. Issa, l-"Istat" jidentifika entità sovrana li teżerċita, fi ħdan il-fruntieri ġeografiċi tagħha, il-kompetenzi kollha rrikonoxxuti mid-dritt internazzjonali. Fir-rigward tal-kelma "territorju", il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li mill-formulazzjoni stess tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni [162] jirriżulta li din il-kelma tirreferi għal entitajiet li ma jkunux "pajjiżi" u, għalhekk, li ma jkunux "Stati". F'dan il-kuntest, il-fatt li titqiegħed, fuq prodotti tal-ikel, l-indikazzjoni li l-Istat ta' Iżrael huwa l-"pajjiż ta' oriġini" tagħhom, meta dawn il-prodotti tal-ikel ikunu fil-verità ġejjin minn territorji li kull wieħed minnhom għandu status internazzjonali individwali u distint minn dak ta' dan l-Istat, filwaqt li huma okkupati minn dan tal-aħħar u filwaqt li huma suġġetti għal ġurisdizzjoni limitata tiegħu, bħala setgħa okkupanti fis-sens tad-dritt umanitarju internazzjonali, ikun ta' natura li jqarraq bil-konsumaturi. Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-indikazzjoni tat-territorju ta' oriġini tal-prodotti tal-ikel inkwistjoni hija obbligatorja, fis-sens tar-Regolament Nru 1169/2011, sabiex jiġi evitat li l-konsumaturi jkunu mqarrqa dwar il-fatt li l-Istat ta' Iżrael huwa preżenti fit-territorji kkonċernati bħala setgħa okkupanti u mhux bħala entità sovrana.

Fir-rigward, fit-tielet u l-aħħar lok, tal-kunċett ta' "post ta' provenjenza" [163], il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat li dan il-kunċett għandu jinftiehem fis-sens li jirreferi għal kull spazju ġeografiku ddeterminat li jinsab fil-pajjiż jew fit-territorju ta' oriġini ta' prodott tal-ikel, bl-esklużjoni ta' indirizz ta' produttur. B'hekk, l-indikazzjoni li prodott tal-ikel ikun ġej minn "insedjament Iżraeljan" li jinsab f'wieħed mit-"territorji okkupati mill-Istat ta' Iżrael" tista' titqies li hija indikazzjoni tal-"post ta' provenjenza", sa fejn il-kelma "insedjament" tirreferi għal post ġeografiku ddeterminat.

Barra minn hekk, fir-rigward tal-kwistjoni jekk l-indikazzjoni "insedjament Iżraeljan", bħala indikazzjoni tal-post ta' provenjenza, hijiex ta' natura obbligatorja, il-Qorti tal-Ġustizzja l-ewwel nett enfasizzat li l-insedjamenti stabbiliti f'uħud mit-territorji okkupati mill-Istat ta' Iżrael huma kkaratterizzati mill-fatt li huma r-riżultat konkret ta' politika ta' trasferiment tal-popolazzjoni mmexxija minn dan l-Istat barra mit-territorju tiegħu, bi ksur tar-regoli tad-dritt umanitarju internazzjonali [164]. It-tieni nett, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-ommissjoni ta' din l-indikazzjoni, li timplika li jiġi indikat biss it-territorju ta' oriġini, tista' tqarraq bil-konsumaturi. Fil-fatt, il-konsumaturi ma jistgħux ikunu jafu, fl-assenza ta' kwalunkwe informazzjoni ta' natura li tagħtihom kjarifika dwar dan il-punt, li prodott tal-ikel ikollu bħala post ta' provenjenza lokalità jew

**159|** Artikoli 9(1)(i) u 26(2)(a) tar-Regolament Nru 1169/2011.

**160|** Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU 2013, L 269, p. 1, rettifiki fil-ĠU 2013, L 287, p 90 u fil-ĠU 2016, L 267, p. 2).

**161|** Artikolu 60 tar-Regolament Nru 952/2013.

**162|** Artikolu 60 tar-Regolament Nru 952/2013.

**163|** Artikoli 9(1)(i) u 26(2)(a) tar-Regolament Nru 1169/2011.

**164|** Is-sitt paragrafu tal-Artikolu 49 tal-Konvenzjoni ta' Genève dwar il-Protezzjoni tal-Persuni Ċivili fi Żmien il-Gwerra, konkluża fit-12 ta' Awwissu 1949.

grupp ta' lokalitajiet li jikkostitwixxu insedjament stabbilit f'wieħed mill-imsemmija territorji b'nuqqas ta' osservanza tar-regoli tad-dritt umanitarju internazzjonali. Issa, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li, skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 1169/2011 [165], l-informazzjoni lill-konsumaturi għandha tippermettilhom jiddeċiedu b'għarfien sħiħ tal-fatti kif ukoll b'osservanza mhux biss ta' kunsiderazzjonijiet sanitarji, ekonomiċi, ekoloġiċi jew soċjali, iżda wkoll ta' kunsiderazzjonijiet etiċi jew marbuta mal-osservanza tad-dritt internazzjonali. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li tali kunsiderazzjonijiet setgħu jinfluwenzaw id-deċiżjonijiet ta' xiri tal-konsumaturi.

Fis-sentenza ***Exportslachterij J. Gosschalk et*** (C-477/18 u C-478/18, EU:C:2019:1126), mogħtija fid-19 ta' Diċembru 2019, il-Qorti tal-Ġustizzja kellha l-okkażjoni tiżviluppa l-ġurisprudenza tagħha dwar it-tariffi dovuti mill-biċċeriji għall-kontrolli veterinarji uffiċjali mwettqa mill-awtoritajiet kompetenti. Mistoqsija dwar l-interpretazzjoni tar-Regolament Nru 882/2004 [166], hija ddeċidiet, minn naħa, li *l-awtoritajiet għandhom id-dritt jgħaddu fuq il-biċċeriji l-oneru tas-salarji u tal-ispejjeż tal-persunal li ma jwettqux b'mod konkret il-kontrolli, fi proporzjon mal-ħin li l-attivitajiet li jkunu marbuta b'mod inseparabbli mal-eżekuzzjoni tal-kontrolli jirrikjedu oġġettivament min-naħa ta' dan il-persunal amministrattiv*. Min-naħa l-oħra, hija qieset li l-awtoritajiet għandhom, taħt ċerti kundizzjonijiet, il-possibbiltà jiffatturaw tariffi għall-ħin ta' kontroll irriżervat mal-awtorità kompetenti mill-biċċerija iżda li ma jkunx ġie effettivament maħdum, anki jekk dawn il-kontrolli kellhom jitwettqu minn veterinarji provviżorji li ma jitħallsux għall-ħin ta' kontroll mhux maħdum.

Fil-kawża prinċipali, diversi biċċeriji Olandiżi kkontestaw fatturi maħruġa mill-awtoritajiet Olandiżi għal spezzjonijiet veterinarji fi ħdan l-istabbilimenti tagħhom. Tali spezzjonijiet jitwettqu minn veterinarji u minn persunal awżiljarju li jaħdmu għall-awtorità kompetenti jew minn persunal awżiljarju provviżorju ta' kumpannija privata. Fil-prattika, il-biċċerija kienet tressaq quddiem l-awtorità talba li tispeċifika n-numru ta' kontrolluri meħtieġa, kif ukoll il-ħin neċessarju sabiex jitwettaq il-kontroll. Jekk ix-xogħol ta' spezzjoni kien jdum inqas milli previst, il-biċċerija xorta kien ikollha tħallas għall-ħin ta' kontroll mitlub iżda mhux maħdum.

Skont il-biċċeriji, dan il-ħin mhux maħdum ma kellux jiġi ffatturat, bl-istess mod bħalma s-salarji u l-ispejjeż tal-persunal amministrattiv u ta' appoġġ tal-awtorità ma kellhomx jiġu inklużi fit-tariffi imposti fuqhom. Il-biċċeriji kkontestaw ukoll ir-rati applikati għax-xogħol ta' veterinarji provviżorji, li kienu jitħallsu b'mod differenti mill-awtorità. Fl-aħħar nett, il-qorti tar-rinviju kellha dubji dwar it-teħid inkunsiderazzjoni, fit-tariffi, tal-ispejjeż għall-ħolqien ta' fond għall-kumpannija privata li tipprovdi persunal awżiljarju, peress li dan il-fond kien intiż li jħallas lill-persunal fil-każ ta' kriżi sanitarja sabiex ikun jista' jerġa' jibda jaħdem meta tintemm il-kriżi.

Il-parti l-kbira ta' dawn id-domandi kienu bbażati fuq il-kompatibbiltà tal-leġiżlazzjoni Olandiża mar-rekwiżit tar-Regolament Nru 882/2004 li permezz tiegħu t-tariffi jistgħu jinġabru biss sabiex jiġu ffinanzjati spejjeż li jirriżultaw effettivament mill-kontrolli uffiċjali u li jiġu sostnuti mill-awtorità kompetenti [167]. F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret qabelxejn li r-rekwiżit ta' effettività tal-kontrolli uffiċjali jikkostitwixxi tħassib ċentrali tal-leġiżlatur tal-Unjoni. Fid-dawl ta' dan ir-rekwiżit ta' effettività, hija osservat, fl-ewwel lok, li l-persunal amministrattiv u ta' appoġġ jikkontribwixxi wkoll għall-effettività tal-kontrolli. Fil-fatt, huwa jeħles lill-veterinarji mill-organizzazzjoni loġistika tax-xogħol ta' spezzjoni u jikkontribwixxi għall-monitoraġġ tal-kontrolli. Is-salarji

**165|** Premessi 3 u 4 u Artikolu 3(1) tar-Regolament Nru 1169/2011.

**166|** Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kontrolli uffiċjali mwettqa biex tiġi żgurata l-verifikazzjoni tal-konformità mal-liġi ta' l-għalf u l-ikel, mas-saħħa ta' l-annimali u mar-regoli dwar il-welfare ta' l-annimali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 45, p. 200, rettifika fil-ĠU 2015, L 187, p. 91)

**167|** Artikolu 27(1) u (4)(a) tar-Regolament Nru 882/2004.

u l-ispejjeż ta' dan il-persunal setgħu għalhekk jittieħdu inkunsiderazzjoni għall-kalkolu tat-tariffi, iżda biss fi proporzjon mal-ħin tax-xogħol meħtieġ għal attivitajiet marbuta b'mod inseparabbli mal-eżekuzzjoni tal-kontrolli uffiċjali.

Fit-tieni lok, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-fatturazzjoni tal-ħin ta' kontroll li ma jkunx ġie effettivament maħdum tkun permessa meta l-assenza ta' ġbir ta' dawn it-tariffi tista' taffettwa l-effettività tas-sistema ta' kontrolli. Madankollu, il-biċċeriji għandhom ikollhom il-possibbiltà li jinformaw lill-awtorità kompetenti bl-intenzjoni tagħhom li jqassru t-tul ta' kontroll meta mqabbel mat-tul inizjalment previst, jekk din l-intenzjoni tkun espressa fit-terminu raġonevoli previst għal dan il-għan mill-imsemmija awtorità.

Il-Qorti tal-Ġustizzja żiedet li l-fatturazzjoni tal-ħin ta' kontroll mhux maħdum hija suġġetta għal kundizzjonijiet supplimentari meta l-ispezzjoni titwettaq minn veterinarji provviżorji, li ma jitħallsux għall-ħin ta' kontroll mhux maħdum. F'dan il-każ, l-awtorità tista', l-iktar l-iktar, tiffattura somma li tikkorrispondi għall-ammont tat-tariffa li minnu jitnaqqsu l-ispejjeż tas-salarji tal-veterinarji provviżorji. Il-kumplament tat-tariffa miksub b'dan il-mod kellu, barra minn hekk, jikkorrispondi verament għal spejjeż ġenerali previsti mir-Regolament.

Barra minn hekk, għal dak li jirrigwarda t-teħid inkunsiderazzjoni b'mod ġenerali tar-remunerazzjonijiet tal-veterinarji provviżorji, li jitħallsu inqas mill-veterinarji impjegati mill-awtorità kompetenti, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li tariffi fissi, li huma, bħala prinċipju, permessi mir-Regolament Nru 882/2004, setgħu jiġu applikati wkoll meta veterinarji provviżorji jwettqu l-kontroll. Madankollu, dawn it-tariffi ma kellhomx, b'mod ġenerali, imorru lil hinn mill-ispejjeż sostnuti mill-awtorità. Għaldaqstant, jekk tikkonstata li tkun għamlet profitt fuq perijodu partikolari, l-awtorità għandha tnaqqas it-tariffi fissi għall-perijodu segwenti.

Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja eskludiet il-possibbiltà li jittieħdu inkunsiderazzjoni, għall-kalkolu tat-tariffi, l-ispejjeż ta' ħolqien ta' fond għal kumpannija privata li għaliha l-awtorità tirrikorri sabiex tirrekluta persunal awżiljarju. Fil-fatt, it-tariffi jistgħu jkopru biss l-ispejjeż li jirriżultaw effettivament mit-twettiq tal-kontrolli fl-impriżi tas-settur tal-ikel.

## 6. Assigurazzjoni għall-vetturi bil-mutur

Fis-sentenza ***Línea Directa Aseguradora*** (C-100/18, EU:C:2019:517), mogħtija fl-20 ta' Ġunju 2019, il-Qorti tal-Ġustizzja interpretat *il-kunċett ta' "użu ta' vetturi" fis-sens tad-Direttiva 2009/103* [168] *dwar l-assigurazzjoni kontra responsabbiltà ċivili fir-rigward tal-użu ta' vetturi bil-mutur*, billi qieset li taqa' taħt dan il-kunċett sitwazzjoni li fiha vettura pparkjata f'garaxx privat ta' proprjetà immobbli għal iktar minn 24 siegħa tkun ħadet in-nar, u toħloq inċendju li l-oriġini tiegħu tinsab fiċ-ċirkwit tal-elettriku ta' din il-vettura, u tkun ikkawżat danni lil din il-proprjetà immobbli.

F'Awwissu 2013, vettura, ipparkjata għal iktar minn 24 siegħa fil-garaxx privat ta' proprjetà immobbli, ħadet in-nar u kkaġunat danni. L-oriġini tan-nar kienet iċ-ċirkwit tal-elettriku tal-vettura. Il-proprjetarju tal-vettura kien xtara assigurazzjoni għar-responsabbiltà ċivili li tirriżulta mill-użu ta' vetturi bil-mutur mingħand il-kumpannija Línea Directa. Il-proprjetà immobbli kienet assigurata mal-kumpannija Segurcaixa li kkumpensat lill-kumpannija proprjetarja ta' din il-proprjetà immobbli fl-ammont ta' EUR 44 704.34 bħala kumpens għad-danni kkawżati.

**168|** Direttiva 2009/103/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar l-assigurazzjoni kontra responsabbiltà ċivili fir-rigward tal-użu ta' vetturi bil-mutur u l-infurzar tal-obbligu ta' assigurazzjoni kontra din ir-responsabbiltà (ĠU 2009, L 263, p. 11).

F'Marzu 2014, Segurcaixa ppreżentat rikors kontra Línea Directa sabiex din tal-aħħar tiġi kkundannata għar-rimbors tal-kumpens imħallas, għar-raġuni li l-inċident kien oriġina minn "fatt ta' użu", fis-sens tad-dritt Spanjol, kopert mill-assigurazzjoni tal-vetturi bil-mutur. It-talba ta' Segurcaixa ġiet miċħuda fl-ewwel istanza. Fil-kuntest tal-proċedura ta' appell, Línea Directa ġiet ikkundannata għall-ħlas tal-kumpens mitlub minn Segurcaixa. Línea Directa ppreżentat appell fil-kassazzjoni quddiem it-Tribunal Supremo (il-Qorti Suprema, Spanja). Peress li kellha dubji dwar l-interpretazzjoni li kellha tingħata lill-kunċett ta' "użu ta' vetturi" li jinsab fid-Direttiva 2009/103, din il-qorti ddeċidiet li tagħmel diversi domandi preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja.

Il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret, l-ewwel nett, li l-kunċett ta' "użu ta' vetturi", fis-sens tal-imsemmija direttiva [169], jikkostitwixxi kunċett awtonomu tad-dritt tal-Unjoni, li l-interpretazzjoni tiegħu ma tistax titħalla għall-evalwazzjoni ta' kull Stat Membru. Hija enfasizzat ukoll li l-għan ta' protezzjoni tal-vittmi ta' inċidenti kkawżati minn dawn il-vetturi kien imfittex u msaħħaħ b'mod kostanti mil-leġiżlatur tal-Unjoni.

Fid-dawl tal-ġurisprudenza tagħha [170], il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li l-kunċett ta' "użu ta' vetturi" ma huwiex limitat għas-sitwazzjonijiet ta' użu fit-toroq u li jaqa' taħt dan il-kunċett kull użu ta' vettura li jkun konformi mal-funzjoni normali ta' din tal-aħħar, b'mod partikolari kwalunkwe użu ta' vettura bħala mezz ta' trasport. F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat, minn naħa, li l-fatt li l-vettura involuta f'inċident kienet wieqfa fil-mument meta seħħ l-inċident ma kienx jeskludi, fih innifsu, li l-użu ta' din il-vettura f'dak il-mument jista' jaqa' taħt il-funzjoni tagħha ta' mezz ta' trasport. Bl-istess mod, il-kwistjoni jekk il-magna tal-vettura kkonċernata kinitx mixgħula jew le fil-mument meta seħħ l-inċident lanqas ma kienet determinanti f'dan ir-rigward. Min-naħa l-oħra, ebda dispożizzjoni tad-Direttiva 2009/103 ma tillimita l-portata tal-obbligu ta' assigurazzjoni u tal-protezzjoni li dan l-obbligu huwa intiż li jagħti lill-vittmi ta' inċidenti kkawżati minn vetturi bil-mutur għall-każijiet ta' użu ta' tali vetturi fuq ċerti artijiet jew fuq ċerti toroq.

Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja minn dan iddeduċiet li l-kunċett ta' "użu ta' vetturi", fis-sens tad-Direttiva 2009/103, ma jiddependix mill-karatteristiċi tal-art li fuqha tintuża din il-vettura u, b'mod partikolari, mill-fatt li l-vettura kkonċernata tkun tinsab, fil-mument tal-inċident, wieqfa f'parkeġġ. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li l-ipparkjar u l-perijodu ta' waqfien tal-vettura huma stadji naturali u meħtieġa li jagħmlu parti integrali mill-użu tagħha bħala mezz ta' trasport. B'hekk, bħala prinċipju, vettura tintuża konformement mal-funzjoni tagħha bħala mezz ta' trasport anki meta tkun ipparkjata bejn ċaqliq u ieħor.

F'dan il-każ, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li l-ipparkjar ta' vettura f'garaxx privat kien jikkostitwixxi użu tagħha li kien konformi mal-funzjoni tagħha bħala mezz ta' trasport, u din il-konklużjoni ma tiddaħħalx inkwistjoni mill-fatt li l-imsemmija vettura kienet ipparkjata għal iktar minn 24 siegħa f'dan il-garaxx.

Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-fatt li l-inċident inkwistjoni fil-kawża prinċipali rriżulta min-nar ikkawżat miċ-ċirkwit tal-elettriku ta' vettura, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li, peress li l-vettura li wasslet għal dan l-inċident kienet tissodisfa d-definizzjoni ta' "vettura", fis-sens tad-Direttiva 2009/103 [171], ma kienx hemm lok li, minn fost il-partijiet tal-imsemmija vettura, issir distinzjoni fir-rigward tal-parti li wasslet għall-fatt ta' ħsara u lanqas ma kien hemm lok li jiġu ddeterminati l-funzjonijiet imwettqa minn din il-parti tal-vettura.

169| L-ewwel paragrafu tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2009/103 jipprevedi li kull Stat Membru għandu jieħu l-miżura kollha adegwati, bla ħsara għall-applikazzjoni tal-Artikolu 5 ta' din id-direttiva, sabiex ir-responsabbiltà ċivili marbuta mal-użu ta' vetturi li jkunu normalment ibbażati fit-territorju tiegħu tkun koperta minn assigurazzjoni.

170| Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-20 ta' Diċembru 2017, ***Núñez Torreiro*** (C-334/16, EU:C:2017:1007) u tal-15 ta' Novembru 2018, ***BTA Baltic Insurance Company*** (C-648/17, EU:C:2018:917).

171| Il-punt 1 tal-Artikolu 1 tad-Direttiva 2009/103.

## 7. Kontroll tal-akkwist u tal-pussess tal-armi

Permezz tas-sentenza ***Ir-Repubblika Ċeka vs Il-Parlament u Il-Kunsill*** (C-482/17, EU:C:2019:1035), mogħtija fit-3 ta' Diċembru 2019, il-Qorti tal-Ġustizzja *ċaħdet ir-rikors intiż għall-annullament totali jew parzjali tad-Direttiva 2017/853* [172] *(iktar 'il quddiem id-"Direttiva kkontestata") li permezz tagħha l-Parlament Ewropew u l-Kunsill emendaw id-Direttiva tal-Kunsill 91/477/KEE dwar il-kontroll tal-akkwist u tal-pussess ta' armi* [173] (iktar 'il quddiem id-"Direttiva dwar l-armi tan-nar"). Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-miżuri meħuda mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill fid-Direttiva kkontestata ma kinux jinvolvu ksur tal-prinċipji ta' attribuzzjoni ta' kompetenzi, ta' proporzjonalità, ta' ċertezza legali, ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi u ta' nondiskriminazzjoni, bħalma invokat ir-Repubblika Ċeka insostenn tar-rikors tagħha.

Fid-dawl tal-abolizzjoni tal-kontrolli mal-fruntieri ġewwa l-ispazju Schengen, id-Direttiva dwar l-armi tan-nar stabbilixxiet qafas minimu armonizzat relatat mal-pussess u mal-akkwist tal-armi tan-nar kif ukoll mat-trasferiment tagħhom bejn l-Istati Membri. Għal dan il-għan, din id-direttiva kienet tipprevedi dispożizzjonijiet li jikkonċernaw il-kundizzjonijiet li taħthom jistgħu jiġu akkwistati u miżmuma armi tan-nar ta' diversi kategoriji, filwaqt li pprevedew, minħabba rekwiżiti imperattivi ta' sigurtà pubblika, li l-akkwist ta' ċerti tipi ta' armi tan-nar kellu jiġi pprojbit.

Wara li seħħew ċerti atti terroristiċi, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill adottaw, fl-2017, id-Direttiva kkontestata sabiex jiġu introdotti regoli iktar stretti għall-armi tan-nar l-iktar perikolużi, għall-armi ddiżattivati u għall-armi semiawtomtiċi. Fl-istess ħin, din id-direttiva kienet intiża li tiffaċilita l-moviment liberu ta' ċerti armi billi tistabbilixxi *inter alia* regoli dwar l-immarkar.

Fir-rigward tal-armi tan-nar awtomatiċi ttrasformati f'armi tan-nar semiawtomatiċi, li huma bħala prinċipju pprojbiti, id-Direttiva kkontestata kienet tinkludi deroga li l-kundizzjonijiet tagħha jiġu ssodisfatti biss mill-Isvizzera, li tagħmel parti mill-ispazju Schengen u li għaliha tapplika d-Direttiva dwar l-armi tan-nar. B'mod partikolari, din kienet il-kundizzjoni marbuta mal-eżistenza ta' regoli militari bbażati fuq il-lieva ġenerali u li pprevedew, matul l-aħħar ħamsin sena, sistema ta' trasferiment ta' armi tan-nar militari lill-persuni li jitilqu mill-armata.

Ir-Repubblika Ċeka ppreżentat rikors quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja għall-annullament totali jew parzjali tad-Direttiva kkontestata. F'din il-proċedura, ir-Repubblika Ċeka kienet sostnuta mill-Ungerija u mill-Polonja, filwaqt li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill kienu sostnuti minn Franza u mill-Kummissjoni Ewropea.

Fir-rigward tal-allegat ksur tal-prinċipju ta' attribuzzjoni ta' kompetenzi, il-Qorti tal-Ġustizzja l-ewwel nett fakkret li, meta att ibbażat fuq l-Artikolu 114 TFUE, bħad-Direttiva dwar l-armi tan-nar, ikun diġà elimina kull ostakolu għall-kummerċ fil-qasam li huwa jarmonizza, il-leġiżlatur tal-Unjoni ma jistax jiġi mċaħħad mill-possibbiltà li jadatta dan l-att, fuq il-bażi ta' din id-dispożizzjoni, għal kull tibdil fiċ-ċirkustanzi, fid-dawl tal-kompitu li huwa għandu li jiżgura l-protezzjoni tal-interessi ġenerali rrikonoxxuti mit-Trattati. Dawn l-interessi ġenerali jinkludu l-ġlieda kontra t-terroriżmu internazzjonali u l-kriminalità serja kif ukoll iż-żamma tas-sigurtà pubblika.

172| Direttiva (UE) 2017/853 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2017 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/477/KEE dwar il-kontroll tal-akkwist u l-pussess ta' armi (ĠU 2017, L 137, p. 22).

173| Direttiva tal-Kunsill 91/477/KEE tat-18 ta' Ġunju 1990 dwar il-kontroll ta' l-akkwist u l-pussess ta' armi (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 11, p. 3).

It-tieni nett, fir-rigward ta' leġiżlazzjoni li temenda leġiżlazzjoni eżistenti, il-Qorti tal-Ġustizzja speċifikat li, għall-finijiet tal-identifikazzjoni tal-bażi legali ta' din tal-aħħar, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni l-leġiżlazzjoni eżistenti li hija temenda u, b'mod partikolari, l-għan u l-kontenut tagħha. Fil-fatt, eżami iżolat tal-att li jemenda jista' jwassal għar-riżultat paradossali li dan l-att ma jkunx jista' jiġi adottat abbażi tal-Artikolu 114 TFUE, filwaqt li jkun possibbli għal-leġiżlatur tal-Unjoni li jikseb l-istess riżultat leġiżlattiv billi jħassar l-att inizjali u jipproċedi, fuq il-bażi ta' din id-dispożizzjoni, bit-tfassil mill-ġdid sħiħ tiegħu f'att ġdid. Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li kien meħtieġ li tiġi identifikata l-bażi legali li fuqha kellha tiġi adottata d-Direttiva kkontestata billi jittieħed inkunsiderazzjoni kemm il-kuntest ikkostitwit mid-Direttiva dwar l-armi tan-nar kif ukoll ir-regoli li jirriżultaw mill-emendi li sarulha permezz tad-Direttiva kkontestata.

Fl-aħħar nett, wara paragun tal-għan u tal-kontenut tad-Direttiva dwar l-armi tan-nar ma' dawk tad-Direttiva kkontestata, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li ż-żewġ direttivi kienu intiżi li jiżguraw l-approssimazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Istati Membri fil-qasam tal-moviment liberu tal-armi tan-nar għal użu ċivili, filwaqt li jikkontrollaw din il-libertà permezz ta' garanziji ta' sigurtà adattati għan-natura ta' din il-merkanzija, u li d-Direttiva kkontestata tillimita ruħha f'dan ir-rigward għall-aġġustament tal-bilanċ stabbilit mid-Direttiva dwar l-armi tan-nar bejn dawn iż-żewġ għanijiet sabiex jiġi adattat għall-iżvilupp taċ-ċirkustanzi.

Dwar dan il-punt, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li l-armonizzazzjoni tal-aspetti marbuta mas-sigurtà tal-merkanzija hija waħda mill-elementi essenzjali sabiex jiġi żgurat il-funzjonament tajjeb tas-suq intern, peress li leġiżlazzjonijiet differenti f'dan il-qasam jistgħu joħolqu ostakoli għall-kummerċ. Issa, billi l-karatteristika partikolari tal-armi tan-nar hija l-perikolu tagħhom mhux biss għall-utenti iżda wkoll għall-pubbliku b'mod ġenerali, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li kunsiderazzjonijiet ta' sigurtà pubblika jidħru indispensabbli fil-kuntest ta' leġiżlazzjoni dwar l-akkwist u l-pussess ta' din il-merkanzija.

F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li l-leġiżlatur tal-Unjoni ma qabiżx il-marġni ta' diskrezzjoni mogħti lilu mill-Artikolu 114 TFUE meta adotta d-Direttiva kkontestata fuq il-bażi ta' din id-dispożizzjoni.

Fir-rigward tal-allegat ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità, il-Qorti tal-Ġustizzja eżaminat jekk il-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet [174] kienx jimponi formalment fuq il-Kummissjoni l-obbligu li twettaq analiżi tal-impatt tal-miżuri previsti mill-adozzjoni tad-Direttiva kkontestata, sabiex tkun tista' tiġi evalwata l-proporzjonalità ta' dawn il-miżuri. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li l-preparazzjoni ta' analiżijiet tal-impatt kienet tikkostitwixxi pass fil-proċess leġiżlattiv li jkollu, bħala regola ġenerali, jittieħed meta jkun hemm il-possibbiltà li l-inizjattiva leġiżlattiva jkollha impatt ekonomiku, ambjentali jew soċjali sinjifikattiv. Madankollu, mill-kliem ta' dan il-ftehim ma kienx jirriżulta obbligu li tali analiżi kellha ssir f'kull ċirkustanza.

B'hekk, l-ommissjoni ta' analiżi tal-impatt ma tistax tiġi kklassifikata bħala ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità meta l-leġiżlatur tal-Unjoni jkun jinsab f'sitwazzjoni partikolari li ma tkunx teħtieġ tali azzjoni, bil-kundizzjoni iżda li jkollu biżżejjed elementi li jippermettulu jevalwa l-proporzjonalità tal-miżuri previsti.

Fis-sentenza tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja kompliet billi kkonstatat li l-leġiżlatur tal-Unjoni kellu diversi analiżijiet u rakkomandazzjonijiet li jkopru s-suġġetti kollha invokati fl-argumenti tar-Repubblika Ċeka u li, għall-kuntrarju tal-pretensjonijiet ta' dan l-Istat Membru, il-miżuri kkritikati ma kinux jidhru, fid-dawl ta' dawn l-analiżijiet u rakkomandazzjonijiet, manifestament mhux xierqa fir-rigward tal-għanijiet li tiġi żgurata s-sigurtà pubblika taċ-ċittadini tal-Unjoni u li jiġi ffaċilitat il-funzjonament tas-suq intern għall-armi tan-nar għal użu ċivili.

174| Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet, tat-13 ta' April 2016 (ĠU 2016, L 123, p. 1).

Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, f'dan il-każ, l-istituzzjonijiet tal-Unjoni ma marrux lil hinn mis-setgħa diskrezzjonali wiesgħa li huma jgawdu meta jkunu meħtieġa jagħmlu tali evalwazzjonijiet kumplessi ta' natura politika, ekonomika jew soċjali. Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja ċaħdet ukoll l-argumenti tar-Repubblika Ċeka diretti b'mod iktar speċifiku kontra ċerti dispożizzjonijiet tad-Direttiva kkontestata u li dan l-Istat Membru sostna li jmorru kontra l-prinċipji ta' proporzjonalità, ta' ċertezza legali u ta' aspettattivi leġittimi ta' kategoriji ta' proprjetarji jew detenturi ta ' armi potenzjalment suġġetti għal regoli iktar stretti skont id-Direttiva kkontestata u, fl-aħħar nett, ta' nondiskriminazzjoni.

Fir-rigward ta' dan il-prinċipju tal-aħħar, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat b'mod partikolari li d-deroga li minnha tgawdi l-Isvizzera tieħu inkunsiderazzjoni kemm il-kultura u t-tradizzjonijiet ta' dan il-pajjiż kif ukoll il-fatt li, minħabba dawn it-tradizzjonijiet, l-Isvizzera tibbenefika minn esperjenza u minn kapaċità pprovata li tittraċċa u tissorvelja l-persuni u l-armi kkonċernati li jippermettu li jiġi preżunt li, minkejja l-imsemmija deroga, ser jintlaħqu l-għanijiet ta' sigurtà pubblika mfittxija mid-Direttiva kkontestata. Peress li ebda Stat Membru tal-Unjoni Ewropea ma kien jidher li jinsab f'sitwazzjoni komparabbli għal dik tal-Isvizzera, ma kien hemm ebda diskriminazzjoni.

# XIV. Internet u kummerċ elettroniku

Huma diversi s-sentenzi li jistħoqqilhom li jiġu indikati taħt din it-taqsima, fosthom tlieta fil-qasam tal-protezzjoni tad-data personali u waħda fil-qasam tal-kummerċ elettroniku. Barra minn hekk, żewġ sentenzi, *Funke Medien NRW* (C-469/17) u *Spiegel Online* (C-516/17), it-tnejn mogħtija fid-29 ta' Lulju 2019, jikkonċernaw il-protezzjoni tad-drittijiet esklużivi tal-awturi fil-każijiet ta' riproduzzjoni u ta' komunikazzjoni lill-pubbliku tax-xogħlijiet tagħhom fuq l-internet. Dawn l-aħħar sentenzi ġew ippreżentati fit-taqsima XIII.1, "Drittijiet tal-awtur".

## 1. Protezzjoni tad-data personali

Fil-qasam tal-protezzjoni tad-data personali, il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, tat tliet sentenzi partikolarment importanti. Żewġ sentenzi wasslu lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tippreċiża, minn naħa, l-obbligi tal-operatur ta' mutur tat-tfittxija fil-kuntest tat-tneħħija ta' referenza għal data sensittiva u, min-naħa l-oħra, il-portata territorjali tat-tneħħija ta' referenza. It-tielet sentenza tirrigwarda l-kunsens tal-utent ta' sit internet għall-ħażna ta' informazzjoni jew għall-aċċess għal informazzjoni permezz ta' cookies.

Permezz tas-sentenza tal-24 ta' Settembru 2019, ***GC et (Tneħħija ta' referenza għal data sensittiva)*** (C-136/17, EU:C:2019:773), il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, ippreċiżat *l-obbligi tal-operatur ta' mutur ta' tfittxija fil-kuntest ta' talba għat-tneħħija ta' referenza għal data sensittiva*.

Google kienet irrifjutat li tilqa' t-talbiet ta' erba' persuni għat-tneħħija ta' referenza, fil-lista ta' riżultati li tintwera mill-mutur ta' tfittxija wara tfittxija mwettqa abbażi tal-isem rispettiv tagħhom, għal diversi links li jwasslu għal paġni tal-internet ippubblikati minn terzi, b'mod partikolari artikli ta' gazzetti. Wara l-ilmenti ta' dawn l-erba' persuni, il-Commission nationale de l'informatique et des libertés (CNIL) (il-Kummissjoni Nazzjonali tal-Informatika u tal-Libertajiet, Franza) irrifjutat li tintima lil Google sabiex tipproċedi bit-tneħħija ta' referenzi

mitluba. Il-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat, Franza), li ġie adit bil-kawża, talab lill-Qorti tal-Ġustizzja tippreċiża l-obbligi li jaqgħu fuq l-operatur ta' mutur ta' tfittxija fil-kuntest tat-trattament ta' talba għat-tneħħija ta' referenza skont id-Direttiva 95/46 [175].

L-ewwel nett, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li l-ipproċessar ta' data personali li tiżvela l-oriġini razzjali jew etnika, l-opinjonijiet politiċi, it-twemmin reliġjuż jew filosofiku, is-sħubija f'sindakat, kif ukoll l-ipproċessar ta' data dwar is-saħħa u l-ħajja sesswali, huwa pprojbit [176], bla ħsara għal ċerti eċċezzjonijiet u derogi. Fir-rigward tal-ipproċessar ta' data dwar reati, kundanni kriminali jew miżuri ta' sigurtà, bħala prinċipju dan jista' jsir biss taħt il-kontroll tal-awtorità pubblika jew jekk tkun prevista protezzjoni speċifika xierqa mid-dritt nazzjonali [177].

Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-projbizzjoni u r-restrizzjonijiet dwar l-ipproċessar ta' dawn il-kategoriji partikolari ta' data japplikaw għall-operatur ta' mutur ta' tfittxija, bħal kull persuna oħra responsabbli għall-ipproċessar ta' data personali. Fil-fatt, l-iskop ta' dawn il-projbizzjonijiet u restrizzjonijiet huwa li tiġi żgurata protezzjoni msaħħa fil-konfront ta' tali pproċessar li, minħabba s-sensittività partikolari ta' din id-data, ikun jista' jikkostitwixxi ndħil partikolarment serju fid-drittijiet fundamentali għar-rispett tal-ħajja privata u għall-protezzjoni tad-data personali [178].

Madankollu, l-operatur ta' mutur ta' tfittxija ma huwiex responsabbli għall-fatt li d-data personali tinsab fuq paġna tal-internet ippubblikata minn terz, iżda għar-referenza għal din il-paġna. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-projbizzjoni u r-restrizzjonijiet dwar l-ipproċessar ta' data sensittiva ma jistgħux japplikaw għal dan l-operatur ħlief minħabba din ir-referenza u, għalhekk, permezz ta' verifika li titwettaq, taħt il-kontroll tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, abbażi ta' talba mressqa mill-persuna kkonċernata.

It-tieni nett, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li, meta l-operatur ta' mutur ta' tfittxija jirċievi talba għat-tneħħija ta' referenza dwar data sensittiva, bħala prinċipju, huwa jkun obbligat, bla ħsara għal ċerti eċċezzjonijiet, jilqa' din it-talba. Fir-rigward ta' dawn l-eċċezzjonijiet, l-operatur jista' b'mod partikolari jirrifjuta li jilqa' tali talba meta jikkonstata li l-links iwasslu għal data li b'mod ċar tkun saret pubblika mill-persuna kkonċernata [179], bil-kundizzjoni li r-referenza għal tali links tissodisfa l-kundizzjonijiet l-oħra għal-legalità tal-ipproċessar ta' data personali u sakemm din il-persuna ma jkollhiex id-dritt li toġġezzjona għall-imsemmija referenza għal raġunijiet marbuta mas-sitwazzjoni partikolari tagħha [180].

Fi kwalunkwe każ, meta jirċievi talba għat-tneħħija ta' referenza, l-operatur ta' mutur ta' tfittxija għandu jivverifika jekk l-inklużjoni fil-lista ta' riżultati tal-link lejn paġna tal-internet li fuqha tkun ġiet ippubblikata data sensittiva, li tintwera wara tfittxija mwettqa fuq il-bażi tal-isem ta' din il-persuna, tirriżultax li tkun strettament neċessarja sabiex tipproteġi l-libertà tal-informazzjoni tal-utenti tal-internet [181] potenzjalment

**175|** Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 95/46/KE tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward ta' l-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 15, p. 355). Din id-direttiva tħassret, b'effett mill-25 ta' Mejju 2018, permezz tar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU 2016, L 119, p. 1, rettifika fil-ĠU 2018, L 127, p. 2).

**176|** Artikolu 8(1) tad-Direttiva 95/46 u Artikolu 9(1) tar-Regolament 2016/679.

**177|** Artikolu 8(5) tad-Direttiva 95/46 u Artikolu 10 tar-Regolament 2016/679.

**178|** Id-drittijiet għar-rispett tal-ħajja privata u għall-protezzjoni tad-data personali huma ggarantiti fl-Artikoli 7 u 8 tal-Karta.

**179|** Artikolu 8(2)(e) tad-Diretiva 95/46 u Artikol 9(2)(e) tar-Regolament 2016/679.

**180|** Il-punt (a) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 14 tad-Direttiva 95/46 u l-Artikolu 21(1) tar-Regolament 2016/679.

**181|** Id-dritt għal-libertà ta' espressjoni u ta' informazzjoni huwa rrikonoxxut fl-Artikolu 11 tal-Karta.

interessati li jkollhom aċċess għal din il-paġna tal-internet permezz ta' tali tfittxija. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li, għalkemm id-drittijiet għar-rispett tal-ħajja privata u għall-protezzjoni tad-data personali jipprevalu, b'mod ġenerali, fuq il-libertà tal-informazzjoni tal-utenti tal-internet, dan il-bilanċ jista' madankollu jiddependi, f'każijiet partikolari, min-natura tal-informazzjoni inkwistjoni u min-natura sensittiva tagħha għall-ħajja privata tal-persuna kkonċernata, kif ukoll mill-interess tal-pubbliku li jkollu din l-informazzjoni, li jista' jvarja b'mod partikolari skont ir-rwol li jkollha din il-persuna kkonċernata fil-ħajja pubblika.

It-tielet nett, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, fil-kuntest ta' talba għal tneħħija ta' referenza dwar data relatata ma' proċedura ġudizzjarja f'materji kriminali kontra l-persuna kkonċernata, li tkun marbuta ma' stadju preċedenti ta' din il-proċedura u li ma tkunx għadha tikkorrispondi għas-sitwazzjoni attwali, l-operatur ta' mutur ta' tfittxija għandu jevalwa jekk, fid-dawl taċ-ċirkustanzi kollha tal-każ, l-imsemmija persuna jkollhiex dritt li l-informazzjoni inkwistjoni ma tibqax, attwalment, marbuta ma' isimha permezz ta' lista ta' riżultati, li tintwera wara tfittxija mwettqa abbażi ta' dan l-isem. Madankollu, anki jekk dan ma jkunx il-każ minħabba l-fatt li l-inklużjoni tal-link inkwistjoni tkun strettament neċessarja għar-rikonċiljazzjoni tad-drittijiet għar-rispett tal-ħajja privata u għall-protezzjoni tad-data tal-persuna kkonċernata mal-libertà tal-informazzjoni tal-utenti tal-internet li jkunu potenzjalment interessati, l-operatur għandu, l-iktar tard meta ssir it-talba għat-tneħħija ta' referenza, jaġġusta l-lista ta' riżultati b'tali mod li l-istampa globali li tirriżulta għall-utent tal-internet tirrifletti s-sitwazzjoni ġudizzjarja attwali, li hija azzjoni li teħtieġ b'mod partikolari li l-links lejn paġni tal-internet li jinkludu informazzjoni dwar dan is-suġġett jidhru l-ewwel f'din il-lista.

Permezz tas-sentenza tal-24 ta' Settembru 2019, ***Google (Portata territorjali tat-tneħħija ta' referenza)*** (C-507/17, EU:C:2019:772), il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, iddeċidiet li *l-operatur ta' mutur ta' tfittxija għandu, bħala prinċipju, l-obbligu li jwettaq it-tneħħija ta' referenza biss mill-verżjonijiet tal-mutur tiegħu li jikkorrispondu għall-Istati Membri kollha*.

Il-Commission nationale de l'informatique et des libertés (il-Kummissjoni Nazzjonali tal-Informatika u tal-Libertajiet, Franza) (iktar 'il quddiem iċ-"CNIL") intimat lil Google sabiex, meta din il-kumpannija tilqa' talba għat-tneħħija ta' referenza, tneħħi mil-lista ta' riżultati, li tintwera wara tfittxija mwettqa fuq il-bażi tal-isem tal-persuna kkonċernata, links li jwasslu għal paġni internet li jinkludu data personali dwar din tal-aħħar, fuq l-estensjonijiet kollha tal-isem tad-dominju tal-mutur ta' tfittxija tagħha. Wara r-rifjut ta' Google li tikkonforma ruħha ma' din l-ittra ta' intimazzjoni, iċ-CNIL imponiet fil-konfront ta' din il-kumpannija sanzjoni ta' EUR 100 000. Il-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat), adit minn Google, talab lill-Qorti tal-Ġustizzja tippreċiża l-portata territorjali tal-obbligu, għall-operatur ta' mutur tat-tfittxija, li jimplementa d-dritt għat-tneħħija ta' referenza skont id-Direttiva 95/46.

L-ewwel nett, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret il-possibbiltà għall-persuni fiżiċi li jinvokaw, abbażi tad-dritt tal-Unjoni, id-dritt tagħhom għat-tneħħija ta' referenza fil-konfront tal-operatur ta' mutur ta' tfittxija li jkollu stabbiliment wieħed jew iktar fit-territorju tal-Unjoni, indipendentement minn jekk l-ipproċessar ta' data personali (f'dan il-każ, ir-referenza għal links li jwasslu għal paġni internet li fihom ikun hemm data personali dwar il-persuna li tinvoka dan id-dritt) iseħħx jew le fl-Unjoni [182].

Fir-rigward tal-portata tad-dritt għat-tneħħija ta' referenza, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li l-operatur ta' mutur ta' tfittxija ma huwiex obbligat iwettaq it-tneħħija ta' referenza mill-verżjonijiet kollha tal-mutur tiegħu iżda biss mill-verżjonijiet ta' dan il-mutur li jikkorrispondu għall-Istati Membri kollha. Hija osservat f'dan ir-rigward li, għalkemm tneħħija ta' referenza universali tkun, fid-dawl tal-karatteristiċi tal-internet u tal-muturi ta' tfittxija, ta' natura li tilħaq b'mod sħiħ l-għan tal-leġiżlatur tal-Unjoni li jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni

182| Artikolu 4(1)(a) tad-Direttiva 95/46 u Artikolu 3(1) tar-Regolament 2016/679.

tad-data personali fl-Unjoni kollha, mid-dritt tal-Unjoni [183] b'ebda mod ma jirriżulta madankollu li, għall-finijiet tat-twettiq ta' tali għan, il-leġiżlatur għażel li jagħti lid-dritt għat-tneħħija ta' referenza portata li tmur lil hinn mit-territorju tal-Istati Membri. B'mod partikolari, filwaqt li d-dritt tal-Unjoni jistabbilixxi mekkaniżmi ta' kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet ta' sorveljanza tal-Istati Membri sabiex jaslu għal deċiżjoni komuni, ibbażata fuq ibbilanċjar bejn id-dritt għall-protezzjoni tal-ħajja privata u tad-data personali, minn naħa, u l-interess tal-pubbliku tal-Istati Membri differenti li jkollu aċċess għal informazzjoni, min-naħa l-oħra, attwalment tali mekkaniżmi ma humiex previsti f'dak li jirrigwarda l-portata ta' tneħħija ta' referenza barra mill-Unjoni.

Fl-istat attwali tad-dritt tal-Unjoni, huwa l-operatur ta' mutur ta' tfittxija li għandu jwettaq it-tneħħija ta' referenza mitluba, mhux biss mill-verżjoni tal-mutur li tikkorrispondi għall-Istat Membru ta' residenza tal-benefiċjarju ta' din it-tneħħija ta' referenza, iżda mill-verżjonijiet tal-mutur li jikkorrispondu għall-Istati Membri, u dan sabiex, b'mod partikolari, jiġi żgurat livell koerenti u għoli ta' protezzjoni fl-Unjoni kollha. Barra minn hekk, tali operatur għandu jieħu, jekk ikun neċessarju, miżuri suffiċjentement effettivi sabiex jipprekludi jew, tal-inqas, serjament jiskoraġġixxi lill-utenti tal-internet tal-Unjoni milli jkollhom aċċess, jekk ikun il-każ minn verżjoni tal-mutur li tikkorrispondi għal Stat terz, għal-links li jkunu s-suġġett tat-tneħħija ta' referenza, u hija l-qorti nazzjonali li għandha tivverifika jekk il-miżuri adottati mill-operatur jissodisfawx dan ir-rekwiżit.

Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li, għalkemm id-dritt tal-Unjoni ma jobbligax lill-operatur ta' mutur ta' tfittxija jneħħi referenza mill-verżjonijiet kollha tal-mutur tiegħu, huwa lanqas ma jipprojbixxi dan. Għaldaqstant, awtorità ta' sorveljanza jew awtorità ġudizzjarja ta' Stat Membru tibqa' kompetenti sabiex twettaq, fid-dawl tal-istandards nazzjonali ta' protezzjoni tad-drittijiet fundamentali, ibbilanċjar, minn naħa, bejn id-dritt tal-persuna kkonċernata għar-rispett tal-ħajja privata tagħha u għall-protezzjoni tad-data personali li tirrigwardaha, u, min-naħa l-oħra, id-dritt għal-libertà ta' informazzjoni, u sabiex tordna, fi tmiem dan l-ibbilanċjar, jekk ikun il-każ, lill-operatur ta' dan il-mutur ta' tfittxija jwettaq tneħħija ta' referenza mill-verżjonijiet kollha tal-imsemmi mutur.

Permezz tas-sentenza tal-1 ta' Ottubru 2019, ***Planet49*** (C-673/17, EU:C:2019:801), il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, iddeċidiet li l-kunsens għall-ħażna ta' informazzjoni jew għall-aċċess, permezz ta' cookies, għal informazzjoni diġà maħżuna fit-tagħmir terminali tal-utent ta' sit internet ma jingħatax b'mod validu meta l-awtorizzazzjoni tirriżulta minn kaxxa tal-immarkar immarkata minn qabel, u dan indipendentement minn jekk l-informazzjoni inkwistjoni tikkostitwixxix jew le data personali. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja speċifikat li *l-fornitur ta' servizzi għandu jindika lill-utent ta' sit internet it-tul ta' funzjonament tal-cookies kif ukoll jekk ikunx possibbli jew le li terzi jkollhom aċċess għal dawn il-cookies*.

It-tilwima fil-kawża prinċipali kienet tirrigwarda l-organizzazzjoni ta' lotterija promozzjonali minn Planet49 fuq is-sit internet www.dein-macbook.de. Sabiex jipparteċipaw, l-utenti tal-internet kellhom jikkomunikaw isimhom u l-indirizz tagħhom fuq paġna internet fejn kienu jinsabu kaxxi tal-immarkar. Il-kaxxa tal-immarkar li kienet tawtorizza l-installazzjoni tal-cookies kienet immarkata minn qabel. Adita b'rikors mill-federazzjoni Ġermaniża tal-assoċjazzjonijiet ta' konsumaturi, il-Bundesgerichtshof (il-Qorti Federali tal-Ġustizzja, il-Ġermanja) kellha dubji rigward il-validità tal-ksib tal-kunsens tal-utenti permezz tal-kaxxa tal-immarkar immarkata minn qabel kif ukoll dwar il-portata tal-obbligu ta' informazzjoni impost fuq il-fornitur ta' servizz.

**183|** Artikolu 12(b) u l-punt (a) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 14 tad-Direttiva 95/45, u l-Artikolu 17(1) tar-Regolament 2016/679.

It-talba għal deċiżjoni preliminari kienet tirrigwarda essenzjalment l-interpretazzjoni tal-kunċett ta' kunsens previst mid-Direttiva dwar il-ħajja privata u l-komunikazzjonijiet elettroniċi [184], moqrija flimkien mad-Direttiva 95/46 [185], kif ukoll mar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data [186].

L-ewwel nett, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li l-Artikolu 2(h) tad-Direttiva 95/46, li jirreferi għalih l-Artikolu 2(f) tad-Direttiva dwar il-ħajja privata u l-komunikazzjonijiet elettroniċi, jiddefinixxi l-kunsens bħala "indikazzjoni speċifika u infurmata tax-xewqa tiegħu mogħtija liberament li biha s-suġġett tad-data jaqbel li jsir l-ipproċessar ta' data personali dwaru". Hija ossevat li r-rekwiżit ta' "indikazzjoni" tax-xewqa tas-suġġett tad-data jevoka b'mod ċar aġir attiv u mhux passiv. Issa, kunsens mogħti permezz ta' kaxxa tal-immarkar immarkata minn qabel ma jimplikax aġir attiv min-naħa tal-utent ta' sit internet. Barra minn hekk, l-oriġini tal-Artikolu 5(3) tad-Direttiva dwar il-ħajja privata u l-komunikazzjonijiet elettroniċi, li mill-emenda tiegħu permezz tad-Direttiva 2009/136 jipprevedi li l-utenti għandhom ikunu "taw il-kunsens tagħhom" għat-tqegħid ta' cookies, tindika li l-kunsens tal-utent ma setax minn dak il-ħin 'il quddiem jibqa' jiġi preżunt u kellu jirriżulta minn aġir attiv ta' dan tal-aħħar. Fl-aħħar nett, kunsens attiv huwa issa previst mir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data [187], li l-punt 11 tal-Artikolu 4 tiegħu jeżiġi indikazzjoni tax-xewqa li tieħu l-forma, b'mod partikolari, ta' "azzjoni affermattiva ċara" u li l-premessa 32 tiegħu teskludi b'mod espliċitu li jkun hemm kunsens "[fil-każ ta'] silenzju, kaxxi mmarkati minn qabel jew in-nuqqas ta' attività".

Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-kunsens ma jingħatax b'mod validu meta l-ħażna ta' informazzjoni jew l-aċċess għal informazzjoni diġà maħżuna fit-tagħmir terminali tal-utent ta' sit internet jiġu awtorizzati permezz ta' kaxxa tal-immarkar immarkata minn qabel, li l-utent ikollu jneħħi l-marka minnha sabiex jirrifjuta li jagħti l-kunsens tiegħu. Hija żiedet li l-fatt li tali utent jattiva l-buttuna ta' parteċipazzjoni fil-lotterija promozzjonali inkwistjoni ma jistax ikun biżżejjed sabiex jitqies li huwa jkun ta b'mod validu l-kunsens tiegħu għat-tqegħid ta' cookies.

It-tieni nett, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li l-Artikolu 5(3) tad-Direttiva dwar il-ħajja privata u l-komunikazzjonijiet elettroniċi huwa intiż li jipproteġi lill-utent minn kull indħil fil-ħajja privata tiegħu, irrispettivament minn jekk dan l-indħil jinvolvix data personali jew le. Minn dan jirriżulta li l-kunċett ta' kunsens ma għandux jiġi interpretat b'mod differenti skont jekk l-informazzjoni maħżuna jew ikkonsultata fit-tagħmir terminali tal-utent ta' sit internet tikkostitwixxix data personali jew le.

It-tielet nett, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li din l-istess dispożizzjoni teżiġi li l-utent ikun ta l-kunsens tiegħu, wara li jkun irċieva informazzjoni ċara u kompleta, b'mod partikolari dwar l-għan tal-ipproċessar. Issa, informazzjoni ċara u kompleta għandha tippermetti lill-utent jiddetermina faċilment il-konsegwenzi tal-kunsens li huwa jista' jagħti u għandha tiggarantixxi li dan il-kunsens jingħata b'għarfien sħiħ tal-fatti. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li t-tul ta' funzjonament tal-cookies kif ukoll il-kwistjoni ta' jekk huwiex possibbli jew le li terzi jkollhom aċċess għal dawn il-cookies jagħmlu parti mill-informazzjoni ċara u kompleta li għandha tingħata lill-utent ta' sit internet mill-fornitur ta' servizzi.

## 2. Kummerċ elettroniku

184| Artikoli 2(f) u 5(3) tad-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-ipproċessar tad-data personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika (Direttiva dwar il-privatezza u l-komunikazzjoni elettronika) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 29, p. 514), kif emendata bid-Direttiva 2009/136/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 (ĠU 2009, L 337, p. 11, rettifika fil-ĠU 2013, L 241 p. 9).

185| Artikolu 2(h).

186| Artikolu 6(1)(a) tar-Regolament 2016/679.

187| Artikolu 6(1)(a) tar-Regolament 2016/679.

Permezz tas-sentenza tagħha tad-19 ta' Diċembru 2019, ***Airbnb Ireland*** (C-390/18, EU:C:2019:1112), l-Awla Manja tal-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, minn naħa, li *servizz ta' intermedjazzjoni li jkollu l-għan li jqiegħed f'kuntatt, permezz ta' pjattaforma elettronika u bi ħlas, kerrejja potenzjali ma' sidien il-kera professjonisti jew mhux professjonisti li jipproponu servizzi ta' akkomodazzjoni għal żmien qasir, filwaqt li jipprovdu wkoll ċertu numru ta' servizzi anċillari għal dan is-servizz ta' intermedjazzjoni, għandu jiġi kklassifikat bħala "servizz tas-soċjetà tal-informazzjoni" li jaqa' taħt id-Direttiva 2000/31 dwar il-kummerċ elettroniku* [188]. Min-naħa l-oħra, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li individwu jista' joġġezzjona għall-applikazzjoni fil-konfront tiegħu, fil-kuntest ta' proċeduri kriminali b'kostituzzjoni ta' parti ċivili, ta' miżuri ta' Stat Membru li jillimitaw il-libertà li jiġi pprovdut tali servizz, li huwa jipprovdi minn Stat Membru ieħor, meta l-imsemmija miżuri ma jkunux ġew ikkomunikati konformement mat-tieni inċiż tal-Artikolu 3(4)(b) tal-istess direttiva.

It-tilwima fil-kawża prinċipali kienet taqa' fil-kuntest ta' proċeduri kriminali mibdija fi Franza, wara lment b'kostituzzjoni ta' parti ċivili ppreżentat kontra Airbnb Ireland mill-Association pour un hébergement et un tourisme professionnels. Airbnb Ireland hija kumpannija Irlandiża li tamministra pjattaforma elettronika li, permezz tal-ħlas ta' kummissjoni, tippermetti t-tqegħid f'kuntatt, b'mod partikolari fi Franza, ta' sidien il-kera professjonisti kif ukoll individwi li jipproponu servizzi ta' akkomodazzjoni għal żmien qasir u persuni li jkunu qegħdin ifittxu dan it-tip ta' akkomodazzjoni. Barra minn hekk, Airbnb Ireland tipproponi lill-imsemmija sidien il-kera servizzi anċillari, bħal struttura li tiddefinixxi l-kontenut tal-offerta tagħhom, assigurazzjoni għar-responsabbiltà ċivili, għodda li tagħti stima tal-prezz tal-kirja tagħhom jew anki servizzi ta' ħlas relatati ma' dawn is-servizzi.

L-assoċjazzjoni li ressqet l-ilment kontra Airbnb Ireland kienet qiegħda ssostni li din il-kumpannija mhux biss kienet tqiegħed f'kuntatt żewġ partijiet bis-saħħa tal-pjattaforma bl-istess isem, iżda kienet qed teżerċita attività ta' aġent immobiljari mingħajr liċenzja professjonali, u għaldaqstant kienet qegħda tikser il-liġi msejħa Hoguet, li tapplika fi Franza għall-attivitajiet tal-professjonisti immobiljari. Min-naħa tagħha, Airbnb Ireland sostniet li, fi kwalunkwe każ, id-Direttiva 2000/31 kienet tipprekludi din il-leġiżlazzjoni.

Mistoqsija, fl-ewwel lok, dwar il-klassifikazzjoni tas-servizz ta' intermedjazzjoni pprovdut minn Airbnb Ireland, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret, filwaqt li rreferiet għas-sentenza *Asociación Profesional Elite Taxi* [189], li, jekk servizz ta' intermedjazzjoni jissodisfa l-kundizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 1(1)(b) tad-Direttiva 2015/1535 [190], li għalih jirreferi l-Artikolu 2(a) tad-Direttiva 2000/31, jiġifieri jkun ipprovdut bi ħlas, mill-bogħod, b'mezzi elettroniċi u fuq it-talba individwali ta' destinatarju ta' servizzi, tali servizz bħala prinċipju jikkostitwixxi "servizz tas-soċjetà tal-informazzjoni", distint mis-servizz sussegwenti li miegħu huwa jkun relatat. Madankollu, dan ma jkunx japplika jekk jidher li dan is-servizz ta' intermedjazzjoni jkun jagħmel parti integrali minn servizz globali li l-element prinċipali tiegħu jkun servizz li jaqa' taħt klassifikazzjoni legali oħra.

Fil-każ ineżami, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li servizz ta' intermedjazzjoni bħal dak ipprovdut minn Airbnb Ireland kien jissodisfa dawn il-kundizzjonijiet mingħajr ma n-natura tar-rabtiet li jeżistu bejn is-servizz ta' intermedjazzjoni u s-servizzi ta' akkomodazzjoni tiġġustifika li titwarrab il-klassifikazzjoni ta' "servizz tas-soċjetà tal-informazzjoni" tal-imsemmi servizz ta' intermedjazzjoni u, għaldaqstant, l-applikazzjoni tad-Direttiva 2000/31 għalih.

188| Direttiva 2000/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2000 dwar ċerti aspetti legali tas-servizzi minn soċjetà ta' l-informazzjoni, partikolarment il-kummerċ elettroniku, fis-Suq Intern (Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 25, p. 399).

189| Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-20 ta' Diċembru 2017, ***Asociación Profesional Elite Taxi*** (C-434/15, EU:C:2017:981, punt 40).

190| Direttiva (UE) 2015/1535 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Settembru 2015 li tistabbilixxi proċedura għall-għoti ta' informazzjoni fil-qasam tar-regolamenti tekniċi u tar-regoli dwar is-servizzi tas-Soċjetà tal-Informatika (ĠU 2015, L 241, p. 1).

Sabiex tenfasizza n-natura separabbli li għandu dan is-servizz ta' intermedjazzjoni fil-konfront tas-servizzi ta' akkomodazzjoni li magħhom kien relatat, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat, l-ewwel nett, li dan is-servizz ma kienx intiż biss għat-twettiq immedjat ta' tali servizzi, iżda essenzjalment kien jikkonsisti fil-provvista ta' strument ta' preżentazzjoni u ta' tfittxija tal-postijiet għall-kera, li jiffaċilita l-konklużjoni ta' kuntratti futuri ta' kiri. Għaldaqstant, dan it-tip ta' servizz ma setax jitqies li jikkostitwixxi sempliċi servizz anċillari għal servizz globali ta' akkomodazzjoni. It-tieni nett, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li servizz ta' intermedjazzjoni bħal dak ipprovdut minn Airbnb Ireland b'ebda mod ma huwa indispensabbli għat-twettiq tas-servizzi ta' akkomodazzjoni, peress li l-kerrejja u sidien il-kera għandhom diversi għażliet oħra għal dan il-għan, li wħud minnhom ilhom jeżistu għal żmien twil. It-tielet u l-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li ebda element fil-proċess ma kien jindika li Airbnb tiffissa jew tillimita l-ammont tal-kera mitlub minn sidien il-kera li jużaw il-pjattaforma tagħha.

Il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat ukoll li s-servizzi l-oħra proposti minn Airbnb Ireland ma kinux jippermettu li tiddaħħal inkwistjoni din il-konstatazzjoni, peress li dawn id-diversi servizzi huma sempliċement anċillari għas-servizz ta' intermedjazzjoni pprovdut minn din il-kumpannija. Barra minn hekk, hija indikat li, b'differenza mis-servizzi ta' intermedjazzjoni inkwistjoni fis-sentenzi *Asociación Profesional Elite Taxi u Uber France* [191], la dan is-servizz ta' intermedjazzjoni u lanqas is-servizzi anċillari proposti minn Airbnb Ireland ma kienu jippermettu li tiġi stabbilita l-eżistenza ta' influwenza deċiżiva eżerċitata minn din il-kumpannija fuq is-servizzi ta' akkomodazzjoni li magħhom hija relatata l-attività tagħha, la għal dak li jirrigwarda d-determinazzjoni tal-prezzijiet tal-kera mitluba u lanqas għal dak li jirrigwarda l-għażla ta' sidien il-kera jew tal-postijiet proposti għall-kera fil-pjattaforma tagħha.

Fit-tieni lok, il-Qorti tal-Ġustizzja eżaminat jekk Airbnb Ireland setgħetx toġġezzjona, fil-kawża prinċipali, għall-applikazzjoni fil-konfront tagħha ta' liġi li tillimita l-libertà li jiġu pprovduti s-servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni pprovduti minn operatur minn Stat Membru ieħor, bħal-Liġi Hoguet, minħabba li din il-liġi ma kinitx ġiet ikkomunikata minn Franza, konformement mat-tieni inċiż tal-Artikolu 3(4)(b) tad-Direttiva 2000/31. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li l-fatt li l-imsemmija liġi kienet tippreċedi d-dħul fis-seħħ tad-Direttiva 2000/31 ma jistax jirriżulta fil-ħelsien tar-Repubblika Franċiża mill-obbligu ta' komunikazzjoni tagħha. Barra minn hekk, filwaqt li ispirat ruħha mir-raġunament segwit fis-sentenza *CIA Security International* [192], hija qieset li l-imsemmi obbligu, li jikkostitwixxi rekwiżit proċedurali ta' natura sostantiva, kellu jingħata effett dirett. Minn dan hija ddeduċiet li n-nuqqas ta' osservanza, minn Stat Membru, tal-obbligu tiegħu li jikkomunika tali miżura jista' jiġi invokat minn individwu fil-kuntest mhux biss ta' proċeduri kriminali mressqa kontrih iżda wkoll fil-kuntest ta' talba għal kumpens imressqa minn individwu ieħor li jkun intervjena bħala parti ċivili.

# XV. Politika soċjali

Fil-qasam tal-politika soċjali, għandhom jiġu indikati diversi sentenzi. Dawn jikkonċernaw kemm-il prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament fil-qasam tal-impjieg u tas-sigurtà soċjali kif ukoll l-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol, id-dritt għal-leave annwali mħallas jew il-protezzjoni tal-ħaddiema fil-każ ta' insolvenza tal-persuna li timpjega.

**191|** Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-10 ta' April 2018, ***Uber France*** (C-320/16, EU:C:2018:221).

**192|** Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-30 ta' April 1996, ***CIA Security International*** (C-194/94, EU:C:1996:172).

## 1. Ugwaljanza fit-trattament fil-qasam tal-impjieg u tas-sigurtà soċjali

Erba' sentenzi, li jittrattaw, b'mod jew ieħor, differenzi fit-trattament ibbażati fuq is-sess jew l-orjentament sesswali, kif ukoll fuq ir-reliġjon, jistħoqqilhom li jiġu indikati. F'sentenza oħra, il-ħames waħda, tal-5 ta' Novembru 2019, mogħtija fil-kawża ***Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Indipendenza tal-qrati ordinarji)*** (C-192/18, EU:C:2019:924), il-Qorti tal-Ġustizzja laqgħet ir-rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu ppreżentat mill-Kummissjoni kontra r-Repubblika tal-Polonja u kkonstatat li dan l-Istat Membru kien naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt id-dritt tal-Unjoni, minn naħa, bl-introduzzjoni ta' età ta' rtirar differenti għan-nisa u għall-irġiel membri tal-ġudikatura Pollakka u, min-naħa l-oħra, billi naqqas l-età ta' rtirar tal-imħallfin tal-qrati ordinarji, filwaqt li ta s-setgħa lill-Ministru għall-Ġustizzja li jestendi l-perijodu ta' attività ta' dawn l-imħallfin [193].

Fis-sentenza tagħha ***E.B.*** (C-258/17, EU:C:2019:17), mogħtija fil-15 ta' Jannar 2019, l-Awla Manja tal-Qorti tal-Ġustizzja tat deċiżjoni *dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva 2000/78* [194] *(iktar 'il quddiem id-"Direttiva li tipprojbixxi d-diskriminazzoni") fil-konfront ta' deċiżjoni dixxiplinari adottata fl-1975, li ordnat l-irtirar kmieni obbligatorju ta' uffiċjal tas-servizz pubbliku, flimkien ma' tnaqqis ta' 25 % tal-ammont tal-pensjoni tiegħu*. Din is-sanzjoni dixxiplinari kienet ġiet imposta fuq uffiċjal tal-pulizija Awstrijak li wettaq ir-reat ta' attentat ta' reat ta' indeċenza ta' natura omosesswali ma' żgħażagħ. Fl-2009, l-individwu kkonċernat ippreżenta mal-awtorità tal-pensjonijiet talbiet intiżi, b'mod partikolari, għall-kontestazzjoni tal-effetti legali tal-imsemmija deċiżjoni dixxiplinari. Adita b'din il-kawża, il-qorti tar-rinviju kkonstatat li d-deċiżjoni dixxiplinari kkontestata kienet ibbażata fuq differenza fit-trattament ibbażata fuq l-orjentament sesswali, sa fejn is-sanzjoni prevista mil-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli meta seħħew il-fatti kienet tkun kunsiderevolment inqas severa fl-assenza tan-natura omosesswali maskili tal-attentat ta' reat ta' indeċenza ssanzjonat. B'hekk, hija ddeċidiet li tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar l-applikabbiltà tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva li tipprojbixxi d-diskriminazzjoni f'kawża bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali u dwar l-obbligi li jaqgħu, jekk ikun il-każ, fuq il-qorti nazzjonali bis-saħħa ta' din id-direttiva.

Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, l-ewwel nett, li sitwazzjoni bħal dik maħluqa bl-irtirar obbligatorju kmieni tal-ex uffiċjal tal-pulizija tidħol fil-kamp ta' applikazzjoni *ratione materiae* tad-Direttiva li tipprojbixxi d-diskriminazzjoni, sakemm il-pensjoni tal-irtirar imħallsa lil dan l-ex uffiċjal taqa' taħt il-kunċett ta' "paga", fis-sens tal-Artikolu 157 TFUE. Għaldaqstant, kienet il-qorti tar-rinviju li kellha tivverifika jekk din il-pensjoni tal-irtirar kellhiex titqies, fid-dritt nazzjonali, li hija paga li tkompli titħallas fil-kuntest ta' relazzjoni ta' servizz li tkompli wara li l-uffiċjal ikkonċernat jibda jingħata l-benefiċċji tal-irtirar.

Fir-rigward tal-applikabbiltà *ratione temporis* tad-Direttiva li tipprojbixxi d-diskriminazzjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret, it-tieni nett, li dispożizzjoni legali ġdida ma tapplikax għas-sitwazzjonijiet legali li jkunu nħolqu u li jkunu saru definittivi taħt il-liġi preċedenti, iżda biss għall-effetti futuri tagħhom, kif ukoll għas-sitwazzjonijiet legali ġodda. Minn dan isegwi li s-sanzjoni dixxiplinari li kkonsistiet f'li l-uffiċjal tal-pulizija jirtira kmieni b'mod obbligatorju, li hija bbażata fuq differenza fit-trattament ibbażata fuq l-orjentament sesswali u twassal għal diskriminazzjoni diretta fis-sens tal-Artikolu 2(2)(a) tad-Direttiva li tipprojbixxi d-diskriminazzjoni, ma għadhiex tista' tiġi kkontestata abbażi ta' din id-direttiva peress li saret definittiva qabel l-iskadenza tat-terminu għat-traspożizzjoni tagħha u eżawriet l-effetti kollha tagħha meta daħlet fis-seħħ. L-applikazzjoni tad-Direttiva li tipprojbixxi d-diskriminazzjoni sa mid-data tal-iskadenza tat-terminu għat-traspożizzjoni tagħha timponi, għall-kuntrarju, l-obbligu fuq il-qorti nazzjonali li teżamina mill-ġdid, għall-perijodu li jibda f'din id-data,

193| Din is-sentenza hija ppreżentata fit-Taqsima I.1, "Dritt ta' aċċess għal qorti imparzjali u għal smigħ xieraq".

194| Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE tas 27 ta' Novembru 2000 li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 4, p. 79).

is-sanzjoni diskriminatorja li tikkonsisti fit-tnaqqis ta' 25 % tal-ammont tal-pensjoni mħallsa perjodikament lill-ex uffiċjal, sabiex tiddetermina l-ammont li huwa kien jirċievi fl-assenza ta' kwalunkwe diskriminazzjoni bbażata fuq l-orjentament sesswali.

Fis-sentenza ***Cresco Investigation*** (C-193/17, EU:C:2019:43), mogħtija fit-22 ta' Jannar 2019, l-Awla Manja tal-Qorti tal-Ġustizzja *ddeċidiet li l-leġiżlazzjoni Awstrijaka li tagħti btala pubblika mħallsa fil-Ġimgħa l-Kbira kif ukoll, fil-każ ta' xogħol dakinhar, "kumpens għal btala pubblika" biss lill-ħaddiema li jappartjenu għal ċerti knejjes Kristjani, kienet inkompatibbli mal-Artikolu 21 tal-Karta, li jista' jiġi invokat fil-kuntest ta' tilwim bejn individwi, kif ukoll mad-Direttiva li tipprojbixxi d-diskriminazzjoni*.

Il-kawża prinċipali kienet bejn aġenzija ta' investigazzjoni privata u wieħed mill-impjegati tagħha li kien ħadem fil-Ġimgħa l-Kbira mingħajr ma rċieva "kumpens għal btala pubblika", peress li, skont id-dritt nazzjonali, dan il-kumpens kien irriżervat biss għall-membri ta' ċerti knejjes. Billi qies li kien vittma ta' diskriminazzjoni bbażata fuq ir-reliġjon, il-ħaddiem impjegat talab il-ħlas, mill-persuna li timpjegah, ta' tali kumpens. Adita b'din il-kawża, il-qorti tar-rinviju ddeċidiet li tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-kompatibbiltà tal-leġiżlazzjoni Awstrijaka mal-Artikolu 21 tal-Karta kif ukoll mad-Direttiva li tipprojbixxi d-diskriminazzjoni.

Fl-ewwel lok, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li din il-leġiżlazzjoni kienet tistabbilixxi diskriminazzjoni diretta minħabba r-reliġjon, fis-sens tal-Artikolu 2(2)(a) tad-Direttiva li tipprojbixxi d-diskriminazzjoni. Fil-fatt, id-differenza fit-trattament stabbilita mil-leġiżlazzjoni nazzjonali kienet ibbażata direttament fuq ir-reliġjon tal-ħaddiema. Barra minn hekk, hija kienet tikkonċerna kategoriji ta' ħaddiema li kienu jinsabu f'sitwazzjonijiet komparabbli. Fil-fatt, kemm l-għoti ta' btala pubblika mħallsa fil-Ġimgħa l-Kbira kif ukoll l-għoti ta' kumpens għal btala pubblika għall-ħaddiema membri ta' waħda mill-knejjes imsemmija kienu jiddependu biss mill-appartenenza formali ta' dawn il-ħaddiema għal din il-knisja. Għalhekk, minn naħa, tali ħaddiema setgħu jagħmlu użu kif jixtiequ huma, pereżempju għal finijiet ta' mistrieħ jew ta' rikreazzjoni, minn din il-btala pubblika filwaqt li l-ħaddiema l-oħra li kienu jixtiequ jkollhom perijodu ta' mistrieħ jew ta' rikreazzjoni fil-Ġimgħa l-Kbira ma kinux jibbenefikaw minn btala pubblika korrispondenti. Min-naħa l-oħra, il-ħaddiema li jappartjenu għall-knejjes ikkonċernati kellhom dritt għal kumpens għal btala pubblika anki kieku ħadmu fil-Ġimgħa l-Kbira mingħajr ma ħassew l-obbligu jew il-bżonn li jiċċelebraw din il-festa reliġjuża. Is-sitwazzjoni tagħhom ma kinitx differenti, f'dan ir-rigward, minn dik tal-ħaddiema l-oħra li ħadmu f'dan l-istess jum mingħajr ma bbenefikaw minn tali kumpens.

Fit-tieni lok, il-Qorti tal-Ġustizzja, filwaqt li nnotat li l-għan tal-leġiżlazzjoni Awstrijaka inkwistjoni, jiġifieri li tittieħed inkunsiderazzjoni l-importanza partikolari tal-Ġimgħa l-Kbira għall-membri tal-knejjes ikkonċernati, jaqa' taħt il-protezzjoni tal-libertà ta' reliġjon, eskludiet li d-diskriminazzjoni diretta li hija tistabbilixxi setgħet tiġi ġġustifikata fuq il-bażi tal-Artikolu 2(5) tad-Direttiva li tipprojbixxi d-diskriminazzjoni jew tal-Artikolu 7(1) tal-imsemmija direttiva. Fil-fatt, fid-dritt Awstrijak, il-possibbiltà għall-ħaddiema li ma jappartjenux għall-knejjes Kristjani msemmija mil-leġiżlazzjoni inkwistjoni li jiċċelebraw festa reliġjuża li ma tikkoinċidix ma' btala pubblika tittieħed inkunsiderazzjoni mhux permezz tal-għoti ta' btala pubblika supplimentari, iżda permezz ta' dmir ta' premura min-naħa tal-persuni li jimpjegaw fir-rigward tal-impjegati tagħhom, li jippermetti lil dawn tal-aħħar jiksbu, jekk ikun il-każ, id-dritt li jkunu assenti mix-xogħol tagħhom għall-perijodu neċessarju sabiex iwettqu ċerti riti reliġjużi. Minn dan jirriżulta li l-leġiżlazzjoni inkwistjoni ma kinitx neċessarja għall-protezzjoni tal-libertà ta' reliġjon, fis-sens tal-Artikolu 2(5) ta' din id-direttiva. Għal din l-istess raġuni, din il-leġiżlazzjoni lanqas ma setgħet titqies li tinkludi miżuri speċifiċi intiżi li jikkumpensaw, b'osservanza tal-prinċipju ta' proporzjonalità u, sa fejn huwa possibbli, tal-prinċipju ta' ugwaljanza, żvantaġġ fl-eżerċizzju tal-ħajja professjonali tal-ħaddiema kkonċernati fis-sens tal-Artikolu 7(1) tad-Direttiva li tipprojbixxi d-diskriminazzjoni.

Fir-rigward tal-implimentazzjoni, fil-kawża prinċipali, tal-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni minħabba r-reliġjon li tirriżulta mid-dritt tal-Unjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat li d-Direttiva li tipprojbixxi d-diskriminazzjoni ma setgħetx tiġi invokata f'tilwima bejn individwi sabiex titwarrab il-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru meta, bħal

f'dan il-każ, din ma tkunx tista' tiġi interpretata b'mod konformi ma' din id-direttiva. Madankollu, id-Direttiva li tipprojbixxi d-diskriminazzjoni ma tistabbilixxix hija stess il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament fil-qasam tal-impjieg u tax-xogħol, li joriġina minn diversi strumenti internazzjonali u mit-tradizzjonijiet kostituzzjonali komuni għall-Istati Membri. Barra minn hekk, il-projbizzjoni ta' kull diskriminazzjoni bbażata fuq ir-reliġjon jew it-twemmin hija ta' natura imperattiva bħala prinċipju ġenerali tad-dritt tal-Unjoni u hija stabbilita fl-Artikolu 21(1) tal-Karta.

Għaldaqstant, din il-projbizzjoni kienet suffiċjenti fiha nfisha sabiex tagħti lill-individwi dritt invokabbli bħala tali f'tilwima kontra individwu ieħor f'qasam kopert mid-dritt tal-Unjoni. Il-qorti nazzjonali kienet għalhekk marbuta li tiżgura l-protezzjoni legali li tirriżulta minn dan l-artikolu sabiex tiggarantixxi l-effett utli sħiħ tiegħu. Hija kienet obbligata twarrab kull dispożizzjoni nazzjonali diskriminatorja, mingħajr ma jkollha għalfejn titlob jew tistenna t-tħassir minn qabel tagħha mil-leġiżlatur.

Għalhekk, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li, sakemm miżuri li jerġgħu jistabbilixxu l-ugwaljanza fit-trattament ma jkunux ġew adottati mil-leġiżlatur Awstrijak, il-persuni li jimpjegaw għandhom, skont l-Artikolu 21 tal-Karta, jiżguraw lill-ħaddiema li ma jappartjenux għal waħda mill-knejjes imsemmija fid-dispożizzjonijiet nazzjonali inkwistjoni trattament identiku għal dak li dawn id-dispożizzjonijiet jirriżervaw għall-ħaddiema li huma membri ta' waħda minn dawn il-knejjes.

Fis-sentenza tagħha ***Hakelbracht et*** (C-404/18, EU:C:2019:523), mogħtija fl-20 ta' Ġunju 2019, il-Qorti tal-Ġustizzja tat deċiżjoni dwar il-*portata tal-protezzjoni prevista fl-Artikolu 24 tad-Direttiva 2006/54* [195] *(iktar 'il quddiem id-"Direttiva dwar l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa") kontra r-ritaljazzjoni fuq ħaddiema żvantaġġati mill-persuna li timpjegahom minħabba l-appoġġ li jkunu taw lil persuna li kienet is-suġġett ta' diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess, u b'mod partikolari dwar il-possibbiltà għal Stat Membru li jillimita l-imsemmija protezzjoni għax-xhieda uffiċjali biss*.

Din is-sentenza ngħatat fil-kuntest ta' tilwima bejn, b'mod partikolari, ħaddiema u l-persuna li kienet timpjegaha sabiex tikseb kumpens bħala konsegwenza tat-tkeċċija tagħha disa' xhur wara li kienet oġġezzjonat għar-rifjut min-naħa tal-persuna li timpjegaha li tirrekluta kandidata xierqa għal pożizzjoni vakanti minħabba t-tqala tagħha. Il-ħaddiema kienet ġiet akkużata li kienet il-kawża tal-ilment imressaq mill-imsemmija kandidata quddiem l-Institut pour l'égalité des femmes et des hommes (l-Istitut għall-Ugwaljanza bejn in-Nisa u l-Irġiel, il-Belġju), sa fejn hija kienet informat lill-persuna kkonċernata li l-kandidatura tagħha ma kinitx intgħażlet minħabba t-tqala tagħha.

Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikolu 24 tad-Direttiva dwar l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li permezz tagħha, f'sitwazzjoni fejn persuna li tqis li hija vittma ta' diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess tkun ippreżentat ilment, ħaddiem li jkun appoġġjaha f'dan il-kuntest jiġi protett kontra miżuri ta' ritaljazzjoni meħuda mill-persuna li timpjega biss jekk dan ikun aġixxa bħala xhud fl-investigazzjoni ta' dan l-ilment u jekk ix-xhieda tiegħu tkun tissodisfa r-rekwiżiti formali previsti mill-imsemmija leġiżlazzjoni.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja, l-ewwel nett, osservat li l-kategorija ta' ħaddiema li jistgħu jibbenefikaw mill-protezzjoni prevista mill-imsemmija dispożizzjoni għandha tinftiehem b'mod wiesa', peress li l-formulazzjoni ta' din id-dispożizzjoni ma tillimitax il-protezzjoni biss għall-ħaddiema li jkunu ressqu lment jew għar-rappreżentanti tagħhom u lanqas għal dawk li jkunu josservaw ċerti rekwiżiti formali li għalihom ikun suġġett ir-rikonoxximent ta' ċertu status, bħal dak ta' xhud.

195| Direttiva 2006/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' opportunitajiet indaqs u ta' trattament ugwali ta' l-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' impjiegi u xogħol (ĠU 2006, L 204, p. 23).

It-tieni nett, fid-dawl tal-għan tad-Direttiva dwar l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li l-proċeduri ġudizzjarji jew amministrattivi adegwati sabiex jiġu osservati l-obbligi previsti minn din id-direttiva għandhom, skont l-Artikolu 17 tal-imsemmija direttiva, ikunu aċċessibbli għall-persuni kollha li jqisu ruħhom leżi min-nuqqas ta' applikazzjoni tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament fil-konfront tagħhom. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, din l-aħħar dispożizzjoni tikkostitwixxi espressjoni speċifika tal-prinċipju ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva, affermat mill-ġdid fl-Artikolu 47 tal-Karta.

Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li l-effettività tal-protezzjoni meħtieġa mid-Direttiva dwar l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa kontra d-diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess ma tiġix żgurata jekk din il-protezzjoni ma tkoprix il-miżuri li persuna li timpjega tkun tista' tieħu kontra ħaddiema li, b'mod formali jew informali, ikunu ddefendew il-persuna protetta jew ikunu xehdu favuriha. Fil-fatt, dawn il-ħaddiema jistgħu għalhekk jiġu skoraġġuti milli jintervjenu għall-benefiċċju tal-imsemmija persuna billi jibżgħu li jiġu mċaħħda mill-protezzjoni jekk ma jissodisfawx ċerti rekwiżiti formali, u dan jista' jimmina serjament il-kisba tal-għan imfittex mid-Direttiva dwar l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa billi titnaqqas il-probabbiltà li każijiet ta' diskriminazzjoni bbażati fuq is-sess jiġu identifikati u solvuti.

Fis-sentenza ***Safeway*** (C-171/18, EU:C:2019:839), mogħtija fis-7 ta' Ottubru 2019, l-Awla Manja tal-Qorti tal-Ġustizzja eżaminat *il-kompatibbiltà, mal-prinċipju ta' ugwaljanza fir-remunerazzjonijiet bejn ħaddiema rġiel u ħaddiema nisa previst fl-Artikolu 119 tat-Trattat KE* [196]*, ta' miżura kienet intiża li ttemm diskriminazzjoni kkonstatata mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tagħha tas-17 ta' Mejju 1990*, ***Barber*** (C-262/88, EU:C:1990:209; iktar 'il quddiem is-"sentenza Barber"). Din id-diskriminazzjoni kienet tikkonsisti fl-iffissar ta' età normali tal-irtirar (iktar 'il quddiem l-"ENI") differenti skont is-sess, jiġifieri 65 sena għall-irġiel u 60 sena għan-nisa. Sabiex tiġi rrimedjata din id-diskriminazzjoni, skema tal-pensjoni kienet uniformizzat, b'mod retroattiv, l-ENI tal-affiljati kollha tagħha għal 65 sena. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikolu 119 tat-Trattat KE jipprekludi, fl-assenza ta' ġustifikazzjoni oġġettiva, tali miżura ta' uniformizzazzjoni għall-perijodu inkluż bejn it-tħabbir ta' din il-miżura u l-adozzjoni tagħha, u dan anki meta tali approċċ ikun awtorizzat mid-dritt nazzjonali u mill-att li jistabbilixxi din l-iskema tal-pensjoni.

L-iskema tal-pensjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali kienet inħolqot fil-forma ta' trust minn Safeway Ltd fl-1978. Wara l-għoti tas-sentenza Barber, Safeway u Safeway Pension Trustees Ltd, li kienet responsabbli għall-ġestjoni tal-iskema tal-pensjoni, kienu ħabbru, f'Settembru u f'Diċembru 1991, li l-ENI kienet ser tiġi uniformizzata għal 65 sena għall-affiljati kollha, b'effett mill-1 ta' Diċembru 1991. Madankollu, kien biss fit-2 ta' Mejju 1996 li din il-miżura ta' uniformizzazzjoni kienet ġiet adottata formalment, permezz ta' att ta' trust, b'effett mill-1 ta' Diċembru 1991. Sussegwentement, il-qrati tar-Renju Unit ġew aditi bi proċedura dwar il-kwistjoni ta' jekk din l-emenda retroattiva tal-ENI kinitx kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni.

Fl-ewwel lok, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li l-konsegwenzi li għandhom jinstiltu mill-konstatazzjoni ta' diskriminazzjoni magħmula fis-sentenza Barber ivarjaw skont il-perijodi ta' impjieg ikkonċernati. Għal dak li jirrigwarda l-perijodi rilevanti għall-kawża preżenti, jiġifieri l-perijodi ta' impjieg bejn l-għoti tal-imsemmija sentenza u l-adozzjoni, minn skema tal-pensjoni, ta' miżuri li jistabbilixxu mill-ġdid l-ugwaljanza fit-trattament, il-persuni fil-kategorija żvantaġġata (f'dan il-każ, l-irġiel) għandhom jingħataw l-istess vantaġġi li jibbenefikaw minnhom il-persuni tal-kategorija pprivileġġata (f'dan il-każ, in-nisa).

Fit-tieni lok, il-Qorti tal-Ġustizzja elenkat ir-rekwiżiti li għandhom jissodisfaw il-miżuri meħuda bil-għan li tintemm diskriminazzjoni li tmur kontra l-Artikolu 119 tat-Trattat KE sabiex ikunu jistgħu jitqiesu li jistabbilixxu mill-ġdid l-ugwaljanza fit-trattament meħtieġa minn din id-dispożizzjoni. Minn naħa, dawn il-miżuri ma jistgħux, bħala prinċipju, jiġu suġġetti għal kundizzjonijiet li jirriżultaw fiż-żamma, anki jekk tranżitorja,

196| Dispożizzjoni applikabbli għaż-żmien tal-fatti inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tikkorrispondi għall-Artikolu 157 TFUE attwali.

tad-diskriminazzjoni. Min-naħa l-oħra, huma għandhom josservaw il-prinċipju ta' ċertezza legali, b'tali mod li l-istabbiliment ta' sempliċi prassi, mingħajr effett ġuridiku vinkolanti fir-rigward tal-persuni kkonċernati, ma tkunx permessa. Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li, fil-kuntest tal-iskema tal-pensjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali, miżuri li jissodisfaw l-imsemmija rekwiżiti kienu ttieħdu biss fit-2 ta' Mejju 1996, permezz tal-att ta' trust adottat f'din id-data, u mhux meta saru l-avviżi mill-persuni responsabbli għal din l-iskema lill-affiljati f'Settembru u f'Diċembru 1991.

F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li jekk jiġi aċċettat li miżura tuniformizza b'effett retroattiv (f'dan il-każ mill-1 ta' Diċembru 1991), l-ENI fil-livell tal-ENI tal-persuni fil-kategorija li qabel kienu żvantaġġati, jiġifieri 65 sena, dan ikun kuntrarju mhux biss għall-għan ta' ugwalizzazzjoni tal-kundizzjonijiet tax-xogħol filwaqt li jinżamm il-progress, li jirriżulta mill-preambolu tat-Trattat KE u mill-Artikolu 117 tiegħu, iżda wkoll għall-prinċipju ta' ċertezza legali u għar-rekwiżiti li jirriżultaw mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar, b'mod partikolari, l-Artikolu 119 tat-Trattat KE.

Il-Qorti tal-Ġustizzja madankollu fakkret li miżuri intiżi li jtemmu diskriminazzjoni li tmur kontra d-dritt tal-Unjoni jistgħu, b'mod eċċezzjonali, jittieħdu b'effett retroattiv, sakemm dawn ikunu jissodisfaw effettivament rekwiżit imperattiv ta' interess ġenerali. Għalkemm ir-riskju li jiġi ppreġudikat serjament il-bilanċ finanzjarju ta' skema tal-pensjoni jista' jikkostitwixxi tali rekwiżit imperattiv ta' interess ġenerali, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li kienet il-qorti tar-rinviju li kellha tivverifika jekk il-miżura inkwistjoni fil-kawża prinċipali kinitx tissodisfa l-għan li jiġi evitat tali preġudizzju.

## 2. Organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol

Fis-sentenza tagħha ***CCOO*** (C-55/18, EU:C:2019:402), mogħtija fl-14 ta' Mejju 2019, l-Awla Manja tal-Qorti tal-Ġustizzja tat deċiżjoni dwar *il-miżuri li għandhom jittieħdu mill-Istati Membri sabiex jiġi żgurat ir-rispett tad-dritt tal-ħaddiema għal limitazzjoni tat-tul massimu tax-xogħol u għal perijodi ta' mistrieħ ta' kuljum u ta' kull ġimgħa, u b'mod partikolari dwar il-kwistjoni ta' jekk ir-rispett ta' dan id-dritt jeżiġix li tiġi stabbilita sistema li tippermetti li jitkejjel it-tul ta' ħin tax-xogħol ta' kuljum maħdum minn kull ħaddiem*. Din is-sentenza ngħatat fil-kuntest ta' tilwima bejn sindakat ta' ħaddiema u persuna li timpjega, bil-għan li tinkiseb sentenza li tikkonstata l-obbligu ta' din tal-aħħar li tistabbilixxi sistema ta' reġistrazzjoni tal-ħin tax-xogħol ta' kuljum maħdum mill-membri tal-persunal tagħha, li tippermetti li tiġi vverifikata l-osservanza, minn naħa, tal-ħinijiet tax-xogħol previsti u, min-naħa l-oħra, tal-obbligu li r-rappreżentanti sindakali jiġu pprovduti bl-informazzjoni dwar is-sigħat supplimentari maħduma kull xahar.

F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikoli 3, 5 u 6 tad-Direttiva 2003/88 [197], moqrija fid-dawl tal-Artikolu 31(2) tal-Karta, kif ukoll tal-Artikolu 4(1), tal-Artikolu 11(3) u tal-Artikolu 16(3) tad-Direttiva 89/391 [198], jipprekludu leġiżlazzjoni li, skont l-interpretazzjoni mogħtija lilha mill-ġurisprudenza nazzjonali, ma tobbligax lill-persuni li jimpjegaw jistabbilixxu sistema li tippermetti li jitkejjel it-tul ta' ħin tax-xogħol ta' kuljum maħdum minn kull ħaddiem.

197| Direttiva 2003/88/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Novembru 2003 li tikkonċerna ċerti aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 4, p. 381).

198| Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE tat-12 ta' Ġunju 1989 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri sabiex jinkoraġġixxu titjib fis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq ix-xogħol (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 1, p. 349).

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja, l-ewwel nett, fakkret li d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2003/88 jippreċiżaw id-dritt fundamentali ta' kull ħaddiem għal limitazzjoni tat-tul massimu tax-xogħol u għal perijodi ta' mistrieħ ta' kuljum u ta' kull ġimgħa stabbilit espliċitament fl-Artikolu 31(2) tal-Karta u għandhom, għalhekk, jiġu interpretati fid-dawl ta' dan tal-aħħar.

It-tieni nett, fir-rigward, b'mod iktar speċifiku, tal-istabbiliment ta' sistema li tippermetti li jitkejjel it-tul tal-ħin tax-xogħol ta' kuljum maħdum minn kull ħaddiem, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li, fl-assenza ta' tali sistema, ma jkunx possibbli li jiġu ddeterminati b'mod oġġettiv u affidabbli n-numru ta' sigħat ta' xogħol hekk maħduma mill-ħaddiem u d-distribuzzjoni tagħhom fuq tul ta' żmien u lanqas in-numru ta' sigħat maħduma lil hinn mis-sigħat tax-xogħol normali, bħala sigħat ta' sahra. F'dawn iċ-ċirkustanzi, jidher eċċessivament diffiċli, jekk mhux ukoll impossibbli fil-prattika, għall-ħaddiema li jiżguraw li jiġu rrispettati d-drittijiet mogħtija lilhom mid-dritt tal-Unjoni, sabiex igawdu effettivament il-limitazzjoni tat-tul ta' ħin tax-xogħol fil-ġimgħa kif ukoll il-perijodi minimi ta' mistrieħ ta' kuljum u ta' kull ġimgħa previsti minn din id-direttiva.

Fil-fatt, id-determinazzjoni oġġettiva u affidabbli tan-numru ta' sigħat ta' xogħol ta' kuljum u ta' kull ġimgħa hija essenzjali sabiex jiġi stabbilit, minn naħa, jekk il-ħin massimu ta' xogħol fil-ġimgħa kif iddefinit fl-Artikolu 6 tad-Direttiva 2003/88, li jinkludi, skont din id-dispożizzjoni, is-sahra, ikunx ġie osservat matul il-perijodu ta' referenza msemmi fl-Artikolu 16(b) jew fl-Artikolu 19 ta' din id-direttiva u, min-naħa l-oħra, jekk il-perijodi minimi ta' mistrieħ ta' kuljum u ta' kull ġimgħa, iddefiniti rispettivament fl-Artikoli 3 u 5 tal-imsemmija direttiva, ikunux ġew osservati matul kull perijodu ta' 24 siegħa fir-rigward tal-mistrieħ ta' kuljum jew matul il-perijodu ta' referenza msemmi fl-Artikolu 16(a) tal-istess direttiva fir-rigward tal-mistrieħ ta' kull ġimgħa.

Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li, fid-dawl tal-fatt li l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha neċessarji sabiex jiżguraw l-osservanza tal-perijodi minimi ta' mistrieħ u sabiex jipprekludu kwalunkwe qbiż tal-ħin tax-xogħol massimu ta' kull ġimgħa sabiex tiġi żgurata l-effettività sħiħa tad-Direttiva 2003/88, leġiżlazzjoni nazzjonali li ma tipprevedix l-obbligu li jintuża strument li jippermetti determinazzjoni oġġettiva u affidabbli tan-numru ta' sigħat tax-xogħol ta' kuljum u ta' kull ġimgħa ma tkunx tista' tiggarantixxi l-effett utli tad-drittijiet mogħtija mill-Artikolu 31(2) tal-Karta u minn din id-direttiva, sa fejn iċċaħħad kemm lill-persuni li jimpjegaw kif ukoll lill-ħaddiema mill-possibbiltà li jivverifikaw jekk dawn id-drittijiet ikunux qegħdin jiġu rrispettati, u tista' għalhekk timmina l-għan tal-imsemmija direttiva li tiġi żgurata protezzjoni aħjar tas-sigurtà u tas-saħħa tal-ħaddiema.

Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja żiedet li l-fatt li ħaddiem jista', skont ir-regoli proċedurali nazzjonali, jirrikorri għal mezzi ta' prova oħra, bħalma huma xhieda, il-produzzjoni ta' posta elettronika jew il-konsultazzjoni ta' telefoni ċellulari jew ta' kompjuters, sabiex jipprovdi l-indizju ta' ksur ta' dawn id-drittijiet u jwassal għalhekk għal qlib tal-oneru tal-prova, ma huwiex rilevanti f'dan ir-rigward. Fil-fatt, tali provi ma jippermettux li jiġi stabbilit b'mod oġġettiv u affidabbli n-numru ta' sigħat ta' xogħol ta' kuljum u ta' kull ġimgħa maħduma mill-ħaddiem. B'mod partikolari, f'dak li jirrigwarda l-prova permezz tax-xhieda, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat is-sitwazzjoni ta' dgħufija tal-ħaddiem fir-relazzjoni tax-xogħol. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet ukoll li ma jistgħux jikkostitwixxu alternattiva għas-sistema ċċitata iktar 'il fuq, li tippermetti li jitkejjel it-tul tal-ħin ta' xogħol ta' kuljum maħdum minn kull ħaddiem, is-setgħat ta' investigazzjoni u ta' sanzjoni mogħtija mil-leġiżlazzjoni nazzjonali lill-korpi ta' kontroll, bħall-ispezzjoni tax-xogħol, sa fejn, fl-assenza ta' tali sistema, dawn l-awtoritajiet ikunu, huma stess, imċaħħda minn mezz effettiv sabiex jiksbu aċċess għal data oġġettiva u affidabbli dwar it-tul tal-ħin tax-xogħol maħdum mill-ħaddiema f'kull impriża, li jista' jirriżulta neċessarju sabiex dawn jeżerċitaw il-ħidma ta' kontroll tagħhom u, fejn applikabbli, jimponu sanzjoni.

Il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat ukoll li l-Istati Membri għandhom marġni ta' diskrezzjoni sabiex jiddefinixxu l-modalitajiet ta' implimentazzjoni ta' tali sistema, b'mod partikolari, il-forma li din tal-aħħar għandha jkollha, filwaqt li jittieħdu inkunsiderazzjoni, fejn applikabbli, il-karatteristiċi partikolari ta' kull settur ta' attività kkonċernat, kif ukoll il-karatteristiċi speċifiċi bħalma huwa, b'mod partikolari, id-daqs ta' ċerti impriżi.

## 3. Dritt għal leave annwali mħallas

Fis-sentenza ***TSN u AKT*** (Kawżi magħquda C-609/17 u C-610/17, EU:C:2019:981), mogħtija fid-19 ta' Novembru 2019, il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, iddeċidiet, minn naħa, *li l-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 2003/88, li jistabbilixxi d-dritt għal leave annwali mħallas ta' perijodu minimu ta' erba' ġimgħat*, ma jipprekludix leġiżlazzjonijiet nazzjonali u ftehimiet kollettivi li jipprevedu l-għoti ta' ġranet ta' leave annwali mħallas li jeċċedu dan il-perijodu minimu, filwaqt li jiġi eskluż it-trasferiment ta' dawn il-ġranet ta' leave minħabba mard. Min-naħa l-oħra, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikolu 31(2) tal-Karta, li jipprevedi b'mod partikolari d-dritt ta' kull ħaddiem għal perijodu annwali ta' leave imħallas, ma huwiex intiż li japplika fil-każ ta' tali leġiżlazzjonijiet nazzjonali u ftehimiet kollettivi.

Kull waħda mill-kawżi pendenti quddiem il-qorti tar-rinviju kienet tikkonċerna ħaddiem li kellu dritt, bis-saħħa tal-ftehim kollettiv applikabbli għas-settur ta' attività tiegħu, għal perijodu ta' leave annwali mħallas li kien jeċċedi l-perijodu minimu ta' erba' ġimgħat previst mid-Direttiva 2003/88, jiġifieri seba' ġimgħat (Kawża C-609/17) u ħames ġimgħat (Kawża C-610/17). Peress li dawn il-ħaddiema kienu f'sitwazzjoni ta' inkapaċità għax-xogħol matul perijodu ta' leave annwali mħallas minħabba mard, huma talbu lill-persuna rispettiva li timpjegahom sabiex tittrasferixxi l-parti tal-leave annwali li huma ma setgħux jibbenefikaw minnha. Madankollu, il-persuni li jimpjegawhom irrifjutaw dawn it-talbiet sa fejn kienu jikkonċernaw il-parti tad-dritt għal-leave annwali mħallas li jmur lil hinn mil-leave minimu ta' erba' ġimgħat previst mid-Direttiva 2003/88.

Fl-ewwel lok, fir-rigward tad-Direttiva 2003/88, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li din tal-aħħar ma tipprekludix dispożizzjonijiet interni li jagħtu dritt għal-leave annwali mħallas għal perijodu li jkun itwal mill-erba' ġimgħat previsti fl-Artikolu 7(1) ta' din id-direttiva. Madankollu, f'każ bħal dan, id-drittijiet għal-leave annwali mħallas li jeċċedi dan il-perijodu minimu ma humiex irregolati minn din id-direttiva iżda mid-dritt nazzjonali, b'mod partikolari fir-rigward tal-kundizzjonijiet għall-għoti u għall-estinzjoni ta' dawn il-ġranet ta' leave supplimentari. Għaldaqstant, jibqa' possibbli għall-Istati Membri li jiddeċiedu jekk jipprevedux jew le d-dritt ta' trasferiment fir-rigward tal-ġranet kollha ta' dan il-leave supplimentari jew fir-rigward ta' parti minnhom meta l-ħaddiem ikun, matul perijodu ta' leave annwali, f'sitwazzjoni ta' inkapaċità għax-xogħol minħabba mard, sakemm id-dritt għal-leave annwali mħallas li effettivament jibbenefika minnu l-ħaddiem jibqa', min-naħa tiegħu, tal-inqas ugwali għall-perijodu minimu ta' erba' ġimgħat iggarantit mid-Direttiva 2003/88.

Fit-tieni lok, fir-rigward tal-Karta, li l-kamp ta' applikazzjoni tagħha huwa ddefinit fl-Artikolu 51(1) tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat, l-ewwel nett, li, fir-rigward tal-azzjoni tal-Istati Membri, id-dispożizzjonijiet tal-Karta japplikaw għalihom biss meta dawn ikunu qegħdin jimplimentaw id-dritt tal-Unjoni. Issa, meta jadotta leġiżlazzjoni jew meta jawtorizza l-konklużjoni ta' ftehimiet kollettivi li jipprevedu l-għoti ta' ġranet ta' leave annwali mħallas li jeċċedi l-perijodu minimu ta' erba' ġimgħat iggarantit mid-Direttiva 2003/88, filwaqt li jeskludi t-trasferiment ta' dawn il-ġranet ta' leave minħabba mard, Stat Membru ma jkunx qiegħed jimplimenta din id-direttiva, fis-sens tal-Artikolu 51(1) tal-Karta, b'tali mod li din tal-aħħar, b'mod partikolari l-Artikolu 31(2) tagħha, ma hijiex intiża li tkun applikabbli.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja b'mod partikolari enfasizzat li d-Direttiva 2003/88, li ġiet adottata abbażi tal-Artikolu 137(2) KE, li sar l-Artikolu 153(2) TFUE, tistabbilixxi biss rekwiżiti minimi ta' sigurtà u ta' saħħa fil-qasam tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol. Skont l-Artikolu 153(4) TFUE, tali rekwiżiti minimi ma jistgħux iwaqqfu lil Stat Membru milli jżomm jew milli jistabbilixxi miżuri ta' protezzjoni iktar stretti, kompatibbli mat-Trattati. Għalhekk, l-Istati Membri jibqgħu liberi, fl-eżerċizzju tal-kompetenza miżmuma minnhom fil-qasam tal-politika soċjali, li jadottaw tali standards, iktar rigorużi minn dawk li huma s-suġġett tal-intervent tal-leġiżlatur tal-Unjoni, sakemm dawn ma jikkompromettux il-koerenza tal-imsemmi intervent.

Il-Qorti tal-Ġustizzja b'hekk ikkonstatat li, meta l-Istati Membri jagħtu, jew jippermettu lill-imsieħba soċjali li jagħtu, drittijiet għal leave annwali mħallas li jeċċedi t-tul minimu ta' erba' ġimgħat previst mid-Direttiva 2003/88, tali drittijiet, jew il-kundizzjonijiet tat-trasferiment possibbli tagħhom fil-każ ta' mard li jseħħ matul il-leave, jaqgħu taħt l-eżerċizzju tal-kompetenza miżmuma mill-Istati Membri, mingħajr ma huma rregolati minn din id-direttiva. Issa, meta d-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni fil-qasam ikkonċernat ma jirregolawx aspett ta' sitwazzjoni partikolari u ma jimponu ebda obbligu speċifiku fuq l-Istati Membri fir-rigward ta' din is-sitwazzjoni, il-leġiżlazzjoni nazzjonali stabbilita minn Stat Membru fir-rigward ta' dan l-aspett ma taqax fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Karta.

## 4. Protezzjoni tal-ħaddiema fil-każ ta' insolvenza tal-persuna li timpjega

Fis-sentenza ***Pensions-Sicherungs-Verein*** (C-168/18, EU:C:2019:1128), mogħtija fid-19 ta' Diċembru 2019, il-Qorti tal-Ġustizzja, filwaqt li interpretat l-*Artikolu 8 tad-Direttiva 2008/94 dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema impjegati fil-każ tal-insolvenza tal-persuna li timpjegahom* [199], iddeċidiet li tnaqqis tal-ammont tal-benefiċċji għall-irtirar professjonali pprovduti lil ex ħaddiem impjegat, minħabba l-insolvenza tal-persuna li kienet timpjegah, kien manifestament sproporzjonat meta dan l-ex ħaddiem impjegat diġà jgħix jew kien ser ikollu jgħix, minħabba dan it-tnaqqis, taħt il-livell ta' riskju ta' faqar. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, dan kien ikun il-każ ukoll jekk l-individwu kkonċernat kellu jirċievi tal-inqas in-nofs tal-ammont tal-benefiċċji li jirriżultaw mid-drittijiet kweżiti tiegħu.

Fil-kawża pendenti quddiem il-qorti tar-rinviju, ċittadin Ġermaniż ibbenefika, minn Diċembru 2000, minn irtirar professjonali li kien jinkludi suppliment tal-irtirar mensili u bonus annwali tal-Milied, mogħtija direttament mill-persuna li kienet timpjegah, kif ukoll pensjoni, imħallsa minn fond tal-irtirar Ġermaniż fuq il-bażi tal-kontribuzzjonijiet ta' din il-persuna li kienet timpjegah. Sussegwentement, għal diffikultajiet ekonomiċi li dan il-fond tal-irtirar iltaqa' magħhom fl-2003, l-ammont tal-benefiċċji mogħtija tnaqqas, bl-awtorizzazzjoni tal-Uffiċċju Federali tas-Sorveljanza tas-Servizzi Finanzjarji (il-Ġermanja). Il-persuna li kienet timpjegah għamlet tajjeb għal dan it-tnaqqis sal-2012, meta nfetħet proċedura ta' insolvenza fir-rigward tagħha. Sa minn din id-data, l-ex ħaddiem ma baqax jirċievi kumpens għat-tnaqqis imsemmi, billi l-organu, irregolat mid-dritt privat, maħtur mill-Ġermanja bħala l-organu ta' garanzija kontra r-riskju ta' insolvenza tal-persuni li jimpjegaw fil-qasam tal-irtirar professjonali kien ħa responsabbiltà biss għas-suppliment tal-irtirar mensili u għall-bonus annwali tal-Milied, bl-esklużjoni ta' dan il-kumpens.

Il-Qorti tal-Ġustizzja osservat, l-ewwel nett, li s-sitwazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali kienet tikkonċerna ex ħaddiem impjegat li l-persuna li kienet timpjegah kienet tinsab fi stat ta' insolvenza u li, fid-data tal-bidu tal-insolvenza tagħha u minħabba fiha, kienu ġew ippreġudikati d-drittijiet kweżiti ta' dan l-ex ħaddiem għall-benefiċċji tax-xjuħija. Minn dan il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li l-Artikolu 8 tad-Direttiva 2008/94 kien applikabbli għal sitwazzjoni bħal dik ineżami.

Fir-rigward, it-tieni nett, taċ-ċirkustanzi li fihom kellu jitqies li tnaqqis tal-ammont tal-benefiċċji tal-irtirar professjonali jkun manifestament sproporzjonat, li jwassal għall-obbligu tal-Istati Membri li jiżguraw ċerta protezzjoni għall-ħaddiema, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li l-Istati Membri għandhom, fil-kuntest tat-traspożizzjoni tal-Artikolu 8 tad-Direttiva 2008/94, marġni ta' diskrezzjoni wiesa' u huma obbligati biss jiggarantixxu l-minimu ta' protezzjoni meħtieġ minn din id-dispożizzjoni. Hija fakkret ukoll, f'dan ir-rigward,

**199|** Direttiva 2008/94/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2008 dwar il-protezzjoni ta' l-impjegati fil-każ ta' l-insolvenza ta' min iħaddimhom (ĠU 2008, L 283, p. 36).

li ex ħaddiem impjegat għandu jirċievi, fil-każ ta' insolvenza tal-persuna li timpjegah, minn tal-inqas in-nofs tal-benefiċċji tax-xjuħija li jirriżultaw mid-drittijiet kweżiti tiegħu, fatt dan li madankollu ma għandux ikollu l-effett li jeskludi li, anki fil-każ ta' preżenza ta' din il-garanzija minima, f'ċerti ċirkustanzi t-telf imġarrab jista' jitqies li jkun manifestament sproporzjonat. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li tnaqqis tal-benefiċċji tax-xjuħija kellu jitqies li kien manifestament sproporzjonat meta l-kapaċità tal-individwu kkonċernat li jipprovdi għall-ħtiġijiet tiegħu ġiet affettwata serjament. Dan ikun il-każ ta' ex ħaddiema impjegati li diġà jkunu qed jgħixu jew li jkunu ser ikollhom jgħixu, minħabba dan it-tnaqqis, taħt il-livell ta' riskju ta' faqar stabbilit għall-Istat Membru kkonċernat minn Eurostat, u b'hekk dan l-Istat Membru jkun obbligat jiggarantixxi kumpens f'ammont li, mingħajr ma jkopri neċessarjament it-telf imġarrab kollu, ikun jista' jirrimedja n-natura manifestament sproporzjonata tiegħu.

Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li l-Artikolu 8 tad-Direttiva 2008/94, sa fejn jobbliga lill-Istati Membri jiżguraw protezzjoni minima għall-ex ħaddiema esposti għal tnaqqis manifestament sproporzjonat tal-benefiċċji tax-xjuħija, jinkludi obbligu ċar, preċiż u inkundizzjonat, li għandu bħala għan li jagħti drittijiet lill-individwi. Għaldaqstant, din id-dispożizzjoni tista' tiġi invokata fil-konfront ta' organu, irregolat mid-dritt privat, maħtur mill-Istat Membru kkonċernat bħala l-organu ta' garanzija kontra r-riskju ta' insolvenza tal-persuni li jimpjegaw fil-qasam tal-irtirar professjonali, meta, fid-dawl tal-missjoni mogħtija lil dan l-organu u tal-kundizzjonijiet li fihom iwettaqha, dan l-organu jista' jiġi assimilat mal-Istat, sa fejn il-missjoni ta' garanzija mogħtija lilu testendi effettivament għat-tipi ta' benefiċċji tax-xjuħija li għalihom tintalab il-protezzjoni minima prevista f'din id-dispożizzjoni.

## 5. Kollokament ta' ħaddiema

Fis-sentenza ***Dobersberger*** (C-16/18, EU:C:2019:1110), mogħtija fid-19 ta' Diċembru 2019, il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, iddeċidiet li *d-Direttiva 96/71* [200] *ma tapplikax għal ħaddiema impjegati ta' impriża stabbilita fi Stat Membru li jwettqu servizzi abbord, servizzi ta' tindif jew servizzi ta' ristorazzjoni fuq ferroviji internazzjonali li jaqsmu l-Istat Membru tal-operatur ferrovjarju kkonċernat*, meta dawn il-ħaddiema jeżegwixxu parti sinjifikattiva mix-xogħol inerenti għal dawn is-servizzi fit-territorju tal-Istat Membru ta' stabbiliment tal-impriża tagħhom u meta jibdew jew jispiċċaw dawn is-servizzi hemmhekk.

M. Dobersberger kien id-direttur ta' impriża stabbilita fl-Ungerija li kienet tipprovdi, fil-kuntest ta' sensiela ta' kuntratti ta' subappalt li kienu jinvolvu kumpanniji stabbiliti fl-Awstrija u fl-Ungerija, servizzi abbord ċerti ferroviji internazzjonali tal-Österreichische Bundesbahnen (il-linji tal-ferrovija federali Awstrijaċi). Dawn il-ferroviji kienu jaqsmu l-Awstrija u kellhom Budapest (l-Ungerija) bħala stazzjon tat-tluq jew tal-wasla. Is-servizzi kienu jitwettqu minn ħaddiema domiċiljati fl-Ungerija, li l-parti l-kbira tagħhom tqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-impriża minn impriża Ungeriża oħra. Il-ħaddiema kollha kellhom iċ-ċentru ta' għajxien tagħhom fl-Ungerija u kienu jibdew u jispiċċaw is-servizz tagħhom hemmhekk. Barra minn hekk, huma kienu jirċievu l-ikel u x-xorb f'Budapest u kienu jgħabbuhom fil-ferroviji hemmhekk. Huma kienu obbligati wkoll iwettqu l-kontrolli tal-istat tal-ħażniet u l-kalkolu tad-dħul mill-bejgħ f'Budapest.

Wara kontroll fl-Awstrija, M. Dobersberger kien suġġett għal sanzjonijiet amministrattivi ta' natura kriminali minħabba ksur tal-leġiżlazzjoni soċjali Awstrijaka dwar il-kollokament ta' ħaddiema fit-territorju ta' dan l-Istat Membru. Skont l-awtoritajiet Awstrijaċi, il-ħaddiema Ungeriżi kienu kkollokati fit-territorju Awstrijak, b'tali mod li M. Dobersberger kellu jissodisfa ċerti obbligi amministrattivi. B'dan il-mod, huwa kien ikollu jiddikjara, ġimgħa qabel ma beda s-servizz, li kien ser jirrikorri għal dawn il-ħaddiema u kellu jżomm disponibbli, fuq

**200|** Direttiva 96/71/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 1996 dwar l-istazzjonar [il-kollokament] ta' ħaddiema fil-qafas ta' prestazzjoni ta' servizz (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 2, p. 431, rettifika fil-ĠU 2015, L 16, p. 66).

il-post ta' eżekuzzjoni tax-xogħol, il-kuntratt ta' xogħol tagħhom kif ukoll diversi dokumenti dwar is-salarji mħallsa lill-imsemmija ħaddiema, fil-lingwa Ġermaniża, kif ukoll id-dokumenti dwar l-affiljazzjoni tagħhom mas-sigurtà soċjali.

F'dawn iċ-ċirkustanzi, qamet il-kwistjoni ta' jekk id-Direttiva 96/71, li l-leġiżlazzjoni soċjali Awstrijaka hija intiża li tittrasponi, tapplikax għall-provvista ta' servizzi abbord ferrovija internazzjonali minn ħaddiema ta' impriża stabbilita fi Stat Membru, b'eżekuzzjoni ta' kuntratt konkluż ma' operatur ferrovjarju li jkollu s-sede tiegħu fi Stat Membru ieħor, meta l-ferrovija tgħaddi minn dan it-tieni Stat Membru.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat, l-ewwel nett, li s-servizzi abbord, is-servizzi ta' tindif jew is-servizzi ta' ristorazzjoni pprovduti f'ferroviji ma jkunux intrinsikament marbuta mas-servizz ta' trasport tal-passiġġieri bil-ferrovija. Għaldaqstant, dawn is-servizzi ma jaqgħux taħt l-Artikoli 90 sa 100 TFUE, dwar it-trasport, iżda taħt l-Artikoli 56 sa 62 TFUE, bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 58(1) TFUE dwar is-servizzi. Minn dan isegwi li dawn is-servizzi jistgħu jkunu koperti mid-Direttiva 96/71, li ġiet adottata abbażi ta' dispożizzjonijiet tad-dritt primarju dwar is-servizzi.

Sabiex jiġi ddeterminat jekk is-servizzi inkwistjoni kinux jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva, il-Qorti tal-Ġustizzja eżaminat il-kunċett ta' "ħaddiem ikkollokat", fis-sens tagħha. Hija ddeċidiet li ħaddiem ma jistax jitqies li jkun ikkollokat fit-territorju ta' Stat Membru jekk l-eżekuzzjoni tax-xogħol tiegħu ma jkollhiex rabta suffiċjenti ma' dan it-territorju. Issa, ħaddiema li jeżegwixxu parti sostanzjali mix-xogħol tagħhom fl-Istat Membru li fih tkun stabbilita l-impriża li assenjathom għall-provvista ta' servizzi f'ferroviji internazzjonali, u li jibdew jew jispiċċaw is-servizz tagħhom f'dan l-Istat Membru, ma jkollhomx rabta suffiċjenti mat-territorju tal-Istat Membru jew tal-Istati Membri li dawn il-ferroviji jgħaddu minnhom sabiex jitqiesu li jkunu "ikkollokati" hemmhekk fis-sens tad-Direttiva 96/71. Għaldaqstant is-sitwazzjoni tagħhom ma kinitx taqa' taħt din id-direttiva.

Il-Qorti tal-Ġustizzja żiedet li kien irrilevanti, f'dan ir-rigward, li l-provvista tas-servizzi taqa', fil-kuntest ta' katina ta' subappalt, taħt kuntratt konkluż ma' impriża stabbilita fl-istess Stat Membru bħal dak tal-operatur ferrovjarju u marbuta kuntrattwalment ma' dan tal-aħħar. Lanqas ma kien rilevanti li l-impriża talloka għal din il-provvista ta' servizzi ħaddiema mqiegħda għad-dispożizzjoni tagħha minn impriża stabbilita fl-istess Stat Membru bħal tagħha.

# XVI. Saħħa pubblika

Fis-sentenza ***VIPA*** (C-222/18, EU:C:2019:751), mogħtija fit-18 ta' Settembru 2019, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li Stat Membru jista' *jipprojbixxi lil spiżerija milli tipprovdi prodotti mediċinali suġġetti għal preskrizzjoni medika abbażi ta' ordni maħruġa minn professjonist tas-saħħa awtorizzat sabiex jippreskrivi prodotti mediċinali u sabiex jeżerċita l-attività tiegħu fi Stat Membru ieħor, meta tali ordnijiet ma jinkludux l-isem tal-pazjent ikkonċernat*. VIPA, kumpannija kummerċjali rregolata mid-dritt Ungeriż li topera spiżerija, ipprovdiet prodotti mediċinali suġġetti għal preskrizzjoni medika, abbażi ta' ordnijiet maħruġa minn kumpannija medika stabbilita fir-Renju Unit u minn tabib li jipprattika fl-Awstrija mingħajr awtorizzazzjoni għall-eżerċizzju ta' attività fil-qasam tal-kura maħruġa mill-amministrazzjoni Ungeriża tas-saħħa. Għaldaqstant, l-Istitut Nazzjonali tal-Farmaċija u tan-Nutrizzjoni tal-Ungerija impona multa ta' 45 000 000 forint Ungeriż (HUF) (madwar EUR 140 000) fuq VIPA, ipprojbixxiha milli tkompli bl-attività ta' provvista illegali ta' prodotti mediċinali fl-ispiżerija inkwistjoni u rtiralha l-awtorizzazzjoni ta' operat tagħha.

Il-Qorti Amministrattiva u Industrijali tal-Belt ta' Budapest (l-Ungerija), adita b'rikors ippreżentat minn VIPA, staqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk l-obbligu ta' rikonoxximent ta' preskrizzjonijiet maħruġa fi Stat Membru ieħor, previst fl-Artikolu 11(1) tad-Direttiva 2011/24 [201] japplikax għal ordnijiet li ma jinkludux l-isem tal-pazjent li għalih ikunu maħsuba l-prodotti mediċinali.

L-ewwel nett, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li l-Artikolu 3(k) tad-Direttiva 2011/24, li jiddefinixxi l-kunċett ta' "preskrizzjoni", ma jippreċiżax jekk l-isem tal-pazjent ikkonċernat għandux jissemma. Għall-kuntrarju, l-Artikolu 11(1) tal-istess direttiva, fil-verżjonijiet lingwistiċi kollha bl-eċċezzjoni tal-verżjonijiet bil-lingwa Ungeriża u bil-lingwa Portugiża, jirreferu, essenzjalment, b'mod espliċitu, għal preskrizzjoni li tirrigwarda pazjent indikat b'ismu. Barra minn hekk, id-Direttiva ta' Implimentazzjoni 2012/52 [202], billi pprevediet fl-Artikolu 3 tagħha, moqri flimkien mal-anness ta' din id-direttiva ta' implimentazzjoni, li l-preskrizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 11(1) tad-Direttiva 2011/24 għandhom jinkludu l-informazzjoni ta' identifikazzjoni tal-pazjent, tistabbilixxi li l-obbigu ta' rikonoxximent tal-preskrizzjonijiet previst fl-imsemmi Artikolu 11(1) ma japplikax għal ordnijiet li ma jinkludux l-isem tal-pazjent ikkonċernat.

Din l-interpretazzjoni hija kkorroborata mill-għanijiet imfittxija mid-Direttiva 2011/24, li tipprevedi regoli intiżi li jiffaċilitaw l-aċċess tal-pazjenti, individwalment, għal kura tas-saħħa transkonfinali sigura u ta' kwalità għolja [203]. Issa, ordnijiet bħal dawk inkwistjoni, minn naħa, ma jippermettux li tiġi żgurata s-sigurtà u s-saħħa tal-pazjent li lilu dan il-prodott mediċinali jkun ser jiġi amministrat u, min-naħa l-oħra, ma jkollhomx l-għan li jippermettu lil pazjent jikseb prodotti mediċinali, iżda jkollhom l-għan li jippermettu lil professjonist tas-saħħa jikseb il-provvisti tiegħu. Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li jkun kontra l-għanijiet imfittxija mid-Direttiva 2011/24 jekk jitqies li ordnijiet li ma jinkludux l-isem tal-pazjent ikkonċernat jaqgħu taħt l-obbligu ta' rikonoxximent tal-preskrizzjonijiet previst minn din id-direttiva.

Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li, għalkemm il-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni kienet tikkostitwixxi restrizzjoni għall-moviment liberu tal-merkanzija, ipprojbita mill-Artikolu 35 TFUE, tali restrizzjoni setgħet madankollu tiġi ġġustifikata, b'mod partikolari mill-Artikolu 36 TFUE, fost oħrajn minħabba raġunijiet ta' protezzjoni tas-saħħa u tal-ħajja tal-persuni. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li l-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni kienet adegwata sabiex tiżgura li l-prodotti mediċinali suġġetti għal preskrizzjoni jkunu ta' benefiċċju għall-popolazzjoni tal-Istat Membru li fih kienet stabbilita l-ispiżerija li toħroġ il-prodott mediċinali, u b'hekk kienet tikkontribwixxi sabiex tiġi ggarantita provvista stabbli, sigura u ta' kwalità għall-popolazzjoni ta' dan l-Istat Membru ta' prodotti mediċinali suġġetti għal preskrizzjoni. Fil-fatt, jekk, permezz ta' ordnijiet bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, tkun possibbli l-esportazzjoni ta' prodotti mediċinali suġġetti għal preskrizzjoni, fi kwantità li tista' tkun sostanzjali, għall-finijiet tal-użu ta' pazjenti fit-territorju ta' Stat Membru ieħor, dan jista' jwassal għal provvista insuffiċjenti tal-ispiżeriji u, għaldaqstant,

201| Direttiva 2011/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2011 dwar l-applikazzjoni tad-drittijiet tal-pazjenti fil-qasam tal-kura tas-saħħa transkonfinali (ĠU 2011, L 88, p. 45).

202| Direttiva ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2012/52/UE tal-20 ta' Diċembru 2012 li tistabbilixxi miżuri li jiffaċilitaw ir-rikonoxximent ta' preskrizzjonijiet mediċi maħruġa fi Stat Membru ieħor (ĠU 2012, L 356, p. 68).

203| Artikolu 1(1) u (2) tad-Direttiva 2011/24, moqri fid-dawl tal-premessi 10 u 11 ta' din id-direttiva.

għal kopertura insuffiċjenti tal-bżonnijiet tal-pazjenti tal-Istat Membru kkonċernat f'termini ta' prodotti mediċinali suġġetti għal preskrizzjoni, u dan bi ksur tal-obbligu previst fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 81 tad-Direttiva 2001/83 [204].

Għalhekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikoli 35 u 36 TFUE ma jipprekludux il-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni, sa fejn din il-leġiżlazzjoni tkun iġġustifikata minn għan ta' protezzjoni tas-saħħa u tal-ħajja tal-persuni, tkun xierqa sabiex tiżgura li jintlaħaq dan il-għan u ma tmurx lil hinn minn dak li jkun meħtieġ sabiex jintlaħaq, punt dan li kellu jiġi vverifikat mill-qorti tar-rinviju.

# XVII. Protezzjoni tal-konsumaturi

Huma erba' s-sentenzi li jistħoqqilhom li jiġu indikati fil-qasam tal-protezzjoni tal-konsumaturi. L-ewwel sentenza tikkonċerna l-interpretazzjoni tal-kunċetti ta' "konsumatur" u ta' "bejjiegħ jew fornitur", fis-sens tad-Direttiva 93/13 dwar klawżoli inġusti [205], fil-kuntest ta' kuntratt ta' self għal proprjetà immobbli mogħti minn kumpannija lil wieħed mill-impjegati tagħha u lill-konjuġi tiegħu. Żewġ sentenzi oħra jikkonċernaw il-kwistjonijiet taż-żamma parzjali ta' klawżola ta' skadenza antiċipata f'kuntratt ta' self ipotekarju meqjusa li kienet inġusta u tat-tkomplija tal-proċedura ta' eżekuzzjoni ipotekarja miftuħa skont din il-klawżola. Ir-raba' u l-aħħar sentenza tikkonċerna b'mod partikolari l-interpretazzjoni tal-kunċetti ta' "konsumatur" u ta' "provvista mhux mitluba ta' oġġett", fis-sens tad-Direttiva 2011/83 dwar id-drittijiet tal-konsumaturi [206], fil-kuntest ta' leġiżlazzjoni nazzjonali fil-qasam tal-provvista ta' enerġija termika. Għandha tissemma wkoll is-sentenza ***Kanyeba et*** (Kawżi magħquda C-349/18 sa C-351/18), dwar in-natura inġusta ta' klawżola kuntrattwali f'kuntratt ta' trasport [207].

Fis-sentenza ***Pouvin u Dijoux*** (C-590/17, EU:C:2019:232), mogħtija fil-21 ta' Marzu 2019, il-Qorti tal-Ġustizzja tat deċiżjoni dwar l-interpretazzjoni *tal-kunċetti ta' "konsumatur" u ta' "bejjiegħ jew fornitur", kif iddefiniti fid-Direttiva 93/13, fil-kuntest ta' talba għall-ħlas ta' somom li baqgħu dovuti fil-kuntest ta' self għal proprjetà immobbli li kumpannija kienet tat lil wieħed mill-impjegati tagħha u lill-konjuġi tiegħu għall-finijiet tal-finanzjament tax-xiri ta' abitazzjoni prinċipali.*

Skont it-termini ta' klawżola ta' dan il-kuntratt ta' self, dan kellu jiġi xolt *ipso jure* fil-każ li d-debitur, għal kwalunkwe raġuni, ma kienx jibqa' jifforma parti mill-persunal ta' din il-kumpannija. Wara li l-impjegat irriżenja,

204| Direttiva 2001/83/KEE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Novembru 2001 dwar il-kodiċi tal-Komunità li għandu x'jaqsam ma' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 27, p. 69), kif emendata bid-Direttiva 2011/62/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2011 (ĠU 2011, L 174, p. 74, rettifika fil-ĠU 2018, L 29, p. 50). It-tieni paragrafu tal-Artikolu 81 ta' din id-direttiva jobbliga lid-detentur tal-awtorizzazzjoni ta' tqegħid fis-suq ta' prodott mediċinali kif ukoll lid-distributuri ta' dan il-prodott mediċinali mqiegħed fis-suq b'mod effettiv fi Stat Membru jiżguraw, fil-limitu tar-responsabbiltà rispettiva tagħhom, provvista adegwata u kontinwa ta' dan il-prodott mediċinali għall-ispiżeriji u għall-persuni awtorizzati sabiex jipprovdu prodotti mediċinali b'tali mod li jkunu koperti l-bżonnijiet tal-pazjenti tal-Istat Membru kkonċernat.

205| Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE tal-5 ta' April 1993 dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 2, p. 288).

206| Direttiva 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar drittijiet tal-konsumatur, li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE u d-Direttiva 1999/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 85/577/KEE u d-Direttiva 97/7/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU2011, L 304, p. 64), Artikolu 27.

207| Din is-sentenza hija ppreżentata fit-Taqsima X, "Trasport".

huwa u l-konjuġi tiegħu ma baqgħux iħallsu l-pagamenti mensili tas-self. Għalhekk, b'applikazzjoni tal-imsemmija klawżola, il-kumpannija fetħet kawża kontra d-debituri għall-ħlas tas-somma li kienet għadha dovuta bħala kapital u tal-interessi, kif ukoll tas-somma dovuta abbażi ta' klawżola ta' penali.

Adita b'din il-kawża, il-qorti tal-ewwel istanza kienet ikkonstatat in-natura inġusta tal-klawżola ta' xoljiment *ipso jure* tal-kuntratt ta' self. Din is-sentenza ġiet sussegwentement annullata mill-qorti tal-appell, li kkonstatat li x-xoljiment *ipso jure* tal-kuntratt inkwistjoni kien seħħ fid-data tar-riżenja tal-impjegat. Peress li qiesu li kienu aġixxew fil-kwalità ta' konsumaturi u filwaqt li invokaw in-natura inġusta ta' klawżola, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tipprevedi d-dekadenza tas-self għal raġuni esterna għall-kuntratt, l-impjegat u l-konjuġi tiegħu ppreżentaw appell fil-kassazzjoni.

F'dak li jirrigwarda, fl-ewwel lok, il-kunċett ta' "konsumatur" [208], il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li huma koperti minn dan il-kunċett l-impjegat ta' impriża u l-konjuġi tiegħu li jikkonkludu kuntratt ta' kreditu ma' din l-impriża, li jkun irriżervat, prinċipalment, għall-membri tal-persunal tal-imsemmija impriża, intiż għall-finanzjament tax-xiri ta' proprjetà immobbli għal skopijiet privati. Il-Qorti tal-Ġustizzja speċifikat li l-fatt li persuna fiżika tikkonkludi kuntratt, għajr kuntratt ta' xogħol, mal-persuna li timpjegaha, ma jipprekludix, bħala tali, li din il-persuna tiġi kklassifikata bħala "konsumatur", fis-sens tad-Direttiva 93/13. Fir-rigward tal-esklużjoni tal-kuntratti ta' xogħol mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li kuntratt ta' kreditu għal proprjetà immobbli mogħti minn persuna li timpjega lill-impjegat tagħha u lill-konjuġi ta' dan tal-aħħar ma jistax jiġi kklassifikat bħala "kuntratt ta' xogħol" sa fejn dan la jirregola relazzjoni ta' xogħol u lanqas kundizzjonijiet ta' impjieg.

F'dak li jirrigwarda, fit-tieni lok, il-kunċett ta' "bejjiegħ jew fornitur" [209], il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li hija koperta minn dan il-kunċett impriża li tikkonkludi ma' wieħed mill-impjegati tagħha u mal-konjuġi ta' dan tal-aħħar, fil-kuntest tal-attività professjonali tagħha, kuntratt ta' kreditu li jkun irriżervat, prinċipalment, għall-membri tal-persunal tagħha, anki jekk l-għoti ta' krediti ma jikkostitwixxix l-attività prinċipali tagħha. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja speċifikat li, anki jekk l-attività prinċipali ta' tali persuna li timpjega ma tikkonsistix fil-provvista ta' strumenti finanzjarji iżda fil-provvista tal-enerġija, din il-persuna li timpjega għandha l-informazzjoni u l-kompetenzi tekniċi, ir-riżorsi umani u materjali li persuna fiżika, jiġifieri l-parti l-oħra għall-kuntratt, ma hijiex meqjusa li għandha. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-fatt li toffri kuntratt ta' kreditu lill-impjegati tagħha, sabiex b'hekk tagħtihom il-vantaġġ li jkun jista' jkollhom aċċess għal proprjetà, iservi sabiex jiġu attirati u miżmuma impjegati kkwalifikati u kompetenti għall-benefiċċju tal-eżerċizzju tal-attività professjonali tal-persuna li timpjega. F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li l-eżistenza jew l-assenza ta' eventwali dħul dirett, għal din il-persuna li timpjega, previst minn dan il-kuntratt, ma għandha ebda effett fuq ir-rikonoxximent ta' din il-persuna li timpjega bħala "bejjiegħ jew fornitur", fis-sens tad-Direttiva 93/13. Il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat ukoll li interpretazzjoni wiesgħa tal-kunċett ta' "bejjiegħ jew fornitur" isservi sabiex jintlaħaq l-għan ta' din id-direttiva li l-konsumatur jiġi protett bħala parti dgħajfa fil-kuntratt konkluż ma' bejjiegħ jew fornitur u li jerġa' jiġi stabbilit il-bilanċ bejn il-partijiet.

Permezz tas-sentenza tagħha tas-26 ta' Marzu 2019 fil-kawżi magħquda ***Abanca Corporación Bancaria*** (C-70/17, EU:C:2019:250) u ***Bankia*** (C-179/17, EU:C:2019:250), il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, tat deċiżjoni dwar *l-interpretazzjoni tal-Artikoli 6 u 7 tad-Direttiva 93/13*.

It-tilwimiet fil-kawżi prinċipali kienu jikkonċernaw rikorrenti li kkonkludew kuntratti ta' self ipotekarju fi Spanja li kienu jinkludu klawżola li tippermetti li tintalab l-iskadenza antiċipata tal-kuntratt b'mod partikolari fil-każ ta' nuqqas ta' ħlas ta' pagament mensili wieħed biss.

**208|** Artikolu 2(b) tad-Direttiva 93/13.

**209|** Artikolu 2(ċ) tad-Direttiva 93/13.

Il-qrati tar-rinviju staqsew lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk l-Artikoli 6 u 7 tad-Direttiva 93/13 għandhomx jiġu interpretati fis-sens, minn naħa, li, meta klawżola ta' skadenza antiċipata ta' kuntratt ta' self ipotekarju titqies li tkun inġusta, hija tkun tista' madankollu tinżamm parzjalment, permezz tat-tħassir tal-elementi li jirrenduha inġusta, u, min-naħa l-oħra, li, fil-każ kuntrarju, il-proċedura ta' eżekuzzjoni ipotekarja miftuħa b'applikazzjoni ta' din il-klawżola tkun tista' xorta waħda titkompla bl-applikazzjoni ta' regola tad-dritt nazzjonali intiża li tapplika f'assenza ta' klawżola speċifika peress li l-impossibbiltà li tintuża din il-proċedura tista' tkun kuntrarja għall-interessi tal-konsumaturi.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikoli 6 u 7 tad-Direttiva 93/13 għandhom jiġu interpretati fis-sens, l-ewwel nett, li jipprekludu li klawżola ta' skadenza antiċipata ta' kuntratt ta' self ipotekarju ddikjarata inġusta tinżamm parzjalment, permezz tat-tneħħija tal-elementi li jagħmluha inġusta, meta tali tneħħija twassal għal reviżjoni tal-kontenut tal-imsemmija klawżola billi taffettwa s-sustanza tagħha. It-tieni nett, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li dawn l-istess artikoli ma jipprekludux lill-qorti nazzjonali milli tirrimedja għan-nullità ta' tali klawżola inġusta billi tissostitwixxiha bir-redazzjoni l-ġdida tad-dispożizzjoni leġiżlattiva li tkun ispirat din il-klawżola, applikabbli fil-każ ta' ftehim bejn il-partijiet għall-kuntratt, sakemm il-kuntratt ta' self ipotekarju inkwistjoni ma jkunx jista' jibqa' fis-seħħ fil-każ tat-tneħħija tal-imsemmija klawżola inġusta u sakemm jiġi stabbilit li l-annullament tal-kuntratt fl-intier tiegħu jesponi lill-konsumatur għal konsegwenzi partikolarment dannużi.

F'dan il-kuntest, huwa minnu li l-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li, meta l-qorti nazzjonali tikkonstata n-nullità ta' klawżola inġusta f'kuntratt konkluż bejn bejjiegħ jew fornitur u konsumatur, l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 93/13 għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi dispożizzjoni legali nazzjonali li tippermetti lill-qorti nazzjonali tikkompleta dan il-kuntratt billi tirrevedi l-kontenut ta' din il-klawżola. Għalhekk, li kieku l-qorti nazzjonali tkun tista' tirrevedi l-kontenut tal-klawżoli inġusti li jinsabu f'tali kuntratt, tali possibbiltà tkun tista' tippreġudika t-twettiq tal-għan fuq żmien twil imsemmi fl-Artikolu 7 tad-Direttiva 93/13. Fil-fatt, din il-possibbilta tkun qed tikkontribwixxi sabiex jiġi eliminat l-effett dissważiv eżerċitat fuq bejjiegħa jew fornituri bin-nuqqas pur u sempliċi ta' applikazzjoni fir-rigward tal-konsumatur ta' tali klawżoli inġusti, sa fejn dawn jibqgħalhom it-tentazzjoni li jużaw l-imsemmija klawżoli, minħabba li jkunu jafu li, anki li kieku dawn kellhom jiġu ddikjarati invalidi, il-kuntratt ikun jista' madankollu jiġi kkompletat, kif meħtieġ, mill-qorti nazzjonali b'tali mod li jiġu għaldaqstant iggarantiti l-interessi tal-imsemmija bejjiegħa jew fornituri.

Madankollu, f'sitwazzjoni fejn kuntratt konkluż bejn bejjiegħ jew fornitur u konsumatur ma jistax jibqa' jeżisti wara t-tneħħija ta' klawżola inġusta, l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 93/13 ma jipprekludix li l-qorti nazzjonali, b'applikazzjoni tal-prinċipji tad-dritt tal-kuntratti, tannulla l-klawżola inġusta billi tissostitwixxiha b'dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali intiża li tapplika f'assenza ta' klawżola speċifika f'sitwazzjonijiet li fihom l-invalidazzjoni tal-klawżola inġusta tobbliga lill-qorti tannulla l-kuntratt kollu kemm hu, u b'hekk tesponi lill-konsumatur għal konsegwenzi partikolarment dannużi, b'tali mod li dan tal-aħħar jiġi ppenalizzat.

Tali sostituzzjoni hija kompletament iġġustifikata fid-dawl tal-finalità tad-Direttiva 93/13. Fil-fatt, din is-sostituzzjoni tkun konformi mal-għan tal-Artikolu 6(1) ta' din id-direttiva peress li din id-dispożizzjoni hija intiża li tissostitwixxi l-bilanċ formali li l-kuntratt jistabbilixxi bejn id-drittijiet u l-obbligi tal-kontraenti b'bilanċ reali ta' natura li jistabbilixxi mill-ġdid l-ugwaljanza bejn dawn tal-aħħar u ma hijiex intiża li tannulla l-kuntratti kollha li fihom klawżoli inġusti.

Li kieku ma jkunx permess li klawżola inġusta tiġi ssostitwita b'dispożizzjoni legali nazzjonali intiża li tapplika f'assenza ta' klawżola speċifika, u li kieku b'hekk il-qorti tkun obbligata tannulla l-kuntratt kollu kemm hu, il-konsumatur jista' jkun espost għal konsegwenzi partikolarment dannużi, b'tali mod li n-natura dissważiva li tirriżulta mill-annullament tal-kuntratt tirriskja li tiġi kompromessa. Fil-fatt, fir-rigward ta' kuntratt ta' self, tali annullament ikollu, bħala prinċipju, il-konsegwenza li l-ammont tas-self li jkun għad fadal jitħallas isir

dovut immedjatament fi proporzjonijiet li jirriskjaw li jaqbżu l-kapaċitajiet finanzjarji tal-konsumatur, u, minħabba f'hekk, aktarx jippenalizza lilu iktar milli lill-kreditur li, għaldaqstant, ma jiġix skoraġġut milli jdaħħal tali klawżoli fil-kuntratti li joffri.

Għal raġunijiet analogi, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, f'sitwazzjoni fejn kuntratt ta' self ipotekarju konkluż bejn bejjiegħ jew fornitur u konsumatur ma jkunx jista' jibqa' jeżisti wara t-tħassir ta' klawżola inġusta li l-formulazzjoni tagħha tkun ispirata minn dispożizzjoni leġiżlattiva applikabbli fil-każ ta' qbil bejn il-partijiet fil-kuntratt, l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 93/13 lanqas ma jipprekludi lill-qorti nazzjonali, sabiex jiġi evitat li dan il-kuntratt jiġi annullat, milli tissostitwixxi din il-klawżola bil-formulazzjoni l-ġdida ta' din id-dispożizzjoni leġiżlattiva ta' riferiment introdotta wara l-konklużjoni tal-kuntratt, sa fejn l-annullament tal-kuntratt jesponi lill-konsumatur għal konsegwenzi partikolarment dannużi.

Huma l-qrati tar-rinviju li jkollhom jivverifikaw, skont ir-regoli tad-dritt intern u skont approċċ oġġettiv, jekk it-tħassir ta' dawn il-klawżoli jkollux il-konsegwenza li l-kuntratti ta' self ipotekarju ma jkunux jistgħu jibqgħu jeżistu.

F'tali ipoteżi, il-qrati tar-rinviju jkollhom jeżaminaw jekk l-annullament tal-kuntratti ta' self ipotekarju inkwistjoni fil-kawżi prinċipali jkunx ser jesponi lill-konsumaturi kkonċernati għal konsegwenzi partikolarment dannużi. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li mid-deċiżjonijiet tar-rinviju jirriżulta li tali annullament seta' jkollu effetti, b'mod partikolari, fuq il-modalitajiet proċedurali tad-dritt nazzjonali li jipprovdu li l-banek jistgħu jiksbu, mill-qrati, ir-rimbors tal-ammont kollu tas-self li jkun għadu dovut mill-konsumaturi.

Fis-sentenza ***EVN Bulgaria Toplofikatsia u Toplofikatsia Sofia*** (C-708/17 u C-725/17, EU:C:2019:1049) [210], mogħtija fil-5 ta' Diċembru 2019, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li *d-Direttiva 2011/83 dwar id-drittijiet tal-konsumaturi* [211] *u d-Direttiva 2005/29 dwar prattiki kummerċjali żleali* [212] *ma jipprekludux leġiżlazzjoni nazzjonali li tobbliga lill-proprjetarji ta' appartament f'kondominju konness ma' netwerk ta' sħana urban jikkontribwixxu għall-ispejjeż tal-konsum tal-enerġija termika tal-partijiet komuni u tal-installazzjoni interna tal-immobbli, anki jekk ma jkunux talbu individwalment il-provvista ta' tisħin u ma jagħmlux użu minnu fl-appartament tagħhom.* Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet ukoll li lanqas id-Direttivi 2006/32 [213] u 2012/27 [214], dwar l-effiċjenza fl-enerġija, ma jipprekludu din l-istess leġiżlazzjoni, li tipprovdi li l-kontijiet relatati ma' dan il-konsum għandhom jiġu stabbiliti, għal kull proprjetarju ta' appartament f'kondominju, proporzjonalment għall-volum imsaħħan tal-appartament tiegħu.

It-tilwimiet fil-kawżi prinċipali kienu jaqgħu fil-kuntest ta' żewġ azzjonijiet għall-ħlas ta' kontijiet indirizzati lill-proprjetarji ta' beni f'kondominju li jirrigwardaw il-konsum ta' enerġija termika tal-installazzjoni interna u tal-partijiet komuni ta' dan l-immobbli. Dawn il-proprjetarji rrifjutaw li jħallsu dawn il-kontijiet peress li

210| Din is-sentenza tikkonċerna wkoll il-qasam tal-effettività enerġetika. Ara t-Taqsima XIX, "Enerġija".

211| Artikolu 27 tad-Direttiva 2011/83.

212| Direttiva 2005/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2005 dwar prattiċi kummerċjali żleali fin-negozju mal-konsumatur fis-suq intern u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 84/450/KEE, id-Direttivi 97/7/KE, 98/27/KE u 2002/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (Direttiva dwar Prattiċi Kummerċjali Żleali) (ĠU 2005, L 149, p. 22, rettifika fil-ĠU 2006, L 114, p. 86), Artikolu 5(1) u (5).

213| Direttiva 2006/32/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2006 dwar effiċjenza fl-użu finali ta' l-enerġija u dwar servizzi ta' enerġija u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 93/76/KEE (ĠU 2006, L 114, p. 64), Artikolu 13(2).

214| Direttiva 2012/27/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-effiċjenza fl-enerġija, li temenda d-Direttivi 2009/125/KE u 2010/30/UE u li tħassar id-Direttivi 2004/8/KE u 2006/32/KE (ĠU 2012, L 315, p. 1, rettifika fil-ĠU 2013, L 113, p. 24), Artikolu 10(1).

qiesu li, għalkemm il-proprjetà immobbli tagħhom kienet konnessa ma' netwerk ta' sħana urban skont kuntratt ta' provvista konkluż bejn il-kondominju u l-fornitur tal-enerġija termika, huma madankollu ma kinux taw il-kunsens individwali tagħhom sabiex jirċievu t-tisħin urban u ma kinux jużawh fl-appartament tagħhom.

Il-Qorti tal-Ġustizzja indirizzat, l-ewwel nett, l-interpretazzjoni tal-kunċett ta' "konsumatur", fis-sens tad-Direttiva 2011/83 [215], u ddeċidiet li jaqgħu taħt dan il-kunċett, fil-kwalità tagħhom ta' klijenti ta' fornitur ta' enerġija, il-proprjetarji u d-detenturi ta' dritt *in rem* dwar l-użu ta' beni f'kondominju konness ma' netwerk ta' sħana urban, sa fejn dawn ikunu persuni fiżiċi li ma jeżerċitawx attivitajiet kummerċjali jew professjonali. Għalhekk, minn dan hija ddeduċiet li l-kuntratti ta' provvista ta' tisħin urban inkwistjoni fil-kawża prinċipali kienu jaqgħu taħt il-kategorija ta' kuntratti konklużi bejn kummerċjanti u konsumaturi, fis-sens tal-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2011/83.

It-tieni nett, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat il-kunċett ta' "provvista mhux mitluba" ta' oġġett, fis-sens tal-Artikolu 27 tad-Direttiva 2011/83, billi indikat li l-provvista ta' enerġija termika tal-installazzjoni interna u, għaldaqstant, ta' partijiet komuni ta' kondominju, imwettqa wara deċiżjoni adottata mill-kondominju li din tiġi konnessa mat-tisħin urban, skont id-dritt nazzjonali, ma kinitx tikkostitwixxi provvista mhux mitluba ta' tisħin urban.

Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja tat deċiżjoni dwar il-metodu ta' fatturazzjoni tal-konsum tal-enerġija termika f'kondominju. F'dan ir-rigward, hija osservat li, skont id-Direttiva 2006/32 [216], l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-klijenti finali fl-oqsma, b'mod partikolari, tal-elettriku u tat-tisħin urban jingħataw meters individwali li jkejlu bi preċiżjoni l-konsum effettiv tagħhom, meta dan ikun teknikament possibbli. Issa, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, jidher li kien diffiċili li wieħed ikun jista' jindividwalizza kompletament il-kontijiet relatati mat-tisħin f'kondominju, b'mod partikolari fir-rigward tal-installazzjoni interna u tal-partijiet komuni, peress li l-appartamenti ta' tali immobbli ma kinux indipendenti wieħed mill-ieħor fuq livell termiku, sa fejn is-sħana tiċċirkula bejn l-unitajiet imsaħħna u dawk li huma inqas imsaħħna jew li ma humiex imsaħħna. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li, fid-dawl tal-marġni ta' manuvra wiesa' li għandhom l-Istati Membri fil-metodu tal-kalkolu tal-konsum tal-enerġija termika f'kondominji, id-Direttivi 2006/32 u 2012/27 ma jipprekludux li l-kalkolu tas-sħana trażmessa mill-installazzjoni interna ta' tali immobbli jsir b'mod proporzjonali għall-volum imsaħħan ta' kull appartament.

# XVIII. Ambjent

Fil-qasam tal-protezzjoni tal-ambjent, għandhom jiġu indikati diversi sentenzi. L-ewwel sentenza tikkonċerna l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' prekawzjoni fil-qasam tat-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti. It-tieni sentenza tirrigwarda l-invokabbiltà quddiem il-qrati nazzjonali tad-Direttiva 91/676 dwar il-protezzjoni tal-ilma kontra t-tniġġis ikkawżat min-nitrati minn sorsi agrikoli. Għandhom jissemmew ukoll tliet sentenzi oħra dwar, l-ewwel waħda, l-interpretazzjoni tad-Direttiva dwar il-habitats u, it-tnejn l-oħra, l-applikazzjoni tad-Direttiva 85/337/KEE dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent [217].

**215|** Artikolu 2(1) tad-Direttiva 2011/83.

**216|** Artikolu 13(2) tad-Direttiva 2006/32.

**217|** Għandha tissemma wkoll is-sentenza ***Deutsche Umwelthilfe*** (C-752/18), mogħtija fid-19 ta' Diċembru 2019, li fiha l-Qorti tal-Ġustizzja tat deċiżjoni dwar il-kwistjoni tal-adozzjoni mill-qrati nazzjonali ta' miżuri ta' eżekuzzjoni, li jinvolvu d-detenzjoni ta' persuni, fil-konfront tal-persuni responsabbli għall-awtoritajiet nazzjonali li jirrifjutaw b'mod persistenti li jikkonformaw ruħhom ma' deċiżjoni ġudizzjarja li tordnalhom jeżegwixxu l-obbligi tagħhom taħt id-Direttiva 2008/50 dwar il-kwalità tal-arja fl-ambjent. Din is-sentenza ġiet ippreżentata fit-Taqsima IV, "Dritt tal-Unjoni u dritt nazzjonali".

## 1. Prinċipju ta’ prekawzjoni

Fis-sentenza tagħha ***Blaise et*** (C-616/17, EU:C:2019:800), mogħtija fl-1 ta’ Ottubru 2019, il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, tat deċiżjoni dwar il-validità, fid-dawl tal-prinċipju ta’ prekawzjoni, tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta’ Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta’ prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti [218]. Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari ġie ppreżentat fil-kuntest ta’ proċeduri kriminali mibdija kontra M. Blaise u għoxrin akkużat ieħor talli wettqu kollettivament l-isfigurazzjoni jew id-deterjorament tal-proprjetà ta’ ħaddieħor. Dawn il-persuni kienu daħlu fi ħwienet li jinsabu fid-dipartiment ta’ Ariège (Franza) u sfiguraw konteninturi ta’ erbiċidi li kien fihom il-glifosat kif ukoll vetrini tal-ħġieġ. Sabiex jiġġustifikaw l-aġir tagħhom, intiż sabiex il-ħwienet u l-klijentela tagħhom jiġu avżati dwar il-perikoli marbuta mal-kummerċjalizzazzjoni ta’ erbiċidi li jkun fihom il-glifosat, l-akkużati invokaw il-prinċipju ta’ prekawzjoni. Sabiex tagħti deċiżjoni dwar il-fondatezza ta’ dan l-argument, il-qorti tar-rinviju qieset li kellha tagħti deċiżjoni dwar il-validità tar-Regolament Nru 1107/2009 fid-dawl tal-prinċipju ta’ prekawzjoni u għaldaqstant għamlet domandi lill-Qorti tal-Ġustizzja f’dan ir-rigward.

Filwaqt li ppreċiżat il-portata ta’ dan il-prinċipju, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat l-ewwel nett li l-leġiżlatur tal-Unjoni għandu jikkonforma ruħu miegħu meta jadotta regoli li jirregolaw it-tqegħid fis-suq ta’ prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti. Peress li r-Regolament Nru 1107/2009 għandu l-għan li jistabbilixxi r-regoli li jirregolaw l-awtorizzazzjoni ta’ prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u l-approvazzjoni tas-sustanzi attivi li jinsabu f’dawn il-prodotti, bil-għan li jitqiegħdu fis-suq, il-leġiżlatur tal-Unjoni kellu jistabbilixxi qafas leġiżlattiv li jippermetti lill-awtoritajiet kompetenti jkollhom, meta jagħtu deċiżjoni dwar din l-awtorizzazzjoni u dwar din l-approvazzjoni, elementi suffiċjenti sabiex jevalwaw b’mod sodisfaċenti r-riskji għas-saħħa li jirriżultaw mill-użu ta’ dawn is-sustanzi attivi u ta’ dawn il-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti. F’dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li, fid-dawl tan-neċessità tal-ibbilanċjar ta’ diversi għanijiet u prinċipji, kif ukoll minħabba l-kumplessità tal-implimentazzjoni tal-kriterji rilevanti, l-istħarriġ ġudizzjarju għandu jkun limitat għal jekk il-leġiżlatur tal-Unjoni jkunx wettaq żball manifest ta’ evalwazzjoni.

It-tieni nett, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-assenza ta’ definizzjoni tal-kunċett ta’ “sustanza attiva” mir-Regolament ma hijiex inkompatibbli mal-prinċipju ta’ prekawzjoni. Fil-fatt, meta jippreżenta l-applikazzjoni tiegħu għal awtorizzazzjoni ta’ prodott għall-protezzjoni tal-pjanti, l-applikant huwa obbligat jindika kull sustanza li tifforma parti mill-kompożizzjoni ta’ dan il-prodott u li tissodisfa l-kriterji tar-Regolament. L-applikant għalhekk ma għandux il-possibbiltà li jagħżel b’mod diskrezzjonali liema komponent tal-imsemmi prodott għandu jitqies li huwa sustanza attiva. Issa, billi ddetermina b’dan il-mod l-obbligi li għandu l-applikant dwar l-identifikazzjoni tas-sustanzi attivi, il-leġiżlatur ma wettaq ebda żball manifest ta’ evalwazzjoni.

Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li r-Regolament huwa konformi mal-prinċipju ta’ prekawzjoni, sa fejn jimponi t-teħid inkunsiderazzjoni tal-effetti kumulattivi tal-komponenti ta’ prodott għall-protezzjoni tal-pjanti. Il-proċedura ta’ approvazzjoni tas-sustanzi attivi u l-proċedura ta’ awtorizzazzjoni tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti jipprevedu li l-evalwazzjoni tat-talbiet tinkludi l-evalwazzjoni tal-eventwali effetti dannużi ta’ prodott, inklużi dawk li jirriżultaw mill-interazzjoni bejn il-komponenti tal-prodott. Fuq dan il-punt, ir-Regolament lanqas ma kien ivvizzjat bi żball manifest ta’ evalwazzjoni.

L-istess konklużjoni nstiltet fir-rigward tal-affidabbiltà tat-testijiet, tal-istudji u tal-analiżi meħuda inkunsiderazzjoni għall-finijiet tal-awtorizzazzjoni ta’ prodott għall-protezzjoni tal-pjanti. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, il-fatt li t-testijiet, l-istudji u l-analiżi neċessarji għall-proċeduri ta’ approvazzjoni ta’ sustanza attiva u ta’ awtorizzazzjoni ta’ prodott għall-protezzjoni tal-pjanti jiġu pprovduti mill-applikant, mingħajr kontroanaliżi indipendenti, ma

218| Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta’ Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta’ prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE (ĠU 2009, L 309, p. 1).

jirriżultax fil-ksur tal-prinċipju ta' prekawzjoni. F'dan ir-rigward, ir-Regolament jimponi fuq l-applikant l-obbligu li jipproduċi l-prova tal-assenza ta' natura dannuża tal-prodotti, jirregola l-kwalità tat-testijiet u tal-analiżi prodotti u jinkariga lill-awtoritajiet kompetenti, li quddiemhom tiġi ppreżentata l-applikazzjoni, sabiex iwettqu evalwazzjoni oġġettiva u indipendenti. F'dan il-kuntest, dawn l-awtoritajiet għandhom, b'mod obbligatorju, jieħdu inkunsiderazzjoni l-elementi rilevanti minbarra dawk prodotti mill-applikant u, b'mod partikolari, l-iktar informazzjoni xjentifika disponibbli affidabbli kif ukoll l-iktar riżultati reċenti tar-riċerka internazzjonali, mingħajr ma jagħtu f'kull każ piż predominanti lill-istudji prodotti mill-applikant. Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li r-Regolament ma jeżentax lill-applikant milli jipprovdi testijiet ta' karċinoġeniċità u ta' tossiċità tal-prodott ikkonċernat. Fil-fatt, tali prodott jista' jiġi awtorizzat biss jekk l-awtoritajiet kompetenti jeskludu r-riskju ta' effett dannuż immedjat jew ittardjat fuq is-saħħa tal-bniedem.

Għaldaqstant, ma ġie identifikat ebda element li jista' jaffettwa l-validità tar-Regolament Nru 1107/2009.

## 2. Protezzjoni tal-ilma kontra t-tniġġis ikkawżat min-nitrati

Fis-sentenza ***Wasserleitungsverband Nördliches Burgenland et*** (C-197/18, EU:C:2019:824), mogħtija fit-3 ta' Ottubru 2019, il-Qorti tal-Ġustizzja *affermat, għall-ewwel darba, li l-persuni fiżiċi u ġuridiċi kkonċernati direttament mit-tniġġis tal-ilma ta' taħt l-art jistgħu jinvokaw, quddiem il-qrati nazzjonali, uħud mid-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 91/676 dwar il-protezzjoni tal-ilma kontra t-tniġġis ikkawżat min-nitrati minn sorsi agrikoli* [219] (iktar 'il quddiem id-"Direttiva dwar in-nitrati").

Din is-sentenza ngħatat fil-kuntest ta' kawża bejn is-Sindakat għad-Distribuzzjoni tal-Ilma tal-Burgenland Nord (l-Awstrija), komun Awstrijak li jopera bir għal skopijiet muniċipali u individwu, proprjetarju ta' bir domestiku, bħala rikorrenti, u l-Ministeru Federali għas-Sostenibbiltà u għat-Turiżmu Awstrijak. Ir-rikorrenti kienu qegħdin jilmentaw dwar it-tniġġis tal-ilma ta' taħt l-art fir-reġjun tagħhom, li l-livell tan-nitrati tiegħu jeċċedi regolarment il-limitu ta' 50 mg/l previst mid-Direttiva dwar in-nitrati. F'dawn iċ-ċirkustanzi, huma ressqu talbiet intiżi għall-adozzjoni ta' miżuri li jippermettu li jitnaqqas il-livell tan-nitrati f'dan l-ilma. Il-Ministeru, għall-kuntrarju, ikkontesta l-*locus standi* tar-rikorrenti sabiex jeżiġu tali miżuri. Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja ġiet mistiedna tippreċiża jekk persuni fiżiċi u ġuridiċi, bħat-tliet rikorrenti, setgħux jinvokaw id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva dwar in-nitrati sabiex jitolbu l-adozzjoni jew l-emenda ta' miżuri nazzjonali previsti mill-imsemmija direttiva sabiex titnaqqas il-konċentrazzjoni tan-nitrati fl-ilma ta' taħt l-art.

Il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret, l-ewwel nett, li, sabiex tinżamm in-natura vinkolanti tad-direttivi u l-effett utli tagħhom, id-dritt nazzjonali ma jistax jeskludi, bħala prinċipju, li l-individwi jinvokaw id-dispożizzjonijiet previsti minn dawn l-atti tad-dritt tal-Unjoni. Minn tal-inqas, il-persuni fiżiċi jew ġuridiċi li jkunu direttament ikkonċernati minn ksur tad-dispożizzjonijiet ta' direttiva għandhom ikunu jistgħu jitolbu lill-awtoritajiet kompetenti, possibbilment permezz ta' azzjoni legali, josservaw l-obbligi inkwistjoni.

It-tieni nett, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li livell ta' nitrati li, fl-ilma ta' taħt l-art, jaqbeż jew jirriskja li jaqbeż il-limitu ta' 50 mg/l previst mid-Direttiva dwar in-nitrati, imur kontra l-għan prinċipali ta' din id-direttiva. Din id-direttiva hija intiża li tippermetti lill-individwi jużaw b'mod leġittimu l-ilma ta' taħt l-art. Jekk dan il-limitu ma jiġix osservat, l-ilma għandu jiġi kklassifikat bħala mniġġes. Għaldaqstant, ir-riskju li jista' jinqabeż il-limitu ta' 50 mg/l diġà jxekkel l-użu normali tal-ilma u jeħtieġ l-implimentazzjoni ta' miżuri għat-tindif mit-tniġġis

219| Direttiva tal-Kunsill 91/676/KEE tat-12 ta' Diċembru 1991 dwar il-protezzjoni ta' l-ilma kontra t-tniġġis ikkawżat min-nitrati minn sorsi agrikoli (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 2, p. 68).

mill-persuni li jkollhom għajn tal-ilma. Dawn il-persuni huma għalhekk ikkonċernati direttament mill-ksur tal-għan prinċipali tad-Direttiva dwar in-nitrati u għandhom ikunu jistgħu jadixxu lill-awtoritajiet u lill-qrati nazzjonali sabiex jitolbu l-osservanza tal-obbligi li għandhom l-Istati Membri taħt din id-direttiva.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li, meta n-nitrati minn sorsi agrikoli jikkontribwixxu b'mod sinjifikattiv għat-tniġġis tal-ilma, id-Direttiva dwar in-nitrati tapplika u tobbliga lill-Istati Membri jniedu programmi ta' azzjoni u jieħdu l-miżuri kollha neċessarji sabiex inaqqsu l-konċentrazzjoni tan-nitrati bil-għan li jiġi evitat li jinqabeż il-limitu ta' nitrati ta' 50 mg/l fl-ilma jew li jiġi evitat ir-riskju li dan jinqabeż. Għal dan il-għan, l-Istati Membri huma obbligati wkoll jikkontrollaw mill-qrib l-istat tal-ilma fil-kuntest ta' programmi ta' sorveljanza u permezz ta' punti ta' kejl magħżula, filwaqt li jittieħed inkunsiderazzjoni l-aqwa għarfien xjentifiku u tekniku disponibbli.

L-obbligu impost fuq l-Istati Membri li jadottaw il-miżuri neċessarji sabiex jitnaqqas il-livell tan-nitrati fl-ilma ta' taħt l-art previsti mid-Direttiva dwar in-nitrati huwa ċar, preċiż u inkundizzjonat u jista', għalhekk, jiġi invokat direttament mill-individwi kontra l-Istati Membri.

Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti tal-Ġustizzja għaldaqstant iddeċidiet li, meta l-attività agrikola tikkontribwixxi b'mod sinjifikattiv għat-tniġġis tal-ilma ta' taħt l-art, il-persuni fiżiċi u ġuridiċi li l-użu leġittimu tal-għajn tal-ilma tagħhom ikun imxekkel għandhom ikunu jistgħu jitolbu lill-awtoritajiet nazzjonali jbiddlu programm ta' azzjoni eżistenti jew jadottaw miżuri oħra previsti mid-Direttiva dwar in-nitrati, sakemm il-livell tan-nitrati fl-ilma ta' taħt l-art jaqbeż jew jirriskja li jaqbeż, fl-assenza ta' dawn il-miżuri, 50 mg/l.

## 3. Direttiva dwar il-habitats

Fis-sentenza tagħha ***Luonnonsuojeluyhdistys Tapiola*** (C-674/17, EU:C:2019:851), mogħtija fl-10 ta' Ottubru 2019, li tirrigwarda *l-interpretazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 92/43 tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni ta' l-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa* [220] (iktar 'il quddiem id-"Direttiva dwar il-habitats"), it-Tieni Awla tal-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat il-kundizzjonijiet kollha li hija suġġetta għalihom l-adozzjoni mill-Istati Membri ta' miżuri li jidderogaw mill-projbizzjoni ta' qtil intenzjonali ta' kampjuni ta' speċi li jgawdu minn protezzjoni stretta [221], f'dan il-każ il-lupu (*canis lupus*).

Permezz ta' żewġ deċiżjonijiet tat-18 ta' Diċembru 2015, l-Uffiċċju Finlandiż għall-Fawna Selvaġġa awtorizza l-qtil ta' sebat ilpup fir-reġjun ta' Pohjois-Savo bejn it-23 ta' Jannar u l-21 ta' Frar 2016.għan prinċipali kien li jiġi evitat il-qtil illegali, jiġifieri l-kaċċa illegali. Adita b'appell minn dawn id-deċiżjonijiet imressqa minn assoċjazzjoni Finlandiża għall-protezzjoni tal-ambjent, il-Qorti Amministrattiva Suprema tal-Finlandja staqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, essenzjalment, tiddetermina jekk id-Direttiva dwar il-habitats tipprekludix l-adozzjoni ta' tali deċiżjonijiet.

Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li d-Direttiva dwar il-habitats għandha tiġi interpretata fis-sens li tipprekludi l-adozzjoni ta' tali deċiżjonijiet jekk dawn tal-aħħar ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet kollha elenkati f'din id-direttiva.

220| Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni ta' l-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 2, p. 102).

221| L-Artikolu 12(1)(a) tad-Direttiva dwar il-habitats jipprevedi li l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jistabbilixxu sistema ta' protezzjoni stretta tal-ispeċi ta' annimali li jinsabu fil-punt (a) tal-Anness IV tagħha, fil-firxa naturali tagħhom, billi jipprojbixxu, b'mod partikolari, kull forma ta' qbid jew qtil intenzjonat ta' kampjuni ta' dawn l-ispeċi fis-selvaġġ.

Għaldaqstant, fl-ewwel lok, tali derogi għandhom jiddefinixxu b'mod ċar, preċiż u ssostanzjat l-għanijiet li huma jfittxu u għandhom jistabbilixxu, abbażi ta' data xjentifika rigoruża, li jkunu xierqa sabiex jintlaħaq dan il-għan. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, f'dan il-każ, li l-ġlieda kontra l-kaċċa illegali tista' tiġi invokata bħala għan kopert minn din id-direttiva, iżda li l-awtorizzazzjoni għandha verament tkun tista' tnaqqas il-kaċċa illegali, u dan sa fejn ikun ser ikollha effett pożittiv nett fuq l-istat ta' konservazzjoni tal-popolazzjoni tal-ilpup.

Fit-tieni lok, għandu jintwera, b'mod preċiż u adegwat, li l-għan imfittex ma jkunx jista' jintlaħaq b'soluzzjoni sodisfaċenti oħra. Il-Qorti tal-Ġustizzja osservat, fuq dan il-punt, li s-sempliċi eżistenza ta' attività illegali bħall-kaċċa illegali jew id-diffikultajiet fl-implimentazzjoni tal-kontroll tagħha ma jistgħux jikkostitwixxu element suffiċjenti f'dan ir-rigward. Għall-kuntrarju, għandha tingħata prijorità għall-kontroll strett u effikaċi ta' din l-attività illegali.

Fit-tielet lok, l-Artikolu 16 tad-Direttiva dwar il-habitats ifakkar li ż-żamma, fi stat ta' konservazzjoni favorevoli, tal-popolazzjonijiet tal-ispeċi kkonċernati fil-firxa naturali tagħhom hija kundizzjoni neċessarja u preliminari għall-għoti ta' tali derogi. Dawn tal-aħħar għandhom għaldaqstant ikunu bbażati fuq kriterji ddefiniti b'mod li tiġi żgurata l-preservazzjoni fit-tul tad-dinamika u tal-istabbiltà soċjali tal-ispeċi inkwistjoni. Id-derogi għandhom barra minn hekk ikunu s-suġġett ta' evalwazzjoni tal-imsemmi stat ta' konservazzjoni kif ukoll tal-impatt li dawn id-derogi jistgħu jkollhom fuqu. Barra minn hekk, l-Istati Membri għandhom, skont il-prinċipju ta' prekawzjoni, jastjenu milli jadottaw jew jimplimentaw tali derogi jekk ikun hemm inċertezzi dwar jekk tali deroga tkunx ser tippreġudika jew le ż-żamma jew ir-ripristinar tal-popolazzjonijiet ta' speċi mhedda b'estinzjoni fi stat ta' konservazzjoni favorevoli.

Fl-aħħar nett, fir-raba' lok, l-Istati Membri għandhom jissodisfaw il-kundizzjonijiet speċifiċi ddefiniti fl-Artikolu 16(1)(e) tad-Direttiva dwar il-habitats. Huma għandhom, l-ewwel nett, jiffissaw numru limitat u speċifikat ta' kampjuni li jistgħu jkunu s-suġġett ta' deroga, b'tali mod li jiġi evitat kull riskju ta' impatt negattiv sinjifikattiv fuq l-istruttura tal-popolazzjoni kkonċernata. Huma għandhom, it-tieni nett, jiddefinixxu dawn il-kampjuni b'mod selettiv u limitat, li jista' jinvolvi identifikazzjoni individwali. Huma għandhom, it-tielet nett, jiżguraw li kemm l-adozzjoni kif ukoll l-applikazzjoni ta' dawn id-derogi jiġu kkontrollati b'mod effettiv u fil-ħin.

## 4. Evalwazzjoni tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent

Huma tnejn is-sentenzi li jistħoqqilhom li jissemmew f'din it-taqsima. Fis-sentenza ***Il-Kummissjoni vs L-Irlanda (Impjant ta' mtieħen tar-riħ f'Derrybrien)*** (C-261/18, EU:C:2019:955), mogħtija fit-12 ta' Novembru 2019, il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, ikkundannat lill-Irlanda għal sanzjonijiet pekunjarji talli ma ħaditx passi konkreti b'reazzjoni għas-sentenza tat-3 ta' Lulju 2008, *Il-Kummissjoni vs L-Irlanda* [222], sa fejn fiha l-Qorti tal-Ġustizzja kienet ikkonstatat ksur tad-Direttiva 85/337 [223] dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent. Din is-sentenza ġiet ippreżentata fit-Taqsima V.1.1, "Rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu".

Permezz tas-sentenza ***Inter-Environnement Wallonie u Bond Beter Leefmilieu Vlaanderen*** (C-411/17, EU:C:2019:622), mogħtija fid-29 ta' Lulju 2019, il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti,

222| Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-3 ta' Lulju 2008, ***Il-Kummissjoni vs L-Irlanda*** (C-215/06, EU:C:2008:830).

223| Direttiva tal-Kunsill 85/337/KEE tas-27 ta' Ġunju 1985 dwar l-istima ta' l-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 1, p. 248).

tat deċiżjoni *dwar l-interpretazzjoni tad-Direttiva 92/43, dwar il-konservazzjoni tal-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa, u tad-Direttiva 2011/92, dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent* [224]. Din is-sentenza ngħatat fil-kuntest ta' tilwima bejn, minn naħa, żewġ assoċjazzjonijiet, Inter-Environnement Wallonie ASBL u Bond Beter Leefmilieu Vlaanderen ASBL, li l-għan soċjali tagħhom huwa l-protezzjoni tal-ambjent u tal-ħajja, u, min-naħa l-oħra, il-Kunsill tal-Ministri (il-Belġju), dwar il-liġi li permezz tagħha r-Renju tal-Belġju, minn naħa, ippreveda l-bidu mill-ġdid, għal perijodu ta' kważi għaxar snin, tal-attività ta' produzzjoni industrijali ta' elettriku ta' impjant nukleari li kien twaqqaf u, min-naħa l-oħra, ipposponà b'għaxar snin it-terminu inizjalment previst għad-diżattivazzjoni u għat-twaqqif tal-produzzjoni industrijali ta' elettriku ta' impjant nukleari attiv. Dawn l-assoċjazzjonijiet essenzjalment sostnew li l-awtoritajiet Belġjani adottaw din il-liġi mingħajr ma ġew osservati r-rekwiżiti ta' evalwazzjoni minn qabel imposti mill-imsemmija direttivi.

F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-miżuri kontenzjużi dwar l-estensjoni tal-produzzjoni industrijali ta' elettriku ta' impjant nukleari kienu jikkostitwixxu "proġett" fis-sens tad-Direttivi 2011/92 u 92/43, għaliex dawn neċessarjament kienu jimplikaw it-twettiq ta' xogħlijiet fuq skala kbira, li jbiddlu r-realtà fiżika tas-siti kkonċernati. Dan il-proġett kellu, bħala prinċipju, ikun suġġett għal evalwazzjoni tal-effetti fuq l-ambjent u fuq is-siti protetti kkonċernati, qabel l-adozzjoni ta' dawn il-miżuri. Il-fatt li l-implimentazzjoni ta' dawn tal-aħħar timplika atti ulterjuri, bħall-ħruġ, għal wieħed mill-impjanti kkonċernati, ta' awtorizzazzjoni individwali ġdida ta' produzzjoni ta' elettriku għal finijiet industrijali, ma huwiex determinanti f'dan ir-rigward. Ix-xogħlijiet marbuta b'mod inseparabbli mal-imsemmija miżuri kellhom ukoll ikunu suġġetti għal tali evalwazzjoni qabel l-adozzjoni ta' dawn l-istess miżuri jekk in-natura tagħhom u l-effetti potenzjali tagħhom fuq l-ambjent u fuq is-siti protetti kienu suffiċjentement identifikabbli f'dan l-istadju.

Stat Membru jkun awtorizzat li jeżenta, skont id-Direttiva 2011/92, tali proġett minn evalwazzjoni tal-effetti fuq l-ambjent bil-għan li tiġi żgurata s-sigurtà tal-provvista tal-elettriku tiegħu fil-każ biss li juri b'mod partikolari li r-riskju għas-sigurtà ta' din il-provvista jkun raġonevolment probabbli u li l-proġett inkwistjoni jkollu natura ta' urġenza li tista' tiġġustifika l-assenza ta' tali evalwazzjoni. Din il-possibbiltà ta' eżenzjoni għandha madankollu titqies li tkun bla ħsara għall-obbligu ta' evalwazzjoni ambjentali li huwa marbut mal-proġetti li, bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali, ikollhom effetti transkonfinali.

Barra minn hekk, għalkemm l-għan li tiġi żgurata, f'kull ħin, is-sigurtà tal-provvista tal-elettriku ta' Stat Membru jikkostitwixxi raġuni imperattiva ta' interess pubbliku kbir, fis-sens tad-Direttiva 92/43, li jiġġustifika t-twettiq tal-proġett minkejja evalwazzjoni negattiva u fl-assenza ta' soluzzjonijiet alternattivi, dan madankollu jkun differenti fil-każ li s-sit protett li jista' jiġi affettwat mill-proġett jospita tip ta' habitat naturali ta' prijorità jew speċi ta' prijorità. F'każ bħal dan, tkun biss in-neċessità li tiġi eskluża theddida reali u serja ta' waqfien tal-provvista tal-elettriku tal-Istat Membru kkonċernat li tkun ta' natura li tikkostitwixxi raġuni ta' sigurtà pubblika, fis-sens ta' din id-direttiva, u tkun tista' tikkostitwixxi tali ġustifikazzjoni. Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li qorti nazzjonali tista', jekk id-dritt intern jippermetti dan u b'mod eċċezzjonali, iżżomm l-effetti ta' miżuri, bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li jkunu ġew adottati bi ksur tal-obbligi stabbiliti mid-Direttivi 2011/92 u 92/43, jekk din iż-żamma tkun iġġustifikata minħabba kunsiderazzjonijiet imperattivi marbuta man-neċessità li tiġi eskluża theddida reali u serja ta' waqfien tal-provvista tal-elettriku tal-Istat Membru kkonċernat, li ma tistax tiġi affaċċjata b'mezzi u alternattivi oħra, b'mod partikolari fil-kuntest tas-suq intern. Madankollu, l-imsemmija żamma tista' tkopri biss il-perijodu ta' żmien li jkun strettament neċessarju sabiex tiġi rrimedjata din l-illegalità.

224| Direttiva 2011/92/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar l-istima tal-effetti ta' ċerti proġetti pubbliċi u privati fuq l-ambjent (ĠU 2012, L 26, p. 1, rettifika fil-ĠUT 2015, L 174, p. 44)

## 5. Enerġija prodotta minn sorsi rinnovabbli

Fis-sentenza tagħha tal-24 ta' Ottubru 2019, ***Prato Nevoso Termo Energy*** (C-212/18, EU:C:2019:898), il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat li *l-leġiżlazzjoni Taljana li tirregola l-awtorizzazzjoni tal-użu ta' bijolikwidi miksuba mit-trattament ta' żjut veġetali użati bħala sors ta' karburant għal impjant għall-produzzjoni tal-enerġija ma tmurx, bħala prinċipju, kontra d-Direttiva 2008/98* [225] *dwar l-iskart u lanqas kontra d-Direttiva 2009/28* [226] *dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli*.

F'dan il-każ, Prato Nevoso Termo Energy Srl (iktar 'il quddiem il-"kumpannija Prato Nevoso"), li tiġġestixxi impjant għall-produzzjoni tal-enerġija termika u elettrika, talbet lill-Provinċja ta' Cuneo (l-Italja) awtorizzazzjoni sabiex tissostitwixxi l-metan, bħala sors ta' karburant għall-impjant tagħha, b'bijolikwidu, f'dan il-każ żejt veġetali dderivat mill-ġbir u mit-trattament kimiku ta' żjut tal-qali użati. L-awtorità nazzjonali kompetenti ċaħdet din it-talba, konformement mal-leġiżlazzjoni Taljana applikabbli, minħabba li l-imsemmi żejt veġetali ma kienx jinsab fil-lista nazzjonali tal-kategoriji ta' karburanti li jirriżultaw mill-bijomassa li jistgħu jintużaw f'installazzjoni li tipproduċi emissjonijiet atmosferiċi mingħajr ma tkun meħtieġa tosserva r-regoli dwar l-irkupru tal-enerġija mill-iskart. Għalhekk, il-leġiżlazzjoni Taljana kellha l-effett li l-bijolikwidu dderivat mit-trattament kimiku ta' żjut tal-qali użati għandu jitqies li huwa skart u mhux karburant. Adita b'azzjoni mressqa mill-kumpannija Prato Nevoso kontra din id-deċiżjoni ta' ċaħda, il-qorti tar-rinviju ressqet domanda preliminari dwar jekk tali leġiżlazzjoni nazzjonali kinitx kompatibbli mad-dispożizzjonijiet tad-direttivi hawn fuq imsemmija.

Filwaqt li bbażat ruħha, b'mod partikolari, fuq is-sentenza *Tallinna Vesi* [227] tat-28 ta' Marzu 2019, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li d-Direttiva 2008/98 dwar l-iskart ma tipprekludix, bħala prinċipju, lil Stat Membru milli jissuġġetta l-użu bħala karburant ta' bijolikwidu dderivat mill-iskart għal-leġiżlazzjoni fil-qasam tal-irkupru tal-enerġija mill-iskart, minħabba li dan ma jaqa' taħt ebda waħda mill-kategoriji inklużi fil-lista nazzjonali tal-karburanti awtorizzati f'installazzjoni li tipproduċi emissjonijiet atmosferiċi. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, din il-konstatazzjoni ma kinitx ikkonfutata mid-dispożizzjonijiet dwar il-proċeduri nazzjonali ta' awtorizzazzjoni previsti mid-Direttiva 2009/28 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli, sa fejn dawn ma kinux jikkonċernaw il-proċeduri regolatorji għall-adozzjoni ta' kriterji għat-tmiem tal-istatus bħala skart.

Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li, f'dan il-każ, kellu jiġi eżaminat jekk l-awtoritajiet nazzjonali setgħux, mingħajr ma jwettqu żball manifest ta' evalwazzjoni, jikkonkludu li l-bijolikwidu inkwistjoni kellu jitqies li huwa skart. Filwaqt li rreferiet għall-għanijiet tad-Direttiva 2008/98 kif ukoll għall-possibbiltà tagħha li tipprovdi lill-qorti tar-rinviju b'kull indikazzjoni utli sabiex issolvi t-tilwima mressqa quddiemha, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li l-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2008/98 jipprevedi li ċertu skart ma jibqax skart meta jkun għadda minn operazzjoni ta' rkupru jew ta' riċiklaġġ u jkun jissodisfa kriterji speċifiċi li għandhom jiġu ddefiniti mill-Istati Membri b'osservanza ta' diversi kundizzjonijiet, fosthom dik li ma jkunx hemm "impatt ġenerali li jagħmel ħsara lill-ambjent jew lis-saħħa tal-bniedem". Fid-dawl tal-argumenti mressqa mill-Gvern Taljan, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li l-eżistenza ta' ċertu grad ta' inċertezza xjentifika dwar ir-riskji ambjentali assoċjati mal-ħruġ mill-istatus ta' skart ta' sustanza, bħall-bijolikwidu inkwistjoni, tista' twassal lil Stat Membru jiddeċiedi li ma jinkludix din is-sustanza fil-lista tal-karburanti awtorizzati f'installazzjoni li tipproduċi

225| Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar l-iskart u li tħassar ċerti Direttivi (ĠU 2008, L 312, p. 3).

226| Direttiva 2009/28/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli u li temenda u sussegwentement tħassar id-Direttivi 2001/77/KE u 2003/30/KE (ĠU 2009, L 140, p. 16), kif emendata bid-Direttiva (UE) 2015/1513 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Settembru 2015 (ĠU 2015, L 239, p. 1, rettifika fil-ĠU 2016, L 234, p. 26).

227| Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-28 ta' Marzu 2019, ***Tallinna Vesi*** (C-60/18, EU:C:2019:264).

emissjonijiet atmosferiċi. Fil-fatt, konformement mal-prinċipju ta' prekawzjoni stabbilit fl-Artikolu 191(2) TFUE, jekk l-eżami tal-aħjar data xjentifika disponibbli jħalli inċertezza dwar il-kwistjoni ta' jekk l-użu, f'ċirkustanzi speċifiċi, ta' sustanza li tirriżulta mill-irkupru ta' skart ikunx nieqes minn kull effett dannuż possibbli fuq l-ambjent u s-saħħa tal-bniedem, l-Istat Membru għandu jastjeni milli jipprevedi kriterji għall-ħruġ mill-istatus ta' skart ta' din is-sustanza jew il-possibbiltà li tiġi adottata deċiżjoni individwali li tikkonstata tali ħruġ.

# XIX. Enerġija

Huma tnejn is-sentenzi li jistħoqqilhom jissemmew f'din it-taqsima. L-ewwel waħda hija s-sentenza tal-5 ta' Diċembru 2019, ***EVN Bulgaria Toplofikatsia u Toplofikatsia Sofia*** (C-708/17 u C-725/17, EU:C:2019:1049), li fiha l-Qorti tal-Ġustizzja indirizzat il-kompatibbiltà mad-dritt tal-Unjoni ta' leġiżlazzjoni nazzjonali fil-qasam tal-provvista tal-enerġija termika [228].

It-tieni sentenza hija s-sentenza ***GRDF*** (C-236/18, EU:C:2019:1120), mogħtija fid-19 ta' Diċembru 2019, li fiha l-Qorti tal-Ġustizzja tat deċiżjoni dwar il-*portata ratione temporis tas-setgħa ta' deċiżjoni mogħtija lill-awtoritajiet regolatorji nazzjonali, fil-kuntest tal-kompitu tagħhom ta' riżoluzzjoni tat-tilwim fis-suq tal-gass naturali, mill-Artikolu 41(11) tad-Direttiva 2009/73 dwar is-suq intern tal-gass naturali* [229].

Din il-kawża rriżultat minn tilwima bejn żewġ fornituri ta' gass naturali u GRDF, l-operatur tan-netwerk ta' distribuzzjoni ta' gass naturali fi Franza, li tirrigwarda l-validità ta' klawżola inkluża fil-kuntratti tagħhom għat-trażmissjoni ta' gass naturali permezz tan-netwerk ta' distribuzzjoni, konklużi fl-2005 u fl-2008. Skont din il-klawżola, il-fornituri kellhom jiġbru, fil-kuntest tal-kuntratti konklużi mal-klijenti finali, l-ammonti dovuti abbażi tat-tariffa tas-servizzi ta' distribuzzjoni ta' GRDF u jgħadduhom lil GRDF, inkluż meta l-klijenti finali ma kinux ħallsuhom. Fl-2014, deċiżjoni tal-korp għar-riżoluzzjoni ta' tilwim tal-Kummissjoni li Tirregola l-Enerġija Franċiża (iktar 'il quddiem il-"KEF") ikkonstatat l-inkompatibbiltà tal-kuntratti inkwistjoni mad-Direttiva 2009/73 sa mid-data tal-konklużjoni tagħhom. Peress li din id-deċiżjoni ġiet ikkonfermata fl-appell, GRDF adixxiet lill-Qorti tal-Kassazzjoni Franċiża, li ddeċidiet li tressaq quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja talba għal deċiżjoni preliminari sabiex jiġi ddeterminat, essenzjalment, jekk id-Direttiva 2009/73 kinitx tipprekludi li deċiżjoni ta' awtorità regolatorja tipproduċi effetti qabel il-bidu tat-tilwima bejn il-partijiet.

Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-imsemmija direttiva ma kinitx tipprekludi li awtorità regolatorja, li taġixxi bħala awtorità tar-riżoluzzjoni tat-tilwima, tadotta deċiżjoni li tordna lill-operatur tan-netwerk jagħmel kuntratt għat-trażmissjoni ta' gass naturali konkluż ma' operatur konformi mad-dritt tal-Unjoni għall-perijodu kuntrattwali kollu, inkluż għaldaqstant għall-perijodu li jippreċedi l-bidu tat-tilwima bejn il-partijiet. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat, l-ewwel nett, li l-Artikolu 41(11) tad-Direttiva 2009/73 ma jippreċiżax liema huma l-effetti *ratione temporis* tad-deċiżjonijiet tal-awtorità regolatorja li taġixxi bħala awtorità tar-riżoluzzjoni tat-tilwima. Filwaqt li interpretat, it-tieni nett, l-imsemmija dispożizzjoni fid-dawl tal-għan u tal-kuntest tad-Direttiva 2009/73, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li, skont l-Artikolu 41(1) (b) ta' din id-direttiva, l-awtorità regolatorja għandha l-missjoni li tiżgura l-osservanza tal-obbligi imposti fuq l-operaturi tan-netwerk, fosthom l-obbligu li s-sistema ta' aċċess tat-terzi għan-netwerk tiġi applikata oġġettivament u mingħajr diskriminazzjoni bejn l-utenti tan-netwerk. Dan jimplika l-obbligu għall-Istati Membri li jiżguraw li l-awtorità regolatorja jkollha, skont l-Artikolu 41(10) tad-Direttiva 2009/73, is-setgħa li tieħu deċiżjonijiet vinkolanti

228| Din is-sentenza hija ppreżentata fit-Taqsima XVII, "Protezzjoni tal-konsumaturi".

229| Direttiva 2009/73/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern tal-gass naturali u li tħassar id-Direttiva 2003/55/KE (ĠU 2009, L 211, p. 94).

fir-rigward tal-imprizi tal-gass naturali, billi timponi fuqhom li jemendaw jekk ikun meħtieġ il-kundizzjonijiet ta' konnessjoni u ta' aċċess għan-netwerk, inklużi t-tariffi, b'tali mod li jkunu proporzjonati u jkunu applikati b'mod mhux diskriminatorju. Issa, jekk il-portata *ratione temporis* ta' deċiżjoni tal-awtorità regolatorja, li taġixxi bħala awtorità tar-riżoluzzjoni tat-tilwima, tiġi llimitata għall-perijodu sussegwenti għall-bidu tat-tilwima bejn il-partijiet, dan ikun imur kontra l-għanijiet tad-Direttiva 2009/73 u jimmina l-effett utli tagħha.

Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet, barra minn hekk, li din l-interpretazzjoni tal-Artikolu 41(11) tad-Direttiva 2009/73 ma kinitx ikkontestata la mill-prinċipju ta' ċertezza legali, u lanqas mill-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi. Fil-fatt, minn naħa, għalkemm qorti nazzjonali tista' eċċezzjonalment tiġi awtorizzata, skont il-kundizzjonijiet stabbiliti mill-Qorti tal-Ġustizzja, iżżomm ċerti effetti ta' att nazzjonali annullat, il-qorti tar-rinviju, f'dan il-każ, ma rreferietx għal elementi konkreti li setgħu jistabbilixxu riskji speċifiċi ta' inċertezza legali. Min-naħa l-oħra, għalkemm GRDF sostniet li l-kuntratti għat-trażmissjoni inkwistjoni kienu ġew innegozjati taħt l-awspiċji u s-superviżjoni tal-KEF, hija ma stabbilixxietx li din tal-aħħar kienet tatha garanziji preċiżi fir-rigward tal-konformità tal-klawżola kontenzjuża, punt dan li madankollu kellu jiġi vverifikat mill-qorti tar-rinviju.

# XX. Pajjiżi u territorji extra-Ewropej

Fis-sentenzi ***Il-Kummissjoni vs Ir-Renju Unit*** (C-391/17, EU:C:2019:919) u ***Il-Kummissjoni vs Il-Pajjiżi l-Baxxi*** (C-395/17, EU:C:2019:918), mogħtija fil-31 ta' Ottubru 2019, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li *r-Renju Unit u r-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi naqsu milli jwettqu l-obbligi tagħhom taħt l-Artikolu 4(3) TUE* billi ma kkumpensawx it-telf ta' riżorsi proprji li jirriżulta mill-ħruġ illegali, fid-dawl tad-Deċiżjonijiet dwar l-assoċjazzjoni tal-pajjiżi u t-territorji extra-Ewropej mal-Komunità Ekonomika Ewropea/Komunità Ewropea [230] (iktar 'il quddiem id-"Deċiżjonijiet PTEE"), rispettivament, mill-awtoritajiet ta' Angwilla, ta' ċertifikati ta' esportazzjoni EXP għal dak li jikkonċerna importazzjonijiet ta' aluminju minn Angwilla matul il-perijodu 1999/2000, u, mill-awtoritajiet ta' Curaçao u ta' Aruba, ta' ċertifikati ta' moviment ta' merkanzija EUR. 1 għal dak li jikkonċerna importazzjonijiet ta' trab tal-ħalib u ta' ross minn Curaçao matul il-perijodu 1997/2000 u importazzjonijiet ta' xgħir u barli mitħun oħxon u ta' smida minn Aruba matul il-perijodu 2002/2003.

Għal dak li jirrigwarda l-PTEE, l-Istati Membri ftehmu, skont it-Trattat KE, li jassoċjaw mal-Unjoni l-pajjiżi u t-territorji mhux Ewropej li għandhom relazzjonijiet speċjali ma' ċerti Stati Membri, fosthom ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq u r-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi. Skont it-Trattat, il-PTEE kkonċernati huma għalhekk is-suġġett ta' arranġamenti speċjali ta' assoċjazzjoni ddefiniti minnu. Din is-sistema speċjali timplika, fost l-oħrajn, li l-importazzjonijiet provenjenti mill-PTEE jibbenefikaw, mad-dħul tagħhom fl-Istati Membri, minn eżenzjoni totali tad-dazji doganali. Din l-eżenzjoni hija ppreċiżata permezz tad-deċiżjonijiet inkwistjoni, fis-sens li l-prodotti li joriġinaw mill-PTEE kif ukoll, taħt ċerti kundizzjonijiet, il-prodotti li ma joriġinawx mill-PTEE li jkunu f'ċirkulazzjoni libera f'PTEE u li jiġu esportati mill-ġdid bħala tali lejn l-Unjoni għandhom jiġu importati fl-Unjoni ħielsa minn dazji doganali u minn taxxi li jkollhom effett ekwivalenti. Barra minn hekk, mid-Deċiżjonijiet PTEE jirriżulta li kemm l-Istati Membri kif ukoll l-awtoritajiet kompetenti tal-PTEE għandhom ikunu involuti, flimkien mal-Kummissjoni, fl-azzjonijiet immexxija mill-Unjoni fil-kuntest tal-imsemmija deċiżjonijiet.

230| Deċiżjoni tal-Kunsill 91/482/KEE tal-25 ta' Lulju 1991 dwar l-assoċjazzjoni tal-pajjiżi u t-territorji extra-Ewropej mal-Komunità Ekonomika Ewropea (ĠU 1991, L 263, p. 1), u Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/822/KE tas-27 ta' Novembru 2001 dwar l-assoċjazzjoni tal-pajjiżi u t-territorji extra-Ewropej mal-Komunità Ewropea ("Deċiżjoni dwar l-Assoċjazzjoni Extra-Ewropea") (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 11, Vol. 38, p. 319, rettifika fil-ĠU 2014, L 365, p. 165).

Il-prova tal-osservanza tad-dispożizzjonijiet dwar l-imsemmija eżenzjoni tiġi stabbilita permezz ta' ċertifikat maħruġ mill-awtoritajiet doganali tal-PTEE ta' esportazzjoni. Dan iċ-ċertifikat jista' jiġi kkontrollat *a posteriori* mill-awtoritajiet doganali tal-Istat ta' importazzjoni. B'dan premess, it-tilwim relatat miegħu jitressaq quddiem kumitat ippresjedut minn rappreżentant tal-Kummissjoni u kompost minn rappreżentanti tal-Istati Membri, mingħajr il-parteċipazzjoni tal-awtoritajiet lokali tal-PTEE ta' esportazzjoni.

Fil-Kawża C-391/17, kumpannija stabbilita f'Angwilla kienet implimentat skema ta' trażbord, fl-1998, li fil-kuntest tagħha importazzjonijiet ta' aluminju li joriġinaw minn pajjiżi terzi kienu suġġetti għal dikjarazzjoni doganali f'Angwilla u sussegwentement ittrasportati lejn l-Unjoni. L-awtoritajiet ta' Angwilla kienu ħarġu ċertifikati ta' esportazzjoni għall-esportazzjoni mill-ġdid inkwistjoni, filwaqt li taw għajnuna għat-trasport lill-importaturi tal-Unjoni.

Fil-Kawża C-395/17, trab tal-ħalib u ross minn Curaçao kienu ġew importati fil-Ġermanja mill-1997 sal-2000. Barra minn hekk, xgħir u barli mitħun oħxon u smida minn Aruba kienu ġew importati fil-Pajjiżi l-Baxxi matul l-2002 u l-2003. L-awtoritajiet ta' Curaçao u ta' Aruba kienu ħarġu ċertifikati ta' moviment ta' merkanzija għal dawn il-prodotti, minkejja li dawn ma kinux jissodisfaw il-kundizzjonijiet meħtieġa sabiex jitqiesu li kienu prodotti li joriġinaw minn dawn il-PTEE, li jaqgħu taħt l-eżenzjoni mid-dazji doganali u mit-taxxi li jkollhom effett ekwivalenti.

Kienu saru investigazzjonijiet fiż-żewġ kawżi. Wara dawn l-investigazzjonijiet, il-Kummissjoni adottat deċiżjonijiet li fihom ikkonkludiet, wara li kkonstatat l-illegalità taċ-ċertifikati eżaminati, li kien hemm lok li ma jsirx dħul fil-kontijiet *a posteriori* tad-dazji doganali relatati mal-importazzjonijiet imwettqa fuq preżentazzjoni ta' dawn iċ-ċertifikati. Abbażi ta' dawn id-deċiżjonijiet, l-Istati Membri ta' importazzjoni tal-prodotti kkonċernati minn Angwilla, minn Curaçao u minn Aruba naqsu milli jwettqu dħul fil-kontijiet *a posteriori* tal-imsemmija dazji. Għaldaqstant, il-Kummissjoni kienet talbet lir-Renju Unit u lir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi jikkumpensaw it-telf ta' riżorsi proprji tal-Unjoni li rriżulta mill-ħruġ taċ-ċertifikati kkonċernati. Peress li dawn l-Istati Membri ċaħdu kull responsabbiltà f'dan ir-rigward, il-Kummissjoni ddeċidiet li tippreżenta rikorsi għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu fil-konfront tagħhom.

Il-Qorti tal-Ġustizzja eżaminat l-imsemmija rikorsi fid-dawl tal-prinċipju ta' kooperazzjoni leali, kif stabbilit fl-Artikolu 4(3) TUE.

L-ewwel nett, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li, skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 198 TFUE, iż-żewġ Stati Membri kkonċernati huma fost dawk li għandhom relazzjonijiet speċjali ma' PTEE u li l-arranġamenti speċjali ta' assoċjazzjoni kienu bbażati, fiż-żmien meta nħarġu ċ-ċertifikati inkwistjoni, fuq dawn ir-relazzjonijiet speċjali. Dawn huma kkaratterizzati mill-fatt li l-imsemmija PTEE ma jikkostitwixxux Stati indipendenti, iżda jiddependu fuq Stat Membru, li jiżgura b'mod partikolari r-rappreżentanza tagħhom fuq livell internazzjonali. Skont l-imsemmi artikolu, l-applikazzjoni tal-arranġamenti speċjali ta' assoċjazzjoni tibbenefika biss lill-pajjiżi u lit-territorji li jkollhom relazzjonijiet speċjali mal-Istat Membru kkonċernat, li jkun talab li l-arranġamenti speċjali ta' assoċjazzjoni jsiru applikabbli għalihom.

It-tieni nett, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li l-ħruġ taċ-ċertifikati kkontestati kien irregolat mid-Deċiżjonijiet PTEE u, għaldaqstant, mid-dritt tal-Unjoni, u li l-awtoritajiet tal-PTEE kienu obbligati għalhekk josservaw ir-rekwiżiti li jinsabu f'dawn id-deċiżjonijiet. Issa, il-proċeduri previsti mill-imsemmija deċiżjonijiet għar-riżoluzzjoni ta' tilwim jew ta' problemi li jistgħu jqumu f'dan il-kuntest jirriflettu n-natura ċentrali li għandhom, għall-arranġamenti ta' assoċjazzjoni, ir-relazzjonijiet speċjali bejn il-PTEE kkonċernat u l-Istat Membru li huwa responsabbli għalih. Dawn ir-relazzjonijiet speċjali huma ta' natura li joħolqu responsabbiltà speċifika tal-Istat Membru fil-konfront tal-Unjoni meta l-awtoritajiet tal-PTEE joħorġu ċertifikati bi ksur tal-imsemmija deċiżjonijiet. Il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li n-natura preferenzjali u derogatorja tas-sistema doganali li minnha kienu jibbenefikaw il-prodotti inkwistjoni fiż-żewġ kawżi kienet timplika li l-obbligu għall-Istati Membri, marbut mal-prinċipju ta' lealtà, li jieħdu l-miżuri kollha xierqa sabiex jiggarantixxu

l-portata u l-effettività tad-dritt tal-Unjoni kien japplika b'rigorożità partikolari f'dawn il-kawżi. Minn dan il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li ż-żewġ Stati Membri kkonċernati kienu responsabbli, fil-konfront tal-Unjoni, għal kull żball imwettaq mill-awtoritajiet tal-PTEE tagħhom, fil-kuntest tal-ħruġ taċ-ċertifikati inkwistjoni.

Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li, sa fejn tali ħruġ bi ksur tad-Deċiżjonijiet PTEE kien jipprekludi lill-Istat Membru ta' importazzjoni milli jiġbor id-dazji doganali li huwa kien ikollu jiġbor fl-assenza tal-imsemmija ċertifikati, it-telf ta' riżorsi proprji relatat miegħu kien jikkostitwixxi l-konsegwenza illeċita ta' ksur tad-dritt tal-Unjoni. Din il-konsegwenza tobbliga lill-Istat Membru responsabbli fil-konfront tal-Unjoni għall-ħruġ illegali ta' ċertifikati jikkumpensa l-imsemmi telf. L-obbligu ta' kumpens jikkostitwixxi biss espressjoni partikolari tal-obbligu, li jirriżulta mill-prinċipju ta' kooperazzjoni leali, li jipprovdi li l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji kollha sabiex jirrimedjaw ksur tad-dritt tal-Unjoni u jħassru l-konsegwenzi illeċiti tiegħu. Dan it-telf għandu jiżdied b'interessi moratorji, ikkalkolati mid-data li fiha l-Kummissjoni tkun talbet li jiġi kkumpensat it-telf, peress li l-kumpens biss tal-ammont tad-dazji doganali li ma setgħux jinġabru ma jistax ikun biżżejjed sabiex jitħassru l-konsegwenzi illeċiti tal-ħruġ illegali taċ-ċertifikati inkwistjoni.

# XXI. Ftehimiet internazzjonali

Fl-opinjoni dwar il-***Ftehim CET UE-Kanada*** (Opinjoni 1/17, EU:C:2019:341), mogħtija f'Seduta Plenarja fit-30 ta' April 2019, il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat *kompatibbli mad-dritt primarju tal-Unjoni Ewropea t-Taqsima F tal-Kapitolu 8 tal-Ftehim Ekonomiku u Kummerċjali Komprensiv (CETA) bejn il-Kanada, minn naħa, u l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, li tirrigwarda l-introduzzjoni ta' mekkaniżmu għar-riżoluzzjoni tat-tilwim dwar l-investimenti bejn l-investituri u l-Istati* (iktar 'il quddiem il-"mekkaniżmu RTIS"). Dan il-mekkaniżmu kien jipprevedi b'mod partikolari l-ħolqien ta' qorti u ta' qorti tal-appell, kif ukoll, sussegwentement, ta' qorti multilaterali dwar kwistjonijiet marbuta ma' investimenti.

L-ewwel nett, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li ftehim internazzjonali jista' jkun kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni biss jekk ma jippreġudikax l-awtonomija tal-ordinament ġuridiku tagħha. Din l-awtonomija, li teżisti kemm fir-rigward tad-dritt tal-Istati Membri kif ukoll fir-rigward tad-dritt internazzjonali, tirriżulta mill-karatteristiċi essenzjali tal-Unjoni u tad-dritt tagħha, u għalhekk tinsab fil-fatt li l-Unjoni għandha qafas kostituzzjonali tagħha stess.

Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat, qabel kollox, li l-mekkaniżmu RTIS ippjanat kien jinsab barra mis-sistema ġudizzjarja tal-Unjoni. Fil-fatt, il-forum previst fiċ-CETA huwa distint mill-qrati nazzjonali tal-Kanada, tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha. Għaldaqstant, hija ddeċidiet li d-dritt tal-Unjoni la jipprekludi li ċ-CETA jipprevedi l-ħolqien ta' qrati, u lanqas li jagħtihom il-ġurisdizzjoni sabiex jinterpretaw u japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-Ftehim. Għall-kuntrarju, dawn il-qrati ma jistgħux ikunu awtorizzati jinterpretaw jew japplikaw dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni barra dawk taċ-CETA jew li jagħtu sentenzi li jista' jkollhom l-effett li jostakolaw lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni milli jiffunzjonaw konformement mal-qafas kostituzzjonali ta' din tal-aħħar.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat, minn naħa, li ċ-CETA ma jagħti lill-qrati pprospettati ebda ġurisdizzjoni ta' interpretazzjoni jew ta' applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni barra dik li tirrigwarda d-dispożizzjonijiet ta' dan il-ftehim. Fir-rigward, min-naħa l-oħra, tal-assenza ta' effett fuq il-funzjonament tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni konformement mal-qafas kostituzzjonali ta' din tal-aħħar, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li l-ġurisdizzjoni tal-qrati pprospettati kienet tippreġudika l-awtonomija tal-ordinament ġuridiku tal-Unjoni li kieku kellha tiġi prevista b'mod li l-imsemmija qrati jkunu jistgħu, fil-kuntest tal-evalwazzjonijiet tagħhom tar-restrizzjonijiet tal-libertà ta' intrapriża li jissemmew f'ilment, idaħħlu inkwistjoni l-livell ta' protezzjoni ta' interess pubbliku li jkun wassal għall-introduzzjoni ta' tali restrizzjonijiet mill-Unjoni fil-konfront tal-operaturi kollha. Issa, miċ-CETA jirriżulta li s-setgħa diskrezzjonali tal-qrati pprospettati ma kinitx tali li tippermettilhom idaħħlu

inkwistjoni l-livell ta' protezzjoni ta' interess pubbliku ddefinit mill-Unjoni b'riżultat ta' proċess demokratiku. Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li t-Taqsima F tal-Kapitolu 8 taċ-CETA ma kinitx tippreġudika l-awtonomija tal-ordinament ġuridiku tal-Unjoni.

Fir-rigward tal-kompatibbiltà tal-mekkaniżmu RTIS mal-prinċipju ġenerali ta' ugwaljanza fit-trattament, it-talba għal opinjoni evokat trattament iddifferenzjat li jirriżulta mill-impossibbiltà, għall-impriżi u għall-persuni fiżiċi tal-Istati Membri li jinvestu fl-Unjoni, li jikkontestaw il-miżuri tal-Unjoni quddiem il-qrati pprospettati miċ-CETA filwaqt li l-persuni Kanadiżi li jinvestu fl-Unjoni jkunu jistgħu, min-naħa tagħhom, jikkontestaw dawn il-miżuri quddiem l-imsemmija qrati. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li l-ugwaljanza f'għajnejn il-liġi, stabbilita fl-Artikolu 20 tal-Karta, ma tipprevedi ebda limitazzjoni espressa tal-kamp ta' applikazzjoni tagħha u għalhekk tapplika għas-sitwazzjonijiet kollha rregolati mid-dritt tal-Unjoni, bħal dawk li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' ftehim internazzjonali konkluż minnha. Barra minn hekk, dan id-dritt fundamentali jestendi għall-persuni kollha li s-sitwazzjoni tagħhom taqa' taħt id-dritt tal-Unjoni, indipendentement mill-oriġini tagħhom. L-ugwaljanza f'għajnejn il-liġi hija espressjoni tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament, li jeżiġi li sitwazzjonijiet komparabbli ma jiġux ittrattati b'mod differenti. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li l-impriżi u l-persuni fiżiċi Kanadiżi li jinvestu fl-Unjoni ma jinsabux f'sitwazzjoni komparabbli għal dik tal-impriżi u tal-persuni fiżiċi tal-Istati Membri li jinvestu fl-Unjoni, b'tali mod li t-trattament iddifferenzjat evokat fit-talba għal opinjoni ma jikkostitwixxix diskriminazzjoni.

F'dak li jikkonċerna l-kompatibbiltà tal-mekkaniżmu RTIS mad-dritt ta' aċċess għal qorti indipendenti, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret l-ewwel nett li l-Unjoni hija suġġetta għad-dispożizzjonijiet tat-tieni u tat-tielet paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta, li jistabbilixxu l-imsemmi dritt. B'hekk, għalkemm huwa minnu li l-Kanada ma hijiex marbuta mill-garanziji mogħtija mill-Karta, l-Unjoni madankollu hija marbuta minnhom u ma tistax għaldaqstant tikkonkludi ftehim li jistabbilixxi qrati li jkollhom il-ġurisdizzjoni sabiex jagħtu sentenzi vinkolanti fil-konfront tal-Unjoni u sabiex jittrattaw tilwim imressaq quddiemhom minn individwi tal-Unjoni mingħajr ma jkunu offerti l-imsemmija garanziji. It-tieni nett, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li l-ħolqien ta' mekkaniżmu estern għas-sistemi ġudizzjarji tal-partijiet għandu l-għan li jiżgura li l-fiduċja tal-investituri barranin testendi għall-istanza li jkollha ġurisdizzjoni sabiex tikkonstata ksur, mill-Istat ospitanti tal-investimenti tagħhom, tat-Taqsimiet C u D tal-Kapitolu 8 taċ-CETA. Għaldaqstant, l-indipendenza tal-qrati pprospettati u l-aċċess għal dawn il-qrati għall-investituri barranin huma marbuta b'mod inseparabbli mal-għan tal-kummerċ ħieles u ekwu msemmi fl-Artikolu 3(5) TUE, u mfittex miċ-CETA. Fir-rigward tal-aċċessibbiltà għall-qrati pprospettati, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li, fl-assenza ta' sistema intiża li tiżgura l-aċċessibbiltà finanzjarja tal-qrati għall-persuni fiżiċi u għall-impriżi żgħar u ta' daqs medju, il-mekkaniżmu RTIS jirriskja, fil-prattika, li jkun aċċessibbli biss għall-investituri li jkollhom riżorsi finanzjarji kbar. Hija osservat, it-tielet nett, li ċ-CETA ma kien jinkludi ebda impenn fis-sens li sistema li tiżgura l-livell ta' aċċessibbiltà meħtieġ mill-Artikolu 47 tal-Karta ser tiġi stabbilita sa mill-ħolqien ta' dawn il-qrati. Għall-kuntrarju, id-dikjarazzjoni Nru 36, li hija parti integrali mill-kuntest li fih il-Kunsill jadotta d-deċiżjoni li tawtorizza l-iffirmar taċ-CETA f'isem l-Unjoni, tipprevedi li l-Kummissjoni u l-Kunsill jimpenjaw ruħhom li jiżguraw l-aċċessibbiltà għall-qrati pprospettati għall-impriżi żgħar u ta' daqs medju. Il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li dan l-impenn kien suffiċjenti sabiex wieħed jikkonkludi li ċ-CETA huwa kompatibbli mar-rekwiżit ta' aċċessibbiltà għall-qrati.

Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li ċ-CETA kien joffri garanziji suffiċjenti li l-qrati pprospettati kienu ser jissodisfaw ir-rekwiżit ta' indipendenza, kemm taħt l-aspett estern tiegħu, li jeħtieġ li l-imsemmija qrati jeżerċitaw il-funzjonijiet tagħhom b'awtonomija sħiħa, kif ukoll taħt l-aspett intern tiegħu, li jfittex ekwidistanza tal-membri tiegħu fil-konfront tal-partijiet fit-tilwima kif ukoll l-assenza ta' kull interess personali tal-imsemmija membri fir-riżoluzzjoni ta' din it-tilwima.

# XXII. Servizz pubbliku Ewropew

Fis-sentenza ***Spanja vs Il-Parlament*** (C-377/16, EU:C:2019:249), mogħtija fis-26 ta' Marzu 2019, il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-Awla Manja bħala l-kulleġġ ġudikanti, annullat, fil-kuntest ta' rikors għal annullament ippreżentat skont l-Artikolu 263 TFUE, sejħa għal espressjoni ta' interess stabbilita mill-Parlament Ewropew għar-reklutaġġ ta' membri tal-persunal bil-kuntratt sabiex jassumu l-funzjonijiet ta' xufier, li kienet illimitat l-għażla tal-"lingwa 2" tal-proċedura ta' selezzjoni għal-lingwi Ingliż, Franċiż u Ġermaniż biss, u li kienet imponiet l-użu ta' dawn tal-aħħar bħala l-lingwi ta' komunikazzjoni għall-finijiet tal-proċedura.

Fl-14 ta' April 2016, il-Parlament Ewropew kien ippubblika sejħa għal espressjoni ta' interess sabiex tiġi kkostitwita database ta' kandidati li jkunu jistgħu jiġu rreklutati bħala membri tal-persunal bil-kuntratt sabiex iwettqu l-funzjoni ta' xufier. It-Titolu IV ta' din is-sejħa kien jipprovdi li r-reklutaġġ inkwistjoni kien suġġett għal "[g]ħarfien sodisfaċenti tal-Franċiż, il-Ġermaniż jew l-Ingliż" bħala "lingwa 2". Din il-limitazzjoni kienet tindirizza, skont il-Parlament, l-interess tas-servizz li jeżiġi li "r-reklutati l-ġodda jkunu operattivi minnufih u kapaċi jikkomunikaw b'mod effikaċi fix-xogħol tagħhom ta' kuljum", peress li dawn it-tliet lingwi huma l-iktar użati f'din l-istituzzjoni. Barra minn hekk, il-kandidati kienu obbligati japplikaw billi jużaw formola elettronika disponibbli biss f'dawn it-tliet lingwi fis-sit internet tal-Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Persunal (EPSO).

Fir-rigward tal-limitazzjoni tal-għażla tal-lingwi għall-komunikazzjonijiet bejn il-kandidati u l-EPSO fil-kuntest tal-proċedura ta' selezzjoni inkwistjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li ma setax jiġi eskluż li l-kandidati kienu ġew imċaħħda mill-possibbiltà li jużaw il-lingwa uffiċjali tal-għażla tagħhom sabiex jissottomettu l-applikazzjonijiet tagħhom, u li kienu ġew suġġetti, għaldaqstant, għal differenza fit-trattament ibbażata fuq il-lingwa. F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret b'mod partikolari li, konformement mal-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 1/58 [231], id-dokumenti li persuna suġġetta għall-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru tibgħat lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni għandhom ikunu mfassla, skont l-għażla ta' din il-persuna, f'waħda mil-lingwi uffiċjali msemmija fl-Artikolu 1 ta' dan ir-regolament. Dan id-dritt ta' għażla, fost il-lingwi uffiċjali tal-Unjoni, tal-lingwa li għandha tintuża għall-komunikazzjoni mal-istituzzjonijiet, għandu natura fundamentali, bħala element essenzjali tal-osservanza tad-diversità lingwistika tal-Unjoni, li l-importanza tagħha hija mfakkra fir-raba' subparagrafu tal-Artikolu 3(3) TUE kif ukoll fl-Artikolu 22 tal-Karta. Madankollu, fil-kuntest speċifiku tal-proċeduri ta' selezzjoni tal-persunal tal-Unjoni, l-istituzzjonijiet jistgħu jipprevedu limitazzjonijiet dwar l-użu tal-lingwi uffiċjali, sakemm tali limitazzjonijiet ikunu, konformement mal-Artikolu 1d(6) tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem ir-"Regolamenti tal-Persunal"), kif applikat għall-membri tal-persunal bil-kuntratt skont l-Artikolu 80(4) tal-Kondizzjonijiet tal-impjieg applikabbli għall-aġenti l-oħra (iktar 'il quddiem il-"Kondizzjonijiet tal-impjieg") [232], oġġettivament u raġonevolment iġġustifikati minħabba għan leġittimu ta' interess ġenerali fil-kuntest tal-politika tal-persunal u proporzjonati mal-għan imfittex. Issa, f'dan il-każ, il-Parlament Ewropew ma pprovda ebda raġuni li tista' turi l-eżistenza ta' tali għan leġittimu ta' interess ġenerali li jkun ta' natura li jiġġustifika l-limitazzjoni tal-lingwi ta' komunikazzjoni għal-lingwa Ingliża, Franċiża u Ġermaniża biss.

231| Regolament tal-Kunsill Nru 1 tal-15 ta' April 1958 li jistabbilixxi l-lingwi li għandhom jintużaw mill-Komunità Ekonomika Ewropea (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 1, p. 3), kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 517/2013 tat-13 ta' Mejju 2013 (ĠU 2013, L 158, p. 1).

232| Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom, KEFA) Nru 259/68 tat-29 ta' Frar 1968 li jistabbilixxi r-Regolamenti tal-Persunal tal-uffiċjali u l-kondizzjonijiet ta' impjieg ta' uffiċjali oħra tal-Komunitajiet Ewropej u li jistabbilixxi miżuri temporanji applikabbli għall-Uffiċjali tal-Kummissjoni (ĠU 1968, L 56, p. 1), kif emendat bir-Regolament (UE, Euratom) Nru 1023/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 (ĠU 2013, L 287, p. 15).

Fir-rigward tal-kwistjoni dwar il-limitazzjoni tal-għażla tal-"lingwa 2" għal dawn il-lingwi fir-rigward tal-proċedura ta' selezzjoni nnifisha, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li l-kandidati li l-għarfien lingwistiku tagħhom ma kienx jippermettilhom jissodisfaw l-imsemmi rekwiżit kienu mċaħħda mill-possibbiltà li jipparteċipaw f'din il-proċedura ta' selezzjoni u dan anki kieku kellhom għarfien suffiċjenti, fid-dawl tal-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 82(3)(e) tal-Kondizzjonijiet tal-impjieg, ta' mill-inqas żewġ lingwi uffiċjali tal-Unjoni. Din il-limitazzjoni setgħet tikkostitwixxi differenza fit-trattament ibbażata fuq il-lingwa. Issa, għalkemm l-interess tas-servizz jista' jeżiġi, abbażi ta' għan leġittimu ta' interess ġenerali, li l-persuni li jiġu rreklutati jkollhom għarfien lingwistiku speċifiku, hija l-istituzzjoni li tillimita s-sistema lingwistika ta' proċedura ta' selezzjoni, li f'dan ir-rigward għandha setgħa diskrezzjonali wiesgħa, li għandha tistabbilixxi li tali limitazzjoni tkun xierqa sabiex tindirizza l-ħtiġijiet reali relatati mal-funzjonijiet li ser ikollhom jiġu eżerċitati, u din il-limitazzjoni għandha tkun proporzjonata għal dan l-interess u għandha tkun ibbażata fuq kriterji ċari, oġġettivi u prevedibbli sabiex il-kandidati jkunu jistgħu jifhmu r-raġunijiet għal din il-kundizzjoni u sabiex il-qrati tal-Unjoni jkunu jistgħu jistħarrġu l-legalità tagħha.

F'dan il-każ, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li r-raġunijiet mogħtija fit-Titolu IV tas-sejħa għal espressjoni ta' interess ma kinux biżżejjed, fihom infushom, sabiex jistabbilixxu li l-funzjonijiet ta' xufier mal-Parlament Ewropew kienu jeħtieġu b'mod konkret l-għarfien ta' waħda mit-tliet lingwi inkwistjoni, bl-esklużjoni tal-lingwi uffiċjali l-oħra tal-Unjoni. Peress li, barra minn hekk, il-Parlament Ewropew ma adottax, skont l-Artikolu 6 tar-Regolament Nru 1/58, regoli interni dwar il-modalitajiet ta' applikazzjoni tas-sistema lingwistika tiegħu, ma setax jiġi affermat, mingħajr ma jittieħdu inkunsiderazzjoni l-funzjonijiet li l-persuni li jiġu rreklutati effettivament ser jintalbu jwettqu, li dawn it-tliet lingwi kienu, neċessarjament, il-lingwi l-iktar utli għall-funzjonijiet kollha f'din l-istituzzjoni. Fir-rigward tal-fatt li d-deskrizzjoni tal-funzjonijiet li x-xufiera li jiġu rreklutati kienu ser jintalbu jwettqu kienet tindika li dawn kienu ser iwettqu parti essenzjali mill-kompiti tagħhom fi Brussell, fil-Lussemburgu u fi Strasbourg, jiġifieri fi tlett ibliet li jinsabu fi Stati Membri li fost il-lingwi uffiċjali tagħhom hemm il-Franċiż jew il-Ġermaniż, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li dan il-fatt ma kienx suffiċjenti sabiex jiġġustifika l-limitazzjoni inkwistjoni. Fil-fatt, il-Parlament ma stabbilixxiex li l-limitazzjoni għal kull waħda mil-lingwi magħżula bħala "lingwa 2" fir-rigward tal-proċedura ta' selezzjoni kienet oġġettivament u raġonevolment iġġustifikata fid-dawl tal-karatteristiċi speċifiċi funzjonali tal-impjiegi vakanti u għaliex, għall-kuntrarju, din l-għażla ma setgħetx tkopri lingwi uffiċjali oħra li jistgħu jkunu rilevanti għal dawn l-impjiegi.

Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-konsegwenzi tal-annullament tas-sejħa għal espressjoni ta' interess, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li d-database kkostitwita għal dan l-għan kellha tiġi annullata. Hija qieset li l-kandidati li ddaħħlu f'din id-database ma rċevew ebda garanzija ta' reklutaġġ u, għaldaqstant, li s-sempliċi inklużjoni ta' kandidati f'din id-database ma setgħetx toħloq aspettattivi leġittimi li jirrikjedu ż-żamma fis-seħħ tal-effetti tas-sejħa għal espressjoni ta' interess annullata. Għall-kuntrarju, l-annullament ma kellux effett fuq kwalunkwe reklutaġġ diġà mwettaq.

Fis-sentenza ***Il-Kummissjoni vs L-Italja*** (C-621/16 P, EU:C:2019:251), mogħtija fis-26 ta' Marzu 2019, l-Awla Manja tal-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat, fl-appell, *is-sentenza tal-Qorti Ġenerali* [233] *li kienet annullat, abbażi tal-Artikoli 1d u 28 tar-Regolamenti tal-Persunal, tal-Artikolu 1(2) tal-Anness III ta' dawn ir-regolamenti u tal-Artikolu 1 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1/58, żewġ avviżi ta' kompetizzjonijiet ġenerali tal-Uffiċċju Ewropew għas-Selezzjoni tal-Persunal (EPSO) għall-istabbiliment ta' listi ta' riżerva ta' amministraturi. Dawn l-avviżi kienu jillimitaw l-għażla tat-tieni lingwa tal-proċedura ta' selezzjoni għal-lingwa Ingliża, Franċiża u Ġermaniża u kienu jimponu l-użu ta' dawn tal-aħħar bħala lingwi ta' komunikazzjoni mal-EPSO.*

233| Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-15 ta' Settembru 2016, ***L-Italja vs Il-Kummissjoni*** (T-353/14 u T-17/15, EU:T:2016:495).

Fl-ewwel lok, fir-rigward tal-ammissibbiltà tar-rikorsi fl-ewwel istanza, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret, l-ewwel nett, li r-rikors għal annullament huwa miftuħ fir-rigward tad-dispożizzjonijiet kollha adottati mill-istituzzjonijiet li huma intiżi li jipproduċu effetti legali vinkolanti, u dan indipendentement mill-forma tagħhom. It-tieni nett, hija qieset li l-Qorti Ġenerali kienet ġustament ikkonkludiet, fir-rigward tan-natura ġuridika tal-avviżi ta' kompetizzjoni kontenzjużi, li dawn ma kinux jikkostitwixxu atti konfermattivi jew atti ta' sempliċi eżekuzzjoni tar-Regoli ġenerali applikabbli għall-kompetizzjonijiet miftuħa, iżda atti li kellhom "effetti legali vinkolanti fir-rigward tas-sistema lingwistika tal-kompetizzjonijiet inkwistjoni", u li dawn kienu jikkostitwixxu, għaldaqstant, atti li jistgħu jiġu kkontestati. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li l-organizzazzjoni ta' kompetizzjoni hija rregolata minn avviż li jistabbilixxi l-elementi essenzjali tagħha, bħalma huma l-konoxxenzi lingwistiċi meħtieġa min-natura speċifika tal-pożizzjonijiet li jkollhom jimtlew, konformement mad-dispożizzjonijiet tal-Anness III tar-Regolamenti tal-Persunal. Dan l-avviż jistabbilixxi għalhekk il-"qafas normattiv" tal-kompetizzjoni inkwistjoni skont l-għan stabbilit mill-Awtorità tal-Ħatra u jipproduċi, minħabba f'hekk, effetti legali vinkolanti. F'dan il-każ, din l-evalwazzjoni tan-natura ġuridika tal-avviż ta' kompetizzjoni kienet ikkorroborata kemm mill-formulazzjoni tar-Regoli ġenerali applikabbli għall-kompetizzjonijiet miftuħa, adottati mill-EPSO, kif ukoll minn dik tal-avviżi ta' kompetizzjoni kontenzjużi nnifishom.

Fit-tieni lok, fir-rigward tal-eżerċizzju u tal-intensità tal-istħarriġ ġudizzjarju mwettaq mill-Qorti Ġenerali, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni għandhom ikollhom setgħa diskrezzjonali wiesgħa fl-organizzazzjoni tad-dipartimenti tagħhom u, b'mod partikolari, fid-determinazzjoni tal-kriterji ta' kapaċità mitluba għall-pożizzjonijiet li jkollhom jimtlew u, fid-dawl ta' dawn il-kriterji u fl-interess tas-servizz, fid-determinazzjoni tal-kundizzjonijiet u tal-modalitajiet ta' organizzazzjoni tal-kompetizzjoni. Madankollu, din id-diskrezzjoni hija obbligatorjament irregolata mill-Artikolu 1d tar-Regolamenti tal-Persunal, li jipprojbixxi kull diskriminazzjoni bbażata fuq il-lingwa u li jipprevedi li d-differenzi fit-trattament ibbażati fuq il-lingwa li jirriżultaw minn limitazzjoni tas-sistema lingwistika ta' kompetizzjoni għal numru limitat ta' lingwi uffiċjali ma jistgħux jiġu aċċettati ħlief jekk tali limitazzjoni tkun oġġettivament iġġustifikata u proporzjonata għall-bżonnijiet reali tas-servizz. Barra minn hekk, kwalunkwe kundizzjoni relatata mal-konoxxenzi lingwistiċi speċifiċi għandha tkun ibbażata fuq kriterji ċari, oġġettivi u prevedibbli sabiex il-kandidati jkunu jistgħu jifhmu r-raġunijiet ta' din il-kundizzjoni u l-qrati tal-Unjoni jkunu jistgħu jistħarrġu l-legalità tagħha.

Sa fejn il-legalità tal-limitazzjoni tiddependi min-natura ġġustifikata u proporzjonata tagħha, il-Qorti Ġenerali kellha raġun twettaq, f'dan il-każ, eżami *in concreto*, b'mod partikolari, tal-kwistjoni dwar jekk l-avviżi ta' kompetizzjoni kontenzjużi, ir-Regoli ġenerali applikabbli għall-kompetizzjonijiet miftuħa u l-provi prodotti mill-Kummissjoni kinux "indikazzjonijiet konkreti" li jippermettu li tiġi stabbilita, oġġettivament, l-eżistenza ta' interess tas-servizz li jkun jista' jiġġustifika l-limitazzjoni tal-għażla tat-tieni lingwa tal-kompetizzjoni. Fil-fatt, il-Qorti Ġenerali ma kellhiex tivverifika biss l-eżattezza materjali tal-provi invokati, il-kredibbiltà tagħhom u l-koerenza tagħhom, iżda kellha tistħarreġ ukoll jekk dawn il-provi kinux jikkostitwixxu d-data kollha rilevanti li kellha tittieħed inkunsiderazzjoni sabiex tiġi evalwata sitwazzjoni kumplessa u jekk kinux tali li jsostnu l-konklużjonijiet misluta minnhom.

Fit-tielet lok, fir-rigward tal-limitazzjoni tal-għażla tal-lingwi ta' komunikazzjoni bejn il-kandidati u l-EPSO, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li r-raġunament segwit mill-Qorti Ġenerali, fis-sens li r-Regolament Nru 1/58 kien jirregola kull limitazzjoni tal-lingwi uffiċjali imposti għall-komunikazzjonijiet bejn l-EPSO u l-kandidati tal-kompetizzjonijiet, kien żbaljat. F'dan ir-rigward hija qieset li, għalkemm huwa minnu li kien ġie deċiż, fis-sentenza *L-Italja vs Il-Kummissjoni* (C-566/10 P) [234], li, fl-assenza ta' dispożizzjonijiet regolamentari speċjali applikabbli għall-uffiċjali u għall-membri tal-persunal fir-regoli interni tal-istituzzjonijiet ikkonċernati mill-avviżi ta' kompetizzjoni inkwistjoni f'din il-kawża, ir-relazzjonijiet bejn dawn l-istituzzjonijiet u l-uffiċjali u l-membri tal-persunal tagħhom ma humiex totalment esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament

234| Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-27 ta' Novembru 2012, ***L-Italja vs Il-Kummissjoni*** (C-566/10 P, EU:C:2012:752).

Nru 1/58, din il-preċiżazzjoni madankollu ma kinitx tirrigwarda l-lingwi ta' komunikazzjoni bejn l-EPSO u l-kandidati, iżda l-lingwi ta' *pubblikazzjoni* tal-imsemmija avviżi ta' kompetizzjoni. Għaldaqstant, fil-kuntest tal-proċeduri ta' selezzjoni tal-persunal tal-Unjoni, differenzi fit-trattament f'dak li jirrigwarda s-sistema lingwistika tal-kompetizzjonijiet jistgħu jkunu awtorizzati, skont l-Artikolu 1d(6) tar-Regolamenti tal-Persunal. Madankollu, f'dan il-każ, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Qorti Ġenerali kienet ġustament ikkonkludiet li r-raġunijiet imressqa sabiex jiġġustifikaw l-għażla tal-lingwi ta' komunikazzjoni ma setgħux jiġġustifikaw, skont l-Artikolu 1d(1) u (6) tar-Regolamenti tal-Persunal, il-limitazzjoni tal-għażla tal-lingwi ta' komunikazzjoni mal-EPSO, peress li l-avviżi ta' kompetizzjoni kontenzjużi ma kinux jippreċiżaw fuq liema elementi oġġettivament verifikabbli kienet ibbażata l-imsemmija limitazzjoni, li kellha tkun proporzjonata għall-bżonnijiet reali tas-servizz.

Fis-sentenza ***HK vs Il-Kummissjoni*** (C-460/18 P, EU:C:2019:1119), mogħtija fid-19 ta' Diċembru 2019, il-Qorti tal-Ġustizzja *annullat is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-3 ta' Mejju 2018, HK vs Il-Kummissjoni* [235] *u, b'deċiżjoni finali dwar it-tilwima, ċaħdet kemm ir-rikors għal annullament ippreżentat mill-appellant kontra d-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea li tirrifjuta li tagħtih il-benefiċċju ta' pensjoni tas-superstiti bħala konjuġi superstiti ta' uffiċjal kif ukoll ir-rikors tiegħu għal kumpens għad-danni materjali u morali allegatament imġarrba.*

Din il-kawża kienet tirrigwarda t-talba tal-appellant sabiex ikun jista' jibbenefika mill-pensjoni tas-superstiti bħala konjuġi superstiti ta' uffiċjal tal-Kummissjoni Ewropea li miet fil-11 ta' April 2015, li kien ilu miżżewweġ magħha mid-9 ta' Mejju 2014. Il-koppja kienu ilhom jikkoabitaw mill-1994. L-appellant kien irċieva regolarment flus mingħand is-sieħba tiegħu minħabba problemi tas-saħħa li kienu jipprekluduh milli jaħdem jew milli jsegwi taħriġ.

Il-Qorti tal-Ġustizzja, l-ewwel nett, annullat is-sentenza tal-Qorti Ġenerali li ċaħdet ir-rikors tal-appellant, minħabba li l-Qorti Ġenerali kienet kisret l-obbligu ta' motivazzjoni tagħha. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li l-motivazzjoni tas-sentenza appellata ma kinitx turi b'mod ċar u li jinftiehem ir-raġunament tal-Qorti Ġenerali fir-rigward tad-determinazzjoni tal-persuni li jistgħu jibbenefikaw mill-għoti ta' pensjoni tas-superstiti skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 17 tal-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal, punt dan li kien importanti għall-kwistjoni tan-natura paragunabbli tas-sitwazzjonijiet meqjusa għall-finijiet tal-eżami tal-konformità tad-dispożizzjoni tar-Regolamenti tal-Persunal mal-prinċipju ġenerali ta' nondiskriminazzjoni.

Billi qieset li l-kawża kienet fi stat li tiġi deċiża, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset, it-tieni nett, li l-Kummissjoni setgħet ġustament tirrifjuta l-benefiċċju tal-pensjoni tas-superstiti lill-appellant minħabba li dan ma kienx jissodisfa l-kundizzjoni dwar it-tul minimu ta' sena żwieġ mal-uffiċjal deċedut imposta mill-ewwel paragrafu tal-Artikolu 17 tal-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal.

Il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li la l-fatt li l-imsemmija dispożizzjoni teskludi mill-kamp ta' applikazzjoni tagħha l-persuni li jikkoabitaw, u lanqas il-fatt li timponi tali tul minimu ta' żwieġ sabiex il-konjuġi superstiti jibbenefika mill-pensjoni tas-superstiti ma kienu manifestament inadegwati meta mqabbla mal-għan tal-pensjoni tas-superstiti u lanqas ma kienu jiksru l-prinċipju ġenerali ta' nondiskriminazzjoni.

Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, id-dritt għall-pensjoni tas-superstiti ma huwiex marbut mal-eventwali dipendenza finanzjarja tal-konjuġi fuq il-mejjet. Għall-kuntrarju, il-benefiċjarju ta' din il-pensjoni kellu jkun marbut mal-uffiċjal deċedut fil-kuntest ta' relazzjoni ċivili li tkun ħolqot sett ta' drittijiet u ta' obbligi bejniethom, bħaż-żwieġ jew, taħt ċerti kundizzjonijiet, bħas-sħubija mhux matrimonjali rreġistrata.

**235|** T-574/16, mhux ippubblikata, EU:T:2018:252.

Il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat li, fost dawn il-kundizzjonijiet, hemm b'mod partikolari l-fatt li s-sieħeb superstiti jkollu jipprovdi dokument uffiċjali rrikonoxxut bħala tali minn Stat Membru jew minn kwalunkwe awtorità kompetenti ta' Stat Membru, li jirrikonoxxi l-istatus bħala msieħba mhux miżżewġa, u l-fatt li l-koppja ma kellhiex aċċess għaż-żwieġ ċivili.

Għalhekk, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li unjoni *de facto*, bħalma hija l-koabitazzjoni, li bħala prinċipju ma hijiex is-suġġett ta' status stabbilit mil-liġi, ma kinitx tissodisfa l-kundizzjonijiet meħtieġa u li, għaldaqstant, fir-rigward tal-pensjoni tas-superstiti, il-persuni li jikkoabitaw ma jkunux f'sitwazzjoni paragunabbli ma' dik tal-persuni miżżewġa u lanqas ma' dik tal-imsieħba li jkunu kkonkludew unjoni rreġistrata li tissodisfa l-kundizzjonijiet previsti sabiex wieħed jibbenefika mill-imsemmija pensjoni.

Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, sabiex jiġu miġġielda l-abbużi, u saħansitra l-frodi, il-leġiżlatur tal-Unjoni kellu marġni ta' diskrezzjoni fl-istabbiliment tad-dritt għal pensjoni tas-superstiti u li l-kundizzjoni li ż-żwieġ għandu jkun dam għal mill-inqas sena sabiex il-konjuġi superstiti jibbenefika mill-pensjoni tas-superstiti kienet intiża li tiżgura r-realtà u l-istabbiltà tar-relazzjonijiet bejn il-persuni kkonċernati.

Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li r-rikors għal kumpens għad-danni materjali jew morali allegatament imġarrba kellu wkoll jiġi miċħud bħala infondat, peress li t-talbiet tal-appellant f'dan ir-rigward kienu marbuta mill-qrib mat-talbiet għal annullament li min-naħa tagħhom kienu ġew miċħuda bħala infondati.



# C | Attività tar-reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-2019

Minn **Marc-André Gaudissart**, Assistent Reġistratur

Għalkemm il-funzjonijiet li huwa fdat bihom huma diversi minħabba, b'mod partikolari, il-pożizzjoni partikolari tiegħu fl-istruttura ta' istituzzjoni multilingwi bħalma hija l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u minħabba r-rwol tiegħu ta' intermedjarju bejn il-qrati tal-Istati Membri u r-rappreżentanti tal-partijiet, minn naħa, u l-uffiċċji tal-Membri u d-dipartimenti tal-Istituzzjoni, min-naħa l-oħra, il-funzjoni ewlenija tar-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja hija, manifestament, li jiżgura qabel kollox l-iżvolġiment tajjeb tal-proċeduri u ż-żamma b'mod rigoruż tal-proċessi tal-kawżi li jitressqu quddiem il-qorti, sa mir-reġistrazzjoni tal-att li jiftaħ il-kawża fir-reġistru miżmum mir-Reġistru san-notifika, lill-partijiet jew lill-qorti li tkun għamlet rinviju quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, tad-deċiżjoni li tagħlaq l-istanza. Għaldaqstant, in-numru ta' kawżi mressqa u magħluqa mill-Qorti tal-Ġustizzja jkollu impatt dirett fuq il-volum ta' xogħol tar-Reġistru u fuq il-kapaċità tiegħu li jaffaċċja d-diversi sfidi li jiltaqa' magħhom, f'oqsma diversi ħafna.

Sa fejn is-sena li għaddiet kienet ikkaratterizzata, għal darba oħra, minn ritmu ta' attività għoli ħafna, kemm fuq il-livell tal-kawżi mressqa kif ukoll fuq dak tal-kawżi magħluqa, il-linji li ġejjin ser jagħtu essenzjalment ħarsa qasira lejn it-tendenzi ġenerali prinċipali tal-istatistika u ma humiex ser jiffokaw fuq ir-responsabbiltajiet l-oħra tar-Reġistru, minkejja li dawn irrikjedew parti mhux żgħira tar-riżorsi tiegħu fl-2019, b'mod partikolari fil-kuntest tal-osservanza tar-rekwiżiti regolamentari marbuta mal-protezzjoni tad-data personali jew fil-kuntest tal-ħidma u tar-riflessjonijiet pendenti dwar l-implimentazzjoni ta' sistema integrata għall-ġestjoni tal-kawżi.

## I. Il-kawżi mressqa

Għalkemm wieħed seta' jaħseb li fl-2018 kien intlaħaq livell storiku b'xejn inqas minn 849 kawża mressqa matul sena waħda, l-istatistika reġgħet għelbet il-previżjonijiet kollha għaliex is-sena li għaddiet kien hemm żieda ġdida fin-numru tal-kawżi mressqa, żieda ta' 14 % b'xejn inqas minn **966 kawża mressqa quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja fl-2019**. Il-qorti qatt ma kienet adita b'tali numru ta' kawżi! Bħal fis-sentejn preċedenti, iż-żieda hija dovuta, fil-parti l-kbira tagħha, għal żieda ġdida fin-numru ta' talbiet għal deċiżjoni preliminari – b'641 talba, li jirrappreżentaw fil-fatt żewġ terzi tal-kawżi kollha mressqa fl-2019 u iktar mid-doppju tan-numru ta' talbiet għal deċiżjoni preliminari mressqa quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja għaxar snin ilu (302 talba għal deċiżjoni preliminari fl-2009) – iżda wkoll għal żieda sinjifikattiva fin-numru ta' appelli. Fil-fatt, b'266 kawża, l-appelli, l-appelli fi proċeduri għal miżuri provviżorji u l-appelli fuq intervent irrappreżentaw iktar minn 27 % tal-kawżi mressqa fl-2019 (imqabbla ma' ftit iktar minn 23 % s-sena li għaddiet). Fil-parti l-kbira tagħha, din iż-żieda hija dovuta għan-numru kbir ta' deċiżjonijiet mogħtija mill-Qorti Ġenerali fl-2018, marbut, b'mod partikolari, maż-żieda fil-persunal tagħha.

B'35 kawża mressqa fl-2019 – imqabbla ma' 57 is-sena li għaddiet – in-numru ta' rikorsi għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu rreġistra, min-naħa tiegħu, tnaqqis kunsiderevoli. Madankollu, f'dan l-istadju, ikun prematur jekk jinstiltu xi konklużjonijiet minn din il-konstatazzjoni sa fejn it-tnaqqis fin-numru ta' dawn ir-rikorsi jista' jkun dovut ukoll għall-kuntest istituzzjonali partikolari tas-sena li għaddiet, li kien ikkaratterizzat b'mod partikolari mit-tmiem tal-mandat tal-Kummissjoni "Juncker" u mid-dħul fil-kariga ta' Kummissjoni ġdida, li tista' tadotta approċċ differenti minn dik preċedenti fir-rigward tat-tressiq ta' kawżi. Fl-aħħar nett, is-sena li għaddiet kienet ikkaratterizzata mill-preżentata ta' rikors tal-Qorti tal-Awdituri, ibbażat fuq l-Artikolu 286(6) tat-Trattat dwar

il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll mill-preżentata, mill-Parlament Ewropew, ta' talba għal opinjoni (1/19) ibbażata fuq l-Artikolu 218(11) tal-istess trattat dwar, b'mod partikolari, il-kompatibbiltà mat-Trattati tal-konklużjoni mill-Unjoni tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika (il-Konvenzjoni ta' Istanbul).

Fir-rigward tat-talbiet għal deċiżjoni preliminari, wieħed josserva li fl-2019 il-qrati tal-Istati Membri kollha – mingħajr eċċezzjoni – għamlu talba għal deċiżjoni preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja. Bħal fl-2018, il-Ġermanja, l-Italja u Spanja għadhom jokkupaw l-ogħla pożizzjonijiet fil-klassifika "ġeografika" tar-rinviji għal deċiżjoni preliminari magħmula fl-2019 b'114, 70 u 64 talba għal deċiżjoni preliminari mressqa rispettivament mill-qrati ta' dawn l-Istati Membri matul is-sena li għaddiet. Madankollu, dak li ser jiġbed fuq kollox l-attenzjoni tal-osservaturi huwa n-numru tar-rinviji magħmula mill-qrati tal-Istati li saru Membri tal-Unjoni fl-2004, fl-2007 jew fl-2013, kif ukoll in-numru relattivament għoli ta' talbiet għal deċiżjoni preliminari mir-Renju Unit (18), minkejja d-deċiżjoni ta' dan l-Istat Membru li joħroġ mill-Unjoni Ewropea.

Fil-fatt, b'49 u 39 talba għal deċiżjoni preliminari mressqa fl-2019, ir-Rumanija u l-Polonja jokkupaw, rispettivament, ir-raba' u l-ħames pożizzjoni fil-klassifika ġeografika tar-rinviji għal deċiżjoni preliminari – u jaqbżu Stati fundaturi bħall-Belġju, Franza u l-Pajjiżi l-Baxxi (li l-qrati tagħhom għamlu, rispettivament, 38, 32 u 28 rinviju għal deċiżjoni preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja fl-2019) –, filwaqt li n-numru ta' talbiet minn qrati Bulgari (24 talba), Kroati (10 talbiet), Latvjani (12-il talba), Slovakki (10 talbiet) jew Sloveni (5 talbiet) żdied ukoll b'mod notevoli. Ma jistax jiġi miċħud li din l-evoluzzjoni hija xhieda tal-importanza vitali tad-djalogu bejn il-Qorti tal-Ġustizzja u l-qrati tal-Istati Membri kollha, minkejja li dan id-djalogu xi drabi jqajjem tħassib inkwetanti sa fejn ċerti domandi magħmula lill-Qorti tal-Ġustizzja jikkonċernaw suġġetti sensittivi ħafna bħalma hija l-osservanza, fl-Istati Membri, tar-regoli u tal-prinċipji essenzjali tal-Istat tad-dritt li jirregolaw, b'mod partikolari, il-mod tal-ħatra tal-imħallfin jew l-età tal-irtirar tagħhom, l-eżistenza ta' proċeduri dixxiplinari indipendenti u imparzjali jew inkella l-għoti ta' garanziji minimi lill-applikanti għal ażil jew lill-benefiċjarji ta' sistema ta' protezzjoni internazzjonali.

Mill-bqija, il-kawżi mressqa quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja fl-2019 – kemm permezz tal-proċedura għal deċiżjoni preliminari kif ukoll fil-kuntest ta' rikorsi diretti jew ta' appelli – ikkonċernaw varjetà wiesgħa ħafna ta' oqsma, li tirrifletti r-rikkezza u d-diversità tas-suġġetti rregolati mid-dritt tal-Unjoni, suġġetti li jmorru mill-għoti obbligatorju ta' perijodi minimi ta' mistrieħ u remunerazzjoni ekwivalenti lill-ħaddiema, irġiel u nisa, li jinsabu f'sitwazzjoni paragunabbli, sal-kumpens tal-passiġġieri tal-ajru marbut mal-annullament jew mad-dewmien eċċessiv ta' titjira, u li jinkludu wkoll, pereżempju, il-ħtieġa li tiġi żgurata informazzjoni adegwata lill-pubbliku meta jitqiegħdu ċerti prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti fis-suq kif ukoll il-ħtieġa li tiġi ggarantita informazzjoni adegwata tal-konsumaturi dwar il-kompożizzjoni jew l-oriġini ġeografika preċiża tal-prodotti tal-ikel li jixtru. Madankollu, bħal fl-2018, it-tliet suġġetti l-iktar komuni huma l-kawżi dwar l-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja (105 kawżi ġodda), dwar il-fiskalità (74 kawża) u dwar il-proprjetà intellettwali u industrijali (74 kawża wkoll). Fil-bidu tas-sena 2019, ġie ppreżentat ukoll numru kbir ta' appelli minn sentenzi mogħtija mill-Qorti Ġenerali f'Diċembru 2018 fil-qasam tal-għajnuna mill-Istat u fil-qasam tal-kompetizzjoni, li jispjega n-numru partikolarment għoli ta' kawżi ġodda marbuta ma' dawn iż-żewġ oqsma (b'59 u 42 kawża ġdida rispettivament).

Fl-aħħar nett, wieħed josserva li s-sena li għaddiet kienet ikkaratterizzata wkoll minn numru kunsiderevoli ta' talbiet sabiex titħaffef il-proċedura sa fejn l-applikazzjoni tal-proċedura mħaffa ntalbet f'mhux inqas minn 58 kawża (imqabbla ma' 36 fl-2018 u ma' 31 fl-2017) u l-applikazzjoni tal-proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari ntalbet (jew ġiet proposta) f'għoxrin kawża (jiġifieri f'kawża waħda iktar milli matul is-sena preċedenti u ħamsa iktar milli fl-2017). Minkejja li ma ntlaqgħux kollha, dawn it-talbiet xorta rrikjedew li l-Qorti tal-Ġustizzja teżamina, f'terminu qasir, iċ-ċirkustanzi invokati f'kull każ partikolari sabiex tevalwa

jekk kienx hemm lok jew le li tapplika waħda minn dawn iż-żewġ proċeduri. Fil-prattika, dan l-eżami wassal għall-implimentazzjoni tal-proċedura b'urġenza fi ħdax-il kawża u għall-applikazzjoni tal-proċedura mħaffa fi tliet kawżi oħra.

# II. Il-kawżi magħluqa

Għalkemm in-numru tal-kawżi mressqa kien partikolarment għoli matul is-sena li għaddiet, dan kien, wieħed jista' jgħid b'xorti tajba, ikkumpensat anki din is-sena b'numru mingħajr paragun ta' kawżi magħluqa. Bi **865 kawża maqtugħa fl-2019**, il-Qorti tal-Ġustizzja fil-fatt stabbilixxiet rekord ġdid, fejn ir-rekord preċedenti kien intlaħaq fis-sena preċedenti, b'760 kawża magħluqa fl-2018. Dan in-numru jirrappreżenta żieda ta' 14 %!

Mingħajr ma nidħol fid-dettall hawnhekk dwar il-kawżi magħluqa fl-2019 u dwar il-portata tagħhom – f'dan ir-rigward isir riferiment għall-iżviluppi fil-ġurisprudenza msemmija fit-tieni parti ta' dan il-kapitolu – miċ-ċifri u mill-istatistika ppreżentati fil-linji segwenti ser joħorġu tliet elementi li ser jiġbdu b'mod partikolari l-attenzjoni tal-qarrej.

Mingħajr ebda dubju, l-ewwel element huwa marbut mal-proporzjon għoli ta' digrieti fin-numru totali tal-kawżi magħluqa fl-2019. Filwaqt li, fl-2018, il-Qorti tal-Ġustizzja adottat 218-il digriet, dan in-numru tela' għal 293 digriet fl-2019, bl-kategoriji kollha kkunsidrati. Din iż-żieda hija bbażata fuq żewġ fatturi.

Din iż-żieda hija dovuta, minn naħa, għal użu ikbar tal-possibbiltajiet kollha offerti mir-Regoli tal-Proċedura bil-għan li tingħata deċiżjoni fi żmien qasir fir-rigward tar-rikorsi mressqa quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u, b'mod partikolari, mill-Artikolu 99 ta' dawn ir-Regoli li jippermetti lill-Qorti tal-Ġustizzja tagħti, permezz ta' digriet motivat, risposta malajr għad-domandi preliminari magħmula meta dawn id-domandi jkunu identiċi għal domanda li dwarha l-Qorti tal-Ġustizzja tkun diġà tat deċiżjoni jew meta r-risposta għal tali domanda tkun tista' tiġi dedotta b'mod ċar mill-ġurisprudenza jew ma tħalli lok għal ebda dubju raġonevoli (b'hekk, xejn inqas minn 57 kawża ngħalqu fuq il-bażi ta' din id-dispożizzjoni fl-2019).

Min-naħa l-oħra, din iż-żieda hija marbuta mad-dħul fis-seħħ, fl-1 ta' Mejju 2019, tar-Regolament (UE, Euratom) 2019/629 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 [1], li introduċa mekkaniżmu ġdid għall-ammissjoni preliminari ta' ċerti kategoriji ta' appelli, li bis-saħħa tiegħu l-Qorti tal-Ġustizzja tista' tippermetti tali appelli, kompletament jew parzjalment, fil-każ biss li jqajmu kwistjoni sinjifikattiv għall-unità, għall-konsistenza jew għall-iżvilupp tad-dritt tal-Unjoni. Peress li din il-kundizzjoni tqieset li ma kinitx ġiet issodisfatta – jew, minn tal-inqas, li ma kinitx issostanzjata biżżejjed mill-appellanti – il Qorti tal-Ġustizzja adottat numru kbir (27) ta' digrieti ta' nuqqas ta' ammissjoni tal-appell fl-2019, u dan ikkontribwixxa għaż-żieda fin-numru ta' digrieti li jagħlqu l-istanza.

Barra minn hekk, ta min isemmi wkoll l-ewwel każ ta' implimentazzjoni tal-Artikolu 182 tar-Regoli tal-Proċedura, li jippermetti lill-Qorti tal-Ġustizzja tiddikjara appell manifestament fondat meta tkun diġà ddeċidiet fuq punt jew punti ta' liġi identiċi għal dawk imqajma fl-aggravji tal-appell.

Fir-rigward tat-tqassim tal-kawżi magħluqa skont il-kulleġġ ġudikanti, għandhom jissemmew l-Opinjoni 1/17 mogħtija mis-Seduta Plenarja tal-Qorti tal-Ġustizzja, fit-30 ta' April 2019, dwar il-kompatibbiltà mad-dritt tal-Unjoni tal-mekkaniżmu għar-riżoluzzjoni ta' tilwim bejn investituri u Stati (ISDS) previst fil-Ftehim Ekonomiku

1| ĠU L 111, tal-25 ta' April 2019, p. 1.

u Kummerċjali Komprensiv bejn il-Kanada, minn naħa, u l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, kif ukoll il-proporzjon kunsiderevoli ta' deċiżjonijiet mogħtija mill-Awla Manja tal-Qorti tal-Ġustizzja, li għalqet xejn inqas minn 82 kawża fl-2019. Għandu jissemma wkoll, b'mod partikolari, il-proporzjon ikbar ta' deċiżjonijiet mogħtija minn awla bi tliet imħallfin. Fil-fatt, fl-2019 l-awli tal-Qorti tal-Ġustizzja komposti minn tliet imħalllfin qatgħu xejn inqas minn 351 kawża, permezz ta' sentenza jew ta' digriet, imqabbla ma' 251 kawża fl-2018. Din iż-żieda sostanzjali, f'kuntest ta' volum ta' xogħol kbir, hija dovuta, parzjalment, għar-rieda tal-Qorti tal-Ġustizzja li tagħti rwol dejjem iktar importanti lil dawn il-kulleġġi ġudikanti billi tassenjalhom il-kawżi li jistgħu jiġu deċiżi minnhom filwaqt li, meta jkun il-każ, torbot din l-assenjazzjoni mal-preżentazzjoni ta' konklużjonijiet, li qabel kienet pjuttost rari għall-kawżi assenjati lil tali kulleġġi ġudikanti. Il-proporzjon tad-deċiżjonijiet mogħtija mill-awli b'ħames imħallfin fl-2019 naqas ftit, sa fejn dawn il-kulleġġi ġudikanti għalqu 343 kawża matul is-sena li għaddiet, imqabbla ma' 323 fis-sena preċedenti.

Fl-aħħar nett, fir-rigward tat-tul tal-proċedura, wieħed josserva li globalment dan baqa' stabbli, jew anki naqas, minkejja ż-żieda sinjifikattiva fin-numru ta' kawżi. Fl-2019, fil-fatt, it-tul medju għat-trattament ta' kawżi għal deċiżjoni preliminari kien ta' 15.5 xhur (u 3.7 xhur għall-kawżi suġġetti għall-proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari) – imqabbla, rispettivament, ma' 16-il xahar u 3.1 xhur fl-2018 – filwaqt li t-tul medju għat-trattament ta' rikorsi diretti u ta' appelli kien, rispettivament, ta' 19.1 xhur (imqabbla ma' 18.8 xhur fl-2018) u ta' 11.1 xhur (imqabbla ma' 13.4 xhur). Kif diġà osservajt iktar 'il fuq, fil-parti l-kbira tagħhom dawn ir-riżultati huma dovuti għal użu ikbar ta' digrieti, b'mod partikolari fil-qasam tal-proprjetà intellettwali u industrijali, fejn numru kbir ta' appelli ġew miċħuda, jew fuq il-bażi tal-Artikoli 170a jew 170b tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja (il-mekkaniżmu l-ġdid għall-ammissjoni tal-appelli), jew fuq il-bażi tal-Artikolu 181 tagħhom.

# III. Il-kawżi pendenti

B'konsegwenza loġika taż-żieda fin-numru tal-kawżi mressqa fl-2019, li hija ikbar miż-żieda fin-numru tal-kawżi magħluqa, kbir kemm hu kbir dan in-numru, in-numru tal-kawżi pendenti wkoll żdied meta mqabbel mas-sena preċedenti peress li jammonta għal **1 102 kawżi fil-31 ta' Diċembru 2019** (1 013-il kawża, meta jitqiesu l-kawżi magħquda minħabba konnessjoni).

Huwa b'mod partikolari f'dan il-kuntest li għandhom jitqiesu d-dħul fis-seħħ tal-mekkaniżmu għall-ammissjoni preliminari tal-appelli, fl-1 ta' Mejju 2019, kif ukoll l-emendi introdotti mill-Qorti tal-Ġustizzja, matul is-sena li għaddiet, fir-Regoli tal-Proċedura tagħha, fir-Rakkomandazzjonijiet lill-qrati nazzjonali, dwar l-introduzzjoni ta' talbiet għal deċiżjoni preliminari u fl-Istruzzjonijiet prattiċi lill-partijiet, dwar il-kawżi mressqa quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja. Dawn l-emendi, li l-portata tagħhom ġiet deskritta fl-ewwel parti ta' dan il-kapitolu, huma intiżi li jikkjarifikaw, jikkompletaw jew jissemplifikaw id-dispożizzjonijiet li jirregolaw il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u li jispeċifikaw il-qafas tar-relazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja mal-qrati nazzjonali u mar-rappreżentanti tal-partijiet. Dawn l-emendi għandhom jippermettu lill-Qorti tal-Ġustizzja tikkontrolla, sa ċertu punt, iż-żieda fin-numru ta' kawżi mressqa quddiemha, bla ħsara għal miżuri oħra li jistgħu jiġu proposti, meta jkun il-mument opportun, jekk it-tendenza ta' żieda tippersisti, bil-għan li jiġi ssemplifikat it-trattament ta' ċerti kawżi jew li jiġi introdott tqassim differenti tal-kompetenzi bejn il-Qorti tal-Ġustizzja u l-Qorti Ġenerali.

# D | Statistika tal-attività ġudizzjarja tal-Qorti tal-Ġustizzja


**I.** Attività ġenerali tal-Qorti tal-Ġustizzja — Kawżi ġodda,kawżi agħluqa, kawżi pendenti (2015–2019) **161**

**II.** Kawżi ġodda — Natura tal-proċeduri (2015-2019) **162**

**III.** Kawżi ġodda — Suġġett tar-rikors (2015-2019) **163**

**IV.** Kawżi ġodda — Suġġett tar-rikors (2019) **164**

**V.** Kawżi ġodda — Rinviji għal deċiżjonijiet preliminari mill-Istati Membri (2015-2019) **165**

**VI.** Kawżi ġodda — Rikors għal nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu (2015–2019) **166**

**VII.** Kawżi magħluqa — Natura tal-proċeduri (2015-2019) **167**

**VIII.** Kawżi magħluqa — Sentenzi, opinjonijiet, digrieti (2019) **168**

**IX.** Kawżi magħluqa b'sentenza, opinjoni jew digriet ta' natura ġudizzjarja — Kulleġġ ġudikanti (2015-2019) **169**

**X.** Kawżi magħluqa b'sentenza, b'opinjoni jew b'digriet ta' natura ġudizzjarja — Suġġett tar-rikors (2015-2019) **170**

**XI.** Kawżi magħluqa b'sentenza, opinjoni jew digriet ta'natur ġudizzjarja — Suġġett tar-rikors (2019) **171**

**XII.** Kawżi magħluqa — Sentenzi dwar nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu: eżitu tad-deċiżjoni (2015-2019) **172**

**XIII.** Kawżi magħluqa — Appelli: eżitu tad-deċiżjoni (2015-2019) **173**

**XIV.** Kawżi magħluqa — Tul tal-proċeduri f'termini ta' xhur (2015-2019) **174**

**XV.** Kawżi pendenti fil-31 ta' Diċembru — Natura tal-proċeduri (2015-2019) **175**

**XVI.** Kawżi pendenti fil-31 ta' Diċembru — Kulleġġ ġudikanti (2015-2019) **176**

**XVII.** Proċeduri mħaffa (2015-2019) **177**

**XVIII.** Varji — Proċeduri b'urġenza għal deċiżjoni preliminari (2015-2019) **178**

**XIX.** Proċeduri għal miżuri provviżorji (2015-2019) **179**

**XX.** Appelli taħt l-Artikolu 58a tal — Istatut (2019) **180**

**XXI.** Evoluzzjoni ġenerali tal-attività ġudizzjarja (1952-2019) — Kawżi ġodda u sentenzi jew opinjonijiet **181**

**XXII.** Żvilupp ġenerali tal-attività ġudizzjarja (1952-2019) — Rinviji għal deċiżjoni preliminari mressqa skont l-Istat Membru u skont is-sena **183**

**XXIII.** Żvilupp ġenerali tal-attività ġudizzjarja (1952-2019) — Rinviji għal deċiżjoni preliminari mressqa skont l-Istat Membru u skont il-qorti **185**

**XXIV.** Żvilupp ġenerali tal-attività ġudizzjarja (1952-2019) — Indbragte traktatbrudssøgsmål mod medlemsstaterne **188**

**XXV.** Attività tar-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja (2015-2019) **189**

**I. Attività ġenerali tal-Qorti tal-Ġustizzja — Kawżi ġodda,kawżi agħluqa, kawżi pendenti (2015–2019)**




| | 2015 | 2016 | 2017 | 2018 | 2019 |
|---|---|---|---|---|---|
| Kawżi ġodda | 713 | 692 | 739 | 849 | 966 |
| Kawżi magħluqa | 616 | 704 | 699 | 760 | 865 |
| Kawżi pendenti | 884 | 872 | 912 | 1 001 | 1 102 |

## II. Kawżi ġodda — Natura tal-proċeduri (2015-2019)




| | 2015 | 2016 | 2017 | 2018 | 2019 |
|---|---|---|---|---|---|
| Rinviji għal deċiżjoni preliminari | 436 | 470 | 533 | 568 | 641 |
| Rikorsi diretti | 48 | 35 | 46 | 63 | 41 |
| Appelli | 206 | 168 | 141 | 193 | 256 |
| Appelli dwar talbiet għal miżuri provviżorji jew dwar intervent | 9 | 7 | 6 | 6 | 10 |
| Talbiet għal opinjoni | 3 | | 1 | | 1 |
| Proċeduri partikolari [1] | 11 | 12 | 12 | 19 | 17 |
| **Total** | **713** | **692** | **739** | **849** | **966** |
| Talbiet għal miżuri provviżorji | 2 | 3 | 3 | 6 | 6 |

1| Jitqiesu li huma "proċeduri partikolari": l-għajnuna legali, l-intaxxar tal-ispejjeż, il-korrezzjoni, l-oppożizzjoni għal sentenza li tingħata fil-każ ta' kontumaċja, l-oppożizzjoni minn terzi, l-interpretazzjoni, ir-reviżjoni, l-eżami ta' proposta mill-Avukat Ġenerali Ewlieni li tiġi eżaminata mill-ġdid deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali, il-proċedura għal qbid, il-kawżi fil-qasam tal-immunità.

## III. Kawżi ġodda — Suġġett tar-rikors (2015-2019)

| | 2015 | 2016 | 2017 | 2018 | 2019 |
|---|---|---|---|---|---|
| Aċċess għal dokumenti | 7 | 6 | 1 | 10 | 5 |
| Adeżjoni ta' Stati ġodda | | | 1 | | |
| Agrikoltura | 17 | 27 | 14 | 26 | 24 |
| Ambjent | 47 | 30 | 40 | 50 | 47 |
| Approssimazzjoni tal-leġiżlazzjonijiet | 22 | 34 | 41 | 53 | 29 |
| Assoċjazzjoni tal-Pajjiżi u tat-Territorji extra-Ewropej | 1 | | | | |
| Azzjoni esterna tal-Unjoni Ewropea | 3 | 4 | 3 | 4 | 4 |
| Ċittadinanza tal-Unjoni | 6 | 7 | 8 | 6 | 8 |
| Dispożizzjonijiet finanzjarji (baġit, kuntest finanzjarju, riżorsi proprji, ġlieda kontra l-frodi, ...) | 6 | 3 | 6 | 6 | 8 |
| Dritt istituzzjonali | 24 | 22 | 26 | 34 | 38 |
| Dritt tal-kumpanniji | 1 | 7 | 1 | 2 | 3 |
| Edukazzjoni, taħriġ professjonali, żgħażagħ u sport | | | 2 | | |
| Enerġija | 1 | 3 | 2 | 12 | 6 |
| Għajnuna mill-Istat | 29 | 39 | 21 | 26 | 59 |
| Klawżola ta' arbitraġġ | | | 5 | 2 | 3 |
| Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali | 3 | | 2 | | 1 |
| Kompetizzjoni | 40 | 35 | 8 | 25 | 42 |
| Kuntratti pubbliċi | 26 | 19 | 23 | 28 | 27 |
| Libertà li jiġu pprovduti servizzi | 24 | 15 | 18 | 37 | 12 |
| Libertà ta' stabbiliment | 12 | 16 | 8 | 7 | 8 |
| Moviment liberu tal-kapital | 6 | 4 | 12 | 9 | 6 |
| Moviment liberu tal-merkanzija | 8 | 3 | 6 | 4 | 8 |
| Moviment liberu tal-persuni | 15 | 28 | 16 | 19 | 41 |
| Politika barranija u ta' sigurtà komuni | 12 | 7 | 6 | 7 | 19 |
| Politika ekonomika u monetarja | 11 | 1 | 7 | 3 | 11 |
| Politika industrijali | 11 | 3 | 6 | 4 | 7 |
| Politika komuni tas-sajd | 1 | 3 | 1 | 1 | 1 |
| Politika kummerċjali | 15 | 20 | 8 | 5 | 10 |
| Politika soċjali | 32 | 33 | 43 | 46 | 41 |
| Prinċipji tad-dritt tal-Unjoni | 13 | 11 | 12 | 29 | 33 |
| Proprjetà intellettwali u industrijali | 88 | 66 | 73 | 92 | 74 |
| Protezzjoni tal-konsumaturi | 40 | 23 | 36 | 41 | 73 |
| Reġistrazzjoni, valutazzjoni, awtorizzazzjoni u restrizzjonijiet applikabbli għas-sustanzi kimiċi (REACH) | 5 | 2 | 2 | 1 | 3 |
| Riċerka, żvilupp teknoloġiku u spazju | 1 | 3 | 3 | 1 | |
| Saħħa pubblika | 10 | 1 | 1 | 4 | 6 |
| Sigurtà soċjali tal-ħaddiema migranti | 7 | 10 | 7 | 14 | 2 |
| Spazju ta' libertà, ta' sigurtà u ta' ġustizzja | 53 | 76 | 98 | 82 | 106 |
| Tassazzjoni | 49 | 70 | 55 | 71 | 73 |
| Trasport | 27 | 32 | 83 | 39 | 54 |
| Unjoni doganali u tariffa doganali komuni | 29 | 13 | 14 | 14 | 18 |
| **Trattat FUE** | **702** | **676** | **719** | **814** | **910** |
| Kontroll ta' sigurtà | | | | 1 | |
| Protezzjoni tal-popolazzjoni | | | | 1 | 1 |
| **Trattat KEEA** | | | | **2** | **1** |
| Prinċipji tad-dritt tal-Unjoni | | | | 1 | 1 |
| **Trattat UE** | | | | **1** | **1** |
| Dritt istituzzjonali | | | | 2 | |
| Privileġġi u immunitajiet | 2 | 2 | | 2 | 3 |
| Proċedura | 9 | 13 | 12 | 12 | 16 |
| Regolamenti tal-Persunal | | 1 | 8 | 16 | 35 |
| **Diversi** | **11** | **16** | **20** | **32** | **54** |
| **TOTAL ĠENERALI** | **713** | **692** | **739** | **849** | **966** |

## IV. Kawżi ġodda — Suġġett tar-rikors (2019)

| | Rinviji għal deċiżjoni preliminari | Rikorsi diretti | Appelli | Appelli dwar talbiet għal miżuri provviżorji jew dwar intervent | Talbiet għal opinjoni | Total | Proċeduri partikolari |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Aċċess għal dokumenti | | | 4 | 1 | | 5 | |
| Agrikoltura | 14 | 1 | 8 | 1 | | 24 | |
| Ambjent | 30 | 12 | 5 | | | 47 | |
| Approssimazzjoni tal-leġiżlazzjonijiet | 25 | 1 | 3 | | | 29 | |
| Azzjoni esterna tal-Unjoni Ewropea | 2 | | 1 | | 1 | 4 | |
| Ċittadinanza tal-Unjoni | 8 | | | | | 8 | |
| Dispożizzjonijiet finanzjarji (baġit, kuntest finanzjarju, riżorsi proprji, ġlieda kontra l-frodi, …) | 7 | 1 | | | | 8 | |
| Dritt istituzzjonali | 2 | 4 | 30 | 1 | | 38 | 1 |
| Dritt tal-kumpanniji | 2 | | 1 | | | 3 | |
| Enerġija | 4 | 1 | 1 | | | 6 | |
| Għajnuna mill-Istat | 17 | 1 | 39 | 2 | | 59 | |
| Klawżola ta’ arbitraġġ | | | 3 | | | 3 | |
| Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali | | | 1 | | | 1 | |
| Kompetizzjoni | 12 | | 27 | 3 | | 42 | |
| Kuntratti pubbliċi | 25 | 1 | 1 | | | 27 | |
| Libertà li jiġu pprovduti servizzi | 12 | | | | | 12 | |
| Libertà ta’ stabbiliment | 8 | | | | | 8 | |
| Moviment liberu tal-kapital | 5 | 1 | | | | 6 | |
| Moviment liberu tal-merkanzija | 8 | | | | | 8 | |
| Moviment liberu tal-persuni | 40 | 1 | | | | 41 | |
| Politika barranija u ta’ sigurtà komuni | | | 19 | | | 19 | |
| Politika ekonomika u monetarja | 3 | | 8 | | | 11 | |
| Politika industrijali | 6 | 1 | | | | 7 | |
| Politika komuni tas-sajd | | 1 | | | | 1 | |
| Politika kummerċjali | 5 | | 5 | | | 10 | |
| Politika soċjali | 40 | | 1 | | | 41 | |
| Prinċipji tad-dritt tal-Unjoni | 32 | 1 | | | | 33 | |
| Proprjetà intellettwali u industrijali | 15 | 1 | 58 | | | 74 | |
| Protezzjoni tal-konsumaturi | 72 | | 1 | | | 73 | |
| Reġistrazzjoni, valutazzjoni, awtorizzazzjoni u restrizzjonijiet applikabbli għas-sustanzi kimiċi (REACH) | | | 3 | | | 3 | |
| Saħħa pubblika | 3 | | 2 | 1 | | 6 | |
| Sigurtà soċjali tal-ħaddiema migranti | 2 | | | | | 2 | |
| Spazju ta’ libertà, ta’ sigurtà u ta’ ġustizzja | 103 | 3 | | | | 106 | |
| Tassazzjoni | 67 | 5 | | 1 | | 73 | |
| Trasport | 51 | 3 | | | | 54 | |
| Unjoni doganali u tariffa doganali komuni | 18 | | | | | 18 | |
| **Trattat FUE** | **638** | **39** | **221** | **10** | **1** | **910** | **1** |
| Protezzjoni tal-popolazzjoni | | 1 | | | | 1 | |
| **Trattat KEEA** | | **1** | | | | **1** | |
| Prinċipji tad-dritt tal-Unjoni | 1 | | | | | 1 | |
| **Trattat UE** | **1** | | | | | **1** | |
| Privileġġi u immunitajiet | 1 | 1 | | | | 3 | 1 |
| Proċedura | | | 1 | | | 16 | 15 |
| Regolamenti tal-Persunal | 1 | | 34 | | | 35 | |
| **Diversi** | **2** | **1** | **35** | | | **54** | **16** |
| **TOTAL ĠENERALI** | **641** | **41** | **256** | **10** | **1** | **966** | **17** |

### V. Kawżi ġodda — Rinviji għal deċiżjonijiet preliminari mill-Istati Membri (2015-2019)




| | 2015 | 2016 | 2017 | 2018 | 2019 | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Il-Belġju** | 32 | 26 | 21 | 40 | 38 | **157** |
| **Il-Bulgarija** | 5 | 18 | 16 | 20 | 24 | **83** |
| **Ir-Repubblika Ċeka** | 8 | 5 | 4 | 12 | 5 | **34** |
| **Id-Danimarka** | 7 | 12 | 8 | 3 | 1 | **31** |
| **Il-Ġermanja** | 79 | 84 | 149 | 78 | 114 | **504** |
| **L-Estonja** | 2 | 1 | 7 | 2 | 3 | **15** |
| **L-Irlanda** | 8 | 6 | 12 | 12 | 10 | **48** |
| **Il-Greċja** | 2 | 6 | 4 | 3 | 5 | **20** |
| **Spanja** | 36 | 47 | 23 | 67 | 64 | **237** |
| **Franza** | 25 | 23 | 25 | 41 | 32 | **146** |
| **Il-Kroazja** | 5 | 2 | 3 | 3 | 10 | **23** |
| **L-Italja** | 47 | 62 | 57 | 68 | 70 | **304** |
| **Ċipru** | | | | 1 | 1 | **2** |
| **Il-Latvja** | 9 | 9 | 5 | 5 | 12 | **40** |
| **Il-Litwanja** | 8 | 8 | 10 | 6 | 7 | **39** |
| **Il-Lussemburgu** | 7 | 1 | 1 | 4 | 6 | **19** |
| **L-Ungerija** | 14 | 15 | 22 | 29 | 20 | **100** |
| **Malta** | | 1 | | | 1 | **2** |
| **Il-Pajjiżi l-Baxxi** | 40 | 26 | 38 | 35 | 28 | **167** |
| **L-Awstrija** | 23 | 20 | 31 | 35 | 37 | **146** |
| **Il-Polonja** | 15 | 19 | 19 | 31 | 39 | **123** |
| **Il-Portugall** | 8 | 21 | 21 | 15 | 14 | **79** |
| **Ir-Rumanija** | 18 | 14 | 16 | 23 | 49 | **120** |
| **Is-Slovenja** | 5 | 3 | 3 | 2 | 5 | **18** |
| **Is-Slovakkja** | 5 | 6 | 6 | 6 | 10 | **33** |
| **Il-Finlandja** | 4 | 7 | 13 | 6 | 7 | **37** |
| **L-Isvezja** | 7 | 5 | 8 | 7 | 11 | **38** |
| **Ir-Renju Unit** | 16 | 23 | 11 | 14 | 18 | **82** |
| **Oħra** [1] | 1 | | | | | **1** |
| **Total** | **436** | **470** | **533** | **568** | **641** | **2 648** |

1| Kawża C-169/15, ***Montis Design*** (Cour de justice Benelux vs Benelux Gerechtshof)

## VI. Kawżi ġodda — Rikors għal nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu (2015–2019)




| | 2015 | 2016 | 2017 | 2018 | 2019 | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Il-Belġju** | 1 | | 3 | 2 | 2 | **8** |
| **Il-Bulgarija** | 1 | | 2 | 2 | 2 | **7** |
| **Ir-Repubblika Ċeka** | 2 | 2 | 2 | | 1 | **7** |
| **Id-Danimarka** | | 1 | | | | **1** |
| **Il-Ġermanja** | 4 | 7 | 2 | 2 | 1 | **16** |
| **L-Estonja** | | | | | | |
| **L-Irlanda** | 1 | | 3 | 2 | 1 | **7** |
| **Il-Greċja** | 4 | 7 | 2 | 2 | 2 | **17** |
| **Spanja** | 3 | 1 | 4 | 6 | 6 | **20** |
| **Franza** | 1 | | 2 | 1 | | **4** |
| **Il-Kroazja** | | | 2 | 3 | | **5** |
| **L-Italja** | 1 | | 3 | 7 | 4 | **15** |
| **Ċipru** | | | | | 1 | **1** |
| **Il-Latvja** | | | | 2 | | **2** |
| **Il-Litwanja** | | | | | | |
| **Il-Lussemburgu** | 2 | 3 | | 4 | | **9** |
| **L-Ungerija** | 1 | | 3 | 5 | 4 | **13** |
| **Malta** | 1 | | | | | **1** |
| **Il-Pajjiżi l-Baxxi** | 1 | | 1 | | | **2** |
| **L-Awstrija** | 2 | 1 | | 6 | 4 | **13** |
| **Il-Polonja** | 2 | 4 | 3 | 3 | 1 | **13** |
| **Il-Portugall** | 4 | | 3 | 1 | 1 | **9** |
| **Ir-Rumanija** | 3 | 1 | 1 | 3 | | **8** |
| **Is-Slovenja** | 1 | 1 | 2 | 4 | 2 | **10** |
| **Is-Slovakkja** | | 1 | 1 | 1 | | **3** |
| **Il-Finlandja** | | 1 | | | 1 | **2** |
| **L-Isvezja** | | | | | | |
| **Ir-Renju Unit** | 2 | 1 | 2 | 1 | 2 | **8** |
| **Total** | **37** | **31** | **41** | **57** | **35** | **201** |

## VII. Kawżi magħluqa — Natura tal-proċeduri (2015-2019) [1]




| | 2015 | 2016 | 2017 | 2018 | 2019 |
|---|---|---|---|---|---|
| Rinviji għal deċiżjoni preliminari | 404 | 453 | 447 | 520 | 601 |
| Rikorsi diretti | 70 | 49 | 37 | 60 | 42 |
| Appelli | 127 | 182 | 194 | 155 | 204 |
| Appelli dwar talbiet għal miżuri provviżorji jew dwar intervent | 7 | 7 | 4 | 10 | 6 |
| Talbiet għal opinjoni | 1 | | 3 | | 1 |
| Proċeduri partikolari [2] | 7 | 13 | 14 | 15 | 11 |
| **Total** | **616** | **704** | **699** | **760** | **865** |

1| Iċ-ċifri msemmija (ċifri grossi) jindikaw in-numru totali ta’ kawżi indipendentement mill-kawżi magħquda minħabba li kienu konnessi (numru wieħed tal-kawża = kawża waħda).

2| Jitqiesu li huma “proċeduri partikolari”: l-għajnuna legali, l-intaxxar tal-ispejjeż, ir-rettifika, l-oppożizzjoni għal sentenza li tingħata fil-kontumaċja, l-oppożizzjoni minn terzi, l-interpretazzjoni, ir-reviżjoni, l-eżami ta’ proposta mill-Avukat Ġenerali Ewlieni li tiġi eżaminata mill-ġdid deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali, il-proċedura għal qbid, il-kawżi fil-qasam tal-immunità.

## VIII. Kawżi magħluqa — Sentenzi, opinjonijiet, digrieti (2019) [1]




| | Sentenzi | Digrieti ta' natura ġudizzjarja [2] | Digrieti dwar miżuri provviżorji [3] | Digrieti oħra [4] | Opinjoni | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Rinviji għal deċiżjoni preliminari | 375 | 70 | | 83 | | 528 |
| Rikorsi diretti | 32 | | | 9 | | 41 |
| Appelli | 84 | 106 | 1 | 8 | | 199 |
| Appelli dwar talbiet għal miżuri provviżorji jew dwar intervent | | | 6 | | | 6 |
| Talbiet għal opinjoni | | | | | 1 | 1 |
| Proċeduri partikolari | | 10 | | 1 | | 11 |
| **Total** | **491** | **186** | **7** | **101** | **1** | **786** |

1| Iċ-ċifri msemmija (ċifri netti) jindikaw in-numru totali ta' kawżi li jinkludi l-kawżi magħquda minħabba li kienu konnessi (serje ta' kawżi magħquda = kawża waħda).

2| Digrieti li jtemmu istanza li ma humiex digrieti ta' tħassir, li ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni jew ta' rinviju lill-Qorti Ġenerali.

3| Digrieti mogħtija fuq talba bbażata fuq l-Artikoli 278 TFUE, 279 TFUE jew 280 TFUE jew inkella fuq id-dispożizzjonijiet korrispondenti tat-Trattat KEEA jew ukoll fuq appell minn digriet għal miżuri provviżorji jew għal intervent.

4| Digrieti li jtemmu istanza permezz ta' tħassir, minħabba li ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni jew b'rinviju lill-Qorti Ġenerali.

## IX. Kawżi magħluqa b'sentenza, opinjoni jew digriet ta' natura ġudizzjarja — Kulleġġ ġudikanti (2015-2019) [1]




| | 2015 | | | 2016 | | | 2017 | | | 2018 | | | 2019 | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Sentenzi/Opinjonijiet | Digrieti [2] | Total | Sentenzi/Opinjonijiet | Digrieti [2] | Total | Sentenzi/Opinjonijiet | Digrieti [2] | Total | Sentenzi/Opinjonijiet | Digrieti [2] | Total | Sentenzi/Opinjonijiet | Digrieti [2] | Total |
| Seduta plenarja | | | | | | | 1 | | 1 | 1 | | 1 | 1 | | 1 |
| Awla Manja | 47 | | 47 | 54 | | 54 | 46 | | 46 | 76 | | 76 | 77 | | 77 |
| Awli b'ħames Imħallfin | 298 | 20 | 318 | 280 | 20 | 300 | 312 | 10 | 322 | 300 | 15 | 315 | 317 | 21 | 338 |
| Awli bi tliet Imħallfin | 93 | 89 | 182 | 120 | 162 | 282 | 151 | 105 | 256 | 153 | 93 | 246 | 163 | 176 | 339 |
| Viċi President | | 7 | 7 | | 5 | 5 | | 3 | 3 | | 7 | 7 | | 8 | 8 |
| **Total** | **438** | **116** | **554** | **454** | **187** | **641** | **510** | **118** | **628** | **530** | **115** | **645** | **558** | **205** | **763** |

1| Iċ-ċifri msemmija (ċifri grossi) jindikaw in-numru totali ta' kawżi indipendentement mill-kawżi magħquda minħabba li kienu konnessi (numru wieħed tal-kawża = kawża waħda).

2| Kendelser om afslutning af sager på grund af slettelse, at stillingtagen til sagen er ufornøden, eller hjemvisning til Retten.

## X. Kawżi magħluqa b'sentenza, b'opinjoni jew b'digriet ta' natura ġudizzjarja — Suġġett tar-rikors (2015-2019) [1]

| | 2015 | 2016 | 2017 | 2018 | 2019 |
|---|---|---|---|---|---|
| Aċċess għal dokumenti | 3 | 4 | 9 | 2 | 5 |
| Adeżjoni ta' Stati ġodda | | 1 | | 1 | |
| Agrikoltura | 20 | 13 | 22 | 15 | 23 |
| Ambjent | 27 | 53 | 27 | 33 | 50 |
| Approssimazzjoni tal-leġiżlazzjonijiet | 24 | 16 | 29 | 28 | 44 |
| Azzjoni esterna tal-Unjoni Ewropea | 1 | 5 | 1 | 3 | 4 |
| Ċittadinanza tal-Unjoni | 4 | 8 | 5 | 10 | 7 |
| Dispożizzjonijiet finanzjarji (baġit, kuntest finanzjarju, riżorsi proprji, ġlieda kontra l-frodi, ...) | 1 | 2 | 7 | 2 | 6 |
| Dritt istituzzjonali | 27 | 20 | 27 | 28 | 28 |
| Dritt tal-kumpanniji | 1 | 1 | 4 | 1 | 1 |
| Edukazzjoni, taħriġ professjonali, żgħażagħ u sport | 1 | | 2 | | |
| Enerġija | 2 | | 2 | 1 | 9 |
| Għajnuna mill-Istat | 26 | 26 | 33 | 29 | 20 |
| Impjieg | 1 | | | | |
| Klawżola ta' arbitraġġ | | | | 3 | 2 |
| Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali | 4 | 2 | | 1 | |
| Kompetizzjoni | 23 | 30 | 53 | 12 | 20 |
| Kuntratti pubbliċi | 14 | 31 | 15 | 22 | 20 |
| Libertà li jiġu pprovduti servizzi | 17 | 14 | 13 | 21 | 23 |
| Libertà ta' stabbiliment | 17 | 27 | 10 | 13 | 5 |
| Moviment liberu tal-kapital | 8 | 7 | 1 | 13 | 8 |
| Moviment liberu tal-merkanzija | 9 | 5 | 2 | 6 | 2 |
| Moviment liberu tal-persuni | 13 | 12 | 17 | 24 | 25 |
| Netwerks trans-Ewropej | | 1 | | | |
| Politika barranija u ta' sigurtà komuni | 6 | 11 | 10 | 5 | 8 |
| Politika ekonomika u monetarja | 3 | 10 | 2 | 3 | 7 |
| Politika industrijali | 9 | 10 | 8 | 2 | 7 |
| Politika komuni tas-sajd | 3 | 1 | 2 | 2 | 2 |
| Politika kummerċjali | 4 | 14 | 14 | 6 | 11 |
| Politika soċjali | 30 | 23 | 26 | 42 | 36 |
| Prinċipji tad-dritt tal-Unjoni | 12 | 13 | 14 | 10 | 17 |
| Proprjetà intellettwali u industrijali | 51 | 80 | 60 | 74 | 92 |
| Protezzjoni tal-konsumaturi | 29 | 33 | 20 | 19 | 38 |
| Reġistrazzjoni, valutazzjoni, awtorizzazzjoni u restrizzjonijiet applikabbli għas-sustanzi kimiċi (REACH) | 1 | 1 | 7 | 1 | 1 |
| Riċerka, żvilupp teknoloġiku u spazju | 1 | 3 | 2 | 3 | 1 |
| Saħħa pubblika | 5 | 4 | 5 | | 6 |
| Sigurtà soċjali tal-ħaddiema migranti | 14 | 5 | 6 | 10 | 12 |
| Spazju ta' libertà, ta' sigurtà u ta' ġustizzja | 49 | 52 | 61 | 74 | 85 |
| Tassazzjoni | 55 | 41 | 62 | 58 | 68 |
| Trasport | 9 | 20 | 17 | 38 | 25 |
| Unjoni doganali u tariffa doganali komuni | 20 | 27 | 19 | 12 | 12 |
| **Trattat FUE** | **544** | **626** | **614** | **627** | **730** |
| Protezzjoni tal-popolazzjoni | 1 | | | | 1 |
| **Trattat KEEA** | **1** | | | | **1** |
| Prinċipji tad-dritt tal-Unjoni | | | | | 1 |
| **Trattat UE** | | | | | **1** |
| Dritt istituzzjonali | | | | | 2 |
| Privileġġi u immunitajiet | 2 | 1 | | 1 | |
| Proċedura | 4 | 14 | 13 | 10 | 11 |
| Regolamenti tal-Persunal | 3 | | 1 | 7 | 18 |
| **Diversi** | **9** | **15** | **14** | **18** | **31** |
| **TOTAL ĠENERALI** | **554** | **641** | **628** | **645** | **763** |

1| Iċ-ċifri msemmija (ċifri grossi) jindikaw in-numru totali ta' kawżi indipendentement mill-kawżi magħquda minħabba li kienu konnessi (numru wieħed tal-kawża = kawża waħda).

## XI. Kawżi magħluqa b'sentenza, opinjoni jew digriet ta'natur ġudizzjarja — Suġġett tar-rikors (2019) [1]

| | Sentenzi/Opinjonijiet | Digrieti [2] | Total |
|---|---|---|---|
| Aċċess għal dokumenti | 2 | 3 | 5 |
| Agrikoltura | 19 | 4 | 23 |
| Ambjent | 48 | 2 | 50 |
| Approssimazzjoni tal-leġiżlazzjonijiet | 35 | 9 | 44 |
| Azzjoni esterna tal-Unjoni Ewropea | 4 | | 4 |
| Ċittadinanza tal-Unjoni | 7 | | 7 |
| Dispożizzjonijiet finanzjarji (baġit, kuntest finanzjarju, riżorsi proprji, ġlieda kontra l-frodi, ...) | 6 | | 6 |
| Dritt istituzzjonali | 8 | 20 | 28 |
| Dritt tal-kumpanniji | | 1 | 1 |
| Enerġija | 8 | 1 | 9 |
| Għajnuna mill-Istat | 12 | 8 | 20 |
| Klawżola ta' arbitraġġ | 2 | | 2 |
| Kompetizzjoni | 16 | 4 | 20 |
| Kuntratti pubbliċi | 15 | 5 | 20 |
| Libertà li jiġu pprovduti servizzi | 18 | 5 | 23 |
| Libertà ta' stabbiliment | 5 | | 5 |
| Moviment liberu tal-kapital | 4 | 4 | 8 |
| Moviment liberu tal-merkanzija | 2 | | 2 |
| Moviment liberu tal-persuni | 16 | 9 | 25 |
| Politika barranija u ta' sigurtà komuni | 7 | 1 | 8 |
| Politika ekonomika u monetarja | 7 | | 7 |
| Politika industrijali | 7 | | 7 |
| Politika komuni tas-sajd | 2 | | 2 |
| Politika kummerċjali | 11 | | 11 |
| Politika soċjali | 28 | 8 | 36 |
| Prinċipji tad-dritt tal-Unjoni | 10 | 7 | 17 |
| Proprjetà intellettwali u industrijali | 31 | 61 | 92 |
| Protezzjoni tal-konsumaturi | 29 | 9 | 38 |
| Reġistrazzjoni, valutazzjoni, awtorizzazzjoni u restrizzjonijiet applikabbli għas-sustanzi kimiċi (REACH) | 1 | | 1 |
| Riċerka, żvilupp teknoloġiku u spazju | 1 | | 1 |
| Saħħa pubblika | 6 | | 6 |
| Sigurtà soċjali tal-ħaddiema migranti | 11 | 1 | 12 |
| Spazju ta' libertà, ta' sigurtà u ta' ġustizzja | 73 | 12 | 85 |
| Tassazzjoni | 61 | 7 | 68 |
| Trasport | 21 | 4 | 25 |
| Unjoni doganali u tariffa doganali komuni | 12 | | 12 |
| **Trattat FUE** | **545** | **185** | **730** |
| Protezzjoni tal-popolazzjoni | 1 | | 1 |
| **Trattat KEEA** | **1** | | **1** |
| Prinċipji tad-dritt tal-Unjoni | 1 | | 1 |
| **Trattat UE** | **1** | | **1** |
| Dritt istituzzjonali | 2 | | 2 |
| Proċedura | | 11 | 11 |
| Regolamenti tal-Persunal | 9 | 9 | 18 |
| **Diversi** | **11** | **20** | **31** |
| **TOTAL ĠENERALI** | **558** | **205** | **763** |

1| Iċ-ċifri msemmija (ċifri grossi) jindikaw in-numru totali ta' kawżi indipendentement mill-kawżi magħquda minħabba li kienu konnessi (numru wieħed tal-kawża = kawża waħda).

2| Digrieti li jtemmu istanza li ma humiex digrieti ta' tħassir, li ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni jew ta' rinviju lill-Qorti Ġenerali.

## XII. Kawżi magħluqa — Sentenzi dwar nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu: eżitu tad-deċiżjoni (2015-2019) [1]




| | 2015 | | 2016 | | 2017 | | 2018 | | 2019 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | **Ammessi** | **Miċħud** | **Ammessi** | **Miċħud** | **Ammessi** | **Miċħud** | **Ammessi** | **Miċħud** | **Ammessi** | **Miċħud** |
| **Il-Belġju** | 2 | | 1 | | 1 | | 2 | | 1 | |
| **Il-Bulgarija** | 2 | | 1 | | 1 | | 1 | | | |
| **Ir-Repubblika Ċeka** | | | 1 | | | | 2 | | | 1 |
| **Id-Danimarka** | 1 | | | | | | | 1 | | |
| **Il-Ġermanja** | 3 | | 1 | | 4 | | 2 | 1 | 3 | |
| **L-Estonja** | | | | | | | | | | |
| **L-Irlanda** | | 1 | | | 1 | | 1 | | 2 | |
| **Il-Greċja** | 3 | | 4 | | 5 | | 4 | | 2 | |
| **Spanja** | | | 3 | | 2 | | 3 | | 1 | 1 |
| **Franza** | 4 | | 1 | | | | 1 | | 1 | |
| **Il-Kroazja** | | | | | | | | | 1 | |
| **L-Italja** | 2 | | 1 | | | | 2 | | 5 | 1 |
| **Ċipru** | | | 1 | | | | | | | |
| **Il-Latvja** | 1 | | | | | | | | 1 | |
| **Il-Litwanja** | | | | | | | | | | |
| **Il-Lussemburgu** | 2 | | 1 | | 1 | | | | | |
| **L-Ungerija** | | | 1 | | 1 | | 1 | | 1 | |
| **Malta** | | | | 1 | | | 1 | | | |
| **Il-Pajjiżi l-Baxxi** | | | 1 | 1 | | | | | 1 | |
| **L-Awstrija** | | | | 1 | | | 1 | 1 | 1 | |
| **Il-Polonja** | 3 | 1 | 2 | | | | 4 | | 3 | |
| **Il-Portugall** | | | 6 | | 2 | | | | 1 | |
| **Ir-Rumanija** | | | 1 | | | | 1 | | | |
| **Is-Slovenja** | 1 | | | | 1 | | 1 | | | |
| **Is-Slovakkja** | | 2 | | | | | 1 | | | |
| **Il-Finlandja** | | | | | | | | | | |
| **L-Isvezja** | 1 | | | | | | | | | |
| **Ir-Renju Unit** | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | | 2 | | 1 | |
| **Total** | **26** | **5** | **27** | **4** | **20** | | **30** | **3** | **25** | **3** |

1| Iċ-ċifri msemmija (ċifri netti) jindikaw in-numru totali ta' kawżi li jinkludi l-kawżi magħquda minħabba li kienu konnessi (serje ta' kawżi magħquda = kawża waħda).

## XIII. Kawżi magħluqa — Appelli: eżitu tad-deċiżjoni (2015-2019) [1 2] (sentenzi u digrieti ta' natura ġudizzjarja)




| | 2015 | | | 2016 | | | 2017 | | | 2018 | | | 2019 | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Sentenzi | Digrieti | Total | Sentenzi | Digrieti | Total | Sentenzi | Digrieti | Total | Sentenzi | Digrieti | Total | Sentenzi | Digrieti | Total |
| Appell miċħud | 37 | 60 | 97 | 63 | 93 | 156 | 103 | 60 | 163 | 59 | 64 | 123 | 63 | 110 | 173 |
| Annullament totali jew parzjali b'rinviju | 19 | 1 | 20 | 12 | | 12 | 23 | | 23 | 11 | 1 | 12 | 17 | | 17 |
| Annullament totali jew parzjali mingħajr rinviju | 6 | 1 | 7 | 9 | | 9 | 11 | | 11 | 14 | 1 | 15 | 9 | 2 | 11 |
| Tħassir/Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni | | 10 | 10 | | 12 | 12 | | 1 | 1 | | 15 | 15 | | 9 | 9 |
| **Total** | **62** | **72** | **134** | **84** | **105** | **189** | **137** | **61** | **198** | **84** | **81** | **165** | **89** | **121** | **210** |

1| Informazzjoni iktar iddettaljata dwar l-appelli ppreżentati mid-deċiżjonijiet tal-Qorti Ġenerali huma inklużi fl-istatistika ġudizzjarja ta' din il-qorti.

2| Iċ-ċifri msemmija (ċifri grossi) jindikaw in-numru totali ta' kawżi indipendentement mill-kawżi magħquda minħabba li kienu konnessi (numru wieħed tal-kawża = kawża waħda). Dawn jinkludu wkoll l-appelli taħt l-Artikolu 58a tal-Protokoll dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u ddikjarati inammissibbli jew li ma għandhomx jitħallew jipproċedu bis-saħħa tal-Artikoli 170a jew 170b tar-Regoli tal-Proċedura. Għal informazzjoni iktar iddettaljata dwar il-mekkaniżmu msemmi fl-Artikolu 58a tal-Istatut, ara t-tabella XX ta' dan ir-rapport.

## XIV. Kawżi magħluqa — Tul tal-proċeduri f'termini ta' xhur (2015-2019) [1] (sentenzi u digrieti ta' natura ġudizzjarja)




| | 2015 | 2016 | 2017 | 2018 | 2019 |
|---|---|---|---|---|---|
| Rinviji għal deċiżjoni preliminari | 15.3 | 15 | 15.7 | 16 | 15.5 |
| Proċeduri b'urġenza għal deċiżjoni preliminari | 1.9 | 2.7 | 2.9 | 3.1 | 3.7 |
| Proċeduri mħaffa | 5.3 | 4 | 8.1 | 2.2 | 9.9 |
| Rikorsi diretti | 17.6 | 19.3 | 20.3 | 18.8 | 19.1 |
| Proċeduri mħaffa | | | | 9 | 10.3 |
| Appelli | 14 | 12.9 | 17.1 | 13.4 | 11.1 |
| Proċeduri mħaffa | | 10.2 | | | |

1| Huma esklużi mill-kalkoli dwar it-tul tal-proċeduri: il-kawżi li jinkludu sentenza interlokutorja jew miżura istruttorja; l-opinjonijiet; il-proċeduri partikolari (jiġifieri: l-għajnuna legali, l-intaxxar tal-ispejjeż, il-korrezzjoni, l-oppożizzjoni għal sentenza li tingħata fil-każ ta' kontumaċja, l-oppożizzjoni minn terzi, l-interpretazzjoni, ir-reviżjoni, l-eżami ta' proposta mill-Avukat Ġenerali Ewlieni li tiġi eżaminata mill-ġdid deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali, il-proċedura għal qbid u l-kawżi fil-qasam tal-immunità); il-kawżi li jintemmu b'digriet ta' tħassir, minħabba li ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni jew rinviju lill-Qorti Ġenerali; il-proċeduri għal miżuri provviżorji jew dwar intervent.

## XV. Kawżi pendenti fil-31 ta' Diċembru — Natura tal-proċeduri (2015-2019) [1]




| | 2015 | 2016 | 2017 | 2018 | 2019 |
|---|---|---|---|---|---|
| Rinviji għal deċiżjoni preliminari | 558 | 575 | 661 | 709 | 749 |
| Rikorsi diretti | 72 | 58 | 67 | 70 | 69 |
| Appelli | 245 | 231 | 180 | 214 | 270 |
| Proċeduri partikolari [2] | 6 | 5 | 3 | 7 | 13 |
| Talbiet għal opinjoni | 3 | 3 | 1 | 1 | 1 |
| **Total** | **884** | **872** | **912** | **1 001** | **1 102** |

1| Iċ-ċifri msemmija (ċifri grossi) jindikaw in-numru totali ta' kawżi indipendentement mill-kawżi magħquda minħabba li kienu konnessi (numru wieħed tal-kawża = kawża waħda).

2| Jitqiesu li huma "proċeduri partikolari": l-għajnuna legali, l-intaxxar tal-ispejjeż, ir-rettifika, l-oppożizzjoni għal sentenza li ngħata fil-kontumaċja, l-oppożizzjoni minn terzi, l-interpretazzjoni, ir-reviżjoni, l-eżami ta' proposta mill-Avukat Ġenerali Ewlieni li tiġi eżaminata mill-ġdid deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali, il-proċedura għal qbid, il-kawżi fil-qasam tal-immunità.

## XVI. Kawżi pendenti fil-31 ta' Diċembru — Kulleġġ ġudikanti (2015-2019) [1]




| | 2015 | 2016 | 2017 | 2018 | 2019 |
|---|---|---|---|---|---|
| Seduta plenarja | | 1 | | 1 | |
| Awla Manja | 38 | 40 | 76 | 68 | 65 |
| Awli b'ħames Imħallfin | 203 | 215 | 194 | 236 | 192 |
| Awli bi tliet Imħallfin | 54 | 75 | 76 | 77 | 130 |
| Viċi President | 2 | 2 | 4 | 1 | 4 |
| Mhux assenjati | 587 | 539 | 562 | 618 | 711 |
| **Total** | **884** | **872** | **912** | **1 001** | **1 102** |

1| Iċ-ċifri msemmija (ċifri grossi) jindikaw in-numru totali ta' kawżi indipendentement mill-kawżi magħquda minħabba li kienu konnessi (numru wieħed tal-kawża = kawża waħda).

## XVII. Proċeduri mħaffa (2015-2019)

### Talbiet għal proċeduri mħaffa [1]

| | 2015 | 2016 | 2017 | 2018 | 2019 | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Rinviji għal deċiżjoni preliminari | 18 | 20 | 30 | 33 | 50 | **151** |
| Rikorsi diretti | | | 1 | 3 | 3 | **7** |
| Appelli | | 1 | | 1 | 4 | **6** |
| Proċeduri partikolari | | | | | 1 | **1** |
| **Total** | **18** | **21** | **31** | **37** | **58** | **165** |

### Talbiet għal proċeduri mħaffa - Eżitu tad-deċiżjoni [2]

| | 2015 | 2016 | 2017 | 2018 | 2019 | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Ammissjoni | 1 | 4 | 4 | 9 | 3 | **21** |
| Ċaħda | 23 | 12 | 30 | 17 | 56 | **138** |
| Mingħajr tkomplija [3] | | 4 | 1 | 3 | 1 | **9** |
| Li għad trid tiġi deċiża | 3 | 4 | | 8 | 6 | **21** |
| **Total** | **27** | **24** | **35** | **37** | **66** | **189** |

1| Iċ-ċifri msemmija f'din it-tabella jirreferu għan-numru ta' talbiet ġodda matul is-sena inkwistjoni, indipendentement mis-sena tal-preżentata tal-kawża li t-talba tirrigwarda.

2| Iċ-ċifri msemmija f'din it-tabella jirreferu għan-numru ta' deċiżjonijiet meħuda, matul is-sena inkwistjoni, dwar talba għall-applikazzjoni tal-proċedura mħaffa, indipendentement mis-sena li fiha ġiet imressqa tali talba.

3| Ma kienx neċessarju li formalment tingħata deċiżjoni fuq it-talba minħabba t-tħassir tal-kawża jew l-għeluq tagħha b'sentenza jew digriet.

## XVIII. Varji — Proċeduri b'urġenza għal deċiżjoni preliminari (2015-2019)

### Talbiet għal proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari [1]

| | 2015 | 2016 | 2017 | 2018 | 2019 | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili | 4 | | 5 | 5 | | **14** |
| Kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali | 5 | 7 | 6 | 8 | 10 | **36** |
| Kooperazzjoni mill-pulizija | | | | | 4 | **4** |
| Fruntieri, ażil u immigrazzjoni | 2 | 5 | 4 | 5 | 5 | **21** |
| Oħra | | | | 1 | 1 | **2** |
| **Total** | **11** | **12** | **15** | **19** | **20** | **77** |

### Talbiet għal proċedura b'urġenza għal deċiżjoni preliminari - Eżitu tad-deċiżjoni [2]

| | 2015 | 2016 | 2017 | 2018 | 2019 | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Ammissjoni | 5 | 9 | 4 | 12 | 11 | **41** |
| Ċaħda | 5 | 4 | 11 | 7 | 7 | **34** |
| Li għad trid tiġi deċiża | 1 | | | | 2 | **3** |
| **Total** | **11** | **13** | **15** | **19** | **20** | **78** |

1| Iċ-ċifri msemmija f'din it-tabella jirreferu għan-numru ta' talbiet ġodda matul is-sena inkwistjoni, indipendentement mis-sena tal-preżentata tal-kawża li t-talba tirrigwarda.

2| Iċ-ċifri msemmija f'din it-tabella jirreferu għan-numru ta' deċiżjonijiet meħuda, matul is-sena inkwistjoni, dwar talba għall-applikazzjoni tal-proċedura b'urġenza, indipendentement mis-sena li fiha ġiet imressqa tali talba.

## XIX. Proċeduri għal miżuri provviżorji (2015-2019)

### Talbiet għal miżuri provviżorji [1]

| | 2015 | 2016 | 2017 | 2018 | 2019 | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Agrikoltura | | 1 | | | 1 | **2** |
| Ambjent | | 1 | 1 | | | **2** |
| Dritt istituzzjonali | | | | 2 | | **2** |
| Għajnuna mill-Istat | | | | 2 | 1 | **3** |
| Kompetizzjoni | 2 | | | 1 | 3 | **6** |
| Kuntratti pubbliċi | | | 1 | | | **1** |
| Politika industrijali | | | 1 | | | **1** |
| Prinċipji tad-dritt tal-Unjoni | | | | 1 | | **1** |
| Reġistrazzjoni, valutazzjoni, awtorizzazzjoni u restrizzjonijiet applikabbli għas-sustanzi kimiċi (REACH) | | | | | 1 | **1** |
| Riċerka, żvilupp teknoloġiku u spazju | | 1 | | | | **1** |
| **Total** | **2** | **3** | **3** | **6** | **6** | **20** |

### Proċeduri għal miżuri provviżorji - Eżitu tad-deċiżjoni [2]

| | 2015 | 2016 | 2017 | 2018 | 2019 | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Ammissjoni | | 2 | 1 | 5 | 1 | **9** |
| Ċaħda | | 3 | | 3 | 4 | **10** |
| Li għad trid tiġi deċiża | 2 | | 2 | | 1 | **5** |
| **Total** | **2** | **5** | **3** | **8** | **6** | **24** |

1| Iċ-ċifri msemmija f'din it-tabella jirreferu għan-numru ta' talbiet ġodda matul is-sena inkwistjoni, indipendentement mis-sena tal-preżentata tal-kawża li t-talba tirrigwarda.

2| Iċ-ċifri msemmija f'din it-tabella jirreferu għan-numru ta' deċiżjonijiet meħuda, matul is-sena inkwistjoni, dwar talba għall-miżuri provviżorji, indipendentement mis-sena li fiha ġiet imressqa tali talba.

## XX. Appelli taħt l-Artikolu 58a tal — Istatut (2019)

### Appelli ppreżentati minn deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali rigward id-deċiżjoni ta' Bord tal-Appell indipendenti

| | 2019 |
|---|---|
| L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea | 36 |
| L-Uffiċċju Komunitarju tal-Varjetajiet tal-Pjanti | 2 |
| **Total** | **38** |

### Deċiżjonijiet dwar l-ammissjoni tal-appell [1]

| | 2019 |
|---|---|
| Ammissjoni | |
| Ma huwiex ammess | 27 |
| Inammissibbli | 2 |
| Mingħajr tkomplija | |
| **Total** | **29** |

1| Iċ-ċifri msemmija f'din it-tabella jirreferu għan-numru ta' talbiet ġodda matul is-sena inkwistjoni, indipendentement mis-sena tal-preżentata tal-kawża li t-talba tirrigwarda.

## XXI. Evoluzzjoni ġenerali tal-attività ġudizzjarja (1952-2019) — Kawżi ġodda u sentenzi jew opinjonijiet

| Snin | Kawżi ġodda [1] | | | | | | | Sentenzi/Opinjonijiet [2] |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Rinviji għal deċiżjoni preliminari | Rikorsi diretti | Appelli | Appelli dwar talbiet għal miżuri provviżorji jew dwar intervent | Talbiet għal opinjoni | Total | Talbiet għal miżuri provviżorji | |
| **1953** | | 4 | | | | 4 | | |
| **1954** | | 10 | | | | 10 | | 2 |
| **1955** | | 9 | | | | 9 | 2 | 4 |
| **1956** | | 11 | | | | 11 | 2 | 6 |
| **1957** | | 19 | | | | 19 | 2 | 4 |
| **1958** | | 43 | | | | 43 | | 10 |
| **1959** | | 46 | | | 1 | 47 | 5 | 13 |
| **1960** | | 22 | | | 1 | 23 | 2 | 18 |
| **1961** | 1 | 24 | | | 1 | 26 | 1 | 11 |
| **1962** | 5 | 30 | | | | 35 | 2 | 20 |
| **1963** | 6 | 99 | | | | 105 | 7 | 17 |
| **1964** | 6 | 49 | | | | 55 | 4 | 31 |
| **1965** | 7 | 55 | | | | 62 | 4 | 52 |
| **1966** | 1 | 30 | | | | 31 | 2 | 24 |
| **1967** | 23 | 14 | | | | 37 | | 24 |
| **1968** | 9 | 24 | | | | 33 | 1 | 27 |
| **1969** | 17 | 60 | | | | 77 | 2 | 30 |
| **1970** | 32 | 47 | | | | 79 | | 64 |
| **1971** | 37 | 59 | | | | 96 | 1 | 60 |
| **1972** | 40 | 42 | | | | 82 | 2 | 61 |
| **1973** | 61 | 131 | | | | 192 | 6 | 80 |
| **1974** | 39 | 63 | | | | 102 | 8 | 63 |
| **1975** | 69 | 61 | | | 1 | 131 | 5 | 78 |
| **1976** | 75 | 51 | | | 1 | 127 | 6 | 88 |
| **1977** | 84 | 74 | | | | 158 | 6 | 100 |
| **1978** | 123 | 146 | | | 1 | 270 | 7 | 97 |
| **1979** | 106 | 1 218 | | | | 1 324 | 6 | 138 |
| **1980** | 99 | 180 | | | | 279 | 14 | 132 |
| **1981** | 108 | 214 | | | | 322 | 17 | 128 |
| **1982** | 129 | 217 | | | | 346 | 16 | 185 |
| **1983** | 98 | 199 | | | | 297 | 11 | 151 |
| **1984** | 129 | 183 | | | | 312 | 17 | 165 |
| **1985** | 139 | 294 | | | | 433 | 23 | 211 |
| **1986** | 91 | 238 | | | | 329 | 23 | 174 |

>>>

1| Iċ-ċifri msemmija f'din it-tabella jirrigwardaw il-kawżi ġodda kollha quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja bl-eċċezzjoni tal-proċeduri partikolari.

2| Iċ-ċifri msemmija f'din il-kolonna jirreferu għan-numru ta' sentenzi jew ta' opinjonijiet mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja, fid-dawl tal-kawżi magħquda minħabba li kienu konnessi (serje ta' kawżi magħquda = kawża waħda).

| Snin | Kawżi ġodda [1] | | | | | | Talbiet għal miżuri provviżorji | Sentenzi/Opinjonijiet [2] |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Rinviji għal deċiżjoni preliminari | Rikorsi diretti | Appelli | Appelli dwar talbiet għal miżuri provviżorji jew dwar intervent | Talbiet għal opinjoni | Total | | |
| **1987** | 144 | 251 | | | | 395 | 21 | 208 |
| **1988** | 179 | 193 | | | | 372 | 17 | 238 |
| **1989** | 139 | 244 | | | | 383 | 19 | 188 |
| **1990** | 141 | 221 | 15 | 1 | | 378 | 12 | 193 |
| **1991** | 186 | 140 | 13 | 1 | 2 | 342 | 9 | 204 |
| **1992** | 162 | 251 | 24 | 1 | 2 | 440 | 5 | 210 |
| **1993** | 204 | 265 | 17 | | | 486 | 13 | 203 |
| **1994** | 203 | 125 | 12 | 1 | 3 | 344 | 4 | 188 |
| **1995** | 251 | 109 | 46 | 2 | | 408 | 3 | 172 |
| **1996** | 256 | 132 | 25 | 3 | | 416 | 4 | 193 |
| **1997** | 239 | 169 | 30 | 5 | | 443 | 1 | 242 |
| **1998** | 264 | 147 | 66 | 4 | | 481 | 2 | 254 |
| **1999** | 255 | 214 | 68 | 4 | | 541 | 4 | 235 |
| **2000** | 224 | 197 | 66 | 13 | 2 | 502 | 4 | 273 |
| **2001** | 237 | 187 | 72 | 7 | | 503 | 6 | 244 |
| **2002** | 216 | 204 | 46 | 4 | | 470 | 1 | 269 |
| **2003** | 210 | 277 | 63 | 5 | 1 | 556 | 7 | 308 |
| **2004** | 249 | 219 | 52 | 6 | 1 | 527 | 3 | 375 |
| **2005** | 221 | 179 | 66 | 1 | | 467 | 2 | 362 |
| **2006** | 251 | 201 | 80 | 3 | | 535 | 1 | 351 |
| **2007** | 265 | 221 | 79 | 8 | | 573 | 3 | 379 |
| **2008** | 288 | 210 | 77 | 8 | 1 | 584 | 3 | 333 |
| **2009** | 302 | 143 | 105 | 2 | 1 | 553 | 1 | 376 |
| **2010** | 385 | 136 | 97 | 6 | | 624 | 3 | 370 |
| **2011** | 423 | 81 | 162 | 13 | | 679 | 3 | 370 |
| **2012** | 404 | 73 | 136 | 3 | 1 | 617 | | 357 |
| **2013** | 450 | 72 | 161 | 5 | 2 | 690 | 1 | 434 |
| **2014** | 428 | 74 | 111 | | 1 | 614 | 3 | 416 |
| **2015** | 436 | 48 | 206 | 9 | 3 | 702 | 2 | 399 |
| **2016** | 470 | 35 | 168 | 7 | | 680 | 3 | 412 |
| **2017** | 533 | 46 | 141 | 6 | 1 | 727 | 3 | 466 |
| **2018** | 568 | 63 | 193 | 6 | | 830 | 6 | 462 |
| **2019** | 641 | 41 | 256 | 10 | 1 | 949 | 6 | 491 |
| **Total** | **11 358** | **9 134** | **2 653** | **144** | **28** | **23 317** | **379** | **12 443** |

1| Iċ-ċifri msemmija f'din it-tabella jirrigwardaw il-kawżi ġodda kollha quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja bl-eċċezzjoni tal-proċeduri partikolari.

2| Iċ-ċifri msemmija f'din il-kolonna jirreferu għan-numru ta' sentenzi jew ta' opinjonijiet mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja, fid-dawl tal-kawżi magħquda minħabba li kienu konnessi (serje ta' kawżi magħquda = kawża waħda).

## XXII. Żvilupp ġenerali tal-attività ġudizzjarja (1952-2019) — Rinviji għal deċiżjoni preliminari mressqa skont l-Istat Membru u skont is-sena

| | BE | BG | CZ | DK | DE | EE | IE | EL | ES | FR | HR | IT | CY | LV | LT | LU | HU | MT | NL | AT | PL | PT | RO | SI | SK | FI | SE | UK | Oħra [1] | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **1961** | | | | | | | | | | | | | | | | | | | 1 | | | | | | | | | | | **1** |
| **1962** | | | | | | | | | | | | | | | | | | | 5 | | | | | | | | | | | **5** |
| **1963** | | | | | | | | | | | | | | | | 1 | | | 5 | | | | | | | | | | | **6** |
| **1964** | | | | | | | | | | | | 2 | | | | | | | 4 | | | | | | | | | | | **6** |
| **1965** | | | | | 4 | | | | | 2 | | | | | | | | | 1 | | | | | | | | | | | **7** |
| **1966** | | | | | | | | | | | | | | | | | | | 1 | | | | | | | | | | | **1** |
| **1967** | 5 | | | | 11 | | | | | 3 | | | | | | 1 | | | 3 | | | | | | | | | | | **23** |
| **1968** | 1 | | | | 4 | | | | | 1 | | 1 | | | | | | | 2 | | | | | | | | | | | **9** |
| **1969** | 4 | | | | 11 | | | | | 1 | | | | | | 1 | | | | | | | | | | | | | | **17** |
| **1970** | 4 | | | | 21 | | | | | 2 | | 2 | | | | | | | 3 | | | | | | | | | | | **32** |
| **1971** | 1 | | | | 18 | | | | | 6 | | 5 | | | | 1 | | | 6 | | | | | | | | | | | **37** |
| **1972** | 5 | | | | 20 | | | | | 1 | | 4 | | | | | | | 10 | | | | | | | | | | | **40** |
| **1973** | 8 | | | | 37 | | | | | 4 | | 5 | | | | 1 | | | 6 | | | | | | | | | | | **61** |
| **1974** | 5 | | | | 15 | | | | | 6 | | 5 | | | | | | | 7 | | | | | | | | | 1 | | **39** |
| **1975** | 7 | | | 1 | 26 | | | | | 15 | | 14 | | | | 1 | | | 4 | | | | | | | | | 1 | | **69** |
| **1976** | 11 | | | | 28 | | 1 | | | 8 | | 12 | | | | | | | 14 | | | | | | | | | 1 | | **75** |
| **1977** | 16 | | | 1 | 30 | | 2 | | | 14 | | 7 | | | | | | | 9 | | | | | | | | | 5 | | **84** |
| **1978** | 7 | | | 3 | 46 | | 1 | | | 12 | | 11 | | | | | | | 38 | | | | | | | | | 5 | | **123** |
| **1979** | 13 | | | 1 | 33 | | 2 | | | 18 | | 19 | | | | 1 | | | 11 | | | | | | | | | 8 | | **106** |
| **1980** | 14 | | | 2 | 24 | | 3 | | | 14 | | 19 | | | | | | | 17 | | | | | | | | | 6 | | **99** |
| **1981** | 12 | | | 1 | 41 | | | | | 17 | | 11 | | | | 4 | | | 17 | | | | | | | | | 5 | | **108** |
| **1982** | 10 | | | 1 | 36 | | | | | 39 | | 18 | | | | | | | 21 | | | | | | | | | 4 | | **129** |
| **1983** | 9 | | | 4 | 36 | | 2 | | | 15 | | 7 | | | | | | | 19 | | | | | | | | | 6 | | **98** |
| **1984** | 13 | | | 2 | 38 | | 1 | | | 34 | | 10 | | | | | | | 22 | | | | | | | | | 9 | | **129** |
| **1985** | 13 | | | | 40 | | 2 | | | 45 | | 11 | | | | 6 | | | 14 | | | | | | | | | 8 | | **139** |
| **1986** | 13 | | | 4 | 18 | | 4 | 2 | 1 | 19 | | 5 | | | | 1 | | | 16 | | | | | | | | | 8 | | **91** |
| **1987** | 15 | | | 5 | 32 | | 2 | 17 | 1 | 36 | | 5 | | | | 3 | | | 19 | | | | | | | | | 9 | | **144** |
| **1988** | 30 | | | 4 | 34 | | | | 1 | 38 | | 28 | | | | 2 | | | 26 | | | | | | | | | 16 | | **179** |
| **1989** | 13 | | | 2 | 47 | | 1 | 2 | 2 | 28 | | 10 | | | | 1 | | | 18 | | | 1 | | | | | | 14 | | **139** |
| **1990** | 17 | | | 5 | 34 | | 4 | 2 | 6 | 21 | | 25 | | | | 4 | | | 9 | | | 2 | | | | | | 12 | | **141** |
| **1991** | 19 | | | 2 | 54 | | 2 | 3 | 5 | 29 | | 36 | | | | 2 | | | 17 | | | 3 | | | | | | 14 | | **186** |
| **1992** | 16 | | | 3 | 62 | | | 1 | 5 | 15 | | 22 | | | | 1 | | | 18 | | | 1 | | | | | | 18 | | **162** |

>>>

1| Kawża C-265/00, ***Campina Melkunie*** (Cour de justice Benelux / Benelux Gerechtshof).
Kawża C-196/09, ***Miles et*** (Bord tal-Appell tal-Iskejjel Ewropej).
Kawża C-169/15, ***Montis Design*** (Cour de justice Benelux / Benelux Gerechtshof).

| | BE | BG | CZ | DK | DE | EE | IE | EL | ES | FR | HR | IT | CY | LV | LT | LU | HU | MT | NL | AT | PL | PT | RO | SI | SK | FI | SE | UK | Oħra [1] | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **1993** | 22 | | | 7 | 57 | | 1 | 5 | 7 | 22 | | 24 | | | | 1 | | | 43 | | | 3 | | | | | | 12 | | **204** |
| **1994** | 19 | | | 4 | 44 | | 2 | | 13 | 36 | | 46 | | | | 1 | | | 13 | | | 1 | | | | | | 24 | | **203** |
| **1995** | 14 | | | 8 | 51 | | 3 | 10 | 10 | 43 | | 58 | | | | 2 | | | 19 | 2 | | 5 | | | | | 6 | 20 | | **251** |
| **1996** | 30 | | | 4 | 66 | | | 4 | 6 | 24 | | 70 | | | | 2 | | | 10 | 6 | | 6 | | | | 3 | 4 | 21 | | **256** |
| **1997** | 19 | | | 7 | 46 | | 1 | 2 | 9 | 10 | | 50 | | | | 3 | | | 24 | 35 | | 2 | | | | 6 | 7 | 18 | | **239** |
| **1998** | 12 | | | 7 | 49 | | 3 | 5 | 55 | 16 | | 39 | | | | 2 | | | 21 | 16 | | 7 | | | | 2 | 6 | 24 | | **264** |
| **1999** | 13 | | | 3 | 49 | | 2 | 3 | 4 | 17 | | 43 | | | | 4 | | | 23 | 56 | | 7 | | | | 4 | 5 | 22 | | **255** |
| **2000** | 15 | | | 3 | 47 | | 2 | 3 | 5 | 12 | | 50 | | | | | | | 12 | 31 | | 8 | | | | 5 | 4 | 26 | 1 | **224** |
| **2001** | 10 | | | 5 | 53 | | 1 | 4 | 4 | 15 | | 40 | | | | 2 | | | 14 | 57 | | 4 | | | | 3 | 4 | 21 | | **237** |
| **2002** | 18 | | | 8 | 59 | | | 7 | 3 | 8 | | 37 | | | | 4 | | | 12 | 31 | | 3 | | | | 7 | 5 | 14 | | **216** |
| **2003** | 18 | | | 3 | 43 | | 2 | 4 | 8 | 9 | | 45 | | | | 4 | | | 28 | 15 | | 1 | | | | 4 | 4 | 22 | | **210** |
| **2004** | 24 | | | 4 | 50 | | 1 | 18 | 8 | 21 | | 48 | | | | 1 | 2 | | 28 | 12 | | 1 | | | | 4 | 5 | 22 | | **249** |
| **2005** | 21 | | 1 | 4 | 51 | | 2 | 11 | 10 | 17 | | 18 | | | | 2 | 3 | | 36 | 15 | 1 | 2 | | | | 4 | 11 | 12 | | **221** |
| **2006** | 17 | | 3 | 3 | 77 | | 1 | 14 | 17 | 24 | | 34 | | | 1 | 1 | 4 | | 20 | 12 | 2 | 3 | | | 1 | 5 | 2 | 10 | | **251** |
| **2007** | 22 | 1 | 2 | 5 | 59 | 2 | 2 | 8 | 14 | 26 | | 43 | | | 1 | | 2 | | 19 | 20 | 7 | 3 | 1 | | 1 | 5 | 6 | 16 | | **265** |
| **2008** | 24 | | 1 | 6 | 71 | 2 | 1 | 9 | 17 | 12 | | 39 | 1 | 3 | 3 | 4 | 6 | | 34 | 25 | 4 | 1 | | | | 4 | 7 | 14 | | **288** |
| **2009** | 35 | 8 | 5 | 3 | 59 | 2 | | 11 | 11 | 28 | | 29 | 1 | 4 | 3 | | 10 | 1 | 24 | 15 | 10 | 3 | 1 | 2 | 1 | 2 | 5 | 28 | 1 | **302** |
| **2010** | 37 | 9 | 3 | 10 | 71 | | 4 | 6 | 22 | 33 | | 49 | | 3 | 2 | 9 | 6 | | 24 | 15 | 8 | 10 | 17 | 1 | 5 | 6 | 6 | 29 | | **385** |
| **2011** | 34 | 22 | 5 | 6 | 83 | 1 | 7 | 9 | 27 | 31 | | 44 | | 10 | 1 | 2 | 13 | | 22 | 24 | 11 | 11 | 14 | 1 | 3 | 12 | 4 | 26 | | **423** |
| **2012** | 28 | 15 | 7 | 8 | 68 | 5 | 6 | 1 | 16 | 15 | | 65 | | 5 | 2 | 8 | 18 | 1 | 44 | 23 | 6 | 14 | 13 | | 9 | 3 | 8 | 16 | | **404** |
| **2013** | 26 | 10 | 7 | 6 | 97 | 3 | 4 | 5 | 26 | 24 | | 62 | 3 | 5 | 10 | | 20 | | 46 | 19 | 11 | 14 | 17 | 1 | 4 | 4 | 12 | 14 | | **450** |
| **2014** | 23 | 13 | 6 | 10 | 87 | | 5 | 4 | 41 | 20 | 1 | 52 | 2 | 7 | 6 | | 23 | | 30 | 18 | 14 | 8 | 28 | 4 | 3 | 8 | 3 | 12 | | **428** |
| **2015** | 32 | 5 | 8 | 7 | 79 | 2 | 8 | 2 | 36 | 25 | 5 | 47 | | 9 | 8 | 7 | 14 | | 40 | 23 | 15 | 8 | 18 | 5 | 5 | 4 | 7 | 16 | 1 | **436** |
| **2016** | 26 | 18 | 5 | 12 | 84 | 1 | 6 | 6 | 47 | 23 | 2 | 62 | | 9 | 8 | 1 | 15 | 1 | 26 | 20 | 19 | 21 | 14 | 3 | 6 | 7 | 5 | 23 | | **470** |
| **2017** | 21 | 16 | 4 | 8 | 149 | 7 | 12 | 4 | 23 | 25 | 3 | 57 | | 5 | 10 | 1 | 22 | | 38 | 31 | 19 | 21 | 16 | 3 | 6 | 13 | 8 | 11 | | **533** |
| **2018** | 40 | 20 | 12 | 3 | 78 | 2 | 12 | 3 | 67 | 41 | 3 | 68 | 1 | 5 | 6 | 4 | 29 | | 35 | 35 | 31 | 15 | 23 | 2 | 6 | 6 | 7 | 14 | | **568** |
| **2019** | 38 | 24 | 5 | 1 | 114 | 3 | 10 | 5 | 64 | 32 | 10 | 70 | 1 | 12 | 7 | 6 | 20 | 1 | 28 | 37 | 39 | 14 | 49 | 5 | 10 | 7 | 11 | 18 | | **641** |
| **Total** | **919** | **161** | **74** | **196** | **2 641** | **30** | **125** | **190** | **591** | **1 052** | **24** | **1 583** | **9** | **77** | **68** | **102** | **207** | **4** | **1 076** | **593** | **197** | **203** | **211** | **27** | **60** | **128** | **152** | **655** | **3** | **11 358** |

1| Kawża C-265/00, ***Campina Melkunie*** (Cour de justice Benelux / Benelux Gerechtshof).
Kawża C-196/09, ***Miles et*** (Bord tal-Appell tal-Iskejjel Ewropej).
Kawża C-169/15, ***Montis Design*** (Cour de justice Benelux / Benelux Gerechtshof).

## XXIII. Żvilupp ġenerali tal-attività ġudizzjarja (1952-2019) — Rinviji għal deċiżjoni preliminari mressqa skont l-Istat Membru u skont il-qorti

| | | | Total |
|---|---|---|---|
| **Il-Belġju** | Cour constitutionnelle | 42 | |
| | Cour de cassation | 100 | |
| | Conseil d'État | 95 | |
| | Qrati jew tribunali oħra | 682 | **919** |
| **Il-Bulgarija** | Върховен касационен съд | 6 | |
| | Върховен административен съд | 24 | |
| | Qrati jew tribunali oħra | 131 | **161** |
| **Ir-Repubblika Ċeka** | Ústavní soud | | |
| | Nejvyššího soudu | 10 | |
| | Nejvyšší správní soud | 33 | |
| | Qrati jew tribunali oħra | 31 | **74** |
| **Id-Danimarka** | Højesteret | 36 | |
| | Qrati jew tribunali oħra | 160 | **196** |
| **Il-Ġermanja** | Bundesverfassungsgericht | 2 | |
| | Bundesgerichtshof | 248 | |
| | Bundesverwaltungsgericht | 149 | |
| | Bundesfinanzhof | 336 | |
| | Bundesarbeitsgericht | 44 | |
| | Bundessozialgericht | 77 | |
| | Qrati jew tribunali oħra | 1 785 | **2 641** |
| **L-Estonja** | Riigikohus | 14 | |
| | Qrati jew tribunali oħra | 16 | **30** |
| **L-Irlanda** | Supreme Court | 39 | |
| | High Court | 46 | |
| | Qrati jew tribunali oħra | 40 | **125** |
| **Il-Greċja** | Άρειος Πάγος | 13 | |
| | Συμβούλιο της Επικρατείας | 61 | |
| | Qrati jew tribunali oħra | 116 | **190** |
| **Spanja** | Tribunal Constitucional | 1 | |
| | Tribunal Supremo | 107 | |
| | Qrati jew tribunali oħra | 483 | **591** |
| **Franza** | Conseil constitutionnel | 1 | |
| | Cour de cassation | 140 | |
| | Conseil d'État | 149 | |
| | Qrati jew tribunali oħra | 762 | **1 052** |
| **Il-Kroazja** | Ustavni sud | | |
| | Vrhovni sud | 1 | |
| | Visoki upravni sud | 1 | |
| | Visoki prekršajni sud | | |
| | Qrati jew tribunali oħra | 22 | **24** |

>>>

| | | | |
|---|---|---|---|
| **L-Italja** | Corte Costituzionale | 4 | |
| | Corte suprema di Cassazione | 170 | |
| | Consiglio di Stato | 204 | |
| | Qrati jew tribunali oħra | 1 205 | **1 583** |
| **Ċipru** | Ανώτατο Δικαστήριο | 4 | |
| | Qrati jew tribunali oħra | 5 | **9** |
| **Il-Latvja** | Augstākā tiesa | 21 | |
| | Satversmes tiesa | 2 | |
| | Qrati jew tribunali oħra | 54 | **77** |
| **Il-Litwanja** | Konstitucinis Teismas | 2 | |
| | Aukščiausiasis Teismas | 23 | |
| | Vyriausiasis administracinis teismas | 25 | |
| | Qrati jew tribunali oħra | 18 | **68** |
| **Il-Lussemburgu** | Cour constitutionnelle | 1 | |
| | Cour de cassation | 28 | |
| | Cour administrative | 33 | |
| | Qrati jew tribunali oħra | 40 | **102** |
| **L-Ungerija** | Kúria | 31 | |
| | Fővárosi Ítélőtábla | 8 | |
| | Szegedi Ítélötáblá | 4 | |
| | Qrati jew tribunali oħra | 164 | **207** |
| **Malta** | Qorti Kostituzzjonali | | |
| | Qorti tal-Appell | | |
| | Qrati jew tribunali oħra | 4 | **4** |
| **Il-Pajjiżi l-Baxxi** | Hoge Raad | 301 | |
| | Raad van State | 131 | |
| | Centrale Raad van Beroep | 69 | |
| | College van Beroep voor het Bedrijfsleven | 166 | |
| | Tariefcommissie | 35 | |
| | Qrati jew tribunali oħra | 374 | **1 076** |
| **L-Awstrija** | Verfassungsgerichtshof | 5 | |
| | Oberster Gerichtshof | 137 | |
| | Verwaltungsgerichtshof | 111 | |
| | Qrati jew tribunali oħra | 340 | **593** |
| **Il-Polonja** | Trybunał Konstytucyjny | 1 | |
| | Sąd Najwyższy | 29 | |
| | Naczelny Sąd Administracyjny | 53 | |
| | Qrati jew tribunali oħra | 114 | **197** |
| **Il-Portugall** | Supremo Tribunal de Justiça | 16 | |
| | Supremo Tribunal Administrativo | 65 | |
| | Qrati jew tribunali oħra | 122 | **203** |
| **Ir-Rumanija** | Înalta Curte de Casație și Justiție | 22 | |
| | Curtea de Apel | 102 | |
| | Qrati jew tribunali oħra | 87 | **211** |

>>>

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Is-Slovenja** | Ustavno sodišče | 1 | |
| | Vrhovno sodišče | 19 | |
| | Qrati jew tribunali oħra | 7 | **27** |
| **Is-Slovakkja** | Ústavný Súd | 1 | |
| | Najvyšší súd | 22 | |
| | Qrati jew tribunali oħra | 37 | **60** |
| **Il-Finlandja** | Korkein oikeus | 26 | |
| | Korkein hallinto-oikeus | 63 | |
| | Työtuomioistuin | 5 | |
| | Qrati jew tribunali oħra | 34 | **128** |
| **L-Isvezja** | Högsta Domstolen | 25 | |
| | Högsta förvaltningsdomstolen | 37 | |
| | Marknadsdomstolen | 5 | |
| | Arbetsdomstolen | 4 | |
| | Qrati jew tribunali oħra | 81 | **152** |
| **Ir-Renju Unit** | House of Lords | 40 | |
| | Supreme Court | 18 | |
| | Court of Appeal | 94 | |
| | Qrati jew tribunali oħra | 503 | **655** |
| **Oħra** | Cour de justice Benelux/Benelux Gerechtshof [1] | 2 | |
| | Bord tal-Appell tal-Iskejjel Ewropej [2] | 1 | **3** |
| **Total** | | | **11 358** |

1| Kawża C-265/00, ***Campina Melkunie***.
Kawża C-169/15, ***Montis Design***.

2| Kawża C-196/09, ***Miles et***.

**XXIV.** **Żvilupp ġenerali tal-attività ġudizzjarja (1952-2019) — Indbragte traktatbrudssøgsmål mod medlemsstaterne Rinviji għal deċiżjoni preliminari mressqa skont l-Istat Membru u skont il-qorti**




| BE | BG | CZ | DK | DE | EE | IE | EL | ES | FR | HR | IT | CY | LV | LT | LU | HU | MT | NL | AT | PL | PT | RO | SI | SK | FI | SE | UK | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 390 | 15 | 35 | 41 | 294 | 22 | 212 | 413 | 261 | 419 | 5 | 656 | 13 | 3 | 3 | 273 | 28 | 16 | 148 | 149 | 84 | 204 | 11 | 23 | 16 | 59 | 54 | 145 | 3 992 |

## XXV. Attività tar-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja (2015-2019)

| Tip ta' intervent | 2015 | 2016 | 2017 | 2018 | 2019 |
|---|---|---|---|---|---|
| Atti proċedurali rreġistrati fir-Reġistru | 89 328 | 93 215 | 99 266 | 108 247 | 113 563 |
| Atti proċedurali ppreżentati bl-e-Curia (perċentwali) | 69 % | 75 % | 73 % | 75 % | 80 % |
| Seduti għas-sottomissjonijiet orali kkonvokati u organizzati | 256 | 270 | 263 | 295 | 270 |
| Seduti għall-preżentazzjoni tal-konklużjonijiet ikkonvokati u organizzati | 239 | 319 | 301 | 305 | 296 |
| Sentenzi, opinjonijiet u digrieti li jtemmu l-istanza nnotifikati lill-partijiet | 570 | 645 | 654 | 684 | 785 |
| Proċessi verbali tas-seduta (sottomissjonijiet orali, konklużjonijiet u sentenzi) | 894 | 1 001 | 1 033 | 1 062 | 1 058 |
| Komunikazzjonijiet fil-ĠU dwar il-kawżi ġodda | 639 | 660 | 679 | 695 | 818 |
| Komunikazzjonijiet fil-ĠU dwar il-kawżi magħluqa | 546 | 522 | 637 | 661 | 682 |

# E | Kompożizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja



(Ordni protokollari fil-31 ta' Diċembru 2019)

*L-ewwel filliera, mix-xellug għal-lemin:*

M. Szpunar, Avukat Ġenerali Ewlieni; M. Vilaras u A. Arabadjiev, Presidenti ta' Awla; R. Silva de Lapuerta, Viċi President; K. Lenaerts, President; J.-C. Bonichot, A. Prechal, E. Regan u M. Safjan, Presidenti ta' Awla

*It-tieni filliera, mix-xellug għal-lemin:*

M. Ilešič, Imħallef; J. Kokott, Avukat Ġenerali; L. S. Rossi, S. Rodin, P. G. Xuereb u I. Jarukaitis, Presidenti ta' Awla; E. Juhász u J. Malenovský, Imħallfin

*It-tielet filliera, mix-xellug għal-lemin:*

F. Biltgen, D. Šváby, T. von Danwitz u L. Bay Larsen, Imħallfin; E. Sharpston, Avukat Ġenerali; C. Toader, C. Vajda u K. Jürimäe. Imħallfin

*Ir-raba' filliera, mix-xellug għal-lemin:*

N. J. Piçarra, Imħallef; M. Bobek u M. Campos Sánchez-Bordona, Avukati Ġenerali; C. Lycourgos, Imħallef; H. Saugmandsgaard Øe, E. Tanchev u G. Hogan, Avukati Ġenerali

*Il-ħames filliera, mix-xellug għal-lemin:*

N. Jääskinen, Imħallef; P. Pikamäe u G. Pitruzzella, Avukati Ġenerali; A. Kumin u N. Wahl, Imħallfin; A. Calot Escobar, Reġistratur

# 1. Bidliet fil-kompożizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-2019

*Udjenza solenni tas-6 ta' Frar 2019*

Permezz ta' deċiżjoni tal-1 ta' Frar 2019, ir-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri ħatru, bħala Avukat Ġenerali fil-Qorti tal-Ġustizzja, għall-perijodu bejn il-5 ta' Frar 2019 u s-6 ta' Ottubru 2024, lil Priit Pikamäe minflok Nils Wahl.

Fis-6 ta' Frar 2019 inżammet udjenza solenni fil-Qorti tal-Ġustizzja fl-okkażjoni tal-waqfien mill-kariga u tat-tluq ta' Nils Wahl kif ukoll tat-teħid ta' ġurament u tad-dħul fil-kariga ta' Priit Pikamäe.

*Udjenza solenni tal-20 ta' Marzu 2019*

Permezz ta' deċiżjoni tas-6 ta' Marzu 2019, ir-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri ħatru, bħala Mħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja, għall-perijodu bejn l-20 ta' Marzu 2019 u s-6 ta' Ottubru 2024, lil Andreas Kumin minflok Maria Berger.

Fl-20 ta' Marzu 2019 inżammet udjenza solenni fil-Qorti tal-Ġustizzja fl-okkażjoni tal-waqfien mill-kariga u tat-tluq ta' Maria Berger kif ukoll tat-teħid ta' ġurament u tad-dħul fil-kariga ta' Andreas Kumin.

*9 ta' Ġunju 2019*

Mewt ta' Yves Bot, Avukat Ġenerali fil-Qorti tal-Ġustizzja mis-7 ta' Ottubru 2006.

*17 ta' Ġunju 2019*

Fid-29 ta' Mejju 2019, Egils Levits, Imħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja mill-11 ta' Mejju 2004, ġie elett President tar-Repubblika tal-Latvja mill-Parlament tar-Repubblika tal-Latvja. Għalhekk, Egils Levits ippreżenta r-riżenja tiegħu mill-kariga tiegħu ta' Mħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja, b'effett mis-17 ta' Ġunju 2019.

*Seduta solenni tas-7 ta' Ottubru 2019*

Permezz ta' deċiżjoni tal-1 ta' Frar 2019, Niilo Jääskinen inħatar bħala Mħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja, għall-perijodu bejn is-7 ta' Ottubru 2019 u s-6 ta' Ottubru 2021, minflok Allan Rosas.

Barra minn hekk, permezz ta' deċiżjoni tal-10 ta' Lulju 2019, Nils Wahl inħatar bħala Mħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja, għall-perijodu bejn is-7 ta' Ottubru 2019 u s-6 ta' Ottubru 2024, minflok Carl Gustav Fernlund.

Fl-okkażjoni, minn naħa, tal-waqfien mill-kariga u tat-tluq ta' Allan Rosas u ta' Carl Gustav Fernlund, u, min-naħa l-oħra, tat-teħid tal-ġurament u tad-dħul fil-kariga ta' Niilo Jääskinen u Nils Wahl, inżammet udjenza solenni fil-Qorti tal-Ġustizzja fis-7 ta' Ottubru 2019.

## 2. Ordni protokollari

**Fil-31 ta' diċembru 2019**

K. LENAERTS, President
R. SILVA de LAPUERTA, Viċi President
J.-C. BONICHOT, President tal-Ewwel Awla
A. ARABADJIEV, President tat-Tieni Awla
A. PRECHAL, President tat-Tielet Awla
M. VILARAS, President tar-Raba' Awla
E. REGAN, President tal-Ħames Awla
M. SZPUNAR, Avukat Ġenerali Ewlieni
M. SAFJAN, President tas-Sitt Awla
S. RODIN, President tad-Disa' Awla
P. G. XUEREB, President tas-Seba' Awla
L. S. ROSSI, President tat-Tmien Awla
I. JARUKAITIS, President tal-Għaxar Awla
J. KOKOTT, Avukat Ġenerali
E. JUHÁSZ, Imħallef
M. ILEŠIČ, Imħallef
J. MALENOVSKÝ, Imħallef
L. BAY LARSEN, Imħallef
E. SHARPSTON, Avukat Ġenerali
T. von DANWITZ, Imħallef
C. TOADER, Imħallef
D. ŠVÁBY, Imħallef
C. VAJDA, Imħallef
F. BILTGEN, Imħallef
K. JÜRIMÄE, Imħallef
C. LYCOURGOS, Imħallef
M. CAMPOS SÁNCHEZ-BORDONA, Avukat Ġenerali
H. Saugmandsgaard ØE, Avukat Ġenerali
M. BOBEK, Avukat Ġenerali
E. TANCHEV, Avukat Ġenerali
N. PIÇARRA, Imħallef
G. HOGAN, Avukat Ġenerali
G. PITRUZZELLA, Avukat Ġenerali
P. PIKAMÄE, Avukat Ġenerali
A. KUMIN, Imħallef
N. JÄÄSKINEN, Imħallef

N. WAHL, Imħallef

A. CALOT ESCOBAR, Reġistratur

# 3. Ex membri tal-Qorti tal-Ġustizzja

(skont l-ordni tad-dħul fil-kariga)

**Imħallfin u avukati ġenerali**

Massimo PILOTTI, Imħallef (1952-1958), President mill-1952 sal-1958 (†)
Petrus SERRARENS, Imħallef (1952-1958) (†)
Otto RIESE, Imħallef (1952-1963) (†)
Louis DELVAUX, Imħallef (1952-1967) (†)
Jacques RUEFF, Imħallef (1952-1959 u 1960-1962) (†)
Charles Léon HAMMES, Imħallef (1952-1967), President mill-1964 sal-1967 (†)
Adrianus VAN KLEFFENS, Imħallef (1952-1958) (†)
Maurice LAGRANGE, Avukat Ġenerali (1952-1964) (†)
Karl ROEMER, Avukat Ġenerali (1953-1973) (†)
Rino ROSSI, Imħallef (1958-1964) (†)
Nicola CATALANO, Imħallef (1958-1961) (†)
Andreas Matthias DONNER, Imħallef (1958-1979), President mill-1958 sal-1964 (†)
Alberto TRABUCCHI, Imħallef (1962-1972), imbagħad Avukat Ġenerali (1973-1976) (†)
Robert LECOURT, Imħallef (1962-1976), President mill-1967 sal-1976 (†)
Walter STRAUSS, Imħallef (1963-1970) (†)
Riccardo MONACO, Imħallef (1964-1976) (†)
Joseph GAND, Avukat Ġenerali (1964-1970) (†)
Josse J. MERTENS de WILMARS, Imħallef (1967-1984), President mill-1980 sal-1984 (†)
Pierre PESCATORE, Imħallef (1967-1985) (†)
Hans KUTSCHER, Imħallef (1970-1980), President mill-1976 sal-1980 (†)
Alain Louis DUTHEILLET DE LAMOTHE, Avukat Ġenerali (1970-1972) (†)
Henri MAYRAS, Avukat Ġenerali (1972-1981) (†)
Cearbhall Ó DÁLAIGH, Imħallef (1973-1974) (†)
Max SØRENSEN, Imħallef (1973-1979) (†)
Jean-Pierre WARNER, Avukat Ġenerali (1973-1981) (†)
Alexander J. MACKENZIE STUART, Imħallef (1973-1988), President mill-1984 sal-1988 (†)
Gerhard REISCHL, Avukat Ġenerali (1973-1981) (†)
Aindrias O'KEEFFE, Imħallef (1974-1985) (†)
Francesco CAPOTORTI, Imħallef (1976), imbagħad Avukat Ġenerali (1976-1982) (†)
Giacinto BOSCO, Imħallef (1976-1988) (†)
Adolphe TOUFFAIT, Imħallef (1976-1982) (†)
Thijmen KOOPMANS, Imħallef (1979-1990) (†)
Ole DUE, Imħallef (1979-1994), President mill-1988 sal-1994 (†)
Ulrich EVERLING, Imħallef (1980-1988) (†)
Alexandros CHLOROS, Imħallef (1981-1982) (†)
Sir Gordon SLYNN, Avukat Ġenerali (1981-1988), imbagħad Imħallef (1988-1992) (†)
Simone ROZÈS, Avukat Ġenerali (1981-1984)
Pieter VERLOREN van THEMAAT, Avukat Ġenerali (1981-1986) (†)
Fernand GRÉVISSE, Imħallef (1981-1982 u 1988-1994) (†)
Kai BAHLMANN, Imħallef (1982-1988) (†)
G. Federico MANCINI, Avukat Ġenerali (1982-1988), imbagħad Imħallef (1988-1999) (†)

Yves GALMOT, Imħallef (1982-1988) (†)
Constantinos KAKOURIS, Imħallef (1983-1997) (†)
Carl Otto LENZ, Avukat Ġenerali (1984-1997)
Marco DARMON, Avukat Ġenerali (1984-1994) (†)
René JOLIET, Imħallef (1984-1995) (†)
Thomas Francis O'HIGGINS, Imħallef (1985-1991) (†)
Fernand SCHOCKWEILER, Imħallef (1985-1996) (†)
Jean MISCHO, Avukat Ġenerali (1986-1991 u 1997-2003) (†)
José Carlos de CARVALHO MOITINHO de ALMEIDA, Imħallef (1986-2000)
José Luís da CRUZ VILAÇA, Avukat Ġenerali (1986-1988), Imħallef (2012-2018)
Gil Carlos RODRÍGUEZ IGLÉSIAS, Imħallef (1986-2003), President mill-1994 sal-2003 (†)
Manuel DIEZ de VELASCO, Imħallef (1988-1994) (†)
Manfred ZULEEG, Imħallef (1988-1994) (†)
Walter VAN GERVEN, Avukat Ġenerali (1988-1994) (†)
Francis Geoffrey JACOBS, Avukat Ġenerali (1988-2006)
Giuseppe TESAURO, Avukat Ġenerali (1988-1998)
Paul Joan George KAPTEYN, Imħallef (1990-2000)
Claus Christian GULMANN, Avukat Ġenerali (1991-1994), imbagħad Imħallef (1994-2006)
John L. MURRAY, Imħallef (1991-1999)
David Alexander Ogilvy EDWARD, Imħallef (1992-2004)
Antonio Mario LA PERGOLA, Imħallef (1994 u 1999-2006), Avukat Ġenerali (1995-1999) (†)
Georges COSMAS, Avukat Ġenerali (1994-2000)
Jean-Pierre PUISSOCHET, Imħallef (1994-2006)
Philippe LÉGER, Avukat Ġenerali (1994-2006)
Günter HIRSCH, Imħallef (1994-2000)
Michael Bendik ELMER, Avukat Ġenerali (1994-1997)
Peter JANN, Imħallef (1995-2009)
Hans RAGNEMALM, Imħallef (1995-2000) (†)
Leif SEVÓN, Imħallef (1995-2002)
Nial FENNELLY, Avukat Ġenerali (1995-2000)
Melchior WATHELET, Imħallef (1995-2003), Avukat Ġenerali (2012-2018)
Dámaso RUIZ-JARABO COLOMER, Avukat Ġenerali (1995-2009) (†)
Romain SCHINTGEN, Imħallef (1996-2008)
Krateros IOANNOU, Imħallef (1997-1999) (†)
Siegbert ALBER, Avukat Ġenerali (1997-2003)
Antonio SAGGIO, Avukat Ġenerali (1998-2000) (†)
Vassilios SKOURIS, Imħallef (1999-2015), President mill-2003 sal-2015
Fidelma O'KELLY MACKEN, Imħallef (1999-2004)
Ninon COLNERIC, Imħallef (2000-2006)
Stig von BAHR, Imħallef (2000-2006)
Antonio TIZZANO, Avukat Ġenerali (2000-2006), imbagħad Imħallef (2006-2018), Viċi President mill-2015 sal-2018
José Narciso da CUNHA RODRIGUES, Imħallef (2000-2012)
Christiaan Willem Anton TIMMERMANS, Imħallef (2000-2010)
Leendert A. GEELHOED, Avukat Ġenerali (2000-2006) (†)
Christine STIX-HACKL, Avukat Ġenerali (2000-2006) (†)
Allan ROSAS, Imħallef (2002-2019)
Luís Miguel POIARES PESSOA MADURO, Avukat Ġenerali (2003-2009)
Konrad Hermann Theodor SCHIEMANN, Imħallef (2004-2012)
Jerzy MAKARCZYK, Imħallef (2004-2009)

Pranas KŪRIS, Imħallef (2004-2010)
Georges ARESTIS, Imħallef (2004-2014)
Anthony BORG BARTHET, Imħallef (2004-2018)
Ján KLUČKA, Imħallef (2004-2009)
Uno LÕHMUS, Imħallef (2004-2013)
Egils LEVITS, Imħallef (2004-2019)
Aindrias Ó CAOIMH, Imħallef (2004-2015)
Paolo MENGOZZI, Avukat Ġenerali (2006-2018)
Pernilla LINDH, Imħallef (2006-2011)
Yves BOT, Avukat Ġenerali (2006-2019) (†)
Ján MAZÁK, Avukat Ġenerali (2006-2012)
Verica TRSTENJAK, Avukat Ġenerali (2006-2012)
Jean-Jacques KASEL, Imħallef (2008-2013)
Maria BERGER, Imħallef (2009-2019)
Niilo JÄÄSKINEN, Avukat Ġenerali (2009-2015)
Pedro CRUZ VILLALÓN, Avukat Ġenerali (2009-2015)
Egidijus JARAŠIŪNAS, Imħallef (2010-2018)
Carl Gustav FERNLUND, Imħallef (2011-2019)
Nils WAHL, Avukat Ġenerali (2012-2019)

**Presidenti**

Massimo PILOTTI (1952-1958) (†)
Andreas Matthias DONNER (1958-1964) (†)
Charles Léon HAMMES (1964-1967) (†)
Robert LECOURT (1967-1976) (†)
Hans KUTSCHER (1976-1980) (†)
Josse J. MERTENS de WILMARS (1980-1984) (†)
Alexander John MACKENZIE STUART (1984-1988) (†)
Ole DUE (1988-1994) (†)
Gil Carlos RODRÍGUEZ IGLÉSIAS (1994-2003) (†)
Vassilios SKOURIS (2003-2015)

**Reġistraturi**

Albert VAN HOUTTE (1953-1982) (†)
Paul HEIM (1982-1988)
Jean-Guy GIRAUD (1988-1994)
Roger GRASS (1994-2010)



# Kapitolu II
# Il-Qorti Ġenerali

# A| Attività tal-Qorti Ġenerali fl-2019

Mill-President tal-Qorti Ġenerali, **Marc van der Woude**

Is-sena 2019 kienet f'diversi aspetti sena partikolarment importanti għall-Qorti Ġenerali.

L-ewwel nett, il-Qorti Ġenerali setgħet tiċċelebra fl-2019 it-tletin sena tal-eżistenza tagħha. Fil-fatt, l-ewwel membri tal-Qorti Ġenerali, stabbilita bid-deċiżjoni tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1988, daħlu fil-karigi tagħhom fil-25 ta' Settembru 1989. Sabiex jitfakkar dan l-anniversarju, il-Qorti Ġenerali organizzat kollokju intitolat "Il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea fl-era diġitali", strutturat fuq żewġ temi: "Ġustizzja aċċessibbli" u "Ġustizzja effettiva u ta' kwalità". F'din l-okkażjoni, il-Qorti Ġenerali ġabret numru ta' rappreżentanti ta' istituzzjonijiet Ewropej, nazzjonali u internazzjonali, kif ukoll professuri tad-dritt, imħallfin u avukati mill-Istati Membri kollha. L-atti ta' dan il-kollokju ta' kwalità għolja huma disponibbli fis-sit Curia.

It-tieni nett, il-Qorti Ġenerali rat bidliet kbar mill-perspettiva tal-kompożizzjoni tagħha, kemm minħabba t-tiġdid parzjali tal-Qorti kif ukoll minħabba l-implimentazzjoni tat-tielet fażi tar-riforma tal-arkitettura ġudizzjarja tal-istituzzjoni. Il-Qorti Ġenerali laqgħet l-ewwel lill-Imħallef R. Frendo fl-20 ta' Marzu 2019, b'sostituzzjoni tal-Imħallef P. G. Xuereb, li nħatar Imħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja fit-8 ta' Ottubru 2018. Waqt ċerimonja organizzata fis-26 ta' Settembru 2019, il-Qorti Ġenerali setgħet tagħti omaġġ lil tmien Imħallfin li telqu mill-qorti, jiġifieri l-Imħallfin I. Pelikánová, G. Berardis, E. Bieliūnas, L. Calvo-Sotelo Ibáñez-Martín, A. Dittrich, E. Perillo. M. Prek, Prek u I. Ulloa Rubio. Waqt is-seduta solenni li nżammet fl-istess jum, il-Qorti Ġenerali setgħet tilqa' erbatax-il membru ġdid, jiġifieri l-Imħallfin T. Perišin, O. Porchia, T. R. Pynnä, P. Škvařilová-Pelzl, M. Stancu, G. Steinfatt, J. C. Laitenberger, R. Mastroianni, J. Martín y Pérez de Nanclares, I. Nõmm, R. Norkus, M. Sampol Pucurull u L. Truchot. Fil-31 ta' Diċembru 2019, il-Qorti Ġenerali kienet ikkostitwita minn 52 membru.

It-tielet nett, bil-għan li tiġi ppreparata l-implimentazzjoni ta' din it-tielet fażi tar-riforma, il-Qorti Ġenerali adottat serje ta' miżuri intiżi li jiggarantixxu li tingħata ġustizzja ta' kwalità fi żmien raġonevoli. L-ewwel miżura tikkonċerna n-numru ta' awli fil-Qorti Ġenerali li, minħabba n-numru ikbar ta' Mħallfin, kellu jiżdied minn disgħa għal għaxra, b'kull awla tgħodd ħames Imħallfin 1. Barra minn hekk, sabiex ikun hemm iktar skambji bejn l-Imħallfin ta' dawn l-awli, dawn tal-aħħar ma għandhomx iktar sedja f'żewġ kulleġġi ta' tliet Imħallfin ippresjeduti mill-istess President ta' Awla, iżda sedja f'sitt kulleġġi ġudikanti skont sistema ta' rotazzjoni.

It-tieni miżura implimentata mit-30 ta' Settembru 2019 tikkonċerna l-introduzzjoni ta' grad ta' speċjalizzazzjoni tal-awli fl-oqsma tal-proprjetà intellettwali u tas-servizz pubbliku. Għalhekk ġie deċiż li sitt awli jittrattaw l-ewwel kategorija ta' kawżi u erba' awli jkunu inkarigati mit-tieni kategorija ta' kawżi. Il-kategoriji l-oħra kollha tal-kawżi għandhom jibqgħu jitqassmu bejn l-awli kollha. Barra minn hekk, l-assenjazzjoni tal-kawżi kollha lill-awli, kemm fl-oqsma li huma s-suġġett ta' speċjalizzazzjoni kif ukoll fl-oqsma l-oħra, għandha tkompli ssir skont sistema ta' rotazzjoni, li l-funzjonament tagħha jista' jiġi aġġustat sabiex jittieħed inkunsiderazzjoni l-piż tax-xogħol u l-konnessjoni bejn il-kawżi. Din l-aħħar deroga timplika li l-kawżi li jirrigwardaw l-istess att ikkontestat jew li jqajmu problema simili jiġu, bħala prinċipju, assenjati lill-istess awla, jew lill-istess Imħallef Relatur.

1| Fil-każ ta' bżonn, tnejn minn dawn l-awli jistgħu jilqgħu sitt Imħallfin.

It-tielet miżura tikkonċerna l-kompożizzjoni tal-Awla Manja, li ġiet modifikata sabiex tippermetti lill-Imħallfin li ma humiex President ta' Awla jassumu iktar sedja f'dan il-kulleġġ ġudikanti ta' 15-il Imħallef. Mis-26 ta' Settembru 2019, l-Awla Manja ġiet komposta mill-President, mill-Viċi President, minn numru limitat ta' Presidenti ta' Awla, mill-Imħallfin tal-awla inizjalment inkarigata mill-kawża u minn Imħallfin oħra magħżula alternattivament skont l-ordni ta' anzjanità u l-ordni ta' anzjanità invers.

Ir-raba' nett, il-Qorti Ġenerali qieset li kien importanti li l-President u l-Viċi President ikunu involuti iktar fl-attività ġudizzjarja, filwaqt li jittieħdu inkunsiderazzjoni r-responsabbiltajiet partikolari tagħhom li huma inkompatibbli mal-attività ta' Mħallef li jeżerċita b'mod sħiħ il-funzjoni ta' ġudikant. B'hekk, il-President jissostitwixxi Mħallef suġġett għal impediment fil-kulleġġi ġudikanti estiżi ta' ħames Imħallfin u l-Viċi President jipparteċipa fil-kulleġġi ġudikanti estiżi ta' ħames Imħallfin fuq il-bażi ta' kawża għal kull awla fis-sena. F'dan il-kuntest, għandu jiġi enfasizzat li l-Qorti Ġenerali kkonfermat li l-funzjoni prinċipali tal-Viċi President hija dik li jiżgura l-koerenza u l-kwalità tal-ġurisprudenza.

Dawn il-miżuri kollha għandhom jippermettu lill-Qorti Ġenerali tiżgura li l-aħħar fażi tar-riforma tipproduċi l-frott tagħha, b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda t-tkomplija tat-tnaqqis tat-tul tal-istanza u r-rinviju iktar sistematiku ta' kawżi quddiem kulleġġi ġudikanti estiżi ta' ħames Imħallfin jew ħmistax-il Imħallef.

Il-ħames nett, minkejja l-isfidi maħluqa mill-implimentazzjoni tal-aħħar fażi tar-riforma u t-tiġdid parzjali tal-Qorti Ġenerali, il-Qorti Ġenerali setgħet tasal għal riżultati sodisfaċenti. Mill-perspettiva statistika, in-numru ta' kawżi ppreżentati (939) u n-numru ta' kawżi magħluqa (874) huma, fid-dawl tal-introduzzjoni ta' grupp kbir ta' kawżi konnessi fl-aħħar tas-sena, globalment ibbilanċjati ma' numru ta' 1 398 kawża pendenti. Din is-sitwazzjoni sodisfaċenti hija riflessa fiż-żmien tat-trattament tal-kawżi, li jkompli bit-tendenza tiegħu li jiqsar. Fil-fatt, it-tul tal-istanza tal-kawżi deċiżi b'sentenza u b'digriet kien ta' 17-il xahar fl-2019, meta mqabbel ma' 20 xahar fl-2018 u madwar 26 xahar matul l-ewwel snin tal-aħħar deċennju. Dan it-titjib ċar huwa wieħed mill-benefiċċji tar-riforma tal-arkitettura ġudizzjarja tal-Unjoni. Benefiċċju ieħor jikkonċerna l-possibbiltà għall-Qorti Ġenerali li taġixxi iktar f'kulleġġi ġudikanti komposti minn ħames Imħallfin fil-kawżi li jistħoqqhom dan u għalhekk li żżid l-awtorità tad-deċiżjonijiet tagħha. Mill-2016, in-numru ta' kawżi deċiżi minn kulleġġi ġudikanti huwa ta' madwar 60 kawża fis-sena, li jikkuntrasta ma' inqas minn għaxra fil-bidu tad-deċennju.

# B | Ġurisprudenza tal-Qorti Ġenerali fl-2019

Mill-Viċi President **Savvas Papasavvas**

## Tendenzi ġurisprudenzjali

L-analiżi tad-deċiżjonijiet mogħtija mill-Qorti Ġenerali matul is-sena 2019 tippermetti mill-ġdid il-konstatazzjoni tad-diversità tal-oqsma kkunsidrati u tal-importanza tat-tilwimiet deċiżi minnha. Sabiex dawn l-isfidi jiġu affrontati, il-Qorti Ġenerali, kif kien il-każ matul is-sena preċedenti, għamlet użu regolari u frekwenti mill-possibbiltà mogħtija lilha mill-Artikolu 50 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea li tiltaqa' bħala awla komposta minn ħames Imħallfin. Fir-rigward tal-kwistjonijiet ittrattati, il-Qorti Ġenerali kellha f'diversi okkażjonijiet tissanzjona l-ksur tal-prinċipji stipulati mid-dritt tal-Unjoni Ewropea u tad-drittijiet fundamentali. Is-sena 2019 tatha wkoll l-opportunità li tiċċara diversi punti proċedurali. Bħala qorti tal-ewwel istanza, hija eżaminat, barra minn hekk, kwistjonijiet ġodda kif ukoll kawżi ta' importanza kbira mill-perspettiva ġuridika u ekonomika.

Bħala garanti tal-osservanza tal-prinċipji tad-dritt tal-Unjoni, il-Qorti Ġenerali annullat, fis-sentenza tal-10 ta' Jannar 2019, ***RY vs Il-Kummissjoni*** (T-160/17, EU:T:2019:1), deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea li xxolji, minħabba tkissir tar-rabta ta' fiduċja, il-kuntratt għal żmien indeterminat ta' membru tal-persunal temporanju minħabba l-ksur tad-dritt għal smigħ ta' dan il-membru tal-persunal, stipulat fl-Artikolu 41(2)(a) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Barra minn hekk, fis-sentenzi tal-11 ta' Lulju 2019, ***Yanukovych vs Il-Kunsill*** (T-244/16 u T-285/17, EU:T:2019:502) u ***Klymenko vs Il-Kunsill*** (T-274/18, EU:T:2019:509), il-Qorti Ġenerali annullat diversi atti tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea [1] dwar miżuri restrittivi adottati fir-rigward tas-sitwazzjoni fl-Ukraina, sa fejn l-ismijiet tar-rikorrenti, l-eks President u l-eks Ministru għad-Dħul u l-Ħlasijiet tal-Ukraina, inżammu fil-lista tal-persuni, tal-entitajiet u tal-organi li għalihom kienu japplikaw dawn il-miżuri restrittivi. Filwaqt li applikat il-prinċipji ġurisprudenzjali li jirriżultaw mis-sentenza tad-19 ta' Diċembru 2018, ***Azarov vs Il-Kunsill*** (C-530/17 P, EU:C:2018:1031), il-Qorti Ġenerali kkunsidrat li ma ġiex stabbilit li l-Kunsill kien ivverifika, qabel l-adozzjoni tal-atti kkontestati, l-osservanza, mill-amministrazzjoni ġudizzjarja Ukraina, tad-drittijiet tad-difiża u tad-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva tar-rikorrenti. Għal din ir-raġuni, hija annullat l-atti kkontestati.

Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali ntalbet tiċċara ċerti aspetti marbuta mal-ammissibbiltà tar-rikorsi. B'hekk, fid-digriet tat-30 ta' April 2019, ***Ir-Rumanija vs Il-Kummissjoni*** (T-530/18, taħt appell [2], EU:T:2019:269), il-Qorti Ġenerali ppreċiżat il-bidu tad-dekorrenza tat-terminu għall-preżentata ta' rikors għal annullament kontra att ta' portata individwali meta dan l-att mhux biss ġie nnotifikat lid-destinatarju tiegħu, iżda wkoll ippubblikat. Il-Qorti Ġenerali kkunsidrat li d-data li għandha tittieħed inkunsiderazzjoni, sabiex jiġi ddeterminat il-bidu tad-dekorrenza ta' dan it-terminu, hija dik tal-pubblikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali, meta din il-pubblikazzjoni, li hija kundizzjoni għad-dħul fis-seħħ tal-att, tkun prevista mit-Trattat FUE, u dik tan-notifika fil-każijiet l-oħra

1| F'dan ir-rigward, intalab l-annullament, fil-Kawżi T-244/16 u T-285/17, tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/318 tal-4 ta' Marzu 2016 (ĠU 2016, L 60, p. 76), u tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2016/311 tal-4 ta' Marzu 2016 (ĠU 2016, L 60, p. 1), tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/381 tat-3 ta' Marzu 2017 (ĠU 2017, L 58, p. 34), u tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2017/374 tat-3 ta' Marzu 2017 (ĠU 2017, L 58, p. 1), u, fil-Kawża T-274/18, tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/333 tal-5 ta' Marzu 2018 (ĠU 2018, L 63, p. 48), u tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/326 tal-5 ta' Marzu 2018 (ĠU 2018, L 63, p. 5).

2| Kawża C-498/19 P, ***Ir-Rumanija vs Il-Kummissjon***i.

msemmija fit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 297(2) TFUE, li fosthom jinsab dak tad-deċiżjonijiet li jindikaw id-destinatarju tagħhom. B'applikazzjoni ta' dawn il-prinċipji, il-Qorti Ġenerali qieset li r-rikors ippreżentat mir-Rumanija fis-7 ta' Settembru 2018 kien tardiv u kellu jiġi miċħud bħala inammissibbli. Barra minn hekk, fis-sentenza tal-20 ta' Settembru 2019, ***Il-Venezwela vs Il-Kunsill*** (T-65/18, taħt appell [3], EU:T:2019:649), il-Qorti Ġenerali eżaminat il-kwistjoni tal-ammissibbiltà tar-rikorsi ppreżentati minn Stati terzi. F'dan ir-rigward, wara li kkonstatat li r-Repubblika Bolivarjana tal-Venezwela ma kinitx, bħala Stat, espliċitament u speċifikament prevista fid-dispożizzjonijiet ikkontestati u li din ma setgħetx, barra minn hekk, tiġi assimilata ma' operatur li jeżerċita abitwalment attività ekonomika, il-Qorti Ġenerali kkunsidrat li s-sitwazzjoni ġuridika ta' dan l-Istat ma kinitx direttament affettwata mid-dispożizzjonijiet ikkontestati u ċaħdet ir-rikors bħala inammissibbli.

Il-Qorti Ġenerali ġiet ukoll ikkonfrontata bi kwistjonijiet tad-dritt ġodda bħal dik tas-sentenza tal-10 ta' Settembru 2019, ***Il-Polonja vs Il-Kummissjoni*** (T-883/16, taħt appell [4], EU:T:2019:567), fejn hija laqgħet ir-rikors għal annullament ippreżentat mir-Repubblika tal-Polonja kontra d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tapprova l-modifika tas-sistema derogatorja tal-isfruttament tal-pipeline tal-gass OPAL proposta mill-awtorità regolatorja Ġermaniża [5] minħabba l-ksur tal-prinċipju ta' solidarjetà enerġetika, stipulat fl-Artikolu 194(1) TFUE, li hija eżaminat għall-ewwel darba. Bl-istess mod, permezz tas-sentenza tat-12 ta' Diċembru 2019, ***Conte vs EUIPO (CANNABIS STORE AMSTERDAM)*** (T-683/18, EU:T:2019:855), il-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni ta' Bord tal-Appell tal-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) li rrifjutat ir-reġistrazzjoni tat-trade mark CANNABIS STORE AMSTERDAM minħabba li din tmur kontra l-ordni pubbliku. Il-Qorti Ġenerali kienet għadha qatt ma eżaminat trade mark li tista' tinftiehem li tirreferi għal drogi illegali mill-perspettiva tal-Artikolu 7(1)(f) tar-Regolament 2017/1001 [6]. Barra minn hekk, fl-20 ta' Settembru 2019, fis-sentenza ***BASF Grenzach vs ECHA*** (T-125/17, EU:T:2019:638), il-Qorti Ġenerali ppronunzjat ruħha, għall-ewwel darba, fuq il-kompitu u l-kompetenzi tal-Bord tal-Appell tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA). B'mod iktar partikolari, il-Qorti Ġenerali ddeterminat il-portata u l-intensità tal-istħarriġ li jsir minn dan il-bord, fil-kuntest ta' appell imressaq quddiemu minn deċiżjoni tal-ECHA li titlob informazzjoni addizzjonali dwar il-valutazzjoni tas-sustanza triclosan, skont ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 [7]. Fl-aħħar nett, għandha tiġi ċċitata wkoll is-sentenza tat-8 ta' Mejju 2019, ***Stemcor London u Samac Steel Supplies vs Il-Kummissjoni*** (T-749/16, EU:T:2019:310), li fiha l-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors intiż għall-annullament tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1329 [8], li jipprevedi l-ġbir retroattiv tad-dazju antidumping definittiv fuq importazzjonijiet reġistrati ta' ċerti prodotti tal-azzar irrumblati ċatti fil-kiesaħ li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u l-Federazzjoni Russa. F'din is-sentenza, il-Qorti Ġenerali ppronunzjat ruħha, għall-ewwel darba, fuq il-mekkaniżmu previst mill-Artikolu 10(4) tar-Regolament Bażiku fil-qasam

3| Kawża C-872/19 P, ***Il-Venezwela vs Il-Kunsill***.

4| Kawża C-848/19 P, ***Il-Ġermanja vs Il-Polonja.***

5| Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2016) 6950 finali, tat-28 ta' Ottubru 2016, dwar ir-reviżjoni tal-kundizzjonijiet ta' eżenzjoni tal-pipeline tal-gass OPAL, mogħtija mid-Direttiva 2003/55/KE, għar-regoli relatati mal-aċċess minn terzi u mar-regolamentazzjoni tariffarja.

6| L-Artikolu 7(1)(f) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2017 dwar it-trademark tal-Unjoni Ewropea (ĠU 2017, L 154, p. 1), jipprovdi li r-reġistrazzjoni ta' trade marks li jmorru kontra l-ordni pubbliku jew il-moralità għandha tiġi rrifjutata.

7| Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni (ĠU 2006, L 396, p. 1, u rettifiki ĠU 2009, L 36, p. 84, ĠU 2008, L 141, p. 22, u ĠU 2007, L 136, p. 3).

8| Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1329 tad-29 ta' Lulju 2016 li jimponi d-dazju antidumping definittiv fuq importazzjonijiet reġistrati ta' ċerti prodotti tal-azzar irrumblati ċatti fil-kiesaħ li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u l-Federazzjoni Russa (ĠU 2016, L 210, p. 27).

tal-antidumping [9], li jippermetti lill-Kummissjoni, taħt ċerti kundizzjonijiet, tiġbor retroattivament dazju antidumping fuq prodotti ddikjarati li ddaħħlu għall-konsum mhux iktar minn 90 jum qabel id-data tal-applikazzjoni tal-miżuri provviżorji, (iżda mhux qabel il-bidu tal-investigazzjoni).

Fl-aħħar nett, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet il-kawżi msejħa "tax rulings". B'hekk, fis-sentenza tal-14 ta' Frar 2019, ***Il-Belġju u Magnetrol International vs Il-Kummissjoni*** (T-131/16 u T-263/16, taħt appell [10], EU:T:2019:91), hija annullat, fil-kuntest ta' rikors ibbażat fuq l-Artikolu 263 TFUE, id-Deċiżjoni 2016/1699 li tikklassifika bħala għajnuna mill-Istat inkompatibbli mas-suq intern l-iskema ta' eżenzjoni tal-qligħ eċċessiv ta' entitajiet Belġjani ta' gruppi ta' impriżi multinazzjonali applikata mill-Belġju sa mill-2004, u li tordna konsegwentement l-irkupru tagħha [11]. Min-naħa l-oħra, fis-sentenza tal-24 ta' Settembru 2019, ***Il-Lussemburgu u Fiat Chrysler Finance Europe vs Il-Kummissjoni*** (T-755/15 u T-759/15, EU:T:2019:670), il-Qorti Ġenerali ċaħdet bħala infondati r-rikorsi għal annullament ippreżentati mill-Gran Dukat tal-Lussemburgu u mill-impriża Fiat Chrysler Finance Europe kontra d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tikklassifika bħala għajnuna mill-Istat deċiżjoni tat-taxxa bil-quddiem mogħtija mill-awtoritajiet fiskali Lussemburgiżi lill-impriża Fiat Chrysler Finance Europe [12].

# I. Proċedura ġudizzjarja

## 1. Kunċett ta' att li jista' jiġi kkontestat

Fid-digriet tal-15 ta' Marzu 2019, ***Silgan Closures u Silgan Holdings vs Il-Kummissjoni*** (T-410/18, taħt appell [13], EU:T:2019:166), il-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tiftaħ, skont l-Artikolu 2(1) tar-Regolament Nru 773/2004 [14], proċedura għall-applikazzjoni tal-Artikolu 101 TFUE fir-rigward ta' diversi kumpanniji attivi fis-settur tal-imballaġġi metalliċi, fosthom ir-rikorrenti. F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali laqgħet l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà mqajma mill-Kummissjoni u ddeċidiet li d-deċiżjoni kkontestata kienet tikkostitwixxi att preparatorju li ma kienx jipproduċi effetti legali fir-rigward tar-rikorrenti fis-sens tal-Artikolu 263 TFUE.

Qabelxejn, il-Qorti Ġenerali fakkret li l-effetti u n-natura legali tad-deċiżjoni kkontestata għandhom jiġu evalwati fid-dawl tal-funzjoni tagħha fil-kuntest tal-proċedura li twassal għal deċiżjoni skont il-Kapitolu III tar-Regolament Nru 1/2003 [15].

9| Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea (ĠU 2016, L 176, p. 21).

10| Kawża C-337/19 P, ***Il-Kummissjoni vs Il-Belġju u Magnetrol International.***

11| Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1699 tal-11 ta' Jannar 2016 dwar l-iskema ta' għajnuna li tirrigwarda l-eżenzjoni tal-qligħ eċċessiv SA.37667 (2015/C) (ex 2015/NN) implimentata mill-Belġju (ĠU 2016, L 260, p. 61).

12| Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2326 tal-21 ta' Ottubru 2015 dwar l-Għajnuna mill-Istat SA.38375 (2014/C) (ex 2014/NN) implimentata mil-Lussemburgu għal Fiat (ĠU 2016, L 351, p. 1).

13| Kawża C-418/19 P, ***Silgan Closures u Silgan Holdings vs Il-Kummissjoni.***

14| Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 773/2004 tas-7 ta' April 2004 dwar it-tmexxija ta' proċeduri mill-Kummissjoni skond l-Artikolu [101 sa 102 TFUE] (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 3, p. 81).

15| Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 tas-16 ta' Diċembru 2002 fuq l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artkoli [101 u 102 TFUE] (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 2, p. 205).

Fir-rigward, b'mod partikolari, tal-konsegwenza prevista fl-Artikolu 11(6) tar-Regolament Nru 1/2003, li l-ftuħ tal-proċedura prevista mid-deċiżjoni kkontestata jwaqqaf il-kompetenza tal-awtoritajiet tal-kompetizzjoni tal-Istati Membri sabiex japplikaw l-Artikolu 101 TFUE fir-rigward tal-fatti li jkunu s-suġġett ta' din il-proċedura, il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li din il-konsegwenza ma kinitx tmur kontra l-interessi tar-rikorrenti, iżda kienet tipproteġihom minn proċeduri paralleli min-naħa ta' dawn l-awtoritajiet.

Il-Qorti Ġenerali qieset li din il-konklużjoni tapplika mhux biss meta ebda awtorità nazzjonali ma tkunx bdiet proċedura fir-rigward, iżda wkoll, *a fortiori*, meta tali awtorità tkun bdiet tali proċedura u titwaqqaf mill-kompetenza tagħha skont l-Artikolu 11(6) tar-Regolament Nru 1/2003. Fil-fatt, jekk deċiżjoni sabiex tinbeda proċedura għall-applikazzjoni tal-Artikolu 101 TFUE ma taffettwax is-sitwazzjoni legali tal-impriża kkonċernata jekk, sa dak iż-żmien, din ma tkun kienet is-suġġett ta' ebda proċedura oħra, dan huwa iktar u iktar il-każ meta l-impriża inkwistjoni tkun diġà involuta fil-kuntest ta' investigazzjoni miftuħa minn awtorità nazzjonali.

Skont il-Qorti Ġenerali, huwa b'hekk b'mod żbaljat li r-rikorrenti invokaw l-Artikoli 104 u 105 TFUE, li jipprevedu numru ta' interazzjonijiet bejn il-kompetenza tal-Kummissjoni u dik tal-Istati Membri fir-rigward tal-implimentazzjoni b'mod partikolari tal-Artikolu 101 TFUE. Fil-fatt, dawn id-dispożizzjonijiet jikkonċernaw biss każijiet potenzjali mhux koperti minn regolament li japplika l-Artikolu 101 TFUE, adottat fuq il-bażi tal-Artikolu 103 TFUE, bħar-Regolament Nru 1/2003.

Il-Qorti Ġenerali rrilevat li, minn naħa, xejn ma kien jipprekludi lir-rikorrenti milli jitolbu li jibbenefikaw mill-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-immunità mill-multi u t-tnaqqis tal-ammont tagħhom fil-każijiet li kienu jirrigwardaw l-akkordji. Min-naħa l-oħra, fil-każ ta' akkordju li l-effetti antikompetittivi tiegħu jistgħu jseħħu f'diversi Stati Membri u, konsegwentement, jistgħu jwasslu għal intervent minn diversi awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni kif ukoll mill-Kummissjoni, l-impriża li tkun tixtieq tibbenefika mis-sistema ta' klemenza għandha interess li tressaq talbiet għall-immunità, mhux biss lill-awtoritajiet nazzjonali eventwalment kompetenti sabiex japplikaw l-Artikolu 101 TFUE, iżda wkoll lill-Kummissjoni.

Għalhekk, fit-tali każ, hija l-impriża kkonċernata li tkun tixtieq tibbenefika minn tali programm li għandha tieħu l-passi neċessarji sabiex l-eventwali eżerċizzju min-naħa tal-Kummissjoni tal-kompetenza tagħha skont ir-Regolament Nru 1/2003 jkollu impatt minimu, jew saħansitra ebda impatt, fuq il-benefiċċji li din tal-aħħar tista' tippretendi fuq il-bażi tal-klemenza.

Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni kkawżata mill-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata ma kinitx teċċedi l-effetti proprji ta' att ta' proċedura li jaffettwa esklużivament is-sitwazzjoni proċedurali u mhux is-sitwazzjoni legali tal-impriża suġġetta għall-investigazzjoni. Din l-evalwazzjoni dwar in-natura purament proċedurali ta' dawn l-effetti hija valida mhux biss fir-rigward tal-interruzzjoni tal-preskrizzjoni prevista fl-Artikolu 25 tar-Regolament Nru 1/2003, iżda wkoll fir-rigward tal-interruzzjoni tal-preskrizzjoni tas-setgħat tal-awtoritajiet nazzjonali li jimponu sanzjonijiet previsti, jekk ikun il-każ, mid-dritt nazzjonali.

Fil-kawża li wasslet għad-digriet tas-6 ta' Mejju 2019, ***ABLV Bank vs BĊE*** (T-281/18, taħt appell [16], EU:T:2019:296), il-Qorti Ġenerali ġiet adita b'rikors għal annullament ta' deċiżjonijiet tal-BĊE li kienu jiddikjaraw li r-rikorrenti u s-sussidjarja tagħha, ABLV Bank Luxembourg SA, kienu f'sitwazzjoni ta' falliment li kien qed iseħħ jew li x'aktarx kien ser iseħħ, fis-sens tal-Artikolu 18(1) tar-Regolament Nru 806/2014 [17]. Fil-kuntest ta' din il-

16| Kawża C-551/19 P, ***ABLV Bank vs BĊE.***

17| Regolament (UE) Nru 806/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2014 li jistabbilixxi regoli uniformi u proċedura uniformi għar-riżoluzzjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u ċerti ditti tal-investiment fil-qafas ta' Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni u Fond Uniku għar-Riżoluzzjoni u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1093/2010 (ĠU 2014, L 225, p. 1).

proċedura, il-BĊE qajjem żewġ eċċezzjonijiet ta' inammissibbiltà. Fil-kuntest tal-ewwel eċċezzjoni ta' inammissibbiltà, il-BĊE sostna, essenzjalment, li evalwazzjoni tal-falliment li kien qed iseħħ jew li x'aktarx kien ser iseħħ kienet tikkostitwixxi miżura preparatorja mingħajr effett obbligatorju u li l-imsemmi regolament ma kienx jipprevedi l-possibbiltà li jiġi ppreżentat rikors għal annullament kontra evalwazzjoni tal-falliment li kien qed iseħħ jew li x'aktarx kien ser iseħħ. Barra minn hekk, huwa qies li l-Artikolu 86(2) tal-imsemmi regolament kien jistabbilixxi espressament li d-deċiżjonijiet tal-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni (il-Bord) setgħu jkunu s-suġġett ta' tali rikors. Fil-kuntest tat-tieni eċċezzjoni ta' inammissibbiltà, il-BĊE sostna li r-rikorrenti ma kinitx direttament ikkonċernata mill-evalwazzjonijiet tal-falliment li kien qed iseħħ jew li x'aktarx kien ser iseħħ, peress li, minn naħa, tali evalwazzjonijiet ma pproduċewx direttament effetti fuq is-sitwazzjoni legali tagħha u, min-naħa l-oħra, huma ħallew diskrezzjoni wiesgħa lill-awtoritajiet responsabbli għall-implimentazzjoni tagħhom.

Fir-rigward tal-ewwel eċċezzjoni ta' inammissibbiltà, il-Qorti Ġenerali fakkret, qabelxejn, il-ġurisprudenza stabbilita tagħha li fuq il-bażi tagħha jistgħu jiġu kkontestati biss, minn persuna fiżika jew ġuridika, l-atti li jipproduċu effetti legali vinkolanti ta' natura li jaffettwaw l-interessi tar-rikorrent, billi jbiddlu b'mod sostanzjali s-sitwazzjoni ġuridika tiegħu. Barra minn hekk, fir-rigward ta' atti li t-tfassil tagħhom isir f'diversi fażijiet ta' proċedura interna, jikkostitwixxu biss, bħala prinċipju, atti li jistgħu jiġu kkontestati, dawk il-miżuri li jistabbilixxu b'mod definittiv il-pożizzjoni tal-istituzzjoni fi tmiem il-proċedura, bl-esklużjoni tal-miżuri intermedji li l-għan tagħhom ikun li jippreparaw id-deċiżjoni finali u li l-illegalità tagħhom tista' titqajjem b'mod utli fil-kuntest ta' rikors ippreżentat kontriha. Min-naħa l-oħra, att intermedju ma jistax jiġi kkontestat jekk jiġi stabbilit li l-illegalità ta' dan l-att tkun tista' tiġi invokata insostenn ta' rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni finali li tagħha jikkostitwixxi att ta' tfassil. F'tali ċirkustanzi, ir-rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni li ttemm il-proċedura jiżgura protezzjoni ġudizzjarja suffiċjenti.

Sussegwentement, il-Qorti Ġenerali enfasizzat li l-atti kkontestati kienu jinkludu evalwazzjoni ta' falliment li kien qed iseħħ jew li x'aktarx kien ser iseħħ maħruġa mill-BĊE u li dan tal-aħħar ma kellu ebda setgħa deċiżjonali fil-qafas previst għall-adozzjoni ta' skema ta' riżoluzzjoni. Fil-fatt, skont il-premessa 26 tar-Regolament Nru 806/2014, għalkemm il-BĊE u l-Bord għandhom ikunu f'pożizzjoni li jevalwaw jekk istituzzjoni ta' kreditu tkunx qed tfalli jew x'aktarx tkun ser tfalli, huwa biss il-Bord li għandu jevalwa l-kundizzjonijiet meħtieġa għal riżoluzzjoni u jadotta skema ta' riżoluzzjoni jekk iqis li l-kundizzjonijiet kollha jkunu ssodisfatti. Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali qieset li mill-Artikolu 18(1) tal-imsemmi regolament jirriżulta b'mod espliċitu li huwa l-Bord li għandu jqis jekk it-tliet kundizzjonijiet previsti minn din id-dispożizzjoni humiex issodisfatti. Ċertament, il-BĊE għandu l-kompetenza li jikkomunika evalwazzjoni dwar l-ewwel kundizzjoni, jiġifieri l-falliment li jkun qed iseħħ jew li x'aktarx ikun ser iseħħ, imma din hija biss sempliċi evalwazzjoni, li bl-ebda mod ma torbot lill-Bord.

Fl-aħħar nett, skont il-Qorti Ġenerali, l-atti kkontestati kellhom jitqiesu li kienu miżuri preparatorji fil-proċedura intiża li tippermetti lill-Bord jieħu deċiżjoni dwar ir-riżoluzzjoni tal-banek inkwistjoni u għaldaqstant ma setgħux ikunu s-suġġett ta' rikors għal annullament. Huma ma kinux ibiddlu s-sitwazzjoni ġuridika tar-rikorrenti. Fil-fatt, dawn kienu jipprovdu evalwazzjoni tal-fatti mill-BĊE dwar il-kwistjoni ta' jekk ir-rikorrenti u s-sussidjarja tagħha kinux qed ifallu jew x'aktarx kienu ser ifallu, li bl-ebda mod ma kienet obbligatorja, iżda kienet tikkostitwixxi l-bażi għall-adozzjoni, mill-Bord, ta' skemi ta' riżoluzzjoni jew ta' deċiżjonijiet li jistabbilixxu li riżoluzzjoni ma tkunx fl-interess pubbliku. Għalhekk, l-atti kkontestati ma kinux atti li jistgħu jiġu kkontestati fis-sens tal-Artikolu 263 TFUE, b'tali mod li l-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors fl-intier tiegħu bħala inammissibbli, mingħajr ma qieset li kien neċessarju li tesprimi ruħha dwar it-tieni eċċezzjoni ta' inammissibbiltà invokata mill-BĊE.

Fid-digriet ***RATP vs Il-Kummissjoni*** (T-422/18, EU:T:2019:339), il-Qorti Ġenerali ċaħdet bħala inammissibbli r-rikors għall-annullament ta' deċiżjoni inizjali tal-Kummissjoni li tagħti aċċess għal dokumenti minħabba l-irtirar u s-sostituzzjoni tad-deċiżjoni kkontestata qabel il-preżentata tar-rikors.

Fil-5 ta' Marzu 2018, id-Direttorat Ġenerali "Mobbiltà u Trasport" tal-Kummissjoni ta aċċess parzjali lill-awtur ta' talba inizjali għal aċċess għal ittri tal-Kap Eżekuttiv tar-Régie autonome des transports parisiens (RATP) indirizzati lill-Kummissjoni. Wara talba konfermatorja ta' aċċess, is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni adotta, fis-7 ta' Ġunju 2018, deċiżjoni li fiha huwa rrifjuta kull żvelar tad-dokumenti kontenzjużi.

Peress li r-RATP saret taf bit-talba inizjali ta' aċċess kif ukoll bil-komunikazzjoni ta' verżjoni editjata tad-dokumenti kontenzjużi lill-applikant għall-aċċess, hija ressqet, fis-6 ta' Lulju 2018, rikors għall-annullament tad-deċiżjoni inizjali li jingħata aċċess parzjali għall-imsemmija dokumenti.

Il-Qorti Ġenerali qieset li, peress li d-deċiżjoni kkontestata kienet tikkostitwixxi biss l-ewwel teħid ta' pożizzjoni tal-Kummissjoni li ġiet issostitwita b'mod sħiħ bid-deċiżjoni tas-7 ta' Ġunju 2018, hija din tal-aħħar li għalqet il-proċedura u għalhekk kellha n-natura ta' deċiżjoni. Għaldaqstant, fil-mument tal-preżentata tar-rikors, id-deċiżjoni tas-7 ta' Ġunju 2018 kienet diġà ssostitwixxiet id-deċiżjoni kkontestata u kienet neħħietha mill-ordinament ġuridiku tal-Unjoni, b'tali mod li ma kinitx tipproduċi iktar effett. Konsegwentement, ir-rikors kien mingħajr skop fid-data li fih ġie ppreżentat u kellu jiġi ddikjarat inammissibbli.

Barra minn hekk, ir-rikorrenti ma kellhiex interess ġuridiku peress li l-annullament tad-deċiżjoni kkontestata ma ħassarx l-effetti tal-iżvelar tad-dokumenti inkwistjoni.

Id-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali li tiċħad bħala inammissibbli r-rikors għal annullament tad-deċiżjoni kkontestata, minħabba nuqqas ta' skop, ma affettwax madankollu l-possibbiltà għar-rikorrenti li tippreżenta rikors għad-danni.

## 2. *Locus standi*

Fid-digriet ***Associazione GranoSalus vs Il-Kummissjoni*** (T-125/18, taħt appell [18], EU:T:2019:92), mogħti fl-14 ta' Frar 2019, il-Qorti Ġenerali ċaħdet talba għall-annullament tar-Regolament ta' Implimentazzjoni 2017/2324 [19].

Din il-kawża oriġinat mit-tiġdid mill-Kummissjoni Ewropea tal-approvazzjoni tal-glifosat, sustanza attiva użata, b'mod partikolari, bħala erbiċida. Ir-rikorrenti, assoċjazzjoni magħmula minn produtturi tal-qamħ, minn konsumaturi u mill-assoċjazzjonijiet ta' protezzjoni tagħhom, talbet lill-Qorti Ġenerali tannulla r-Regolament ta' Implimentazzjoni 2017/2324 u tordna miżura istruttorja intiża għall-produzzjoni ta' siltiet mir-rapport tal-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA), fejn jiġu eżaminati mill-ġdid l-istudji dwar l-effetti potenzjali tal-glifosat fuq is-saħħa tal-bniedem, sabiex dawn jiġu pparagunati ma' dokumenti oħra dwar is-suġġett inkwistjoni.

18| Kawża C-313/19 P, ***Associazione GranoSalus vs Il-Kummissjoni.***

19| Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2324 tat-12 ta' Diċembru 2017 li jġedded l-approvazzjoni tas-sustanza attiva glifosat skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jemenda l-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 (ĠU 2017, L 333, p. 10).

Fir-rigward, l-ewwel nett, tal-kwistjoni tal-eżistenza ta' interess proprju li tista' ssostni r-rikorrenti, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li, peress li ma indikatx li kellha rwol fit-tfassil tar-Regolament ta' Implimentazzjoni 2017/2324 jew li kellha drittijiet speċifiċi fil-kuntest tal-proċedura li wasslet għall-adozzjoni ta' dan l-att, ir-rikorrenti ma kellhiex tali interess li kien jippermettilha tippreżenta, f'isimha, rikors għal annullament quddiem il-Qorti Ġenerali.

It-tieni nett, fir-rigward tal-*locus standi* tal-membri tar-rikorrenti, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li, f'dan il-każ, il-membri tar-rikorrenti ma setgħux jitqiesu li kienu d-destinatarji tar-Regolament ta' Implimentazzjoni 2017/2324, peress li f'dan l-att huma ma ġewx identifikati bħala d-destinatarji tiegħu. Il-Qorti Ġenerali qieset, f'dak li jirrigwarda l-inċidenza individwali allegata minn ċerti membri tar-rikorrenti fir-rigward ta' dan l-att, fil-kwalità ġenerali tagħhom ta' konsumaturi u ta' ċittadini tal-Unjoni, li l-imsemmi att kien jolqot il-membri tar-rikorrenti minħabba l-kwalità oġġettiva tagħhom ta' konsumaturi, ta' ċittadini tal-Unjoni jew ta' produtturi tal-qamħ bl-istess mod bħal kull konsumatur ieħor, ċittadin tal-Unjoni jew produttur tal-qamħ li kien jinsab, attwalment, jew potenzjalment, f'sitwazzjoni identika. Fir-rigward tal-klassifikazzjoni tar-Regolament ta' Implimentazzjoni 2017/2324 bħala att leġiżlattiv li ma kienx jinvolvi miżuri ta' implimentazzjoni, il-Qorti Ġenerali rrilevat li l-evalwazzjoni tal-glifosat kienet saret f'żewġ stadji. Fl-ewwel lok, is-sustanza kienet suġġetta għall-approvazzjoni tal-Kummissjoni. Fit-tieni lok, kull Stat Membru awtorizza t-tqegħid fis-suq ta' prodotti li kien fihom din is-sustanza. Dan jgħodd ukoll għat-tiġdid tal-approvazzjoni tas-sustanza. Minn din il-proċedura rriżulta li l-effetti tar-Regolament ta' Implimentazzjoni 2017/2324 ntlaħqu permezz tat-tiġdid tal-awtorizzazzjonijiet ta' tqegħid fis-suq li oriġinaw mill-awtoritajiet nazzjonali, li kienu jikkostitwixxu, għaldaqstant, miżuri ta' implimentazzjoni.

Fis-sentenza ***Air France vs Il-Kummissjoni*** (T-894/16, EU:T:2019:508), mogħtija fil-11 ta' Lulju 2019, il-Qorti Ġenerali ċaħdet bħala inammissibbli r-rikors għal annullament ippreżentat mill-kumpannija tal-ajru Air France kontra deċiżjoni fil-qasam tal-għajnuna mill-Istat adottata mill-Kummissjoni fir-rigward ta' ċerti miżuri implimentati minn awtoritajiet Franċiżi favur l-ajruport ta' Marseille Provence u kumpanniji tal-ajru li jużaw dan l-ajruport [20].

L-ajruport ta' Marseille Provence huwa wieħed mill-ikbar ajruporti ta' Franza. Fl-2004, bil-għan li jsaħħaħ it-traffiku tiegħu u jorjenta l-iżvilupp tiegħu lejn destinazzjonijiet Ewropej, l-operatur ta' dan l-ajruport iddeċieda li jibni, ma' ġenb it-terminal ewlieni, terminal ġdid intiż għat-titjiriet bi "prezz baxx". Sabiex jiffinanzja l-kostruzzjoni ta' dan it-terminal il-ġdid, l-operatur, b'mod partikolari, irċieva sussidju għall-investiment mill-Istat Franċiż. Barra minn hekk, għat-terminal il-ġdid, ġew stabbiliti regoli speċifiċi li jipprevedu tariffi mnaqqsa għal kull passiġġier. Fl-aħħar nett, ġie konkluż kuntratt ta' xiri ta' spazju għar-reklamar għal perijodu ta' ħames snin li seta' jiġġedded intiż li jiżgura reklamar tad-destinazzjoni ta' Marseille sabiex jinġibed numru kbir ta' passiġġieri.

Wara li eżaminat il-miżuri differenti tiegħu fid-dawl tad-dritt tal-għajnuna mill-Istat, il-Kummissjoni qieset li l-ajruport ta' Marseille Provence kien ibbenefika minn għajnuna għall-investiment li kienet kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikolu 107(3)(c) TFUE. Fir-rigward tat-tariffi mnaqqsa applikabbli għat-terminal il-ġdid irriżervat għat-titjiriet bi "prezz baxx" u tal-kuntratt ta' xiri ta' spazju għar-reklamar, il-Kummissjoni, għall-kuntrarju, ikkonkludiet li ma kienx hemm għajnuna fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE. Din id-deċiżjoni tal-Kummissjoni kienet is-suġġett ta' rikors għal annullament ippreżentat minn Air France, li lmentat, b'mod partikolari, mill-fatt li l-kumpanniji tal-ajru bi "prezz baxx", bħal Ryanair, kisbu vantaġġ kompetittiv mill-użu tat-terminal il-ġdid irriżervat għal dan it-tip ta' titjiriet.

20| Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1698 tal-20 ta' Frar 2014 dwar il-miżuri SA.22932 (11/C) (ex NN 37/07) implimentati minn Franza favur l-ajruport ta' Marseille Provence u favur il-kumpaniji tal-ajru li jagħmlu użu minn dan l-ajruport (ĠU 2016, L 260, p. 1).

Madankollu, il-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors ta' Air France bħala inammissibbli, minħabba li din tal-aħħar ma kellhiex *locus standi* skont ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE.

F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali qabelxejn enfasizzat li, skont l-imsemmija dispożizzjoni, rikorrent, bħal Air France, kellu jissodisfa l-kundizzjoni doppja li jkun direttament u individwalment ikkonċernat mid-deċiżjoni kkontestata. Skont ġurisprudenza stabbilita, l-interess individwali ta' Air France seta', barra minn hekk, jiġi affermat biss jekk din tal-aħħar kienet tinsab f'relazzjoni ta' kompetizzjoni mal-benefiċjarju tal-miżuri ta' għajnuna li kienu s-suġġett tad-deċiżjoni kkontestata quddiem il-Qorti Ġenerali u jekk il-pożizzjoni tagħha fis-suq kienet ġiet affettwata b'mod sostanzjali minn dawn il-miżuri.

Fid-dawl ta' dawn il-prinċipji tagħha, il-Qorti Ġenerali sussegwentement irrilevat li s-sussidju għall-investiment allokat sabiex tiġi ffinanzjata l-kostruzzjoni tat-terminal il-ġdid fl-ajruport ta' Marseille Provence kien ingħata biss lill-operatur ta' dan l-ajruport, li kien l-uniku benefiċjarju tiegħu. Fin-nuqqas ta' relazzjoni ta' kompetizzjoni bejn l-imsemmi operatur u Air France, din tal-aħħar ma kinitx, konsegwentement, individwalment ikkonċernata mid-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tiddikjara dan is-sussidju kompatibbli mas-suq intern.

Fir-rigward tat-tariffi mnaqqsa applikabbli għat-terminal il-ġdid għat-titjiriet bi "prezz baxx" u tal-kuntratt ta' xiri ta' spazju għar-reklamar, il-Qorti Ġenerali, fl-aħħar nett, speċifikat li s-suq rilevanti li fih kellu jiġi eżaminat l-effett ta' dawn il-miżuri kien ikkostitwit mir-rotot kollha operati minn u lejn dan l-ajruport, irrispettivament mit-terminal użat. Għalhekk, kienet Air France li kellha turi, bħala rikorrent, li l-pożizzjoni kompetittiva tagħha f'dan is-suq kienet ġiet sostanzjalment affettwata mit-tariffi mnaqqsa u mill-kuntratt ta' xiri ta' spazju għar-reklamar. Issa, anki jekk kellu jitqies li, fid-dawl tal-kompetizzjoni tagħha ma' Ryanair, l-imsemmija miżuri kienu affettwaw direttament il-pożizzjoni kompetittiva tagħha fis-suq rilevanti, ir-rikorrenti ma pproduċietx provi li kienu jippermettu li jiġi konkluż li tali inċidenza kienet sostanzjali. Għaldaqstant, ir-rikors tagħha kellu jiġi miċħud bħala inammissibbli fit-totalità tiegħu.

Fis-sentenza Il-***Venezwela vs Il-Kunsill*** (T-65/18, taħt appell [21], EU:T:2019:649), mogħtija fl-20 ta' Settembru 2019, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li r-rikors għal annullament ippreżentat mir-Repubblika Bolivarjana tal-Venezwela (iktar 'il quddiem il-"Venezwela") kontra tliet atti tal-Kunsill li jistabbilixxu, skont il-politika estera u ta' sigurtà komuni (PESK), miżuri restrittivi minħabba s-sitwazzjoni fil-Venezwela [22], kien inammissibbli.

Wara li fakkret li r-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE jipprevedi, b'mod partikolari, li persuna fiżika jew ġuridika għandha tkun direttament ikkonċernata mid-deċiżjoni li tkun is-suġġett tar-rikors għal annullament sabiex dan tal-aħħar ikun ammissibbli, il-Qorti Ġenerali rrilevat li d-dispożizzjonijiet tal-atti kkontestati msemmija f'dan il-każ (iktar 'il quddiem id-"dispożizzjonijiet ikkontestati") kienu jinkludu projbizzjoni ta' bejgħ jew ta' provvista lil kull persuna fiżika jew ġuridika, lil kull entità jew lil kull organu fil-Venezwela ta' ċerti armi, tagħmir u teknoloġija, kif ukoll projbizzjoni li dawn l-istess persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew organi fil-Venezwela jiġu pprovduti b'ċerti servizzi. Il-Qorti Ġenerali osservat, f'dan ir-rigward, li l-applikazzjoni tal-projbizzjonijiet imsemmija iktar 'il fuq kienet limitata għat-territorju tal-Unjoni, għall-persuni fiżiċi ċittadini ta' Stat Membru u għall-persuni ġuridiċi kkostitwiti skont id-dritt ta' wieħed minnhom kif ukoll għall-persuni ġuridiċi, entitajiet u organi fir-rigward ta' kull tranżazzjoni kummerċjali mwettqa kompletament jew parzjalment fl-Unjoni. Fl-aħħar nett, il-Qorti Ġenerali nnotat li l-Venezwela ma kinitx, bħala Stat, espliċitament u speċifikament imsemmija fid-dispożizzjonijiet ikkontestati.

21| Kawża C-872/19 P, ***Il-Venezwela vs Il-Kunsill.***

22| F'dan il-każ, intalab l-annullament tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/2063 tat-13 ta' Novembru 2017 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Venezwela (ĠU 2017, L 295, p. 21), tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1653 tas-6 ta' Novembru 2018 li jimplimenta r-Regolament 2017/2063 (ĠU 2018, L 276, p. 1), u tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/1656 tas-6 ta' Novembru 2018 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2017/2074 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Venezwela (ĠU 2018, L 276, p. 10).

Il-Qorti Ġenerali qieset, barra minn hekk, li l-Venezwela ma setgħetx tiġi assimilata ma' operatur li abitwalment jeżerċita attività ekonomika. Bħala Stat, il-Venezwela fil-fatt teżerċita prerogattivi ta' awtorità pubblika, b'mod partikolari fil-kuntest ta' attivitajiet sovrani bħalma huma l-missjonijiet ta' difiża, ta' pulizija u ta' monitoraġġ.

Barra minn hekk, kuntrarjament għal operatur li l-kapaċità tiegħu hija limitata mill-għan tiegħu, fil-kwalità tagħha ta' Stat, il-Venezwela għandha kamp ta' azzjoni li huwa kkaratterizzat minn diversità estrema. Din il-firxa wiesgħa ħafna ta' kompetenzi tiddistingwiha minn operatur li normalment jeżerċita attività ekonomika partikolari. Il-Qorti Ġenerali osservat, f'dan ir-rigward, li l-informazzjoni prodotta quddiemha mill-Venezwela, kif stabbilita mill-Eurostat, li tirrigwarda l-valur totali tat-tranżazzjonijiet kummerċjali li jikkonċernaw l-oġġetti koperti mid-dispożizzjonijiet ikkontestati, ma kinitx ta' natura li turi li, billi xtrat il-prodotti u s-servizzi inkwistjoni, il-Venezwela aġixxiet bħala entità li tixbah lil operatur ekonomiku attiv fis-swieq inkwistjoni u mhux fl-ambitu tal-attivitajiet sovrani tagħha. Il-fatt li d-dispożizzjonijiet ikkontestati kienu jipprojbixxu lill-operaturi stabbiliti fl-Unjoni milli jkollhom relazzjonijiet ekonomiċi u finanzjarji ma' kull persuna fiżika jew ġuridika, kull entità jew kull organu fil-Venezwela ma setax iwassal għall-konklużjoni li dawn id-dispożizzjonijiet kienu jikkonċernaw direttament lill-Venezwela, fis-sens tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE. Barra minn hekk, peress li d-dispożizzjonijiet ikkontestati ma kinux jipprekludu direttament lill-Venezwela milli tixtri u timporta t-tagħmir u s-servizzi koperti minnhom u ma kinux jaffettwaw il-kapaċità tagħha li teżerċita d-drittijiet sovrani tagħha fuq l-ispazji u l-beni suġġetti għall-ġurisdizzjoni tagħha, il-Qorti Ġenerali qieset li xejn ma kien jippermetti li jitqies li l-intenzjoni tal-Kunsill kienet li titnaqqas il-kapaċità legali tal-Venezwela, b'tali mod li l-imsemmija dispożizzjonijiet ma setgħux jitqiesu li kienu qed jaffettwaw direttament is-sitwazzjoni legali tar-rikorrenti.

Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-argument tal-Venezwela li, fl-assenza ta' *locus standi*, u fl-assenza ta' miżuri nazzjonali ta' implimentazzjoni, hija ma setgħetx tadixxi lill-qrati tal-Istati Membri u kienet imċaħħda minn kull protezzjoni ġudizzjarja, il-Qorti Ġenerali fakkret li għalkemm il-kundizzjonijiet ta' ammissibbiltà previsti fir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE għandhom ċertament jiġu interpretati fid-dawl tad-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva, dan id-dritt ma jistax madankollu jwassal sabiex jiġu skartati dawn il-kundizzjonijiet, li huma espressament previsti mit-Trattat FUE.

Fid-dawl ta' dak li ntqal iktar 'il fuq, il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li r-rikors huwa kollu kemm hu bħala inammissibbli sa fejn kien dirett kontra l-atti kkontestati.

## 3. Terminu għall-preżentata ta' rikors

Fil-kawża li wasslet għad-digriet ***Ir-Rumanija vs Il-Kummissjoni*** (T-530/18, taħt appell [23], EU:T:2019:269), mogħti fit-30 ta' April 2019, il-Qorti Ġenerali kienet ġiet adita b'rikors ippreżentat mir-Rumanija u intiż għall-annullament parzjali ta' deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni, li kienet teskludi mill-finanzjament tal-Unjoni Ewropea ċertu nfiq imġarrab mill-Istati Membri, fuq il-bażi ta' fondi Ewropej agrikoli [24]. Permezz ta' din id-deċiżjoni, il-Kummissjoni applikat, b'mod partikolari, korrezzjoni finanzjarja ta' iktar minn EUR 90 miljun. Din il-kawża ppermettiet lill-Qorti Ġenerali tagħmel xi preċiżazzjonijiet dwar il-bidu tad-dekorrenza tat-terminu għall-preżentata ta' rikors għal annullament kontra att ta' portata individwali, bħal deċiżjoni meħuda skont it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 297(2) TFUE, meta dan l-att ikun ġie mgħarraf lid-destinatarju

**23|** Kawża C-498/19 P, ***Ir-Rumanija vs Il-Kummissjoni.***

**24|** Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/873 tat-13 ta' Ġunju 2018 li teskludi mill-finanzjament tal-Unjoni Ewropea nefqa partikolari li ġarrbu l-Istati Membri fil-kuntest tal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (il-FAEG) u fil-kuntest tal-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (il-FAEŻR) (ĠU 2018, L 152, p. 29).

tiegħu b'żewġ modi differenti. Fil-fatt, f'dan il-każ, id-deċiżjoni kkontestata kienet ġiet ikkomunikata kemm lir-rappreżentanza permanenti tar-Rumanija għall-Unjoni Ewropea fl-14 ta' Ġunju 2018, kif ukoll ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* fil-15 ta' Ġunju 2018.

Qabelxejn, il-Qorti Ġenerali fakkret li, skont is-sitt paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE, ir-rikors għal annullament għandu jiġi ppreżentat f'terminu ta' xahrejn dekorribbli, skont il-każ, mill-pubblikazzjoni tal-att ikkontestat, mill-komunikazzjoni tiegħu lir-rikorrent jew, fin-nuqqas ta' dan, mill-jum li fih dan ikun sar jaf bih. Barra minn hekk, minn naħa, skont l-Artikolu 60 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, it-termini tal-proċedura għandhom jiżdiedu darba b'terminu ta' għaxart ijiem għal raġuni ta' distanza u, min-naħa l-oħra, skont l-Artikolu 59 ta' dawn ir-regoli, meta terminu għall-preżentata ta' rikors kontra att ta' istituzzjoni jibda jiddekorri mill-pubblikazzjoni ta' dan l-att fil-Ġurnal Uffiċjali, it-terminu għandu jibda jiddekorri mill-erbatax-il jum ta' wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni.

Sussegwentement, il-Qorti Ġenerali indikat li d-data li kellha tittieħed inkunsiderazzjoni, sabiex jiġi ddeterminat il-punt tat-tluq tat-terminu għall-preżentata ta' rikors għal annullament, kienet dik tal-pubblikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali, meta din il-pubblikazzjoni, li tikkundizzjona d-dħul fis-seħħ tal-att, tkun prevista mit-Trattat FUE, u dik tal-komunikazzjoni fil-każijiet l-oħra msemmija fit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 297(2) TFUE, fosthom dik tad-deċiżjonijiet li jindikaw id-destinatarju tagħhom. B'hekk, fir-rigward ta' att li jindika d-destinatarji tiegħu, huwa biss it-test ikkomunikat lil dawn tal-aħħar li jkun awtentiku, minkejja li dan l-att ikun ġie ppubblikat ukoll fil-Ġurnal Uffiċjali. F'dan il-każ, sa fejn id-deċiżjoni kkontestata kienet tirreferi espliċitament għar-Rumanija bħala destinatarju, din daħlet fis-seħħ, fir-rigward tagħha, permezz tal-komunikazzjoni tagħha. Barra minn hekk, it-terminu għall-preżentata ta' rikors beda jiddekorri minn din il-komunikazzjoni u, peress li l-Artikolu 59 tar-Regoli tal-Proċedura ma setax ikun applikabbli, dan it-terminu skada, inkluż it-terminu għal raġuni ta' distanza, fl-24 ta' Awwissu 2018. Għaldaqstant, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li r-rikors ippreżentat mir-Rumanija fis-7 ta' Settembru 2018 kien tardiv u kellu jiġi miċħud bħala inammissibbli.

Fl-aħħar nett, il-Qorti Ġenerali enfasizzat li din il-konklużjoni ma setgħetx tiġi invalidata mill-argumenti tar-rikorrenti.

F'dan ir-rigward, l-ewwel nett, ir-Rumanija allegat li, fl-assenza ta' korrelazzjoni awtomatika bejn il-bidu tad-dekorrenza tat-terminu għall-preżentata ta' rikors għal annullament kontra att ta' istituzzjoni u l-mument tad-dħul fis-seħħ jew tal-produzzjoni ta' effetti legali ta' dan l-att, f'dan il-każ, id-data tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni kkontestata fil-Ġurnal Uffiċjali setgħet titqies li kienet il-bidu tad-dekorrenza ta' dan it-terminu, anki jekk din id-deċiżjoni kienet diġà pproduċiet effetti fir-rigward tagħha, minħabba l-komunikazzjoni preċedenti tagħha. Il-Qorti Ġenerali qieset, b'mod partikolari, li dan l-argument kien ibbażat fuq konfużjoni bejn il-kundizzjonijiet ta' ammissibbiltà ta' rikors għal annullament, imsemmija fl-Artikolu 263 TFUE u dawk relatati mal-validità tal-att ikkontestat permezz ta' tali rikors.

It-tieni nett, ir-Rumanija invokat l-eżistenza ta' prassi stabbilita adottata għal żmien twil mill-Kummissjoni, li kienet tikkonsisti fil-pubblikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali tad-deċiżjonijiet, bħal dawk inkwistjoni f'din il-kawża, filwaqt li jiġu kkomunikati lid-destinatarji tagħhom. Hija sostniet li, f'din is-sitwazzjoni atipika, il-bidu tad-dekorrenza tat-terminu għall-preżentata ta' rikors kellu jkun il-pubblikazzjoni tal-imsemmija deċiżjonijiet. Il-Qorti Ġenerali indikat li, anki jekk kellu jitqies li kienet teżisti tali prassi, meta d-deċiżjoni tkun ġiet ikkomunikata preċedentement, hija din id-data li jkollha tittieħed inkunsiderazzjoni għall-finijiet tal-kalkolu tat-terminu għall-preżentata tar-rikors, u mhux il-pubblikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali li tkun seħħet sussegwentement. Barra minn hekk, l-adozzjoni tal-kriterju ta' komunikazzjoni biss għad-determinazzjoni tal-bidu tad-dekorrenza tat-terminu għall-preżentata ta' rikors għal annullament kontra l-atti li jindikaw id-destinatarji tagħhom tiggarantixxi ċ-ċertezza legali u l-protezzjoni ġudizzjarja effettiva, għall-kuntrarju ta' soluzzjoni ibrida li biha d-destinatarju ta' att li jkun debitament irċieva l-komunikazzjoni jkollu xorta waħda jistaqsi dwar il-pubblikazzjoni eventwali u inċerta tagħha, peress li mhux obbligatorja, fil-Ġurnal Uffiċjali.

It-tielet nett, fir-rigward tal-argument li kien hemm differenzi bejn it-test ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali u dak ikkomunikat, li ma kienx komplet, il-Qorti Ġenerali fakkret li l-komunikazzjoni hija l-operazzjoni li permezz tagħha l-awtur ta' att ta' portata individwali jikkomunika dan l-att lid-destinatarji tiegħu u b'hekk ipoġġihom f'pożizzjoni li jieħdu konjizzjoni tal-kontenut tiegħu kif ukoll tar-raġunijiet li fuqhom ikun ibbażat. Issa, min-natura minuri tagħhom, l-imsemmija differenzi ma setgħux jipprekludu lir-Rumanija milli tieħu konjizzjoni tal-kontenut tad-deċiżjoni kkontestata b'ċarezza u bi preċiżjoni suffiċjenti, kif ukoll li tifhem ir-raġunijiet li fuqhom kienet ibbażata. Għaldaqstant, dawn ma kellhomx effett fuq l-applikazzjoni tat-terminu għall-preżentata ta' rikors għal annullament.

## 4. Għajnuna legali

Fid-digriet ***OP vs Il-Kummissjoni*** (T-630/18 AJ, EU:T:2019:365), mogħti fit-23 ta' Mejju 2019, il-Qorti Ġenerali ċaħdet talba għal għajnuna legali, imressqa taħt l-Artikolu 147 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, minħabba l-insuffiċjenza tal-informazzjoni u tad-dokumenti ta' sostenn li kienu jippermettu li tiġi evalwata s-sitwazzjoni ekonomika tal-persuna li ressqet it-talba.

Fir-rigward tal-eżami tas-sitwazzjoni ekonomika tal-parti li tkun ressqet it-talba, kif jirriżulta mill-Artikolu 147(3) tar-Regoli tal-Proċedura, l-informazzjoni u d-dokumenti ta' sostenn ippreżentati flimkien mat-talba għal għajnuna legali għandhom jippermettu li jiġi evalwat jekk, fid-dawl tal-imsemmija sitwazzjoni, il-persuna li tressaq it-talba tkunx tista' tħallas, kompletament jew parzjalment, l-ispejjeż marbuta mal-assistenza u mar-rappreżentanza legali quddiem il-Qorti Ġenerali. Skont il-Qorti Ġenerali, tali evalwazzjoni teħtieġ, neċessarjament, li l-persuna li tressaq it-talba tipproduċi informazzjoni u dokumenti attwali u suffiċjentement qrib tad-data li fiha titressaq it-talba, sabiex jiġu evalwati b'mod oġġettiv il-kapaċitajiet finanzjarji tal-persuna li tressaq it-talba li tagħmel tajjeb għall-imsemmija spejjeż.

F'dan il-każ, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li, konformement mal-istruzzjonijiet li jinsabu fil-formola tat-talba għal għajnuna legali, il-parti li ressqet it-talba kellha tipproduċi informazzjoni dwar ir-riżorsi tagħha fl-2017, kif ukoll fl-2018.

F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali qieset, l-ewwel nett, li d-dokumenti ppreżentati fil-kuntest ta' talba għal għajnuna legali preċedenti, marbuta mas-sena 2016, ma setgħux jittieħdu inkunsiderazzjoni għall-perijodu rilevanti. Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali kklassifikat bħala ta' natura lakonika u ambivalenti d-dikjarazzjoni tal-parti li ressqet it-talba li biha affermat li l-bżonnijiet tagħha kienu ser ikunu koperti mir-rimbors tal-ispejjeż li hija sostniet fil-kuntest ta' proċeduri kontenzjużi attwalment pendenti, sa fejn dan it-tip ta' dħul ma setax jitqies li kien ekwivalenti għal riżorsi li jistgħu jippermettu lil persuna tieħu ħsieb il-bżonnijiet ta' kuljum tagħha. Il-Qorti Ġenerali osservat li l-parti li ressqet it-talba ma ddikjaratx, fit-talba tagħha, l-attività professjonali li jidher li kienet teżerċita matul il-perijodu rilevanti. Fl-assenza ta' kwalunkwe spjegazzjoni, kienet il-parti li ressqet it-talba li kellha tispeċifika l-kundizzjonijiet materjali u finanzjarji li fihom hija eżerċitat din l-attività u kellha tipproduċi informazzjoni u provi li kienu jippermettu l-evalwazzjoni tar-riżorsi attwali tagħha.

F'dan il-kuntest, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li ma kienx possibbli li jiġu identifikati liema riżorsi ppermettew lill-persuna li ressqet it-talba, matul il-perijodu rilevanti, tieħu ħsieb il-bżonnijiet tagħha. Fid-dawl ta' dawn l-elementi, il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li l-persuna li ressqet it-talba ma stabbilixxietx, b'mod suffiċjenti taħt il-liġi, li, minħabba s-sitwazzjoni ekonomika tgħha, hija ma setgħetx tħallas, kompletament jew parzjalment, l-ispejjeż marbuta mal-assistenza u mar-rappreżentanza legali quddiem il-Qorti Ġenerali. F'dawn iċ-ċirkustanzi, peress li l-kundizzjoni prevista fl-Artikolu 146(1) tar-Regoli tal-Proċedura ma ġietx issodisfatta, il-Qorti Ġenerali ċaħdet it-talba għal għajnuna legali, mingħajr ma tat deċiżjoni dwar il-kwistjoni ta' jekk l-azzjoni ppjanata kinitx tidhir li kienet manifestament inammissibbli jew manifestament infondata fid-dritt.

Fis-sentenza ***Frank vs Il-Kummissjoni*** (T-478/16, EU:T:2019:399), mogħtija fil-11 ta' Ġunju 2019, il-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors ippreżentat minn Regine Frank intiż għall-annullament tad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni tas-17 ta' Ġunju 2016 u tas-16 ta' Settembru 2016 li ċaħdu rispettivament b'mod impliċitu u espliċitu t-talba għal sussidju tar-rikorrenti għal proġett ta' riċerka.

Wara sejħa għal proposti li kienet tagħmel parti mill-Programm Qafas Orizzont 2020 [25], Regine Frank ippreżentat talba għal sussidju quddiem l-Aġenzija Eżekuttiva tal-Kunsill Ewropew tar-Riċerka (ERCEA) għal proġett li kien jirrigwarda t-trasport tad-dawl fil-kważikristalli u l-istrutturi mhux perijodiċi. Ir-rikorrenti ppreżentat din it-talba f'isem l-università teknika ta' Kaiserslautern. Madankollu, din l-università indikat lill-ERCEA li hija ma kinitx disponibbli bħala istituzzjoni ospitanti għall-proġett sostnut mir-rikorrenti. L-università speċifikat ukoll li r-rikorrenti kienet użat mingħajr l-awtorizzazzjoni tagħha, għas-sejħa għal proposti tal-2016, ittra ta' kunsens maħruġa għas-sejħa għal proposti tal-2015. Fl-assenza ta' ittra ta' kunsens valida, it-talba għal sussidju ġiet miċħuda mill-ERCEA. Il-Kummissjoni kkonfermat din iċ-ċaħda, inizjalment, b'mod impliċitu, sussegwentement, f'deċiżjoni espliċita ta' ċaħda.

Fl-ewwel lok, il-Qorti Ġenerali kellha tagħti deċiżjoni dwar il-konsegwenzi ta' deċiżjoni ta' avukat li ma jibqax jirrappreżenta rikorrent li jibbenefika mill-għajnuna legali matul il-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali. F'dan il-każ, b'digriet tas-16 ta' Frar 2017, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li tammetti lir-rikorrenti għall-benefiċċju tal-għajnuna legali billi kkonfermat l-għażla tagħha rigward l-identità tar-rappreżentant tagħha. Madankollu, fil-5 ta' Marzu 2018, ir-rappreżentant tar-rikorrenti informa lir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali li huwa ma kienx għadu jaċċetta li jirrappreżenta lir-rikorrenti. Sussegwentement, il-Qorti Ġenerali informat lir-rikorrenti li hija kellha tagħżel avukat ieħor għall-finijiet tar-rappreżentanza tagħha waqt is-seduta għas-sottomissjonijiet orali tal-31 ta' Jannar 2019. Fil-jum tas-seduta għas-sottomissjonijiet orali, ir-rikorrenti ma kinitx segwiet dan il-parir min-naħa tal-Qorti Ġenerali. Hija għalhekk talbet, personalment, l-applikazzjoni tal-Artikolu 148(5) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, li jipprevedi l-kundizzjonijiet li fihom avukat jista' jintgħażel, fuq l-inizjattiva tar-Reġistratur tal-Qorti Ġenerali, sabiex jirrappreżenta parti quddiem il-Qorti Ġenerali.

F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali qieset li, fil-każ li l-persuna kkonċernata tkun ipproponiet hija nnifisha avukat, l-ewwel nett, l-applikazzjoni tal-Artikolu 148(5) tar-Regoli tal-Proċedura għall-finijiet tas-sostituzzjoni tal-imsemmi avukat b'ieħor teżiġi t-tressiq ta' talba ġdida għal għajnuna legali skont l-Artikolu 147(2) u (3) tar-Regoli tal-Proċedura. It-tieni nett, tali sostituzzjoni tista' ssir taħt l-Artikolu 148(5) tar-Regoli tal-Proċedura biss jekk hija ssir neċessarja minħabba ċirkustanzi oġġettivi u indipendenti mill-aġir jew mir-rieda tal-persuna kkonċernata, bħall-mewt, l-irtirar jew in-nuqqas ta' twettiq ta' obbligi professjonali jew ta' etika tal-avukat. Issa, il-fatt li avukat jirrinunzja li jirrappreżenta lil parti fit-tilwima billi jinvoka aġir ta' din tal-aħħar li għandu mnejn jillimita b'mod drastiku l-missjoni ta' rappreżentant ma jistax għaldaqstant jitqies li huwa raġuni valida sabiex tiġġustifika l-applikazzjoni tal-Artikolu 148(5) tar-Regoli tal-Proċedura.

Fit-tieni lok, il-Qorti Ġenerali ċaħdet bħala inammissibbli t-talba għal annullament tad-deċiżjoni impliċita ta' ċaħda tal-Kummissjoni. F'dan is-sens, il-Qorti Ġenerali qieset li l-assenza ta' risposta tal-Kummissjoni titqies li hija deċiżjoni impliċita ta' ċaħda tal-azzjoni amministrattiva, liema deċiżjoni tista' tkun is-suġġett ta' rikors għal annullament. Madankollu, qabel il-preżentata tar-rikors quddiem il-Qorti Ġenerali, il-Kummissjoni adottat deċiżjoni li ċaħdet b'mod espliċitu l-azzjoni amministrattiva, u b'hekk irtirat id-deċiżjoni impliċita ta' ċaħda.

Fit-tielet lok, fir-rigward tal-kundizzjonijiet għall-eliġibbiltà tat-talba għal sussidju, il-Qorti Ġenerali fakkret li, fiċ-ċirkustanzi ta' din il-kawża, ir-rikorrenti kellha, għall-finijiet tal-analiżi tat-talba tagħha għal sussidju, tippreżenta ittra ta' kunsens valida ta' università ospitanti. Fl-aħħar nett, il-Qorti Ġenerali speċifikat li l-identità tal-istituzzjoni ospitanti rriżultat li kienet hija element essenzjali fil-kuntest ta' talba għal sussidju u ma

25| Sejħiet għal proposti u attivitajiet relatati taħt il-Programm ta' Ħidma ERC 2016 taħt Orizzont 2020 – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) (ĠU 2015, C 253, p. 12).

setgħetx, inkwantu tali, tkun is-suġġett ta' sostituzzjoni jew żieda, sakemm ma kinitx tinbidel sostanzjalment din it-talba. Għalhekk, ir-rikorrenti ma setgħetx tikkritika lill-ERCEA li ma ħallithiex tfittex istituzzjoni ospitanti ġdida.

# II. Dritt istituzzjonali

Fis-sentenza ***RE vs Il-Kummissjoni*** (T-903/16, EU:T:2019:96), mogħtija fl-14 ta' Frar 2019, il-Qorti Ġenerali tat deċiżjoni dwar talba, li oriġinat minn impjegat tal-Kummissjoni, intiża għall-annullament ta' nota li tiċħad talba għal aċċess għal data personali. F'dan il-każ, ir-rikorrent kien suġġett għal investigazzjoni amministrattiva mmexxija mid-Direttorat tas-Sigurtà tal-Kummissjoni 26. Dan id-direttorat ċaħad, permezz tan-nota kkontestata, it-talba tar-rikorrent li talab, fuq il-bażi tar-Regolament Nru 45/2001 27, l-aċċess għad-data personali tiegħu. Il-Kummissjoni sostniet, b'mod partikolari, minn naħa, li din in-nota kienet tikkostitwixxi att purament konfermattiv ta' rifjut preċedenti ta' aċċess, li ma kienx ġie kkontestat mir-rikorrent fit-terminu għall-preżentata ta' rikors kontenzjuż, u, min-naħa l-oħra, li r-rikorrent ma kellux interess ġuridiku kontra l-imsemmija nota sa fejn din kienet tirrigwarda data personali li diġà kellu aċċess għaliha.

Fir-rigward tal-ammissibbiltà tat-talbiet għal annullament, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet, fl-ewwel lok, li, fil-kuntest tar-Regolament Nru 45/2001, persuna tista', f'kull mument, tippreżenta talba ġdida għal aċċess li tirrigwarda data personali li l-aċċess għaliha jkun ġie rrifjutat lilha preċedentement. Talba bħal din tobbliga lill-istituzzjoni kkonċernata teżamina jekk ir-rifjut għal aċċess preċedenti jkunx għadu ġġustifikat. Għalhekk, eżami ġdid intiż li jiġi vverifikat li rifjut ta' aċċess għal data personali adottat qabel jibqa' ġġustifikat iwassalx għall-adozzjoni ta' att li ma jkunx purament konfermattiv tal-att preċedenti, iżda jikkostitwixxi att li jista' jkun is-suġġett ta' rikors għal annullament. Fil-fatt, minn naħa, mill-Artikolu 13(c) tar-Regolament Nru 45/2001, li jippermetti lill-persuna kkonċernata taċċedi "f'kull ħin" għad-data personali tagħha, jirriżulta li din il-persuna għandha dritt ta' aċċess kontinwu u permanenti għall-imsemmija data. Min-naħa l-oħra, l-eċċezzjonijiet u l-limitazzjonijiet għal dan id-dritt ta' aċċess imsemmi fl-Artikolu 20(1) tar-Regolament Nru 45/2001 jistgħu jiġu applikati biss matul il-perijodu li fih jibqgħu neċessarji. Barra minn hekk, fil-qasam tal-ipproċessar tad-data personali, is-sitwazzjoni fattwali u legali tal-persuna kkonċernata hija, min-natura tagħha, evoluttiva, peress li s-sempliċi mogħdija taż-żmien tista' tirrendi inutli, jekk mhux illegali, ipproċessar li ma kienx hekk qabel.

Fit-tieni lok, il-Qorti Ġenerali rrilevat li ebda dispożizzjoni tar-Regolament Nru 45/2001 ma timponi fuq il-persuna kkonċernata l-obbligu li timmotiva jew tiġġustifika t-talba tagħha għal aċċess għad-data personali tagħha. Minn dan isegwi li, fil-qasam tal-aċċess għad-data personali, rikorrent jista' jinvoka l-eżistenza ta' fatti ġodda u sostanzjali li jiġġustifikaw eżami mill-ġdid minkejja li huwa jkun naqas milli jsemmihom fit-talba tiegħu. F'dan il-każ, sa fejn ir-raġunijiet li fuqhom kien ibbażat ir-rifjut preċedenti ta' aċċess kienu marbuta mal-investigazzjoni amministrattiva li tirrigwarda lir-rikorrent, il-Qorti Ġenerali qieset li l-għeluq ta' din l-investigazzjoni amministrattiva kien jikkostitwixxi fatt ġdid u sostanzjali li jiġġustifika eżami mill-ġdid tad-dritt tar-rikorrent għal aċċess għad-data personali tiegħu. Dan l-eżami kien iktar u iktar iġġustifikat peress li r-rikorrent kien ħalla jiddekorri terminu raġonevoli (iktar minn sitt xhur) qabel ma ressaq talba ġdida għal aċċess għad-data personali tiegħu.

26| Direttorat tas-Sigurtà tad-Direttorat Ġenerali tar-Riżorsi Umani u tas-Sigurtà tal-Kummissjoni.

27| Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 26, p. 102).

Fit-tielet lok, il-Qorti Ġenerali qieset li, fil-kuntest tar-Regolament Nru 45/2001, il-persuna kkonċernata kellha dritt ta' aċċess kontinwu u permanenti għad-data personali tagħha; dan id-dritt kien jippermettilha, b'mod partikolari, li tressaq talba għal aċċess, inkluż fil-każ fejn hija tkun diġà setgħet taċċedi għall-imsemmija data kollha jew parti minnha. F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-annullament tan-nota kkontestata, inkluż sa fejn din kienet tirrigwarda data personali li r-rikorrent diġà kellu aċċess għaliha, seta' jkollu konsegwenzi legali fuq dan tal-aħħar u jkun ta' benefiċċju għalih.

Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li t-talbiet għal annullament kienu ammissibbli.

Fil-kuntest tal-eżami tal-fondatezza tat-talbiet għal annullament, il-Qorti Ġenerali laqgħet il-motiv ibbażat fuq il-ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni. Fil-fatt, fir-rigward ta' rifjut ġdid li jkollu jingħata wara eżami mill-ġdid, ir-riferiment għal deċiżjonijiet preċedenti ma jistax jikkostitwixxi motivazzjoni suffiċjenti. Għaldaqstant, il-Qorti Ġenerali annullat in-nota kkontestata, sa fejn hija ċaħdet it-talba tar-rikorrent li jaċċedi għal ċerta data personali tiegħu.

Fis-sentenza ***EPSU u Goudriaan vs Il-Kummissjoni*** (T-310/18, EU:T:2019:757), mogħtija fl-24 ta' Ottubru 2019, il-Qorti Ġenerali ċaħdet rikors għal annullament dirett kontra deċiżjoni tal-Kummissjoni li tirrifjuta li tippreżenta lill-Kunsill proposta ta' deċiżjoni li timplimenta, fil-livell tal-Unjoni, ftehim iffirmat mill-imsieħba soċjali Ewropej.

F'Diċembru 2015, l-imsieħba soċjali ffirmaw ftehim intitolat "Qafas ġenerali għall-informazzjoni u l-konsultazzjoni tal-uffiċjali u [tal-]impjegati tal-amministrazzjonijiet tal-gvernijiet ċentrali" (iktar 'il quddiem il-"Ftehim"), fuq il-bażi tal-Artikolu 155(1) TFUE. Sussegwentement huma talbu b'mod konġunt lill-Kummissjoni tippreżenta proposta għall-implimentazzjoni tal-Ftehim fil-livell tal-Unjoni b'deċiżjoni tal-Kunsill adottata fuq il-bażi tal-Artikolu 155(2) TFUE. Issa, f'Marzu 2018, il-Kummissjoni informat lill-imsieħba soċjali bir-rifjut tagħha li tippreżenta tali proposta ta' deċiżjoni lill-Kunsill. Din id-deċiżjoni ta' rifjut kienet ibbażata, essenzjalment, l-ewwel nett, fuq in-natura speċifika tal-amministrazzjonijiet tal-gvernijiet ċentrali, peress li huma jeżerċitaw prerogattivi ta' setgħa pubblika, it-tieni nett, fuq l-eżistenza, fil-liġijiet nazzjonali ta' diversi Stati Membri, ta' dispożizzjonijiet dwar l-informazzjoni u l-konsultazzjoni tal-uffiċjali u tal-impjegati ta' dawn l-amministrazzjonijiet u, it-tielet nett, fuq l-eżistenza ta' differenzi sinjifikattivi bejn l-Istati Membri fir-rigward tad-definizzjoni u tal-perimetru tal-imsemmija amministrazzjonijiet, b'tali mod li deċiżjoni eventwali tal-Kunsill li timplimenta l-Ftehim ikollha kamp ta' applikazzjoni usa' jew idjaq skont l-Istati Membri.

Il-Qorti Ġenerali ddeċidiet, qabelxejn, li d-deċiżjoni ta' rifjut tal-Kummissjoni kienet tikkostitwixxi att li jista' jiġi kkontestat. Fil-fatt, minn naħa, hija ma setgħetx tiġi kklassifikata bħala att preparatorju u, min-naħa l-oħra, l-eżistenza eventwali ta' setgħa diskrezzjonali wiesgħa ma kinitx tipprekludi l-ammissibbiltà tar-rikors.

Sussegwentement, il-Qorti Ġenerali enfasizzat li meta l-imsieħba soċjali jkunu nnegozjaw u kkonkludew ftehim fuq il-bażi tal-Artikolu 155(1) TFUE u meta l-partijiet firmatarji jippreżentaw talba konġunta intiża għall-implimentazzjoni ta' dan il-ftehim fil-livell tal-Unjoni permezz ta' deċiżjoni tal-Kunsill adottata fuq il-bażi tal-Artikolu 155(2) TFUE, il-Kummissjoni ma hijiex obbligata li tilqa' din it-talba u huwa l-kompitu tagħha li tevalwa jekk ikunx hemm lok li hija tippreżenta proposta f'dan is-sens lill-Kunsill.

Il-Qorti Ġenerali żiedet, f'dan ir-rigward, li l-Kummissjoni kellha mhux biss tivverifika l-legalità stretta tal-klawżoli ta' tali ftehim, iżda kellha tieħu inkunsiderazzjoni wkoll l-interess ġenerali tal-Unjoni u, għaldaqstant, tevalwa l-opportunità, inkluż fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet ta' natura politika, ekonomika u soċjali, tal-eventwali implimentazzjoni, fil-livell tal-Unjoni, ta' dan il-ftehim.

Fl-aħħar nett, il-Qorti Ġenerali ppreċiżat li l-Kummissjoni għandha marġni ta' diskrezzjoni wiesa' u li, fil-każ ta' rifjut, id-deċiżjoni meħuda mill-Kummissjoni għandha tkun is-suġġett ta' stħarriġ ristrett min-naħa tal-Qorti Ġenerali.

# III. Regoli tal-kompetizzjoni applikabbli għall-impriżi

## 1. Kontribuzzjonijiet fil-qasam tal-Artikolu 101 TFUE

Fis-sentenza ***Pometon vs Il-Kummissjoni*** (T-433/16, taħt appell [28], EU:T:2019:201), mogħtija fit-28 ta' Marzu 2019, il-Qorti Ġenerali, wara li annullat parzjalment id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea C(2016) 3121 finali li tirrigwarda proċedura skont l-Artikolu 101 TFUE u l-Artikolu 53 tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE), biddlet l-ammont tal-multa imposta minn din id-deċiżjoni fuq il-kumpannija Pometon SpA talli pparteċipat f'akkordju li jikkonsisti fi ftehimiet jew prattiki miftehma ma erba' impriżi oħra, intiż essenzjalment li jiġu kkoordinati l-prezzijiet tal-barraxa tal-azzar fiż-ŻEE kollha. Id-deċiżjoni kkontestata ġiet adottata wara proċedura "ibrida" matul perijodu mifrux, sa fejn l-erba' impriżi l-oħra li kienu parti fl-akkordju kienu s-suġġett ta' deċiżjoni ta' tranżazzjoni C(2014) 2074 finali, adottata fuq il-bażi tal-Artikoli 7 u 23 tar-Regolament Nru 11/2003 [29], filwaqt li Pometon kienet iddeċidiet li tirtira mill-proċedura ta' tranżazzjoni.

Għal dak li jirrigwarda l-ilment invokat minn Pometon, li jipprovdi li l-Kummissjoni kienet diġà ppreżumiet il-ħtija tagħha, billi rreferiet diversi drabi fid-deċiżjoni ta' tranżazzjoni għall-aġir tagħha, il-Qorti Ġenerali fakkret, qabelxejn, li l-proċedura amministrattiva fir-rigward ta' akkordji quddiem il-Kummissjoni hija regolata mill-Artikolu 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u li l-prinċipju ta' preżunzjoni ta' innoċenza stabbilit fl-Artikolu 48(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali japplika wkoll, *mutatis mutandis*, għall-proċeduri amministrattivi relatati mal-osservanza tar-regoli Ewropej fil-qasam tal-kompetizzjoni, fid-dawl tan-natura tal-ksur inkwistjoni kif ukoll tan-natura u tal-livell ta' severità tas-sanzjonijiet marbuta magħhom. Sussegwentement, il-Qorti Ġenerali rrilevat li l-osservanza tad-dmir ta' imparzjalità stabbilit fl-Artikolu 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali timplika li, fil-kuntest ta' proċedura li saret ibrida, il-Kummissjoni tfassal u timmotiva d-deċiżjoni ta' tranżazzjoni bl-użu tal-prekawzjonijiet kollha neċessarji fl-abbozzar sabiex din id-deċiżjoni, minkejja li ma tkunx indirizzata lill-impriża li rtirat mill-proċedura ta' tranżazzjoni, ma tippreġudikax il-garanziji proċedurali kollha li għandha tibbenefika minnhom din tal-aħħar fil-kuntest tal-proċedura kontradittorja sussegwenti. Għaldaqstant, filwaqt li rreferiet għall-kriterji ta' interpretazzjoni mogħtija mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fis-sentenza tagħha Karaman vs Il-Ġermanja tas-27 ta' Frar 2014, il-Qorti Ġenerali eżaminat l-ewwel nett jekk fid-deċiżjoni ta' tranżazzjoni, il-prekawzjonijiet fl-abbozzar li jakkompanjaw l-aċċenn ta' ċertu aġir ta' Pometon kinux jippermettu li jiġi evitat kwalunkwe suspett li l-Kummissjoni ppreżumiet deliberatament il-ħtija u r-responsabbiltà ta' din l-impriża, u t-tieni nett, jekk ir-riferimenti għall-imsemmija aġir kinux neċessarji sabiex tiġi stabbilita r-responsabbiltà tad-destinatarji tad-deċiżjoni ta' tranżazzjoni. Meta għamlet dan, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li r-riferimenti kontenzjużi relattivi għal Pometon ma setgħux jitqiesu li kienu indizju la ta' nuqqas ta' imparzjalità tal-Kummissjoni fil-konfront tagħha u lanqas ta' nuqqas ta' osservanza tal-preżunzjoni ta' innoċenza fid-deċiżjoni kkontestata.

Wara li fakkret ir-regoli dwar l-oneru tal-prova ta' ksur tal-Artikolu 101(1) TFUE kif ukoll dwar il-produzzjoni ta' din il-prova, il-Qorti Ġenerali kkonfermat li l-Kummissjoni kienet ipprovat, b'mod suffiċjenti fid-dritt, kemm il-parteċipazzjoni ta' Pometon fi ksur uniku u kontinwu tal-Artikolu 101(1) TFUE, ikkostitwit mid-diversi partijiet

28| Kawża C-440/19 P, ***Pometon vs Il-Kummissjoni.***

29| Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 tas-16 ta' Diċembru 2002 fuq l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli [101] u [102 TFUE] (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 2, p. 205).

tal-akkordju inkwistjoni, kif ukoll il-tul tal-parteċipazzjoni. Il-provi kollha eżaminati mill-Kummissjoni kienu fil-fatt jipprovaw li Pometon kienet taf bis-sħiħ mhux biss il-karatteristiċi essenzjali tal-akkordju, li tiegħu hija ma kkontestatx il-klassifikazzjoni ta' ksur uniku u kontinwu, iżda wkoll il-portata ġeografika tiegħu, u li hija għalhekk kellha l-għan li tipparteċipa f'dan il-ksur. Fl-assenza tal-iċken indizju ta' tbegħid minn Pometon mill-akkordju, il-Kummissjoni tat, barra minn hekk, prova suffiċjenti fid-dritt li l-imsemmija impriża ma kinitx interrompiet il-parteċipazzjoni tagħha fil-ksur uniku u kontinwu inkwistjoni, minkejja li, għal perijodu ta' madwar sittax-il xahar, hija ma kellhiex prova diretta ta' kuntatti kolluživi.

Fl-aħħar nett, il-Qorti Ġenerali eżaminat it-talba għall-annullament tad-deċiżjoni kkontestata jew għal bidla tal-multa ta' EUR 6 197 000 imposta fuq Pometon. F'dan ir-rigward, Pometon kienet qed issostni li l-livell ta' adattament tal-ammont bażiku tal-multa, li l-Kummissjoni kienet iddeterminat fil-punt 37 tal-Linji gwida għall-kalkolu tal-multi [30], ma kienx motivat biżżejjed u li l-imsemmi livell ta' adattament ma kienx konformi mal-prinċipji ta' proporzjonalità u ta' ugwaljanza fit-trattament.

Għal dak li jirrigwarda t-talba għal annullament, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li r-raġunijiet tad-deċiżjoni kkontestata ma kienu jagħtu ebda indikazzjoni suffiċjentement preċiża dwar il-metodu ta' kalkolu użat u tal-elementi ta' evalwazzjoni meħuda inkunsiderazzjoni sabiex tiġi ddifferenzjata, skont ir-responsabbiltà proprja ta' kull impriża, ir-rata ta' tnaqqis tal-ammont bażiku mogħtija lil Pometon minn dawk applikati għall-partijiet l-oħra fl-akkordju li aċċettaw li jittranżiġu. Fil-fatt, il-Kummissjoni essenzjalment irreferiet, f'termini ġenerali, għall-eżistenza ta' differenzi bejn il-parteċipazzjoni individwali ta' Pometon u dik ta' parteċipanti oħra fl-akkordju kif ukoll għall-ħtieġa li tiġi ffissata multa li tkun proporzjonali għall-ksur imwettaq minn din l-impriża u li tkun għalhekk suffiċjentement dissważiva. Għaldaqstant, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li d-deċiżjoni kkontestata kienet ivvizzjata minn ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni għal dak li jikkonċerna r-rata ta' tnaqqis eċċezzjonali mogħti lil Pometon skont il-punt 37 tal-Linji gwida u annullat l-Artikolu 2 tagħha, li kien jiffissa l-ammont tal-multa imposta fuq Pometon.

Għal dak li jikkonċerna t-talba għal bidla tal-ammont tal-multa, il-Qorti Ġenerali rrilevat li, wara l-ispjegazzjonijiet ipprovduti mill-Kummissjoni fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha, hija kienet f'pożizzjoni li tkun taf il-metodu ta' kalkolu u l-kriterji applikati mill-Kummissjoni, kemm fid-deċiżjoni kkontestata kif ukoll fid-deċiżjoni ta' tranżazzjoni, u li tevalwa, konsegwentement, fl-eżerċizzju tal-ġurisdizzjoni sħiħa tagħha, in-natura xierqa tagħhom. Hija fakkret, barra minn hekk, li l-qorti tal-Unjoni tista' tirriforma d-deċiżjoni kkontestata, inċidentalment anki fl-assenza ta' annullament, sabiex tħassar, tnaqqas jew iżżid il-multa imposta, fejn l-eżerċizzju ta' din il-ġurisdizzjoni jinkludi t-trasferiment definittiv lil din tal-aħħar tas-setgħa li timponi sanzjonijiet. Għaldaqstant, kien l-obbligu tal-Qorti Ġenerali li tiddetermina l-ammont xieraq tal-multa, fejn is-setgħa ta' evalwazzjoni tagħha kienet limitata biss mill-kriterji relatati mal-gravità u mat-tul tal-ksur, stabbiliti fl-Artikolu 23(3) tar-Regolament Nru 1/2003, kif ukoll mil-limitu massimu ta' 10 % tad-dħul mill-bejgħ totali tal-impriża kkonċernata matul is-sena kummerċjali preċedenti, bla ħsara għall-osservanza tal-prinċipji ta' proporzjonalità, ta' individwalizzazzjoni tas-sanzjonijiet u ta' ugwaljanza fit-trattament u tal-obbligu tagħha ta' motivazzjoni.

Għal dak li jirrigwarda l-kriterju dwar it-tul tal-partiċipazzjoni ta' Pometon fil-ksur uniku u kontinwu inkwistjoni, il-Qorti Ġenerali qieset qabelxejn li din il-kundizzjoni kienet diġà ttieħdet debitament inkunsiderazzjoni meta l-Kummissjoni ffissat l-ammont bażiku tal-multa, li ma kienx ikkontestat minn Pometon. Sussegwentement, fir-rigward tal-applikazzjoni tal-kriterju legali tal-gravità tal-ksur, il-Qorti Ġenerali osservat li kien obbligu tagħha li tiddetermina l-livell ta' adattament tal-ammont bażiku tal-multa li jkun proporzjonat, fid-dawl tal-kriterji li hija tqis adegwati, għall-gravità tal-ksur imwettaq minn Pometon u li jkun ukoll suffiċjentement dissważiv. F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali qieset xieraq li tieħu inkunsiderazzjoni, fl-eżerċizzju tal-ġurisdizzjoni

30| Linji gwida għall-kalkolu tal-multi imposti bl-applikazzjoni tal-Artikolu 23(2)(a) tar-Regolament (KE) Nru 1/2003 (ĠU 2006, C 210, p. 2).

sħiħa tagħha, qabelxejn tar-responsabbiltà individwali ta' Pometon fil-parteċipazzjoni fl-akkordju inkwistjoni, sussegwentement, tal-kapaċità ta' din l-impriża li tippreġudika, bl-aġir tagħha li jikkostitwixxi ksur, il-kompetizzjoni fis-suq tal-barraxa tal-azzar u, fl-aħħar nett, tad-daqs tagħha, filwaqt li tqabbel, għal kull wieħed minn dawn il-fatturi differenti, ir-responsabbiltà u s-sitwazzjoni individwali ta' Pometon ma' dawk tal-partijiet l-oħra fl-akkordju. Fiċ-ċirkustanzi tal-każ ineżami, l-imsemmija fatturi wasslu lill-Qorti Ġenerali tagħti lil Pometon perċentwali ta' tnaqqis eċċezzjonali ta' 75 % fuq l-ammont bażiku tal-multa aġġustat fuq il-bażi ta' ċirkustanzi attenwanti, kif kien iddeterminat fid-deċiżjoni kkontestata, u tiffissa għalhekk l-ammont tal-multa imposta fuq Pometon għal EUR 3 873 375.

Bis-sentenza tagħha ***Recylex et vs Il-Kummissjoni*** (T-222/17, taħt appell [31], EU:T:2019:356), tat-23 ta' Mejju 2019, il-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors ta' Recylex SA, Fonderie et Manufacture de Métaux SA u Harz-Metall GmbH (iktar 'il quddiem "Recylex"), kumpanniji attivi fil-produzzjoni taċ-ċomb irriċiklat u ta' prodotti oħra, intiż għat-tnaqqis tal-ammont tal-multa imposta mill-Kummissjoni fid-deċiżjoni tagħha [32] dwar ksur tal-Artikolu 101 TFUE. Dan il-ksur kien ħa l-forma ta' ftehimiet jew ta' prattiki miftiehma bejn erba' gruppi ta' impriżi fit-territorji tal-Belġju, tal-Ġermanja, ta' Franza u tal-Pajjiżi l-Baxxi. Huwa kkonsista fil-koordinazzjoni tal-prezzijiet tax-xiri tal-iskart ta' batteriji tal-karozzi taċ-ċomb u tal-aċtu użat għall-produzzjoni taċ-ċomb irriċiklat.

Il-proċedura amministrattiva li tat lok għad-deċiżjoni kkontestata kienet infetħet wara talba għal immunità mressqa minn JCI, wieħed mill-gruppi ta' impriżi kkonċernati. Eco-Bat, grupp ieħor ta' impriżi, u fl-aħħar nett Recylex kienu ppreżentaw, min-naħa tagħhom, talba għal immunità jew, sussidjarjament, għal tnaqqis tal-multa, skont l-Avviż dwar il-Kooperazzjoni tal-2006 [33]. JCI ngħata għalhekk l-immunità filwaqt li Eco-Bat kien ibbenefika minn tnaqqis tal-multa ta' 50 % għar-raġuni li huwa kien l-ewwel grupp ta' impriżi li pproduċa provi li kellhom valur miżjud sinjifikattiv. Recylex, it-tieni impriża li pproduċiet tali provi, kienet, min-naħa tagħha, ibbenefikat minn tnaqqis ta' 30 %.

F'dan il-kuntest, il-Qorti Ġenerali kellha tagħti deċiżjoni dwar il-kwistjoni ta' jekk, fil-każ fejn żewġ impriżi jkunu pproduċew provi li jkollhom valur miżjud sinjifikattiv, dik li tkun ipproduċiethom fit-tieni lok tistax tieħu post l-ewwel waħda, jekk jirriżulta li l-kooperazzjoni ta' din tal-aħħar ma tkunx konformi mar-rekwiżiti tal-punt 12 tal-Avviż dwar il-kooperazzjoni tal-2006.

F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li mil-loġika stess tal-Avviż dwar il-Kooperazzjoni tal-2006 jirriżulta li l-effett mixtieq huwa li tinħoloq klima ta' inċertezza fi ħdan l-akkordji billi titħeġġeġ id-denunzja tagħhom lill-Kummissjoni. Din l-inċertezza tirriżulta preċiżament mill-fatt li l-parteċipanti fl-akkordju jkunu jafu li wieħed biss fosthom jista' jibbenefika minn immunità minn multa billi jiddenunzja lill-parteċipanti l-oħra fil-ksur, sabiex b'hekk ikunu esposti għar-riskju li jiġu imposti multi fuqhom. Fil-kuntest ta' din is-sistema, u skont l-istess loġika, l-impriżi li jipprovdu l-kooperazzjoni tagħhom l-iktar malajr jibbenefikaw minn tnaqqis ikbar tal-multi li kieku kienu jeħlu minn dawk mogħtija lill-impriżi li jikkooperaw inqas malajr. L-ordni kronoloġiku u l-ħeffa tal-kooperazzjoni offruta mill-membri tal-akkordju jikkostitwixxu elementi fundamentali tas-sistema stabbilita mill-Avviż dwar il-Kooperazzjoni tal-2006.Fis-sentenza ***Hitachi-LG Data Storage u Hitachi-LG Data Storage Korea vs Il-Kummissjoni*** (T-1/16, EU:T:2019:514) [34], mogħtija fit-12 ta' Lulju 2019, il-Qorti Ġenerali

31| Kawża C-563/19 P, ***Recyclex et vs Il-Kummissjoni.***

32| Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2017) 900 final tat-8 ta' Frar 2017 dwar proċedura għall-applikazzjoni tal-Artikolu 101 TFUE (Każ AT.40018 – Riċiklaġġ tal-batteriji tal-karozza).

33| Avviż tal-Kummissjoni dwar l-Immunità minn multi u tnaqqis ta' multi f'każijiet ta' kartell (ĠU 2006, C 298, p. 17).

34| Ara wkoll, dwar l-istess tema, is-sentenzi tat-12 ta' Lulju 2019, ***Sony u Sony Electronics/Commission*** (T-762/15, EU:T:2019:515), u tat-12 ta' Lulju 2019, ***Quanta Storage vs Il-Kummissjoni*** (T-772/15, EU:T:2019:519).

ċaħdet it-talba ta' Hitachi-LG Data Storage, Inc. u s-sussidjarja tagħha Hitachi-LG Data Storage Korea Inc. (iktar 'il quddiem ir-"rikorrenti"), intiża għat-tnaqqis tal-ammont tal-multa li kienet ġiet imposta fuqhom permezz tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2015) 7135 finali tal-21 ta' Ottubru 2015 [35] minħabba ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni fis-settur tal-produzzjoni u l-provvista ta' disk drives ottiċi (iktar 'il quddiem "DDO").

Wara li saret investigazzjoni amministrattiva miftuħa wara denunzja, il-Kummissjoni kkonkludiet li tlettax-il kumpannija kienu pparteċipaw f'akkordju fis-suq tad-DDO. Skont id-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni stabbilixxiet li, mill-inqas mit-23 ta' Ġunju 2004 sal-25 ta' Novembru 2008, il-parteċipanti f'dan l-akkordju pprojbit kienu kkoordinaw l-aġir tagħhom b'rabta mal-proċeduri ta' sejħa għal offerti organizzati mill-manifatturi ta' kompjuters Dell u Hewlett Packard. Skont il-Kummissjoni, il-kumpanniji involuti kienu ppruvaw, permezz ta' netwerk ta' kuntatti bilaterali paralleli, jagħmlu mezz li l-prezzijiet tal-prodotti DDO jibqgħu fuq livelli ogħla milli kienu jkunu fl-assenza ta' dawn il-kuntatti bilaterali. B'hekk il-Kummissjoni imponiet multa ta' EUR 37 121 000 fuq ir-rikorrenti minħabba ksur tal-Artikolu 101 TFUE u tal-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE.

Ir-rikorrenti qajmu żewġ motivi insostenn tar-rikors tagħhom għat-tnaqqis ta' din il-multa, ibbażati, minn naħa, fuq ksur tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba kif ukoll tal-obbligu ta' motivazzjoni u, min-naħa l-oħra, fuq żball ta' liġi, inkwantu l-Kummissjoni ma dderogatx mill-metodu ġenerali indikat fil-Linji gwida dwar il-kalkolu tal-multi sabiex tnaqqas l-ammont tal-multa li ġiet imposta fuq ir-rikorrenti fid-dawl tal-partikolaritajiet tal-każ u tar-rwol tagħhom fis-suq tad-DDO. Bi tweġiba għall-miżuri ta' organizzazzjoni tal-proċedura adottati mill-Qorti Ġenerali, ir-rikorrenti spjegaw li huma kienu qed jistiednu lill-Qorti Ġenerali teżerċita l-ġurisdizzjoni sħiħa tagħha billi tirrevedi d-deċiżjoni impliċita tal-Kummissjoni li tiċħad it-talba tagħhom għal tnaqqis tal-ammont tal-multa u billi teżamina din it-talba fil-mertu.

F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali, fl-ewwel lok, fakkret li t-Trattat ma jistabbilixxix bħala rimedju awtonomu r-"rimedju ta' ġurisdizzjoni sħiħa", fejn għalhekk din il-ġurisdizzjoni sħiħa tkun tista' tiġi eżerċitata mill-qrati tal-Unjoni biss fil-kuntest tal-istħarriġ tal-atti tal-istituzzjonijiet, u b'mod iktar partikolari tar-rikors għal annullament. B'hekk, il-Qorti Ġenerali stabbilixxiet qabelxejn li r-rikors kien jinkludi, minn naħa, talbiet għall-annullament parzjali tad-deċiżjoni kkontestata, inkwantu l-Kummissjoni kienet ċaħdet it-talba tar-rikorrenti għal tnaqqis tal-ammont tal-multa imposta, u, min-naħa l-oħra, talbiet għall-bidla ta' din id-deċiżjoni intiżi li l-Qorti Ġenerali nnifisha tilqa' din it-talba u konsegwentement tnaqqas l-imsemmi ammont.

Sussegwentement, fir-rigward tal-ewwel motiv, il-Qorti Ġenerali, minn naħa, ċaħdet l-argumenti tar-rikorrenti li kienu jgħidu li l-Kummissjoni kienet kisret l-obbligu tagħha li timmotiva r-rifjut li tirrikorri għall-eċċezzjoni prevista fil-punt 37 tal-Linji gwida dwar il-kalkolu tal-multi, li tippermetti lill-Kummissjoni ma tapplikax il-metodoloġija tal-imsemmija Linji gwida u li tagħhom ir-rikorrenti kienu talbu l-applikazzjoni. F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali qieset li fid-deċiżjoni kkontestata l-Kummissjoni kellha biss l-obbligu li timmotiva l-metodoloġija applikata għall-kalkolu tal-ammont tal-multa u mhux l-elementi li hija ma kinitx ħadet inkunsiderazzjoni fl-imsemmi kalkolu u, b'mod partikolari, ir-raġunijiet għalfejn hija ma rrikorrietx għall-eċċezzjoni prevista fil-punt 37 tal-imsemmija linji gwida.

Min-naħa l-oħra, il-Qorti Ġenerali ċaħdet l-ilmenti bbażati fuq ksur tal-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba. F'dan ir-rigward, hija kkonfermat b'mod partikolari li l-Kummissjoni kienet ġabet ruħha b'mod diliġenti matul il-proċedura amministrattiva inkwantu, l-ewwel nett, hija semgħet lir-rikorrenti u eżaminat l-osservazzjonijiet tagħhom qabel ma l-Kumitat Konsultattiv dwar Akkordji u Pożizzjonijiet Dominanti kien ta opinjoni bil-miktub dwar l-abbozz preliminari ta' deċiżjoni u, it-tieni nett, bagħtet lil dan il-kumitat l-iktar informazzjoni importanti għall-kalkolu tal-ammont tal-multa fuq il-bażi tal-Artikolu 14(3) tar-Regolament Nru 1/2003.

35| Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2015) 7135 final tal-21 ta' Ottubru 2015 dwar proċedura għall-applikazzjoni tal-Artikolu 101 TFUE u tal-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (Każ AT.39639 – Disk drives ottiċi).

Fl-aħħar nett, fir-rigward tat-tieni motiv, il-Qorti Ġenerali fakkret li t-tnaqqis tal-ammont ta' multa jista' jingħata skont il-punt 37 tal-Linji gwida dwar il-kalkolu tal-multi biss f'ċirkustanzi eċċezzjonali, meta l-partikolaritajiet ta' kawża speċifika jew il-ħtieġa li jintlaħaq livell dissważiv f'kawża speċifika jistgħu jiġġustifikaw il-fatt li l-Kummissjoni ma tapplikax il-metodoloġija ġenerali għall-kalkolu tal-ammont tal-multa prevista minn dawn il-linji gwida. F'dan ir-rigward il-Qorti Ġenerali qieset li ebda waħda miċ-ċirkustanzi allegati mir-rikorrenti ma kienu rilevanti sabiex jiġġustifikaw tali tnaqqis taħt l-eċċezzjoni prevista fil-punt 37 tal-Linji gwida.

Fis-sentenza ***Toshiba Samsung Storage Technology u Toshiba Samsung Storage Technology Korea vs Il-Kummissjoni*** (T-8/16, taħt appell [36], EU:T:2019:522), mogħtija fit-12 ta' Lulju 2019, il-Qorti Ġenerali ċaħdet it-talba ta' Toshiba Samsung Storage Technology Corp. u tas-sussidjarja tagħha Toshiba Samsung Storage Technology Korea Corp. (iktar 'il quddiem ir-"rikorrenti"), intiża, prinċipalment, għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2015) 7135 finali tal-21 ta' Ottubru 2015, u, sussidjarjament, għat-tnaqqis tal-ammont tal-multa li kienet ġiet imposta fuqhom minn din id-deċiżjoni minħabba ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni fis-settur tal-produzzjoni u l-provvista ta' disk drives ottiċi (iktar 'il quddiem "DDO").

Wara li saret investigazzjoni amministrattiva miftuħa wara denunzja, il-Kummissjoni kkonkludiet li tlettax-il kumpannija kienu pparteċipaw f'akkordju fis-suq tad-DDO. Skont id-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni stabbilixxiet li, mill-inqas mit-23 ta' Ġunju 2004 sal-25 ta' Novembru 2008, il-parteċipanti f'dan l-akkordju pprojbit kienu kkoordinaw l-aġir tagħhom b'rabta mal-proċeduri ta' sejħa għal offerti organizzati mill-manifatturi ta' kompjuters Dell u Hewlett Packard. Skont il-Kummissjoni, il-kumpanniji involuti kienu ppruvaw, permezz ta' netwerk ta' kuntatti bilaterali paralleli, li jagħmlu mezz li l-prezzijiet tal-prodotti DDO jibqgħu fuq livelli ogħla milli kienu jkunu fl-assenza ta' dawn il-kuntatti bilaterali. B'hekk il-Kummissjoni imponiet multa ta' EUR 41 304 000 fuq ir-rikorrenti minħabba ksur tal-Artikolu 101 TFUE u tal-Artikolu 53 tal-Ftehim taż-ŻEE.

Ir-rikorrenti qajmu diversi motivi insostenn tar-rikors tagħhom, ibbażati, b'mod partikolari, fuq il-ksur tal-forom proċedurali sostanzjali u tad-drittijiet tad-difiża kif ukoll fuq żbalji ta' fatt u ta' liġi fid-determinazzjoni tal-portata ġeografika tal-ksur u waqt il-konstatazzjoni ta' ksur uniku u kontinwu.

Fir-rigward tal-kunċett ta' ksur uniku u kontinwu, il-Qorti Ġenerali fakkret li dan jippreżumi sensiela ta' aġir adottat minn diversi partijiet li jsegwu l-istess għan ekonomiku antikompetittiv. B'hekk mill-kunċett stess ta' ksur uniku u kontinwu jirriżulta li tali ksur jimplika "sensiela ta' aġir jew ta' ksur". Għaldaqstant, ir-rikorrenti ma setgħux jallegaw li l-Kummissjoni kienet inkludiet klassifikazzjoni legali supplimentari fid-deċiżjoni kkontestata billi qieset, minbarra l-ksur uniku u kontinwu identifikat fid-dikjarazzjoni tal-oġġezzjonijiet, li dan kien kompost minn numru ta' "ksur distint", peress li kien proprju dan l-aġir antikompetittiv differenti li kien jikkostitwixxi l-imsemmi ksur uniku.

Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali qieset li l-fatt li ċerti karatteristiċi tal-akkordju kienu evolvew matul iż-żmien, b'mod partikolari l-inklużjoni ta' parteċipanti ġodda, it-tnaqqis fin-numru tagħhom jew it-tkabbir tal-akkordju b'mod li jinkludi wkoll lil Hewlett Packard, ma setax jipprekludi lill-Kummissjoni milli tikklassifika dan l-akkordju bħala ksur uniku u kontinwu ladarba l-għan tal-akkordju baqa' dejjem l-istess.

Bis-sentenza tagħha ***Printeos et vs Il-Kummissjoni*** (T-466/17, EU:T:2019:671), tal-24 ta' Settembru 2019, il-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors ta' diversi kumpanniji attivi fil-bejgħ ta' envelops standard fuq katalogu u ta' envelops speċjali stampati (iktar 'il quddiem ir-"rikorrenti"), intiż, prinċipalment, għall-annullament parzjali

36| Kawża C-700/19 P, ***Toshiba Samsung Storage Technology*** u ***Toshiba Samsung Storage Technology Korea vs Il-Kummissjoni***.

ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea [37] li timponi fuqhom multa għal ksur tal-Artikolu 101 TFUE (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kkontestata"). Dan il-ksur kien fil-forma ta' ftehimiet jew prattiki miftiehma bejn ir-rikorrenti u erba' gruppi ta' impriżi oħra fit-territorji ta' diversi pajjiżi Ewropej.

Id-deċiżjoni kkontestata ġiet adottata wara l-annullament parzjali [38], minħabba insuffiċjenza ta' motivazzjoni, ta' deċiżjoni preċedenti tal-Kummissjoni [39] li kienet imponiet fuq ir-rikorrenti multa ta' EUR 4 729 000, adottata fi tmiem proċedura ta' tranżazzjoni (iktar il-quddiem id-"deċiżjoni inizjali"). Wara din is-sentenza, il-Kummissjoni adottat id-deċiżjoni kkontestata li emendati d-deċiżjoni inizjali filwaqt li imponiet multa tal-istess ammont.

Il-Qorti Ġenerali ddeċidiet, fl-ewwel lok, li l-Kummissjoni setgħet, ladarba l-annullament ta' att tal-Unjoni kien ibbażat fuq vizzju proċedurali, bħalma kien l-insuffiċjenza ta' motivazzjoni, u ladarba l-qorti tal-Unjoni ma kinitx użat is-setgħa ta' ġurisdizzjoni sħiħa tagħha sabiex tirriforma l-multa imposta, tadotta deċiżjoni ġdida li timponi multa fir-rigward tar-rikorrenti mingħajr ma ġġarrab l-ilmenti tal-motiv ibbażat fuq ksur tal-prinċipji ta' ċertezza legali, ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi u ta' *ne bis in idem*. F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali speċifikat li l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' *ne bis in idem* tippreżupponi li tkun ittieħdet deċiżjoni dwar il-materjalità tal-ksur jew li l-legalità tal-evalwazzjoni magħmula fuqha tkun ġiet mistħarrġa. Għalhekk, il-prinċipju ta' *ne bis in idem* fih innifsu ma jipprekludix it-tkomplija ta' azzjonijiet legali li s-suġġett tagħhom ikun l-istess aġir antikompetittiv meta l-ewwel deċiżjoni tkun ġiet annullata għal raġunijiet ta' forma mingħajr ma tkun ingħatat deċiżjoni fuq il-mertu tal-fatti kkontestati, peress li d-deċiżjoni ta' annullament ma tistax titqies li hija "nuqqas ta' sejbien ta' ħtija" fis-sens mogħti lil din l-espressjoni fil-kwistjonijiet kriminali. Il-Qorti Ġenerali qieset li dan l-approċċ jgħodd ukoll fil-każ ta' annullament, minħabba insuffiċjenza ta' motivazzjoni, ta' deċiżjoni li timponi multa, meta din id-deċiżjoni tkun ġiet adottata wara proċedura ta' tranżazzjoni.

F'dak li jirrigwarda, fit-tieni lok, il-motiv ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament fid-determinazzjoni tal-ammont tal-multa, il-Qorti Ġenerali qieset li, għall-finijiet tal-istħarriġ tal-osservanza ta' dan il-prinċipju, kellha ssir distinzjoni bejn, minn naħa, id-determinazzjoni neċessarjament ugwali tal-ammont bażiku tal-multi li jkollu jiġi impost fuq l-impriżi kkonċernati u, min-naħa l-oħra, l-applikazzjoni fir-rigward tal-imsemmija impriżi tal-limitu ta' 10 %, skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 23(2) tar-Regolament Nru 1/2003, li jista' jvarja skont id-dħul mill-bejgħ globali rispettivi tagħhom. Fil-fatt, għalkemm il-Kummissjoni setgħet b'mod validu tagħżel metodu ta' kalkolu tal-ammont bażiku li jkun ibbażat fuq il-valur tal-bejgħ magħmul matul sena sħiħa koperta mill-ksur sabiex tiġi kkaratterizzata l-importanza ekonomika tal-ksur kif ukoll il-piż relattiv ta' kull impriża li tkun ipparteċipat fih, hija kellha l-obbligu li tosserva, f'dan il-kuntest, il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament. Min-naħa l-oħra, l-applikazzjoni tal-limitu ta' 10 % sabiex jiġi ddeterminat l-ammont finali tal-multi ma kienet, bħala prinċipju, dipendenti la fuq din l-importanza ekonomika tal-ksur, la fuq il-piż relattiv ta' kull impriża parteċipanti u lanqas fuq il-gravità jew it-tul tal-imsemmi ksur imwettaq minnha, iżda kienet ta' natura purament awtomatika li kienet marbuta esklużivament mad-dħul mill-bejgħ globali tagħha, b'tali mod li l-imsemmija applikazzjoni kienet *ipso facto* konformi mal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament.

Madankollu, il-Qorti Ġenerali qieset żbaljata l-analiżi tal-Kummissjoni li tipprovdi li r-riżultat tal-applikazzjoni tal-limitu ta' 10 % fi stadju intermedju tal-kalkolu tal-multi li jkollhom jiġu imposti kien jipproduċi *ipso facto* riżultati konformi mal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament. F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali rrilevat li, billi

37| Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2017) 4112 finali tas-16 ta' Ġunju 2017 li temenda d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2014) 9295 finali tal-10 ta' Diċembru 2014 dwar proċedura għall-applikazzjoni tal-Artikolu[101 TFUE] u tal-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (AT.39780 – Envelops).

38| Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-13 ta' Diċembru 2016, ***Printeos et vs Il-Kummissjoni*** (T-95/15, EU:T:2016:722).

39| Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2014) 9295 finali tal-10 ta' Diċembru 2014 dwar proċedura għall-applikazzjoni tal-Artikolu [101 TFUE] u tal-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (AT.39780 – Envelops).

segwiet tali approċċ, li ma kienx jaqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 23(2) tar-Regolament Nru 1/2003, il-Kummissjoni kienet qed tuża s-setgħa diskrezzjonali tagħha skont il-paragrafu 37 tal-Linji gwida għall-kalkolu tal-multi imposti skont l-Artikolu 23(2)(a) tar-Regolament Nru 1/2003. Wara eżami tal-aġġustament tal-ammonti bażiċi mwettaq b'applikazzjoni ta' dan l-approċċ fir-rigward tad-diversi gruppi ta' impriżi destinatarji tad-deċiżjoni kkontestata, il-Qorti Ġenerali qieset li wieħed minn dawn il-gruppi kien ibbenefika, mingħajr ġustifikazzjoni oġġettiva, minn trattament iktar favorevoli. Madankollu, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li r-rikorrenti ma setgħux jinvokaw, favurihom, l-illegalità li tirriżulta minn tali inugwaljanza fit-trattament.

F'dak li jirrigwarda l-applikazzjoni parallela tal-Artikolu 101 TFUE u d-dritt nazzjonali tal-kompetizzjoni, f'dan il-każ fir-rigward tal-effetti tal-aġir tar-rikorrenti fit-territorju Spanjol, li kien is-suġġett tat-tielet motiv ibbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' ekwità, il-Qorti Ġenerali kkonstatat qabelxejn li d-deċiżjoni kkontestata ma kinitx tirrigwarda dan it-territorju u li l-awtorità Spanjola tal-kompetizzjoni kienet issanzjonat aġir li kien seħħ f'perijodu differenti. Il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li, f'tali ċirkustanzi, sanzjoni kompleta u suffiċjentement dissważiva tal-aġir antikompetittiv tar-rikorrenti kienet teżiġi preċiżament li jittieħdu inkunsiderazzjoni l-effetti kollha tiegħu f'dawn id-diversi territorji, inkluż fiż-żmien, b'tali mod li l-Kummissjoni ma setgħetx tiġi kkritikata li ma naqqsitx, għal dawn l-istess raġunijiet, il-multa imposta fuq ir-rikorrenti fid-deċiżjoni inizjali u dik ikkontestata.

## 2. Kontribuzzjonijiet fil-qasam tal-konċentrazzjonijiet

Fis-sentenza ***KPN vs Il-Kummissjoni*** (T-370/17, EU:T:2019:354), mogħtija fit-23 ta' Mejju 2019, il-Qorti Ġenerali ppronunzjat ruħha fuq id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2016) 5165 finali tat-3 ta' Awwissu 2016 li ddikjarat kompatibbli mas-suq intern u mal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea l-konċentrazzjoni intiża għall-akkwist minn Vodafone Group u Liberty Global Europe Holding (partijiet "notifikanti") tal-kontroll konġunt ta' impriża konġunta li kienet topera b'mod sħiħ fil-Pajjiżi l-Baxxi fis-settur tat-telekomunikazzjonijiet. Ir-rikorrenti, impriża Olandiża kompetitriċi tal-partijiet notifikanti, li kienet attiva b'mod partikolari fis-settur tan-netwerks tal-kejbil għal servizzi televiżivi fl-Pajjiżi l-Baxxi, ikkontestat l-imsemmija deċiżjoni. Ir-rikors tagħha kien jirrigwarda b'mod partikolari l-eżistenza ta' problemi vertikali tal-kompetizzjoni matul il-katina ta' distribuzzjoni ta' kontenut televiżiv.

Qabelxejn, il-Qorti Ġenerali ppronunzjat ruħha fuq motiv ibbażat fuq żball manifest ta' evalwazzjoni dwar id-definizzjoni tas-suq inkwistjoni. F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali fakkret li l-kwistjoni dwar jekk żewġ prodotti jew servizzi kinux parti mill-istess suq kienet timplika d-determinazzjoni ta' jekk dawn kellhomx jitqiesu li kienu interkambjabbli jew sostitwibbli minħabba l-karatteristiċi tagħhom, il-prezz tagħhom u l-użu li għalih huma kienu intiżi, u dan primarjament mill-perspettiva tal-klijent. F'dan il-każ, il-Qorti Ġenerali qieset li l-Kummissjoni ma kinitx wettqet żball manifest ta' evalwazzjoni billi ma ssegmentatx iktar is-suq tal-provvista u l-akkwist bl-ingrossa ta' stazzjonijiet televiżivi sportivi primjum bi ħlas, fid-dawl tas-sostitwibbiltà ta' dawn l-istazzjonijiet tal-fornituri bl-imnut tas-servizzi televiżivi, minħabba klijentela u kontenut simili ta' dawn l-istazzjonijiet.

Sussegwentement, il-Qorti Ġenerali eżaminat l-eżistenza ta' żball manifest ta' evalwazzjoni dwar l-effetti vertikali tal-konċentrazzjoni, b'mod partikolari l-effett ta' esklużjoni fuq l-inputs dwar il-katina Ziggo Sport Totaal fis-suq tal-provvista u l-akkwist bl-ingrossa ta' stazzjonijiet televiżivi sportivi premium bi ħlas. Il-Qorti Ġenerali l-ewwel nett fakkret li, skont il-Linji gwida dwar il-konċentrazzjonijiet mhux orizzontali, l-esklużjoni mis-suq tal-inputs isseħħ meta, wara l-konċentrazzjoni, l-entità l-ġdida tkun tista' tirrestrinġi l-aċċess għall-prodotti jew għas-servizzi li hija tkun ipprovdiet kieku l-konċentrazzjoni ma tkunx seħħet. Fl-evalwazzjoni tal-probabbiltà ta' xenarju ta' esklużjoni antikompetittiva, kienet il-Kummissjoni li kellha teżamina, l-ewwel nett, jekk l-entità li kienet tirriżulta mill-konċentrazzjoni, wara l-konċentrazzjoni, kellhiex il-kapaċità li teskludi l-aċċess tal-inputs b'mod sinjifikattiv, it-tieni nett, jekk hija kellhiex interess li tagħmel dan u, it-tielet nett,

jekk strateġija ta’ esklużjoni mis-suq kellhiex impatt negattiv fuq il-kompetizzjoni downstream. Dawn it-tliet kundizzjonijiet huma kumulattivi, b’mod li l-assenza ta’ waħda minnhom tkun suffiċjenti sabiex jiġi eskluż ir-riskju ta’ esklużjoni antikompetittiva tal-inputs. L-ewwel waħda minn dawn il-kundizzjonijiet setgħet tiġi ssodisfatta biss meta l-kumpannija vertikalment integrata li tirriżulta mill-konċentrazzjoni jkollha awtorità sostanzjali fis-suq upstream, jiġifieri s-suq tal-provvista bl-ingrossa ta’ stazzjonijiet televiżivi sportivi premium bi ħlas f’dan il-każ. Issa, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li l-Kummissjoni ma wettqitx żball manifest ta’ evalwazzjoni meta fid-deċiżjoni kkontestata kkonkludiet li l-entità li tirriżulta mill-konċentrazzjoni ma kellhiex il-kapaċità li tagħmel parti minn strateġija ta’ esklużjoni tal-inputs minħabba s-sehem tagħha tas-suq inkwistjoni inqas minn 10 %.

# IV. Għajnuna mill-Istat

## 1. Ammissibbiltà

Fis-sentenzi tagħha ***NeXovation vs Il-Kummissjoni*** (T-353/15, taħt appell [40], EU:T:2019:434) u ***Ja zum Nürburgring vs Il-Kummissjoni*** (T-373/15, taħt appell [41], EU:T:2019:432), mogħtija fid-19 ta’ Ġunju 2019, l-Ewwel Awla Estiża tal-Qorti Ġenerali ċaħdet żewġ rikorsi intiżi għall-annullament parzjali ta’ deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar għajnuna mill-Istat favur il-kumpless tan-Nürburgring fil-Ġermanja għall-bini ta’ postijiet ta’ divertiment, lukandi u ristoranti kif ukoll għall-organizzazzjoni ta’ tlielaq tal-karozzi [42].

Bejn l-2002 u l-2012, l-impriżi pubbliċi proprjetarji tal-kumpless ta’ Nürburgring (iktar ’il quddiem il-“bejjiegħa”) ibbenefikaw minn għajnuna prinċipalment mingħand il-Land Ġermaniż ta’ Rheinland-Pfalz. Din l-għajnuna kienet is-suġġett ta’ proċedura ta’ investigazzjoni formali, skont l-Artikolu 108(2) TFUE, li nfetħet mill-Kummissjoni fl-2012. Fl-istess sena, ġiet konkluża l-insolvenza tal-bejjiegħa u ġie deċiż li jsir il-bejgħ tal-assi tagħhom. Tnediet proċedura ta’ sejħa għal offerti li wasslet għall-bejgħ tal-imsemmija assi lil Capricorn Nürburgring Besitzgesellschaft GmbH (iktar ’il quddiem “Capricorn”).

Offerent, jiġifieri NeXovation, Inc., u assoċjazzjoni Ġermaniża ta’ sport tal-karozzi, jiġifieri Ja zum Nürburgring eV, ressqu lmenti quddiem il-Kummissjoni minħabba li l-proċedura ta’ sejħa għal offerti la kienet trasparenti u lanqas nondiskriminatorja u ma wasslitx għal prezz tas-suq. Permezz tad-deċiżjoni tagħha, il-Kummissjoni kkonstatat l-illegalità u l-inkompatibbiltà mas-suq intern ta’ ċerti miżuri ta’ sostenn favur il-bejjiegħa. Hija ddeċidiet ukoll li Capricorn ma kinitx ikkonċernata minn eventwali rkupru tal-għajnuna u li l-bejgħ tal-assi tan-Nürburgring lil Capricorn ma kienx jikkostitwixxi għajnuna mill-Istat. Fil-fatt, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-proċedura ta’ sejħa għal offerti kienet ta’ natura trasparenti u nondiskriminatorja. NeXovation, Inc. u Ja zum Nürburgring eV ippreżentaw rikors kontra d-deċiżjoni tal-Kummissjoni.

Qabelxejn, fir-rigward tad-deċiżjoni dwar il-kontinwità ekonomika bejn il-bejjiegħa u Capricorn, il-Qorti Ġenerali fakkret li deċiżjoni dwar il-kontinwità ekonomika kellha titqies li kienet deċiżjoni “relatata u komplementari” għad-deċiżjoni finali dwar l-għajnuna kkonċernata li kienet tippreċediha. Sa fejn id-deċiżjoni kkontestata kienet relatata u komplementari għad-deċiżjoni meħuda fi tmiem il-proċedura ta’ investigazzjoni

40| Kawża C-665/19 P, ***NeXovation vs Il-Kummissjoni.***

41| Kawża C-647/19 P, ***Ja zum Nürburgring vs Il-Kummissjoni.***

42| Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/151 tal-1 ta’ Ottubru 2014 dwar l-għajnuna mill-Istat SA.31550 (2012/C) (ex 2012/NN) implimentata mill-Ġermanja għal Nürburgring (ĠU 2016, L 34, p. 1).

formali dwar l-għajnuna lill-bejjiegħa, ir-rikorrenti setgħu jippretendu li jkunu kkonċernati individwalment minn din id-deċiżjoni tal-aħħar biss jekk din kienet tikkonċernahom b'mod simili għal dak tad-destinatarju ta' tali deċiżjoni, li ma kienx il-każ hawnhekk.

Sussegwentement, fir-rigward tad-deċiżjoni dwar il-bejgħ tal-assi lil Capricorn, deċiżjoni adottata fi tmiem il-fażi preliminari ta' investigazzjoni tal-għajnuna, u mhux ta' proċedura ta' investigazzjoni formali, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li, bħala prinċipju, kull impriża li tkun f'relazzjoni ta' kompetizzjoni, attwali jew potenzjali, setgħet tiġi rrikonoxxuta bħala parti interessata, fis-sens tal-Artikolu 108(2) TFUE. Konsegwentement, il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li, fir-rigward ta' din id-deċiżjoni, ir-rikorrenti kellhom *locus standi*, bħala partijiet interessati, u kienu jżommu interess ġuridiku, marbut mal-protezzjoni tad-drittijiet proċedurali li huma għandhom, f'din l-istess kwalità, skont l-Artikolu 108(2) TFUE.

Fl-aħħar nett, il-Qorti Ġenerali fakkret li meta jitwettaq il-bejgħ ta' impriża permezz ta' proċedura ta' sejħa għal offerti miftuħa, trasparenti u inkundizzjonata, jista' jiġi preżunt li l-prezz tas-suq jikkorrispondi għall-ogħla offerta, sakemm jiġi stabbilit, l-ewwel nett, li din l-offerta jkollha valur ta' impenn u tkun kredibbli u, it-tieni nett, li t-teħid inkunsiderazzjoni ta' fatturi ekonomiċi minbarra l-prezz ma jkunx iġġustifikat.

## 2. Kunċett ta' għajnuna mill-Istat

### a. Eżistenza ta' vantaġġ ekonomiku

Bis-sentenza ***Fútbol Club Barcelona vs Il-Kummissjoni*** (T-865/16, taħt appell [43], EU:T:2019:113) [44], mogħtija fis-26 ta' Frar 2019, il-Qorti Ġenerali annullat id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2391 tal-4 ta' Lulju 2016 dwar l-Għajnuna mill-Istat SA.29769 (2013/C) (l-ex 2013/NN) implimentata minn Spanja għal ċerti klabbs tal-futbol minħabba li l-Kummissjoni ma kinitx stabbilixxiet, b'mod suffiċjenti skont id-dritt, l-eżistenza ta' vantaġġ ekonomiku mogħti lill-benefiċjarji tal-miżura inkwistjoni.

Id-deċiżjoni kkontestata kienet tirreferi għal liġi Spanjola adottata fl-1990, li kienet tobbliga lill-klabbs tal-isport professjonali Spanjoli kollha jittrasformaw ruħhom f'kumpanniji tal-isport b'responsabbiltà limitata, bl-eċċezzjoni tal-klabbs tal-isport professjonali li kisbu riżultat pożittiv fis-snin ta' qabel l-adozzjoni ta' din il-liġi. Ir-rikorrent, il-Fútbol Club Barcelona, kif ukoll tliet klabbs oħra tal-futbol professjonali li jaqgħu fl-ambitu ta' din l-eċċezzjoni, kienu għalhekk għażlu li jkomplu joperaw fil-forma ta' persuni ġuridiċi mingħajr skop ta' lukru u kienu jibbenefikaw, fuq din il-bażi, minn rata speċifika ta' tassazzjoni tad-dħul tagħhom. Peress li din ir-rata speċifika ta' tassazzjoni baqgħet inqas, sal-2016, mir-rata applikabbli għall-kumpanniji tal-isport b'responsabbiltà limitata, il-Kummissjoni qieset, permezz tad-deċiżjoni kkontestata, li din il-leġiżlazzjoni, billi introduċiet privileġġ fiskali fil-qasam tat-taxxa fuq il-kumpanniji favur l-erba' klabbs ikkonċernati, kienet tikkostitwixxi skema ta' għajnuna illegali u inkompatibbli u ordnat lir-Renju ta' Spanja jtemmha u jirkupra l-għajnuna individwali mħallsa lill-benefiċjarji tal-imsemmija skema.

Fis-sentenza tagħha, il-Qorti Ġenerali ċaħdet, qabelxejn, il-motiv ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 49 TFUE, sa fejn il-Kummissjoni kellha, skont ir-rikorrent, tikkonstata li l-obbligu impost fuq il-klabbs tal-isport professjonali li jittrasformaw ruħhom f'kumpanniji tal-isport b'responsabbiltà limitata kien imur kontra l-imsemmi artikolu.

---

43| Kawża C-362/19 P, Il-Ku***mmissjoni vs Fútbol Club Barcelona***.

44| Ara wkoll, dwar l-istess suġġett, is-sentenzi tal-20 ta' Marzu 2019, ***Hércules Club de Fútbol vs Il-Kummissjoni*** (T-766/16, EU:T:2019:173); tat-22 ta' Mejju 2019, ***Real Madrid Club de Fútbol vs Il-Kummissjoni*** (T-791/16, EU:T:2019:346), u tas-26 ta' Frar 2019, ***Athletic Club vs Il-Kummissjoni*** (T-679/16, mhux ippubblikata, EU:T:2019:112).

F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali fakkret li, fil-kuntest ta' proċedura miftuħa fil-qasam tal-għajnuna mill-Istat, lil hinn mill-ipoteżi li l-inkompatibbiltà tal-miżura ta' għajnuna inkwistjoni tirriżulta mill-ksur tal-Artikolu 49 TFUE, il-Kummissjoni ma kellhiex kompetenza sabiex tikkonkludi li jeżisti ksur awtonomu tal-Artikolu 49 TFUE u tiddeduċi minnu l-konsegwenzi tad-dritt li jirriżultaw.

Sussegwentement, il-Qorti Ġenerali eżaminat il-motiv ibbażat fuq żbalji li l-Kummissjoni wettqet waqt l-eżami tagħha tal-vantaġġ mogħti mil-leġiżlazzjoni lill-erba' klabbs ikkonċernati. Wara li fakkret li l-Kummissjoni għandha l-obbligu li tieħu imkunsiderazzjoni globalment il-miżuri kumplessi sabiex tiddetermina jekk dawn jagħtux vantaġġ ekonomiku lill-impriżi benefiċjarji li huma ma kinux jiksbu f'kundizzjonijiet normali tas-suq, il-Qorti Ġenerali ppreċiżat li dan huwa l-każ anki meta tiġi eżaminata skema ta' għajnuna. F'dan ir-rigward, jekk, fil-każ ta' skema ta' għajnuna, il-Kummissjoni tista' tillimita ruħha għall-istudju tal-karatteristiċi ġenerali u astratti tal-iskema inkwistjoni, mingħajr ma hija marbuta teżamina kull każ ta' applikazzjoni partikolari, sabiex tivverifika jekk hemmx elementi ta' għajnuna, dan l-eżami għandu madankollu jinkludi dak tal-konsegwenzi differenti, kemm favorevoli kif ukoll sfavorevoli għall-benefiċjarji tagħha, tal-iskema inkwistjoni fejn in-natura mhux univoka tal-allegat vantaġġ tirriżulta mill-karatteristiċi stess tal-iskema.

Blli l-leġiżlazzjoni nazzjonali msemmija fid-deċiżjoni kkontestata kienet tammonta għal restrizzjoni, fis-settur tal-isport professjonali Spanjol, tal-kamp ta' applikazzjoni *ratione personae* tal-iskema fiskali tal-entitajiet mingħajr skop ta' lukru, il-Qorti Ġenerali b'hekk eżaminat jekk il-Kummissjoni kinitx stabbilixxiet, b'mod suffiċjenti skont id-dritt, fid-deċiżjoni kkontestata, li l-iskema fiskali tal-entitajiet mingħajr skop ta' lukru, meħuda fl-intier tagħha, kienet ta' natura li tqiegħed lill-benefiċjarji tagħha f'sitwazzjoni iktar vantaġġuża milli kieku dawn kellhom joperaw taħt il-forma ta' kumpanniji b'responsabbiltà limitata. Issa, skont il-Qorti Ġenerali, dan ma kienx il-każ. Fil-fatt, wara li enfasizzat li l-Kummissjoni kellha, meta adottat id-deċiżjoni kkontestata, elementi li jenfasizzaw l-ispeċifiċità tal-iskema fiskali tal-entitajiet mingħajr skop ta' qligħ fir-rigward tal-limitu massimu tat-tnaqqis fiskali għal investiment mill-ġdid ta' profitti eċċezzjonali f'livell inqas vantaġġuż minn dak applikabbli għall-kumpanniji tal-isport b'responsabbiltà limitata, il-Qorti Ġenerali qieset li l-argumenti mressqa mill-Kummissjoni ma kinux jippermettu li jiġi eskluż li dawn il-possibbiltajiet inqas ta' tnaqqis fiskali tal-iskema ta' entitajiet mingħajr skop ta' lukru jibbilanċjaw il-vantaġġ miksub mir-rata nominali ta' tassazzjoni iktar baxxa li minnha dawn l-entitajiet kienu jibbenefikaw. Peress li l-Kummissjoni ma ssodisfatx, suffiċjentement skont id-dritt, l-oneru li tipprova li l-miżura kontenzjuża kienet tagħti vantaġġ lill-benefiċjarji tagħha, il-Qorti Ġenerali kkonstatat ksur tal-Artikolu 107(1) TFUE u annullat id-deċiżjoni kkontestata.

### b. Imputabbiltà – użu ta' riżorsi tal-Istat

Fis-sentenza L-***Italja et vs Il-Kummissjoni*** (T-98/16, T-196/16 et T-198/16, taħt appell [45], EU:T:2019:167), mogħtija fid-19 ta' Marzu 2019, il-Qorti Ġenerali annullat, fil-kuntest ta' rikors għal annullament fuq il-bażi tal-Artikolu 263 TFUE, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2016/1208 [46] dwar l-għajnuna mill-Istat implimentata mill-Italja favur bank Taljan, Banca Tercas, billi qieset li l-istituzzjoni kienet qieset b'mod żbaljat li l-miżuri kontenzjużi kienu imputabbli lill-Istat u kienu jinvolvu l-użu ta' riżorsi tal-Istat.

Fl-2013, bank Taljan, Banca Popolare di Bari (BPB), kien wera interess jissottoskrivi żieda fil-kapital ta' bank Taljan ieħor, Banca Tercas, imqiegħed sa mill-2012 taħt is-sistema ta' amministrazzjoni straordinarja wara irregolaritajiet ikkonstatati mill-Bank Ċentrali tar-Repubblika Taljana, Banca d'Italia (il-Bank tal-Italja). Waħda mill-kundizzjonijiet stabbiliti minn BPB għal din l-operazzjoni kienet tirrigwarda l-kopertura, mill-Fondo

45| Kawża C-425/19 P, ***Il-Kummissjoni vs L-Italja et.***

46| Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1208 tat-23 ta' Diċembru 2015 dwar l-għajnuna mill-Istat li l-Italja implimentat favur il-Banca Tercas (Il-każ SA.39451 (2015/C) (ex 2015/NN)) (ĠU 2016, L 203, p. 1).

Interbancario di Tutela dei Depositi (FITD), tad-defiċit patrimonjali ta' Banca Tercas, li fir-rigward tiegħu kien ġie mitlub ukoll awditu. Il-FITD huwa konsorzju rregolat mid-dritt privat Taljan bejn banek ta' natura mutwalistika, li għandu l-possibbiltà li jintervjeni favur il-membri tiegħu, mhux biss fuq il-bażi tal-garanzija legali tad-depożiti prevista fil-każ ta' stralċ amministrattiv forzat ta' wieħed mill-membri tiegħu (intervent obbligatorju), iżda wkoll fuq bażi volontarja, skont l-Istatut tiegħu, jekk dan l-intervent jippermetti li jitnaqqsu l-oneri li jkunu jistgħu jirriżultaw mill-garanzija tad-depożiti imposti fuq il-membri tiegħu (interventi volontarji, fosthom l-intervent volontarju ta' appoġġ jew preventiv inkwistjoni).

Fl-2014, wara li żgura ruħu li l-intervent favur Banca Tercas kien ekonomikament iktar vantaġġuż mir-rimbors tad-depożitanti ta' dan il-bank, il-FITD iddeċieda li jkopri d-defiċit kapitali tiegħu u li jagħtih ċerti garanziji. Dawn il-miżuri ġew approvati mill-Bank tal-Italja. Il-Kummissjoni Ewropea fetħet investigazzjoni fid-dettall dwar dawn il-miżuri, minħabba dubji dwar il-kompatibbiltà tagħhom mar-regoli tal-Unjoni fil-qasam tal-għajnuna mill-Istat. Permezz tad-Deċiżjoni 2016/1208, li hija s-suġġett tar-rikors f'din il-kawża, hija waslet għall-konklużjoni li l-miżuri inkwistjoni kienu jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat li r-Repubblika tal-Italja implimentat favur Banca Tercas.

Wara li fakkret il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar il-klassifikazzjoni bħala għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107 TFUE, il-Qorti Ġenerali eżaminat, fl-ewwel lok, jekk l-imsemmija miżuri kinux imputabbli lill-Istat Taljan u sussegwentement, fit-tieni lok, jekk dawn kinux ġew iffinanzjati permezz ta' riżorsi tal-Istat.

Il-Qorti Ġenerali għaldaqstant iddeċidiet, fl-ewwel lok, li l-Kummissjoni kienet wettqet żball meta qieset li hija kienet uriet li l-awtoritajiet Taljani kienu eżerċitaw kontroll pubbliku sostanzjali fid-definizzjoni tal-intervent tal-FITD favur BancaTercas, peress li l-istituzzjoni ma kinitx ipprovat, b'mod suffiċjenti fid-dritt, l-involviment tal-awtoritajiet pubbliċi Taljani fl-adozzjoni tal-miżura inkwistjoni u lanqas, konsegwentement, l-imputabbiltà ta' din il-miżura lill-Istat, fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE. Wara li fakkret li, fil-każ ta' miżura pprovduta minn entità privata, hija l-Kummissjoni li għandha tistabbilixxi l-eżistenza ta' indizji suffiċjenti sabiex jiġi konkluż li din kienet ġiet adottata taħt l-influwenza jew il-kontroll effettiv tal-awtoritajiet pubbliċi, il-Qorti Ġenerali suċċessivament eżaminat il-portata tal-mandat pubbliku mogħti lill-FITD u, sussegwentement, l-awtonomija tal-FITD fil-mument tal-adozzjoni tal-intervent.

Fir-rigward tal-ewwel punt, hija qieset, minn naħa, li l-interventi ta' appoġġ tal-FITD kienu prinċipalment intiżi li jintlaħqu l-interessi privati tal-membri ta' dan tal-aħħar u, min-naħa l-oħra, li dawn ma kinux jimplimentaw xi mandat pubbliku fdat mil-leġiżlazzjoni Taljana. B'mod partikolari hija rrilevat, f'dan ir-rigward, li l-mandat mogħti lill-FITD mil-liġi Taljana kien jikkonsisti biss fil-fatt li d-depożitanti jiġu rrimborsati (fil-limitu ta' EUR 100 000 għal kull depożitant), bħala skema ta' garanzija tad-depożiti, meta bank membru tiegħu ikun is-suġġett ta' stralċ amministrattiv forzat, u li, barra minn dan l-ambitu, il-FITD ma kienx jaġixxi b'eżekuzzjoni ta' għan pubbliku impost mil-leġiżlazzjoni Taljana. Minn dan hija kkonkludiet li l-interventi ta' appoġġ kellhom għaldaqstant għan differenti minn dak tar-rimbors tad-depożiti fil-każ ta' stralċ amministrattiv forzat u ma kinux jikkostitwixxu t-twettiq ta' mandat pubbliku.

Fir-rigward tat-tieni punt, il-Qorti Ġenerali qieset li l-Kummissjoni ma kinitx ipprovat l-involviment tal-awtoritajiet pubbliċi Taljani fl-adozzjoni tal-miżura inkwistjoni. F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali rrilevat li l-FITD kien konsorzju rregolat mid-dritt privat li kien jaġixxi, skont l-Istatut tiegħu, "f'isem u fl-interess" tal-membri tiegħu u li l-korpi governattivi tiegħu kienu eletti mill-assemblea ġenerali tal-FITD u, bħal din tal-aħħar, kienu esklużivament magħmula minn rappreżentanti tal-banek membri tal-konsorzju. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti Ġenerali b'mod partikolari kkonstatat li l-awtorizzazzjoni, mill-Bank tal-Italja, tal-intervent tal-FITD favur BancaTercas ma kinitx tikkostitwixxi indizju li jippermetti li l-miżura inkwistjoni tiġi imputata lill-Istat Taljan, peress li dan tal-aħħar jwettaq biss, f'dan ir-rigward, kontroll tal-konformità tagħha mal-kuntest leġiżlattiv għal finijiet ta' sorveljanza prudenzjali. Hija kkonstatat ukoll li l-preżenza tar-rappreżentanti tal-Bank tal-Italja fil-laqgħat tal-korpi governattivi tal-FITD lanqas ma kienet tikkostitwixxi indizju ta' imputabbiltà tal-miżura inkwistjoni lill-Istat, inkwantu huma jeżerċitaw biss sempliċi rwol ta' osservaturi, mingħajr ebda

dritt ta' vot u mingħajr ebda kapaċità konsultattiva. Barra minn hekk, hija qieset li l-Kummissjoni ma kienet ipproduċiet ebda prova li turi li l-Bank tal-Italja kien influwenza b'mod deċiżiv in-negozjati bejn il-FITD, minn naħa, u BPB u l-kummissarju speċjali, min-naħa l-oħra, peress li dawn in-negozjati kienu biss l-espressjoni ta' djalogu leġittimu u ordinarju mal-awtoritajiet ta' sorveljanza kompetenti, li jippermetti lill-Bank tal-Italja jiġi informat bl-iżvilupp tal-fajl sabiex ikun jista' jieħu d-deċiżjoni tiegħu iktar malajr dwar l-awtorizzazzjoni tal-miżura inkwistjoni, ladarba din tiġi adottata mill-korpi governattivi tal-FITD. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ma stabbilixxietx li l-istedina indirizzata mill-Bank tal-Italja lill-FITD, bil-għan li jintlaħaq ftehim ibbilanċjat ma' BPB fir-rigward tal-kopertura tal-fondi proprji negattivi ta' Banca Terras, kellha l-iċken effett fuq id-deċiżjoni tal-FITD li jintervjeni favur dan tal-aħħar. Fl-aħħar nett, il-Qorti Ġenerali rrilevat li l-fatt li l-kummissarju speċjali kellu l-possibbiltà jibda l-proċedura li tista' twassal għal intervent ta' appoġġ tal-FITD, billi tintbagħtlu talba mhux vinkolanti f'dan is-sens, lanqas ma kien iqiegħed inkwistjoni l-awtonomija ta' dan tal-aħħar, peress li t-tressiq ta' tali talba ma jobbligahx jilqa' din it-talba, peress li huwa jiddeċiedi l-kontenut ta' tali intervent b'mod awtonomu u peress li l-FITD jafferma li huwa stess jista' jieħu l-inizjattiva li jibda l-proċedura ta' implimentazzjoni ta' intervent, mingħajr ma din l-affermazzjoni hija kkontradetta mill-Istatut tal-FITD jew mil-leġiżlazzjoni Taljana.

Fit-tieni lok, hija u teżamina t-tliet indizji meħuda inkunsiderazzjoni mill-Kummissjoni sabiex tikkonkludi li l-intervent tal-FITD kien iffinanzjat permezz ta' riżorsi tal-Istat, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li l-istituzzjoni ma kinitx stabbilixxiet li l-fondi mogħtija lil Banca Tercas kienu kkontrollati mill-awtoritajiet pubbliċi Taljani u, għalhekk, għad-dispożizzjoni ta' dawn tal-aħħar.

Hija għaldaqstant ċaħdet, l-ewwel nett, il-konstatazzjoni li l-FITD kellu mandat pubbliku u li l-intervent tiegħu favur Banca Tercas kien sar sabiex jiġu protetti d-depożiti tad-depożitanti, billi rreferiet f'dan ir-rigward għall-analiżi mwettqa fil-kuntest tal-imputabbiltà tal-intervent tal-FITD lill-Istat. It-tieni nett, hija qieset li l-Kummissjoni ma setgħetx tistabbilixxi li l-Bank tal-Italja, permezz tal-kontroll formali tar-regolarità tal-użu tar-riżorsi użati mill-FITD, ipprova jorjenta r-riżorsi privati mqiegħda għad-dispożizzjoni ta' dan tal-aħħar. It-tielet nett, hija qieset li l-fatt li l-kontribuzzjonijiet użati mill-FITD sabiex jiffinanzja l-intervent kienu ta' natura obbligatorja, peress li l-banek li huma membri tiegħu fil-prattika ma għandhom l-ebda għażla oħra ħlief li jissieħbu miegħu u ma jistgħux jeżerċitaw il-veto tagħhom fuq id-deċiżjonijiet tiegħu jew jiddiżassoċjaw ruħhom mill-intervent li huwa jkun iddeċieda, jibqa' essenzjalment teoretiku u mingħajr impatt fuq l-intervent. Hija b'mod partikolari rrilevat, f'dan ir-rigward, li l-fondi użati għall-intervent tal-FITD kienu riżorsi privati pprovduti mill-banek membri ta' dan tal-aħħar, li l-obbligu tal-membri tal-FITD li jikkontribwixxu għall-intervent ma kienx joriġina minn dispożizzjoni leġiżlattiva, iżda minn dispożizzjoni statutorja ta' natura privata li tissalvagwardja l-awtonomija deċiżjonali tal-imsemmija membri, u li, qabel ma' ddeċieda dwar l-intervent u li jimmobilizza r-riżorsi privati tal-membri tiegħu, il-FITD kien żgura ruħu li l-ispiża tiegħu kienet inqas mill-ispiża li kien jirrappreżenta l-istralċ ta' BancaTercas u għalhekk l-implimentazzjoni tal-garanzija legali tad-depożiti tad-depożitanti, b'mod li l-imsemmi intervent kien fl-interess ta' BPB, ta' Banca Tercas u tal-membri kollha tiegħu.

# 3. Miżuri fiskali nazzjonali

## a. Miżuri favur portijiet nazzjonali

Fis-sentenza ***UPF vs Il-Kummissjoni*** (T-747/17, EU:T:2019:271), mogħtija fit-30 ta' April 2019, il-Qorti Ġenerali ċaħdet bħala infondat ir-rikors għal annullament ippreżentat mill-Union des ports de France (UPF) kontra d-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea tas-27 ta' Lulju 2017 [47], li tiddikjara inkompatibbli mas-suq intern, skont id-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar l-għajnuna mill-Istat eżistenti [48], l-iskema ta' eżenzjoni mit-taxxa fuq il-kumpanniji implimentata minn Franza favur il-portijiet tagħha u li teżiġi t-tneħħija tagħha għall-futur.

Adottata wara investigazzjoni li saret fl-2013 fl-Istati Membri kollha, sabiex ikollhom stampa globali dwar il-funzjonament u t-tassazzjoni tal-portijiet tagħhom, id-deċiżjoni kkontestata kkonstatat li l-miżura dwar l-eżenzjoni mit-taxxa fuq il-kumpanniji tal-operaturi attivi fis-settur tal-portijiet kienet tikkostitwixxi skema ta' għajnuna mill-Istat eżistenti inkompatibbli mas-suq intern. Għaldaqstant hija ordnat it-tneħħija ta' din il-miżura u s-sottomissjoni tad-dħul mill-attivitajiet ekonomiċi tal-benefiċjarji tagħha għat-taxxa fuq il-kumpanniji mill-bidu tas-sena fiskali wara d-data tal-adozzjoni tagħha.

Il-Qorti Ġenerali ddeċidiet qabelxejn li, għalkemm id-deċiżjoni kkontestata ma setgħetx tipproduċi effetti legali fir-rigward tal-benefiċjarji tal-iskema ta' għajnuna mingħajr l-adozzjoni ta' miżuri ta' implimentazzjoni mill-awtoritajiet Franċiżi, UPF kellha madankollu, bħala assoċjazzjoni professjonali li tiżgura d-difiża u r-rappreżentanza tal-membri tagħha, *locus standi* fil-konfront tad-deċiżjoni kkontestata, peress li l-imsemmija membri ma kinux ippreżentaw rikors huma stess. Hija kkonstatat, f'dan ir-rigward, li l-membri ta' UPF kienu kollha portijiet jew portijiet marittimi kbar Franċiżi jew kmamar tal-kummerċ li jamministraw tali portijiet li legalment ibbenefikaw mill-iskema ta' eżenzjoni. Barra minn hekk, peress li l-imsemmija membri kienu persuni ġuridiċi rregolati mid-dritt pubbliku stabbiliti permezz ta' digriet, li l-ħolqien tagħhom ma kienx jaqa' taħt inizjattiva privata, huma kienu jifformaw parti minn ċirku magħluq ta' operaturi, identifikabbli fil-mument tal-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata, li setgħu jinvokaw il-kwalità ta' benefiċjarji effettivi tal-iskema ta' għajnuna eżistenti.

Il-Qorti Ġenerali madankollu ddeċidiet li d-deċiżjoni kkontestata ma kienet ivvizzjata b'ebda żball ta' liġi u ċaħdet l-ilmenti kollha fformulati minn UPF, b'mod partikolari dawk ibbażati fuq l-iżbalji allegatament imwettqa mill-Kummissjoni fl-evalwazzjoni tan-natura ekonomika tal-attivitajiet tal-portijiet Franċiżi u tal-klassifikazzjoni tagħhom bħala impriżi. Hija kkonstatat, b'hekk, li mid-deċiżjoni kkontestata kien jirriżulta b'mod ċar li din kienet tirrigwarda biss id-dħul tal-attivitajiet ekonomiċi tal-benefiċjarji tal-eżenzjoni u li kien biss fir-rigward ta' dawn l-attivitajiet li dawn tal-aħħar kienu meqjusa li kienu impriżi. Hija qieset ukoll li l-evalwazzjoni li kienet tgħid li l-attivitajiet imwettqa mill-portijiet Franċiżi, lil hinn minn dawk imwettqa fl-eżerċizzju ta' kompiti ta' awtorità pubblika bħall-kontroll u s-sigurtà tat-traffiku marittimu jew is-sorveljanza għall-kontroll tal-emissjonijiet, kienu ta' natura ekonomika, kienet iġġustifikata. Fil-fatt, iċ-ċirkustanza li entità jkollha prerogattivi ta' awtorità pubblika għall-eżerċizzju ta' parti mill-attivitajiet tagħha ma jipprekludix, minħabba din iċ-ċirkustanza biss, li din tiġi kklassifikata bħala impriża għall-bqija tal-attivitajiet ekonomiċi tagħha. Barra minn hekk, għalkemm l-attività ekonomika ta' entità hija indissoċjabbli mill-eżerċizzju tal-prerogattivi tagħha ta' awtorità pubblika, din tal-aħħar għandha tiġi kklassifikata bħala impriża għal din il-parti tal-attivitajiet tagħha.

47| Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2116 tas-27 ta' Lulju 2017 dwar skema ta' għajnuna Nru SA.38398 (2016/C, ex 2015/E) implimentata minn Franza – Taxxa tal-portijiet fi Franza (ĠU 2017, L 332, p. 24; iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kkontestata").

48| Artikolu 107(1) TFUE.

Il-Qorti Ġenerali ddeċidiet ukoll li l-Kummissjoni ma wettqet ebda żball fl-evalwazzjoni tal-kundizzjonijiet ta' distorsjoni tal-kompetizzjoni u ta' effett fuq il-kummerċ. Hija kkonstatat b'mod partikolari li, anki jekk kellu jitqies li s-sitwazzjoni individwali ta' ċerti portijiet fil-gżejjer jew tat-territorji barranin Franċiżi setgħet turi li dawn il-kundizzjonijiet ma kinux issodisfatti, dan l-eżami kellu, fil-każ ta' skema ta' għajnuna, isir mill-Istat Membru fl-istadju tal-irkupru tal-għajnuna jew fi stadju iktar tard, skont il-prinċipju ta' kooperazzjoni leali bejn l-imsemmi Stat Membru u l-Kummissjoni.

Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali qieset li l-Kummissjoni ma wettqitx żball fit-tmexxija tal-proċedura għall-eżami tal-għajnuna eżistenti meta obbligat lill-awtoritajiet Franċiżi juru li l-miżura ta' eżenzjoni fiskali kienet kompatibbli mas-suq intern. Hija rrilevat, f'dan ir-rigward, li ma kienet teżisti ebda raġuni la sabiex issir distinzjoni bejn il-proċedura applikabbli għall-għajnuna ġdida u għall-għajnuna eżistenti fl-istadju tal-proċedura ta' investigazzjoni formali, u lanqas sabiex jitqies li l-oneru tal-prova jinqaleb fir-rigward tal-eżami tal-kompatibbiltà ta' skema ta' għajnuna eżistenti mas-suq intern.

Fl-aħħar nett, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li l-Kummissjoni ma kisritx il-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba meta fetħet proċeduri kontra tliet Stati Membri biss, filwaqt li baqgħet inattiva fil-konfront tal-Istati Membri previsti fl-investigazzjoni tagħha tal-2013 li kienu ammettew li kienu żammew għall-portijiet tagħhom skemi fiskali derogatorji mir-regoli tad-dritt komuni. Hija kkonstatat, b'mod partikolari, li l-obbligu ta' imparzjalità ma jistax jobbliga lill-Kummissjoni tmexxi investigazzjonijiet simultanjament jew li tadotta deċiżjonijiet vinkolanti fil-kuntest ta' proċeduri ta' għajnuna mill-Istat. Barra minn hekk, kwalunkwe ksur minn Stat Membru ta' obbligu li huwa jkollu skont it-Trattat ma jistax jiġi ġġustifikat mill-fatt li Stati Membri oħra wkoll ikunu qegħdin jonqsu milli jwettqu dan l-obbligu.

Fis-sentenza ***Havenbedrijf Antwerpen u Maatschappij van de Brugse Zeehaven vs Il-Kummissjoni*** (T-696/17, EU:T:2019:652), mogħtija fl-20 ta' Settembru 2019, il-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors għal annullament ippreżentat mill-portijiet ta' Antwerpen u Bruges kontra d-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea tat-27 ta' Lulju 2017 li kklassifikat l-iskema ta' eżenzjoni mit-taxxa fuq il-kumpanniji li kienu jibbenefikaw minnha bħala għajnuna mill-Istat inkompatibbli mat-Trattat u li ordnat it-tneħħija tagħha [49].

Adottata wara investigazzjoni mwettqa fl-2013 fl-Istati Membri kollha, sabiex tinkiseb stampa sħiħa dwar il-funzjonament u t-tassazzjoni tal-portijiet tagħhom, id-deċiżjoni kkontestata kkonstatat li l-miżura li kienet teżenta mit-taxxa fuq il-kumpanniji l-portijiet Belġjani msemmija fl-Artikolu 180(2) tal-Kodiċi tat-Taxxa fuq id-Dħul Ikkoordinat fl-1992 (iktar 'il quddiem iċ-"CIR") kienet tikkostitwixxi skema ta' għajnuna mill-Istat eżistenti inkompatibbli mas-suq intern. Konsegwentement, hija ordnat b'mod partikolari t-tneħħija ta' din l-eżenzjoni u l-issuġġettar tad-dħul tal-attivitajiet tal-imsemmija portijiet għat-taxxa fuq il-kumpanniji b'effett mill-bidu tas-sena ta' wara d-data tal-adozzjoni tagħha.

F'dan il-każ, il-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors bħala infondat, billi qieset li l-Kummissjoni kienet ġustament qieset li ż-żewġ portijiet kellhom jiġu kklassifikati bħala impriżi, sa fejn dawn kienu jeżerċitaw attivitajiet ekonomiċi, u li l-eżenzjoni li kienu jibbenefikaw minnha kellha l-effett li tivvantaġġahom u kienet, għaldaqstant, ta' natura selettiva fid-dawl tad-dritt dwar l-għajnuna mill-Istat [50].

Fil-fatt, fl-ewwel lok, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li l-Kummissjoni kienet ġustament qieset li l-portijiet kienu jeżerċitaw, tal-inqas parzjalment, attivitajiet ekonomiċi, sa fejn dawn kienu jipprovdu lill-utenti tagħhom servizz ta' aċċess tal-bastimenti għall-infrastruttura tal-port bi skambju għal "dritt tal-port" u servizzi partikolari bi ħlas, bħall-pilotaġġ, l-irfigħ, il-manutenzjoni jew l-irmiġġ, u sa fejn kienu jipprovdu ċerti infrastrutturi jew

49| Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2115 tas-27 ta' Lulju 2017 dwar l-iskema ta' għajnuna SA.38393 (2016/C, ex 2015/E) implimentata mil-Belġju – It-taxxa fuq il-portijiet fil-Belġju (ĠU 2017, L 332, p. 1), iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kkontestata".

50| Artikolu 107(1) TFUE.

artijiet għad-dispożizzjoni ta' impriżi għall-bżonnijiet tagħhom stess jew għall-finijiet ta' provvista tal-imsemmija servizzi partikolari. F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali ppreċiżat, minn naħa, li l-fatt lill-portijiet kienu ġew iddelegati prerogattivi ta' awtorità pubblika, ta' natura mhux ekonomika, bħall-kontroll u s-sigurtà tat-traffiku marittimu jew is-sorveljanza kontra t-tniġġis, jew li ġew inkarigati b'servizzi ta' interess ġenerali, ma kienx jipprekludi, waħdu, li dawn jiġu kklassifikati bħala impriżi, peress li huma kienu jeżerċitaw ukoll attivitajiet ekonomiċi, li kienu jikkonsistu fl-offerta ta' oġġetti u servizzi fis-suq bi ħlas. Min-naħa l-oħra, hija kkonstatat li ma kienx intwera li l-attivitajiet ekonomiċi tal-portijiet kienu purament aċċessorji u inseparabbli mill-eżerċizzju tal-prerogattivi tagħhom ta' awtorità pubblika. Fl-aħħar nett, hija qieset li, anki jekk kellu jitqies li l-portijiet kienu jibbenefikaw minn monopolju legali u jekk ma kinux jeżistu operaturi portwali privati fil-Belġju li kienu f'kompetizzjoni magħhom, xorta waħda kien hemm suq tas-servizzi tal-portijiet, li fih id-diversi portijiet marittimi tal-Unjoni, b'mod partikolari fir-rotta Hamburg-Rotterdam-Antwerpen, kienu f'kompetizzjoni.

Fit-tieni lok, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li l-Kummissjoni kienet ġustament ikkonkludiet li l-eżenzjoni mit-taxxa fuq il-kumpanniji li minnha kienu jibbenefikaw iż-żewġ portijiet, skont l-Artikolu 180(2) taċ-CIR, kienet tagħtihom vantaġġ selettiv fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE. F'dan ir-rigward, hija fakkret qabelxejn li l-istħarriġ li għandu jitwettaq sabiex tingħata deċiżjoni dwar is-selettività kien jimplika li jiġi identifikat, fl-ewwel lok, il-qafas ta' riferiment, jiġifieri s-sistema fiskali komuni jew "normali" applikabbli, u sussegwentement li jintwera, fit-tieni lok, li l-miżura fiskali inkwistjoni kienet tidderoga mill-imsemmija sistema komuni, sa fejn hija kienet tintroduċi distinzjonijiet bejn operaturi li kienu jinsabu, fid-dawl tal-għan imfittex mill-imsemmija sistema, f'sitwazzjoni legali u fattwali paragunabbli.

F'dan il-każ, l-Artikolu 1 taċ-CIR kien jipprovdi li l-kumpanniji kienu suġġetti għat-taxxa fuq il-kumpanniji u l-persuni ġuridiċi minbarra l-kumpanniji għat-taxxa fuq il-persuni ġuridiċi. L-Artikolu 2(5)(a) taċ-CIR kien jiddefinixxi, barra minn hekk, il-kumpannija bħala kull entità li jkollha personalità ġuridika u li twettaq operat jew tranżazzjonijiet ta' natura lukrattiva.

F'dan il-kuntest, il-Qorti Ġenerali qieset qabelxejn li l-Kummissjoni kellha raġun tqis li l-portijiet kienu bħala prinċipju "kumpanniji" minħabba l-attivitajiet essenzjali tagħhom, ta' natura ekonomika, u li, fl-assenza tal-Artikolu 180(2) taċ-CIR, huma kienu jkunu suġġetti għat-taxxa fuq il-kumpanniji, sa fejn dawn kienu jwettqu operazzjonijiet ta' natura lukrattiva, u mhux għat-taxxa fuq il-persuni ġuridiċi, skont l-Artikoli 1 u 2 taċ-CIR. Peress li l-Artikolu 180(2) taċ-CIR b'hekk jistabbilixxi eżenzjoni inkundizzjonata mit-taxxa fuq il-kumpanniji favur il-portijiet, minkejja li kienu involuti f'operat jew tranżazzjonijiet ta' natura lukrattiva, fis-sens tal-Artikolu 2(5) taċ-CIR, id-dispożizzjonijiet tiegħu ma kinux jaqgħu taħt ir-*ratio* tal-qafas ta' riferiment u għalhekk kienu jikkostitwixxu deroga mill-imsemmi qafas. Hija kkonstatat, sussegwentement, li l-Kummissjoni kienet ġustament qieset li din id-deroga kienet tintroduċi distinzjoni bejn il-kumpanniji suġġetti għat-taxxa fuq il-kumpanniji u l-portijiet, minkejja li, fid-dawl tal-għan tal-qafas ta' riferiment, li kien li jiġu ntaxxati l-profitti tal-kumpanniji involuti f'operat jew fi tranżazzjonijiet ta' natura lukrattiva, huma kienu jinsabu f'sitwazzjoni paragunabbli. Fl-aħħar nett, il-Qorti Ġenerali qieset li din id-deroga ma kinitx iġġustifikata min-natura u mill-istruttura tas-sistema ta' tassazzjoni tad-dħul. F'dan ir-rigward, hija rrilevat b'mod partikolari li, peress li l-kriterju determinanti għall-issuġġettar għat-taxxa fuq il-kumpanniji kien il-fatt, għall-entità inkwistjoni, li twettaq operat jew tranżazzjonijiet ta' natura lukrattiva, iċ-ċirkustanzi li l-portijiet ma kinux jiddistribwixxu l-profitt tagħhom, iżda jinvestuh mill-ġdid, li dawn kienu jfittxu li jilħqu għan li jmur lil hinn mill-interess individwali tagħhom, li dawn ma kellhomx bħala għan statutorju li jagħmlu qliegħ, li dawn kienu jagħmlu parti mill-awtoritajiet pubbliċi u kienu jiżguraw missjonijiet ta' interess ġenerali ma kinux suffiċjenti, fid-dawl tal-prinċipji gwida tas-sistema fiskali, sabiex jiġġustifikaw trattament fiskali iktar favorevoli minn dak ta' kumpanniji oħra.

### b. Tassazzjoni ta’ kumpanniji integrati fi grupp multinazzjonali

Fis-sentenza ***Il-Belġju u Magnetrol International vs Il-Kummissjoni*** (T-131/16 u T-263/16, taħt appell [51], EU:T:2019:91), mogħtija fl-14 ta’ Frar 2019, il-Qorti Ġenerali annullat, fil-kuntest ta’ rikors għal annullament ippreżentat skont l-Artikolu 263 TFUE, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1699 tal-11 ta’ Jannar 2016 li kklassifikat bħala għajnuna mill-Istat illegali u inkompatibbli mas-suq intern l-iskema ta’ eżenzjoni tal-profitti eċċessivi ta’ entitajiet Belġjani ta’ gruppi ta’ impriżi multinazzjonali applikata mill-Belġju sa mill-2004, u li ordnat għalhekk l-irkupru tagħha [52].

Skont l-Artikolu 185(2)(b) tal-de 1992 (il-Kodiċi tat-Taxxi fuq id-Dħul tal-1992, iktar ’il quddiem iċ-“CIR 92”), ibbażat fuq il-prinċipju ta’ distakkament stabbilit fl-Artikolu 9 tal-Mudell ta’ Konvenzjoni tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u għall-Iżvilupp Ekonomiku (OCDE) fil-qasam tat-taxxa fuq id-dħul u fuq il-kapital, il-bażi taxxabbli tal-kumpanniji li jagħmlu parti minn gruppi multinazzjonali ta’ kumpanniji li jkunu suġġetti għat-taxxa fil-Belġju tkun tista’ tiġi aġġustata, pożittivament jew negattivament, każ b’każ fuq il-bażi tal-elementi disponibbli pprovduti mill-persuna taxxabbli, permezz ta’ aġġustamenti fir-rigward tal-profitti li jirriżultaw minn tranżazzjonijiet transkonfinali fi ħdan il-grupp, meta l-prezzijiet tat-trasferiment applikati ma jirriflettux il-mekkaniżmi tas-suq u l-prinċipju ta’ distakkament. L-aġġustament pożittiv jippermetti żieda fil-profitti tal-kumpannija residenti li tagħmel parti minn grupp multinazzjonali sabiex jiġu inklużi l-profitti li l-kumpannija residenti kienet tiġġenera li kieku tranżazzjoni partikolari tkun twettqet f’kuntest ta’ distakkament. L-aġġustament korrelattiv negattiv huwa intiż li tiġi evitata jew imwaqqfa taxxa doppja. Dawn l-aġġustamenti setgħu jiġu approvati mill-awtoritajiet fiskali Belġjani permezz ta’ deċiżjoni bil-quddiem (*tax ruling).*

Il-Qorti Ġenerali ċaħdet, fl-ewwel lok, il-motiv ibbażat fuq l-allegat indħil mill-Kummissjoni fil-kompetenzi esklużivi tal-Belġju fil-qasam tat-tassazzjoni diretta. F’dan ir-rigward, hija qieset li, minkejja li t-tassazzjoni diretta taqa’, fl-istat attwali tal-iżvilupp tad-dritt tal-Unjoni, fil-kompetenza tal-Istati Membri, dawn tal-aħħar għandhom xorta waħda jeżerċitaw din il-kompetenza b’osservanza tad-dritt tal-Unjoni. Issa, miżura li permezz tagħha l-awtoritajiet pubbliċi jagħtu lil ċerti impriżi trattament fiskali vantaġġuż li jqiegħed lill-benefiċjarji f’sitwazzjoni finanzjarja iktar favorevoli mill-persuni taxxabbli l-oħra tista’ tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat. Peress li l-Kummissjoni għandha l-kompetenza tiżgura l-osservanza tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat, hija ma setgħetx tiġi kkritikata li marret lil hinn mill-kompetenzi tagħha.

Fit-tieni lok, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li l-Kummissjoni żbaljat meta kkonkludiet, f’dan il-każ, li kien hemm skema ta’ għajnuna, fis-sens tal-Artikolu 1(d) tar-Regolament 2015/1589 [53]. Skont din id-dispożizzjoni, jikkostitwixxi skema ta’ għajnuna “kull att li fuq il-bażi tiegħu, mingħajr ma jkunu meħtieġa miżuri ta’ implimentazzjoni oħra, jistgħu jingħataw għajnuniet individwali lill-impriżi li jkunu definiti fl-att b’mod ġenerali u astratt u kull att li fuq il-bażi tiegħu għajnuna li ma tkunx konnessa ma’ proġett speċifiku tista’ tingħata lil waħda jew ħafna impriżi għal perjodu ta’ żmien indefinit u/jew għal ammont indefinit”. Skont il-Qorti Ġenerali, din id-definizzjoni timplika, l-ewwel nett, li, sa fejn l-għajnuna individwali tingħata mingħajr l-intervent ta’ miżuri supplimentari ta’ implimentazzjoni, l-elementi essenzjali tal-iskema ta’ għajnuna inkwistjoni jkollhom jirriżultaw neċessarjament mid-dispożizzjonijiet identifikati bħala l-bażi tal-imsemmija skema. It-tieni nett, hija timplika li l-awtoritajiet nazzjonali li japplikaw l-imsemmija skema ma għandhomx marġni ta’ diskrezzjoni fir-rigward tad-determinazzjoni tal-elementi essenzjali tal-għajnuna inkwistjoni u fir-rigward tal-opportunità

51| Kawża C-337/19 P, ***Il-Kummissjoni vs Il-Belġju u Magnetrol International.***

52| Deċiżjoni (UE) 2016/1699 tal-11 ta’ Jannar 2016 dwar l-iskema ta’ għajnuna li tirrigwarda l-eżenzjoni tal-qligħ eċċessiv SA.37667 (2015/C) (ex 2015/NN) implimentata mill-Belġju [notifikata bid-dokument numru C(2015) 9837] (ĠU 2016, L 260, p. 61).

53| Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1589 tat-13 ta’ Lulju 2015 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 108 TFUE (ĠU 2015, L 248, p. 9).

tal-għoti tagħha, peress li s-setgħa tal-awtoritajiet nazzjonali għandha tkun limitata għal applikazzjoni teknika tad-dispożizzjonijiet intiżi li jikkostitwixxu l-iskema inkwistjoni, jekk ikun il-każ wara li jkunu vverifikaw li l-applikanti jissodisfaw il-kundizzjonijiet preliminari sabiex jibbenefikaw minnha. Fl-aħħar u t-tielet nett, l-atti li fuqhom kienet ibbażata l-iskema ta' għajnuna kellhom jiddefinixxu l-benefiċjarji b'mod ġenerali u astratt, anki jekk l-għajnuna mogħtija lilhom tibqa' indeterminata.

F'dan il-każ, il-Qorti Ġenerali kkonstatat, l-ewwel nett, li għalkemm kien minnu li ċerti elementi essenzjali tal-iskema meħuda inkunsiderazzjoni mill-Kummissjoni fid-Deċiżjoni (UE) 2016/1699 setgħu joħorġu mill-atti li hija identifikat, dan iżda ma kienx il-każ għal dawn l-elementi essenzjali kollha, fosthom il-metodu għall-kalkolu tal-profitti eċċessivi f'żewġ stadji, li kienu jinkludu l-metodu tranżazzjonali tal-marġni nett (MTMN), u r-rekwiżit ta' investimenti, tal-ħolqien ta' impjiegi, taċ-ċentralizzazzjoni jew taż-żieda tal-attivitajiet fil-Belġju. Għaldaqstant, l-implimentazzjoni ta' dawn l-atti u, għalhekk, l-għoti tal-allegata għajnuna kienu jiddependu neċessarjament mill-adozzjoni ta' miżuri supplimentari ta' implimentazzjoni. It-tieni nett, il-Qorti Ġenerali qieset li l-awtoritajiet fiskali Belġjani kellhom, fl-adozzjoni tad-deċiżjonijiet bil-quddiem dwar il-profitti eċċessivi, setgħa diskrezzjonali fir-rigward tal-elementi essenzjali kollha tas-sistema ta' eżenzjoni kontenzjuża, li kienet tippermettilhom jinfluwenzaw il-karatteristiċi, l-ammont u l-kundizzjonijiet li fihom kienet tingħata l-eżenzjoni, punt dan li jeskludi wkoll l-eżistenza ta' skema ta' għajnuna. Hija kkonstatat f'dan ir-rigward li, meta adottaw deċiżjoni ta' aġġustament negattiv, l-imsemmija awtoritajiet ma wettqux applikazzjoni teknika tal-qafas regolamentari applikabbli, iżda, għall-kuntrarju, wettqu "każ b'każ" evalwazzjoni kwalitattiva u kwantitattiva ta' kull applikazzjoni, fuq il-bażi tar-rapporti u tal-provi ppreżentati mill-entità kkonċernata, sabiex jiddeċiedu jekk kienx iġġustifikat li jingħata l-imsemmi aġġustament. It-tielet nett, il-Qorti Ġenerali rrilevat li l-benefiċjarji tal-allegata skema ta' għajnuna, li, bis-saħħa tal-Artikolu 185(2)(b) taċ-CIR 92, kienet intiża li tapplika għall-kumpanniji li jagħmlu parti minn grupp multinazzjonali fir-rigward tar-relazzjonijiet transkonfinali reċiproċi tagħhom, ma kinux iddefiniti b'mod ġenerali u astratt permezz tal-atti li fuqhom kienet ibbażata l-iskema ta' għajnuna identifikati mill-Kummissjoni, b'tali mod li kellhom neċessarjament jiġu ddefiniti permezz ta' miżuri supplimentari ta' implimentazzjoni. Fl-aħħar, ir-raba' nett, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li l-Kummissjoni ma rnexxilhiex turi li l-approċċ sistematiku adottat mill-awtoritajiet fiskali Belġjani u identifikat minnha kien jissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 1(d) tar-Regolament 2015/1589.

Fis-sentenza tal-24 ta' Settembru 2019, ***Il-Lussemburgu u Fiat Chrysler Finance Europe vs Il-Kummissjoni*** (T-755/15 u T-759/15, EU:T:2019:670), mogħtija fl-24 ta' Settembru 2019, is-Seba' Awla Estiża tal-Qorti Ġenerali ċaħdet bħala infondati r-rikorsi għal annullament ippreżentati mill-Gran Dukat tal-Lussemburgu u mill-kumpannija Fiat Chrysler Finance Europe kontra d-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea li kklassifikat bħala għajnuna mill-Istat deċiżjoni fiskali bil-quddiem mogħtija mill-awtoritajiet fiskali Lussemburgiżi lill-impriża Fiat Chrysler Finance Europe [54].

Fiat Chrysler Finance Europe, preċedentement magħrufa bl-isem Fiat Finance and Trade Ltd (iktar 'il quddiem "FFT"), tagħmel parti mill-grupp tal-karrozzi Fiat/Chrysler u tipprovdi servizzi ta' teżorerija u ta' finanzjamenti lill-kumpanniji tal-imsemmi grupp stabbiliti fl-Ewropa. Peress li l-uffiċċju rreġistrat tagħha jinsab fil-Lussemburgu, FFT kienet talbet lill-awtoritajiet fiskali Lussemburgiżi deċiżjoni fiskali bil-quddiem (*tax ruling*) (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni bil-quddiem"). Wara din it-talba, l-awtoritajiet Lussemburgiżi adottaw deċiżjoni bil-quddiem li tappoġġa metodu ta' determinazzjoni tar-remunerazzjoni ta' FFT għas-servizzi pprovduti lill-kumpanniji l-oħra tal-grupp Fiat/Chrysler, u dan kien jippermetti lil FFT tiddetermina kull sena l-profitt taxxabbli tagħha fuq il-bażi tat-taxxa fuq il-kumpanniji fil-Gran Dukat tal-Lussemburgu.

54| Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2326 tal-21 ta' Ottubru 2015 dwar l-Għajnuna mill-Istat SA.38375 (2014/C) (ex 2014/NN) implimentata mil-Lussemburgu għal Fiat (ĠU 2016, L 351, p. 1).

Fid-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni qieset li din id-deċiżjoni bil-quddiem kienet tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107 TFUE, speċifikament għajnuna għat-tħaddim li kienet inkompatibbli mas-suq intern. Hija kkonstatat, barra minn hekk, li l-Gran Dukat tal-Lussemburgu ma kienx ikkomunikalha l-abbozz tad-deċiżjoni bil-quddiem inkwistjoni u ma kienx osserva l-obbligu ta' sospensjoni, bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 108(3) TFUE. B'hekk, il-Kummissjoni ordnat l-irkupru ta' din l-għajnuna illegali u inkompatibbli mas-suq intern. Il-Gran Dukat tal-Lussemburgu u FFT ippreżentaw it-tnejn li huma rikors għal annullament kontra din id-deċiżjoni.

Peress li t-tassazzjoni diretta taqa' taħt il-kompetenza esklużiva tal-Istati Membri, il-Qorti Ġenerali fakkret, fl-ewwel lok, li meta eżaminat il-kwistjoni dwar jekk id-deċiżjoni bil-quddiem inkwistjoni kinitx konformi mar-regoli fil-qasam tal-għajnuna mill-Istat, il-Kummissjoni ma pproċediet b'ebda "armonizzazzjoni fiskali moħbija", iżda eżerċitat il-kompetenza li hija kellha skont id-dritt tal-Unjoni Ewropea. Fil-fatt, peress li l-Kummissjoni għandha l-kompetenza sabiex tiżgura l-osservanza tal-Artikolu 107 TFUE, hija ma setgħetx tiġi kkritikata li marret lil hinn mill-kompetenzi tagħha meta eżaminat id-deċiżjoni bil-quddiem inkwistjoni sabiex tivverifika jekk din kinitx tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat u, fl-affermattiv, jekk din kinitx kompatibbli mas-suq intern.

Fit-tieni lok, il-Qorti Ġenerali esponiet li, meta d-dritt fiskali nazzjonali jkollu l-intenzjoni li jintaxxa l-profitt li jirriżulta mill-attività ekonomika ta' impriża integrata bħal meta dan jirriżulta minn tranżazzjonijiet imwettqa f'kundizzjonijiet tas-suq, il-Kummissjoni tista' tuża l-prinċipju ta' distakkament sabiex tistħarreġ jekk it-tranżazzjonijiet fi ħdan il-grupp ikunux saru taħt ħlas daqslikieku jkunu ġew innegozjati bejn impriżi indipendenti u, għaldaqstant, jekk deċiżjoni fiskali bil-quddiem tagħtix vantaġġ lill-benefiċjarju tagħha fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE. F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali ppreċiżat li l-prinċipju ta' distakkament kif identifikat mill-Kummissjoni fid-deċiżjoni kkontestata jikkostitwixxi għodda li tippermettilha tistħarreġ jekk it-tranżazzjonijiet fi ħdan il-grupp taħt ħlas daqslikieku jkunu nnegozjati bejn impriżi indipendenti. B'hekk hija kkonstatat li, fid-dawl tad-dritt fiskali Lussemburgiż, din l-għodda tidħol fil-kuntest tal-eżerċizzju tal-kompetenzi tal-Kummissjoni taħt l-Artikolu 107 TFUE. Konsegwentement, fil-każ ineżami, il-Kummissjoni kienet f'pożizzjoni li tivverifika jekk il-livell tal-prezz tat-tranżazzjonijiet fi ħdan il-grupp awtorizzat mid-deċiżjoni bil-quddiem inkwistjoni kienx jikkorrispondi għal dak li kien jiġi nnegozjat f'kundizzjonijiet tas-suq.

Fit-tielet lok, għal dak li jirrigwarda l-prova, fiha nnifisha, tal-eżistenza ta' vantaġġ, il-Qorti Ġenerali qieset li l-metodu ta' determinazzjoni tal-ħlas ta' FFT awtorizzat mid-deċiżjoni bil-quddiem inkwistjoni ma kienx jippermetti l-kisba ta' riżultat ta' distakkament u li huwa kien, bil-kontra, imminimizza l-ħlas ta' FFT, li abbażi tagħha tiġi ddeterminata t-taxxa dovuta minnha.

Fir-raba' lok, għal dak li jikkonċerna l-eżami tas-selettività tal-vantaġġ mogħti lil FFT mid-deċiżjoni bil-quddiem inkwistjoni, il-Qorti Ġenerali qieset li l-Kummissjoni ma kinitx wettqet żball meta qieset li l-vantaġġ mogħti lil FFT kien selettiv, peress li l-imsemmija deċiżjoni bil-quddiem kienet meqjusa li tikkostitwixxi għajnuna individwali u l-kundizzjonijiet marbuta mal-preżunzjoni ta' selettività kienu ġew issodisfatti fil-każ ineżami. Il-Qorti Ġenerali żiedet li, fi kwalunkwe każ, il-Kummissjoni kienet ipprovat ukoll li l-miżura inkwistjoni kienet selettiva fuq il-bażi tal-analiżi tas-selettività fi tliet stadji.

Fil-ħames lok, għal dak li jikkonċerna l-irkupru tal-għajnuna, il-Qorti Ġenerali kkonfermat li, fil-każ ineżami, l-irkupru tal-għajnuna la kien imur kontra l-prinċipju ta' ċertezza legali u lanqas kontra d-drittijiet tad-difiża tal-Gran Dukat tal-Lussemburgu.

Fis-sentenza tal-24 ta' Settembru 2019, ***Il-Pajjiżi l-Baxxi et vs Il-Kummissjoni*** (T-760/15 u T-636/16, EU:T:2019:669), is-Seba' Awla Estiża tal-Qorti Ġenerali annullat id-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea li kklassifikat bħala għajnuna mill-Istat ftehim minn qabel dwar il-prezzijiet konkluż mill-awtoritajiet fiskali Olandiżi mal-impriża Starbucks Manufacturing Emea BV [55] (iktar 'il quddiem "SMBV").

SMBV hija sussidjarja tal-grupp Starbucks li hija responsabbli minn ċerti attivitajiet ta' produzzjoni u ta' distribuzzjoni fi ħdan l-imsemmi grupp. Fit-28 ta' April 2008, l-awtoritajiet fiskali Olandiżi kkonkludew ftehim minn qabel dwar il-prezzijiet ma' SMBV (iktar 'il quddiem il-"ftehim minn qabel"), li kellu l-għan li tiġi ddeterminata l-ħlas ta' SMBV għall-attivitajiet tagħha fi ħdan il-grupp Starbucks. Sussegwentement, il-ħlas ta' SMBV serva sabiex jiġi ddeterminat kull sena l-profitt taxxabbli ta' SMBV abbażi tat-taxxa fuq il-kumpanniji fil-Pajjiżi l-Baxxi. Fil-21 ta' Ottubru 2015, il-Kummissjoni adottat id-deċiżjoni tagħha li, minn naħa, ikklassifikat il-ftehim minn qabel bħala għajnuna inkompatibbli mas-suq intern u, min-naħa l-oħra, ordnat l-irkupru ta' din l-għajnuna. Ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi, minn naħa, u Starbucks Corp. u SMBV, min-naħa l-oħra, ippreżentaw kull wieħed minnhom rikors għal annullament ta' din id-deċiżjoni.

Peress li t-tassazzjoni diretta taqa' taħt il-kompetenza esklużiva tal-Istati Membri, il-Qorti Ġenerali fakkret, fl-ewwel lok, li dawn tal-aħħar għandhom madankollu jeżerċitaw din il-kompetenza fl-osservanza tad-dritt tal-Unjoni Ewropea. Għalhekk, l-interventi tal-Istati Membri fil-qasam tat-tassazzjoni diretta, minkejja li jirrigwardaw kwistjonijiet li ma jkunux is-suġġett ta' armonizzazzjoni fl-Unjoni, ma humiex esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar l-istħarriġ tal-għajnuna mill-Istat. Minn dan jirriżulta li l-Kummissjoni tista' tikklassifika miżura fiskali, bħall-ftehim minn qabel, bħala għajnuna mill-Istat sakemm il-kundizzjonijiet għal tali klassifikazzjoni jkunu ssodisfatti.

Fit-tieni lok, il-Qorti Ġenerali esponiet li, meta d-dritt fiskali nazzjonali jkollu l-intenzjoni li jintaxxa l-profitt li jirriżulta mill-attività ekonomika ta' impriża integrata daqslikieku dan ikun ġej minn tranżazzjonijiet imwettqa f'kundizzjonijiet tas-suq, il-Kummissjoni tista' tuża l-prinċipju ta' distakkament sabiex tistħarreġ jekk it-tranżazzjonijiet fi ħdan il-grupp ikunux bi ħlas daqslikieku jkunu ġew innegozjati bejn impriżi indipendenti u, għaldaqstant, jekk deċiżjoni fiskali bil-quddiem tagħtix vantaġġ lill-benefiċjarju tagħha fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE. F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali ppreċiżat li l-prinċipju ta' distakkament, kif identifikat mill-Kummissjoni fid-deċiżjoni tagħha, jikkostitwixxi għodda li tippermettilha tistħarreġ jekk it-tranżazzjonijiet fi ħdan il-grupp ikunux bi ħlas daqslikieku jkunu ġew innegozjati bejn impriżi indipendenti. Għaldaqstant, hija kkonstatat li, fid-dawl tad-dritt fiskali Olandiż, din l-għodda kienet tidħol fil-kuntest tal-eżerċizzju tal-kompetenzi tal-Kummissjoni skont l-Artikolu 107 TFUE. Konsegwentement, fil-każ ineżami, il-Kummissjoni kienet f'pożizzjoni li tivverifika jekk il-livell tal-prezz tat-tranżazzjonijiet fi ħdan il-grupp awtorizzat mill-ftehim minn qabel inkwistjoni kienx jikkorrispondi għal dak li kien jiġi nnegozjat f'kundizzjonijiet tas-suq.

Fit-tielet lok, għal dak li jirrigwarda l-prova, fiha nnifisha, tal-eżistenza ta' vantaġġ, il-Qorti Ġenerali qieset, madankollu, li l-Kummissjoni ma kienx irnexxielha tipprova li l-ftehim minn qabel inkwistjoni kien ta vantaġġ fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE billi naqqas l-oneru fiskali ta' SMBV. B'mod iktar partikolari, il-Qorti Ġenerali ċaħdet id-diversi linji ta' raġunament espressi mill-Kummissjoni, intiżi li juru li, billi kkonferma metodu ta' determinazzjoni tal-prezzijiet ta' trasferiment li ma kienx jippermetti l-kisba ta' riżultat ta' distakkament, il-ftehim minn qabel kien ta vantaġġ lil SMBV.

B'hekk, l-ewwel nett, il-Qorti Ġenerali ċaħdet il-linja ta' raġunament li l-ftehim minn qabel kien ta' vantaġġ lil SMBV minħabba li l-għażla nnifisha tal-metodu ta' determinazzjoni tal-prezzijiet għat-tranżazzjonijiet fi ħdan il-grupp ma kinitx twassal għal approssimazzjoni affidabbli ta' riżultat ibbażat fis-suq, konformement mal-prinċipju ta' distakkament. Fil-fatt, peress li s-sempliċi nuqqas ta' osservanza ta' preskrizzjonijiet

55| Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/502 tal-21 ta' Ottubru 2015 dwar l-għajnuna mill-Istat SA.38374 (2014/C ex 2014/NN) implimentata min-Netherlands għal Starbucks (ĠU 2017, L 83, p. 38).

metodoloġiċi ma kienx iwassal neċessarjament għal tnaqqis tal-oneru fiskali, kien meħtieġ ukoll li l-Kummissjoni turi li l-iżbalji metodoloġiċi li hija identifikat fil-ftehim minn qabel inkwistjoni ma kinux jippermettu l-kisba ta' approssimazzjoni affidabbli ta' riżultat ta' distakkament u li dawn kienu jwasslu għal tnaqqis tal-profitt taxxabbli meta mqabbel mal-oneru fiskali li kien jirriżulta mill-applikazzjoni tar-regoli ta' tassazzjoni normali tad-dritt nazzjonali għal impriża mqiegħda f'sitwazzjoni fattwali komparabbli ma' dik ta' SMBV u li kienet teżerċita l-attivitajiet tagħha f'kundizzjonijiet tas-suq. Issa, tali prova ma ġietx prodotta mill-Kummissjoni.

F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali rrilevat, b'mod partikolari, li l-Kummissjoni ma kienet invokat ebda element li jippermetti li jiġi konkluż li l-metodu adottat fil-ftehim minn qabel sabiex jiġu ddeterminati l-prezzijiet ta' trasferiment, jiġifieri l-metodu tranżazzjonali tal-marġni nett (iktar 'il quddiem il-"MTMN"), kien iwassal neċessarjament għal riżultat baxx wisq, li kien jagħti vantaġġ lil SMBV. Bl-istess mod, il-Qorti Ġenerali esponiet li s-sempliċi konstatazzjoni, magħmula mill-Kummissjoni, li l-ftehim minn qabel ma kienx analizza t-tariffa mħallsa minn SMBV lil impriza tal-grupp Starbucks għall-użu tad-dirittijiet tal-proprjetà intellettwali tagħha, fosthom b'mod partikolari l-metodi tal-inkaljar u ta' kompetenzi oħra fir-rigward tal-inkaljar, ma kinitx suffiċjenti sabiex jintwera li din it-tariffa effettivament ma kinitx konformi mal-prinċipju ta' distakkament. Għal dak li jirrigwarda l-ammont ta' din it-tariffa mħallsa minn SMBV, skont analiżi tal-funzjonijiet ta' SMBV dwar it-tariffa u analiżi tal-ftehimiet tal-inkaljar komparabbli eżaminati mill-Kummissjoni, il-Qorti Ġenerali qieset, barra minn hekk, li l-Kummissjoni ma kinitx ipprovat li kien jirriżulta vantaġġ fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE.

It-tieni nett, il-Qorti Ġenerali eżaminat ir-raġunament sussidjarju tal-Kummissjoni li skontu, anki jekk jiġi preżunt li l-MTMN seta' jintuża fil-każ ineżami sabiex jiġu ddeterminati l-prezzijiet ta' trasferiment, il-ftehim minn qabel kien ta vantaġġ lil SMBV minħabba li l-modalitajiet ta' applikazzjoni ta' dan il-metodu vvalidat mill-ftehim minn qabel kienu żbaljati. F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali rrilevat li l-Kummissjoni ma kinitx ipprovat li d-diversi żbalji li hija kienet identifikat fil-modalitajiet tal-applikazzjoni tal-MTMN, sew jekk il-validazzjoni mill-ftehim minn qabel tal-identifikazzjoni ta' SMBV bħala entità li għandha tiġi ttestjata għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-MTMN tal-għażla tal-indikatur tal-livell tal-profitt għall-applikazzjoni tal-MTMN kif ukoll ċerti aġġustamenti magħmula lill-imsemmi indikatur, kienu taw vantaġġ lil SMBV.

## 4. Sussidji għall-investiment favur impriżi tat-trasport pubbliku

Fis-sentenzi tat-12 ta' Lulju 2019, ***Keolis CIF et vs Il-Kummissjoni*** (T-289/17, EU:T:2019:537), ***Transdev et vs Il-Kummissjoni*** (T-291/17, EU:T:2019:534), ***Région Île-de-France vs Il-Kummissjoni*** (T-292/17, EU:T:2019:532), ***Optile vs Il-Kummissjoni*** (T-309/17, EU:T:2019:529), ***Ceobus et vs Il-Kummissjoni*** (T-330/17, EU:T:2019:527) u ***STIF-IDF vs Il-Kummissjoni*** (T-738/17, EU:T:2019:526), il-Qorti Ġenerali ċaħdet diversi talbiet għal annullament parzjali tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-2 ta' Frar 2017 dwar żewġ skemi ta' għajnuna implimentati minn Franza favur impriżi tat-trasport bix-xarabank fir-Reġjun ta' Île-de-France [56].

Dawn il-kawżi kollha jaqgħu fil-kuntest tal-għoti ta' żewġ skemi ta' għajnuna favur impriżi tat-trasport bix-xarabank fir-Reġjun ta' Île-de-France, l-ewwel waħda, implimentata mir-Reġjun ta' Île-de-France, bejn l-1994 u l-2008, u, it-tieni waħda, implimentata mis-Syndicat Transport Île de France (STIF-IDF), b'effett mill-2008. L-għajnuna mħallsa taħt dawn l-iskemi kienet intiża li tiffavorixxi l-akkwist ta' materjal mill-impriżi tat-trasport pubbliku regolari tar-Reġjun ta' Île-de-France u li tikkumpensa l-ispejjeż ta' investiment sostnuti minn dawn tal-aħħar.

56| Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1470 tat-2 ta' Frar 2017 dwar l-iskemi ta' għajnuna SA.26763 2014/C (eks 2012/NN) implimentata minn Franza favur tal-impriżi ta' trasport bix-xarabank fir-Reġjun ta' Île-de-France (ĠU 2017, L 209, p. 24).

Fid-deċiżjoni kkontestata quddiem il-Qorti Ġenerali, il-Kummissjoni, inizjalment, qieset li dawn iż-żewġ skemi ta' għajnuna kienu kompatibbli mas-suq intern. Sussegwentement, hija kkonkludiet, madankollu, li l-għajnuna finanzjarja mogħtija abbażi ta' dawn l-iskemi kienet ġiet implimentata b'mod illegali, sa fejn din kienet tikkostitwixxi "għajnuna ġdida" u ma kinitx ġiet ikkomunikata lilha. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni kkonstatat, b'mod iktar partikolari, ksur tal-Artikolu 108(3) TFUE li jipprojbixxi lill-Istati Membri intiżi li jagħtu jew li jemendaw għajnuna mill-Istat milli jimplimentaw il-miżuri ppjanati qabel ma l-Kummissjoni tkun wettqet kontroll minn qabel ta' dawn il-proġetti. L-Artikolu 108(3) TFUE jipprevedi, għalhekk, obbligu ta' "standstill" li japplika għall-għajnuna ġdida, iżda mhux għall-għajnuna eżistenti.

Permezz tas-sentenzi ***Keolis CIF et vs Il-Kummissjoni, Transdev et vs Il-Kummissjoni, Optile vs Il-Kummissjoni*** u ***Ceobus et vs Il-Kummissjoni***, il-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikorsi ppreżentati minn diversi operaturi ta' netwerks tat-trasport bit-triq tal-passiġġieri fit-territorju ta' dan ir-reġjun intiżi għall-annullament tad-deċiżjoni kkontestata sa fejn din kienet tirrigwarda l-iskema ta' għajnuna implimentata mir-Reġjun ta' Île-de-France bejn l-1994 u l-2008. F'dan il-kuntest, diversi rikorrenti kienu ressqu lmenti bbażati fuq diversi ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni mill-Kummissjoni, li madankollu kollha ġew miċħuda mill-Qorti Ġenerali. Insostenn tar-rikorsi tagħhom, ir-rikorrenti kkontestaw, inter alia, il-klassifikazzjoni bħala għajnuna ġdida tas-sussidji għall-investiment irċevuti mill-impriżi tat-trasport abbażi tal-iskema ta' għajnuna inkwistjoni. L-operaturi tan-netwerks tat-trasport bit-triq invokaw, barra minn hekk, ksur tar-regoli tal-preskrizzjoni previsti fl-Artikolu 17 tar-Regolament 2015/1589[57].

Fir-rigward tal-klassifikazzjoni bħala għajnuna ġdida tal-iskema ta' għajnuna implimentata mir-Reġjun ta' Île-de-France bejn l-1994 u l-2008, il-Qorti Ġenerali, minn naħa, ċaħdet l-ilmenti bbażati fuq ksur tal-Artikolu 1(b)(i) tar-Regolament 2015/1589, li jipprovdi li l-għajnuna introdotta qabel id-dħul fis-seħħ tat-Trattat FUE fl-Istat Membru kkonċernat titqies li tkun eżistenti. Fil-fatt, ir-rikorrenti ma kinux ipproduċew quddiem il-Qorti Ġenerali provi suffiċjenti sabiex jiġi stabbilit li l-iskema ta' għajnuna inkwistjoni kienet ġiet introdotta f'data preċedenti għal dik tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea fi Franza, fl-1 ta' Jannar 1958. Min-naħa l-oħra, il-Qorti Ġenerali ċaħdet l-ilmenti bbażati fuq ksur tal-Artikolu 1(b)(v) tar-Regolament 2015/1589, li jipprovdi li kull għajnuna li ma kinitx tikkostitwixxi għajnuna fil-mument tad-dħul fis-seħħ tagħha, iżda li sussegwentement tkun saret għajnuna, minħabba l-evoluzzjoni tas-suq intern, u mingħajr ma tkun nbidlet mill-Istat Membru, titqies li tkun eżistenti. F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali enfasizzat li l-impriżi tat-trasport li jibbenefikaw mill-għajnuna mogħtija setgħu jużaw, sa mill-introduzzjoni tal-iskema ta' għajnuna inkwistjoni, it-tagħmir iffinanzjat minn din l-għajnuna fil-kuntest ta' attivitajiet ta' trasport miftuħa għall-kompetizzjoni. Fir-rigward tal-perijodu 1994–2008, l-impriżi tat-trasport ikkonċernati ma kinux, barra minn hekk, ikkontestaw il-klassifikazzjoni tas-sussidji mogħtija bħala għajnuna mill-Istat, fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE. Barra minn hekk, il-konklużjoni tal-Kummissjoni li l-kriterji kollha previsti f'din id-dispożizzjoni kienu ssodisfatti għal dan il-perijodu kienet konformi mal-analiżi li kienet tinsab f'diversi deċiżjonijiet tal-qrati nazzjonali mogħtija f'dan il-qasam.

Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali ċaħdet l-ilmenti bbażati fuq ksur tal-Artikolu 17 tar-Regolament 2015/1589, li jipprevedi terminu ta' preskrizzjoni ta' għaxar snin fil-qasam tal-irkupru tal-għajnuna. F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali rrilevat li r-regoli fil-qasam tal-preskrizzjoni ddefiniti f'din id-dispożizzjoni jirrigwardaw biss is-setgħat tal-Kummissjoni, b'tali mod li dawn ma humiex intiżi li japplikaw fil-każ fejn, bħal f'dan il-każ, il-Kummissjoni tkun irrikonoxxiet il-kompatibbiltà tal-għajnuna mħallsa illegalment mas-suq intern wara l-għoti tagħha. Madankollu, il-Qorti Ġenerali fakkret li s-setgħat tal-awtoritajiet nazzjonali dwar l-irkupru eventwali ta' tali għajnuna jibqgħu suġġetti biss għar-regoli tal-preskrizzjoni tad-dritt nazzjonali applikabbli quddiem il-qorti nazzjonali.

57| Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1589 tat-13 ta' Lulju 2015 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 108 TFUE (ĠU 2015, L 248, p. 9).

Permezz tas-sentenza ***Région Île-de-France vs Il-Kummissjoni***, il-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors ippreżentat mir-Reġjun ta' Île-de-France. Il-Qorti Ġenerali qieset li r-rikorrent ma setax jikkritika lill-Kummissjoni li wettqet ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni fil-kuntest tal-evalwazzjonijiet tagħha dwar in-natura selettiva tal-iskema ta' għajnuna li huwa stabbilixxa bejn l-1994 u l-2008 u l-vantaġġ ekonomiku indebitu mogħti lill-benefiċjarji ta' din l-iskema. Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali qieset li ma kienx hemm lok li tiġi kkontestata l-fondatezza tal-evalwazzjonijiet, fid-deċiżjoni kkontestata, dwar l-eżistenza ta' vantaġġ ekonomiku u s-selettività tal-iskema. F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali ppreċiżat li l-impriżi li joriġinaw minn Stati Membri oħra jew minn reġjuni Franċiżi oħra ma kinux eliġibbli għall-għoti tas-sussidji kontenzjużi li minnhom setgħu jibbenefikaw biss l-impriżi attivi fis-suq tat-trasport regolari tal-passiġġieri u li jeżerċitaw l-attivitajiet tagħhom fit-territorju tar-rikorrent. Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li l-motiv ibbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 1(b)(i) u (v) tar-Regolament 2015/1589 kellu jiġi miċħud.

Permezz tas-sentenza ***STIF-IDF vs Il-Kummissjoni***, il-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors ippreżentat mis-STIF-IDF intiż għall-annullament tad-deċiżjoni kkontestata sa fejn din kienet tirrigwarda l-iskema ta' għajnuna implimentata minn din tal-aħħar b'effett mill-2008. Din il-parti tad-deċiżjoni kkontestata kienet tirrigwarda, b'mod iktar partikolari, serje ta' kuntratti konklużi bejn is-STIF-IDF u impriżi privati li kienu jeżerċitaw attivitajiet ta' trasport pubbliku regolari fit-territorju tar-Reġjun ta' Île-de-France, li kienu jipprevedu l-ħlas ta' kontribuzzjoni finanzjarja mis-STIF-IDF lill-impriżi firmatarji bħala kumpens għall-eżekuzzjoni tal-obbligi ta' servizz pubbliku li għalihom dawn tal-aħħar kienu suġġetti kuntrattwalment.

Insostenn tar-rikors għal annullament tiegħu, is-STIF-IDF invoka l-ġurisprudenza stabbilita li tgħid li intervent mill-Istat ma jikkostitwixxix għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107 TFUE meta huwa jirrappreżenta l-korrispettiv għal servizzi mwettqa mill-impriżi benefiċjarji sabiex jeżegwixxu obbligi ta' servizz pubbliku, b'tali mod li dawn l-impriżi ma jibbenefikawx, fir-realtà, minn vantaġġ finanzjarju u li l-imsemmi intervent għalhekk ma jkollux l-effett li jqiegħed lil dawn l-impriżi f'pożizzjoni kompetittiva iktar favorevoli fil-konfront tal-impriżi kompetituri. Sabiex, f'każ konkret, tali kumpens ikun jista' ma jiġix ikklassifikat bħala għajnuna mill-Istat, il-kriterji msejħa "Altmark" [58] għandhom ikunu ssodisfatti. Ir-raba' wieħed minn dawn il-kriterji jistipula li l-livell tal-intervent statali għandu jiġi stabbilit abbażi ta' analiżi tal-ispejjeż li impriża medja, immexxija tajjeb u adegwatament mogħnija sabiex tkun tista' tissodisfa l-bżonnijiet neċessarji ta' servizz pubbliku, kienet tagħmel sabiex twettaq tali obbligi. Fir-rikors tiegħu, is-STIF-IDF ikkritika, b'mod iktar partikolari, lill-Kummissjoni talli qieset b'mod żbaljat, fid-deċiżjoni kkontestata, li l-iskema ta' għajnuna kkontestata ma kinitx tissodisfa dan il-kriterju u talli kisret l-obbligu tagħha ta' motivazzjoni f'dan ir-rigward.

Wara li kkonfermat li l-Kummissjoni kienet tat f'dettall biżżejjed ir-raġunijiet li għalihom hija kienet tqis li l-iskema ta' għajnuna kontenzjuża ma kinitx tissodisfa r-raba' kriterju Altmark, il-Qorti Ġenerali rrilevat li l-provi prodotti mis-STIF-IDF insostenn tal-ilmenti tiegħu kienu, essenzjalment, komposti minn riferimenti għal għodod metodoloġiċi li hija kienet użat qabel l-iffissar tal-ammont tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji li kellhom jitħallsu lill-impriżi firmatarji, kif ukoll għad-diversi kontrolli ex post imwettqa sabiex jiġu vverifikati l-investimenti mwettqa minn dawn tal-aħħar. Issa, peress li dawn il-provi ma kinux rilevanti jew, tal-inqas, suffiċjenti sabiex jiġi ddeterminat jekk l-ammont tal-kumpens kienx ġie stabbilit skont ir-raba' kriterju Altmark, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li l-informazzjoni pprovduta mis-STIF-IDF ma kinitx tippermetti li jiġi stabbilit li l-evalwazzjoni tal-iskema ta' għajnuna kontenzjuża mwettqa, fid-deċiżjoni kkontestata, fir-rigward ta' dan il-kriterju, kienet ivvizzjata bi żball ta' liġi jew ta' evalwazzjoni.

---

58| Dawn huma erba' kriterji skont din il-ġurisprudenza, li ġew stipulati fis-sentenza tal-24 ta' Lulju 2003, ***Altmark Trans u Regierungspräsidium Magdeburg*** (C-280/00, EU:C:2003:415, punti 88 sa 93).

## 5. Applikabbiltà *ratione temporis* tad-dispożizzjonijiet fil-qasam tal-għajnuna mill-Istat

***Fis-sentenza European Food et vs Il-Kummissjoni*** (Kawżi magħquda T-624/15, T-694/15 u T-704/15, taħt appell [59], EU:T:2019:423), mogħtija fit-18 ta' Ġunju 2019, il-Qorti Ġenerali annullat fl-intier tagħha d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1470 tat-30 ta' Marzu 2015 [60], li permezz tagħha din tal-aħħar ikklassifikat bħala għajnuna inkompatibbli mas-suq intern il-ħlas tad-danni mogħtija permezz tas-sentenza ta' tribunal tal-arbitraġġ stabbilit taħt il-patroċinju taċ-Ċentru Internazzjonali għas-Soluzzjoni ta' Tilwim dwar Investiment (ICSID).

Fid-29 ta' Mejju 2002, il-Gvern tar-Renju tal-Isvezja u l-Gvern Rumen ikkonkludew trattat bilaterali dwar l-investiment għall-promozzjoni u l-protezzjoni reċiproka ta' investimenti (iktar 'il quddiem il-"BIT"), li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2003, li l-Artikolu 2(3) tiegħu kien jipprovdi li kull parti kontraenti kellha tiżgura f'kull mument trattament ġust u ekwu lill-investimenti tal-investituri tal-parti kontraenti l-oħra. Fl-2005, fil-kuntest tan-negozjati ta' adeżjoni tar-Rumanija mal-Unjoni Ewropea (adeżjoni li finalment seħħet fl-1 ta' Jannar 2007), il-Gvern Rumen ħassar skema nazzjonali ta' inċentivi favur l-investituri fir-reġjuni żvantaġġati li kienet ġiet adottata permezz ta' Ordinanza Governattiva ta' Emerġenza (iktar 'il quddiem "OGE") Nru 24/1998. Billi qiesu li, meta ħassret l-imsemmija skema, ir-Rumanija kienet kisret l-obbligu tagħha li tapplika trattament ġust u ekwu lill-investituri Svediżi, ħames rikorrenti li jibbenefikaw mill-imsemmija skema (iktar 'il quddiem ir-"rikorrenti fl-arbitraġġ") ipproċedew, skont l-Artikolu 7 tal-BIT, b'kawża quddiem tribunal arbitrali fit-28 ta' Lulju 2005. Permezz tad-deċiżjoni tal-arbitraġġ tal-11 ta' Diċembru 2013, l-imsemmi tribunal ta lir-rikorrenti fl-arbitraġġ danni fil-konfront tar-Rumanija għal ammont ta' madwar EUR 178 miljun. Permezz tad-deċiżjoni tagħha, il-Kummissjoni kklassifikat il-ħlas ta' dawn id-danni, flimkien mal-interessi akkumulati wara d-data li fiha ngħatat id-deċiżjoni tal-arbitraġġ, bħala għajnuna ġdida mill-Istat inkompatibbli mas-suq intern u, għaldaqstant, adottat id-deċiżjoni kkontestata sabiex tipprekludi lir-Rumanija milli teżegwixxi d-deċiżjoni tal-arbitraġġ. Il-kumpanniji direttament ikkonċernati mill-imsemmija deċiżjoni (iktar 'il quddiem "ir-rikorrenti") ippreżentaw rikors għal annullament, fis-sens tal-Artikolu 263 TFUE.

Fir-rigward tal-motiv imqajjem mir-rikorrenti dwar l-inapplikabbiltà tad-dritt tal-Unjoni għal sitwazzjoni preċedenti għall-adeżjoni tar-Rumanija, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li l-adozzjoni tal-iskema ta' inċentivi u t-tħassir tagħha, id-dħul fis-seħħ tal-BIT, il-ksur imwettaq mir-Rumanija kif ukoll it-tressiq ta' proċeduri quddiem it-tribunal tal-arbitraġġ mir-rikorrenti fl-arbitraġġ seħħew kollha qabel l-adeżjoni u li t-tħassir tal-inċentivi kienet tikkostitwixxi l-fatt li nissel id-dannu li għalih ingħata l-kumpens inkwistjoni permezz tad-deċiżjoni tal-arbitraġġ. Il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li d-dritt għall-kumpens tar-rikorrenti fl-arbitraġġ kien tnissel fil-mument meta r-Rumanija ħassret l-inizjattivi fl-2005 u, għalhekk, qabel l-adeżjoni tagħha mal-Unjoni. Peress li d-dritt tal-Unjoni ma kienx applikabbli fir-Rumanija f'dan il-perijodu, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li l-Kummissjoni ma setgħetx teżerċita l-kompetenzi mogħtija lilha mit-Trattat fil-qasam tal-għajnuna mill-Istat. Fl-aħħar nett, il-Qorti Ġenerali ppreċiżat li jekk kien minnu li regola ġdida tapplika, bħala prinċipju, immedjatament għall-effetti futuri ta' sitwazzjoni li tkun bdiet taħt ir-regola l-qadima, madankollu ma setax jitqies li l-effetti tad-deċiżjoni tal-arbitraġġ kienu jikkostitwixxu l-effetti futuri ta' sitwazzjoni li tnisslet qabel l-adeżjoni peress li din ipproduċiet, b'mod retroattiv, effetti miksuba definittivament li hija "kkonstatat" biss għall-passat, jiġifieri effetti li kienu diġà parzjalment stabbiliti qabel l-adeżjoni, peress li, kif ikkonstatat

59| Kawża C-638/19 P, ***Il-Kummissjoni vs European Food et.***

60| Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1470 tat-30 ta' Marzu 2015 dwar l-għajnuna mill-Istat SA.38517 (2014/C) (ex 2014/NN) et seq implimentata mir-Rumanija — Deċiżjoni ta' Arbitraġġ Micula vs ir-Rumanija tal-11 ta' Diċembru 2013 (notifikata bid-dokument C(2015) 2112) (ĠU 2015, L 232, p. 43, iktar 'il quddiem, id-"deċiżjoni kkontestata").

il-Kummissjoni fid-deċiżjoni tagħha, l-implimentazzjoni tad-deċiżjoni tal-arbitraġġ tistabbilixxi mill-ġdid is-sitwazzjoni li fiha r-rikorrenti kienu probabbilment isibu ruħhom kieku l-OGE ma tkunx ġiet annullata mir-Rumanija u peress li din kienet tikkostitwixxi għajnuna għall-operat.

Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali fakkret li l-kumpens għal dannu sostnut ma setax jitqies li kien għajnuna, ħlief jekk dan kien iwassal li jiġi kkumpensat l-irtirar ta' għajnuna illegali jew inkompatibbli u li, għaldaqstant, sa fejn id-dritt tal-Unjoni ma kienx japplika għad-danni intiżi li jikkumpensaw l-irtirar tal-iskema ta' inċentivi, dawn id-danni ma setgħux jitqiesu li kienu kumpens għall-irtirar ta' għajnuna illegali jew inkompatibbli mad-dritt tal-Unjoni. Għal din ir-raġuni, il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li d-deċiżjoni tal-Kummissjoni kienet ivvizzjata b'illegalità sa fejn hija kklassifikat l-imsemmija danni bħala vantaġġ u għajnuna fis-sens tal-Artikolu 107 TFUE.

# V. Proprjetà intellettwali

## 1. Trade mark tal-Unjoni Ewropea

### a. Motivi assoluti għal rifjut

Fil-kawża li wasslet għas-sentenza tal-14 ta' Frar 2019, ***Bayer Intellectual Property vs EUIPO (Rappreżentazzjoni ta' qalb)*** (T-123/18, EU:T:2019:95), il-Qorti Ġenerali ġiet adita b'rikors kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) li ċaħdet l-appell mid-deċiżjoni tal-eżaminatur, li kien irrifjuta r-reġistrazzjoni tat-trade mark figurattiva li tirrappreżenta qalb. Il-Bord tal-Appell qies li t-trade mark li għaliha saret applikazzjoni tiġi pperċepita, mill-pubbliku rilevanti, bħala r-rappreżentazzjoni ta' qalb u, konsegwentement, bħala riferiment għall-fatt li s-servizzi inkwistjoni jikkonċernaw il-qasam tal-kardjoloġija.

Il-Qorti Ġenerali fakkret, l-ewwel nett, li trade mark għandha tippermetti lill-pubbliku rilevanti jiddistingwi l-prodotti li hija tindika minn dawk ta' impriżi oħrajn mingħajr ma dan il-pubbliku jkollu jżomm attenzjoni partikolari, b'mod illi l-grad ta' distintività meħtieġ għar-reġistrazzjoni ta' trade mark ma jistax jiddependi fuq il-livell ta' attenzjoni tal-imsemmi pubbliku.

It-tieni nett, il-Qorti Ġenerali fakkret li, konformement ma' ġurisprudenza ferm stabbilita, l-EUIPO għandu jeżerċita l-kompetenzi tiegħu konformement mal-prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni. Minkejja li, fid-dawl tal-prinċipji ta' ugwaljanza fit-trattament u ta' amministrazzjoni tajba, l-EUIPO għandu jieħu inkunsiderazzjoni d-deċiżjonijiet diġà meħuda fir-rigward ta' applikazzjonijiet simili u jistħarreġ b'attenzjoni partikolari l-punt dwar jekk hemmx lok jew le li jiddeċiedi fl-istess sens, l-applikazzjoni ta' dawn il-prinċipji għandha madankollu tiġi rrikonċiljata mal-osservanza tal-prinċipju ta' legalità. Barra minn hekk, għal raġunijiet ta' ċertezza legali u, speċifikament, ta' amministrazzjoni tajba, l-eżami ta' kwalunkwe applikazzjoni għal reġistrazzjoni għandu jkun strett u komplet sabiex jiġi evitat li trade marks jiġu rreġistrati jew annullati b'mod indebitu. Huwa għalhekk li għandu jsir tali eżami f'kull każ konkret. Fil-fatt, ir-reġistrazzjoni ta' sinjal bħala trade mark tiddependi minn kriterji speċifiċi, applikabbli fil-kuntest taċ-ċirkustanzi fattwali tal-każ ineżami, maħsuba sabiex jiġi vverifikat jekk is-sinjal inkwistjoni jaqax taħt xi raġuni għal rifjut.

Il-Qorti Ġenerali rrilevat li minn dawn il-prinċipji jirriżulta, minn naħa, li huwa l-kompitu tal-bordijiet tal-appell, meta jiddeċiedu li jadottaw evalwazzjoni differenti minn dik adottata f'deċiżjonijiet preċedenti dwar applikazzjonijiet simili invokati quddiemhom, li jimmotivaw espliċitament din id-diverġenza fil-konfront tal-imsemmija deċiżjonijiet. Madankollu, tali obbligu ta' motivazzjoni dwar diverġenza fil-konfront ta' deċiżjonijiet

preċedenti huwa inqas importanti fir-rigward ta' eżami li jiddependi strettament mit-trade mark li għaliha tkun saret l-applikazzjoni, milli fir-rigward ta' konstatazzjonijiet fattwali li ma jiddependux minn din l-istess trade mark. Min-naħa l-oħra, jirriżulta wkoll mill-imsemmija ġurisprudenza ċċitata li d-deċiżjonijiet dwar ir-reġistrazzjoni ta' sinjal bħala trade mark tal-Unjoni Ewropea, li jittieħdu mill-bordijiet tal-appell skont ir-Regolament 2017/1001 [61], jaqgħu taħt kompetenza limitata u mhux taħt setgħa diskrezzjonali, b'tali mod li l-legalità tad-deċiżjonijiet ta' dawn l-istess bordijiet tal-appell għandha tiġi evalwata biss abbażi ta' dan ir-regolament, kif interpretat mill-qorti tal-Unjoni. Konsegwentement, il-bordijiet tal-appell ma jistgħux ikunu marbuta b'deċiżjonijiet preċedenti tal-EUIPO.

F'dan il-każ, il-Qorti Ġenerali rrilevat, minn naħa, li l-eżami tal-karattru distintiv tat-trade mark li għaliha kienet saret l-applikazzjoni jiddependi strettament fuqha, u mhux fuq konstatazzjonijiet fattwali invokati mir-rikorrenti. Għaldaqstant, il-Bord tal-Appell seta' sempliċement jindika li r-rikorrenti ma setgħetx validament tinvoka deċiżjonijiet preċedenti tal-EUIPO sabiex tinvalida l-konklużjoni li tipprovdi li t-trade mark li għaliha kienet saret l-applikazzjoni kienet f'kunflitt mal-motiv għal rifjut ibbażat fuq l-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament 2017/1001. Hija osservat, barra minn hekk, li l-Bord tal-Appell, fi kwalunkwe każ, espliċitament immotiva r-raġuni li għaliha huwa ċaħad is-soluzzjoni mogħtija fid-deċiżjoni preċedenti invokata mir-rikorrenti. Fil-fatt, huwa rrileva, essenzjalment, li l-prodotti inkwistjoni ma kinux jirrigwardaw speċifikament il-kardjoloġija, b'mod illi dawn il-prodotti ma kellhomx, b'differenza mis-servizzi inkwistjoni f'dawn il-proċedimenti, "relazzjoni diretta u li tingħaraf immedjatament mal-qalb umana". Min-naħa l-oħra, il-Qorti Ġenerali qieset li r-rikorrenti ma setgħetx tikkontesta l-fondatezza ta' din il-motivazzjoni mingħajr ma tikkontesta l-fondatezza tar-rifjut tar-reġistrazzjoni tat-trade mark li għaliha tkun saret l-applikazzjoni. Issa, hija nnotat li l-Bord tal-Appell qies, ġustament, li t-trade mark li għaliha saret l-applikazzjoni kienet f'kunflitt mal-motiv għal rifjut ibbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament 2017/1001.

Fis-sentenza ***adidas vs EUIPO - Shoe Branding Europe (Rappreżentazzjoni ta' tliet strixxi paralleli)*** (T-307/17, EU:T:2019:427), mogħtija fid-19 ta' Ġunju 2019, il-Qorti Ġenerali ċaħdet rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) li permezz tagħha dan tal-aħħar iddikjara l-invalidità ta' trade mark figurattiva li kienet tirrappreżenta tliet strixxi paralleli ta' kulur iswed fuq sfond abjad għar-raġuni li din it-trade mark kienet nieqsa minn kull karattru distintiv, inkluż dak miksub permezz tal-użu.

F'dan il-każ, adidas AG kienet irreġistrat trade mark figurattiva li tikkonsisti fi tliet strixxi paralleli b'distanza ndaqs bejniethom u tal-istess daqs, applikati fuq il-prodott irrispettivament mid-direzzjoni tagħhom. Shoe Branding Europe BVBA kienet ippreżentat talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità fil-konfront ta' din it-trade mark billi invokat l-assenza ta' karattru distintiv fis-sens tal-Artikolu 52(1)(a) tar-Regolament Nru 207/2009 [62], moqri flimkien mal-Artikolu 7(1)(b) tal-istess regolament. L-EUIPO kien laqa' t-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità għar-raġuni li t-trade mark inkwistjoni kienet nieqsa minn kwalunkwe karattru distintiv, kemm dak intrinsiku kif ukoll dak miksub permezz tal-użu.

Fl-ewwel lok, il-Qorti Ġenerali ntalbet tiddetermina jekk, fir-rigward tal-forom ta' użu ta' trade mark li jistgħu jittieħdu inkunsiderazzjoni, il-kunċett ta' "użu" tat-trade mark fis-sens tal-Artikolu 7(3) u tal-Artikolu 52(2) tar-Regolament Nru 207/2009 kellux jew le jiġi interpretat bl-istess mod bħall-kunċett ta' "użu ġenwin" li jinsab fl-Artikolu 15(1) tal-istess regolament.

61| Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2017 dwar it-trademark tal-Unjoni Ewropea (ĠU 2017, L 154, p. 1).

62| Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009 tas-26 ta' Frar 2009 dwar it-trade mark Komunitarja (Verżjoni kodifikata) (ĠU 2009, L 78, p. 1).

F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali qieset li l-kunċett ta' użu ta' trade mark fis-sens tal-Artikolu 7(3) u tal-Artikolu 52(2) tar-Regolament Nru 207/2009 għandu jiġi interpretat bħala li jagħmel riferiment mhux biss għall-użu tat-trade mark fil-forma li fiha tkun intbagħtet għar-reġistrazzjoni u, skont il-każ, irreġistrata, iżda wkoll għall-użu tat-trade mark f'forom li jkunu differenti minn din il-forma b'varjazzjonijiet negliġibbli biss u li, minħabba dan il-fatt, jistgħu jitqiesu li jkunu globalment ekwivalenti għall-imsemmija forma.

Fit-tieni lok, il-Qorti Ġenerali qieset li, fil-każ ta' trade mark sempliċi ħafna, anki bidliet żgħar magħmula lil din it-trade mark jistgħu jikkostitwixxu varjazzjonijiet mhux negliġibbli, b'mod illi l-forma emendata ma tkunx tista' titqies iktar bħala globalment ekwivalenti għall-forma rreġistrata tal-imsemmija trade mark. Fil-fatt, iktar ma trade mark tkun sempliċi, inqas huwa probabbli li din ikollha karattru distintiv u iktar il-bidla magħmula lil din it-trade mark tista' taffettwa waħda mill-karatteristiċi essenzjali tagħha u tibdel b'dan il-mod il-perċezzjoni tal-imsemmija trade mark mill-pubbliku rilevanti.

Fit-tielet lok, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li l-forma rreġistrata tat-trade mark inkwistjoni kienet ikkaratterizzata bl-użu ta' tliet strixxi suwed fuq sfond abjad. Hija ddeduċiet minn dan li, fid-dawl tas-sempliċità kbira tat-trade mark inkwistjoni u tal-importanza tal-iskema tal-kuluri użata fir-reġistrazzjoni, il-fatt li din l-iskema ta' kuluri tinqaleb ma setax jiġi kklassifikat bħala varjazzjoni negliġibbli meta mqabbel mal-forma rreġistrata tat-trade mark inkwistjoni. Għaldaqstant, il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li l-EUIPO kien fondat li jwarrab il-provi li ma jurux it-trade mark inkwistjoni, iżda sinjali oħra li jikkonsistu fi tliet strixxi bojod (jew ċari) fuq sfond iswed (jew skur).

Permezz tas-sentenza tat-12 ta' Diċembru 2019, ***Conte vs EUIPO (CANNABIS STORE AMSTERDAM)*** (T-683/18, EU:T:2019:855), il-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors imressaq kontra d-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell tal-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) li kien irrifjuta r-reġistrazzjoni tat-trade mark "CANNABIS STORE AMSTERDAM" minħabba li tmur kontra l-ordni pubbliku.

Santa Conte, ir-rikorrenti, kienet applikat għar-reġistrazzjoni tas-sinjal figurattiv li kien jinkludi element verbali "CANNABIS STORE AMSTERDAM" u element figurattiv li kien jirrappreżenta weraq tal-kannabis għal prodotti u servizzi li jaqgħu taħt il-klassijiet 30, 32 u 43 (ikel, xorb, u servizzi ta' provvista ta' ikel u xorb). Il-Bord tal-Appell tal-EUIPO rrifjuta r-reġistrazzjoni fuq il-bażi tal-Artikolu 7(1)(f) tar-Regolament 2017/1001 [63], peress li qies li s-sinjal kien imur kontra l-ordni pubbliku.

L-ewwel nett, il-Qorti Ġenerali fakkret li l-kriterju determinanti għall-finijiet tal-evalwazzjoni tal-kuntrarjetà ta' sinjal għall-ordni pubbliku kienet il-perċezzjoni li jkollu l-pubbliku rilevanti tat-trade mark, liema perċezzjoni tista' tistrieħ fuq definizzjonijiet impreċiżi mil-lat xjentifiku jew tekniku, ħaġa li timplika li hija l-perċezzjoni konkreta u reali tas-sinjal li tgħodd, indipendement mill-informazzjoni eżawrjenti li jkollu l-konsumatur. B'dan il-mod, meta enfasizza li l-"forma partikolari ta' din il-werqa [tal-kannabis] [kienet] ta' spiss tintuża bħala simbolu medjatiku tal-marijuana", il-Bord tal-Appell kien ġustament ikkonstata, mhux fatt xjentifiku, iżda l-perċezzjoni tal-pubbliku rilevanti. Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali kkonfermat l-affermazzjoni tal-Bord tal-Appell li tgħid li l-kelma "amsterdam" tkun ser tinftiehem mill-pubbliku rilevanti bħala li tkun qed tirreferi għall-belt tal-Pajjiżi l-Baxxi li tittollera l-użu ta' drogi u li hija magħrufa għall-"Coffee shops" tagħha.

It-tieni nett, fir-rigward tal-pubbliku rilevanti, il-Qorti Ġenerali indikat li dan kien kompost mill-pubbliku ġenerali tal-Unjoni, li ma għandux neċessarjament il-konoxxenzi xjentifiċi jew tekniċi preċiżi dwar id-drogi b'mod ġenerali, u dwar il-kannabis b'mod partikolari, anki jekk din is-sitwazzjoni tista' tvarja skont it-territorju tal-Istati Membri li fihom ikun jinsab l-imsemmi pubbliku. Barra minn hekk, peress li r-rikorrenti, fl-applikazzjoni

63| L-Artikolu 7(1)(f) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2017 dwar it-trademark tal-Unjoni Ewropea (ĠU 2017, L 154, p. 1) jipprovdi li t-trade marks li jmorru kontra l-ordni pubbliku jew il-prinċipji aċċettati tal-moralità ma għandhomx jiġu rreġistrati.

għar-reġistrazzjoni tat-trade mark, indikat prodotti u servizzi ta' konsum kurrenti, iddestinati għall-pubbliku ġenerali bla distinzjoni ta' età, ma kien hemm ebda raġuni valida li l-pubbliku rilevanti jiġi ristrett għal pubbliku żagħżugħ biss.

It-tielet nett, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li, f'numru ta' pajjiżi tal-Unjoni Ewropea, il-prodotti tal-kannabis li jkollhom livell ta' tetraidrokannabinol (THC) ogħla minn 0.2 % huma meqjusa li huma drogi illegali. Issa, peress li s-sinjali li jistgħu jitqiesu li jmorru kontra l-ordni pubbliku jew il-moralità ma humiex l-istess fl-Istati Membri kollha, b'mod partikolari għal raġunijiet lingwistiċi, storiċi, soċjali jew kulturali, il-Qorti Ġenerali qieset li l-Bord tal-Appell ġustament kien invoka l-leġiżlazzjoni ta' dawn l-Istati Membri, mhux minħabba l-valur normattiv tagħhom, imma bħala indizji fattwali li jippermettu li tiġi evalwata l-perċezzjoni, mill-pubbliku rilevanti li jinsab fl-Istati Membri kkonċernati, tas-sinjal inkwistjoni. Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali qieset li s-sinjal jiġi pperċepit mill-pubbliku rilevanti Anglofonu bħala li jfisser "ħanut tal-kannabis f'Amsterdam" u mill-pubbliku rilevanti mhux Anglofonu bħala "kannabis f'Amsterdam", ħaġa li, f'dawn iż-żewġ każijiet, imsaħħa mill-immaġini tal-weraq tal-kannabis, simbolu medjatiku tal-marijuana, kienet tikkostitwixxi allużjoni ċara u inekwivoka għall-prodott tad-droga kkummerċjalizzat hemm.

Ir-raba' nett, fir-rigward tal-kunċett ta' ordni pubbliku, il-Qorti Ġenerali enfasizzat li kull kuntrarjetà għal-liġi ma kinitx neċessarjament tfisser kuntrarjetà għall-ordni pubbliku. Hemm bżonn li din il-kuntrarjetà taffettwa interess li jitqies li jkun fundamentali minn Stat Membru jew Stati Membri kkonċernati skont is-sistema tal-valuri tagħho. F'dan il-każ, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li, fl-Istati Membri fejn il-konsum u l-użu tad-droga li tirriżulta mill-kannabis għadhom ipprojbiti, il-ġlieda kontra t-tixrid tagħha kellha sensittività partikolari, li tirrifletti għan ta' saħħa pubblika intiż li jiġu miġġielda l-effetti dannużi ta' din is-sustanza.

Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li s-sinjal inkwistjoni, li jiġi pperċepit mill-pubbliku rilevanti bħala indikazzjoni li l-ikel u x-xorb indikati fl-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tat-trade mark, kif ukoll is-servizzi relatati, kienu jinkludu fihom sustanzi ta' droga illegali f'diversi Stati Membri, kien imur kontra l-ordni pubbliku.

### b. Motivi relattivi għal rifjut

Fil-kawża li wasslet għas-sentenza tas-7 ta' Frar 2019, ***Swemac Innovation vs EUIPO-SWEMAC Medical Appliances (SWEMAC)*** (T-287/17, EU:T:2019:69), il-Qorti Ġenerali ġiet adita mill-proprjetarju tat-trade mark tal-Unjoni Ewropea SWEMAC b'talba għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell li ddikjarat l-invalidità tal-imsemmija trade mark minħabba l-eżistenza ta' sinjal preċedenti, jiġifieri l-isem kummerċjali Svediż preċedenti Swemac Medical Appliances AB.

Il-kawża qajmet b'mod partikolari l-kwistjoni dwar jekk, kif sostniet ir-rikorrenti, il-fatt li hija setgħet tinvoka dritt eqdem mis-sinjal preċedenti kienx jimplika li l-persuna li tapplika għal dikjarazzjoni ta' invalidità, proprjetarja tas-sinjal preċedenti, ma tkunx tista' tipprojbixxi l-użu ta' trade mark tal-Unjoni Ewropea sussegwenti, b'tali mod li l-kundizzjoni stabbilita fl-Artikolu 8(4)(b) tar-Regolament Nru 207/2009 ma tkunx issodisfatta.

F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali rrilevat li, skont il-ġurisprudenza, meta l-proprjetarju tat-trade mark tal-Unjoni Ewropea kkontestata jkollu dritt preċedenti li jista' jinvalida t-trade mark preċedenti li fuqha tkun ibbażata applikazzjoni għal dikjarazzjoni ta' invalidità, huwa għandu, skont il-każ, jindirizza talba lill-awtorità jew lill-qorti nazzjonali kompetenti sabiex jikseb, jekk ikun jixtieq, l-invalidità ta' din it-trade mark.

Barra minn hekk, hija fakkret il-ġurisprudenza, stabbilita fil-kuntest ta' proċedimenti ta' oppożizzjoni, li l-fatt li l-proprjetarju ta' trade mark ikkontestata jkun il-proprjetarju ta' trade mark nazzjonali saħansitra eqdem mit-trade mark preċedenti ma jkollu fih innifsu ebda effett sa fejn il-proċedimenti ta' oppożizzjoni fil-livell tal-Unjoni ma jkollhomx l-għan li jsolvu kunflitti f'livell nazzjonali.

Fil-fatt, skont il-ġurisprudenza, il-validità ta' trade mark nazzjonali ma tistax tiġi kkontestata fil-kuntest ta' proċedimenti għal reġistrazzjoni ta' trade mark tal-Unjoni Ewropea, iżda biss fil-kuntest ta' proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità mibdija fl-Istat Membru kkonċernat. Barra minn hekk, għalkemm huwa l-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) li għandu jivverifika, abbażi ta' provi li jkollhom jiġu prodotti mill-parti li tkun qiegħda topponi, l-eżistenza tat-trade mark nazzjonali invokata insostenn tal-oppożizzjoni, huwa ma għandux jirriżolvi kunflitt bejn din it-trade mark u trade mark oħra fil-livell nazzjonali, liema kunflitt jaqa' taħt il-kompetenza tal-awtoritajiet nazzjonali.

Għaldaqstant, skont il-ġurisprudenza, sakemm it-trade mark nazzjonali preċedenti tkun effettivament protetta, l-eżistenza ta' reġistrazzjoni nazzjonali preċedenti jew ta' dritt ieħor preċedenti għal din tal-aħħar ma hijiex rilevanti fil-kuntest tal-oppożizzjoni ppreżentata kontra applikazzjoni għal trade mark tal-Unjoni Ewropea, anki jekk it-trade mark tal-Unjoni Ewropea mitluba tkun identika għal trade mark nazzjonali preċedenti tar-rikorrenti jew għal dritt ieħor li jkun preċedenti għat-trade mark nazzjonali li fuqha tkun ibbażata l-oppożizzjoni.

Il-Qorti Ġenerali osservat li hija diġà kellha l-okkażjoni tiddeċiedi li, anki jekk id-drittijiet fuq l-ismijiet tad-dominju preċedenti jistgħu jiġu assimilati għal reġistrazzjoni nazzjonali preċedenti, fi kwalunkwe każ, ma hijiex il-Qorti Ġenerali li għandha tiddeċiedi fuq kunflitt bejn trade mark nazzjonali preċedenti u drittijiet fuq l-ismijiet tad-dominju preċedenti, peress li tali kunflitt ma jaqax taħt il-ġurisdizzjoni tal-Qorti Ġenerali.

Il-Qorti Ġenerali qieset li kien hemm lok li din il-ġurisprudenza tiġi applikata b'analoġija għal dan il-każ. F'dan ir-rigward, hija rrilevat li, minkejja l-obbligi li kien suġġett għalihom l-EUIPO u r-rwol tal-Qorti Ġenerali, kellu jiġi kkonstatat li la kien l-EUIPO u lanqas il-Qorti Ġenerali li kellhom jagħtu deċiżjoni dwar kunflitt bejn is-sinjal preċedenti u isem ieħor ta' kumpannija jew trade mark mhux irreġistrata fil-livell nazzjonali fil-kuntest ta' proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità kontra trade mark tal-Unjoni Ewropea.

Skont il-Qorti Ġenerali, minn dan kien isegwi li l-kwistjoni tad-dritt preċedenti kellha tiġi eżaminata fid-dawl tar-reġistrazzjoni tat-trade mark tal-Unjoni Ewropea kkontestata, u mhux fid-dawl tad-drittijiet preċedenti allegati li l-proprjetarju tat-trade mark tal-Unjoni Ewropea kkontestata, f'dan il-każ, ir-rikorrenti, seta' jkollu fil-konfront tal-persuna li kienet qed titlob dikjarazzjoni ta' invalidità, proprjetarja tas-sinjal preċedenti. Għaldaqstant, l-uniku dritt preċedenti li kellu jittieħed inkunsiderazzjoni għas-soluzzjoni tat-tilwima kien is-sinjal preċedenti.

Il-kawża li wasslet għad-digriet ***Puma vs EUIPO – CMS (CMS Italy)*** (T-161/16, EU:T:2019:350), mogħti fit-22 ta' Mejju 2019, toriġina mill-oppożizzjoni magħmula minn PUMA għar-reġistrazzjoni tat-trade mark figurattiva CMS Italy, li l-element figurattiv prinċipali tagħha kien felin jaqbeż lejn il-lemin, fuq il-bażi ta' tliet reġistrazzjonijiet internazzjonali ta' trade marks figurattivi, li l-element uniku jew prinċipali tagħhom kien felin jaqbeż lejn ix-xellug, li jipproduċu effetti f'diversi Stati Membri. Ir-raġuni invokata insostenn ta' din l-oppożizzjoni kienet dik imsemmija fl-Artikolu 8(5) tar-Regolament Nru 207/2009 (li sar l-Artikolu 8(5) tar-Regolament Nru 2017/1001).

L-imsemmija oppożizzjoni kienet ġiet miċħuda minħabba li r-reputazzjoni tat-trade marks preċedenti ma kinitx ġiet stabbilita, peress li d-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni kienet inter alia rrifjutat li tieħu inkunsiderazzjoni diversi deċiżjonijiet preċedenti tal-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) li kienu kkonstataw ir-reputazzjoni ta' wħud mill-imsemmija trade marks, li l-parti li ressqet l-oppożizzjoni kienet invokat bħala prova, minħabba li l-legalità tad-deċiżjonijiet tal-EUIPO kellha tiġi evalwata fuq il-bażi tar-Regolament Nru 207/2009 kif ġie interpretat mill-qorti tal-Unjoni, u mhux fuq il-bażi ta' prassi deċiżjonali

preċedenti. L-appell minn din id-deċiżjoni ġie miċħud mill-Bord tal-Appell, li impliċitament aċċetta din l-evalwazzjoni u injora l-provi prodotti mir-rikorrenti quddiemu għar-raġuni, essenzjalment, li dawn ma kinux provi supplimentari, iżda provi prinċipali.

Permezz tad-digriet motivat tagħha, mogħti fuq il-bażi tal-Artikolu 132 tar-Regoli tal-Proċedura, il-Qorti Ġenerali ddikjarat ir-rikors manifestament fondat, fid-dawl tas-sentenza tat-28 ta' Ġunju 2018, ***EUIPO vs Puma*** (C-564/16 P, EU:C:2018:509), li hija għamlet sinteżi tagħha. B'mod partikolari, il-Qorti Ġenerali fakkret li, meta d-deċiżjonijiet preċedenti tal-EUIPO li parti li topponi tinvoka bħala provi sa fejn dawn ikkonstataw ir-reputazzjoni tat-trade mark preċedenti li fuqha tkun ibbażata l-oppożizzjoni tagħha skont l-Artikolu 8(5) tar-Regolament Nru 207/2009 jkunu ddettaljati f'dak li jirrigwarda l-bażi probatorja u l-fatti li fuqhom din il-konstatazzjoni tkun ibbażata, dawn id-deċiżjonijiet jikkostitwixxu indizju importanti tal-fatt li l-imsemmija trade mark tista' wkoll tiġi ttrattata bħala li jkollha reputazzjoni fis-sens ta' din id-dispożizzjoni fil-kuntest tal-proċedimenti ta' oppożizzjoni pendenti.

F'dan il-każ, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li r-rikorrenti kienet invokat b'mod speċifiku, bħala prova tar-reputazzjoni tat-trade marks preċedenti, tliet deċiżjonijiet preċedenti tal-EUIPO li kienu jikkostitwixxu prassi deċiżjonali reċenti li kkonstatat ir-reputazzjoni ta' tnejn mit-tliet trade marks preċedenti fir-rigward ta' prodotti identiċi jew simili għal dawk inkwistjoni u għal xi wħud mill-Istati Membri kkonċernati f'dan il-każ. Għaldaqstant, il-Bord tal-Appell kellu jieħu inkunsiderazzjoni dawn id-deċiżjonijiet tal-EUIPO u jinvestiga l-kwistjoni dwar jekk kienx hemm lok jew le li jieħu deċiżjoni fl-istess sens u, jekk le, li jimmotiva espliċitament din id-diverġenza fl-evalwazzjoni. Sa fejn ma ta ebda rilevanza lill-imsemmija deċiżjonijiet, il-Bord tal-Appell kiser il-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba. Konsegwentement, il-Qorti Ġenerali annullat id-deċiżjoni kkontestata tal-Bord tal-Appell.

Fis-sentenza ***Luciano Sandrone vs EUIPO - J. García Carrión (Luciano Sandrone)*** (T-268/18, EU:T:2019:452), mogħtija fis-27 ta' Ġunju 2019, il-Qorti Ġenerali annullat id-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) tas-26 ta' Frar 2018, li permezz tagħha huwa kien annulla d-deċiżjoni tat-12 ta' April 2017 tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni li kienet ċaħdet l-oppożizzjoni magħmula mid-detentur tat-trade mark verbali preċedenti DON LUCIANO, irreġistrata għal "Xarbiet alkoħoliċi (minbarra birra)", fil-konfront tal-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tat-trade mark verbali Luciano Sandrone għal "Xarbiet alkoħoliċi minbarra birra; preparazzjonijiet għal xarbiet alkoħoliċi".

Fir-rigward tal-paragun tas-sinjali, il-Qorti Ġenerali, li fittxet qabelxejn l-eżistenza ta' element dominanti, invalidat l-evalwazzjoni tal-Bord tal-Appell li l-isem Luciano, preżenti fis-sinjal li kien is-suġġett tal-applikazzjoni għat-trade mark, kien jiġi pperċepit bħala rari mill-pubbliku rilevanti tal-Ġermanja u l-Finlandja. Il-Qorti Ġenerali għamlet hawnhekk distinzjoni bejn l-attribuzzjoni nnifisha tal-isem u l-għarfien tiegħu mill-pubbliku rilevanti, fid-dawl tal-flussi tan-negozju fl-Unjoni u tal-mezzi attwali ta' komunikazzjoni elettroniċi. Hija indikat għalhekk li, filwaqt li huwa magħruf li l-isem Luciano ma huwiex popolari ħafna fost il-popolazzjoni fil-Ġermanja u fil-Finlandja, dan is-sempliċi fatt bl-ebda mod ma kien ifisser li dan l-isem kien ser jiġi pperċepit bħala isem rari f'dawn l-Istati Membri.

Il-Qorti Ġenerali waslet għalhekk għall-konklużjoni li l-Bord tal-Appell kellu jqis bħala dominanti l-element "luciano" fit-trade mark preċedenti, kif fil-fatt, ġustament, għamel, u l-element "sandrone" fis-sinjal li kien is-suġġett tal-applikazzjoni għat-trade mark, peress li dan il-kunjom ma kienx jiġi pperċepit bħala komuni, kif fil-fatt ma għamilx.

Fir-rigward tal-paragun kunċettwali, il-Qorti Ġenerali rrilevat li l-Bord tal-Appell ma identifikax xi kunċett li jista' jintrabat mal-isem u l-kunjom inkwistjoni u, għaldaqstant, is-sempliċi fatt li l-pubbliku rilevanti jassoċja s-sinjal li għalih saret applikazzjoni għal reġistrazzjoni ma' isem u ma' kunjom u għaldaqstant ma' persuna speċifika, virtwali jew reali, u li t-trade mark preċedenti tiġi pperċepita bħala li tindika persuna msejħa Luciano, kien mingħajr rilevanza għall-finijiet tal-paragun tas-sinjali kunfliġġenti fuq livell kunċettwali. Għalhekk, hija

invalidat l-evalwazzjoni magħmula mill-Bord tal-Appell u qieset, bħall-EUIPO, li fis-sottomissjonijiet bil-miktub tiegħu kien tbiegħed mill-evalwazzjoni tal-Bord tal-Appell fuq dan il-punt, li, f'dan il-każ, paragun kunċettwali ma kienx possibbli, għaliex l-ismijiet u l-kunjomijiet inklużi fis-sinjali kunfliġġenti ma kienu jinkludu ebda kunċett.

Fir-rigward tal-evalwazzjoni globali tal-probabbiltà ta' konfużjoni, il-Qorti Ġenerali rrilevat li l-Bord tal-Appell, minn naħa, wettaq xi żbalji meta ma ħax inkunsiderazzjoni l-aspett dominanti tal-element "sandrone" fis-sinjal li kien is-suġġett tal-applikazzjoni għal trade mark u l-impossibbiltà li jitwettaq paragun kunċettwali. Hija indikat, min-naħa l-oħra, li huwa kien żbaljat meta naqas milli jieħu inkunsiderazzjoni diversi speċifiċitajiet tal-prodotti inkwistjoni, jiġifieri li, fil-qasam tal-inbid, l-ismijiet huma importanti ħafna, kemm jekk ikunu kunjomijiet kif ukoll jekk ikunu ismijiet tal-ażjenda li tipproduċi l-inbid, għaliex dawn iservu sabiex jagħmlu riferiment u jindikaw l-inbid. B'dan il-mod, hija ddeċidiet li kien l-element distintiv "sandrone" li kien iservi sabiex jidentifika l-inbejjed tar-rikorrent jew anki l-ażjenda li tipproduċi l-inbid fit-totalità tagħha, jiġifieri "luciano sandrone", iżda mhux l-element "luciano" biss. Hija enfasizzat li l-Bord tal-Appell lanqas ma ħa inkunsiderazzjoni l-frekwenza tal-użu ta' ismijiet jew ta' kunjomijiet Spanjoli jew Taljani, reali jew preżunti, fis-settur tal-inbid u l-fatt li l-konsumaturi huma mdorrija bit-trade marks li jinkludu dawn l-elementi, b'tali mod illi huma ma jaħsbux, kull darba li isem jew kunjom ta' dan it-tip jidher fi trade mark f'relazzjoni ma' elementi oħrajn, li dan jindika li l-prodotti li għalihom jintuża ġejjin kollha mill-istess sors.

Għaldaqstant, il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li fis-settur tal-inbid, fejn l-użu ta' sinjali kkostitwiti minn kunjomijiet jew minn ismijiet huwa komuni ħafna, huwa improbabbli li l-konsumatur medju jkun jista' jaħseb li jkun hemm rabta ekonomika bejn il-proprjetarji tas-sinjali kunfliġġenti minħabba s-sempliċi fatt li t-tnejn ikollhom l-isem Taljan Luciano. Dan il-fatt waħdu ma setax għalhekk jippermetti li jiġi konkluż, f'dak li jirrigwarda t-trade marks dwar inbejjed, li kien hemm probabbiltà ta' konfużjoni, għaliex il-pubbliku rilevanti ma kienx ser jistenna li l-imsemmi isem komuni jintuża minn produttur wieħed bħala element ta' trade mark.

### c. Kwistjonijiet proċedurali

Fis-sentenza ***mobile.de vs EUIPO (Rappreżentazzjoni ta' karozza f'bużżieqa tal-komiks)*** (T-629/18, EU:T:2019:292), mogħtija fis-7 ta' Mejju 2019, il-Qorti Ġenerali ppronunzjat ruħha dwar it-trattament ta' applikazzjoni għar-restrizzjoni tal-lista tal-prodotti u tas-servizzi li għalihom kienet intalbet ir-reġistrazzjoni ta' trade mark. Din it-talba kienet ġiet ippreżentata mir-rikorrenti matul il-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell wara r-rifjut parzjali ta' reġistrazzjoni mill-eżaminatur tal-EUIPO u kienet tkopri l-prodotti u s-servizzi kollha li għalihom ir-reġistrazzjoni kienet ġiet irrifjutata. Minflok ma kkonstata li ma kienx għad hemm lok li tingħata deċiżjoni, il-Bord tal-Appell iddikjara l-appell inammissibbli, minħabba li d-dokument ippreżentat mir-rikorrenti, li kien jirreferi għall-imsemmija talba għal restrizzjoni, ma kienx jissodisfa l-kriterji sabiex ikun jista' jiġi ammess bħala nota li tispjega l-aggravji, peress li ma kien jinkludi ebda argument li jiġġustifika l-annullament tad-deċiżjoni tal-eżaminatur. L-EUIPO qabel mal-kapijiet tat-talbiet tar-rikorrenti intiżi għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell.

Fl-ewwel lok, il-Qorti Ġenerali enfasizzat li, minkejja l-fatt li l-EUIPO qabel mal-pożizzjoni tar-rikorrenti, il-Qorti Ġenerali ma kinitx eżenti milli teżamina l-legalità tad-deċiżjoni kkontestata. Fil-fatt, l-indipendenza tal-bordijiet tal-appell tal-EUIPO ma tippermettix lil dan tal-aħħar jemenda jew jirtira deċiżjoni meħuda minn bord tal-appell, jew anki li jagħtih istruzzjonijiet f'dan is-sens.

Fit-tieni lok, il-Qorti Ġenerali fakkret li applikant għal trade mark jista', f'kull ħin, jillimita l-lista ta' prodotti u servizzi li jinsabu fl-applikazzjoni tiegħu għal trade mark, u, konsegwentement, anki matul il-proċedimenti tal-appell. Peress li t-talba għar-restrizzjoni tal-prodotti u servizzi tkun ġiet ippreżentata fit-terminu għall-preżentata ta' nota li tesponi l-aggravji, il-Bord tal-Appell kien obbligat, indipendentement mill-kwistjoni dwar jekk tali nota kinitx ġiet ippreżentata, jiddeċiedi dwar din it-talba.

Għaldaqstant, il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li, billi naqas milli jiddeċiedi dwar l-imsemmija talba għal restrizzjoni, il-Bord tal-Appell kiser l-Artikolu 49(1) tar-Regolament 2017/1001, moqri flimkien mal-Artikolu 27(5) tar-Regolament Delegat 2018/625 [64], u annullat id-deċiżjoni kkontestata.

## 2. Disinni

Permezz tas-sentenza ***Rietze vs EUIPO - Volkswagen (Vettura VW Caddy)*** (T-192/18, EU:T:2019:379), mogħtija fis-6 ta' Ġunju 2019, il-Qorti Ġenerali kkonfermat id-deċiżjoni tal-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) li qalet li d-disinn li jirrappreżenta l-vettura VW Caddy kien ġdid fis-sens tal-Artikolu 5 tar-Regolament Nru 6/2002 [65] u kellu karattru individwali fis-sens tal-Artikolu 6 ta' dan ir-regolament. L-oriġini ta' din il-kawża kienu proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità mressqa mir-rikorrenti, Rietze, kumpannija Ġermaniża li tikkummerċjalizza minjaturi ta' karozzi. Id-disinn ikkontestat kien disinn li jindika l-vettura VW Caddy imqiegħda fis-suq minn Volkswagen fl-2011. Sabiex tipprova l-iżvelar ta' disinn preċedenti, ir-rikorrenti għamlet riferiment għal mudell preċedenti ta' din il-vettura, jiġifieri l-mudell VW Caddy (2K) Life, imqiegħed fis-suq fl-2004.

Fl-ewwel lok, il-Qorti Ġenerali ċaħdet l-argument tar-rikorrenti li l-EUIPO kellu, l-ewwel nett, jeżamina l-karatteristiċi tad-disinni kunfliġġenti, it-tieni nett, janalizza l-punti komuni bejniethom u, it-tielet nett, jagħmel distinzjoni bejn il-karatteristiċi estetiċi u l-karatteristiċi tekniċi tagħhom.

Fit-tieni lok, il-Qorti Ġenerali ċaħdet l-argument tar-rikorrenti li l-EUIPO kien naqas milli jieħu inkunsiderazzjoni ċerti provi li fuqhom kienet tidher illustrazzjoni tad-disinn preċedenti. Il-Qorti Ġenerali fakkret li hija l-parti li tressaq it-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità li għandha tipprovdi riproduzzjonijiet preċiżi u sħaħ tad-disinn preċedenti u li l-Bord tal-Appell ma jistax jiġi mistenni jgħaqqad diversi rappreżentazzjonijiet tal-prodott li fih ikun ġie inkorporat id-disinn preċedenti, jew saħansitra jibdel element li jidher fil-parti l-kbira tar-rappreżentazzjonijiet b'element li jidher biss f'rappreżentazzjoni waħda. Għaldaqstant, il-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors.

## 3. Varjetajiet tal-pjanti

Fis-sentenza ***Mema vs OCVV (Braeburn 78 (11078))*** (T-177/16, EU:T:2019:57), mogħtija fil-5 ta' Frar 2019, il-Qorti Ġenerali għamlet preċiżazzjonijiet fir-rigward tal-portata tal-eżami li għandu jwettaq il-Bord tal-Appell tal-Uffiċċju Komunitarju tal-Varjetajiet tal-Pjanti (CPVO), b'mod partikolari, permezz ta' paralleliżmu mal-obbligi imposti fuq il-Bord tal-Appell tal-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO). F'din il-kawża, id-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell taċ-CPVO kienet ikkonfermat id-deċiżjoni ta' ċaħda taċ-CPVO

64| Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/625 tal-5 ta' Marzu 2018 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-trademark tal-Unjoni Ewropea, u li jħassar ir-Regolament Delegat (UE) 2017/1430 (ĠU 2018, L 104, p. 1).

65| Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 6/2002 tat-12 ta' Diċembru 2001 dwar id-disinji Komunitarji (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 27, p. 142).

tat-talba mressqa mir-rikorrent, intiża għall-għoti ta' drittijiet Komunitarji għall-varjetà ta' tuffieħa "Braeburn 78 "Iċ-CPVO kien qies, essenzjalment, li din il-varjetà ma kinitx distintiva biżżejjed meta mqabbla mal-varjetà "Royal Braeburn".

L-ewwel nett, il-Qorti Ġenerali fakkret li l-kompitu taċ-CPVO huwa kkaratterizzat minn kumplessità xjentifika u teknika tal-kundizzjonijiet tal-eżami tal-applikazzjonijiet għall-għoti ta' drittijiet Komunitarji, b'tali mod li għandu jiġi rrikonoxxut fir-rigward tiegħu marġni ta' diskrezzjoni fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tiegħu, li jestendi, b'mod partikolari, għall-verifika tal-karattru distintiv ta' varjetà. Madankollu, il-Bord tal-Appell taċ-CPVO huwa marbut li jsegwi l-prinċipju ta' amministrazzjoni tajba, li abbażi tiegħu huwa għandu jeżamina b'reqqa u imparzjalità l-punti kollha ta' fatt u ta' liġi rilevanti tal-każ quddiemu. Barra minn hekk, id-dispożizzjonijiet relattivi għall-proċedimenti mibdija quddiem iċ-CPVO japplikaw *mutatis mutandis* għall-proċeduri tal-appell. Għalhekk, il-prinċipju ta' investigazzjoni *ex officio* tal-fatti previst fl-Artikolu 76 tar-Regolament Nru 2100/94 [66] japplika wkoll f'tali proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell.

It-tieni nett, il-Qorti Ġenerali osservat li l-Artikolu 72 tar-Regolament Nru 2100/94, li jipprovdi li l-Bord tal-Appell jista' jew jeżerċita l-kompetenzi tad-dipartiment li jkun ta d-deċiżjoni appellata jew jirrinvija l-każ lil dak id-dipartiment għal evalwazzjoni ulterjuri tar-rikors, huwa fformulat f'termini simili għal dawk tal-Artikolu 71(1) tar-Regolament 2017/1001 [67]. Issa, minn din id-dispożizzjoni, kif ukoll mill-istruttura tar-Regolament Nru 2017/1001, jirriżulta li, sabiex jaqta' appell, il-Bord tal-Appell għandu l-istess kompetenzi bħad-dipartiment li jkun ta d-deċiżjoni appellata u li l-eżami tiegħu jirrigwarda l-kawża kollha kif tkun tinsab fil-jum li fih jagħti deċiżjoni. Minn dan l-artikolu jirriżulta wkoll li teżisti kontinwità funzjonali bejn id-diversi diviżjonijiet tal-EUIPO u l-bordijiet tal-appell li minnha jirriżulta li, fil-kuntest tal-eżami mill-ġdid li l-bordijiet tal-appell ikollhom jagħmlu tad-deċiżjonijiet meħuda mid-diviżjonijiet tal-EUIPO li jiddeċiedu fl-ewwel istanza, dawn huma obbligati jibbażaw id-deċiżjoni tagħhom fuq il-punti ta' fatt u ta' liġi kollha li l-partijiet ikunu esponew fil-proċedimenti quddiem id-diviżjoni li tkun tat id-deċiżjoni fl-ewwel istanza jew fil-proċedimenti tal-appell. Barra minn hekk, fir-rigward tal-portata tal-eżami li l-bordijiet tal-appell tal-EUIPO jkollhom jagħmlu fir-rigward tad-deċiżjoni li tkun is-suġġett tal-appell, din ma tiddependix fuq jekk il-parti li tkun għamlet l-appell tkunx ressqet aggravju speċifiku fir-rigward ta' din id-deċiżjoni, li jikkritika l-interpretazzjoni jew l-applikazzjoni ta' regola ta' dritt mid-diviżjoni tal-EUIPO li tiddeċiedi fl-ewwel istanza, jew inkella fir-rigward tal-evalwazzjoni, minnha, ta' prova.

Għalhekk, il-Qorti Ġenerali qieset li, fid-dawl tax-xebh tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament 2017/1001 u tar-Regolament 2100/94, huma applikabbli prinċipji simili għall-proċedimenti applikati miċ-CPVO.

Fl-aħħar nett, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li l-motivazzjoni tad-deċiżjoni kontenzjuża kienet nieqsa, jew kienet, tal-inqas, insuffiċjenti, u ppronunzjat l-annullament tagħha.

66| Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2100/94 tas-27 ta' Lulju 1994 dwar drittijiet ta' varjetajiet ta' pjanti fil-Komunità (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 16, p. 390).

67| Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2017 dwar it-trademark tal-Unjoni Ewropea (ĠU 2017, L 154, p. 1).

# VI. Politika estera u ta' sigurtà komuni – Miżuri restrittivi

## 1. Ġlieda kontra t-terroriżmu

Fis-6 ta' Marzu 2019, fis-sentenza ***Hamas vs Il-Kunsill*** (T-289/15, taħt appell [68], EU:T:2019:138), il-Qorti Ġenerali ppronunzjat ruħha fuq ir-rikors għal annullament ippreżentat kontra d-Deċiżjoni (PESK) 2015/521 u r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/513 [69] mill-Hamas, li kien ġie inkluż fil-lista ta' gruppi u entitajiet milquta mill-miżuri restrittivi speċifiċi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet bil-għan li jiġi miġġieled it-terroriżmu. B'mod iktar speċifiku, minkejja li kienet biss il-fergħa terroristika tal-Hamas (il-"Hamas-Izz al-Din al-Qassem") li kienet mniżżla fil-listi inizjali tal-2001 [70], b'effett mill-2003, fil-kuntest tal-aġġornament tal-atti tal-2001, il-fergħa politika tal-organizzazzjoni (il-Hamas) ġiet inkluża wkoll fihom [71]. Fl-espożizzjoni tal-motivi dwar l-atti kkontestati, il-Kunsill indika li huwa bbaża ruħu fuq erba' deċiżjonijiet nazzjonali, jiġifieri deċiżjoni adottata minn awtorità Brittanika (iktar 'il quddiem id-"Deċiżjoni tal-Home Secretary", il-Ministru għall-Intern tar-Renju Unit) u tliet deċiżjonijiet adottati minn awtoritajiet tal-Istati Uniti.

Sabiex tiċħad dan ir-rikors, fir-rigward ta' dawn id-deċiżjonijiet tal-aħħar, il-Qorti Ġenerali fakkret qabelxejn li l-kunċett ta' "awtorità kompetenti" previst fl-Artikolu 1(4) tal-Pożizzjoni Komuni 2001/931 [72] ma huwiex limitat biss għall-awtoritajiet tal-Istati Membri, iżda jista', bħala prinċipju, jinkludi wkoll awtoritajiet ta' Stati terzi, peress li l-implimentazzjoni tar-Riżoluzzjoni 1373 (2001) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti u l-ġlieda kontra t-terroriżmu fil-livell dinji li hija tfittex jiġġustifikaw b'mod partikolari tali kooperazzjoni mill-qrib tal-Istati kollha.

Sussegwentement, fir-rigward tal-użu ta' deċiżjonijiet minn tali awtoritajiet ta' Stati terzi, il-Qorti Ġenerali qalet li, meta l-Kunsill jibbaża ruħu fuq deċiżjoni ta' dan it-tip, huwa għandu jivverifika, minn qabel, jekk din id-deċiżjoni tkunx ġiet adottata filwaqt li jkunu ġew irrispettati d-drittijiet tad-difiża u d-dritt għall-protezzjoni

68| Kawża C-386/19 P, ***Hamas vs Il-Kunsill.***

69| Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/521 tas-26 ta' Marzu 2015 li taġġorna u temenda l-lista ta' persuni, gruppi u entitajiet soġġetti għall-Artikoli 2, 3 u 4 tal-Pożizzjoni Komuni 2001/931/PESK dwar l-applikazzjoni ta' miżuri speċifiċi fil-ġlieda kontra t-terroriżmu, u li tħassar id-Deċiżjoni 2014/483/PESK (ĠU 2015, L 82, p. 107); Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2015/513 tas-26 ta' Marzu 2015 li jimplimenta l-Artikolu 2(3) tar-Regolament (KE) Nru 2580/2001 dwar miżuri restrittivi speċifiċi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet bil-għan li jiġi miġġieled it-terroriżmu u li jħassar ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 790/2014 (ĠU 2015, L 82, p. 1).

70| L-isem ta' din il-fergħa terroristiku kien inkluż fil-lista annessa mal-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2001/931/PESK tas-27 ta' Diċembru 2001 dwar l-applikazzjoni ta' miżuri speċifiki fil-ġlieda kontra t-terroriżmu (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 18, Vol. 1, p. 217), kif ukoll fil-lista stabbilita bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/927/KE tas-27 ta' Diċembru 2001 li tistabbilixxi l-lista msemmija fl-Artikolu 2(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2580/2001 dwar miżuri restrittivi speċifiċi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet bil-għan li jiġi miġġieled it-terroriżmu (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 18, Vol. 1, p. 207).

71| Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2003/651/PESK tat-12 ta' Settembru 2003 li taġġorna l-Pożizzjoni Komuni 2001/931/PESK dwar l-applikazzjoni ta' miżuri speċifiki fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u li tħassar il-Pożizzjoni Komuni 2003/482/PESK (ĠU 2003, L 229, p. 42); Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/646/KE tat-12 ta' Settembru 2003 li timplimenta l-Artikolu 2(3) tar-Regolament (KE) Nru 2580/2001 dwar miżuri restrittivi speċifiċi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet bil-għan li jiġi miġġieled it-terroriżmu u li tħassar id-Deċiżjoni 2003/480/KE (ĠU 2003, L 229, p. 22).

72| Skont l-ewwel sentenza ta' din id-dispożizzjoni, "[i]l-lista f'dan l-Anness għandha tinbena fuq il-bażi ta' informazzjoni preċiża jew materjali fir-relevanza li turi deċiżjoni ittieħdet minn awtorità kompetenti b'rispett ta' nies, gruppi u entitajiet konċernati, irrispettivament minn jekk din tikkonċernax jew le x'ta bidu għall-investigazzjonijiet jew il-prosekuzzjoni għall-att terroristiku, attentat, tipparteċipa jew tiffaċilita dan it-tip ta' att ibbażat fuq xhieda serja u kredibbli jew indikazzjonijiet jew kundanna għal dawn l-atti."

ġudizzjarja effettiva. B'mod iktar partikolari, fl-espożizzjonijiet tal-motivi dwar l-atti rispettivi tiegħu, il-Kunsill għandu jipprovdi indikazzjonijiet li jippermettu li jitqies li huwa wettaq din il-verifika. Skont il-Qorti Ġenerali, il-Kunsill għandu, għal dan l-għan, jagħmel riferiment, f'dawn l-espożizzjonijiet tal-motivi, għar-raġunijiet li jkunu wassluh biex iqis li d-deċiżjoni tal-Istat terz li huwa jkun qiegħed jibbaża ruħu fuqha tkun ġiet adottata fl-osservanza tal-prinċipju ta' drittijiet tad-difiża u ta' dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva, u l-informazzjoni dwar dan tista' tkun, skont il-każ, fil-qosor. F'dan il-każ, il-Qorti Ġenerali qieset li l-indikazzjoni li deċiżjoni minn awtorità ta' Stat terz ġiet ppubblikata f'ġurnal uffiċjali ta' dan l-Istat ma kinitx biżżejjed sabiex jitqies li l-Kunsill issodisfa l-obbligu tiegħu li jivverifika jekk, f'dan l-Istat, id-drittijiet tad-difiża jkunux ġew irrispettati. B'dan il-mod, peress li qieset li l-motivazzjoni dwar id-deċiżjonijiet Amerikani kienet insuffiċjenti, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li dawn id-deċiżjonijiet ma setgħux iservu ta' bażi għall-atti kkontestati. Sussegwentement hija indikat li minkejja li l-Artikolu 1(4) tal-Pożizzjoni Komuni 2001/931 ma jeżiġix li l-atti tal-Kunsill għandhom ikunu bbażati fuq pluralità ta' deċiżjonijiet ta' awtoritajiet kompetenti, l-atti kkontestati setgħu jagħmlu riferiment għad-deċiżjoni tal-Home Secretary biss, b'mod illi l-eżami tar-rikors kellu jitkompla billi jiġi llimitat għall-atti kkontestati sa fejn dawn kienu bbażati fuq din id-deċiżjoni tal-aħħar.

Barra minn hekk, fid-dawl tal-kontestazzjoni dwar in-natura amministrattiva ta' din id-deċiżjoni tal-Home Secretary, il-Qorti Ġenerali qieset li n-natura amministrattiva u mhux ġudizzjarja ta' deċiżjoni ma kinitx determinanti għall-applikazzjoni tal-Artikolu 1(4) tal-Pożizzjoni Komuni 2001/931, sa fejn il-kliem stess ta' din id-dispożizzjoni kien jipprevedi espliċitament li awtorità mhux ġudizzjarja tista' tiġi kklassifikata bħala awtorità kompetenti fis-sens ta' din id-dispożizzjoni. Fil-fatt, anki jekk it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 1(4) tal-Pożizzjoni Komuni 2001/931 jinkludi preferenza għad-deċiżjonijiet minn awtoritajiet ġudizzjarji, skont il-Qorti Ġenerali, dan bl-ebda mod ma kien jeskludi t-teħid inkunsiderazzjoni ta' deċiżjonijiet minn awtoritajiet amministrattivi meta, minn naħa, dawn l-awtoritajiet ikunu effettivament investiti, fid-dritt nazzjonali, bil-kompetenza li jadottaw deċiżjonijiet intiżi għall-ġlieda kontra t-terroriżmu u, min-naħa l-oħra, dawn l-awtoritajiet, għalkemm biss amministrattivi, ikunu jistgħu jitqiesu li jkunu "ekwivalenti" għall-awtoritajiet ġudizzjarji, meta d-deċiżjonijiet tagħhom ikunu jistgħu jiġu kkontestati quddiem qorti. F'dan il-każ, hija qieset li din il-kundizzjoni kienet issodisfatta, peress li d-deċiżjoni kkontestata tal-Home Secretary setgħet tkun is-suġġett ta' azzjoni legali b'mod illi din l-awtorità amministrattiva kellha titqies li kienet awtorità kompetenti fis-sens tad-dispożizzjoni msemmija qabel.

Minbarra dan, il-Qorti Ġenerali qalet li r-rekwiżit li jaqa' fuq il-Kunsill, skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 1(4) tal-Pożizzjoni Komuni 2001/931 li jivverifika, qabel jinkludi l-isem ta' persuni jew ta' entitajiet fil-listi ta' ffriżar ta' fondi abbażi ta' deċiżjonijiet meħuda minn awtoritajiet kompetenti, li dawn id-deċiżjonijiet ikunu "ibbażat[i] fuq xhieda serja u kredibbli jew indikazzjonijiet", jikkonċerna biss id-deċiżjonijiet li jirrigwardaw il-ftuħ ta' investigazzjonijiet jew ta' azzjonijiet kriminali, iżda ma japplikax għad-deċiżjonijiet li jirrigwardaw kundanna. Għaldaqstant hija qieset li, f'dan il-każ, id-deċiżjoni tal-Home Secretary ma kinitx tikkostitwixxi deċiżjoni ta' ftuħ ta' investigazzjonijiet u ta' azzjonijiet kriminali u kellha tiġi assimilata ma' deċiżjoni ta' kundanna, b'mod illi, skont l-Artikolu 1(4) tal-Pożizzjoni Komuni 2001/931, il-Kunsill ma kellux l-obbligu li jindika, fl-espożizzjoni tal-motivi dwar l-atti kkontestati, il-provi u l-indizji serji li kienu jikkostitwixxu l-bażi tad-deċiżjoni ta' din l-awtorità.

Fl-aħħar nett, il-Qorti Ġenerali indikat li, meta s-sempliċi fatt li d-deċiżjoni nazzjonali li tkun serviet bħala bażi għall-inklużjoni inizjali tkun għadha fis-seħħ ma jkunx jippermetti iktar li jiġi konkluż li kien għadu jeżisti r-riskju ta' involviment tal-persuna jew tal-entità kkonċernata f'attivitajiet terroristiċi, il-Kunsill kien obbligat li jibbaża ż-żamma ta' isem din il-persuna jew din l-entità fl-imsemmija lista fuq evalwazzjoni aġġornata tas-sitwazzjoni, filwaqt li jieħu inkunsiderazzjoni elementi fattwali iktar reċenti li juru li dan ir-riskju kien għadu jeżisti. Fil-każ ineżami, hija ddeċidiet li dan kien il-każ, peress li l-Kunsill kien ibbaża l-inklużjoni mill-ġdid ta' isem ir-rikorrent fil-listi kontenzjużi, minn naħa, fuq iż-żamma fis-seħħ ta' deċiżjonijiet ikklassifikati bħala deċiżjonijiet ta' awtoritajiet kompetenti fis-sens tal-Artikolu 1(4) tal-Pożizzjoni Komuni 2001/931 u, min-naħa l-oħra, fuq fatti li jikkostitwixxu elementi iktar reċenti invokati b'mod awtonomu mill-Kunsill u li juru li r-riskju ta' involviment tal-Hamas f'organizzazzjonijiet terroristiċi kien għadu jeżisti.

## 2. L-Ukraina

Fis-sentenzi ***Yanukovych vs Il-Kunsill*** (T-244/16 u T-285/17, EU:T:2019:502) u ***Klymenko vs Il-Kunsill*** (T-274/18, EU:T:2019:509), mogħtija fil-11 ta' Lulju 2019, il-Qorti Ġenerali annullat diversi atti tal-Kunsill [73] dwar miżuri restrittivi adottati fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Ukraina li kienu estendew il-validità tal-lista tal-persuni, tal-entitajiet u tal-organi koperti minn dawn il-miżuri restrittivi [74], sa fejn l-ismijiet tar-rikorrenti, ex President u ex Ministru għad-Dħul u għat-Taxxi tal-Ukraina, kienu nżammu fl-imsemmija lista. L-inklużjoni ta' dawn l-ismijiet kienet ġiet deċiża għar-raġuni li r-rikorrenti kienu s-suġġett ta' investigazzjonijiet preliminari fl-Ukraina fir-rigward ta' reati marbuta mal-miżapproprjazzjoni ta' fondi pubbliċi u mat-trasferiment illegali tagħhom barra mill-Ukraina u, sussegwentement, kienet ġiet estiża għar-raġuni li r-rikorrenti kienu s-suġġett ta' proċeduri kriminali mill-awtoritajiet tal-imsemmi pajjiż minħabba miżapproprjazzjoni ta' fondi jew ta' assi pubbliċi.

Il-Qorti Ġenerali, b'applikazzjoni tal-prinċipji ġurisprudenzjali li joħorġu mis-sentenza tad-19 ta' Diċembru 2018 ***Azarov vs Il-Kunsill*** [75], fakkret, l-ewwel nett, f'dawn iż-żewġ kawżi, li l-qrati tal-Unjoni għandhom jiżguraw stħarriġ tal-legalità tal-atti kollha tal-Unjoni fid-dawl tar-rispett tad-drittijiet fundamentali. Għalkemm seta' jibbaża l-adozzjoni jew iż-żamma ta' miżuri restrittivi fuq deċiżjoni ta' Stat terz, il-Kunsill kellu jivverifika huwa stess li tali deċiżjoni tkun ittieħdet b'rispett, b'mod partikolari, tad-drittijiet tad-difiża u tad-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva fl-imsemmi Stat. F'dan ir-rigward, hija speċifikat li, għalkemm il-fatt li l-Istat terz inkwistjoni aderixxa mal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (iktar 'il quddiem il-"KEDB") jimplika stħarriġ, mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, tad-drittijiet iggarantiti mill-KEDB, dan il-fatt ma jistax madankollu jagħmel superfluwu r-rekwiżit ta' verifika msemmi iktar 'il fuq. Barra minn hekk, sabiex jissodisfa l-obbligu ta' motivazzjoni tiegħu, il-Kunsill kellu juri, fl-atti li jimponu miżuri restrittivi, li huwa jkun ivverifika li d-deċiżjoni tal-Istat terz li fuqha jkun qiegħed jibbaża dawn il-miżuri tkun ġiet adottata b'rispett tal-imsemmija drittijiet. Barra minn hekk, il-Kunsill kien meħtieġ iwettaq tali verifika b'mod indipendenti minn kull prova mressqa mir-rikorrenti.

Sussegwentement, il-Qorti Ġenerali rrilevat li, anki jekk il-Kunsill allega li stħarriġ ġudizzjarju kien ġie eżerċitat fl-Ukraina matul l-iżvolġiment tal-proċeduri kriminali u li diversi deċiżjonijiet ġudizzjarji adottati f'dan il-kuntest kienu juru li seta' jivverifika r-rispett tad-drittijiet inkwistjoni, tali deċiżjonijiet ma setgħux, waħedhom, jistabbilixxu li d-deċiżjoni tal-awtoritajiet Ukraini li jipproċedu bil-proċeduri kriminali li fuqhom kienet ibbażata ż-żamma tal-miżuri restrittivi kienet ittieħdet b'rispett tad-drittijiet tad-difiża u tad-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva. Fil-fatt, id-deċiżjonijiet ġudizzjarji kollha msemmija mill-Kunsill kienu jaqgħu fl-ambitu tal-proċeduri kriminali li kienu ġġustifikaw l-inklużjoni u ż-żamma tal-ismijiet tar-rikorrenti fuq il-lista u kienu biss inċidentali fir-rigward tagħhom, sa fejn dawn kienu ta' natura kawtelatorja jew proċedurali.

73| Speċifikament, intalab l-annullament, fil-Kawżi T-244/16 u T-285/17, tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/318 tal-4 ta' Marzu 2016 (ĠU 2016, L 60, p. 76) u tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2016/311 tal-4 ta' Marzu 2016 (ĠU 2016, L 60, p. 1), tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/381 tat-3 ta' Marzu 2017 (ĠU 2017, L 58, p. 34) u tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2017/374 tat-3 ta' Marzu 2017 (ĠU 2017, L 58, p. 1), u, fil-Kawża T-274/18, tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/333 tal-5 ta' Marzu 2018 (ĠU 2018, L 63, p. 48) u tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/326 tal-5 ta' Marzu 2018 (ĠU 2018, L 63, p. 5).

74| Jiġifieri l-persuni, l-entitajiet u l-organi li għalihom japplikaw l-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/119/PESK tal-5 ta' Marzu 2014, dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Ukraina (ĠU 2014, L 66, p. 26), kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/143 tad-29 ta' Jannar 2015 (ĠU 2015, L 24, p. 16), u l-Artikolu 2 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 208/2014 tal-5 ta' Marzu 2014 (ĠU 2014, L 66, p. 1), kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/138 tad-29 ta' Jannar 2015 (ĠU 2015, L 24, p. 1).

75| Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-19 ta' Diċembru 2018, ***Azarov vs Il-Kunsill*** (C-530/17 P, EU:C:2018:1031).

Fis-sentenza ***Klymenko vs Il-Kunsill*** (T-274/18), il-Qorti Ġenerali enfasizzat, b'mod partikolari, li l-Kunsill ma spjegax kif l-eżistenza ta' dawn id-deċiżjonijiet kienet tippermetti li jitqies li l-protezzjoni tad-drittijiet inkwistjoni kienet ġiet iggarantita, minkejja li l-proċedura kriminali Ukraina, li kienet serviet bħala bażi għall-miżuri restrittivi inkwistjoni fl-2014, kienet għadha fl-istadju tal-investigazzjoni preliminari. F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali rreferiet għall-KEDB [76] u għall-Karta tad-Drittijiet Fundamentali [77], li minnhom jirriżulta li l-prinċipju ta' dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva jinkludi b'mod partikolari d-dritt li l-kawża tinqata' fi żmien raġonevoli. Il-Qorti Ġenerali enfasizzat li l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem kienet diġà rrilevat li l-ksur ta' dan il-prinċipju jista' jiġi kkonstatat b'mod partikolari meta l-fażi istruttorja ta' proċedura kriminali tkun ikkaratterizzata minn ċertu numru ta' fażijiet ta' nuqqas ta' attività imputabbli lill-awtoritajiet kompetenti għal din l-istruttorja. Il-Qorti Ġenerali fakkret ukoll li, meta persuna tkun ilha għal diversi snin is-suġġett ta' miżuri restrittivi, u dan minħabba l-eżistenza tal-istess proċedura kriminali mmexxija mill-Istat terz ikkonċernat, il-Kunsill ikun obbligat jeżamina fid-dettall il-kwistjoni tal-eventwali ksur tad-drittijiet fundamentali ta' din il-persuna mill-awtoritajiet. Għalhekk, il-Kunsill kellu minn tal-inqas jindika r-raġunijiet għaliex huwa seta' jqis li dawn id-drittijiet kienu ġew rrispettati fir-rigward tal-kwistjoni ta' jekk il-kawża tar-rikorrent kinitx instemgħet fi żmien raġonevoli.

Qabel ma tat deċiżjoni fuq il-mertu, il-Qorti Ġenerali ċaħdet, *inter alia*, f'din l-istess kawża, l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà mressqa mill-Kunsill fuq il-bażi tal-argument li r-rikorrent, meta bbaża ruħu fuq is-sentenza ***Azarov vs Il-Kunsill***, invoka motiv ġdid. F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali rrilevat, fl-ewwel lok, li, fis-sentenza ***Azarov vs Il-Kunsill***, il-Qorti tal-Ġustizzja, wara li annullat is-sentenza tas-7 ta' Lulju 2017, ***Azarov vs Il-Kunsill*** [78], qieset li l-kawża kienet fi stat li tiġi deċiża u annullat l-atti kontenzjużi, filwaqt li kkonstatat ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni, li huwa motiv ta' ordni pubbliku li, bħala tali, jista' jitressaq f'kull mument. Il-Qorti Ġenerali osservat, fit-tieni lok, li, fi kwalunkwe każ, l-argumenti li r-rikorrent sostna fuq il-bażi tas-sentenza ***Azarov vs Il-Kunsill*** kellhom rabta mill-qrib ma' ċerti punti tar-rikors u kienu għalhekk ammissibbli wkoll għal din ir-raġuni. Fit-tielet lok, il-Qorti Ġenerali rrimarkat li peress li l-Qorti tal-Ġustizzja kienet annullat il-ġurisprudenza tal-Qorti Ġenerali li kienet teżisti fil-mument li fih ir-rikorrent kien ippreżenta r-rikors tiegħu, is-sentenza ***Azarov vs il-Kunsill*** kienet tikkostitwixxi punt ta' liġi ta' natura li ġġustifikat it-tressiq ta' motiv jew ta' lment ġdid.

# VII. Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali

Fis-sentenza ***L-Ungerija vs Il-Kummissjoni*** (T-139/15, EU:T:2019:156), mogħtija fit-12 ta' Marzu 2019, il-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors għal annullament, ippreżentat, skont l-Artikolu 263 TFUE, mill-Ungerija kontra d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/103 [79], li mponiet fuqha korrezzjoni finanzjarja ta' 25 % tal-ammont totali tal-għajnuna għar-ristrutturazzjoni għal żarmar sħiħ tas-siti ta' produzzjoni taz-zokkor, li kienu ngħataw lill-produtturi taz-zokkor Ungeriżi fil-kuntest tal-iskema temporanja ta' ristrutturazzjoni tal-industrija taz-zokkor.

76| Artikolu 6(1).

77| Artikolu 47.

78| Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-7 ta' Lulju 2017, ***Azarov vs Il-Kunsill*** (T-215/15, EU:T:2017:479).

79| Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/103 tas-16 ta' Jannar 2015 li teskludi mill-finanzjament tal-Unjoni Ewropea ċertu nfiq imġarrab mill-Istati Membri skont il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u skont il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) (ĠU 2015, L 16, p. 33).

Fl-ewwel lok, il-Qorti Ġenerali ntalbet tagħti deċiżjoni dwar f'liema mument kellu jiġi evalwat jekk silos kinux jikkostitwixxu faċilitajiet ta' produzzjoni li kellhom jiġu żarmati għall-finijiet tal-għoti ta' għajnuna għar-ristrutturazzjoni għal żarmar sħiħ jew jekk dawn kinux jaqgħu taħt waħda mill-eċċezzjonijiet stabbiliti mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tal-14 ta' Novembru 2013, ***SFIR et*** (C-187/12 sa C-189/12, EU:C:2013:737).

Għall-Qorti Ġenerali, il-klassifikazzjoni tas-silos kellha tiġi ddeterminata fid-data tal-applikazzjoni għall-għoti tal-għajnuna u mhux wara l-operazzjonijiet ta' ristrutturazzjoni. Fil-fatt, sabiex jintlaħaq l-għan ta' tnaqqis tal-kapaċità ta' produzzjoni ta' zokkor mhux profittabbli fl-Unjoni, imfittex mil-leġiżlazzjoni inkwistjoni, il-leġiżlatur tal-Unjoni kien ippreveda żewġ skemi ta' ristrutturazzjoni differenti skont it-tip ta' żarmar imwettaq, jiġifieri ż-żarmar sħiħ jew iż-żarmar parzjali, li kienu jagħtu lok għal ammont ta' għajnuna għar-ristrutturazzjoni differenti. Fil-każ ta' żarmar sħiħ, il-faċilitajiet l-oħra kollha minbarra dawk meħtieġa għall-produzzjoni taz-zokkor, l-isoglukożju jew il-ġulepp tal-inulina jew li kienu direttament marbuta mal-manifattura ta' dawn il-prodotti, bħal faċilitajiet għall-ippakkjar, setgħu jinżammu f'każijiet eċċezzjonali. Min-naħa l-oħra, fil-każ ta' żarmar parzjali, setgħu jinżammu l-faċilitajiet li kienu neċessarji għall-produzzjoni taz-zokkor, tal-isoglukożju jew tal-ġulepp tal-inulina jew li kienu direttament marbuta mal-manifattura ta' dawn il-prodotti, bil-kundizzjoni, b'mod partikolari, li dawn ma jkunux għadhom intużaw għall-manifattura ta' prodotti li jaqgħu taħt l-OSK zokkor.

Issa, l-ewwel nett, kieku l-klassifikazzjoni tas-silos kienet ġiet iddeterminata fi tmiem il-proċess ta' ristrutturazzjoni, dan kien jippermetti, fil-każ ta' żarmar sħiħ bħal fil-każ ta' żarmar parzjali, li jinżammu silos li, fid-data tal-applikazzjoni għall-għoti tal-għajnuna, kienu jikkostitwixxu faċilitajiet ta' produzzjoni. Għaldaqstant, iż-żamma ta' parti mill-faċilitajiet ta' produzzjoni ma kinitx iktar karatteristika taż-żarmar parzjali, iżda kienet tkun ukoll possibbli fil-każ ta' żarmar sħiħ, minkejja li, minħabba l-ispejjeż għoljin marbuta ma' dan it-tip ta' żarmar, l-operaturi kienu jiksbu ammont ta' għajnuna għar-ristrutturazzjoni ta' 25 % ogħla minn dak mogħti fil-każ ta' żarmar parzjali. It-tieni nett, silos li, bħala ipoteżi, kienu jikkostitwixxu faċilitajiet ta' produzzjoni fid-data tal-applikazzjoni għall-għoti tal-għajnuna ma ssemmewx fil-pjan ta' ristrutturazzjoni bħala faċilitajiet ta' produzzjoni li kellhom jiġu żarmati, bi ksur tal-Artikolu 4(3)(ċ) tar-Regolament Nru 320/2006 [80]. It-tielet nett, l-impenn li jiżżarmaw il-faċilitajiet ta' produzzjoni kollha li kellhom jiġu annessi mat-talba għall-għoti tal-għajnuna għar-ristrutturazzjoni għal żarmar sħiħ kien ivvizzjat, peress li dan ma kienx jirrigwarda t-totalità tal-faċilitajiet ta' produzzjoni eżistenti fid-data meta ttieħed dan l-impenn.

Fit-tieni lok, il-Qorti Ġenerali eżaminat il-kwistjoni dwar jekk, fid-dawl tad-diffikultajiet oġġettivi ta' interpretazzjoni tal-leġiżlazzjoni inkwistjoni fid-dawl tal-kwistjoni taż-żamma tas-silos fil-każ ta' żarmar sħiħ, il-Kummissjoni kellhiex tnaqqas l-ammont tal-korrezzjoni finanzjarja, jew saħansitra tastjeni minn kull korrezzjoni, konformement mal-linji gwida stabbiliti fid-Dokument VI/5330/97 [81] u, b'mod iktar partikolari, fit-tieni paragrafu taħt it-titolu "Każijiet limiti" tal-Anness 2 tal-imsemmi dokument (iktar 'il quddiem il-"każ limitu").

Għall-Qorti Ġenerali, il-każ limitu huwa fattur ta' kunsiderazzjoni li ma jagħtix awtomatikament id-dritt li jiġi applikat. Fil-fatt, l-applikazzjoni tal-każ limitu hija suġġetta għall-kundizzjonijiet, minn naħa, li n-nuqqas ikkonstatat mill-Kummissjoni, matul il-proċedura ta' clearance, jirriżulta minn diffikultajiet ta' interpretazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni u, min-naħa l-oħra, li l-awtoritajiet nazzjonali jkunu għamlu dak meħtieġ sabiex jirrimedjaw għan-nuqqas malli dan ikun ġie identifikat mill-Kummissjoni.

80| Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 320/2006 tal-20 ta' Frar 2006 li jistabbilixxi skema temporanja għar-ristrutturar ta' l-industrija taz-zokkor fil-Komunità u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1290/2005 dwar il-finanzjament tal-politika agrikola komuni (ĠU 2006, L 58, p. 42, rettifika fil-ĠU 2009, L 64M, p. 11).

81| Dokument tal-Kummissjoni VI/5330/97 tat-23 ta' Diċembru 1997 intitolat "Linji gwida li jirrigwardaw il-kalkolu tal-konsegwenzi finanzjarji fil-preparazzjoni tad-deċiżjoni ta' clearance tal-kontijiet tal-FAEGG-Garanzija".

# VIII. Protezzjoni tas-saħħa

Fis-sentenza ***GMPO vs Il-Kummissjoni*** (T-733/17, taħt appell [82], EU:T:2019:334), mogħtija fis-16 ta' Mejju 2019, il-Qorti Ġenerali ċaħdet fl-intier tiegħu r-rikors intiż għall-annullament parzjali tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tirtira prodott mediċinali abbażi tas-sustanza attiva trientine, li s-sostenitur tiegħu kien GMP-Orphan (GMPO), ir-rikorrenti, mir-Reġistru tal-Prodotti Mediċinali Orfni tal-Unjoni Ewropea minħabba li dan ma kienx jissodisfa l-kriterji previsti mir-Regolament Nru 141/2000 [83], jiġifieri li jkun ta' "benefiċċju sinjifikattiv" għall-pazjenti milquta minn marda rari meta mqabbel ma' prodott mediċinali ieħor simili li kien diġà awtorizzat. L-istatus ta' prodott mediċinali orfni ppermetta lir-rikorrenti tibbenefika minn perijodu ta' esklużività kummerċjali ta' 10 snin mill-kisba tal-awtorizzazzjoni ta' tqegħid fis-suq għalih.

L-argument prinċipali tar-rikorrenti kien li l-prodott mediċinali tagħha, li għalih kienet għaddejja proċedura ta' awtorizzazzjoni ta' tqegħid fis-suq permezz tal-proċedura ċentralizzata stabbilita bir-Regolament Nru 726/2004 [84], kien ta bis-saħħa ta' din l-awtorizzazzjoni, *ipso jure*, "benefiċċju sinjifikattiv" għall-pazjenti fis-sens tar-Regolament Nru 141/2000 meta mqabbel ma' prodott mediċinali ieħor simili li kien diġà awtorizzat iżda biss fis-suq ta' Stat Membru.

Il-Qorti Ġenerali sostniet li ebda dispożizzjoni tar-Regolament Nru 141/2000 u lanqas tar-Regolament Nru 847/2000 [85] ma kienet tipprevedi li l-awtorizzazzjoni ta' tqegħid fis-suq fil-livell tal-Unjoni ta' prodott mediċinali orfni tikkostitwixxi fiha nnifisha benefiċċju sinjifikattiv meta mqabbel mat-trattament bażiku ta' prodott mediċinali eżistenti, daqstant effettiv u diġà awtorizzat, għalkemm fi Stat Membru wieħed biss. Barra minn hekk, skont il-Qorti Ġenerali, is-sostenitur ma setax jibbaża ruħu, għal dan il-għan, fuq preżunzjonijiet jew dikjarazzjonijiet ta' natura ġenerali, bħalma kienet pereżempju allegata insuffiċjenza ta' disponibbiltà ta' trattamenti diġà eżistenti u awtorizzati fl-Istati Membri. Huwa kellu, għall-kuntrarju, fuq il-bażi ta' provi u ta' elementi konkreti u sostanzjati, juri li l-prodott mediċinali ġdid kien jagħti benefiċċju lill-pazjenti u jikkontribwixxi għall-kura mogħtija lilhom. Il-Qorti Ġenerali ppreċiżat f'dan ir-rigward li l-vantaġġ mixtieq ta' dan il-prodott mediċinali ġdid meta mqabbel mal-prodott mediċinali eżistenti kellu jeċċedi ċertu livell kwantitattiv jew kwalitattiv sabiex huwa jkun jista' jitqies li kien "notevoli" jew "sinjifikattiv" fis-sens tal-qafas ġuridiku rilevanti.

F'dan il-każ, il-Kumitat tal-Prodotti Mediċinali Orfni tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini kien qies fl-opinjoni tiegħu, li fuq il-bażi tagħha l-Kummissjoni kienet adottat id-deċiżjoni kkontestata, li r-rikorrenti ma kinitx ippreżentat biżżejjed provi ġustifikattivi sabiex jiġi stabbilit li kien hemm problema ta' disponibbiltà tal-prodott mediċinali diġà eżistenti. F'dan ir-rigward, filwaqt li kkonstatat li l-opinjoni tal-imsemmi kumitat ma kinitx tipprovdi evalwazzjonijiet tekniċi jew xjentifiċi kumplessi, iżda kienet ibbażata, essenzjalment, fuq konstatazzjonijiet fattwali li kienu jikkonċernaw id-disponibbiltà fl-Unjoni tal-prodott mediċinali ta' riferiment, il-Qorti Ġenerali wettqet stħarriġ ġudizzjarju komplet tal-legalità tal-imsemmija opinjoni. Hija osservat, minn naħa, li l-investigazzjoni mwettqa mill-Kumitat sabiex jiġu vverifikati l-ipoteżijiet tar-rikorrenti quddiem dan tal-aħħar kellha valur probatorju għoli u, min-naħa l-oħra, li l-provi prodotti mir-rikorrenti quddiem l-istess

82| Kawża C-575/19 P, ***GMPO vs Il-Kummissjoni.***

83| Regolament (KE) Nru 141/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 1999 dwar il-prodotti mediċinali orfni (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 5, p. 21).

84| Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 li jistabbilixxi proċeduri Komunitarji għall-awtorizzazzjoni u s-sorveljanza ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem u veterinarju u li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 34, p. 229).

85| Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 847/2000 tas-27 ta' April 2000 li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tal-kriterji għall-għażla ta' prodott mediċinali bħala prodott mediċinali orfni u definizzjonijiet tal-kunċetti prodott mediċinali simili u superjorità klinika (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 5, p. 71).

Kumitat kienu ġew evalwati korrettament. Għalhekk, il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li d-deċiżjoni kkontestata, li kienet tikkonferma l-opinjoni tal-Kumitat tal-Prodotti Mediċinali Orfni, ma kinitx ivvizzjata bi żball ta' evalwazzjoni.

# IX. Enerġija

Fis-sentenza ***Il-Polonja vs Il-Kummissjoni*** (T-883/16, taħt appell [86], EU:T:2019:567), mogħtija fl-10 ta' Settembru 2019, il-Qorti Ġenerali laqgħet ir-rikors għal annullament imressaq mir-Repubblika tal-Polonja kontra d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tapprova r-reviżjoni fis-sistema derogatorja ta' sfruttament tal-pipeline tal-gass OPAL proposta mill-awtorita regolatorja Ġermaniża [87].

Il-pipeline tal-gass OPAL huwa l-parti li tgħaddi mill-art tal-pipeline Nord Stream 1 li jittrasporta gass mir-Russja fl-Ewropa u jevita l-pajjiżi ta' tranżitu "tradizzjonali", bħall-Ukraina, il-Polonja u s-Slovakkja. Fl-2009, il-Kummissjoni kienet approvat, taħt kundizzjonijiet, id-deċiżjoni tal-awtorità regolatorja Ġermaniża li teżenta l-pipeline tal-gass OPAL mir-regoli tad-Direttiva 2003/55 [88] (sussegwentement issostitwita bid-Direttiva 2009/73 [89]) dwar l-aċċess minn terzi għan-netwerks tal-pipelines tal-gass u r-regolamentazzjoni tariffarja. Peress li Gazprom qatt ma ssodisfat waħda mill-kundizzjonijiet imposti mill-Kummissjoni, hija setgħet tisfrutta l-pipeline tal-gass OPAL biss sa 50 % tal-kapaċità tagħha, minn meta daħlet fis-servizz fl-2011.

Fl-2016, fuq talba ta' Gazprom, l-awtorità regolatorja Ġermaniża kkomunikat lill-Kummissjoni l-intenzjoni tagħha li timmodifika ċerti dispożizzjonijiet tad-deroga mogħtija fl-2009. Essenzjalment, il-modifika proposta kellha tippermetti l-isfruttament tal-pipeline tal-gass OPAL fil-kapaċità sħiħa tiegħu, bil-kundizzjoni li tal-inqas 50 % ta' din il-kapaċità tinbiegħ bl-irkant. Il-Kummissjoni approvat il-modifika taħt ċerti kundizzjonijiet. Peress li d-deċiżjoni tal-Kummissjoni kienet tippermetti lil Gazprom tnaqqas il-kwantitajiet ta' gass li jgħaddu mill-Ukraina u mis-Slovakkja kif ukoll, fl-aħħar mill-aħħar, dawk li jgħaddu mill-Polonja, din tal-aħħar ressqet quddiem il-Qorti Ġenerali rikors għall-annullament tal-imsemmija deċiżjoni billi invokat, b'mod partikolari, tnaqqis tas-sigurtà tal-enerġija tagħha.

Fl-ewwel lok, il-Qorti Ġenerali ċaħdet bħala ineffettiv l-ewwel motiv għal annullament ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 36(1)(a) tad-Direttiva 2009/73. Skont din id-dispożizzjoni, interkonnessjonijiet tal-gass jistgħu, fuq talba, jibbenefikaw għal żmien determinat minn deroga mid-dispożizzjonijiet ta' din id-direttiva dwar l-aċċess minn terzi għan-netwerks tal-pipelines, sakemm jiġu ssodisfatti diversi kundizzjonijiet. Peress li l-titjib tal-provvista tinsab fost dawn il-kundizzjonijiet, il-Polonja kkritikat lill-Kummissjoni li ma osservatx din id-dispożizzjoni. F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali, madankollu, osservat li kien l-investiment fl-infrastrutturi ġodda kbar tal-gass, jiġifieri, f'dan il-każ, il-bini tal-pipeline tal-gass OPAL, li kellu jissodisfa t-titjib tas-sigurtà tal-provvista. Konsegwentement, kien fiż-żmien tad-deċiżjoni inizjali tal-2009 li l-Kummissjoni kellha tiżgura li l-investiment ipprospettat kellu jissodisfa dan il-kriterju. Min-naħa l-oħra, il-Kummissjoni ma kinitx marbuta teżamina dan il-kriterju fil-kuntest tal-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata fl-2016, li approvat biss reviżjoni

86| Kawża C-848/19 P, ***Il-Ġermanja vs Il-Polonja.***

87| Deċiżjoni C(2016) 6950 finali dwar ir-reviżjoni tal-kundizzjonijiet ta' eżenzjoni tal-pipeline tal-gass OPAL, mogħtija bis-saħħa tad-Direttiva 2003/55, għar-regoli relatati mal-aċċess minn terzi u għar-regolamentazzjoni tariffarja.

88| Direttiva 2003/55/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2003 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern fil-gass naturali u li tħassar id-Direttiva 98/30/KE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 12, Vol. 2, p. 230).

89| Direttiva 2009/73/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern tal-gass naturali u li tħassar id-Direttiva 2003/55/KE (ĠU 2009, L 211, p. 94).

tal-kundizzjonijiet li kienu jinsabu fid-deroga inizjali. Fil-fatt, peress li ebda investiment ġdid ma kien ipprospettat f'dan l-istadju u l-modifika tal-kundizzjonijiet tal-isfruttament, proposta mill-awtorità Ġermaniża, ma kinitx timmodifika l-pipeline tal-gass OPAL bħala infrastruttura, din il-kwistjoni ma setgħetx tingħata fl-2006 risposta differenti minn dik li setgħet tingħata fl-2009.

Fit-tieni lok, il-Qorti Ġenerali eżaminat, għall-ewwel darba, il-prinċipju ta' solidarjetà fl-enerġija, stabbilit fl-Artikolu 194(1) TFUE, u li tiegħu l-Polonja allegat ksur. Qabelxejn, hija rrilevat li, bħala espressjoni speċifika, fil-qasam tal-enerġija, tal-prinċipju ġenerali ta' solidarjetà bejn l-Istati Membri, dan il-prinċipju jimplika drittijiet u obbligi kemm għall-Unjoni kif ukoll għall-Istati Membri. Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali ppreċiżat li dan il-prinċipju ma huwiex limitat għal obbligi ta' assistenza reċiproka f'sitwazzjonijiet eċċezzjonali ta' kriżi ta' provvista jew ta' funzjonament tas-suq intern tal-gass. Għall-kuntrarju, il-prinċipju ta' solidarjetà jimplika wkoll obbligu ġenerali, min-naħa tal-Unjoni u tal-Istati Membri, fil-kuntest tal-eżerċizzju tal-kompetenzi rispettivi tagħhom, li jieħdu inkunsiderazzjoni l-interessi ta' atturi oħrajn. Fil-kuntest tal-politika tal-Unjoni fil-qasam tal-enerġija, dan jimplika li l-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jagħmlu l-almu tagħhom, fil-kuntest tal-eżerċizzju tal-kompetenzi tagħhom taħt din il-politika, sabiex jevitaw li jieħdu miżuri li jkunu jistgħu jaffettwaw l-interessi tal-Unjoni u tal-Istati Membri l-oħra, fir-rigward tas-sigurtà tal-provvista, tal-vijabbiltà ekonomika u politika, u tad-diversifikazzjoni tas-sorsi tal-provvista. Għalhekk, l-istituzzjonijiet tal-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jieħdu inkunsiderazzjoni, fil-kuntest tal-implimentazzjoni tal-imsemmija politika, l-interessi kemm tal-Unjoni kif ukoll tad-diversi Stati Membri u għandhom jibbilanċjaw dawn l-interessi fil-każ ta' kunflitti.

Fid-dawl ta' din il-portata tal-prinċipju ta' solidarjetà, il-Kummissjoni kellha tevalwa, fil-kuntest tal-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata fl-2016, jekk ir-reviżjoni tas-sistema tal-isfruttament tal-pipeline tal-gass OPAL, proposta mill-awtorità regolatorja Ġermaniża, setgħetx taffettwa l-interessi fil-qasam tal-enerġija tal-Istati Membri l-oħra u, jekk iva, tibbilanċja dawn l-interessi mal-interess li l-imsemmija reviżjoni kienet tfisser għar-Repubblika Federali tal-Ġermanja u, jekk ikun il-każ, għall-Unjoni. Issa, peress li tali eżami kien nieqes fid-deċiżjoni kkontestata, din ġiet annullata mill-Qorti Ġenerali.

# X. Prodotti kimiċi (*REACH*)

Fl-20 ta' Settembru 2019, fis-sentenza ***BASF Grenzach vs ECHA*** (T-125/17, EU:T:2019:638), mogħtija bħala Awla Estiża, il-Qorti Ġenerali ppronunzjat ruħha, għall-ewwel darba, dwar il-kompitu u l-kompetenzi tal-Bord tal-Appell tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA) u, b'mod iktar partikolari, dwar il-portata u l-intensità tal-istħarriġ imwettaq minn dan il-bord, fil-kuntest ta' appell ippreżentat quddiemu minn deċiżjoni mill-ECHA li titlob informazzjoni addizzjonali dwar il-valutazzjoni tas-sustanza triclosan, skont ir-Regolament Nru 1907/2006 [90].

Ir-rikorrenti, manifattur tat-triclosan, kienet l-uniku reġistrant ta' din is-sustanza fis-sens ta' dan ir-regolament. Wara l-adozzjoni mill-ECHA ta' deċiżjoni li titlob informazzjoni addizzjonali lir-rikorrenti, din tal-aħħar ippreżentat appell quddiem il-Bord tal-Appell ta' din l-aġenzija, li ġie parzjalment miċħud. Permezz tar-rikors tagħha quddiem il-Qorti Ġenerali, ir-rikorrenti talbet l-annullament tad-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell tal-ECHA, permezz ta' motivi bbażati fuq il-ksur mill-imsemmi Bord tal-Appell tal-kompitu tiegħu ta' stħarriġ, minħabba

90| Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni (ĠU 2006, L 396, p. 1, u rettifiki ĠU 2009, L 36, p. 84, ĠU 2008, L 141, p. 22, u ĠU 2007, L 136, p. 3).

li kien naqas milli jwettaq eżami mill-ġdid tal-evalwazzjonijiet ta’ natura xjentifika li fuqhom id-deċiżjoni inizjali tal-ECHA kienet ibbażata. Peress li l-argumenti tar-rikorrenti ma setgħux jirnexxu, il-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors għall-kunsiderazzjonijiet li ġejjin.

Fl-ewwel lok, fil-kuntest tal-portata tal-kompitu ta’ stħarriġ tal-Bord tal-Appell tal-ECHA, il-Qorti Ġenerali rrilevat qabelxejn li ebda waħda mid-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 1907/2006 u tar-Regolament Nru 771/2008 [91] ma tipprevedi espliċitament li, fil-kuntest ta’ appell quddiemu minn deċiżjoni tal-ECHA li titlob informazzjoni addizzjonali fil-kuntest tal-valutazzjoni ta’ sustanza, il-Bord tal-Appell għandu jwettaq eżami “*de novo*”, kif maħsub mir-rikorrenti, jiġifieri eżami li jirrigwarda l-kwistjoni dwar jekk, meta huwa jiddeċiedi fuq l-appell, fid-dawl tal-punti ta’ liġi u ta’ fatt rilevanti kollha, b’mod partikolari kwistjonijiet ta’ natura xjentifika, tistax tiġi legalment adottata jew le deċiżjoni ġdida bl-istess dispożittiv bħad-deċiżjoni kkontestata. Għall-kuntrarju, mid-dispożizzjonijiet ta’ dawn iż-żewġ regolamenti jirriżulta li, fil-kuntest ta’ tali appell, il-Bord tal-Appell għandu sempliċement jeżamina jekk l-argumenti mqajma mill-appellanti jkunux ta’ natura li juru l-eżistenza ta’ żball li jaffettwa d-deċiżjoni kkontestata. Fil-fatt, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li minħabba n-natura kontradittorja tal-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-ECHA, kif previst mir-regoli tal-proċedura ta’ natura ġenerali tar-Regolament Nru 771/2008, l-għan ta’ din il-proċedura jiġi ddeterminat mit-talbiet imqajma mill-appellanti fil-kuntest tal-appell quddiem l-imsemmi bord u li, għaldaqstant, dan it-tip ta’ appell ma jistax ikollu l-għan biss li jiġi eżaminat jekk it-talbiet imqajma mill-appellanti jkunux jistgħu jipprovaw li d-deċiżjoni kkontestata quddiemu tkun ivvizzjata bi żbalji.

Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali rrilevat li mill-istruttura tar-Regolament Nru 1907/2006 jirriżulta li r-regoli tal-proċedura li japplikaw għall-ECHA meta din tadotta deċiżjoni fl-ewwel istanza ma jistgħux japplikaw direttament għall-Bord tal-Appell. Il-Qorti Ġenerali għaldaqstant qieset li l-Bord tal-Appell ma kienx obbligat iwettaq eżami ġdid paragunabbli ma’ dak imwettaq mill-ECHA, meta din taħti deċiżjoni fl-ewwel istanza. B’mod partikolari, il-Qorti Ġenerali qieset li ma kinitx ir-responsabbiltà tal-Bord tal-Appell li jirrepeti l-eżami xjentifiku mwettaq fid-deċiżjoni inizjali tal-ECHA, sa fejn, minn naħa, din l-evalwazzjoni, li għandha titwettaq taħt il-prinċipju ta’ prekawzjoni, għandha tiġi fdata biss lil esperti xjentifiċi u li, min-naħa l-oħra, ebda dispożizzjoni tar-Regolamenti Nru 1907/2006 u Nru 771/2008 ma tipprevedi tali evalwazzjoni xjentifika ġdida fil-kuntest tal-proċedura ta’ appell quddiem il-Bord tal-Appell.

Fit-tieni lok, fir-rigward tal-intensità tal-istħarriġ tal-Bord tal-Appell tal-ECHA, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li, kuntrarjament għall-istħarriġ tal-qorti tal-Unjoni, l-istħarriġ imwettaq mill-Bord tal-Appell dwar evalwazzjonijiet ta’ punti fattwali ta’ natura xjentifika kumplessi ħafna li jinsabu f’deċiżjoni tal-ECHA ma jistax ikun limitat għall-verifika tal-eżistenza ta’ żbalji manifesti. Fil-fatt, fid-dawl tal-kwalifiki xjentifiċi u legali rispettivi tal-membri li jifformaw il-Bord tal-Appell tal-ECHA, il-Bord għandu t-tagħrif espert neċessarju sabiex ikun jista’ jwettaq huwa nnifsu dan it-tip ta’ evalwazzjoni. Għaldaqstant, kien abbażi tal-kompetenzi legali u xjentifiċi tal-membri tiegħu li l-imsemmi bord kellu jeżamina jekk l-argumenti mqajma mir-rikorrenti setgħux juru li l-kunsiderazzjonijiet li fuqhom l-imsemmija deċiżjoni kienet ibbażata jkunu vvizzjati bi żbalji.

Fis-sentenza tal-20 ta’ Settembru 2019, ***Il-Ġermanja vs ECHA*** (T-755/17, EU:T:2019:647), il-Qorti Ġenerali ppronunzjat ruħha fuq il-kompitu u l-kompetenzi tal-Bord tal-Appell tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA) u, b’mod iktar partikolari, dwar in-natura u l-intensità tal-istħarriġ imwettaq minn dan il-bord, fil-kuntest ta’ appell ippreżentat quddiemu minn deċiżjoni mill-ECHA li titlob informazzjoni addizzjonali dwar il-valutazzjoni tas-sustanza benpat, skont ir-Regolament Nru 1907/2006.

91| Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 771/2008 tal-1 ta’ Awwissu 2008 li jistipula r-regoli ta’ organizzazzjoni u proċedura tal-Bord tal-Appell tal-ECHA (ĠU 2008, L 206, p. 5).

Wara l-adozzjoni mill-ECHA ta’ deċiżjoni li titlob informazzjoni addizzjonali lil kumpanniji li rreġistraw il-benpat mal-ECHA, dawn tal-aħħar ippreżentaw appell quddiem il-Bord tal-Appell ta’ din l-aġenzija, li annulla parzjalment id-deċiżjoni kontenzjuża. Permezz tar-rikors tagħha quddiem il-Qorti Ġenerali, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja talbet l-annullament tad-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell tal-ECHA, fuq il-bażi, essenzjalment, tan-nuqqas ta’ kompetenza tal-imsemmi Bord tal-Appell sabiex jagħti deċiżjoni fuq aggravji li jkunu intiżi li juru l-eżistenza ta’ żbalji materjali li jivvizzjaw deċiżjoni tal-ECHA. Peress li l-argumenti tal-Istat Membru rikorrenti ma setgħux jirnexxu, ir-rikors ġie parzjalment miċħud mill-Qorti Ġenerali, li ddeċidiet li l-Bord tal-Appell tal-ECHA għandu kompetenza sabiex jeżamina tali aggravji.

Fl-ewwel lok, il-Qorti Ġenerali fakkret, fid-dawl b’mod partikolari tan-nominazzjoni tal-membri tal-imsemmi Bord tal-Appell abbażi tal-esperjenzi tagħhom u tal-kompetenzi xjentifiċi u legali tagħhom, li dan il-bord għandu t-tagħrif espert neċessarju sabiex ikun jista’ jwettaq huwa stess evalwazzjonijiet dwar punti ta’ natura xjentifika, u li dan it-tagħrif espert huwa intiż li jiżgura t-twettiq ta’ evalwazzjoni bbilanċjata tal-aspetti kemm legali kif ukoll tekniċi. Fit-tieni lok, il-Qorti Ġenerali rrilevat li la r-Regolament Nru 1907/2006 u lanqas ir-Regolament Nru 771/2008 ma jipprevedu regoli speċjali dwar l-appelli minn deċiżjonijiet ta’ valutazzjoni ta’ sustanzi.

Fit-tielet lok, il-Qorti Ġenerali qieset li l-għanijiet imfittxija mill-possibbiltà li jiġi ppreżentat appell quddiem il-Bord tal-Appell minn deċiżjoni tal-ECHA jxaqilbu favur il-kompetenza tal-imsemmi bord sabiex jeżamina aggravji li jkunu intiżi li tintwera l-eżistenza ta’ żbalji materjali li jivvizzjaw tali deċiżjoni. Fil-fatt, il-Qorti Ġenerali qieset li peress li l-intensità tal-istħarriġ imwettaq mill-Bord tal-Appell tal-ECHA kienet ikbar minn dik ta’ stħarriġ imwettaq mill-qorti tal-Unjoni, il-kompetenzi tal-imsemmi bord ma kinux limitati għall-verifika tal-eżistenza ta’ żbalji manifesti, iżda estendew għall-verifika tal-aspetti tekniċi ta’ deċiżjoni li titlob informazzjoni addizzjonali. Barra minn hekk, kompetenza limitata tal-Bord tal-Appell tal-ECHA jkollha bħala konsegwenza l-impossibbiltà għall-imsemmi bord li jiżgura l-funzjoni tiegħu, li hija li jillimita l-kontenzjuż quddiem il-qorti tal-Unjoni filwaqt li jiggarantixxi dritt għal rimedju effettiv, u tkun qed tmur kontra kunsiderazzjonijiet li fuqhom hija bbażata l-introduzzjoni tar-regoli dwar meta jiġu permessi appelli fil-kawżi li jkunu diġà bbenefikaw minn eżami doppju, jiġifieri, fl-ewwel lok, mill-imsemmi bord u, fit-tieni lok, mill-Qorti Ġenerali [92].

Fir-raba’ u l-aħħar lok, il-Qorti Ġenerali qieset li kompetenza limitata tal-Bord tal-Appell ma hijiex ta’ natura li tiżgura rimedju effettiv fis-sens tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Wara li fakkret li l-Bord tal-Appell sempliċement jeżamina, fil-qafas ta’ proċedura kontradittorja, jekk l-argumenti miġjuba quddiemu jkunux jistgħu juru l-eżistenza ta’ żball li jivvizzja d-deċiżjoni kontenzjuża, il-Qorti Ġenerali qieset li, fl-ipoteżi ta’ tali kompetenza limitata, l-aggravji bbażati fuq l-eżistenza ta’ żbalji materjali li jivvizzjaw deċiżjoni tal-ECHA ma jkunux jistgħu jiġu invokati b’mod utli fil-kuntest ta’ rikors għal annullament kontra deċiżjoni tal-imsemmi bord ippreżentat quddiem il-Qorti Ġenerali. L-approċċ ta’ kompetenza limitata tal-Bord tal-Appell jista’ jkollu, barra minn hekk, bħala konsegwenza li jiġu ppreżentati appelli inutli quddiem dan il-bord, fis-sens li rikorrent li jkun jixtieq jikseb l-annullament ta’ deċiżjoni tal-ECHA biss għal raġunijiet relatati ma’ żbalji materjali li jivvizzjaw din id-deċiżjoni, ikollu jadixxi lill-imsemmi Bord tal-Appell, minkejja li tali appell, f’dan il-każ, jiġi neċessarjament miċħud.

92| Regolament (UE, Euratom) 2019/629 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta’ April 2019 li jemenda l-Protokoll Nru 3 dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (ĠU 2019, L 111, p. 1).

# XI. Dumping

Permezz tas-sentenza tagħha ***Foshan Lihua Ceramic vs Il-Kummissjoni*** (T-310/16, EU:T:2019:170), mogħtija fl-20 ta' Marzu 2019, il-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors ta' Foshan Lihua Ceramic, produttur-esportatur Ċiniż (iktar 'il quddiem ir-"rikorrenti"), intiż għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li ċaħdet it-talba tagħha għall-istatus ta' produttur-esportatur ġdid fir-rigward tal-miżuri antidumping definittivi stabbiliti fuq l-importazzjonijiet ta' madum taċ-ċeramika mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 917/2011 [93] (iktar 'il quddiem ir-"Regolament definittiv"). Ir-rikorrenti, li ma pparteċipatx fil-proċedura amministrattiva li wasslet għall-adozzjoni tal-imsemmi regolament, ġiet imposta fuqha rata ta' dazju antidumping stabbilita bl-użu tal-ogħla marġni ta' dumping ikkonstatati għal prodott rappreżentattiv ta' produttur-esportatur li jkun ipparteċipa fiha. Il-Kummissjoni ċaħdet it-talba għall-għoti tal-istatus ta' produttur-esportatur ġdid minħabba li r-rikorrenti ma kinitx stabbilixxiet li hija kienet tissodisfa l-kundizzjonijiet tal-għoti ta' dan l-istatus.

Qabelxejn, il-Qorti Ġenerali osservat li l-Artikolu 11(5) tar-Regolament Nru 1225/2009 [94] (iktar 'il quddiem ir-"Regolament bażiku"), li jittrasponi biss għall-proċeduri ta' eżami mill-ġdid previsti fl-Artikolu 11(2) sa (4) ta' dan ir-regolament id-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament bażiku dwar il-proċeduri u t-tmexxija tal-investigazzjonijiet, fosthom l-Artikolu 5(10) u (11) u l-Artikolu 6(7) ta' dan l-istess regolament, ma huwiex applikabbli fil-kuntest ta' investigazzjoni bbażata fuq l-Artikolu 3 tar-Regolament definittiv.

Fir-rigward tal-allegat ksur tal-Artikolu 9.5 tal-Ftehim dwar l-implimentazzjoni tal-Artikolu VI tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ 1994 (GATT) (iktar 'il quddiem il-"Ftehim antidumping")[95], il-Qorti Ġenerali kkonstatat li, għalkemm il-formulazzjoni tal-ewwel sat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 11(4) tar-Regolament bażiku hija, bl-eċċezzjoni tat-tielet kundizzjoni marbuta mal-eżistenza tal-esportazzjonijiet ta' wara l-perijodu tal-investigazzjoni inizjali, analoga għall-formulazzjoni tal-Artikolu 9.5 tal-Ftehim antidumping, l-Artikolu 11(4) tar-Regolament bażiku jinkludi wkoll ir-raba' paragrafu, li jipprovdi li dan l-artikolu ma japplikax meta l-istituzzjonijiet, fil-kuntest tal-investigazzjoni inizjali, ikunu rrikorrew għat-teħid ta' kampjuni. Din l-eċċezzjoni hija intiża li l-produtturi-esportaturi ġodda ma jitqegħdux f'sitwazzjoni proċedurali iktar favorevoli minn dawk li jkunu kkooperaw fl-investigazzjoni inizjali iżda ma jkunux ġewx inklużi fil-kampjun. Dan it-tħassib ma tteħidx inkunsiderazzjoni fil-Ftehim antidumping. Għalhekk, ir-raba' subparagrafu tal-Artikolu 11(4) tar-Regolament bażiku jikkostitwixxi l-espressjoni tar-rieda tal-leġiżlatur tal-Unjoni li jadotta, f'dak li jirrigwarda l-kundizzjonijiet ta' ftuħ ta' reviżjoni għall-produtturi-esportaturi ġodda, approċċ speċifiku għall-ordinament ġuridiku tal-Unjoni, b'mod li l-imsemmija dispożizzjoni ma tkunx tista' titqies li hija miżura intiża li tiżgura, fl-ordinament ġuridiku tal-Unjoni, l-eżekuzzjoni ta' obbligu partikolari meħud fil-kuntest tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ. Minn dan isegwi li l-Artikolu 9.5 tal-Ftehim antidumping ma għandux effett dirett fl-ordinament ġuridiku tal-Unjoni.

93| Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 917/2011 li jimponi dazju antidumping definittiv u jiġbor b'mod definittiv id-dazju provviżorju impost fuq l-importazzjonijiet tal-madum taċ-ċeramika li joriġina fir-Repubblika Popolari taċ-Ċina (ĠU 2011, L 238, p. 1).

94| Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea (ĠU 2009, L 343, p. 51), kif emendat l-aħħar bir-Regolament (UE) Nru 37/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2014 li jemenda ċerti Regolamenti relatati mal-politika kummerċjali komuni fir-rigward tal-proċeduri għall-adozzjoni ta' ċerti miżuri (ĠU 2014, L 18, p. 1).

95| Ftehim dwar l-implimentazzjoni tal-Artikolu VI tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ 1994 (GATT) (ĠU 1994, L 336, p. 103), li jinsab fl-Anness 1 A tal-Ftehim li jistabbilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO) (ĠU 1994, L 336, p. 3).

Sussegwentement, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li peress li l-għanijiet tal-investigazzjoni mwettqa skont l-Artikolu 3 tar-Regolament definittiv kienu iktar ristretti minn dawk tal-investigazzjoni mwettqa skont l-Artikolu 11(4) tar-Regolament bażiku, kien iġġustifikat li numru iżgħar ta' persuni jiġu informati bil-ftuħ ta' investigazzjoni skont l-Artikolu 3 tar-Regolament definittiv. Fil-fatt, filwaqt li l-investigazzjoni li saret skont l-Artikolu 11(4) tar-Regolament bażiku hija intiża li jiġi ddeterminat mhux biss jekk l-operatur inkwistjoni jkunx produttur-esportatur ġdid, iżda wkoll, fil-każ ta' risposta fl-affermattiv għal din l-ewwel domanda, il-marġni ta' dumping individwali tiegħu, l-investigazzjoni mmexxija skont l-Artikolu 3 tar-Regolament definittiv kellha biss l-għan li tivverifika jekk l-operatur inkwistjoni huwiex produttur-esportatur ġdid. Matul din l-investigazzjoni, dan tal-aħħar kellu juri li huwa ma jkunx esporta l-prodotti msemmija fl-Artikolu 1(1) tar-Regolament definittiv, li joriġinaw miċ-Ċina, matul il-perijodu ta' investigazzjoni inizjali, li ma kienx relatat ma' esportatur jew produttur suġġett għall-miżuri imposti minn dan ir-regolament u li effettivament ikun esporta l-oġġetti kkonċernati jew ikun daħal f'obbligu kuntrattwali irrevokabbli li jesporta kwantità sinjifikattiva lejn l-Unjoni wara t-tmiem tal-perijodu ta' investigazzjoni inizjali. Peress li dawn il-kundizzjonijiet huma marbuta mas-sitwazzjoni proprja tal-operatur inkwistjoni, huwa, evidentement, dan tal-aħħar, bl-esklużjoni ta' kwalunkwe terz, li jinsab fl-aħjar pożizzjoni sabiex jipprovdi l-informazzjoni meħtieġa.

Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-oneru u tal-grad tal-prova, il-Qorti Ġenerali kkjarifikat li l-obbligu tal-prova li kellu jiġi sostnut mill-applikant għall-istatus ta' produttur-esportatur ġdid, kemm skont l-Artikolu 3 tar-Regolament definittiv kif ukoll skont l-Artikolu 11(4) tar-Regolament bażiku, ma kellu xejn, fih innifsu, li kien impossibbli li jiġi ssodisfatt. Il-provvista ta' informazzjoni u ta' provi kompleti, koerenti u verifikabbli, b'mod partikolari fuq il-bejgħ kollu tiegħu u fuq l-istruttura tal-grupp tiegħu, kienet tippermetti lill-Kummissjoni teskludi, jekk effettivament dan ma jkunx il-każ, li l-prodott ikkonċernat ikun ġie esportat lejn l-Unjoni matul il-perijodu ta' investigazzjoni inizjali, jew saħansitra tikkonkludi li r-rikorrenti ma tkun marbuta ma' ebda produttur-esportatur suġġett għad-dazji antidumping inkwistjoni.

F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni la kellha turi l-eżistenza ta' esportazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat mir-rikorrenti lejn l-Unjoni jew rabtiet ma' impriżi suġġetti għad-dazji antidumping inkwistjoni u lanqas li tipprovdi indizji f'dan is-sens. Sabiex tiġi miċħuda applikazzjoni għall-għoti ta' dan l-istatus, kien biżżejjed, fil-mertu, li l-provi prodotti mill-operatur inkwistjoni jkunu insuffiċjenti sabiex isostnu l-allegazzjonijiet tiegħu. Min-naħa l-oħra, kienet il-Kummissjoni, fil-kuntest tar-rwol tagħha fl-investigazzjonijiet dwar l-għoti tal-istatus ta' produttur-esportatur ġdid, li kellha tivverifika permezz tal-mezzi kollha mqiegħda għad-dispożizzjoni tagħha l-eżattezza tal-allegazzjonijiet u tal-provi prodotti minn tali operatur.

Permezz tas-sentenza tagħha ***Stemcor London u Samac Steel Supplies vs Il-Kummissjoni*** (T-749/16, EU:T:2019:310), tat-8 ta' Mejju 2019, il-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors intiż għall-annullament tar-Regolament tal-Kummissjoni Nru 2016/1329 [96] (iktar 'il quddiem ir-"Regolament ikkontestat") li jipprevedi l-ġbir retroattiv tad-dazju antidumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-azzar ċatti rrumblati fil-kiesaħ li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina u l-Federazzjoni Russa.

96| Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1329 tad-29 ta' Lulju 2016 li jimponi d-dazju antidumping definittiv fuq importazzjonijiet reġistrati ta' ċerti prodotti tal-azzar irrumblati ċatti fil-kiesaħ li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u l-Federazzjoni Russa (ĠU 2016, L 210, p. 27)

F'din is-sentenza, il-Qorti Ġenerali ppronunzjat ruħha, għall-ewwel darba, fuq il-mekkaniżmu previst mill-Artikolu 10(4) tar-Regolament bażiku fil-qasam tal-antidumping [97] li jippermetti lill-Kummissjoni timponi retroattivament dazju antidumping fuq prodotti rrilaxxati għall-konsum mhux iktar minn 90 jum qabel id-data ta' applikazzjoni tal-miżuri provviżorji (iżda mhux qabel il-bidu tal-investigazzjoni), sakemm l-importazzjonijiet inkwistjoni ikunu ġew irreġistrati, sakemm "[ikun] hemm, għall-prodott konċernat, storja ta' dumping tul perjodu estiż, jew l-importatur kien konxju, jew kellu jkun konxju, tad-dumping fir-rigward tal-grad tad-dumping u d-dannu allegat jew misjub" (Artikolu 10(4)(c), u sakemm "addizzjonalment għal-livell tal-importazzjonijiet li kkawżaw dannu matul il-perjodu ta' investigazzjoni, [...] hemm żieda oħra sostanzjali fl-importazzjonijiet li, fid-dawl ta' meta [seħħet] u l-volum u ċirkustanzi oħra, probabbilment timmina serjament l-effett rimedjali tad-dazju anti-dumping definittiv li għandu jiġi applikat" (Artikolu 10(4)(d)).

Filwaqt li r-rikorrenti sostnew, fl-ewwel lok, li l-Kummissjoni kienet wettqet diversi żbalji fl-interpretazzjoni u fl-applikazzjoni tal-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 10(4)(c) tar-Regolament bażiku, il-Qorti Ġenerali ċaħdet l-interpretazzjoni proposta li l-għarfien tal-importaturi għandu jiġi stabbilit fir-rigward ta' dumping "effettiv", u mhux biss "allegat", sabiex il-kundizzjoni prevista fl-Artikolu 10(4)(c) tar-Regolament bażiku tkun issodisfatta u qieset li l-kliem "allegat" jew "misjub" għandhom jitqiesu li jirreferu kemm għall-portata tad-dumping kif ukoll għall-portata tad-dannu sabiex jiġi żgurat l-effett utli tal-imsemmija dispożizzjoni.

Sussegwentement, il-Qorti Ġenerali qieset li l-provi li jinsabu fil-verżjoni mhux kunfidenzjali tal-ilment u fl-avviż tal-bidu tal-investigazzjoni kienu suffiċjenti f'dan il-każ għall-finijiet tal-għarfien tal-importaturi, li kienu professjonisti avżati, tal-portata tal-allegat dumping, fis-sens tal-Artikolu 10(4) tar-Regolament bażiku, sa mill-bidu tal-investigazzjoni.

Fir-rigward tal-Artikolu 10(4)(d) tar-Regolament bażiku, il-Qorti Ġenerali qieset li l-perijodu rilevanti għall-evalwazzjoni taż-"żieda sostanzjali ġdida fl-importazzjonijiet" kellu jkun jista' jinkludi ż-żmien li għadda mill-pubblikazzjoni tan-notifika tal-bidu tal-investigazzjoni, peress li huwa minn dan il-mument li l-importaturi kellhom għarfien tal-possibbiltà li sussegwentement jiġu applikati dazji b'mod retroattiv fuq l-importazzjonijiet irreġistrati u li huma setgħu b'hekk ikollhom it-tentazzjoni li jimportaw il-prodotti kkonċernati fi kwantitajiet kbar fid-dawl tal-aspettattiva tal-istabbiliment futur ta' dawn id-dazji.

Sussegwentement, il-Qorti Ġenerali ppreċiżat li ż-żieda sostanzjali ġdida fl-importazzjonijiet kellha tiġi evalwata globalment sabiex jiġi ddeterminat jekk l-importazzjonijiet, meħuda flimkien, kinux ta' natura li jikkompromettu serjament l-effett rimedjali tad-dazji definittivi u għalhekk li joħolqu dannu addizzjonali għall-industrija tal-Unjoni mingħajr ma tittieħed inkunsiderazzjoni s-sitwazzjoni individwali u suġġettiva tal-importaturi kkonċernati.

Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li n-natura "sostanzjali" taż-żieda tiġi ddeterminata każ b'każ, mhux biss billi jiġu pparagunati l-medji ponderati ta' kull xahar tal-importazzjonijiet li jkunu seħħew matul il-perijodu ta' investigazzjoni u dawk li jkunu seħħew matul il-perijodu bejn l-avviż tal-bidu tal-investigazzjoni u l-istabbiliment tal-miżuri provviżorji, iżda wkoll billi jittieħdu inkunsiderazzjoni l-kunsiderazzjonijiet rilevanti l-oħra kollha, li jikkonċernaw b'mod partikolari l-evoluzzjoni tal-konsum ġenerali tal-prodotti kkonċernati fi ħdan l-Unjoni, l-evoluzzjoni tal-ħażniet u l-evoluzzjoni tal-ishma mis-suq.

Għaldaqstant, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li l-Kummissjoni setgħet ġustament tikkonkludi li din iż-żieda sostanzjali ġdida fl-importazzjonijiet, fid-dawl tal-volum tagħhom, tal-mument li fih twettqu kif ukoll ta'

97| Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea (ĠU 2016, L 176, p. 21)

ċirkustanzi oħra, jiġifieri t-tnaqqis fil-prezzijiet u ż-żieda fil-ħażniet kbar, kellha impatt negattiv ġdid fuq il-prezzijiet u s-sehem mis-suq tal-Unjoni tal-industrija tal-Unjoni u kienet għalhekk ta' natura li tikkomprometti serjament l-effett rimedjali tad-dazju antidumping definittiv.

Permezz tas-sentenza tagħha tat-3 ta' Diċembru 2019, ***Yieh United Steel vs Il-Kummissjoni*** (T-607/15, EU:T:2019:831), il-Qorti Ġenerali ċaħdet it-talba għal annullament imressqa minn Yieh United Steel Corp. kontra r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2015/1429 li impona dazju antidumping definittiv fuq importazzjonijiet ta' prodotti tal-azzar inossidabbli irrumblati ċatti fil-kiesaħ li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u mit-Tajwan [98].

Din il-kawża oriġinat minn proċedura antidumping li twettqet mill-Kummissjoni fl-2014 u fl-2015, li wasslet għall-istabbiliment, permezz tar-Regolament ikkontestat, ta' dazju antidumping ta' 6.8 % fuq l-importazzjonijiet ta' prodotti tal-azzar inossidabbli irrumblati ċatti fil-kiesaħ. Ir-rikorrenti kienet kumpannija stabbilita fit-Tajwan, attiva fil-manifattura u fid-distribuzzjoni tal-prodotti koperti minn dan id-dazju antidumping.

Ir-rikorrenti adixxiet lill-Qorti Ġenerali sabiex tikseb l-annullament tar-Regolament ta' Implimentazzjoni 2015/1429 sa fejn dan kien jikkonċernaha, billi invokat, b'mod partikolari, ksur tal-Artikolu 2 tar-Regolament antidumping bażiku [99]. Abbażi tat-tieni paragrafu ta' din id-dispożizzjoni, il-"valur normali" tal-prodotti kkonċernati mid-dazju antidumping kien jiġi normalment iddeterminat abbażi tal-bejgħ tal-prodott simili maħsub għall-konsum fis-suq intern tal-pajjiż esportatur. Skont l-ewwel paragrafu tal-imsemmi artikolu, il-valur normali tal-prodott kopert mid-dazju antidumping kien jiġi normalment ibbażat fuq il-prezzijiet imħallsa jew li kien ikollhom jitħallsu, matul tranżazzjonijiet kummerċjali normali, minn xerrejja indipendenti.

F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti kkontestat, b'mod partikolari, ir-rifjut tal-Kummissjoni li tnaqqas il-valur tal-metall irriċiklat mill-ispiża ta' produzzjoni tal-prodott ikkonċernat mid-dazju antidumping għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-valur normali tiegħu. Barra minn hekk, il-Kummissjoni rrifjutat b'mod żbaljat li tieħu inkunsiderazzjoni xi wħud mit-tranżazzjonijet ta' bejgħ tagħha lil klijent indipendenti fil-pajjiż esportatur, li kien ukoll distributur tal-prodott ikkonċernat, li kienu jikkostitwixxu, skont ir-rikorrenti, bejgħ domestiku sa fejn hija ma kinitx tqishom għall-esportazzjoni jew ma kinitx taf liema kienet id-destinazzjoni finali tagħhom. Min-naħa l-oħra, il-Kummissjoni kienet irrifjutat li tieħu inkunsiderazzjoni dan il-bejgħ għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-valur normali tal-prodott ikkonċernat, peress li, skont l-investigazzjoni, kienu jeżistu provi oġġettivi li juru li l-imsemmija tranżazzjonijiet ta' bejgħ kienu fir-realtà bejgħ għall-esportazzjoni li wħud minnhom kienu, barra minn hekk, suġġetti għal sistema ta' tnaqqis fil-prezzijiet għall-esportazzjoni.

Qabelxejn, il-Qorti Ġenerali qieset li l-Kummissjoni setgħet tiċħad it-talba għat-tnaqqis tal-valur tal-metall irriċiklat mill-ispiża ta' produzzjoni tal-prodott ikkonċernat mid-dazju antidumping, peress li ma setgħetx tivverifika b'mod preċiż jekk l-ispejjeż marbuta mal-produzzjoni u mal-bejgħ tal-metall riċiklabbli kinux raġonevolment riflessi fil-kotba tal-kontabbiltà tar-rikorrenti.

Fir-rigward tat-talba sabiex jittieħdu inkunsiderazzjoni t-tranżazzjonijiet ta' bejgħ tal-prodotti tal-azzar inossidabbli irrumblati ċatti fil-kiesaħ lil klijent indipendenti fil-pajjiż esportatur, il-Qorti Ġenerali irrilevat qabelxejn li, anki jekk jeżistu diverġenzi bejn id-diversi verżjonijiet lingwistiċi tal-Artikolu 2(2) tar-Regolament

98| Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1429 tas-26 ta' Awwissu 2015 li jimponi dazju antidumping definittiv fuq importazzjonijiet ta' prodotti tal-azzar inossidabbli irrumblati ċatti fil-kiesaħ li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u mit-Tajwan (ĠU 2015, L 224, p. 10),

99| Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea (ĠU 2009, L 343, p. 51, rettifika ĠU 2010, L 7, p. 22).

antidumping bażiku, parti kbira mill-imsemmija verżjonijiet lingwistiċi tirreferi għad-destinazzjoni tal-prodott ikkonċernat mingħajr ma tirreferi għall-intenzjoni tal-produttur fir-rigward tal-imsemmija destinazzjoni fil-mument tal-bejgħ.

Sussegwentement, il-Qorti Ġenerali, minn naħa, enfasizzat li l-Artikolu 2.1 tal-Ftehim antidumping GATT [100] juża, fit-tliet lingwi uffiċjali tiegħu l-espressjoni "destined for consumption" bl-Ingliż, "destiné à la consommation" bil-Franċiż u "destinado al consumo" bl-Ispanjol, rispettivament, u, min-naħa l-oħra, fakkret li d-dispożizzjonijiet tar-Regolament antidumping bażiku għandhom jiġu interpretati, sa fejn huwa possibbli, fid-dawl tad-dispożizzjonijiet korrispondenti tal-imsemmi ftehim antidumping.

L-interpretazzjoni li tgħid li ma huwiex meħtieġ li tiġi stabbilita "intenzjoni" jew "għarfien speċifiku" tal-bejjiegħ fir-rigward tad-destinazzjoni finali tal-prodott inkwistjoni ġiet, barra minn hekk, ikkonfermata mill-analiżi li wettqet il-Qorti Ġenerali tal-kuntest tal-Artikolu 2 tar-Regolament antidumping bażiku.

Din l-interpretazzjoni hija sostnuta wkoll mill-għan tal-investigazzjoni antidumping, li jikkonsisti fit-tfittxija ta' provi oġġettivi. F'dan il-kuntest, l-issuġġettar tan-nuqqas ta' teħid inkunsiderazzjoni ta' bejgħ ta' prodotti li jkunu ġew esportati mid-determinazzjoni tal-valur normali għall-prova tal-intenzjoni tal-bejjiegħ fir-rigward tad-destinazzjoni finali tal-prodott ikkonċernat ikun ifisser, skont il-Qorti Ġenerali, li jiġi permess it-teħid inkunsiderazzjoni, għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-valur normali, tal-prezzijiet ta' prodotti esportati li jkunu jistgħu joħolqu distorsjoni u jikkompromettu d-determinazzjoni korretta tal-imsemmi valur normali.

Fl-aħħar nett, il-Qorti Ġenerali ppreċiżat li l-imsemmija interpretazzjoni hija wkoll kompatibbli mal-prinċipji ta' prevedibbiltà u ta' ċertezza legali, peress li l-applikazzjoni ta' kriterju bbażat fuq l-intenzjoni jew fuq l-għarfien speċifiku tal-bejjiegħ tagħmel it-teħid inkunsiderazzjoni tal-prezz tal-bejgħ ta' prodotti esportati għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-valur normali dipendenti fuq element suġġettiv li l-eżistenza tiegħu tista' tirriżulta fil-prattika każwali, jew saħansitra, impossibbli li tiġi stabbilita.

B'hekk, il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li r-rikorrenti ma kinitx uriet f'dan il-każ li l-Kummissjoni kienet wettqet żball ta' liġi jew żball manifest ta' evalwazzjoni tal-fatti meta rrifjutat li tieħu inkunsiderazzjoni, għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-valur normali tal-prodott ikkonċernat mill-proċedura antidumping, il-bejgħ tar-rikorrenti lill-klijent indipendenti tagħha.

## XII. Aċċess għal dokumenti tal-istituzzjonijiet

Fl-2019, il-Qorti Ġenerali kellha l-okkażjoni tagħmel preċiżazzjonijiet dwar il-kunċett ta' informazzjoni relatata ma' emissjonijiet fl-ambjent, l-eċċezzjoni dwar il-protezzjoni tad-dokumenti intiżi għall-użu intern u l-portata tal-preżunzjoni ġenerali ta' kunfidenzjalità tad-dokumenti relatati mal-proċeduri ta' verifika tal-għajnuna mill-Istat.

100| Artikolu VI tal-Ftehim Ġenerali dwar it-Tariffi u l-Kummerċ tal-1994 (GATT) (ĠU 1994, L 336, p. 103) li jinsab fl-Anness 1 A tal-Ftehim li jistabbilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO) (ĠU 1994, L 336, p. 3)

## 1. Kunċett ta' informazzjoni relatata ma' emissjonijiet fl-ambjent

Fis-sentenza ***Tweedale vs EFSA*** (T-716/14, EU:T:2019:141), mogħtija fis-7 ta' Marzu 2019, il-Qorti Ġenerali laqgħet ir-rikors ippreżentat skont l-Artikolu 263 TFUE minn A. C. Tweedale intiż għall-annullament parzjali tad-deċiżjoni tal-Awtorità Ewropea għas-Sigurtà tal-Ikel (EFSA), li permezz tagħha hija rrifjutatlu l-aċċess għal studji ta' tossiċità tal-glifosat fuq il-bażi tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament Nru 1049/2001 [101]. L-EFSA qieset li ma kienx jeżisti interess pubbliku superjuri għall-iżvelar tal-partijiet tal-istudji mitluba, peress li dawn ma kinux jikkostitwixxu informazzjoni "konnessa ma' emissjonijiet fl-ambjent", fis-sens tar-Regolament Nru 1367/2006 [102]. Ir-rikorrent invoka b'mod partikolari ksur tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament Nru 1049/2001 u tal-Artikolu 6(1) tar-Regolament Nru 1367/2006 sa fejn l-istudji mitluba setgħu jiġu kklassifikati bħala informazzjoni "konnessa ma' emissjonijiet fl-ambjent", fis-sens ta' din l-aħħar dispożizzjoni.

Qabelxejn, il-Qorti Ġenerali fakkret li istituzzjoni tal-Unjoni Ewropea, adita b'talba ta' aċċess għal dokument, ma tistax tiġġustifika r-rifjut tagħha li tiżvelah fuq il-bażi tal-eċċezzjoni relatata mal-protezzjoni tal-interessi kummerċjali ta' persuna fiżika jew ġuridika speċifika, fis-sens tal-ewwel inċiż tal-Artikolu 4(2) tar-Regolament Nru 1049/2001, meta l-informazzjoni li tinsab f'dan id-dokument tikkostitwixxi informazzjoni "konnessa ma' emissjonijiet fl-ambjent", fis-sens tal-Artikolu 6(1) tar-Regolament Nru 1367/2006. F'dan is-sens, il-Qorti Ġenerali qieset li l-kwistjoni kienet għalhekk li jiġi ddeterminat jekk l-informazzjoni li tinsab fl-istudji mitluba kinitx tikkostitwixxi informazzjoni "konnessa ma' emissjonijiet fl-ambjent" fis-sens ta' din id-dispożizzjoni.

Fir-rigward tal-kunċett ta' informazzjoni "konnessa ma' emissjonijiet fl-ambjent", il-Qorti Ġenerali qieset li dan ma jistax jiġi llimitat biss għall-informazzjoni li tikkonċerna l-emissjonijiet effettivament irrilaxxati fl-ambjent waqt l-applikazzjoni tal-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti jew tas-sustanza attiva inkwistjoni fil-pjanti jew fil-ħamrija, iżda li taħt dan il-kunċett taqa' wkoll l-informazzjoni dwar l-emissjonijiet prevedibbli tal-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti jew tas-sustanza attiva inkwistjoni fl-ambjent, f'kundizzjonijiet normali jew realistiċi ta' użu ta' dan il-prodott jew ta' din is-sustanza li jikkorrispondu għal dawk li għalihom tkun ingħatat l-awtorizzazzjoni ta' tqegħid fis-suq tal-imsemmi prodott jew tal-imsemmija sustanza u li jkunu prevalenti fiż-żona fejn din is-sustanza jew dan il-prodott ikun intiż li jintuża.

F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali qieset li sustanza attiva li tinsab fil-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, bħall-glifosat, hija, fil-kuntest tal-użu normali tagħha, intiża li tiġi rrilaxxata fl-ambjent minħabba l-funzjoni tagħha stess u l-emissjonijiet prevedibbli ma jistgħux, għalhekk, jitqiesu li huma purament ipotetiċi u lanqas prevedibbli biss. Peress li l-glifosat ġie awtorizzat fl-Istati Membri sa mill-2002 u ġie effettivament użat fi prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, l-emissjonijiet tiegħu fl-ambjent huma għalhekk reali. L-istudji mitluba kienu għalhekk intiżi li jistabbilixxu t-tossiċità ta' sustanza attiva li hija effettivament preżenti fl-ambjent.

Sussegwentement, il-Qorti Ġenerali enfasizzat li, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-kunċett ta' informazzjoni "konnessa ma' emissjonijiet fl-ambjent" ma huwiex limitat għall-informazzjoni li tippermetti l-evalwazzjoni tal-emissjonijiet bħala tali, iżda jkopri wkoll l-informazzjoni dwar l-effetti ta' dawn l-emissjonijiet. F'dan is-sens, il-Qorti Ġenerali qieset li l-istudji mitluba kienu intiżi li jiddeterminaw il-limiti li taħthom il-glifosat, meta jkun preżenti fil-prodotti tal-ikel, ma jippreżentax riskju, ftit jew wisq fit-tul, għas-saħħa tal-bniedem, u għalhekk sabiex jiffissaw il-valuri differenti relatati mal-impatt tal-emissjonijiet tal-glifosat fuq is-saħħa tal-bniedem. Issa, skont il-Qorti Ġenerali, sabiex studji jkunu jistgħu jiġu kklassifikati bħala

101| Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 3, p. 331).

102| Regolament (KE) Nru 1367/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Settembru 2006 dwar l-applikazzjoni għall-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità tad-disposizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Aarhus dwar l-Aċċess għall-Informazzjoni, il-Parteċipazzjoni tal-Pubbliku fit-Teħid ta' Deċiżjonijiet u l-Aċċess għall-Ġustizzja fi Kwistjonijiet Ambjentali (ĠU 2006, L 264, p. 13).

informazzjoni "konnessa ma' emissjonijiet fl-ambjent", ma humiex tant il-kundizzjonijiet ta' twettiq ta' dawn l-istudji li huma importanti, b'mod partikolari l-fatt li jkunu twettqu jew ma twettqux f'laboratorju, iżda l-għan tagħhom.

Fl-aħħar nett, il-Qorti Ġenerali qieset li l-aċċess tar-rikorrent għall-istudji mitluba jippermettilu jifhem il-mod kif is-saħħa tal-bniedem tirriskja li tiġi affettwata mir-rilaxx ta' glifosat fl-ambjent u li, għaldaqstant, l-istudji mitluba kellhom jitqiesu li jikkostitwixxu informazzjoni "konnessa ma' emissjonijiet fl-ambjent", fis-sens tal-Artikolu 6(1) tar-Regolament Nru 1367/2006.

## 2. Eċċezzjoni relatata mal-protezzjoni tad-dokumenti intiżi għal użu intern

Fil-kawża li wasslet għas-sentenza tat-12 ta' Marzu 2019, ***De Masi u Varoufakis vs BĊE*** (T-798/17, taħt appell [103], EU:T:2019:154), il-Qorti Ġenerali ġiet adita b'rikors intiż għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) li tirrifjuta lir-rikorrenti, Fabio de Masi u Yanis Varoufakis, l-aċċess għad-dokument intitolat "Risposti għal domandi dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 14.4 tal-Protokoll dwar l-Istatuti tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew". Dan id-dokument kien jinkludi r-risposta ta' konsulent estern għal parir legali li kien intalab mingħandu mill-BĊE dwar is-setgħat li għandu l-Kunsill Governattiv fuq il-bażi tal-imsemmi Artikolu 14.4. Id-dokument eżamina b'mod partikolari l-projbizzjonijiet, ir-restrizzjonijiet jew il-kundizzjonijiet li dan il-kunsill jista' jimponi għall-eżerċizzju tal-funzjonijiet barra mis-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali (SEBĊ) minn banek ċentrali nazzjonali sa fejn dawn il-funzjonijiet jirriskjaw li jindaħlu fl-għanijiet u l-missjonijiet tas-SEBĊ. Il-BĊE rrifjuta l-aċċess għad-dokument inkwistjoni, fuq il-bażi, minn naħa, tal-eċċezzjoni prevista fit-tieni inċiż tal-Artikolu 4(2) tad-Deċiżjoni 2004/258 [104], dwar il-protezzjoni tal-pariri legali u, min-naħa l-oħra, tal-eċċezzjoni prevista fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(3) tal-istess deċiżjoni, dwar id-dokumenti intiżi għal użu intern.

Fir-rigward tal-eċċezzjoni dwar il-protezzjoni tad-dokumenti intiżi għal użu intern, il-Qorti Ġenerali rrilevat id-differenzi bejn il-formulazzjoni tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(3) tad-Deċiżjoni 2004/258 u dik tal-Artikolu 4(3) tar-Regolament Nru 1049/2001. F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali qieset li fil-kuntest tal-eċċezzjoni prevista fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(3) tad-Deċiżjoni 2004/258, il-prova ta' preġudizzju gravi għall-proċess deċiżjonali ma hijiex meħtieġa. Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali qieset li l-interess pubbliku li fuqu hija bbażata din l-eċċezzjoni jikkonċerna l-protezzjoni, minn naħa, ta' spazju ta' riflessjoni intern għall-BĊE li jippermetti skambju ta' opinjonijiet kunfidenzjali fi ħdan korpi deċiżjonali tal-istituzzjoni fil-kuntest tad-deliberazzjonijiet tiegħu u tal-konsultazzjonijiet preliminari tiegħu u, min-naħa l-oħra, ta' spazju ta' skambju ta' opinjoni kunfidenzjali bejn il-BĊE u l-awtoritajiet nazzjonali kkonċernati. Il-Qorti Ġenerali għalhekk iddeċidiet li l-BĊE seta', ġustament, iqis li d-dokument inkwistjoni kien dokument intiż għal użu intern fis-sens tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(3) tad-Deċiżjoni 2004/258, sa fejn huwa qies li dan id-dokument kien intiż li jagħti informazzjoni u appoġġ għad-deliberazzjonijiet tal-Kunsill Governattiv fil-kuntest tal-kompetenzi mogħtija lilu mill-Artikolu 14.4 tal-Protokoll dwar l-Istatuti tas-SEBĊ u tal-BĊE.

103| Kawża C-342/19 P, ***De Masi u Varoufakis vs BĊE.***

104| Deċiżjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-4 ta' Marzu 2004 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Bank Ċentrali Ewropew (ECB/2004/3) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 5, p. 51), kif emendata bid-Deċiżjonijiet tal-BĊE 2011/342/UE tad-9 ta' Mejju 2011 (BĊE/2011/6) (ĠU 2011, L 158, p. 37) u (UE) 2015/529 tal-BĊE tal-21 ta' Jannar 2015 (BĊE/2015/1) (ĠU 2015, L 84, p. 64).

Fir-rigward tal-argument ibbażat fuq l-eżistenza ta' interess pubbliku superjuri li jiġġustifika l-iżvelar tad-dokument inkwistjoni, il-Qorti Ġenerali qieset li tali interess ma kienx ipprovat f'dan il-każ. Fi kwalunkwe każ, il-Qorti Ġenerali enfasizzat li l-interess ta' aċċess għal dokument bħala dokument allegatament preparatorju għall-ftehim dwar il-provvista ta' likwidità b'urġenza ma setax jirbaħ fuq l-interess pubbliku li fuqu hija bbażata l-eċċezzjoni prevista fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(3) tad-Deċiżjoni 2004/258. Konsegwentement, il-BĊE seta', ġustament, jibbaża r-rifjut tiegħu li jagħti aċċess għad-dokument inkwistjoni fuq l-eċċezzjoni tad-dritt ta' aċċess prevista fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(3) tad-Deċiżjoni 2004/258, dwar id-dokumenti intiżi għal użu intern.

## 3. Portata tal-preżunzjoni ġenerali ta' kunfidenzjalità tad-dokumenti relatati mal-proċeduri għall-eżami tal-għajnuna mill-Istat

Fil-kawża li wasslet għas-sentenza ***Commune de Fessenheim et vs Il-Kummissjoni*** (T-751/17, EU:T:2019:330), mogħtija fl-14 ta' Mejju 2019, il-Qorti Ġenerali twasslet sabiex tippronunzja ruħha fuq l-applikazzjoni tal-preżunzjoni ġenerali ta' kunfidenzjalità tad-dokumenti relatati mal-proċeduri għall-eżami tal-għajnuna mill-Istat għad-dokumenti skambjati fil-kuntest tal-fażi ta' qabel in-notifika.

F'dan il-każ, il-Gvern Franċiż ikkomunika lill-Kummissjoni, fil-kuntest tal-fażi ta' qabel in-notifika, il-protokoll ta' kumpens lill-grupp Électricité de France (EDF) għall-għeluq tal-impjant nukleari ta' Fessenheim. Wara din il-proċedura, il-Kummissjoni ħarġet opinjoni dwar il-konformità tal-protokoll mad-dritt tal-Unjoni dwar l-għajnuna mill-Istat.

Il-Commune de Fessenheim u awtoritajiet lokali oħrajn ikkonċernati bl-għeluq tal-impjant talbu lill-Kummissjoni, fuq il-bażi tar-Regolament Nru 1049/2001, tikkomunikalhom l-opinjoni li tagħlaq il-proċedura tal-fażi ta' qabel in-notifika.

Il-Kummissjoni rrifjutat l-aċċess għal dan id-dokument fuq il-bażi tal-eċċezzjoni dwar il-protezzjoni tal-għanijiet ta' investigazzjoni, prevista mit-tielet inċiż tal-Artikolu 4(2) tal-imsemmi regolament, billi użat il-preżunzjoni ġenerali ta' kunfidenzjalità tad-dokumenti relatati mal-proċeduri għall-eżami tal-għajnuna mill-Istat.

Il-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Kummissjoni u laqgħet l-applikazzjoni tal-preżunzjoni ġenerali ta' kunfidenzjalità għad-dokumenti skambjati fil-kuntest tal-fażi ta' qabel in-notifika għal żewġ raġunijiet.

Minn naħa, l-iskambji tal-fażi ta' qabel in-notifika jistgħu jiġu segwiti b'eżami preliminari, jew anki bi proċedura ta' investigazzjoni formali skont ir-Regolament Nru 2015/1589 [105]. Issa, jekk jitqies li d-dokumenti skambjati matul il-fażi ta' qabel in-notifika setgħu jiġu kkomunikati lil terzi, il-preżunzjoni ta' kunfidenzjalità applikabbli għad-dokumenti relatati mal-proċedura għall-eżami regolata b'dan ir-regolament titlef l-effettività tagħha, għaliex id-dokumenti li jirrigwardawha jkunu setgħu ġew żvelati qabel.

Min-naħa l-oħra, l-iskambji tal-fażi ta' qabel in-notifika għandhom iseħħu, bejn il-Kummissjoni u l-Istat Membru kkonċernat, fi klima ta' fiduċja. Jekk il-Kummissjoni kellha l-obbligu li tagħti l-aċċess għal informazzjoni sensittiva pprovduta mill-Istati Membri fil-kuntest tal-iskambji fil-fażi ta' qabel in-notifika, dawn l-Istati Membri jkun jistgħu jaħsbuha darbtejn qabel jipprovduha, minkejja li din ir-rieda ta' kooperazzjoni hija essenzjali

105| Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1589 tat-13 ta' Lulju 2015 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ĠU 2015, L 248, p. 9).

għas-suċċess tal-imsemmija skambji, li, skont il-Kodiċi tal-aħjar prattika, huma intiżi li jtejbu l-kwalità tan-notifika u li jippermettu b'dan il-mod li jiġu mfassla, fl-aħjar kundizzjonijiet, soluzzjonijiet li jippermettu li jinstab rimedju għas-sitwazzjonijiet li jistgħu jkunu problematiċi fid-dawl tad-dritt tal-Unjoni Ewropea dwar l-għajnuna mill-Istat.

# XIII. Servizz pubbliku

## 1. Xoljiment tal-kuntratt

Fis-sentenza ***RY vs Il-Kummissjoni*** (T-160/17, EU:T:2019:1), mogħtija fl-10 ta' Jannar 2019, il-Qorti Ġenerali annullat deċiżjoni tal-Kummissjoni li xxolji, minħabba ksur tar-rabta ta' fiduċja, il-kuntratt għal żmien indeterminat ta' membru tal-persunal temporanju minħabba l-ksur tad-dritt ta' dan l-aġent li jinstema', stabbilit fl-Artikolu 41(2)(a) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

Il-persuna kkonċernata, irreklutata bħala membru tal-persunal temporanju skont l-Artikolu 2(ċ) tal-Kondizzjonijiet tal-impjieg applikabbli għall-aġenti l-oħra tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"KAO"), kienet teżerċita l-kariga tagħha fi ħdan l-uffiċċju ta' membru tal-Kummissjoni. Wara d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li xxolji l-kuntratt tagħha, il-persuna kkonċernata kienet adixxiet lill-awtorità li għandha s-setgħa tikkonkludi kuntratti ta' reklutaġġ (iktar 'il quddiem l-"ASTK") tal-Kummissjoni b'ilment kontra d-deċiżjoni kkontestata, skont l-Artikolu 90(2) tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Unjoni Ewropea, minħabba, b'mod partikolari, li ma kinitx ġiet informata bil-motivi li wasslu għat-tmiem tal-kuntratt tagħha u li ma kinitx tqiegħdet f'pożizzjoni li tagħti l-opinjoni tagħha quddiem l-ASTK. Din tal-aħħar ċaħdet l-imsemmi lment billi qieset li l-obbligu li l-persuna kkonċernata tinstema' qabel tkeċċija ma huwiex impost fil-każ ta' membru tal-persunal temporanju rreklutat abbażi tal-Artikolu 2(ċ) tal-KAO, meta d-deċiżjoni li tittermina l-kuntratt tkun ittieħdet minħabba ksur tar-rabta ta' fiduċja.

Il-Qorti Ġenerali qieset, qabelxejn, li n-natura speċifika tal-funzjonijiet eżerċitati fi ħdan l-uffiċċju ta' membru tal-Kummissjoni u n-neċessità ta' relazzjonijiet ta' fiduċja reċiproka ma jistgħux iċaħħdu lill-kollaboratur ikkonċernat mid-dritt għal smigħ qabel l-adozzjoni ta' deċiżjoni li xxolji unilateralment il-kuntratt tiegħu minħabba ksur tar-rabta ta' fiduċja. Il-Qorti Ġenerali fakkret li d-dritt tal-persuna kkonċernata li tinstema' qabel l-adozzjoni ta' kull deċiżjoni individwali li taffettwaha b'mod sfavorevoli huwa espressament stabbilit bid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 41(2)(a) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, li għandha l-istess valur legali bħat-Trattati. Hija żiedet li r-rispett tad-dritt għal smigħ japplika iktar u iktar fir-rigward tax-xoljiment tal-kuntratt għal żmien indeterminat ta' membru tal-persunal temporanju li jseħħ fuq inizjattiva tal-amministrazzjoni, peress li tali miżura, tkun kemm tista' tkun iġġustifikata, tikkostitwixxi att li jkollu konsegwenzi gravi għall-persuna kkonċernata. Hija ppreċiżat li l-membru tal-Kummissjoni kkonċernat seta' jqis, wara li l-kollaboratur tiegħu jitqiegħed f'pożizzjoni li jippreżenta l-osservazzjonijiet tiegħu, li r-rabta ta' fiduċja ma tkunx inkisret b'mod definittiv. Barra minn hekk, minkejja li l-ASTK ma kellhiex tissostitwixxi l-evalwazzjoni tal-membru tal-Kummissjoni kkonċernat dwar ir-realtà tal-ksur tar-rabta ta' fiduċja b'dik tagħha, l-ASTK kellha madankollu, qabelxejn, tivverifika jekk l-assenza jew it-telf ta' rabta ta' fiduċja kienx effettivament invokat, u mbagħad, tivverifika l-eżattezza materjali tal-fatti u, fl-aħħar nett, tivverifika jekk fid-dawl tal-motiv imqajjem, it-talba għax-xoljiment kinitx ivvizzjata bi ksur tad-drittijiet fundamentali jew anki użu ħażin ta' poter. F'dan il-kuntest, l-ASTK setgħet b'mod partikolari tqis, fir-rigward tal-osservazzjonijiet ipprovduti mill-persuna kkonċernata, jekk setgħux jiġu previsti miżuri oħra flok tkeċċija minħabba ċirkustanzi partikolari li jiġġustifikaw dan.

Fl-aħħar nett, il-Qorti Ġenerali qieset li kienet l-ASTK li kellha, meta membru tal-persunal temporanju jikkontesta li huwa nstema', tipproduċi l-prova li l-persuna kkonċernata tqiegħdet f'pożizzjoni li tippreżenta l-osservazzjonijiet tagħha dwar l-intenzjoni tal-Kummissjoni li xxolji l-kuntratt tagħha billi tinvoka l-ksur tar-rabta ta' fiduċja.

Fis-sentenza ***L vs Il-Parlament*** (T-59/17, EU:T:2019:140), mogħtija fis-7 ta' Marzu 2019, il-Qorti Ġenerali annullat deċiżjoni tal-Parlament dwar ix-xoljiment tal-kuntratt ta' assistent parlamentari akkreditat (iktar 'il quddiem "APA") minn Membru Parlamentari Ewropew minħabba ksur tar-rabta ta' fiduċja minħabba l-eżerċizzju mill-ewwel wieħed ta' attività esterna mingħajr ma għamel talba għal awtorizzazzjoni minn qabel. F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali twasslet sabiex tippronunzja ruħha fuq il-kwistjoni dwar sa fejn il-"fiduċja" msemmija fl-Artikolu 139(1)(d) tal-Kondizzjonijiet tal-impjieg applikabbli għall-aġenti l-oħra tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"KAO"), fuq il-bażi tar-relazzjoni ta' xogħol bejn l-assistent parlamentari u l-Membru Parlamentari Ewropew, setgħet tinkiser, fis-sens tal-imsemmi artikolu, minħabba l-eżerċizzju ta' attivitajiet esterni mhux iddikjarati, meta mill-atti tal-proċess irriżulta li l-imsemmi membru parlamentari kien ir-raġuni tal-imsemmija attivitajiet.

Il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li, minn naħa, għalkemm ma hijiex l-awtorità li għandha s-setgħa tikkonkludi kuntratti ta' reklutaġġ tal-Parlament (iktar 'il quddiem l-"ASTK") li tissostitwixxi l-evalwazzjoni tal-membru parlamentari kkonċernat fir-rigward tar-realtà tar-rabta ta' fiduċja b'dik tagħha, l-ASTK għandha madankollu tiżgura ruħha li r-raġuni mressqa tkun ibbażata fuq fatti ta' natura li jiġġustifikawha b'mod plawżibbli u, min-naħa l-oħra, jekk istituzzjoni li tiddeċiedi li xxolji kuntratt ta' APA tirreferi, b'mod partikolari, għal telf ta' fiduċja bħala l-oriġini tad-deċiżjoni ta' xoljiment, il-qorti hija marbuta tivverifika jekk dan il-motiv ikunx plawżibbli.

Il-Qorti Ġenerali qieset, f'dan il-każ, li l-Membru Parlamentari Ewropew inkwistjoni ma setax ma jkunx jaf li r-rikorrent kien jeżerċita professjoni legali b'mod parallel mal-funzjonijiet tiegħu bħala APA, peress li, kif irriżulta mill-atti tal-proċess, l-eżerċizzju ta' tali professjoni kien isegwi istruzzjonijiet min-naħa tiegħu u peress li l-Membru Parlamentari Ewropew kien jaf li tali attività ma kinitx ġiet iddikjarata skont l-Artikolu 12b(1) tar-Regolamenti tal-Persunal, sa fejn l-imsemmi membru ma kienx instema' mill-ASTK fir-rigward tal-attivitajiet esterni inkwistjoni, kif jipprevedi l-Artikolu 6(2) tal-miżuri ta' implimentazzjoni tat-Titolu VII tal-KAO. Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali rrilevat li l-Membru Parlamentari Ewropew ma setax raġonevolment jistenna li l-attivitajiet esterni inkwistjoni, fid-dawl tan-natura tagħhom, ikunu s-suġġett ta' talba għal awtorizzazzjoni formali lill-Parlament. Dawn kienu jinvolvu fil-fatt, b'mod partikolari, l-introduzzjoni ta' applikazzjonijiet għal ażil fir-Russja u fl-Isvizzera sabiex il-Membru Parlamentari Ewropew ikun jista' jaħrab minn piena ta' priġunerija, ir-rappreżentanza legali tal-Membru Parlamentari għall-istess finijiet, u t-tressiq ta' tilwim ad hoc fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem, sabiex jippromwovi l-immaġni tal-imsemmi Membru, sabiex jirrendi l-priġunerija tiegħu iktar diffiċli wara proċedura kriminali mibdija kontra tiegħu. Minn dan il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li l-motiv ipprovdut mill-Membru Parlamentari Ewropew sabiex jiġġustifika d-deċiżjoni ta' xoljiment, jiġifieri, it-telf ta' fiduċja, ma kienx jidher plawżibbli u li, għaldaqstant, sa fejn imxiet mat-talba għal rexissjoni magħmula mill-Membru Parlamentari Ewropew, l-ASTK kienet wettqet żball manifest ta' evalwazzjoni.

## 2. Irtirar awtomatiku

Fis-sentenza ***RV vs Il-Kummissjoni*** (T-167/17, EU:T:2019:404), mogħtija fit-12 ta' Ġunju 2019, il-Qorti Ġenerali laqgħet ir-rikors ta' ex uffiċjal intiż għall-annullament ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni li tqiegħdu fuq leave fl-interess tas-servizz skont l-Artikolu 42c tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Unjoni Ewropea u, simultanjament, fuq irtirar awtomatiku skont il-ħames paragrafu ta' din id-dispożizzjoni.

Qabelxejn, il-Qorti Ġenerali twasslet sabiex teżamina l-kwistjoni rigward id-definizzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 42c tar-Regolamenti tal-Persunal minkejja l-fatt li r-rikorrent ma kienx qajjem motiv li jinkludi din il-kwistjoni. Madankollu, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li teżaminaha fuq il-bażi ta' żewġ kunsiderazzjonijiet alternattivi.

Minn naħa, prinċipalment, il-Qorti Ġenerali rrilevat li d-definizzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 42c tar-Regolamenti tal-Persunal u l-applikazzjoni tiegħu għall-każ ta' uffiċjal li diġà laħaq "l-età pensjonabbli" kienet tikkostitwixxi rekwiżit preliminari neċessarju għall-eżami tal-ilmenti mressqa mir-rikorrent u li hija kienet tinsab fl-obbligu ġuridiku li teżamina din il-kwistjoni inkella seta' jkollha, jekk ikun il-każ, tibbaża d-deċiżjoni tagħha fuq kunsiderazzjonijiet legali żbaljati. Min-naħa l-oħra, sussidjarjament, il-Qorti Ġenerali osservat li, f'kull każ, il-motiv ibbażat fuq ksur tal-kamp ta' applikazzjoni tal-liġi kien ta' ordni pubbliku u kien il-kompitu tagħha li teżaminah *ex officio*. F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali qieset li hija kient tkun qed tonqos b'mod manifest mill-funzjoni tagħha bħala qorti tal-legalità kieku ma tqajjimx *ex officio* l-fatt li d-deċiżjoni kkontestata ttieħdet abbażi ta' regola, jiġifieri l-Artikolu 42c tar-Regolamenti tal-Persunal, li ma setgħetx tiġi applikata għall-każ inkwistjoni u kieku, sussegwentement, kien ikollha taqta' t-tilwima quddiemha billi tapplika hija stess tali regola.

Fil-mertu, il-Qorti Ġenerali, filwaqt li wettqet interpretazzjoni letterali, kuntestwali u teleoloġika tal-Artikolu 42c tar-Regolamenti tal-Persunal, ikkonkludiet li din id-dispożizzjoni ma setgħetx tiġi applikata għal uffiċjali li, bħar-rikorrent, ikunu laħqu "l-età pensjonabbli" fis-sens tal-istess dispożizzjoni.

## 3. Sigurtà soċjali

Permezz tas-sentenza tagħha ***Wattiau vs Il-Parlament*** (T-737/17, EU:T:2019:273), mogħtija fit-30 ta' April 2019, il-Qorti Ġenerali annullat deċiżjoni tal-Uffiċċju responsabbli għall-ħlasijiet tal-Lussemburgu tas-sistema komuni ta' assigurazzjoni għall-mard tal-Unjoni Ewropea (SKAM) li imponiet fuq ir-rikorrent, ex uffiċjal Ewropew, issa rtirat u affiljat mas-SKAM, 15 % ta' fattura medika indirizzata minn ċentru ta' sptar Lussemburgiż minħabba sessjonijiet ta' terapija iperbarika tal-ossiġenu segwiti mir-rikorrent. Ir-rikorrent qies li l-ammont tal-fatturi li jirrigwardaw is-servizzi inkwistjoni kien jirrappreżenta kont għoli żżejjed meta mqabbel mal-ammont li kien seta' jiġi ffatturat lil persuna affiljata mas-sistema tas-saħħa nazzjonali. Insostenn tat-talbiet tiegħu għal annullament, ir-rikorrent qajjem eċċezzjoni ta' illegalità diretta kontra l-ftehim konkluż fl-1996 bejn, minn naħa, il-Komunitajiet Ewropej u l-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) u, min-naħa l-oħra, l-Entente des hôpitaux luxembourgeois u l-Gran Dukat tal-Lussemburgu, dwar it-tarifikazzjoni tal-kura fl-isptar irċevuta mill-affiljati tas-SKAM u tal-Fond għall-Mard tal-BEI (iktar 'il quddiem il-"Ftehim tal-1996").

Preliminarjament, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li l-eċċezzjoni ta' illegalità kienet ammissibbli. B'mod iktar preċiż, hija qieset li, minn naħa, il-Ftehim tal-1996 seta' mhux biss jiġi assimilat ma' att adottat mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni, fis-sens tal-Artikolu 277 TFUE, iżda kien ukoll att ta' portata ġenerali. Min-naħa l-oħra, il-Ftehim tal-1996 kellu rabta ġuridika diretta mad-deċiżjoni kkontestata. Fil-fatt, wieħed mill-ammonti li jinsabu fid-deċiżjoni kkontestata kien jirriżulta mill-iskeda tariffarja, li kienet hija stess stabbilita skont il-Ftehim tal-1996 u kienet tidher fl-anness tiegħu.

Fir-rigward tal-fondatezza tal-eċċezzjoni ta' illegalità, il-Qorti Ġenerali qieset li s-sistema ta' fatturazzjoni inkwistjoni kienet tikkostitwixxi diskriminazzjoni indiretta minħabba n-nazzjonalità. F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali qieset, fl-ewwel lok, li l-persuni affiljati mas-SKAM kienu jinsabu f'sitwazzjoni paragunabbli mal-persuni affiljati mal-Fond Nazzjonali tas-Saħħa tal-Lussemburgu peress li dawn iż-żewġ kategoriji ta' affiljati kienu jirċievu l-istess kura medika.

Fit-tieni lok, il-Qorti Ġenerali qieset li t-tariffi applikati għall-persuni affiljati mas-SKAM, li kienu jirriżultaw mill-iskeda tariffarja adottata fuq il-bażi tal-Ftehim tal-1996, kienu ħafna iktar għoljin minn dawk applikati għall-persuni affiljati mal-Fond Nazzjonali tas-Saħħa tal-Lussemburgu. Fil-fatt, il-Ftehim tal-1996 stabbilixxa sistema ta' fatturazzjoni li biha l-persuni affiljati mas-SKAM kienu jassumu kemm l-ispejjeż fissi kif ukoll l-ispejjeż varjabbli relatati mas-servizz tal-isptar inkwistjoni, filwaqt li l-persuni affiljati mal-Fond Nazzjonali tas-Saħħa tal-Lussemburgu ma kienu jsostnu ebda spiża, taħt forma ta' fatturazzjoni, għall-istess trattament.

Fit-tielet u fl-aħħar lok, il-Qorti Ġenerali rrilevat li ebda għan leġittimu ma kien jiġġustifika, f'dan il-każ, id-differenza fit-trattament bejn il-benefiċjarji taż-żewġ sistemi għar-rimbors tal-kura, kif kien jirriżulta mill-iskeda tariffarja annessa mal-Ftehim tal-1996.

## 4. Informaturi

Fis-sentenza ***Rodriguez Prieto vs Il-Kummissjoni*** (T-61/18, taħt appell [106], EU:T:2019:217), mogħtija fl-4 ta' April 2019, il-Qorti Ġenerali annullat id-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea li ċaħdet talba għal assistenza bbażata fuq l-Artikolu 24 tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Unjoni Ewropea, filwaqt li kkonstatat ksur tad-dritt għall-preżunzjoni ta' innoċenza tar-rikorrent.

Sa mill-1996, il-Eurostat jiżgura l-pubblikazzjoni ta' data statistika miġbura bl-għajnuna tal-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej u ta' netwerk ta' punti ta' bejgħ. Fl-1998, ir-rikorrent, Kap ta' Diviżjoni fi ħdan l-Eurostat, talab it-twettiq ta' awditu intern. Sussegwentement għall-konstatazzjoni ta' irregolaritajiet, segwita b'investigazzjonijiet mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF), il-Kummissjoni bdiet, fl-2003, proċeduri kriminali quddiem l-awtoritajiet Franċiżi, li fil-kuntest tagħhom ir-rikorrent issejjaħ bħala xhud u sussegwentement ġie indagat. Ir-rikorrent ressaq l-ewwel talba għal assistenza skont l-Artikolu 24 tar-Regolamenti tal-Persunal, fejn invoka l-istatus tiegħu ta' informatur u talab lill-Kummissjoni tieħu responsabbiltà għall-ispejjeż tal-avukat li huwa kien sostna. Din it-talba ġiet miċħuda.

Wara li l-qrati Franċiżi taw digriet li ma kienx hemm lok li tingħata deċiżjoni fir-rigward tal-persuni kollha indagati, fosthom ir-rikorrent, il-Kummissjoni ppreżentat appell u sussegwentement appell ta' kassazzjoni, li t-tnejn li huma ġew miċħuda. Ir-rikorrent għaldaqstant ressaq it-tieni talba għal assistenza sabiex il-Kummissjoni tassumi l-ispejjeż tal-avukat tiegħu sostnuti quddiem il-qrati Franċiżi. Sussidjarjament, huwa lmenta li l-Kummissjoni kienet injorat il-kwalità tiegħu ta' informatur u rrifjutat il-protezzjoni marbuta ma' din il-kwalità, bi ksur tal-Artikolu 22a tar-Regolamenti tal-Persunal, u ressaq talba għad-danni. Ir-rikorrent ikkontesta ċ-ċaħda ta' dawn it-talbiet mill-Kummissjoni quddiem il-Qorti Ġenerali.

Fir-rigward, qabelxejn, tal-applikabbiltà, f'dan il-każ, tal-Artikolu 24 tar-Regolamenti tal-Persunal, il-Qorti Ġenerali fakkret li dan l-artikolu huwa intiż għad-difiża tal-uffiċjali, mill-istituzzjoni tagħhom, kontra l-aġir ta' terzi, u mhux kontra l-atti tal-istituzzjoni nnifisha. Minn naħa, l-atti tal-awtoritajiet ġudizzjarji Franċiżi f'dan il-każ kienu jaqgħu taħt l-iżvolġiment normali tal-proċeduri kriminali u ma kinux jikkostitwixxu aġir *a priori* illegali li seta' jiġġustifika assistenza. Min-naħa l-oħra, l-Artikolu 24 tar-Regolamenti tal-Persunal ma kienx applikabbli f'dan il-każ għaliex, fil-verità, ir-rikorrent talab l-assistenza tal-Kummissjoni kontra l-atti stess ta' din l-istituzzjoni, li permezz tagħhom hija kienet tat lok għall-proċeduri kriminali u għat-tkomplija ta' dawn il-proċeduri.

106| Kawża C-457/19 P, ***Rodriguez Prieto vs Il-Kummissjoni***.

Fir-rigward, sussegwentement, tal-allegat fatt li l-istatus ta' informatur tar-rikorrent kien ġie injorat, il-Qorti Ġenerali fakkret li l-Artikolu 22a tar-Regolamenti tal-Persunal, li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2004, introduċa, fir-rigward tal-uffiċjali kollha, obbligu ta' informazzjoni dwar il-fatti li jkunu jistgħu jippermettu li tiġi preżunta attività illegali jew li jiġi preżunt nuqqas serju ta' twettiq tal-obbligi tal-uffiċjali tal-Unjoni. Il-Qorti Ġenerali osservat li kull uffiċjal li, qabel din id-data, ikun ħa l-inizjattiva li javża lis-superjuri diretti tiegħu dwar l-eżistenza ta' illegalitajiet jew ta' nuqqas ta' twettiq tal-obbligi li jirriżultaw mir-Regolamenti tal-Persunal li huwa kien jaf dwarhom, li jistgħu jippreġudikaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, diġà jkollu d-dritt jibbenefika mill-protezzjoni tal-istituzzjoni kontra kwalunkwe att ta' ritaljazzjoni minħabba dan l-iżvelar kif ukoll li ma jiġix ippenalizzat minn din l-istituzzjoni sakemm huwa jkun aġixxa *in bona fide*. Madankollu, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li din il-protezzjoni ma tistax tkun intiża li tipproteġi lill-uffiċjal kontra investigazzjonijiet dwar l-involviment possibbli tiegħu fil-fatti rrapportati. L-iktar l-iktar, l-inizjattiva meħuda mill-uffiċjal tista', jekk dawn l-investigazzjonijiet jikkonfermaw l-involviment tiegħu, tikkostitwixxi ċirkustanza attenwanti fil-kuntest ta' proċeduri ta' sanzjoni. Għaldaqstant, il-kwalità ta' informatur invokata mir-rikorrent ma kinitx ta' natura li tipproteġih kontra proċeduri.

F'dan il-kuntest, il-kwistjoni kienet tirrigwarda jekk il-Kummissjoni kinitx wettqet illegalitajiet billi kompliet il-proċeduri kriminali wara d-digriet li ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni. Il-Qorti Ġenerali, wara li fakkret li l-fatt li wieħed jista' jinvoka d-drittijiet tiegħu permezz ta' azzjoni legali u l-istħarriġ ġudizzjarju li din tinvolvi huwa l-espressjoni ta' prinċipju ġenerali tad-dritt u li huwa biss f'ċirkustanzi għal kollox eċċezzjonali li l-fatt, għal istituzzjoni, li tibda azzjoni legali jista' jikkostitwixxi nuqqas amministrattiv, ikkonkludiet, f'dan il-każ, li ma kienx hemm tali nuqqas u għaldaqstant ċaħdet it-talba għall-kumpens għad-danni allegatament ikkawżati lir-rikorrent minħabba li huwa kien suġġett għal proċeduri kriminali bejn l-2003 u l-2016.

Fl-aħħar nett, il-Qorti Ġenerali, wara li fakkret li l-prinċipju ta' preżunzjoni ta' innoċenza japplika, anki fl-assenza ta' proċeduri kriminali, għall-uffiċjal akkużat b'nuqqas ta' twettiq tal-obbligi li jirriżultaw mir-Regolamenti tal-Persunal suffiċjentement serju sabiex jiġġustifika investigazzjoni tal-OLAF li fid-dawl tagħha l-amministrazzjoni tkun tista' tadotta kwalunkwe miżura, jekk ikun meħtieġ severa, li tkun neċessarja, ikkonstatat li l-Kummissjoni, billi ċaħdet it-talba tar-rikorrent intiża li din tassumi l-ispejjeż tad-difiża tiegħu sostnuti fil-kuntest tal-proċeduri kriminali Franċiżi, għar-raġuni, essenzjalment, li kien għad hemm kunflitt ta' interessi ma' dan tal-aħħar, minkejja li r-rikorrent kien ġie skaġunat fil-kuntest ta' dawn il-proċeduri kriminali, kisret id-dritt għall-preżunzjoni ta' innoċenza tar-rikorrent.

## 5. Sigurtà tal-persunal fis-servizz tal-Unjoni

Fi-sentenza ***Missir Mamachi di Lusignano et vs Il-Kummissjoni*** (T-502/16, EU:T:2019:795 mogħtija fl-20 ta' Novembru 2019, il-Qorti Ġenerali laqgħet ir-rikors għad-danni ppreżentat mill-omm, ħu u oħt Alessandro Missir Mamachi di Lusignano (iktar 'il quddiem ir-"rikorrenti"), uffiċjal Ewropew maqtul f'Rabat (il-Marokk).

Alessandro Missir Mamachi di Lusignano (iktar 'il quddiem "Alessandro Missir" jew l-"uffiċjal mejjet") inqatel fit-18 ta' Settembru 2006 flimkien ma' martu f'Rabat (il-Marokk), fejn kellu jieħu l-kariga ta' kunsillier politiku u diplomatiku mad-delegazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea. Il-qtil twettaq f'dar bl-għamara mikrija minn din id-delegazzjoni għal Alessandro Missir, martu u l-erba' wliedhom. Ir-rikors ippreżentat mir-rikorrenti f'din il-kawża segwa s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-7 ta' Diċembru 2017, ***Missir Mamachi di Lusignano et vs Il-Kummissjoni*** (T-401/11 P-RENV-RX, EU:T:2017:874), li fiha l-Qorti Ġenerali tat deċiżjoni dwar it-talba għal kumpens li oriġinat mill-missier u mill-ulied tal-uffiċjal mejjet. Fl-osservazzjonijiet tagħhom, ir-rikorrenti qiesu li, minkejja li d-deċiżjonijiet diġà mogħtija kienu wasslu għall-kumpens ta' ċerti danni, kien hemm danni oħra li kellhom jiġu evalwati fil-kuntest ta' dan ir-rikors, jiġifieri d-danni morali subiti minn omm, ħu u oħt l-uffiċjal mejjet. Il-Kummissjoni oġġezzjonat li, fir-rigward tad-dannu morali allegat minn omm l-uffiċjal defunt, it-talba għal kumpens kienet inammissibbli, peress li kienet tardiva. Fir-rigward tad-danni morali allegati minn ħu u

oħt Alessandro Missir, il-Kummissjoni wieġbet li, minbarra t-tardività tat-talba tagħhom, dawn ir-rikorrenti ma setgħux jitqiesu li kienu persuni koperti mir-Regolamenti tal-Persunal tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem ir-"Regolamenti tal-Persunal").

F'dan ir-rigward, il-Qorti Ġenerali twasslet sabiex tippronunzja ruħha, fl-ewwel lok, fuq il-kwalità tal-aħwa ta' uffiċjal mejjet sabiex jieħdu azzjoni għad-danni permezz tal-Artikolu 270 TFUE. Il-Qorti Ġenerali rrilevat li l-kriterju li jiddetermina l-użu ta' dan ir-rimedju proċedurali kien dak tal-"persuni kkonċernati mir-Regolamenti tal-Persunal" (Artikolu 91(1) tar-Regolamenti tal-Persunal). Issa, l-Artikolu 73 tar-Regolamenti tal-Persunal jipprovdi, fil-każ ta' mewt tal-uffiċjal assigurat, il-ħlas tal-benefiċċji ggarantiti lill-konjuġi tiegħu u lill-uliedu jekk jeżistu, u fin-nuqqas, lid-dixxendenti l-oħra tal-uffiċjal, u fin-nuqqas, lill-axxendenti tal-uffiċjal u, fin-nuqqas, lill-istituzzjoni. Peress li l-artikolu huwa sieket fir-rigward tal-kollaterali, il-Kummissjoni sostniet li dawn ma kellhomx dritt għal kumpens għad-dannu subit. Hija żiedet li, anki jekk il-kollaterali kienu previsti fl-Artikoli 40, 42b u 55a tar-Regolamenti tal-Persunal, dan kien irrilevanti f'dan il-każ, peress li l-imsemmija artikoli ma kinux applikabbli għall-każ ta' uffiċjal li jitlef il-ħajja wara nuqqas mill-istituzzjoni li twettaq l-obbligu ta' protezzjoni tagħha. Il-Qorti Ġenerali rrilevat li l-kriterju ta' "persuni kkonċernati mir-Regolamenti tal-Persunal" ma setax jitqies li ġie ssodisfatt minħabba s-sempliċi fatt li r-rikorrenti kienet ikkonċernata b'xi mod mir-Regolamenti tal-Persunal. Kien jeħtieġ li hija tkun ikkonċernata b'mod li jirrifletti rabta rilevanti bejnha u l-att li hija tikkontesta jew li jirrifletti tali rabta bejnha u l-uffiċjal li l-ħsara lill-interessi tiegħu allegatament tkun ikkawżat dannu speċifiku għaliha. Il-Qorti Ġenerali kkonstatat li dan kien il-każ mhux biss tal-axxendenti, tad-dixxendenti u tal-konjuġi tal-uffiċjal, iżda wkoll ta' ħutu. Fil-fatt, għalkemm dawn il-persuni kienu "kkonċernati mir-Regolamenti tal-Persunal", kemm jekk taħt l-Artikolu 73 jew taħt l-Artikoli 40, 42b u 55a tal-imsemmija Regolamenti tal-Persunal, dan kien preċiżament għaliex il-leġiżlatur ried jieħu nota, permezz ta' dispożizzjonijiet statutorji konkreti, tar-relazzjoni ta' prossimità tagħhom mal-uffiċjal. Għaldaqstant, l-aħwa kellhom jitqiesu li kienu "kkonċernati mir-Regolamenti tal-Persunal" sabiex jiġi ddeterminat ir-rimedju legali li kellu jingħata meta dawn ikollhom l-intenzjoni li jitolbu kumpens għad-dannu morali li jkunu sofrew minħabba l-mewt ta' ħuhom jew oħthom uffiċjal li, fil-fehma tagħhom, l-istituzzjoni kienet responsabbli għaliha.

Fit-tieni lok, il-Qorti Ġenerali twasslet tippronunzja ruħha fuq it-tardività, invokata mill-Kummissjoni, tat-talbiet għal kumpens imressqa lil hinn minn terminu raġonevoli, u dwar l-oġġezzjoni tar-rikorrenti li din l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà kienet ġiet invokata tardivament mill-Kummissjoni. Il-Qorti Ġenerali osservat li l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li tgħid li l-osservanza tat-terminu ta' preskrizzjoni previst fl-Artikolu 46(1) tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ma kinitx ġiet eżaminata *ex officio* kienet tgħodd ukoll, *mutatis mutandis*, għall-preskrizzjoni li seħħet mal-iskadenza tat-terminu raġonevoli li fih kellha titressaq talba għal kumpens ibbażata fuq ir-Regolamenti tal-Persunal. Għaldaqstant, l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà invokata mill-Kummissjoni ma kinitx kwistjoni ta' ordni pubbliku li l-Qorti Ġenerali kellha teżamina *ex officio*. Għalhekk, il-Qorti Ġenerali qieset l-oġġezzjoni tar-rikorrenti bbażata fuq it-tardività tal-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà u ċaħditha bħala infondata. Hija eżaminat, sussegwentement, l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà bbażata fuq it-tardività tar-rikors, u ċaħditha hija u tippreċiża li, għalkemm it-terminu ta' preskrizzjoni ta' ħames snin previst fil-qasam ta' azzjoni għal responsabbiltà mhux kuntrattwali fl-Artikolu 46 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea ma kienx japplika fit-tilwimiet bejn l-Unjoni u l-membri tal-persunal tagħha, madankollu, skont ġurisprudenza stabbilita, kellu jittieħed inkunsiderazzjoni l-punt ta' paragun offrut minn dan it-terminu sabiex jiġi evalwat jekk talba tkunx ġietx ippreżentata f'terminu raġonevoli.

Fit-tielet lok, fir-rigward tal-mertu tal-kawża, skont il-prinċipji applikati fis-sentenza ***Missir Mamachi di Lusignano et vs Il-Kummissjoni*** (T-401/11 P-RENV-RX), il-Qorti Ġenerali laqgħet it-talba għall-kumpens għad-danni morali magħmula minn omm l-uffiċjal mejjet. Fir-rigward tat-talba għal kumpens li oriġinat minn ħu u oħt l-uffiċjal mejjet u tal-kundizzjonijiet ta' dan il-kumpens, jiġifieri r-responsabbiltà, ir-rabta kawżali u d-dannu morali, il-Qorti Ġenerali rrilevat li r-responsabbiltà tal-Kummissjoni għall-qtil ta' Alessandro Missir, ikkonstatata f'deċiżjoni li saret *res judicata*, u l-prinċipju ta' responsabbiltà *in solidum* tal-Kummissjoni għad-danni li rriżultaw minn dan il-qtil kienu kompletament trasponibbli f'dan il-każ. F'dak li jirrigwarda

d-dannu morali subit minn ħu u oħt l-uffiċjal defunt, il-Qorti Ġenerali rrilevat li l-Artikolu 73 tar-Regolamenti tal-Persunal, kif interpretat mill-ġurisprudenza, ma kienx jipprekludi li l-aħwa ta' uffiċjal li miet b'responsabbiltà tal-Unjoni jiksbu, jekk ikun il-każ, kumpens għad-dannu morali subit minnhom minħabba din il-mewt. Fin-nuqqas ta' determinazzjoni ta' din il-kwistjoni fid-dritt tal-Unjoni, il-Qorti Ġenerali rrilevat li mid-drittijiet tal-Istati Membri kien jirriżulta prinċipju ġenerali komuni li jipprovdi li, f'ċirkustanzi simili għal dawk ta' dan il-każ, il-qorti nazzjonali għandha tirrikonoxxi dritt lill-aħwa ta' ħaddiem li miet li jitolbu, jekk ikun il-każ, il-kumpens għad-dannu morali subit minnhom minħabba din il-mewt.

# XIV. Kawżi għad-danni

Fis-sentenza ***Printeos vs Il-Kummissjoni*** (T-201/17, taħt appell [107], EU:T:2019:81) mogħtija fit-12 ta' Frar 2019, il-Qorti Ġenerali, fil-kuntest ta' azzjoni għal responsabbiltà mhux kuntrattwali mibdija skont l-Artikolu 268 TFUE, laqgħet it-talba tar-rikorrenti intiża li jinkiseb, prinċipalment, kumpens għad-dannu li rriżulta mir-rifjut tal-Kummissjoni Ewropea li tħallasha, wara l-annullament ta' deċiżjoni li tikkundannaha għal multa minħabba ksur tal-Artikolu 101 TFUE, interessi moratorji fuq l-ammont prinċipali tal-multa rrimborsata.

Bid-deċiżjoni tagħha C(2014) 9295 finali tal-10 ta' Diċembru 2014 rigward proċedura skont l-Artikolu 101 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 53 tal-Ftehim taż-ŻEE (AT.39780 – Envelops) (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni tal-10 ta' Diċembru 2014"), il-Kummissjoni Ewropea kkonstatat li r-rikorrenti, Printeos, kienet kisret l-Artikolu 101 TFUE u l-Artikolu 53 tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) meta ppparteċipat f'akkordju konkluż u implimentat fis-suq Ewropew tal-envelopsijiet standard disponibbli f'katalgu u ta' envelopsijiet speċjali stampati. Konsegwentement, il-Kummissjoni imponiet fuq ir-rikorrenti, flimkien u *in solidum* ma' wħud mis-sussidjarji tagħha, multa ta' EUR 4 729 000.

Permezz ta' rikors ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fl-20 ta' Frar 2015, ir-rikorrenti ressqet azzjoni bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża, prinċipalment, għall-annullament parzjali tad-deċiżjoni tal-10 ta' Diċembru 2014. Fid-9 ta' Marzu 2015, ir-rikorrenti ħallset provviżorjament il-multa li kienet ġiet imposta fuqha. Permezz tas-sentenza tat-13 ta' Diċembru 2016, ***Printeos et vs Il-Kummissjoni*** [108], il-Qorti Ġenerali laqgħet it-talba għall-annullament parzjali tad-deċiżjoni tat-10 ta' Diċembru 2014. Konsegwentement, il-Kummissjoni rrimborsat lir-rikorrenti l-ammont prinċipali tal-multa mħallas b'mod provviżorju, iżda madankollu rrifjutat, skont it-tieni sentenza tal-Artikolu 90(4)(a) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1268/2012 [109] (iktar 'il quddiem id-"dispożizzjoni kkontestata"), li tilqa' t-talba tagħha għall-ħlas tal-interessi relatati mal-ammont tal-multa provviżorjament imħallsa, sa fejn ir-rendiment globali tal-investiment tiegħu f'assi finanzjarji kien negattiv. Id-dispożizzjoni kontenzjuża fil-fatt tipprovdi li, meta multa tiġi annullata jew imnaqqsa, l-ammonti indebitament miġbura għandhom, wara li jiġu eżawriti r-rimedji ġudizzjarji kollha, jiġu rrimborsati lit-terz ikkonċernat, flimkien mal-interessi prodotti, filwaqt li jiġi ppreċiżat li, jekk ir-rendiment globali tal-ammont ta' multa mħallsa provviżorjament, investit fl-assi finanzjarji, ikun negattiv għall-perijodu inkwistjoni, huwa biss il-valur nominali tal-ammont imħallas indebitament li jitħallas lura.

107| Kawża C-301/19 P, ***Il-Kummissjoni vs Printeos.***

108| Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-13 ta' Diċembru 2016, ***Printeos et vs Il-Kummissjoni*** (T-95/15, EU:T:2016:722).

109| Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1268/2012 tad-29 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ĠU 2012, L 362, p. 1).

Wara tfakkira tal-kundizzjonijiet għall-istabbiliment tar-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Unjoni, il-Qorti Ġenerali rrilevat li r-rikorrenti invokat, b'mod partikolari, ksur tal-Artikolu 266 TFUE u, konsegwentement, kellha tivverifika l-eżistenza ta' ksur suffiċjentement serju ta' din id-dispożizzjoni. Hija qieset, f'dan il-każ, li l-Artikolu 266 TFUE jikkostitwixxi regola tad-dritt intiża li tagħti drittijiet lill-individwi, sa fejn hija tipprovdi obbligu assolut u inkundizzjonat tal-istituzzjoni li minnha joriġina l-att annullat li tieħu, fl-interess tar-rikorrent li jkun rebaħ il-kawża, il-miżuri li jkunu jwasslu għall-eżekuzzjoni tas-sentenza ta' annullament, li għalih jikkorrispondi dritt tar-rikorrent għall-osservanza sħiħa ta' dan l-obbligu. Fil-każ tal-annullament ta' deċiżjoni li timponi multa, il-ġurisprudenza rrikonoxxiet id-dritt tar-rikorrent li jerġa' jitqiegħed fis-sitwazzjoni li kien jinsab fiha qabel din id-deċiżjoni, li jimplika b'mod partikolari r-rimbors tal-ammont prinċipali mħallas indebitament minħabba d-deċiżjoni annullata kif ukoll il-ħlas ta' interessi moratorji. Fil-fatt, b'differenza mill-ħlas ta' interessi kumpensatorji, il-ħlas ta' interessi moratorji jikkostitwixxi miżura ta' eżekuzzjoni ta' sentenza li tannulla multa, fis-sens tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 266 TFUE, sa fejn hija tkun intiża li tikkumpensa b'somma f'daqqa n-nuqqas tat-tgawdija ta' kreditu u li tinkoraġġixxi lid-debitur jeżegwixxi, mill-iktar fis possibbli, l-imsemmija sentenza (sentenza tat-12 ta' Frar 2015, ***Il-Kummissjoni vs IPK International***, C-336/13 P, EU:C:2015:83, punti 29 u 30; digriet tal-21 ta' Marzu 2006, ***Holcim (France) vs Il-Kummissjoni***, T-86/03, mhux ippubblikat, EU:T:2006:90, punti 30 u 31; sentenza tal-10 ta' Ottubru 2001, ***Corus UK vs Il-Kummissjoni***, T-171/99, EU:T:2001:249, punti 50, 52 u 53).

Filwaqt li enfasizzat, sussegwentement, li d-dispożizzjoni kkontestata, fid-dawl tal-kuntest leġiżlattiv tagħha, tal-formulazzjoni ċara tagħha u tar-riferiment espress għar-rimedji ġudizzjarji, u tal-annullament ta' deċiżjoni li timponi multa, kienet intiża li timplimenta r-rekwiżiti previsti fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 266 TFUE, u li għalhekk kellha tiġi interpretata fid-dawl ta' din l-aħħar dispożizzjoni, il-Qorti Ġenerali rrilevat, b'mod partikolari, li r-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni Nru 1268/2012 la jippreċiża l-kliem "imgħax iġġenerat" u lanqas ma jikkwalifika l-imsemmija interessi bħala "moratorji" jew tardivi. Għaldaqstant, filwaqt li fakkret li l-obbligu li jirriżulta direttament mill-ewwel paragrafu tal-Artikolu 266 TFUE huwa intiż li jikkumpensa b'somma f'daqqa n-nuqqas ta' tgawdija ta' kreditu, sabiex jiġi ssodisfatt il-prinċipju ta' *restitutio in integrum*, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li l-Kummissjoni kienet neċessarjament tinsab, minħabba l-annullament b'effett retroattiv tad-deċiżjoni tal-10 ta' Diċembru 2014, f'sitwazzjoni tardiva fir-rigward tar-rimbors tal-ammont prinċipali tal-multa, b'effett mill-ħlas provviżorju tagħha.

Il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li l-Kummissjoni kienet marbuta, skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 266 TFUE, fir-rigward ta' miżuri ta' eżekuzzjoni tas-sentenza fil-Kawża T-95/15, mhux biss li tħallas lura l-ammont prinċipali tal-multa, iżda wkoll li tħallas interessi moratorji sabiex tikkumpensa b'somma f'daqqa n-nuqqas ta' tgawdija tal-imsemmi ammont matul il-perijodu ta' riferiment, u li hija ma kellhiex marġni ta' diskrezzjoni għal dan il-għan, peress li l-ksur ta' dan l-obbligu assolut u inkundizzjonat jikkostitwixxi ksur suffiċjentement serju ta' din id-dispożizzjoni li jista' jagħti lok għar-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Unjoni.

Il-Qorti Ġenerali qieset, barra minn hekk, li l-ksur mill-Kummissjoni tal-obbligu tagħha li tagħti interessi moratorji skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 266 TFUE għandu rabta kawżali b'effett suffiċjentement dirett mad-dannu subit mir-rikorrenti, sa fejn dan tal-aħħar ikun ekwivalenti għat-telf tal-imsemmija interessi moratorji matul il-perijodu ta' riferiment li jirrappreżentaw kumpens fil-forma ta' somma f'daqqa minħabba n-nuqqas ta' tgawdija tal-ammont prinċipali tal-multa matul dan l-istess perijodu u jikkorrispondu għar-rata ta' rifinanzjament tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) applikabbli, miżjuda b'2 punti perċentwali mitluba mir-rikorrenti.

Konsegwentement, hija kkundannat lill-Unjoni Ewropea, irrappreżentata mill-Kummissjoni, tikkumpensa d-dannu sostnut mir-rikorrenti minħabba n-nuqqas ta' ħlas tas-somma ta' EUR 184 592.95 li kienet dovut lilha bħala interessi moratorji, inkorsi matul il-perijodu mid-9 ta' Marzu 2015 sal-1 ta' Frar 2017, flimkien mal-interessi moratorji b'effett mill-għoti ta' din is-sentenza u sal-ħlas sħiħ, bir-rata stabbilita mill-BĊE għat-tranżazzjonijiet prinċipali ta' finanzjament mill-ġdid tagħha, miżjuda bi 3.5 punti perċentwali.

Fis-sentenza ***Steinhoff et vs BĊE*** (T-107/17, taħt appell [110], EU:T:2019:353), mogħtija fit-23 ta' Mejju 2019, il-Qorti Ġenerali ċaħdet rikors għad-danni intiż li jinkiseb kumpens għad-dannu allegatament subit minn kredituri privati, wara l-adozzjoni ta' opinjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) dwar it-titoli maħruġa u ggarantiti mir-Repubblika Ellenika [111].

Fit-2 ta' Frar 2012, ir-Repubblika Ellenika talbet, skont l-Artikolu 127(4) TFUE moqri flimkien mal-Artikolu 282(5) TFUE, lill-BĊE għal opinjoni dwar l-abbozz tal-Liġi Nru 4050/2012 li introduċa regoli li jemendaw il-kundizzjonijiet applikabbli għal strumenti ta' dejn negozjabbli maħruġa jew iggarantiti mill-Istat Grieg fil-kuntest ta' ftehimiet mal-proprjetarji tagħhom, għall-finijiet tar-ristrutturazzjoni tad-dejn pubbliku Grieg, ibbażata b'mod partikolari fuq l-applikazzjoni tal-"klawżoli ta' azzjoni kollettiva" (iktar 'il quddiem il-"KAK"). Peress li l-BĊE kien ta opinjoni pożittiva fuq l-abbozz ta' liġi, dan tal-aħħar ġie adottat, fit-23 ta' Frar 2012, mill-Parlament Grieg.

Skont il-mekkaniżmu tal-KAK, l-emendi proposti għat-titoli ta' dejn kkonċernati kienu ddestinati li jsiru legalment vinkolanti għal kull detentur ta' titoli ta' dejn irregolati mid-dritt Grieg u maħruġa qabel il-31 ta' Diċembru 2011, kif identifikati fl-att tal-Kunsill tal-Ministri li approva l-istediniet ta' parteċipazzjoni ta' investituri privati (*Private Sector Involvement*, iktar 'il quddiem il-"PSI"), jekk l-imsemmija emendi kellhom jiġu approvati permezz ta' kworum ta' detenturi ta' titoli li jirrappreżentaw tal-inqas żewġ terzi mill-valur nominali tal-imsemmija titoli. Peress li l-kworum u l-maġġoranza meħtieġa sabiex jitwettaq l-iskambju ta' titoli previst intlaħqu, id-detenturi kollha ta' titoli ta' dejn Griegi, inklużi dawk li kienu jopponu dan l-iskambju, kellhom it-titoli tagħhom skambjati b'applikazzjoni tal-Liġi Nru 4050/2012 u, konsegwentement, il-valur tagħhom tnaqqas. Ir-rikorrenti, bħala detenturi ta' titoli ta' dejn Griegi, ipparteċipaw fir-ristrutturazzjoni tad-dejn pubbliku Grieg taħt il-PSI u l-KAK implimentati skont il-Liġi Nru 4050/2012 wara li rrifjutaw l-offerta li jiskambjaw it-titoli tagħhom.

Permezz tar-rikors tagħhom, ir-rikorrenti allegaw ir-responsabbiltà tal-BĊE għad-dannu li allegatament sofrew minħabba l-fatt li l-BĊE naqas, fil-fehma tagħhom, li jiġbed l-attenzjoni tar-Repubblika Ellenika dwar in-natura illegali tar-ristrutturazzjoni tad-dejn pubbliku Grieg prevista mill-iskambju obbligatorju ta' titoli ta' dejn.

Fir-rigward tar-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-BĊE, il-Qorti Ġenerali rrilevat, fl-ewwel lok, li l-opinjonijiet tal-BĊE ma kinux jorbtu lill-awtoritajiet nazzjonali. Fil-fatt, skont il-premessa 3 u l-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni 98/415 [112], l-awtoritajiet nazzjonali għandhom biss jieħdu inkunsiderazzjoni dawn l-opinjonijiet u dawn ma jkunux ta' ħsara għar-responsabbiltajiet ta' dawn l-awtoritajiet fl-oqsma li jkunu s-suġġett tal-abbozzi inkwistjoni. Minn dan isegwi li, għalkemm l-osservanza tal-obbligu ta' konsultazzjoni tal-BĊE tirrikjedi li huwa jkun jista' jesprimi b'mod utli l-opinjoni tiegħu lill-awtoritajiet nazzjonali, huwa ma jistax jimponi fuqhom li huma jaqblu magħha. Fit-tieni lok, il-Qorti Ġenerali kkonstatat li l-BĊE għandu setgħa diskrezzjonali wiesgħa fl-adozzjoni tal-opinjonijiet tiegħu. Is-setgħa diskrezzjonali wiesgħa li l-BĊE għandu timplika li huwa biss ksur manifest u serju tal-limiti ta' din is-setgħa li jista' jagħti lok għar-responsabbiltà mhux kuntrattwali tiegħu. Konsegwentement, huwa biss ksur suffiċjentement serju ta' regola ta' dritt li tagħti drittijiet lill-individwi li jkun jista' jagħti lok għar-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-BĊE.

F'dan il-kuntest, il-Qorti Ġenerali qieset li r-rikorrenti allegaw b'mod żbaljat li l-BĊE wettaq illegalità li tista' tinvolvi r-responsabbiltà mhux kuntrattwali tiegħu peress li ma ddikjarax, fl-opinjoni kontenzjuża, il-ksur tal-prinċipju pacta sunt servanda li l-adozzjoni tal-Liġi Nru 4050/2012 tikkostitwixxi fil-konfront tagħhom. Fil-fatt, is-sottoskrizzjoni mir-rikorrenti tat-titoli ta' dejn kontenzjużi maħruġa u ggarantiti mir-Repubblika

110| Kawża C-571/19 P, ***EMB Consulting et vs BĊE.***

111| Opinjoni tal-BĊE tas-17 ta' Frar 2012 dwar titoli ta' dejn negozjabbli maħruġa jew iggarantiti mill-Istat Grieg (CON/2012/12).

112| Deċiżjoni tal-Kunsill 98/415/KE tad-29 ta' Ġunju 1998 dwar il-konsultazzjoni mal-Bank Ċentrali Ewropew minn awtoritajiet nazzjonali dwar abbozzi ta' dispożizzjonijiet leġiżlattivi (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 1, p. 446).

Ellenika ħolqot relazzjoni kuntrattwali bejniethom u r-Repubblika Ellenika. Din ir-relazzjoni kuntrattwali ma kinitx irregolata mill-prinċipju pacta sunt servanda tal-Artikolu 26 tal-Konvenzjoni ta' Vjenna dwar il-Liġi tat-Trattati [113]. Skont l-Artikolu 1 tagħha, din il-konvenzjoni tapplika biss għat-trattati bejn Stati. Konsegwentement, l-Artikolu 26 tal-Konvenzjoni ta' Vjenna dwar il-Liġi tat-Trattati ma jikkostitwixxix regola ta' dritt li tagħti drittijiet lir-rikorrenti.

Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali osservat li l-opinjonijiet tal-BĊE ma jkollhomx bħala destinatarji individwi u lanqas ma jkollhom bħala għan prinċipali r-relazzjonijiet kuntrattwali bejn individwu u Stat Membru wara l-ħruġ minn dan l-Istat Membru ta' titoli ta' dejn. Fil-fatt, skont l-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni 98/415, id-destinatarji tal-opinjonijiet tal-BĊE huma l-awtoritajiet tal-Istati Membri li jkollhom jikkonsultaw mal-BĊE, u mhux individwi. Konsegwentement, meta, bħal f'dan il-każ, il-BĊE ġie kkonsultat mir-Repubblika Ellenika dwar abbozz ta' leġiżlazzjoni dwar il-banek nazzjonali u r-regoli li japplikaw għall-istituzzjonijiet finanzjarji sa fejn jinfluwenzaw sostanzjalment l-istabbiltà ta' dawn l-istituzzjonijiet u tas-swieq finanzjarji, huwa ma kienx marbut li jagħti deċiżjoni dwar l-osservanza, minn dan l-Istat Membru, tal-prinċipju ġenerali tad-dritt tal-kuntratti, *pacta sunt servanda*, fir-rigward ta' detenturi ta' titoli ta' dejn tal-Istat. B'hekk, il-kompetenza ta' opinjoni tal-BĊE ma tatx lir-rikorrenti dritt sabiex din l-istanza ssib ksur ta' dritt kuntrattwali li huma kellhom fir-rigward tar-Repubblika Ellenika wara sottoskrizzjoni min-naħa tagħhom għal titoli ta' dejn Griegi maħruġa u ggarantiti minn din tal-aħħar.

Sussegwentement, il-Qorti Ġenerali qieset li l-limitazzjoni tal-valur tat-titoli ta' dejn tar-rikorrenti ma kinitx tikkostitwixxi miżura sproporzjonata fir-rigward tal-għan tal-protezzjoni tal-ekonomija tar-Repubblika Ellenika u taż-żona tal-euro minn riskju ta' waqfien ta' ħlas mir-Repubblika Ellenika u tal-kollass tal-ekonomija tagħha. Għaldaqstant, ir-rikorrenti kienu żbaljati meta allegaw li l-miżuri inkwistjoni kienu jikkostitwixxu ksur tad-dritt għall-proprjetà ggarantit fl-Artikolu 17(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

Sussegwentement, il-Qorti Ġenerali kkonkludiet li kien hemm assenza ta' ksur tal-moviment liberu tal-kapital stabbilit fl-Artikolu 63(1) TFUE, meta qieset li, f'dan il-każ, il-miżuri implimentati permezz tal-Liġi Nru 4050/2012 kienu ġġustifikati minħabba raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali, sa fejn iċ-ċirkustanzi li wasslu għal din il-liġi kienu verament eċċezzjonali għaliex, fl-assenza ta' ristrutturazzjoni, nuqqas ta' ħlas, tal-inqas selettiv, għal żmien qasir tar-Repubblika Ellenika kienet perspettiva kredibbli. Bl-istess mod, il-miżuri inkwistjoni kienu intiżi li tiġi żgurata l-istabbiltà tas-sistema bankarja taż-żona euro kollha kemm hi. Barra minn hekk, ir-rikorrenti ma wrewx li l-miżuri inkwistjoni kienu sproporzjonati. Dawn il-miżuri ppermettew li tiġi stabbilita mill-ġdid l-istabbiltà tas-sistema bankarja taż-żona euro fl-intier tagħha u ma ntweriex li dawn marru lil hinn minn dak li kien neċessarju sabiex tiġi stabbilita mill-ġdid din l-istabbiltà. B'mod partikolari, il-parteċipazzjoni tal-kredituri privati fl-iskambju tat-titoli ta' dejn Griegi fuq bażi purament volontarja, kif issuġġerixxew ir-rikorrenti, ma ppermettietx li jiġi żgurat is-suċċess ta' dan l-iskambju ta' titoli. Fil-fatt, billi ma ġiex iggarantit trattament ugwali bejn il-kredituri privati, ftit minn dawn il-kredituri aċċettaw l-imsemmi skambju minħabba l-periklu morali li dan kien jimplika, jiġifieri li dawn ibatu l-konsegwenzi tar-riskji meħuda mill-kredituri li ma jkunux ipparteċipaw fl-iskambju tat-titoli ta' dejn Griegi.

Fl-aħħar nett, il-Qorti Ġenerali qieset li r-rikorrenti invokaw b'mod żbaljat l-eżistenza ta' illegalità li tinvolvi r-responsabbiltà tal-BĊE fir-rigward tagħhom minħabba l-assenza ta' dikjarazzjoni mill-BĊE ta' ksur tal-Artikolu 124 TFUE. Fil-fatt, l-Artikolu 124 TFUE jipprojbixxi kull miżura li ma tkunx ibbażata fuq kunsiderazzjonijiet prudenzjali u li tagħti b'mod partikolari lill-Istati Membri aċċess privileġġat għall-istituzzjonijiet finanzjarji sabiex l-Istati Membri jiġu inċentivati josservaw politika baġitarja għaqlija billi jevitaw li finanzjament monetarju tal-iżbilanċi pubbliċi jew aċċess privileġġat tal-awtoritajiet pubbliċi għas-swieq finanzjarji jwassal għal dejn eċċessiv jew għal żbilanċi eċċessivi tal-Istati Membri. Issa, il-Liġi Nru 4050/2012 ma kellhiex l-għan li żżid id-

113| Konvenzjoni ta' Vjenna dwar il-Liġi tat-Trattati tat-23 ta' Mejju 1969 (Ġabra ta' Trattati tan-Nazzjonijiet Uniti, Vol. 1155, p. 331).

dejn tar-Repubblika Ellenika iżda, għall-kuntrarju, li tnaqqsu, minħabba n-natura eċċessiva tiegħu, billi tnaqqas il-valur tat-titoli miżmuma mir-rikorrenti. Barra minn hekk, l-abbozz ta' liġi kkontribwixxa sabiex jinżammu kemm il-finanzi pubbliċi Griegi kif ukoll l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja taż-żona euro. Fi kwalunkwe każ, l-Artikolu 124 TFUE ma kienx intiż għall-protezzjoni tar-rikorrenti u ma kienx jagħtihom drittijiet.

# XV. Talbiet għal miżuri provviżorji

Fid-digriet ***Agrochem-Maks vs Il-Kummissjoni*** (T-574/18 R, EU:T:2019:25), mogħti fil-21 ta' Jannar 2019, il-President tal-Qorti Ġenerali ċaħad it-talba għal miżuri provviżorji bbażata fuq l-Artikoli 278 u 279 TFUE, imressqa minn kumpannija li kienet teżerċita attivitajiet fis-suq Kroat tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, intiża għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1019 li kien jikkonċerna n-nuqqas ta' tiġdid tal-approvazzjoni tas-sustanza attiva oksasulfuron [114]. It-talba għal miżuri provviżorji kienet tressqet fil-kuntest ta' rikors għall-annullament tal-imsemmi regolament ta' implimentazzjoni. Il-kumpannija essenzjalment invokat dannu gravi u irreparabbli minħabba r-riskju ta' impatt negattiv fuq id-dħul mill-bejgħ tagħha, telf ta' ishma mis-suq u tnaqqis tal-valur totali tal-impriża tagħha.

Fl-ewwel lok, fir-rigward tal-urġenza u, b'mod iktar partikolari, fir-rigward tal-gravità tad-dannu allegat f'dan il-każ, ta' natura purament finanzjarja, il-President tal-Qorti Ġenerali fakkar li, minn naħa, fir-rigward ta' telf li jikkorrispondi għal inqas minn 10 % tad-dħul mill-bejgħ ta' impriżi attivi fi swieq irregolati ħafna, id-diffikultajiet finanzjarji li dawn tal-aħħar jistgħu jiltaqgħu magħhom ma kinux jidhru li jkunu ta' natura li jipperikola l-eżistenza stess tagħhom u, min-naħa l-oħra, fir-rigward ta' telf li jirrappreżenta madwar żewġ terzi tad-dħul mill-bejgħ ta' dawn l-impriżi, filwaqt li ġie ammess li d-diffikultajiet finanzjarji kkawżati lilhom jistgħu jkunu ta' natura li jipperikolaw l-eżistenza tagħhom, f'settur li huwa rregolat ħafna, bħas-settur tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, li ta' spiss jeħtieġ investiment sostanzjali u fejn l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jitwasslu jintervjenu meta jidhru riskji għas-saħħa pubblika, għal raġunijiet li ma jkunux dejjem prevedibbli mill-impriżi kkonċernati, kien l-obbligu ta' dawn tal-aħħar, mingħajr ma tiġi eskluża l-possibbiltà li jkollhom isostnu huma stess id-dannu li jirriżulta minn dan l-intervent, li jlestu ruħhom sabiex ikunu jistgħu jilqgħu kontra l-konsegwenzi tiegħu permezz ta' politika xierqa. Ġie ppreċiżat li, fl-evalwazzjoni tal-gravità tad-dannu, l-Imħallef għal miżuri provviżorji ma jkunx jista' sempliċement jirrikorri, b'mod mekkaniku u riġidu, biss għad-dħul mill-bejgħ rilevanti. Huwa jkollu wkoll jieħu inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi speċifiċi ta' kull każ u, fil-mument tal-adozzjoni tad-deċiżjoni tiegħu, iqabbilhom fil-konfront tad-dannu kkawżat f'termini ta' dħul mill-bejgħ. Skont il-President tal-Qorti Ġenerali, din il-projbizzjoni ta' analiżi mekkanika u riġida, invokata b'mod partikolari sabiex tippermetti lill-qorti tevalwa jekk il-gravità tad-dannu allegat tkunx tista' tiġi stabbilita minkejja l-fatt li d-dħul mill-bejgħ tagħhom ma jkunx jaqbeż il-livell indikattiv ta' 10 %, għandha tinftiehem ukoll bħala li l-qorti għandha tivverifika jekk, fid-dawl taċ-ċirkustanzi partikolari tal-każ, il-gravità jkollhiex ma tiġix stabbilita minkejja l-qbiż ta' dan il-limitu.

F'dan ir-rigward, il-President tal-Qorti Ġenerali rrileva qabelxejn li l-fatt li wieħed ikun distributur tas-sustanza kkonċernata, minn naħa, jimplika li dan ma jkollux isostni l-istess oneri finanzjarji bħal dawk li jirriżultaw fil-kuntest tal-iżvilupp ta' attività ta' produttur u, min-naħa l-oħra, jimponi li tinġieb il-prova tal-assenza ta' soluzzjonijiet ta' sostituzzjoni vijabbli.

114| Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1019 tat-18 ta' Lulju 2018 li jikkonċerna n-nuqqas ta' tiġdid tal-approvazzjoni tas-sustanza attiva oksasulfuron, b'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 (ĠU 2018, L 183, p. 14).

Il-President tal-Qorti Ġenerali mbagħad iddeċieda li l-fatt li l-applikanti topera f'suq irregolat ħafna għandu jwassalha tieħu inkunsiderazzjoni l-istrateġija kummerċjali ta' din tal-aħħar. Fil-kuntest ta' din l-evalwazzjoni, mingħajr ebda element ieħor dwar il-miżuri possibbli li l-kumpannija allegatament ħadet sabiex tevita li ssib ruħha f'sitwazzjoni potenzjalment riskjuża fir-rigward tan-natura tas-suq inkwistjoni, il-qbiż tal-limitu indikattiv ta' 10 % waħdu ma setax ikun konvinċenti għall-Imħallef għal miżuri provviżorji fir-rigward tal-gravità tad-dannu allegat.

F'dan il-kuntest ġie enfasizzat għal darba oħra, filwaqt li tfakkar li l-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi jista' jiġi invokat biss fir-rigward ta' sitwazzjoni li tista' tinħoloq ikkawżata mill-istituzzjoni awtorizzata tieħu d-deċiżjoni finali, li, fil-kuntest ta' proċedura ta' tiġdid tal-approvazzjoni ta' sustanza għall-protezzjoni tal-pjanti, ma tistax tiġi dedotta xi protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi fir-rigward tar-riżultati tar-rapport interim ipprovdut mill-Istat Membru relatur, peress li dan ir-rapport jikkostitwixxi biss pass interim ta' proċedura magħrufa sew u bl-ebda mod ma jippreġudika r-riżultat finali li għandha tasal għalih il-Kummissjoni.

Fit-tieni lok, fir-rigward tal-ibbilanċjar tal-interessi u, b'mod iktar partikolari, fir-rigward tal-argument tal-kumpannija inkwistjoni li s-sustanza attiva kkonċernata ma kinitx ta' periklu magħruf u muri għas-saħħa pubblika, il-President tal-Qorti Ġenerali rrileva, b'mod partikolari, li l-kumpannija inkwistjoni ma setgħetx tislet argument konvinċenti mill-fatt li s-sustanza ġiet użata b'mod sikur fl-Unjoni għal perijodu twil mingħajr ma qatt ġie rrapurtat xi effett dannuż għas-saħħa tal-bniedem. Fil-fatt, fis-settur tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, l-iżviluppi xjentifiċi ma humiex rari u għalhekk jagħtu l-opportunità li s-sustanzi jerġgħu jiġu evalwati fid-dawl ta' għarfien u skoperti xjentifiċi ġodda. Dan huwa l-bażi tal-proċeduri ta' tiġdid u r-raġuni għal-limiti taż-żmien applikati għall-awtorizzazzjonijiet ta' kummerċjalizzazzjoni. Konsegwentement, l-eżami tal-Imħallef għal miżuri provviżorji fil-kuntest tal-ibbilanċjar tal-interessi għandu jirrigwarda r-riskji li issa jiġu identifikati, minn naħa, u li ma jkunux jistgħu jiġu esklużi, min-naħa l-oħra. Barra minn hekk, huwa ma għandux iwettaq evalwazzjoni teknika tad-data xjentifika li tmur lil hinn mis-setgħat tiegħu. Konsegwentement, l-argumenti dwar l-assenza ta' riskju għas-saħħa pubblika, imqajma fil-kuntest tat-turija tal-eżistenza ta' *fumus boni juris*, jaqgħu taħt l-istħarriġ tal-legalità tal-proċedura u ma jistgħux, mingħajr provi oħra u bl-eċċezzjoni ta' rikonoxximent possibbli ta' żball manifest ta' evalwazzjoni, iwasslu lill-Imħallef għal miżuri provviżorji, fil-kuntest tal-ibbilanċjar tal-interessi, iqis li dawn l-argumenti jkollhom jipprevalu fuq l-evalwazzjonijiet ikkontestati, li, bħala prinċipju, ikunu r-riżultat ta' eżami ddettaljat u eżawrjenti. Dan ikun iktar u iktar minnu meta d-dannu allegat ma jirriżultax, fir-rigward tas-saħħa pubblika, minn data xjentifika miġbura, iżda preċiżament min-nuqqas tagħha. Issa, nuqqas ta' informazzjoni ma jippermettix li jiġu esklużi riskji għas-saħħa pubblika, li għalhekk għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni fir-rigward tal-interessi l-oħra bl-għarfien, minn naħa, li bħala prinċipju r-rekwiżiti marbuta mal-protezzjoni tas-saħħa pubblika jkollhom inkontestabbilment jingħataw preċedenza fuq il-kunsiderazzjonijiet ekonomiċi u, min-naħa l-oħra, li l-preċedenza tal-obbligi tal-protezzjoni tas-saħħa pubblika tista' tiġġustifika restrizzjonijiet li jwasslu għal konsegwenzi negattivi - saħansitra kunsiderevoli - għal ċerti operaturi ekonomiċi.

Fid-digriet ***Athanasiadou u Soulantikas vs Il-Kummissjoni*** (T-762/18 R, EU:T:2019:574), mogħti fl-10 ta' Settembru 2019, il-President tal-Qorti Ġenerali ċaħad, fil-kuntest ta' talba għal miżuri provviżorji, l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà relatata mal-assenza tal-preżentata ta' rikors prinċipali.

S. Athanasiadou u K. Soulantikas, residenti fil-Greċja, ikkostitwixxew il-kumpannija ċivili ECOSE. Din il-kumpannija kkonkludiet, mal-Aġenzija Eżekuttiva "għall-Edukazzjoni, l-Awdjoviżiv u l-Kultura" ftehim ta' sussidju għat-twettiq ta' proġett intitolat "Anzjani attivi". Wara rapport ta' awditu li rrakkomanda li jiġi rkuprat ammont ta' EUR 59 696.98, il-Kummissjoni adottat deċiżjoni dwar l-irkupru, mingħand ECOSE, ta' din is-somma, flimkien mal-interessi dovuti (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kkontestata"). Konformement mad-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili Grieg, il-Kummissjoni pproċediet bin-notifika tad-deċiżjoni kkontestata u tal-ordni għal ħlas billi użat is-servizzi ta' marixxall. Fit-30 ta' Ottubru 2018, ir-rikorrenti ressqu oppożizzjoni quddiem il-Qorti tal-Ewwel Istanza b'Imħallef Uniku ta' Ateni, il-Greċja). Fil-31 ta' Diċembru 2018,

dawn l-istess rikorrenti ressqu talba bbażata fuq l-Artikolu 299 TFUE [115], intiża għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni forzata tad-deċiżjoni quddiem il-Qorti Ġenerali. Fl-osservazzjonijiet tagħha, il-Kummissjoni talbet l-inammissibbiltà tat-talba għal miżuri provviżorji minħabba li ebda rikors prinċipali għall-annullament tad-deċiżjoni kkontestata ma kien ġie ppreżentat, bi ksur tal-Artikoli 161 u 156 [116] tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali.

L-ewwel nett, il-President tal-Qorti Ġenerali fakkar il-kompetenza esklużiva tiegħu sabiex jippronunzja s-sospensjoni tal-eżekuzzjoni forzata tad-deċiżjoni kkontestata, peress li l-kompetenza tal-qrati nazzjonali kkonċernati hija limitata għall-istħarriġ tar-regolarità tal-miżuri ta' eżekuzzjoni [117].

It-tieni nett, huwa rrileva li l-Artikolu 156 tar-Regoli tal-Proċedura jipprevedi sistemi proċedurali differenti skont il-bażi legali li fuqha tkun ibbażata t-talba għal miżuri provviżorji. Għalhekk, ir-rekwiżit, stabbilit fl-Artikolu 156(1) tal-imsemmi regolament, li jissuġġetta l-ammissibbiltà ta' talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni ta' att ta' istituzzjoni għall-introduzzjoni minn qabel jew simultanja ta' rikors prinċipali kontra dan l-att, huwa espressament limitat għat-talbiet magħmula abbażi tal-Artikoli 278 TFUE u 157 EA. Konsegwentement, dan l-obbligu ma japplikax neċessarjament f'dan il-każ.

It-tielet nett, il-President tal-Qorti Ġenerali kkonstata li l-issodisfar ta' tali obbligu jiġi mċaħħad lir-rikorrenti mid-dritt għal rimedju effettiv [118]. Fil-fatt, fiċ-ċirkustanzi ta' dan il-każ, sabiex il-qrati nazzjonali jkunu jistgħu jkollhom iż-żmien neċessarju għall-eżerċizzju tal-kompetenza tagħhom fir-rigward tal-istħarriġ tar-regolarità tal-miżuri ta' eżekuzzjoni, skont l-Artikolu 299(4) TFUE, għandu jkun possibbli li l-qorti tal-Unjoni tintalab, peress li hija l-unika waħda awtorizzata, li tagħti deċiżjoni, jekk ikun il-każ, dwar is-sospensjoni tal-eżekuzzjoni forzata.

F'din l-ipoteżi, il-President tal-Qorti Ġenerali enfasizza li, bħala korollarju, il-motivi mqajma fil-kuntest tat-turija tal-eżistenza ta' *fumus boni juris* għandhom jikkonsistu f'motivi li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tal-qorti nazzjonali u li jkollhom dehra ta' bażi. Fil-fatt, motivi li jirrigwardaw il-legalità tad-deċiżjoni jkunu ineffettivi, ħlief jekk dawn jitqajmu fil-kuntest ta' talba bbażata fuq l-Artikolu 278 TFUE li tmur ma' rikors prinċipali ppreżentat konformement mal-Artikolu 263 TFUE sa fejn il-fondatezza ta' deċiżjoni li tikkostitwixxi titolu eżekuttiv tkun tista' tiġi kkontestata biss quddiem il-qorti tal-annullament, abbażi ta' din id-dispożizzjoni.

F'dan ir-rigward, u mingħajr ma kien neċessarju f'dan l-istadju li tittieħed deċiżjoni dwar id-dehra tal-fondatezza tagħhom, il-President tal-Qorti Ġenerali rrileva li, f'dan il-każ, uħud mill-motivi mressqa mir-rikorrenti insostenn tal-issodisfar tal-kundizzjoni dwar il-*fumus boni juris* kienu jikkonċernaw preċiżament il-proċedura ta'

**115|** Skont l-Artikolu 299 TFUE, l-atti tal-Kummissjoni li jimponu, fuq persuni li ma humiex l-Istati, obbligu pekunjarju jikkostitwixxu titolu eżekuttiv. L-eżekuzzjoni forzata hija regolata mir-regoli tal-proċedura ċivili fis-seħħ fl-Istat li fit-territorju tiegħu għandha titwettaq. Id-digriet tal-eżekuzzjoni għandu jiġi ffirmat, mingħajr ebda formalità oħra ħlief il-verifika tal-awtentiċità tad-dokument, mill-awtorità nazzjonali li l-Gvern ta' kull Stat Membru jaħtar għal dan l-għan u jgħarraf biha lill-Kummissjoni u lill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. Wara t-twettiq ta' dawn il-formalitajiet fuq it-talba tal-parti konċernata, din tal-aħħar tista' tipproċedi bl-eżekuzzjoni skont il-liġi nazzjonali, billi jressaq il-kwistjoni direttament quddiem l-awtorita kompetenti. L-Eżekuzzjoni tista' tiġi sospiża biss b'deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġusitzzja tal-Unjoni Ewropea. Madankollu, il-verifika tar-regolarità tal-miżuri ta' eżekuzzjoni tkun fil-kompetenza tal-awtoritajiet ġudizzjarji nazzjonali.

**116|** L-Artikolu 156(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali jipprovdi li kull talba għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni ta' att ta' istituzzjoni skont l-Artikoli 278 TFUE u 157 EA hija ammissibbli biss jekk min iressaq it-talba jkun ikkontesta dan l-att b'rikors quddiem il-Qorti Ġenerali.

**117|** Konformement mal-Artikolu 299 TFUE, moqri flimkien mal-Artikolu 256(1) TFUE, l-Artikolu 39(1) u l-Artikolu 53(1) tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

**118|** Id-dritt għal rimedju effettiv huwa stabbilit fl-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u ggarantit fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali iffirmata f'Ruma fl-4 ta' Novembru 1950.

eżekuzzjoni forzata fil-Greċja u r-regolarità tal-miżuri ta' eżekuzzjoni u, għaldaqstant, kienu jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tal-qorti nazzjonali. Konsegwentement, it-talba għal miżuri provviżorji kienet intiża li tippermetti lill-qorti nazzjonali teżerċita l-kompetenzi tagħha, dedotti mill-Artikolu 299 TFUE.

Konsegwentement, il-President tal-Qorti Ġenerali kkonkluda li l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà relatata mal-assenza ta' preżentata ta' rikors prinċipali kellha tiġi miċħuda. Fl-aħħar nett, it-talba għal miżuri provviżorji ġiet miċħuda minħabba nuqqas ta' urġenza.

# C | Attività tar-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fl-2019

Minn **Emmanuel Coulon**, Reġistratur tal-Qorti Ġenerali

F'salib it-toroq ta' żewġ epoki, is-sena 2019 ikkostitwixxiet il-bidu ta' era ġdida għall-Qorti Ġenerali u għar-Reġistru tagħha.

Din is-sena ser tibqa' niżżla fl-istorja tal-Qorti Ġenerali bħala s-sena tal-kommemorazzjoni tat-tletin sena anniversarju minn meta assumew il-kariga tagħhom l-ewwel membri tagħha [1] u s-sena tat-tlestija tar-riforma tal-arkitettura ġudizzjarja tal-Unjoni Ewropea mibdija b'liġi fis-16 ta' Diċembru 2015 [2]. Tletin sena wara li assumew il-kariga tagħhom l-ewwel tnax-il Imħallef u r-Reġistratur, il-Qorti Ġenerali, ġuridikament komposta minn żewġ Imħallfin għal kull Stat Membru sa minn Settembru 2019, assistita minn Reġistratur, saret il-qorti internazzjonali komposta bl-ikbar numru ta' Mħallfin fid-dinja.

Din il-bidla fl-iskala, il-miżuri ta' eżekuzzjoni intiżi li jagħtu effett utli lid-deċiżjonijiet adottati mill-qorti u l-assistenza mogħtija lill-Presidenza tal-Qorti Ġenerali sabiex tipprepara għall-wasla tal-Imħallfin ġodda u sabiex, fl-aħħar ta' Settembru 2019, jiġu applikati l-proġetti identifikati bħala prijoritarji mill-President van der Woude ċertament ma kinux mingħajr effett fuq l-organizzazzjoni u l-mod ta' funzjonament tar-Reġistru.

Madankollu, filwaqt li adatta ruħu b'mod permanenti għall-kuntest il-ġdid u integra l-moviment bħala parametru ta' funzjonament, ir-Reġistru żgura l-missjonijiet tiegħu ta' assistenza legali u ta' assistenza amministrattiva b'mod kostanti, metodiku u impenjattiv. Il-persunal tiegħu, konxju ħafna tas-sens profond ta' dawn it-trasformazzjonijiet, ikkontribwixxa għal dan is-suċċess kollettiv. Huwa kien pilastru ta' stabbiltà li fuqu l-qorti setgħet isserraħ.

Minkejja sensiela kontinwa u rapida ta' trasformazzjonijiet multipli, ir-Reġistru wera kapaċità li jaħdem mal-Imħallfin, mal-persunal tal-uffiċċji tagħhom u mad-dipartimenti komuni tal-istituzzjoni sabiex jinħoloq valur ta' benefiċċju reċiproku. Permezz ta' kultura vera ta' servizz, ir-Reġistru kien l-interlokutur multilingwi tal-avukati u tal-aġenti li jirrappreżentaw l-interessi tal-partijiet fil-kuntest tal-kawżi mressqa quddiem il-qorti tal-Unjoni.

Ir-Reġistru, li kellu 72 pożizzjoni baġitarja (55 assistenti u 17-il amministratur), kellu tnaqqis fin-numru tal-persunal tiegħu għal 69 pożizzjoni f'Settembru fil-kuntest ta' operazzjoni ta' allokazzjoni mill-ġdid intiża li tippermetti li jiġu kkostitwiti l-uffiċċji tal-Imħallfin addizzjonali. Id-dħul fil-kariga tad-Deputat Reġistratur matul ix-xahar ta' Mejju ppermetta organizzazzjoni mill-ġdid tas-servizz li kienet saret daqstant urġenti daqs kemm kienet indispensabbli. Dan l-aħħar żvilupp għandu jiġi milqugħ b'apprezzament.

Il-kontribuzzjoni tar-Reġistru għall-attività ġudizzjarja u għall-amministrazzjoni tal-qorti ngħatat taħt diversi forom.

1| L-atti tal-kollokju li sar fil-25 ta' Settembru 2019 dwar it-tema "Il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea fl-era diġitali" u l-film li jagħti omaġġ lill-Membri fundaturi u lill-persuni kollha li żammew lil din il-qorti ħajja sa mill-ħolqien tagħha huma aċċessibbli fis-sit tal-internet tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

2| Regolament (UE, Euratom) 2015/2422 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2015 li jemenda l-Protokoll Nru 3 dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (ĠU 2015, L 341, p. 14), u Regolament (UE, Euratom) 2016/1192 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2016 dwar it-trasferiment lill-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tal-ġuriżdizzjoni fl-ewwel istanza f'tilwimiet bejn l-Unjoni Ewropea u l-membri tal-persunal tagħha (ĠU 2016, L 200, p. 137).

# I. Kontribuzzjoni għall-attività ġudizzjarja

Skont il-missjoni ta' assistenza legali fdata lilu mir-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, ir-Reġistru:

- żgura l-iżvolġiment tajjeb tal-proċeduri u ż-żamma tajba tal-proċessi;
- żgura l-komunikazzjoni bejn ir-rappreżentanti tal-partijiet u l-Imħallfin;
- assista b'mod attiv lill-Imħallfin u lill-kollaboraturi tagħhom.

Wara tnaqqis relattiv tan-numru ta' kawżi ppreżentati osservat fl-2018, in-numru ta' kawżi ġodda reġa' kiber b'939 rikors ippreżentat, mingħajr madankollu ma laħaq il-livell massimu tal-2016 li sa llum għadu storiku.

In-numru ta' kawżi magħluqa baqa' f'livell għoli, iżda naqas meta mqabbel ma' dak tal-2018. Total ta' 874 kawża nqatgħet fl-2019 kontra l-1 009 tas-sena preċedenti. It-tluq ta' numru sinjifikattiv ta' Mħallfin, l-inċertezzi marbuta mat-tiġdid tal-mandati ta' diversi mħallfin, id-dħul fil-kariga ta' 14-il Imħallef, ir-rikompożizzjoni sħiħa tal-awli, l-assenjazzjoni tal-Imħallfin lill-awli u l-assenjazzjoni mill-ġdid tal-kawżi pendenti kollha (bl-eċċezzjoni ta' dawk fl-istadju tad-deliberazzjoni jew li għalihom ġie deċiż li tingħata deċiżjoni mingħajr fażi orali tal-proċedura qabel is-26 ta' Settembru 2019) huma fatturi li jispjegaw ħafna dan it-tnaqqis statistiku żgħir.

Fil-31 ta' Diċembru 2019, in-numru ta' kawżi pendenti tela' għal 1 398.

It-tul medju ta' kawża kien inqas minn 17-il xahar għall-kawżi li nqatgħu b'sentenza jew b'digriet u inqas minn 20-il xahar għall-kategorija ta' kawżi li nqatgħu b'sentenza.

### a. Ġestjoni tal-proċessi tal-proċedura

L-attività tar-Reġistru tal-Qorti Ġenerali marbuta mal-ġestjoni tal-proċessi tal-proċedura nżammet, mill-perspettiva kwantitattiva, fl-istess livell bħal dak tal-2018.

Barra minn hekk, ir-Reġistru rreġistra 54 723 att proċedurali f'21 lingwa tal-kawża (mill-24 lingwa tal-kawża proċedurali li huma previsti fir-Regoli tal-Proċedura), ipproċessa 939 rikors promotur u 4 446 noti oħra prodotti mill-partijiet fil-kuntest tal-kawżi pendenti, eżegwixxa d-deċiżjonijiet meħuda mill-kulleġġi ġudikanti, fil-forma ta' miżuri ta' organizzazzjoni tal-proċedura jew ta' miżuri istruttorji, u rrediġa 1 699 komunikazzjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Għalkemm, evidentement, ma huwiex possibbli li tiġi hawnhekk indikata d-data kollha sabiex tingħaraf il-portata tax-xogħol imwettaq mir-Reġistru, l-identifikazzjoni ta' xi elementi tagħha, b'mod partikolari elementi statistiċi, hija madankollu suffiċjenti sabiex jiġi enfasizzat il-volum tal-attività tiegħu:

- id-9 734 att proċedurali ppreżentat inkluda 288 talba għal intervent u 251 talba għal trattament kunfidenzjali fil-konfront tal-partijiet jew fil-konfront tal-pubbliku;
- 11 024 proċess ta' trażmissjoni stabbiliti mir-Reġistru (jiġifieri iktar minn 918-il proċess kull xahar) ġew ikkomunikati (f'forma diġitali) lill-uffiċċji tal-Imħallfin għall-bżonnijiet tal-istruttorja tal-kawżi;
- ġew eżegwiti mijiet ta' miżuri ta' organizzazzjoni tal-proċedura u għexieren ta' miżuri ta' istruttorja, fir-rigward b'mod partikolari tal-produzzjoni ta' dokumenti li fir-rigward tagħhom ġiet invokata l-kunfidenzjalità mill-partijiet.

L-introduzzjoni ta' diversi gruppi jew serji ta' kawżi matul is-sena fl-oqsma tad-dritt tal-kompetizzjoni applikabbli għall-Istati (għajnuna mill-Istat) u tad-dritt istituzzjonali kienet teħtieġ ġestjoni kkoordinata kemm fi ħdan ir-Reġistru kif ukoll mal-kulleġġi ġudikanti għall-ipproċessar tat-talbiet għal estensjoni tat-termini, għat-tgħaqqid, għall-intervent, kif ukoll għat-teħid ta' deċiżjoni dwar it-tieni ċiklu ta' noti u, fejn applikabbli, dwar it-trattament kunfidenzjali tal-elementi tal-proċess f'kull waħda minn dawn il-kawżi. Din il-koordinazzjoni titlob ċerta flessibbiltà organizzattiva min-naħa tat-timijiet tar-Reġistru, xi drabi diffiċli li tiġi rrikonċiljata mal-konoxxenza indispensabbli tal-lingwi tal-kawża li fihom jiġu ppreżentati l-kawżi ta' dawn il-gruppi jew serji.

Barra minn hekk, l-ipproċessar ta' ċerti kawżi sensittivi ħafna fil-qasam tad-dritt tal-kompetizzjoni applikabbli għall-impriżi impona li jiġu implimentati dispożittivi intiżi li jħarsu l-ikbar kunfidenzjalità tad-data li huma jinkludu u sabiex jiżguraw komunikazzjoni sigura fi ħdan il-qorti stess. Dawn il-proċeduri interni jiżdiedu ma' dik intiża li tiggarantixxi s-sigurtà applikabbli għall-informazzjoni jew għad-dokumenti prodotti skont l-Artikolu 105(1) jew (2) tar-Regoli tal-Proċedura, jiġifieri dawk li jirrigwardaw is-sigurtà tal-Unjoni jew dik ta' wieħed jew iktar mill-Istati Membri tagħha jew it-tmexxija tar-relazzjonijiet internazzjonali tagħhom [3].

Barra minn hekk, ix-xogħol tar-Reġistru ġie żgurat minn 11-il amministratur inkarigat mill-ġestjoni tal-proċessi tal-proċedura [4] matul 334 konferenza ta' awla u waqt is-seduti għas-sottomissjonijiet orali li seħħew fl-ambitu ta' 315-il kawża, flimkien, fi tmiem kull konferenza ta' awla u kull seduta għas-sottomissjonijiet orali, minbarra l-preparazzjoni tal-proċessi, ir-redazzjoni ta' proċess verbal suġġett għall-approvazzjoni tal-Imħallfin.

Żewġ ċifri juru l-volum medju tal-proċessi miżmuma mir-Reġistru. Minn naħa, l-atti proċedurali ppreżentati fir-Reġistru permezz tal-applikazzjoni e-Curia laħqu total ta' 749 895 paġna. Min-naħa l-oħra, il-volum tal-proċessi miżmuma mir-Reġistru fl-1 398 kawża li kienu fil-proċess istruttorju fl-aħħar tas-sena 2019 kien jirrappreżenta 636 metru lineari.

Fit-twettiq tal-kompiti tiegħu, ir-Reġistru kompla jieħu l-ikbar benefiċċju mir-Regoli tal-Proċedura li daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2015, b'mod partikolari fil-qasam tal-proprjetà intellettwali (il-bidla fis-sistema lingwistika u t-tneħħija tat-tieni skambju ta' noti huma miżuri li kkontribwixxew ħafna għat-tnaqqis tat-tul medju tal-istanza f'dan il-qasam). Barra minn hekk, il-possibbiltà li l-kawżi jiġu riżolti permezz ta' sentenza mingħajr seduta, b'mod partikolari għaliex il-partijiet ma jitolbux iż-żamma tagħha, ġiet fil-fatt użata mill-Qorti Ġenerali (39 % fil-kuntest tal-kontenzjuż kollu flimkien u 52 % fil-qasam tal-proprjetà intellettwali). Minbarra l-fatt li din l-assenza ta' seduta eżentat il-produzzjoni ta' rapport fil-qosor tas-seduta fil-lingwa tal-kawża, hija fuq kollox għamlet possibbli li l-kawżi jiġu riżolti permezz ta' sentenza b'mod iktar mgħaġġel (medja ta' 15.1 xahar mingħajr seduta kontra medja ta' 22.7 xahar bis-seduta).

Barra minn hekk, żdiedet il-perċentwali tan-numru totali ta' rikorsi diretti li taw lok għal kawżi riżolti b'sentenza mingħajr it-tieni skambju ta' noti (22 % kontra 13 % fl-2018) [5].

Fil-qasam tas-servizz pubbliku, ġie deċiż li ma jkunx hemm it-tieni skambju fi 22 % tal-kawżi (kontra 32 % fl-2018). Għandu jiġi nnotat li, f'dan l-aħħar qasam, it-tentattivi ta' soluzzjoni bonarja għat-tilwimiet mibdija matul is-sena kellhom suċċess f'żewġ okkażjonijiet.

3| Ebda dokument ma ġie ppreżentat fl-2019 fuq il-bażi ta' dawn ir-regoli previsti mid-Deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali (UE) 2016/2387 tal-14 ta' Settembru 2016 dwar ir-regoli ta' sigurtà applikabbli għall-informazzjoni jew għall-annessi prodotti taħt l-Artikolu 105(1) jew (2) tar-Regoli tal-Proċedura (ĠU 2016, L 355, p. 18).

4| Fid-dawl tal-movimenti tal-persunal tal-grupp ta' ħidma AD.

5| Il-kontenzjuż marbut mad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali huwa eskluż minn dan il-kalkolu, peress li r-Regoli tal-Proċedura ma jipprevedux it-tieni skambju ta' noti għal din il-kategorija ta' kawżi.

Fl-aħħar nett, minkejja l-konstatazzjoni inkwetanti li tliet rikorsi minn kull ħamsa kellhom jiġu rregolati minħabba n-nuqqas ta' osservanza tar-rekwiżiti formali fil-qasam tal-proprjetà intellettwali, wieħed għandu jkun kuntent bit-tnaqqis kontinwu tar-rata ta' regolarizzazzjoni tar-rikorsi fil-kuntest tar-rikorsi diretti minbarra dawk ippreżentati fil-qasam tal-proprjetà intellettwali (24 %).

B'mod opportun ħafna, ir-Reġistru bbenefika mir-razzjonalizzazzjoni tal-ipproċessar tad-dokumenti [6] li sar possibbli bir-riforma li għamlet l-applikazzjoni informatika e-Curia bil-mod esklużiv għall-iskambju ta' dokumenti ġudizzjarji bejn ir-rappreżentanti tal-partijiet u l-Qorti Ġenerali sa mill-1 ta' Diċembru 2018 [7]. Il-vantaġġi li nkisbu minn din ir-razzjonalizzazzjoni rriżultaw ta' valur kbir ħafna fl-2019 [8], peress li ppermettew li jitnaqqsu l-effetti ta' numru ikbar ta' talbiet lir-Reġistru, b'mod partikolari fil-kuntest ta' numru ikbar ta' uffiċċji tal-Membri tal-qorti.

Ir-Reġistru għandu d-dmir li jittratta l-atti proċedurali kollha ppreżentati u d-deċiżjonijiet meħuda mill-Imħallfin fl-iqsar żmien possibbli.

Għal raġunijiet oġġettivi, it-trattament ta' ċerti atti għandu madankollu jingħata prijorità fuq oħrajn, pereżempju fil-każ tal-preżentata ta' dokumenti ftit taż-żmien qabel is-seduta għas-sottomissjonijiet orali jew ta' rinunzja għall-atti meta l-kawża tkun diġà tinsab fl-istadju tad-deliberazzjoni. Min-naħa tiegħu, l-ipproċessar tal-atti proċedurali fil-proċeduri ta' urġenza għandu jiġi żgurat immedjatament. Dan ikun il-każ b'mod partikolari meta jsiru talbiet għal miżuri provviżorji flimkien ma' talba għal deċiżjoni preliminari (jiġifieri anki qabel ma l-parti l-oħra tkun tista' tippreżenta l-osservazzjonijiet tagħha) li jitolbu, fil-ħinijiet ta' wara l-preżentata, li l-President jieħu pożizzjoni. F'diversi okkażjonijiet fl-2019, matul perijodu estremament qasir, ir-Reġistru żgura t-trattament tat-talba għal miżuri provviżorji u n-notifika, xi kultant f'ħin tard, tad-digriet tal-President li jagħti deċiżjoni dwarha.

### b. Għajnuna għall-koerenza

Il-kontribuzzjoni tar-Reġistru għall-attività ġudizzjarja hija intiża wkoll, skont il-linji gwida adottati mill-Qorti Ġenerali, li tippromwovi l-koerenza tal-prattiki deċiżjonali u tal-interpretazzjonijiet tar-regoli fil-qasam tal-proċedura. Ir-Reġistru għalhekk qiegħed il-mezzi tiegħu għas-servizz ta' dan l-għan.

Fl-ewwel lok, ir-Reġistru jappoġġa l-ipproċessar tal-kawżi mill-uffiċċji tal-Imħallfin sakemm dawn jgħaddu għad-deliberazzjoni fil-forma ta' servizzi ex ante. L-għan imfittex huwa l-ewwel nett li jippermetti lill-President, lill-Presidenti ta' Awla u lill-kulleġġi ġudikanti li jkollhom għad-dispożizzjoni tagħhom l-elementi li jippermettulhom jiddeċiedu malajr billi jkollhom informazzjoni utli għal dan il-għan.

6| In-natura obbligatorja ta' e-Curia ppermettiet li tintemm il-ġestjoni tat-taħlita ta' żewġ forom (stampata u diġitali), l-iscanning tad-dokumenti ppreżentati fil-forma stampata u, fil-każ ta' preżentata fil-forma stampata ppreċeduta minn preżentata permezz tal-faks, it-tressiq doppju ta' data fid-database proċedurali miżmuma mir-Reġistru kif ukoll il-verifika tal-konformità tal-att ippreżentat fil-forma stampata. Din temmet ukoll id-diffikultajiet rikorrenti affaċċjati mal-wasla jew in-notifika ta' atti bil-faks, b'mod partikolari fil-każ ta' dokumenti voluminużi.

7| Il-partijiet kollha (rikorrenti, konvenuti u intervenjenti) u t-tipi kollha ta' proċedura huma inklużi. Madankollu huma previsti ċerti eċċezzjonijiet fl-osservanza tal-prinċipju ta' aċċess għall-qorti (b'mod partikolari meta l-użu tal-e-Curia jirriżulta li jkun teknikament impossibbli jew meta tintalab għajnuna legali minn parti li ma tkunx irrappreżentata minn avukat).

8| Anki jekk ir-rata tal-preżentata tal-atti proċedurali permezz ta' din l-applikazzjoni ma hijiex ta' 100 %, iżda ta' 93 %, għar-raġuni li modi oħra barra l-e-Curia jintużaw għall-preżentata ta' talbiet għal għajnuna legali, ta' dokumenti prodotti fis-seduti għat-trattazzjonijiet orali, ta' annessi fl-għamla ta' tagħmir USB jew ta' DVD li għandhom kontenut li ma jistax jiġi trażmess bl-e-Curia u ta' ittri tal-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tingħata informazzjoni dwar il-preżentata ta' appell jew sabiex tiġi kkomunikata d-deċiżjoni tal-appell.

B’dan il-mod, waqt l-ewwel analiżi tar-rikorsi ppreżentati quddiem il-Qorti Ġenerali, ir-Reġistru jidentifika s-suġġett, il-qasam ikkonċernat u l-konnessjonijiet eventwali ma’ kawżi oħra, irrispettivament mil-lingwa tal-kawża li fiha jkun ġie ppreżentat ir-rikors. Dan l-eżerċizzju, li r-Reġistru stabbilixxa sabiex jiffinalizza f’terminu ta’ għaxart ijiem ta’ xogħol dekorribbli mill-preżentata tar-rikors, huwa intiż b’mod partikolari li jippermetti lill-President tal-Qorti Ġenerali jipproċedi bl-assenjazzjoni tal-kawżi b’mod ċar. Huwa wkoll f’dan il-kuntest li r-Reġistru jindika t-talbiet għal proċedura mħaffa, it-talbiet għal trattament prijoritarju u kif ukoll it-talbiet għal anonimat. Barra minn hekk, ir-Reġistru jindika l-kawżi li ma jaqgħux taħt il-ġurisdizzjoni tal-Qorti Ġenerali jew li jidhru li jkunu manifestament inammissibbli.

Meta jiġu ttrattati n-noti ppreżentati fil-kuntest tal-kawżi pendenti, ir-Reġistru jinkludi l-komunikazzjoni tagħhom lill-uffiċċji tal-Imħallfin b’dokument ta’ trażmissjoni li jidentifika l-kwistjonijiet proċedurali li jitqajmu u li jinkludi proposti, xi kultant iddettaljati, dwar l-azzjoni li jkollha tittieħed.

B’mod iktar ġenerali, il-kollaborazzjoni bejn ir-rappreżentanti tar-Reġistru u l-persunal tal-uffiċċji tal-Imħallfin hija ta’ kuljum u sostnuta. Il-parteċipazzjoni tar-Reġistru fil-laqgħat amministrattivi tal-awli (konferenzi ta’ awla) tiffavorixxi ċ-ċirkulazzjoni tal-informazzjoni u tippermetti li tiġi żgurata, bl-għarfien neċessarju tal-elementi tal-każ, eżekuzzjoni mħaffa tad-deċiżjonijiet proċedurali meħuda mill-kulleġġ ġudikanti.

Fit-tieni lok, ir-Reġistru jorganizza t-tqassim tal-informazzjoni billi jqiegħed għad-dispożizzjoni tal-qorti dokumentazzjoni speċifikament magħżula. L-informazzjoni fuq temi proċedurali tiġi aġġornata regolarment, id-digrieti proċedurali jsiru aċċessibbli skont pjan ta’ klassifikazzjoni, u senjalazzjoni tal-ġurisprudenza proċedurali tal-Qorti Ġenerali, tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem issir kull xahar. Dawn l-għodod ta’ analiżi, ta’ sorveljanza u ta’ informazzjoni u l-prodotti tematiċi tar-Reġistru jiġu stabbiliti sabiex jissodisfaw l-aspettattivi ta’ qorti li tellgħet il-koerenza fuq quddiem tal-prijoritajiet tagħha. Dawn jaqgħu taħt il-mekkaniżmi ta’ prevenzjoni u ta’ identifikazzjoni tad-diverġenzi fil-prassi deċiżjonali u fil-ġurisprudenza u b’hekk jikkompletaw, f’qasam ċirkoskritt, il-missjoni ċentrali fdata lill-Viċi President tal-Qorti Ġenerali, jiġifieri dik li jiżviluppa qasam ta’ attività ta’ analiżi ġuridika trażversali intiża li ssaħħaħ il-koerenza u l-kwalità tal-ġurisprudenza.

### c. Azzjonijiet preventivi marbuta mar-riskju ta’ Brexit mingħajr ftehim

Bil-ħsieb li jassisti lill-avukati attivi fil-proċeduri quddiem il-Qorti Ġenerali u sabiex jiġu ssodisfatti l-kundizzjonijiet sabiex tiġi żgurata f’kull ċirkustanza protezzjoni ġudizzjarja effettiva, ir-Reġistru wettaq azzjonijiet preventivi marbuta mar-riskju ta’ ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta’ Fuq mill-Unjoni mingħajr ma jiġi ffirmat ftehim dwar il-ħruġ.

Peress li qieset ir-riskju li l-barristers, is-solicitors u l-avukati tar-Renju Unit (“avukati tar-Renju Unit”) jistgħu ma jissodisfawx iktar il-kundizzjonijiet meħtieġa mill-Artikolu 19 tal-Protokoll dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea [9] sabiex jirrappreżentaw b’mod regolari parti quddiem il-Qorti Ġenerali fil-każ ta’ Brexit mingħajr ftehim dwar il-ħruġ, saret kampanja ta’ informazzjoni darbtejn intiża għar-rappreżentanti tal-partijiet fil-kawżi pendenti quddiem din il-qorti. Permezz ta’ ittri individwali, ir-Reġistratur ġibed l-attenzjoni tagħhom għall-effetti proċedurali ta’ ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni mingħajr ma jiġi ffirmat ftehim dwar il-ħruġ u stedinhom jieħdu l-miżuri adegwati fl-interess tad-difiża tal-klijenti tagħhom.

9| Ir-raba’ paragrafu tal-Artikolu 19 tal-Protokoll dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea jipprovdi li “[a]vukat biss, li jkun awtorizzat sabiex jipprattika quddiem qorti ta’ Stat Membru jew ta’ Stat ieħor li huwa parti mill-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, jista’ jirrappreżenta jew jassisti parti quddiem il-Qorti”.

L-ewwel operazzjoni ġiet eżegwita fi żmien xieraq qabel it-12 ta' April 2019, ftit żmien wara li l-House of Commons tal-Parlament tar-Renju Unit kienet iddeċidiet, fid-29 ta' Marzu 2019, li tiċħad l-abbozz ta' ftehim dwar il-ħruġ.

It-tieni operazzjoni twettqet ftit jiem qabel l-iskadenza tal-31 ta' Ottubru 2019.

Il-posponimenti suċċessivi tat-terminu previst fl-Artikolu 50(3) TUE deċiżi mill-Kunsill Ewropew ftit sigħat qabel l-iskadenzi previsti finalment ippermettew li jiġi evitat ħruġ tar-Renju Unit mingħajr ftehim fl-2019.

# II. Azzjonijiet immexxija fil-kuntest tat-tielet fażi tar-riforma

### a. Azzjonijiet marbuta mat-tluq u mad-dħul fil-kariga ta' numru mingħajr preċedent ta' Mħallfin

F'Marzu 2019, il-Qorti Ġenerali laqgħet l-Imħallef Malti maħtur bħala suċċessur tal-Imħallef maħtur Imħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja f'Ottubru 2018.

F'Settembru 2019, fil-kuntest tal-operazzjoni ta' tiġdid parzjali tal-Qorti Ġenerali prevista fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 254 TFUE [10], tmien Imħallfin temmew il-kariga tagħhom u seba' Mħallfin ħadu ġurament quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja. Fl-istess jum, seba' Mħallfin maħtura bħala Mħallfin addizzjonali fil-kuntest tat-tielet u l-aħħar fażi tar-riforma ħadu wkoll il-ġurament quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

Għaldaqstant, il-Qorti Ġenerali laqgħet 15-il Imħallef ġdid fl-2019, 14 minnhom fis-26 ta' Settembru 2019. In-numru ta' Mħallfin li jifformaw il-Qorti Ġenerali żdied minn 46 għal 52 b'effett minn din id-data [11].

Diversi miżuri ttieħdu fil-kuntest ta' dawn il-bidliet fil-kompożizzjoni tal-qorti. L-azzjonijiet, ikkoordinati mill-uffiċċju tal-President u mir-Reġistratur (u parti mit-timijiet tiegħu), saru mid-dipartimenti komuni tal-istituzzjoni, b'mod partikolari d-Direttorat tal-Bini u tas-Sigurtà, id-Direttorat tar-Riżorsi Umani u tal-Amministrazzjoni tal-Persunal u d-Direttorat tat-Teknoloġiji tal-Informazzjoni.

Dawn ikkonsistew f'li:

- jiġu lliberati fi żmien xieraq l-ispazji neċessarji għall-organizzazzjoni tal-bini għall-finijiet tal-istabbiliment tal-Imħallfin il-ġodda tal-Qorti Ġenerali u tal-persuni li jifformaw l-uffiċċji tagħhom kif ukoll għall-organizzazzjoni ta' sala li tippermetti lill-membri kollha (Imħallfin u Reġistratur) jiltaqgħu għall-bżonnijiet tax-xogħol tal-Konferenza Plenarja, skont il-bżonnijiet espressi mill-Qorti Ġenerali;
- jiġi ġġestit ir-reklutaġġ, l-assenjazzjonijiet mill-ġdid u l-għanijiet kuntrattwali tal-persunal tal-uffiċċji tal-Membri tal-Qorti Ġenerali (référendaires u assistenti) suġġetti għall-approvazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti fil-forma ta' fajls ta' proposta;

10| Fil-31 ta' Awwissu 2019, skadew il-mandati ta' 23 Imħallef. Għandu jiġi nnotat, li, għall-perijodu bejn l-1 u s-26 ta' Settembru 2019, il-Qorti Ġenerali adottat deċiżjoni dwar l-iżvolġiment tal-attività ġudizzjarja (ĠU 2019, C 238, p. 2).

11| Fil-31 ta' Diċembru 2019, diversi Stati Membri kienu għadhom iridu jipproponu kandidati għall-pożizzjonijiet ta' Mħallfin.

l-uffiċċji l-ġodda jingħataw il-materjal informatiku u telefoniku u li l-applikazzjonijiet informatiċi jiġu adattati sabiex jittieħdu inkunsiderazzjoni l-bdil fin-numru tal-awli u l-mod kif dawn jiġu komposti (passaġġ għal 60 kulleġġ ġudikanti sedenti bi tliet Imħallfin u għaxar kulleġġi ġudikanti sedenti b'ħames Imħallfin);

jintlaqgħu l-Imħallfin il-ġodda: sabiex ikun jista' jkollhom viżjoni sħiħa tal-funzjonament tal-Qorti Ġenerali, tal-proċeduri tagħha, tal-applikazzjonijiet informatiċi tagħha (relatati mal-ipproċessar tal-kawżi, mar-riċerka dokumentarja u mal-attivitajiet tal-membri) u tal-materjal multimedjali tagħha, tar-regolamenti li għandhom jiġu osservati (b'mod partikolari dik dwar il-protezzjoni tad-data personali) u tal-parametri li għandhom jiġu osservati (b'mod partikolari fil-qasam tas-sigurtà informatika), sessjonijiet speċifiċi ħafna organizzati mill-Presidenza tal-Qorti Ġenerali ġew żgurati minn référendaires u minn uffiċjali u aġenti tar-Reġistru u minn dipartimenti komuni tal-istituzzjoni, segwiti minn programm ta' akkoljenza organizzat mir-Reġistratur li matulu r-rappreżentanti tal-amministrazzjoni għolja tal-istituzzjoni setgħu jippreżentaw l-attivitajiet u l-prijoritajiet tad-dipartimenti tagħhom.

Barra minn hekk, peress li t-tielet fażi tar-riforma twettqet mingħajr il-ħolqien baġitarju ta' pożizzjonijiet għall-uffiċċji tal-Imħallfin, saru riflessjonijiet approfonditi matul is-sena kollha sabiex jiġi deċiż il-mod kif għandhom jiġu fformati l-uffiċċji tal-Imħallfin li ssuċċedew Imħallef li telaq u dawk tal-Imħallfin addizzjonali. Is-soluzzjoni adottata mill-Qorti Ġenerali ser tippermetti, permezz ta' approċċ sekwenzjali, li mill-1 ta' Jannar 2020 tiġi stabbilita mill-ġdid ugwaljanza funzjonali bejn l-uffiċċji tal-Imħallfin kollha tal-Qorti Ġenerali.

### b. Miżuri ta' organizzazzjoni tal-qorti

Fl-ewwel lok, l-organizzazzjoni tal-qorti kienet maħsuba fid-dawl tan-numru ikbar ta' Mħallfin. In-numru ta' awli tal-Qorti Ġenerali żdied minn disa' għal għaxra. Kull awla issa hija komposta minn ħames Imħallfin, bla ħsara għall-possibbiltà li jiġu kkostitwiti awli komposti minn sitt Imħallfin meta jkunu ser jinħatru l-Imħallfin kollha.

Fit-tieni lok, sabiex tkun tista' ssir kompożizzjoni iktar diversifikata tal-kulleġġi ġudikanti, il-metodu ta' kompożizzjoni tagħhom ġie rrivedut. Sas-26 ta' Settembru 2019, l-awla ta' ħames Imħallfin kienet maqsuma f'żewġ kulleġġi ġudikanti ppresjeduti mill-istess President ta' Awla. Mit-30 ta' Settembru 2019, in-numru ta' kulleġġi ġudikanti żdied permezz ta' sistema ta' rotazzjoni tal-Imħallfin. Għaldaqstant, awla ta' ħames Imħallfin tippermetti li jiġu komposti sitt kulleġġi ġudikanti.

Fit-tielet lok, il-metodu ta' kompożizzjoni tal-Awla Manja, komposta minn 15-il Imħallef, ġie emendat, sabiex jippermetti lil Imħallfin li ma humiex Presidenti ta' Awla jkollhom sedja fl-Awla Manja suċċessivament. B'differenza mill-metodu ta' kompożizzjoni li kien jipprevedi l-parteċipazzjoni tal-President, tal-Viċi President, tal-Presidenti kollha ta' Awla u tal-Imħallfin tal-awla inizjalment inkarigata minn kawża, il-metodu ta' kompożizzjoni fis-seħħ mis-26 ta' Settembru 2019 jipprevedi l-parteċipazzjoni tal-President, tal-Viċi President, ta' numru limitat ta' presidenti ta' Awla, tal-Imħallfin tal-awla inizjalment inkarigata minn kawża u ta' Mħallfin oħra magħżula alternattivament skont il-grad ta' anzjanità u l-grad ta' anzjanità invertit.

Fir-raba' lok, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li tistabbilixxi ċerta speċjalizzazzjoni tal-awli. Għalhekk, mit-30 ta' Settembru 2019, erba' awli jittrattaw il-kawżi tas-servizz pubbliku [12] u sitt awli jieħdu konjizzjoni tal-kawżi tal-proprjetà intellettwali [13]. Il-kontenzjuż l-ieħor kollu jinqasam bejn l-awli kollha.

12| Dawn huma rikorsi ppreżentati fuq il-bażi tal-Artikolu 270 TFUE u, jekk ikun il-każ, tal-Artikolu 50a tal-Protokoll dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

13| Dawn huma rikorsi ppreżentati kontra d-deċiżjonijiet tal-Bordijiet tal-Appell tal-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) u tal-Uffiċċju Komunitarju tal-Varjetajiet tal-Pjanti (CPVO).

F'dan il-kuntest, u filwaqt li adattatha sabiex tieħu inkunsiderazzjoni l-ispeċjalizzazzjoni relattiva tal-awli, il-Qorti Ġenerali żammet is-sistema ta' assenjazzjoni tal-kawżi prevista mir-Regoli tal-Proċedura tagħha bbażata fuq ir-regola tas-sistema ta' rotazzjoni, bla ħsara għad-derogi mir-regola fuq il-bażi tal-identifikazzjoni ta' konnessjonijiet bejn ċerti kawżi (każijiet ta' kawżi li jkollhom l-istess suġġett jew li jaqgħu taħt l-istess serje jew li jkollhom xebh legali) u t-tqassim ibbilanċjat tal-piż tax-xogħol.

Fil-ħames lok, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li ssaħħaħ il-parteċipazzjoni tal-President u tal-Viċi President fl-attività ġudizzjarja. Għal raġunijiet marbuta mal-portata tar-responsabbiltajiet tagħhom, ġie kkonfermat li l-President u l-Viċi President ma jkunux Imħallfin fil-kariga sħiħa fil-kulleġġ ġudikanti. Min-naħa l-oħra, mis-27 ta' Settembru 2019, il-President jissostitwixxi Mħallef suġġett għal impediment (preċedentement, din is-sostituzzjoni kienet żgurata mill-Viċi President). Barra minn hekk, il-Viċi President, li r-responsabbiltà ewlenija tiegħu tibqa' dik li jikkontribwixxi għall-preżervazzjoni tal-koerenza tal-ġurisprudenza, huwa meħtieġ jassumi sedja f'kulleġġi ġudikanti estiżi ta' ħames Imħallfin fuq il-bażi ta' kawża għal kull awla fis-sena.

Dawn id-deċiżjonijiet kollha meħuda fil-kuntest taż-żieda fin-numru ta' Mħallfin tal-Qorti Ġenerali ġew ippreċeduti minn riflessjonijiet u minn proposti li ħadu sehem fihom ir-Reġistratur u parti mid-dipartiment tiegħu. Dawn ġew ippubblikati kollha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u huma aċċessibbli fis-sit tal-internet Curia [14].

# III. Forom oħra ta' għajnuna lill-qorti

Ir-Reġistru, permezz tar-Reġistratur u tar-rappreżentanti tiegħu, ta assistenza lil diversi korpi tal-qorti (b'mod partikolari l-Konferenza Plenarja, il-Konferenza tal-Presidenti ta' Awla u l-Kumitat "Regoli tal-Proċedura"), kif ukoll lil kumitati u gruppi ta' ħidma oħra skont il-bżonnijiet jew in-natura tas-suġġetti ttrattati (deontoloġija, kwistjonijiet istituzzjonali jew informatiċi).

Barra minn hekk, inbdew proċeduri sabiex tiġi żgurata l-pubblikazzjoni jew it-tixrid ta' atti li jikkonċernaw lill-Qorti Ġenerali. Fl-ewwel lok, ir-Reġistratur ħa ħsieb il-pubblikazzjoni tal-Ġabra tal-ġurisprudenza, il-pubblikazzjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea tad-deċiżjonijiet meħuda mill-Qorti skont ir-Regoli tal-Proċedura u d-diffużjoni fuq l-internet ta' dokumenti li jirrigwardaw il-Qorti Ġenerali. Il-paġna "Proċedura" tal-Qorti Ġenerali fis-sit Curia nżammet perfettament aġġornata. Fit-tieni lok, ittieħdu miżuri skont it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 8(3) tal-Kodiċi ta' Kondotta tal-Membri u l-Ex Membri tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea sabiex jiġu ppubblikati fis-sit tal-internet tal-istituzzjoni l-attivitajiet esterni tal-membri li ġew awtorizzati mill-Qorti Ġenerali fl-2018.

Barra minn hekk, huwa fil-kuntest tal-aċċess għad-deċiżjonijiet ġudizzjarji permezz tal-internet li r-Reġistratur, sa fejn huwa responsabbli għall-pubblikazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali, ġie adit b'diversi talbiet għall-anonimat ex post minn persuni fiżiċi li, peress li kellhom il-kwalità ta' parti quddiem il-Qorti Ġenerali, esprimew ix-xewqa li l-identità tagħhom titħassar mid-deċiżjoni ġudizzjarja tal-Qorti Ġenerali jew minn dik tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea li saret aċċessibbli għall-pubbliku permezz tal-internet. Ir-Reġistratur, identifikat bħala l-persuna responsabbli għall-ipproċessar tad-data personali inkluża fid-deċiżjonijiet wara l-għeluq tal-kawża, ta' deċiżjoni fuq kull waħda mit-talbiet li bihom huwa ġie adit.

14| Kompożizzjoni tal-Awla Manja (ĠU 2019, C 172, p. 2); kriterji ta' assenjazzjoni tal-kawżi lill-awli (ĠU 2019, C 372, p. 2) u metodu ta' nomina tal-Imħallef li jissostitwixxi mħallef suġġett għal impediment (ĠU 2019, C 263, p. 2).

Mingħajr ħsara għar-rimedju kontenzjuż intiż li tiġi kkontestata l-legalità tad-deċiżjoni meħuda f'dan ir-rigward mir-Reġistratur, il-Qorti Ġenerali, b'koerenza ma' dak li sar mill-Qorti tal-Ġustizzja [15], adottat deċiżjoni li tipprevedi t-terminu li fih ir-Reġistratur għandu jieħu pożizzjoni u li tistabbilixxi stħarriġ indipendenti tad-deċiżjonijiet tiegħu minn kumitat kompost minn tliet Imħallfin [16]. B'hekk, Il-Qorti Ġenerali kkonformat ruħha mal-kliem tal-Artikolu 8(3) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, li jipprovdi li "[l]-osservanza [tar-]regoli [fil-qasam tal-protezzjoni tad-data personali] għandha titqiegħed taħt il-kontroll ta' awtorità indipendenti" u ħadet inkunsiderazzjoni l-fatt li l-missjonijiet ta' kontroll tal-Kontrollur Ewropew għall-protezzjoni tad-data ma jestendux għall-ipproċessar tad-data personali li jsir mill-Qorti Ġenerali fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet ġudizzjarji tagħha [17].

# IV. Xogħlijiet amministrattivi

Il-piż tax-xogħol marbut mal-amministrazzjoni tal-qorti żdied b'mod kunsiderevoli. Il-preparazzjoni tal-laqgħat tal-kumitati u tal-gruppi tax-xogħol (aġenda, eżami tal-fajls, redazzjoni ta' minuti jew rapporti mogħtija) li jinżammu bi frekwenza regolari u l-multiplikazzjoni tas-suġġetti amministrattivi li għandhom jiġu ttrattati f'qorti komposta minn iktar minn 300 persuna sal-31 ta' Diċembru 2019 jispjegaw loġikament dan il-fatt.

Barra minn hekk, il-piż tax-xogħol marbut mal-amministrazzjoni tad-dipartiment, mal-ġestjoni tal-uffiċjali u l-membri tal-persunal ta' dan tal-aħħar (proċeduri ta' reklutaġġ, evalwazzjonijiet, eżerċizzju tad-drittijiet statutorji), mal-monitoraġġ tal-evoluzzjonijiet tal-applikazzjonijiet informatiċi, mal-koordinazzjoni, mad-dokumentazzjoni, mal-informazzjoni u mal-komunikazzjoni (inkluża r-riformulazzjoni kompleta tas-sit intranet tar-Reġistru tal-Qorti Ġenerali) baqa' sostanzjali.

Bħala dipartiment amministrattiv, ir-Reġistru wieġeb għad-diversi talbiet oħra indirizzati lilu. Sabiex ikun konformi mar-rekwiżiti regolamentari, ittieħdu miżuri sabiex:

- l-ambjent ikun protett permezz tat-tkomplija tal-azzjonijiet ta' sensibilizzazzjoni, b'mod ikkoordinat ma' atturi amministrattivi differenti oħra tal-istituzzjoni u mal-uffiċċji tal-Imħallfin, fil-kuntest tas-sistema "EMAS" – Eco-Management and Audit Scheme;
- ir-regoli li jirriżultaw mir-Regolament finanzjarju [18] jiġu implimentati;
- jiżgura l-konformità tiegħu mar-Regolament dwar l-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni [19];

15| Deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tal-1 ta' Ottubru 2019 li tistabbilixxi mekkaniżmu intern ta' superviżjoni fil-qasam tal-ipproċessar ta' data personali mill-Qorti tal-Ġustizzja li taġixxi fil-kapaċità ġudizzjarja tagħha (ĠU 2019, C 383, p. 2).

16| Deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali tas-16 ta' Ottubru 2019 li tistabbilixxi mekkaniżmu intern ta' superviżjoni fil-qasam tal-ipproċessar ta' data personali mill-Qorti Ġenerali li taġixxi fil-kapaċità ġudizzjarja tagħha (ĠU 2019, C 383, p. 4).

17| Ara l-Artikolu 57(1)(a) tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU 2018, L 295, p. 39).

18| Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU 2018, L 193, p. 1).

19| Regolament 2018/1725 hawn fuq imsemmi.

- jingħata effett sħiħ lill-mekkaniżmu ta' protezzjoni ta' informazzjoni sensittiva ħafna fil-kuntest ta' kawżi identifikati mill-President tal-Qorti Ġenerali.

Fl-aħħar nett, ir-Reġistru mmobilizza riżorsi sabiex jassisti lid-Direttorat tat-Teknoloġiji tal-Informazzjoni waqt il-preparazzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet ta' proġett informatiku ta' natura istituzzjonali (proġett intiż li jistabbilixxi sistema integrata ta' ġestjoni tal-kawżi).

Il-konformità tad-dokumentazzjoni u tal-proċeduri fi ħdan ir-Reġistru kif ukoll l-involviment tal-uffiċjali u tal-membri tal-persunal fl-oqsma tal-ambjent, tal-protezzjoni tad-data personali u tal-informatika jinsabu fost il-kompiti li kellhom jiġu rrikonċiljati mal-kontribuzzjoni għall-attività ġudizzjarja. Suġġett għal rekwiżit ta' razzjonalizzazzjoni dejjem iktar qawwi filwaqt li l-flessibbiltà u l-aġilità huma neċessarji, ir-Reġistru għalhekk alloka r-riżorsi tiegħu skont ir-realtà tal-bżonnijiet u l-prijoritajiet tal-Qorti Ġenerali kif ukoll l-obbligi regolamentari li huwa għandu josserva bħala dipartiment amministrattiv.



# D | Statistika ġudizzjarja tal-Qorti Ġenerali


**I.** Attività ġenerali tal-Qorti Ġenerali — Kawżi ġodda, magħluqa, pendenti (2015-2019) **289**

**II.** Kawżi ġodda — Natura tal-proċeduri (2015-2019) **290**

**III.** Kawżi ġodda — Natura tar-rikors (2015-2019) **291**

**IV.** Kawżi ġodda — Suġġett tar-rikors (2015-2019) **292**

**V.** Kawżi magħluqa — Natura tal-proċeduri (2015-2019) **293**

**VI.** Kawżi magħluqa — Suġġett tar-rikors (2019) **294**

**VII.** Kawżi magħluqa — Suġġett tar-rikors (2015-2019) **295**

**VIII.** Kawżi magħluqa — Kulleġġ ġudikanti (2015-2019) **296**

**IX.** Kawżi magħluqa — Tul tal-proċeduri f'xhur (2015-2019) **297**

**X.** Tul tal-proċeduri f'xhur (2015-2019)[1] **298**

**XI.** Kawżi pendenti fil-31 ta' Diċembru — Natura tal-proċeduri (2015-2019) **299**

**XII.** Kawżi pendenti fil-31 ta' Diċembru — Suġġett tar-rikors (2015-2019) **300**

**XIII.** Kawżi pendenti fil-31 ta' Diċembru — Kulleġġ ġudikanti (2015-2019) **301**

**XIV.** Varji — Proċeduri għal miżuri provviżorji (2015-2019) **302**

**XV.** Varji — Proċeduri mħaffa (2015-2019) [1] **303**

**XVI.** Varji — Deċiżjonijiet tal-Qorti Ġenerali li minnhom sar appell quddiem ilQorti tal-Ġustizzja (1990-2019) **304**

**XVII.** Varji — Tqassim tal-appelli quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja skont in-natura tal-proċeduri (2015-2019) **305**

**XVIII.** Varji — Eżitu tal-appelli quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja (2019) **306**

**XIX.** Varji — Eżitu tal-appelli quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja (2015-2019) **307**

**XX.** Varji — Żvilupp Ġenerali (1989-2019) **308**

**XXI.** Attività tar-Reġistru tal-Qorti Ġenerali (2015-2019) **309**

**XXII.** Metodi ta' preżentata ta' atti proċedurali quddiem il-Qorti Ġenerali **310**

**XXIII.** Paġni ppreżentati bl-e-Curia (2015-2019) **311**

**XXIV.** Komunikazzjonijiet lill-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (2015-2019) **312**

**XXV.** Kawżi mismugħa (2015-2019) **313**

## I. Attività ġenerali tal-Qorti Ġenerali — Kawżi ġodda, magħluqa, pendenti (2015-2019) [1] [2]




| | 2015 | 2016 | 2017 | 2018 | 2019 |
|---|---|---|---|---|---|
| Kawżi ġodda | 831 | 974 | 917 | 834 | 939 |
| Kawżi magħluqa | 987 | 755 | 895 | 1 009 | 874 |
| Kawżi pendenti | 1 267 | 1 486 | 1 508 | 1 333 | 1 398 |

1| Sakemm ma huwiex indikat mod ieħor, din it-tabella u t-tabelli fil-paġni li ġejjin jieħdu inkunsiderazzjoni l-proċeduri partikolari. Huma meqjusa li huma "proċeduri partikolari" l-oppożizzjoni għal sentenza fil-kontumaċja (Artikolu 41 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja; Artikolu 166 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali); l-oppożizzjoni minn terzi (Artikolu 42 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja; Artikolu 167 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali); l-interpretazzjoni (Artikolu 43 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja; Artikolu 168 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali); ir-reviżjoni (Artikolu 44 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja; Artikolu 169 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali); l-għajnuna legali (Artikolu 148 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali); ir-rettifika (Artikolu 164 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali); in-nuqqas li tingħata deċiżjoni (Artikolu 165 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali) u l-kontestazzjoni dwar l-ispejjeż li jistgħu jinġabru (Artikolu 170 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali).

2| Sakemm ma huwiex indikat mod ieħor, din it-tabella u t-tabelli fil-paġni li ġejjin ma jiħdux inkunsiderazzjoni l-proċeduri għal miżuri provviżorji.

## II. Kawżi ġodda — Natura tal-proċeduri (2015-2019)




| | 2015 | 2016 [1] | 2017 | 2018 | 2019 |
|---|---|---|---|---|---|
| Għajnuna mill-Istat | 73 | 76 | 39 | 42 | 134 |
| Kompetizzjoni | 17 | 18 | 38 | 28 | 23 |
| Servizz pubbliku | | 163 | 86 | 93 | 87 |
| Proprjetà intellettwali | 302 | 336 | 298 | 301 | 270 |
| Rikorsi diretti oħra | 292 | 239 | 346 | 268 | 334 |
| Appelli | 36 | 39 | | | |
| Proċeduri partikolari | 111 | 103 | 110 | 102 | 91 |
| **Total** | **831** | **974** | **917** | **834** | **939** |

1| Fl-1 ta' Settembru 2016, 123 kawża tas-servizz pubbliku u 16-il proċedura partikolari f'dan il-qasam ġew ittrasferiti lill-Qorti Ġenerali.

## III. Kawżi ġodda — Natura tar-rikors (2015-2019)




| | 2015 | 2016 | 2017 | 2018 | 2019 |
|---|---|---|---|---|---|
| Rikorsi għal annullament | 332 | 297 | 371 | 288 | 445 |
| Rikorsi għal nuqqas li tittieħed azzjoni | 5 | 7 | 8 | 14 | 14 |
| Rikorsi għad-danni | 30 | 19 | 23 | 29 | 24 |
| Rikorsi fil-każ ta' klawżoli ta' arbitraġġ | 15 | 10 | 21 | 7 | 8 |
| Proprjetà intellettwali | 302 | 336 | 298 | 301 | 270 |
| Servizz pubbliku | | 163 | 86 | 93 | 87 |
| Appelli | 36 | 39 | | | |
| Proċeduri partikolari | 111 | 103 | 110 | 102 | 91 |
| **Total** | **831** | **974** | **917** | **834** | **939** |

## IV. Kawżi ġodda — Suġġett tar-rikors (2015-2019)

| | 2015 | 2016 | 2017 | 2018 | 2019 |
|---|---|---|---|---|---|
| Aċċess għal dokumenti | 48 | 19 | 25 | 21 | 17 |
| Agrikoltura | 37 | 20 | 22 | 25 | 12 |
| Ambjent | 5 | 6 | 8 | 7 | 10 |
| Approssimazzjoni tal-liġijiet | 1 | 1 | 5 | 3 | 2 |
| Azzjoni esterna tal-Unjoni Ewropea | 1 | 2 | 2 | 2 | 6 |
| Ċittadinanza tal-Unjoni | | | | | 1 |
| Dispożizzjonijiet finanzjarji (baġit, kuntest finanzjarju, riżorsi proprji, ġlieda kontra l-frodi) | 7 | 4 | 5 | 4 | 5 |
| Dritt Istituzzjonali | 53 | 52 | 65 | 71 | 148 |
| Dritt tal-kumpanniji | 1 | | | | |
| Edukazzjoni, taħriġ professjonali, żgħażagħ u sport | 3 | 1 | | 1 | 1 |
| Enerġija | 3 | 4 | 8 | 1 | 8 |
| Għajnuna mill-Istat | 73 | 76 | 39 | 42 | 134 |
| Klawżola ta' arbitraġġ | 15 | 10 | 21 | 7 | 8 |
| Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali | 5 | 2 | 3 | | 3 |
| Kompetizzjoni | 17 | 18 | 38 | 28 | 23 |
| Kultura | | 1 | | | |
| Kuntratti pubbliċi | 23 | 9 | 19 | 15 | 10 |
| Libertà li jiġu pprovduti servizzi | | 1 | | | |
| Libertà ta' stabbiliment | | | | 1 | |
| Miżuri restrittivi (Azzjoni esterna) | 55 | 28 | 27 | 40 | 42 |
| Moviment liberu tal-kapital | 2 | 1 | | 1 | |
| Moviment liberu tal-merkanzija | 2 | 1 | | | |
| Moviment liberu tal-persuni | 1 | 1 | 1 | 1 | 2 |
| Netwerks trans-Ewropej | | | 2 | 1 | 1 |
| Politika barranija u ta' sigurtà komuni | | 1 | | | 1 |
| Politika ekonomika u monetarja | 3 | 23 | 98 | 27 | 24 |
| Politika komuni tas-sajd | | 1 | 2 | 3 | |
| Politika kummerċjali | 6 | 17 | 14 | 15 | 13 |
| Politika soċjali | | 1 | | 1 | 1 |
| Proprjetà intellettwali u industrijali | 303 | 336 | 298 | 301 | 270 |
| Protezzjoni tal-konsumaturi | 2 | 1 | | 1 | 1 |
| Reġistrazzjoni, valutazzjoni, awtorizzazzjoni u restrizzjonijiet applikabbli għas-sustanzi kimiċi (REACH) | 5 | 6 | 10 | 4 | 6 |
| Riċerka, żvilupp teknoloġiku u spazju | 10 | 8 | 2 | 1 | 3 |
| Saħħa pubblika | 2 | 6 | 5 | 9 | 5 |
| Spazju ta' libertà, ta' sigurtà u ta' ġustizzja | | 7 | | 2 | 1 |
| Tassazzjoni | 1 | 2 | 1 | 2 | |
| Trasport | | | | 1 | 1 |
| Unjoni doganali u Tariffa doganali komuni | | 3 | 1 | | 2 |
| **Total Trattat KE/TFUE** | **684** | **669** | **721** | **638** | **761** |
| Regolamenti tal-Persunal | 36 | 202 | 86 | 94 | 87 |
| Proċeduri partikolari | 111 | 103 | 110 | 102 | 91 |
| **TOTAL ĠENERALI** | **831** | **974** | **917** | **834** | **939** |

### V. Kawżi magħluqa — Natura tal-proċeduri (2015-2019)




| | 2015 | 2016 | 2017 | 2018 | 2019 |
|---|---|---|---|---|---|
| Għajnuna mill-Istat | 101 | 50 | 24 | 79 | 75 |
| Kompetizzjoni | 52 | 36 | 18 | 44 | 27 |
| Servizz pubbliku | | 5 | 66 | 110 | 107 |
| Proprjetà intellettwali | 387 | 288 | 376 | 349 | 318 |
| Rikorsi diretti oħra | 311 | 266 | 237 | 311 | 260 |
| Appelli | 37 | 26 | 40 | 9 | |
| Proċeduri partikolari | 99 | 84 | 134 | 107 | 87 |
| **Total** | **987** | **755** | **895** | **1 009** | **874** |

## VI. Kawżi magħluqa — Suġġett tar-rikors (2019)

| | Sentenzi | Digrieti | Total |
|---|---|---|---|
| Aċċess għal dokumenti | 10 | 7 | 17 |
| Agrikoltura | 23 | 10 | 33 |
| Ambjent | | 6 | 6 |
| Approssimazzjoni tal-liġijiet | 2 | 2 | 4 |
| Azzjoni esterna tal-Unjoni Ewropea | 1 | 2 | 3 |
| Ċittadinanza tal-Unjoni | | 1 | 1 |
| Dispożizzjonijiet finanzjarji (baġit, kuntest finanzjarju, riżorsi proprji, ġlieda kontra l-frodi) | 1 | 3 | 4 |
| Dritt Istituzzjonali | 23 | 48 | 71 |
| Dritt tal-kumpanniji | 1 | | 1 |
| Enerġija | 3 | | 3 |
| Għajnuna mill-Istat | 50 | 25 | 75 |
| Klawżola ta' arbitraġġ | 13 | | 13 |
| Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali | 2 | | 2 |
| Kompetizzjoni | 18 | 9 | 27 |
| Kuntratti pubbliċi | 13 | 4 | 17 |
| Libertà ta' stabbiliment | | 1 | 1 |
| Miżuri restrittivi (Azzjoni esterna) | 29 | 1 | 30 |
| Moviment liberu tal-kapital | | 1 | 1 |
| Moviment liberu tal-persuni | | 1 | 1 |
| Netwerks trans-Ewropej | 1 | 1 | 2 |
| Politika ekonomika u monetarja | 7 | 6 | 13 |
| Politika kummerċjali | 10 | 2 | 12 |
| Politika soċjali | 1 | | 1 |
| Proprjetà intellettwali u industrijali | 260 | 58 | 318 |
| Protezzjoni tal-konsumaturi | | 1 | 1 |
| Reġistrazzjoni, valutazzjoni, awtorizzazzjoni u restrizzjonijiet applikabbli għas-sustanzi kimiċi (REACH) | 9 | 1 | 10 |
| Riċerka, żvilupp teknoloġiku u spazju | 2 | 1 | 3 |
| Saħħa pubblika | 3 | 4 | 7 |
| Tassazzjoni | | 2 | 2 |
| **Total Trattat KE/TFUE** | **482** | **197** | **679** |
| Regolamenti tal-Persunal | 71 | 37 | 108 |
| Proċeduri partikolari | 1 | 86 | 87 |
| **TOTAL ĠENERALI** | **554** | **320** | **874** |

## VII. Kawżi magħluqa — Suġġett tar-rikors (2015-2019) (Sentenzi u digrieti)

| | 2015 | 2016 | 2017 | 2018 | 2019 |
|---|---|---|---|---|---|
| Aċċess għal dokumenti | 21 | 13 | 14 | 67 | 17 |
| Adeżjoni ta’ Stati ġodda | 1 | | | | |
| Agrikoltura | 32 | 34 | 21 | 25 | 33 |
| Ambjent | 18 | 4 | 3 | 11 | 6 |
| Approssimazzjoni tal-liġijiet | | 1 | 2 | 1 | 4 |
| Azzjoni esterna tal-Unjoni Ewropea | 2 | | 4 | 2 | 3 |
| Ċittadinanza tal-Unjoni | | | | | 1 |
| Dispożizzjonijiet finanzjarji (baġit, kuntest finanzjarju, riżorsi proprji, ġlieda kontra l-frodi) | 5 | 1 | 5 | 5 | 4 |
| Dritt Istituzzjonali | 58 | 46 | 54 | 64 | 71 |
| Dritt tal-kumpanniji | 1 | | | | 1 |
| Edukazzjoni, taħriġ professjonali, żgħażagħ u sport | | 1 | | 3 | |
| Enerġija | 1 | 3 | 3 | 6 | 3 |
| Għajnuna mill-Istat | 101 | 50 | 24 | 79 | 75 |
| Klawżola ta’ arbitraġġ | 2 | 17 | 17 | 7 | 13 |
| Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali | 6 | 1 | 12 | 4 | 2 |
| Kompetizzjoni | 52 | 36 | 18 | 44 | 27 |
| Kultura | | 1 | 1 | | |
| Kuntratti pubbliċi | 22 | 20 | 16 | 20 | 17 |
| Libertà li jiġu pprovduti servizzi | | 1 | | | |
| Libertà ta’ stabbiliment | 1 | | | | 1 |
| Miżuri restrittivi (Azzjoni esterna) | 60 | 70 | 26 | 42 | 30 |
| Moviment liberu tal-kapital | 2 | 1 | | | 1 |
| Moviment liberu tal-merkanzija | 2 | 1 | | | |
| Moviment liberu tal-persuni | 1 | | 2 | 1 | 1 |
| Netwerks trans-Ewropej | | 2 | | 1 | 2 |
| Politika barranija u ta’ sigurtà komuni | 1 | | | 1 | |
| Politika ekonomika u monetarja | 9 | 2 | 6 | 16 | 13 |
| Politika industrijali | 2 | | | | |
| Politika komuni tas-sajd | 3 | 2 | 2 | 2 | |
| Politika kummerċjali | 24 | 21 | 15 | 10 | 12 |
| Politika soċjali | | 1 | | 1 | 1 |
| Proprjetà intellettwali u industrijali | 388 | 288 | 376 | 349 | 318 |
| Protezzjoni tal-konsumaturi | 2 | 1 | 1 | 1 | 1 |
| Reġistrazzjoni, valutazzjoni, awtorizzazzjoni u restrizzjonijiet applikabbli għas-sustanzi kimiċi (REACH) | 9 | 8 | 4 | 4 | 10 |
| Riċerka, żvilupp teknoloġiku u spazju | 2 | 6 | 12 | 7 | 3 |
| Saħħa pubblika | 15 | 3 | 3 | 5 | 7 |
| Spazju ta’ libertà, ta' sigurtà u ta' ġustizzja | | | 5 | 3 | |
| Tassazzjoni | 1 | | 3 | | 2 |
| Trasport | 3 | | | 1 | |
| Unjoni doganali u Tariffa doganali komuni | 4 | 3 | 5 | 1 | |
| **Total Trattat KE/TFUE** | **851** | **638** | **654** | **783** | **679** |
| Regolamenti tal-Persunal | 37 | 33 | 107 | 119 | 108 |
| Proċeduri partikolari | 99 | 84 | 134 | 107 | 87 |
| **TOTAL ĠENERALI** | **987** | **755** | **895** | **1 009** | **874** |

## VIII. Kawżi magħluqa — Kulleġġ ġudikanti (2015-2019)




| | 2015 | | | 2016 | | | 2017 | | | 2018 | | | 2019 | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Sentenzi | Digrieti | Total | Sentenzi | Digrieti | Total | Sentenzi | Digrieti | Total | Sentenzi | Digrieti | Total | Sentenzi | Digrieti | Total |
| Awla Manja | | | | | | | | | | | | | | 1 | 1 |
| Awla tal-Appell | 23 | 14 | 37 | 25 | 13 | 38 | 29 | 17 | 46 | 9 | 2 | 11 | | 2 | 2 |
| President tal-Qorti Ġenerali | | 44 | 44 | | 46 | 46 | | 80 | 80 | | 43 | 43 | | 47 | 47 |
| Awli b'ħames Imħallfin | 8 | 3 | 11 | 10 | 2 | 12 | 13 | 5 | 18 | 84 | 3 | 87 | 50 | 9 | 59 |
| Awli bi tliet Imħallfin | 538 | 348 | 886 | 408 | 246 | 654 | 450 | 301 | 751 | 546 | 317 | 863 | 499 | 261 | 760 |
| Imħallef uniku | 1 | 8 | 9 | 5 | | 5 | | | | 5 | | 5 | 5 | | 5 |
| **Total** | **570** | **417** | **987** | **448** | **307** | **755** | **492** | **403** | **895** | **644** | **365** | **1009** | **554** | **320** | **874** |

## IX. Kawżi magħluqa — Tul tal-proċeduri f'xhur (2015-2019) [1]
## (Sentenzi u digrieti)




| | 2015 | 2016 | 2017 | 2018 | 2019 |
|---|---|---|---|---|---|
| Għajnuna mill-Istat | 17.4 | 27.2 | 25.5 | 32 | 26.4 |
| Kompetizzjoni | 47.7 | 38.2 | 21.6 | 38.3 | 27 |
| Servizz pubbliku | | | 8.9 | 15.6 | 15.2 |
| Proprjetà intellettwali | 18.1 | 15.1 | 14.5 | 15 | 13 |
| Rikorsi diretti oħra | 20.9 | 18.6 | 18.7 | 21 | 18.5 |
| Appelli | 14.8 | 15.8 | 14.1 | 21.4 | |
| **Kawżi kollha** | **20.6** | **18.7** | **16.3** | **20** | **16.9** |

### Tul tal-proċeduri (f'xhur)
### Il-kawżi kollha deċiżi permezz ta' sentenza jew ta' digriet




1| It-tul tal-proċeduri huwa espress f'termini ta' xhur u ta' wieħed minn kull għaxra ta' xahar. Il-kalkolu tat-tul medju tal-proċeduri ma jiħux inkunsiderazzjoni: il-kawżi li fihom id-deċiżjoni ttieħdet permezz ta' sentenza interlokutorja; il-proċeduri partikolari; l-appelli mid-digriet għal miżuri provviżorji jew dwar intervent; kawżi tas-servizz pubbliku ttrasferiti lill-Qorti Ġenerali fl-1 ta' Settembru 2016.
It-tul medju tal-kawżi tas-servizz pubbliku ttrasferiti lill-Qorti Ġenerali fl-1 ta' Settembru 2016 u deċiżi mill-Qorti Ġenerali permezz ta' sentenza jew ta' digriet huwa ta' 20.7 xhur (bil-perijodu quddiem it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku u l-perijodu quddiem il-Qorti Ġenerali meħuda inkunsiderazzjoni).

## X. Tul tal-proċeduri f'xhur (2015-2019) [1]
(Sentenzi)




| | 2015 | 2016 | 2017 | 2018 | 2019 |
|---|---|---|---|---|---|
| Għajnuna mill-Istat | 34 | 32.6 | 30.7 | 36.7 | 32.5 |
| Kompetizzjoni | 49.3 | 38.6 | 26.4 | 42 | 34.4 |
| Servizz pubbliku | | | 11.9 | 18.3 | 18.1 |
| Proprjetà intellettwali | 19.3 | 16.5 | 16.6 | 16.5 | 14 |
| Rikorsi diretti oħra | 29.2 | 26.1 | 24.9 | 26.5 | 24.5 |
| Appelli | 19.3 | 16 | 14.8 | 21.3 | |
| **Kawżi kollha** | **25.7** | **22.1** | **19.5** | **23.3** | **19.7** |

### Tul tal-proċeduri (f'xhur)
### Il-kawżi kollha deċiżi permezz ta' sentenza




1| It-tul tal-proċeduri huwa espress f'termini ta' xhur u ta' wieħed minn kull għaxra ta' xahar. Il-kalkolu tat-tul medju tal-proċeduri ma jiħux inkunsiderazzjoni: il-kawżi li fihom id-deċiżjoni ttieħdet permezz ta' sentenza interlokutorja; il-proċeduri partikolari; l-appelli mid-digriet għal miżuri provviżorji jew dwar intervent; kawżi tas-servizz pubbliku ttrasferiti lill-Qorti Ġenerali fl-1 ta' Settembru 2016.
It-tul medju tal-kawżi tas-servizz pubbliku ttrasferiti lill-Qorti Ġenerali fl-1 ta' Settembru 2016 u deċiżi mill-Qorti Ġenerali permezz ta' sentenza huwa ta' 23.7 xhur (bil-perijodi quddiem it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku u u dak quddiem il-Qorti Ġenerali meħuda inkunsiderazzjoni).

### XI. Kawżi pendenti fil-31 ta' Diċembru — Natura tal-proċeduri (2015-2019)




| | 2015 | 2016 | 2017 | 2018 | 2019 |
|---|---|---|---|---|---|
| Għajnuna mill-Istat | 215 | 241 | 256 | 219 | 278 |
| Kompetizzjoni | 82 | 64 | 84 | 68 | 64 |
| Servizz pubbliku | | 158 | 178 | 161 | 141 |
| Proprjetà intellettwali | 400 | 448 | 370 | 322 | 274 |
| Rikorsi diretti oħra | 488 | 461 | 570 | 527 | 601 |
| Appelli | 36 | 49 | 9 | | |
| Proċeduri partikolari | 46 | 65 | 41 | 36 | 40 |
| **Total** | **1 267** | **1 486** | **1 508** | **1 333** | **1 398** |

## XII. Kawżi pendenti fil-31 ta' Diċembru — Suġġett tar-rikors (2015-2019)

| | 2015 | 2016 | 2017 | 2018 | 2019 |
|---|---|---|---|---|---|
| Aċċess għal dokumenti | 59 | 65 | 76 | 30 | 30 |
| Agrikoltura | 56 | 42 | 43 | 43 | 22 |
| Ambjent | 5 | 7 | 12 | 8 | 12 |
| Approssimazzjoni tal-liġijiet | 1 | 1 | 4 | 6 | 4 |
| Azzjoni esterna tal-Unjoni Ewropea | 2 | 4 | 2 | 2 | 5 |
| Dispożizzjonijiet finanzjarji (baġit, kuntest finanzjarju, riżorsi proprji, ġlieda kontra l-frodi) | 7 | 10 | 10 | 9 | 10 |
| Dritt Istituzzjonali | 79 | 85 | 96 | 103 | 180 |
| Dritt tal-kumpanniji | 1 | 1 | 1 | 1 | |
| Edukazzjoni, taħriġ professjonali, żgħażagħ u sport | 3 | 3 | 3 | 1 | 2 |
| Enerġija | 3 | 4 | 9 | 4 | 9 |
| Għajnuna mill-Istat | 215 | 241 | 256 | 219 | 278 |
| Klawżola ta' arbitraġġ | 30 | 23 | 27 | 27 | 22 |
| Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali | 14 | 15 | 6 | 2 | 3 |
| Kompetizzjoni | 82 | 64 | 84 | 68 | 64 |
| Kultura | 1 | 1 | | | |
| Kuntratti pubbliċi | 35 | 24 | 27 | 22 | 15 |
| Libertà ta' stabbiliment | | | | 1 | |
| Miżuri restrittivi (Azzjoni esterna) | 103 | 61 | 62 | 60 | 72 |
| Moviment liberu tal-kapital | | | | 1 | |
| Moviment liberu tal-persuni | | 1 | | | 1 |
| Netwerks trans-Ewropej | 2 | | 2 | 2 | 1 |
| Politika barranija u ta' sigurtà komuni | | 1 | 1 | | 1 |
| Politika ekonomika u monetarja | 3 | 24 | 116 | 127 | 138 |
| Politika komuni tas-sajd | 2 | 1 | 1 | 2 | 2 |
| Politika kummerċjali | 40 | 36 | 35 | 40 | 41 |
| Politika soċjali | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 |
| Proprjetà intellettwali u industrijali | 400 | 448 | 370 | 322 | 274 |
| Protezzjoni tal-konsumaturi | 2 | 2 | 1 | 1 | 1 |
| Reġistrazzjoni, valutazzjoni, awtorizzazzjoni u restrizzjonijiet applikabbli għas-sustanzi kimiċi (REACH) | 10 | 8 | 14 | 14 | 10 |
| Riċerka, żvilupp teknoloġiku u spazju | 17 | 19 | 9 | 3 | 3 |
| Saħħa pubblika | 4 | 7 | 9 | 13 | 11 |
| Spazju ta' libertà, ta' sigurtà u ta' ġustizzja | | 7 | 2 | 1 | 2 |
| Tassazzjoni | | 2 | | 2 | |
| Trasport | | | | | 1 |
| Unjoni doganali u Tariffa doganali komuni | 5 | 5 | 1 | | 2 |
| **Total Trattat KE/TFUE** | **1 182** | **1 213** | **1 280** | **1 135** | **1 217** |
| Regolamenti tal-Persunal | 39 | 208 | 187 | 162 | 141 |
| Proċeduri partikolari | 46 | 65 | 41 | 36 | 40 |
| **TOTAL ĠENERALI** | **1 267** | **1 486** | **1 508** | **1 333** | **1 398** |

## XIII. Kawżi pendenti fil-31 ta' Diċembru — Kulleġġ ġudikanti (2015-2019)




| | 2015 | 2016 | 2017 | 2018 | 2019 |
|---|---|---|---|---|---|
| Awla Manja | | | | 1 | |
| Awla tal-Appell | 48 | 51 | 11 | 1 | |
| President tal-Qorti Ġenerali | 12 | 12 | 1 | 1 | 9 |
| Awli b'ħames Imħallfin | 6 | 23 | 100 | 77 | 88 |
| Awli bi tliet Imħallfin | 1099 | 1253 | 1323 | 1187 | 1218 |
| Imħallef uniku | 1 | | | 2 | |
| Mhux assenjati | 101 | 147 | 73 | 64 | 83 |
| **Total** | **1267** | **1486** | **1508** | **1333** | **1398** |

## XIV. Varji — Proċeduri għal miżuri provviżorji (2015-2019)




**2019**

| | Proċeduri għal miżuri provviżorji ġodda | Proċeduri għal miżuri provviżorji magħluqa | Eżitu tad-deċiżjoni | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | Ftehim | Tħassir/Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni | Irrifjutati |
| Agrikoltura | 4 | 8 | | 1 | 7 |
| Ambjent | 1 | 1 | | | 1 |
| Dispożizzjonijiet finanzjarji (baġit, kuntest finanzjarju, riżorsi proprji, ġlieda kontra l-frodi) | | 1 | | | 1 |
| Dritt Istituzzjonali | 6 | 4 | | 1 | 3 |
| Għajnuna mill-Istat | 4 | 3 | | 1 | 2 |
| Kompetizzjoni | 2 | 1 | | | 1 |
| Kuntratti pubbliċi | 6 | 3 | | | 3 |
| Moviment liberu tal-persuni | 1 | | | | |
| Politika ekonomika u monetarja | 1 | 1 | | | 1 |
| Reġistrazzjoni, valutazzjoni, awtorizzazzjoni u restrizzjonijiet applikabbli għas-sustanzi kimiċi (REACH) | 2 | 1 | | | 1 |
| Regolamenti tal-Persunal | 5 | 6 | | | 6 |
| Saħħa pubblika | 3 | 4 | | | 4 |
| Spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja | 1 | 1 | | | 1 |
| Unjoni doganali u Tariffa doganali komuni | 1 | | | | |
| **Total** | **37** | **34** | | **3** | **31** |

## XV. Varji — Proċeduri mħaffa (2015-2019) [1]




| | 2015 | | | | | 2016 | | | | | 2017 | | | | | 2018 | | | | | 2019 | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Eżitu tad-deċiżjoni | | | | | Eżitu tad-deċiżjoni | | | | | Eżitu tad-deċiżjoni | | | | | Eżitu tad-deċiżjoni | | | | | Eżitu tad-deċiżjoni | | |
| | **ex officio** | **Ġodda** | Ammessi | Miċħuda | Mingħajr tkomplija [2] | **ex officio** | **Ġodda** | Ammessi | Miċħuda | Mingħajr tkomplija [2] | **ex officio** | **Ġodda** | Ammessi | Miċħuda | Mingħajr tkomplija [2] | **ex officio** | **Ġodda** | Ammessi | Miċħuda | Mingħajr tkomplija [2] | **ex officio** | **Ġodda** | Ammessi | Miċħuda | Mingħajr tkomplija [2] |
| Aċċess għal dokumenti | | 2 | | 2 | | | 2 | | 2 | | | 2 | | 1 | | | | | 1 | | | 2 | | 2 | |
| Agrikoltura | | 1 | | 1 | | | | | | | | | | | | | 1 | | 1 | | | | | | |
| Ambjent | | | 1 | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Azzjoni esterna tal-Unjoni Ewropea | | 1 | | 1 | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Dispożizzjonijiet finanzjarji (baġit, kuntest finanzjarju, riżorsi proprji, ġlieda kontra l-frodi) | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | 1 | | | |
| Dritt Istituzzjonali | | 2 | | | 2 | | 2 | | 2 | | | 5 | | 4 | 1 | | | | | | | 2 | | 1 | 1 |
| Għajnuna mill-Istat | | 3 | | 2 | | | | | 2 | | | | | | | | | | | | | 2 | | 2 | |
| Kompetizzjoni | | | | | | | 1 | | 1 | | | 1 | | 1 | | | 3 | 1 | 2 | | | 2 | | 1 | |
| Kuntratti pubbliċi | 1 | 1 | | | 1 | | 1 | | 1 | | | 1 | | 1 | | | | | | | | | | | |
| Miżuri restrittivi (Azzjoni esterna) | | 4 | | 4 | | | 1 | | 1 | | | | | | | | | | | | | 1 | | 1 | |
| Moviment liberu tal-kapital | | 2 | | | 2 | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Moviment liberu tal-merkanzija | | | | | | | 1 | | | 1 | | | | | | | | | | | | | | | |
| Politika ekonomika u monetarja | | 1 | | 1 | | | | | | | | | | | | | 1 | | 1 | | | | | | |
| Politika kummerċjali | | | | | | | 1 | | 1 | | | | | | | | | | | | | 1 | | 1 | |
| Proprjetà intellettwali u industrijali | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | 5 | | | |
| Protezzjoni tal-konsumaturi | | | | | | | | | | | | | | | | | 1 | | | | | | | | 1 |
| Regolamenti tal-Persunal | | 1 | | 1 | | | 1 | | 1 | | | 1 | | 1 | | | 2 | | 2 | | | | | | |
| Saħħa pubblika | | | | | | | 1 | | 1 | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Spazju ta' libertà, ta' sigurtà u ta' ġustizzja | | | | | | | 3 | 3 | | | | | | | | | 1 | | | 1 | | | | | |
| **Total** | **1** | **18** | **1** | **12** | **5** | | **14** | **3** | **12** | **1** | | **10** | | **8** | **1** | | **9** | **1** | **7** | **1** | | **16** | | **8** | **2** |

1| It-trattament imħaffef ta' kawża quddiem il-Qorti Ġenerali jista' jiġi awtorizzat fuq talba ta' parti prinċipali u, mill-1 ta' Lulju 2015, ex officio mill-Qorti Ġenerali.

2| Il-każijiet segwenti jaqgħu taħt il-kategorija "mingħajr tkomplija": l-irtirar tat-talba, ir-rinunzja għall-atti u l-każi li fihom ir-rikors jiġi deċiż permezz ta' digriet anki qabel ma tittieħed deċiżjoni fuq it-talba għal proċedura mħaffa.

## XVI. Varji — Deċiżjonijiet tal-Qorti Ġenerali li minnhom sar appell quddiem ilQorti tal-Ġustizzja (1990-2019)




| | Numru ta' deċiżjonijiet li minnhom sar appell | Total tad-deċiżjonijiet li jistgħu jiġu kkontestati [1] | Perċentwali ta' deċiżjonijiet li minnhom sar appell |
|---|---|---|---|
| **1990** | 16 | 46 | 35 % |
| **1991** | 13 | 62 | 21 % |
| **1992** | 25 | 86 | 29 % |
| **1993** | 17 | 73 | 23 % |
| **1994** | 12 | 105 | 11 % |
| **1995** | 47 | 143 | 33 % |
| **1996** | 27 | 133 | 20 % |
| **1997** | 35 | 139 | 25 % |
| **1998** | 67 | 224 | 30 % |
| **1999** | 60 | 180 | 33 % |
| **2000** | 67 | 225 | 30 % |
| **2001** | 69 | 230 | 30 % |
| **2002** | 47 | 225 | 21 % |
| **2003** | 66 | 260 | 25 % |
| **2004** | 53 | 261 | 20 % |
| **2005** | 64 | 297 | 22 % |
| **2006** | 77 | 281 | 27 % |
| **2007** | 78 | 290 | 27 % |
| **2008** | 84 | 339 | 25 % |
| **2009** | 92 | 371 | 25 % |
| **2010** | 98 | 338 | 29 % |
| **2011** | 158 | 533 | 30 % |
| **2012** | 132 | 514 | 26 % |
| **2013** | 144 | 510 | 28 % |
| **2014** | 110 | 561 | 20 % |
| **2015** | 203 | 761 | 27 % |
| **2016** | 163 | 626 | 26 % |
| **2017** | 137 | 616 | 22 % |
| **2018** | 194 | 714 | 27 % |
| **2019** | 255 | 851 | 30 % |

1| Total ta' deċiżjonijiet li jistgħu jiġu kkontestati — sentenzi, digrieti għal miżuri provviżorji u ta' rifjut ta' intervent, u kull digriet li jtemm l-istanza ħlief id-digrieti ta' tħassir u ta' trasferiment — li t-terminu għall-appell tagħhom skada jew li tressaq appell minnhom.

## XVII. Varji — Tqassim tal-appelli quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja skont in-natura tal-proċeduri (2015-2019)

| | 2015 | | | 2016 | | | 2017 | | | 2018 | | | 2019 | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | Deċiżjonijiet li kienu s-suġġett ta' appell | Deċiżjonijiet li jistgħu jiġu kkontestati | **Appelli f'perċentwali** | Deċiżjonijiet li kienu s-suġġett ta' appell | Deċiżjonijiet li jistgħu jiġu kkontestati | **Appelli f'perċentwali** | Deċiżjonijiet li kienu s-suġġett ta' appell | Deċiżjonijiet li jistgħu jiġu kkontestati | **Appelli f'perċentwali** | Deċiżjonijiet li kienu s-suġġett ta' appell | Deċiżjonijiet li jistgħu jiġu kkontestati | **Appelli f'perċentwali** | Deċiżjonijiet li kienu s-suġġett ta' appell | Deċiżjonijiet li jistgħu jiġu kkontestati | **Appelli f'perċentwali** |
| Għajnuna mill-Istat | 22 | 75 | **29 %** | 23 | 56 | **41 %** | 8 | 25 | **32 %** | 20 | 55 | **36 %** | 38 | 86 | **44 %** |
| Kompetizzjoni | 32 | 61 | **52 %** | 17 | 41 | **41 %** | 5 | 17 | **29 %** | 21 | 35 | **60 %** | 28 | 40 | **70 %** |
| Servizz pubbliku | | | | | | | 8 | 37 | **22 %** | 15 | 79 | **19 %** | 32 | 110 | **29 %** |
| Proprjetà intellettwali | 64 | 333 | **19 %** | 48 | 276 | **17 %** | 52 | 298 | **17 %** | 68 | 295 | **23 %** | 57 | 315 | **18 %** |
| Rikorsi diretti oħra | 85 | 290 | **29 %** | 75 | 253 | **30 %** | 61 | 236 | **26 %** | 69 | 249 | **28 %** | 97 | 297 | **33 %** |
| Appelli | | 2 | | | | | | | | | | | | | |
| Proċeduri partikolari | | | | | | | 3 | 3 | **100 %** | 1 | 1 | **100 %** | 3 | 3 | **100 %** |
| **Total** | **203** | **761** | **27 %** | **163** | **626** | **26 %** | **137** | **616** | **22 %** | **194** | **714** | **27 %** | **255** | **851** | **30 %** |

## XVIII. Varji — Eżitu tal-appelli quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja (2019) (Sentenzi u digrieti)

| | Appell miċħud | Annullament totali jew parzjali mingħajr rinviju | Annullament totali jew parzjali b'rinviju | Tħassir/Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni | Total |
|---|---|---|---|---|---|
| Aċċess għal dokumenti | 4 | 1 | | 1 | **6** |
| Agrikoltura | 6 | 2 | 1 | | **9** |
| Ambjent | 3 | | | | **3** |
| Approssimazzjoni tal-liġijiet | 1 | | | | **1** |
| Azzjoni esterna tal-Unjoni Ewropea | | 1 | | | **1** |
| Dispożizzjonijiet finanzjarji (baġit, kuntest finanzjarju, riżorsi proprji, ġlieda kontra l-frodi) | | | 1 | | **1** |
| Dritt Istituzzjonali | 24 | 1 | 2 | | **27** |
| Enerġija | 3 | | | | **3** |
| Għajnuna mill-Istat | 8 | 1 | 1 | 2 | **12** |
| Klawżola ta' arbitraġġ | 2 | | | | **2** |
| Kompetizzjoni | 14 | 1 | | | **15** |
| Kuntratti pubbliċi | 1 | | | | **1** |
| Moviment liberu tal-persuni | 1 | | | | **1** |
| Politika barranija u ta' sigurtà komuni | 3 | 2 | 2 | | **7** |
| Politika ekonomika u monetarja | 3 | | 3 | | **6** |
| Politika kummerċjali | 5 | 2 | 1 | | **8** |
| Politika soċjali | 1 | | | | **1** |
| Proċedura | 1 | | | | **1** |
| Proprjetà intellettwali u industrijali | 75 | 2 | | 4 | **81** |
| Protezzjoni tal-konsumaturi | 1 | | | | **1** |
| Reġistrazzjoni, valutazzjoni, awtorizzazzjoni u restrizzjonijiet applikabbli għas-sustanzi kimiċi (REACH) | 1 | | | | **1** |
| Regolamenti tal-Persunal | 15 | 2 | | 2 | **19** |
| Riċerka, żvilupp teknoloġiku u spazju | | 1 | | | **1** |
| Saħħa pubblika | 1 | 1 | | | **2** |
| **Total** | **173** | **17** | **11** | **9** | **210** |

## XIX. Varji — Eżitu tal-appelli quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja (2015-2019) (Sentenzi u digrieti)




| | 2015 | 2016 | 2017 | 2018 | 2019 |
|---|---|---|---|---|---|
| Appell miċħud | 97 | 156 | 163 | 123 | 173 |
| Annullament totali jew parzjali mingħajr rinviju | 20 | 12 | 23 | 12 | 17 |
| Annullament totali jew parzjali b'rinviju | 7 | 9 | 11 | 15 | 11 |
| Tħassir/Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni | 10 | 12 | 1 | 15 | 9 |
| **Total** | **134** | **189** | **198** | **165** | **210** |

## XX. Varji — Żvilupp Ġenerali (1989-2019)
## Kawżi ġodda, magħluqa, pendenti

| | Kawżi ġodda [1] | Kawżi magħluqa [2] | Kawżi pendenti fil-31 ta' Diċembru |
|---|---|---|---|
| **1989** | 169 | 1 | 168 |
| **1990** | 59 | 82 | 145 |
| **1991** | 95 | 67 | 173 |
| **1992** | 123 | 125 | 171 |
| **1993** | 596 | 106 | 661 |
| **1994** | 409 | 442 | 628 |
| **1995** | 253 | 265 | 616 |
| **1996** | 229 | 186 | 659 |
| **1997** | 644 | 186 | 1 117 |
| **1998** | 238 | 348 | 1 007 |
| **1999** | 384 | 659 | 732 |
| **2000** | 398 | 343 | 787 |
| **2001** | 345 | 340 | 792 |
| **2002** | 411 | 331 | 872 |
| **2003** | 466 | 339 | 999 |
| **2004** | 536 | 361 | 1 174 |
| **2005** | 469 | 610 | 1 033 |
| **2006** | 432 | 436 | 1 029 |
| **2007** | 522 | 397 | 1 154 |
| **2008** | 629 | 605 | 1 178 |
| **2009** | 568 | 555 | 1 191 |
| **2010** | 636 | 527 | 1 300 |
| **2011** | 722 | 714 | 1 308 |
| **2012** | 617 | 688 | 1 237 |
| **2013** | 790 | 702 | 1 325 |
| **2014** | 912 | 814 | 1 423 |
| **2015** | 831 | 987 | 1 267 |
| **2016** | 974 | 755 | 1 486 |
| **2017** | 917 | 895 | 1 508 |
| **2018** | 834 | 1 009 | 1 333 |
| **2019** | 939 | 874 | 1 398 |
| **Total** | **16 147** | **14 749** | |

1| 1989: il-Qorti tal-Ġustizzja rrinvijat 153 kawża lill-Qorti tal-Prim'Istanza (illum il-Qorti Ġenerali), li kienet għadha kemm ġiet stabbilita.
1993: il-Qorti tal-Ġustizzja rrinvijat 451 kawża minħabba l-ewwel żieda fil-kompetenzi tal-Qorti tal-Prim'Istanza (illum il-Qorti Ġenerali).
1994: il-Qorti tal-Ġustizzja rrinvijat 14-il kawża minħabba t-tieni żieda fil-kompetenzi tal-Qorti tal-Prim'Istanza (illum il-Qorti Ġenerali).
2004-2005: il-Qorti tal-Ġustizzja rrinvijat 25 kawża minħabba t-tielet żieda fil-kompetenzi tal-Qorti tal-Prim'Istanza (illum il-Qorti Ġenerali).
2016: fl-1 ta' Settembru 2016, 139 kawża tas-servizz pubbliku ġew ittrasferiti lill-Qorti Ġenerali.

2| 2005-2006: Retten henviste 118 sager til den netop oprettede Personaleret.

## XXI. Attività tar-Reġistru tal-Qorti Ġenerali (2015-2019)

| Tip ta’ intervent | 2015 | 2016 | 2017 | 2018 | 2019 |
|---|---|---|---|---|---|
| Atti proċedurali rreġistrati fir-Reġistru [1] | 46 432 | 49 772 | 55 069 | 55 389 | 54 723 |
| Rikorsi promoturi [2] | 831 | 835 | 917 | 834 | 939 |
| Kawżi tas-servizz pubbliku ttrasferiti lill-Qorti Ġenerali [3] | – | 139 | – | – | – |
| Rata ta' regolarizzazzjoni tar-rikorsi promoturi [4] | 42.5% | 38.2% | 41.2% | 35.85% | 35.04% |
| Noti (minbarra r-rikorsi) | 4 484 | 3 879 | 4 449 | 4 562 | 4 446 |
| Talbiet għal intervent | 194 | 160 | 565 | 318 | 288 |
| Talbiet għal trattament kunfidenzjali (ta' informazzjoni li tinsab fl-atti proċedurali) [5] | 144 | 163 | 212 | 197 | 251 |
| Proġetti ta' digrieti mħejjija mir-Reġistru [6] (inammissibbiltà manifesta qabel in-notifika, sospensjoni/tkomplija, tgħaqqid ta’ kawżi, tgħaqqid tal-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà mal-eżami fuq il-mertu, intervent mhux ikkontestat, tħassir, ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni fil-kawżi ta' proprjetà intellettwali, ftuħ mill-ġdid tal-fażi orali u rettifika) | 521 | 241 | 317 | 285 | 299 |
| Konferenzi ta’ awla (bil-provvista ta' servizzi tar-reġistru) | 303 | 321 | 405 | 381 | 334 |
| Proċessi verbali tas-seduta u konstatazzjonijiet ta’ għoti tas-sentenza | 873 | 637 | 812 | 924 | 787 |

1| Dan in-numru jikkostitwixxi indikatur tal-miżura tal-volum ta’ xogħol tad-dipartiment, peress li kull dokument li jasal jew li joħroġ huwa suġġett għal inklużjoni fir-reġistru. In-numru ta’ atti proċedurali rreġistrati fir-reġistru għandu jiġi evalwat fid-dawl tan-natura tal-proċeduri quddiem il-qorti. Peress li n-numru ta’ partijiet f’kawża huwa limitat f’rikorsi diretti [rikorrent, konvenut u, skont il-każ, intervenjent/i], in-notifiki jsiru biss lil dawn il-partijiet.

2| Kull nota ppreżentata (rikors inkluż) għandha tiġi inkluża fir-Reġistru, miżjuda fil-proċess, skont il-każ irregolarizzata, ikkomunikata lill-uffiċċji tal-Imħallfin flimkien ma’ skeda ta’ trażmissjoni, kultant iddettaljata, u sussegwentement tradotta u fl-aħħar nett innotifikata lill-partijiet.

3| L-1 ta’ Settembru 2016.

4| Meta rikors promotur (dan japplika wkoll għal kull nota oħra) ma jissodisfax ċerti rekwiżiti, ir-Reġistru jirregolarizzah, hekk kif previst mir-Regoli tal-Proċedura.

5| In-numru ta’ talbiet għal kunfidenzjalità huwa bla ħsara għad-data f’nota waħda jew iktar li t-trattament kunfidenzjali tagħhom huwa mitlub.

6| Mill-1 ta’ Lulju 2015, data tad-dħul fis-seħħ tar-Regoli tal-Proċedura l-ġodda tal-Qorti Ġenerali, ċerti deċiżjonijiet li qabel kienu jittieħdu fil-forma ta’ digrieti (sospensjoni/tkomplija, tgħaqqid ta’ kawżi, intervent mhux kunfidenzjali ta’ Stat Membru jew ta’ Istituzzjoni) jittieħdu bħala sempliċi deċiżjoni inkluża fil-proċess tal-kawża.

## XXII. Metodi ta' preżentata ta' atti proċedurali quddiem il-Qorti Ġenerali [1]




1| Mill-1 ta' Diċembru 2018, l-e-Curia sar il-metodu ta' skambju obbligatorju mar-rappreżentanti tal-partijiet fil-proċeduri kollha quddiem il-Qorti Ġenerali (bla ħsara għall-eċċezzjonijiet regolamentari).

## XXIII. Paġni ppreżentati bl-e-Curia (2015-2019) [1]




| | 2015 | 2016 | 2017 | 2018 | 2019 | Total |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Paġni ppreżentati bl-e-Curia | 466 875 | 396 072 | 805 768 | 823 076 | 749 895 | **3 241 686** |

1| Għas-snin 2015 sa 2016, id-data ma tinkludix in-numru ta' paġni tal-atti promoturi.

## XXIV. Komunikazzjonijiet lill-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (2015-2019) [1]




1| Bis-saħħa tar-Regoli tal-Proċedura (Artikoli 79 u 122), l-avviżi dwar rikorsi ġodda u d-deċiżjonijiet li jtemmu l-istanza għandhom jiġu ppubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

## XXV. Kawżi mismugħa (2015-2019)




| | 2015 | 2016 | 2017 | 2018 | 2019 |
|---|---|---|---|---|---|
| **Total** | 376 | 244 | 390 | 387 | 315 |

# E | Kompożizzjoni tal-Qorti Ġenerali



(Ordni protokollari fil-31 ta' Diċembru 2019)

*L-ewwel filliera, mix-xellug għal-lemin:*

Il-President ta' Awla A. Kornezov, il-President ta' Awla J. Svenningsen, il-President ta' Awla A. Marcoulli, ilPresident ta' Awla S. Gervasoni, il-President ta' Awla V. Tomljenović, il-Viċi President tal-Qorti Ġenerali S. Papasavvas, il-President tal-Qorti Ġenerali M. van der Woude, il-President ta' Awla H. Kanninen, il-President ta' Awla A. M. Collins, il-President ta' Awla D. Spielmann, il-President ta' Awla R. da Silva Passos, il-President ta' Awla M. J. Costeira, l-Imħallef M. Jaeger

*It-tieni filliera, mix-xellug għal-lemin:*

L-Imħallfin C. Iliopoulos, L. Madise, E. Buttigieg, D. Gratsias u S. Frimodt Nielsen, I. Labucka, J. Schwarcz, M. Kancheva, V. Kreuschitz u I. S. Forrester

*It-tielet filliera, mix-xellug għal-lemin:*

L-Imħallfin O. Spineanu-Matei, B. Berke, R. Barents, F. Schalin, Z. Csehi, V. Valančius, N. Półtorak, I. Reine, P. Nihoul u U. Öberg

*Ir-raba' filliera, mix-xellug għal-lemin:*

L-Imħallfin J. Martín y Pérez de Nanclares, J. Laitenberger, E. Pynnä, M. L. De Baere, K. Kowalik-Bańczyk, J. Passer, C. Mac Eochaidh, R. Frendo, L. Truchot u R. Mastroianni

*Il-ħames filliera, mix-xellug għal-lemin:*

Ir-Reġistratur E. Coulon, l-Imħallfin R. Norkus, I. Nõmm, M. Stancu, M. Stancu, M. Hesse, O. Porchia, M. Sampol Pucurull, P. Škvařilová-Pelzl, G. Steinfatt u T. Perišin

# 1. Bidliet fil-kompożizzjoni tal-Qorti Ġenerali fl-2019

*Seduta solenni tal-20 ta' Marzu 2019*

Permezz ta' deċiżjoni meħuda fis-6 ta' Marzu 2019, u wara l-ħatra ta' Peter George Xuereb bħala Mħallef fil-Qorti tal-Ġustizzja, ir-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea ħatru, bħala Mħallef fil-Qorti Ġenerali, lil Ramona Frendo, għat-tul ta' żmien li baqa' tal-mandat ta' Peter George Xuereb, jiġifieri mit-12 ta' Marzu 2019 sal-31 ta' Awwissu 2019.

Fl-20 ta' Marzu 2019 inżammet seduta solenni fil-Qorti tal-Ġustizzja fl-okkażjoni tat-teħid tal-ġurament u tad-dħul fil-kariga ta' dan l-Imħallef ġdid tal-Qorti Ġenerali.

*Seduta solenni tas-26 ta' Settembru 2019*

Fil-kuntest tat-tiġdid parzjali tal-Qorti Ġenerali, ir-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, permezz ta' deċiżjoni meħuda fl-1 ta' Frar 2019, ħatru bħala Mħallfin fil-Qorti Ġenerali, għall-perijodu mill-1 ta' Settembru 2019 sal-31 ta' Awwissu 2025, lil Stéphane Gervasoni, Mariyana Kancheva, Alexander Kornezov, Ulf Öberg, Inga Reine u Fredrik Schalin.

Fil-kuntest tat-tiġdid parzjali tal-Qorti Ġenerali, ir-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, permezz ta' deċiżjoni meħuda fid-29 ta' Mejju 2019, ħatru bħala Mħallfin fil-Qorti Ġenerali, għall-perijodu mill-1 ta' Settembru 2019 sal-31 ta' Awwissu 2025, lil Eugène Buttigieg, Anthony Collins, Ramona Frendo, Colm Mac Eochaidh, Jan Passer u Vesna Tomljenović.

Fil-kuntest tal-implimentazzjoni tat-tielet fażi tar-riforma tal-arkitettura ġudizzjarja tal-istituzzjoni li tipprevedi, b'mod partikolari, żieda fin-numru ta' Mħallfin tal-Qorti Ġenerali [1], ir-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea ħatru erbatax-il Imħallef ġdid fil-Qorti Ġenerali.

- Permezz ta' deċiżjoni meħuda fl-1 ta' Frar 2019, inħatru bħala Mħallfin fil-Qorti Ġenerali, għall-perijodu mill-1 ta' Settembru 2019 sal-31 ta' Awwissu 2025, Laurent Truchot u, għall-perijodu mill-1 ta' Settembru 2019 sal-31 ta' Awwissu 2022, Mirela Stancu.
- Permezz ta' deċiżjoni meħuda fis-6 ta' Marzu 2019, inħatret bħala Mħallef fil-Qorti Ġenerali, għall-perijodu mill-1 ta' Settembru 2019 sal-31 ta' Awwissu 2022, Tuula R. Pynnä.
- Permezz ta' deċiżjoni meħuda fid-29 ta' Mejju 2019, inħatru Imħallfin fil-Qorti Ġenerali, għall-perijodu mill-1 ta' Settembru 2019 sal-31 ta' Awwissu 2025, Johannes Laitenberger, José Martín y Pérez de Nanclares, Rimvydas Norkus, Tamara Perišin, Miguel Sampol Pucurull, Petra Škvařilová-Pelzl u Gabriele Steinfatt u, għall-perijodu mill-1 ta' Settembru 2019 sal-31 ta' Awwissu 2022, Iko Nõmm.
- Permezz ta' deċiżjoni meħuda fl-10 ta' Lulju 2019, inħatru Mħallfin fil-Qorti Ġenerali, għall-perijodu mill-1 ta' Settembru 2019 sal-31 ta' Awwissu 2025, Roberto Mastroianni u Ornella Porchia.
- Permezz ta' deċiżjoni meħuda fl-4 ta' Settembru 2019, inħatar Imħallef fil-Qorti Ġenerali, għall-perijodu mis-6 ta' Settembru 2019 sal-31 ta' Awwissu 2022, Gerhard Hesse.

1| Regolament (UE, Euratom) 2015/2422 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2015 li jemenda l-Protokoll Nru 3 dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (ĠU 2015, L 341, p. 14).

Fis-26 ta' Settembru 2019, inżammet seduta solenni fil-Qorti tal-Ġustizzja fl-okkażjoni, minn naħa, tat-tiġdid parzjali tal-Qorti Ġenerali u, min-naħa l-oħra, tat-teħid tal-ġurament u tad-dħul fil-kariga tal-erbatax-il Imħallef ġdid tal-Qorti Ġenerali.

Permezz ta' deċiżjoni meħuda fis-27 ta' Settembru 2019, il-Qorti Ġenerali eleġġiet lil Marc van der Woude, President tal-Qorti Ġenerali, għall-perijodu mis-27 ta' Settembru 2019 sal-31 ta' Awwissu 2022, u lil Savvas Papasavvas, Viċi President tal-Qorti Ġenerali, għall-perijodu mis-27 ta' Settembru 2019 sal-31 ta' Awwissu 2022.

## 2. Ordni protokollari

**Fil-31 ta' Diċembru 2019**

M. van der WOUDE, President tal-Qorti Ġenerali
S. PAPASAVVAS, Viċi President tal-Qorti Ġenerali
H. KANNINEN, President ta' Awla
V. TOMLJENOVIĆ, President ta' Awla
A.M. COLLINS, President ta' Awla
S. GERVASONI, President ta' Awla
D. SPIELMANN, President ta' Awla
A. MARCOULLI, President ta' Awla
R. da SILVA PASSOS, President ta' Awla
J. SVENNINGSEN, President ta' Awla
M. J. COSTEIRA, President ta' Awla
A. KORNEZOV, President ta' Awla
M. JAEGER, Imħallef
I. LABUCKA, Imħallef
S. FRIMODT NIELSEN, Imħallef
J. SCHWARCZ, Imħallef
D. GRATSIAS, Imħallef
M. KANCHEVA, Imħallef
E. BUTTIGIEG, Imħallef
V. KREUSCHITZ, Imħallef
L. MADISE, Imħallef
I. S. FORRESTER, Imħallef
C. ILIOPOULOS, Imħallef
V. VALANČIUS, Imħallef
Z. CSEHI, Imħallef
N. PÓŁTORAK, Imħallef
F. SCHALIN, Imħallef
I. REINE, Imħallef
R. BARENTS, Imħallef
P. NIHOUL, Imħallef
B. BERKE, Imħallef
U. ÖBERG, Imħallef
O. SPINEANU-MATEI, Imħallef
J. PASSER, Imħallef
K. KOWALIK-BAŃCZYK, Imħallef
C. MAC EOCHAIDH, Imħallef
G. DE BAERE, Imħallef
R. FRENDO, Imħallef
T. PYNNÄ, Imħallef
L. TRUCHOT, Imħallef
J. LAITENBERGER, Imħallef
R. MASTROIANNI, Imħallef
J. MARTÍN Y PÉREZ DE NANCLARES, Imħallef
O. PORCHIA, Imħallef

G. HESSE, Imħallef
M. SAMPOL PUCURULL, Imħallef
M. STANCU, Imħallef
P. ŠKVAŘILOVÁ-PELZL, Imħallef
I. NÕMM, Imħallef
G. STEINFATT, Imħallef
R. NORKUS, Imħallef
T. PERIŠIN, Imħallef

E. COULON, Reġistratur

## 3. Ex membri tal-Qorti Ġenerali

(skont l-ordni tad-dħul fil-kariga)

**Imħallfin**

Donal Patrick Michael BARRINGTON (1989-1996) (†)
Antonio SAGGIO (1989-1998), président (1995-1998) (†)
David Alexander Ogilvy EDWARD (1989-1992)
Heinrich KIRSCHNER (1989-1997) (†)
Christos YERARIS (1989-1992)
Romain Alphonse SCHINTGEN (1989-1996)
Cornelis Paulus BRIËT (1989-1998)
José Luis da CRUZ VILAÇA (1989-1995), President (1989-1995)
Bo VESTERDORF (1989-2007), President (1998-2007)
Rafael GARCÍA-VALDECASAS Y FERNÁNDEZ (1989-2007)
Jacques BIANCARELLI (1989-1995)
Koen LENAERTS (1989-2003)
Christopher William BELLAMY (1992-1999)
Andreas KALOGEROPOULOS (1992-1998)
Virpi TIILI (1995-2009)
Pernilla LINDH (1995-2006)
Josef AZIZI (1995-2013)
André POTOCKI (1995-2001)
Rui Manuel GENS de MOURA RAMOS (1995-2003)
John D. COOKE (1996-2008)
Jörg PIRRUNG (1997-2007) (†)
Paolo MENGOZZI (1998-2006)
Arjen W. H. MEIJ (1998-2010)
Michail VILARAS (1998-2010)
Nicholas James FORWOOD (1999-2015)
Hubert LEGAL (2001-2007)
Maria Eugénia MARTINS de NAZARÉ RIBEIRO (2003-2016)
Franklin DEHOUSSE (2003-2016)
Ena CREMONA (2004-2012)
Ottó CZÚCZ (2004-2016)
Irena WISZNIEWSKA-BIAŁECKA (2004-2016) (†)
Irena PELIKÁNOVÁ (2004-2019)
Daniel ŠVÁBY (2004-2009)
Vilenas VADAPALAS (2004-2013)
Küllike JÜRIMÄE (2004-2013)
Verica TRSTENJAK (2004-2006)
Enzo MOAVERO MILANESI (2006-2011)
Nils WAHL (2006-2012)
Miro PREK (2006-2019)
Teodor TCHIPEV (2007-2010)
Valeriu M. CIUCĂ (2007-2010)
Santiago SOLDEVILA FRAGOSO (2007-2013)

Laurent TRUCHOT (2007-2013)
Alfred DITTRICH (2007-2019)
Kevin O'HIGGINS (2008-2013)
Andrei POPESCU (2010-2016)
Guido BERARDIS (2012-2019)
Carl WETTER (2013-2016)
Egidijus BIELŪNAS (2013-2019)
Ignacio ULLOA RUBIO (2013-2019)
Ezio PERILLO (2016-2019)
Peter George XUEREB (2016-2018)
Leopoldo CALVO-SOTELO IBÁÑEZ-MARTÍN (2016-2019)

### Presidenti

José Luis da CRUZ VILAÇA (1989-1995
Antonio SAGGIO (1995-1998) (†)
Bo VESTERDORF (1998-2007
Marc JAEGER (2007-2019)

### Reġistratur

Hans JUNG (1989-2005) (†)



IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA
TAL-UNJONI EWROPEA

Direttorat tal-Komunikazzjoni
Diviżjoni tal-Pubblikazzjonijiet u tal-Midja Elettronika

*Stampat fuq karta ekoloġika*

QD-AP-20-001-MT-N ISBN 978-92-829-3348-0 ISSN 2467-1231 DOI 10.2862/324994